Ref. Ares(2015)1315466 - 25/03/2015

Gwida għall-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju 2006/42/KE

It-Tieni Edizzjoni
Ġunju 2010

Editur Ġenerali
Ian Fraser

IL-KUMMISSJONI EWROPEA
IMPRIŻA U INDUSTRIJA



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

IMPRIŻA U INDUSTRIJA

Gwida għall-applikazzjoni tad-

Direttiva dwar il-Makkinarju

2006/42/KE

It-Tieni Edizzjoni

Ġunju 2010

Introduzzjoni għat-Tieni Edizzjoni

Id-Direttiva 2006/42/KE hija verżjoni rriveduta tad-Direttiva dwar il-Makkinarju, li l-ewwel verżjoni tagħha ġiet adottata fl-1989. Id-Direttiva l-ġdida dwar il-Makkinarju ilha applikabbli mid-29 ta' Diċembru 2009. Id-Direttiva għandha l-għan doppju li tarmonizza r-rekwiżiti ta' saħħa u sigurtà applikabbli għal makkinarju fuq il-bażi ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà, waqt li tiżgura ċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-makkinarju fis-suq tal-UE. Id-Direttiva dwar il-Makkinarju riveduta ma tintroduċix bidliet radikali meta mqabbla mal-verżjonijiet preċedenti. Hija tiċċara u tikkonsolida d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva bil-għan li ttejjeb l-applikazzjoni prattika tagħha.

Waqt li d-Direttiva dwar il-Makkinarju riveduta kienet qed tiġi diskussa mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni qablet li tħejji Gwida ġdida dwar l-applikazzjoni tagħha. L-iskop tal-Gwida huwa li tipprovdi spjegazzjonijiet dwar il-kunċetti u r-rekwiżiti tad-Direttiva 2006/42/KE sabiex tiżgura interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi fl-UE kollha. Il-Gwida tipprovdi wkoll informazzjoni dwar leġiżlazzjoni relatata oħra tal-UE. Hija indirizzata lill-partijiet kollha involuti fl-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju, inklużi l-fabbrikanti tal-makkinarju, l-importaturi u d-distributuri, il-Korpi Notifikati, l-istandardizzaturi, l-aġenziji tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u uffiċjali tal-amministrazzjonijiet nazzjonali relevanti u l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq . Tista' tkun ta' interess ukoll għall-avukati u l-istudenti tal-liġi tal-UE fl-oqsma tas-suq intern, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-protezzjoni tal-konsumatur.

Il-Gwida ġiet approvata mill-Kumitat tal-Makkinarju fit-2 ta' Ġunju 2010.

Għandu jiġi enfasizzat li d-Direttiva dwar il-Makkinarju u t-testi li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tagħha fil-liġi nazzjonali biss huma legalment vinkolanti.

Din it-Tieni Edizzjoni tal-Gwida ġiet issupplimentata b'kummenti dwar l-Annessi III sa XI tad-Direttiva dwar il-Makkinarju. Xi żbalji li ġew osservati mill-qarrejja ġew ikkoreġuti. Ir-referenzi u t-termini legali ġew aġġornati b'mod konformi mat-Trattat ta' Lisbona - b'mod partikolari, fejn id-Direttiva tirreferi għall-'*Komunità*', il-Gwida issa tirreferi għall-'*UE*'.

Wara diskussjoni mal-industrija, il-kummenti dwar ktajjen, ħbula u ċineg għal skopijiet ta' rfigħ f'§44, §330, § 340, §341, u §357 ġew irreveduti sabiex tiġi ċċarata l-applikazzjoni prattika tar-rekwiżiti relatati ma' dawk il-prodotti.

It-Tieni Edizzjoni tinkludi wkoll indiċi tematiku biex jiffaċilita l-konsultazzjoni tal-Gwida. In-numerazzjoni tas-sezzjonijiet tal-Gwida baqgħet l-istess.

Il-Gwida hija ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni EUROPA bl-Ingliż. Huwa ppjanat li l-Gwida tiġi tradotta għal-lingwi l-oħrajn tal-UE, iżda l-verżjoni bl-Ingliż biss ser tiġi vverifikata mill-Kummissjoni, u għalhekk, f'każ ta' dubju, il-verżjoni bl-Ingliż għandha tittieħed bħala r-referenza.

Il-Gwida tista' titniżżel mis-sit u hija ppreżentata f'format li jista' jiġi stampat. It-test tad-Direttiva huwa ppreżentat b'tipa ħamra bil-korsiv f'kaxxa – il-kummenti jsegwu b'tipa sewda. Hemm il-ħsieb li jiġu ppubblikati aġġornamenti regolari tal-Gwida sabiex jiddaħħlu tweġibiet għal mistoqsijiet li dwarhom jintlaħaq qbil mill-Kumitat tal-Makkinarju u l-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju.

Il-Gwida tieħu f'kunsiderazzjoni l-emenda għad-Direttiva 2006/42/KE li ddaħħlet mir-Regolament (KE) Nru 596/2009 dwar il-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Kumitat tal-Makkinarju. Tikkunsidra wkoll id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 dwar is-sorveljanza tas-suq, li japplikaw b'mod kumplimentari.

It-Tieni Edizzjoni tal-Gwida ma tindirizzax l-emenda tad-Direttiva dwar il-Makkinarju fir-rigward ta' makkinarju li jintuża għall-pestiċidi li ddaħħlet permezz tad-Direttiva 2009/127/KE, li ser issir applikabbli fil-15 ta' Diċembru 2011. Din l-emenda ser tkun koperta fit-Tielet Edizzjoni tal-Gwida li għandha tiġi ppubblikata fit-tmiem tal-2010.

Il-Gwida ġiet imħejjija bl-għajnuna ta' Grupp Editorjali.[1] Il-Kummissjoni tixtieq trodd ħajr mill-qalb lill-membri tal-Grupp Editorjali kemm għall-ammont kbir ta' xogħol li għamlu kif ukoll għall-ispirtu effiċjenti, kostruttiv u kooperattiv li bih tħejjew l-abbozzi. B'mod parallel għall-ħidma tal-Grupp Editorjali, Grupp Ċentrali dwar il-Makkinarju stabbilit minn ORGALIME, li kien jinkludi rappreżentanti tas-setturi ewlenin tal-fabbrikazzjoni tal-makkinarju, ipprovda kontribut imprezzabbli mill-industrija. L-abbozzi mħejjija mill-Grupp Editorjali ġew sottomessi lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati għall-kummenti tagħhom. Il-Kummissjoni tixtieq trodd ħajr ukoll lil dawk kollha li taw il-kummenti tagħhom. Ippruvajna neħduhom f'kunsiderazzjoni kemm jista' jkun.

Naturalment, il-Kummissjoni tassumi responsabbiltà sħiħa għall-kontenut tal-Gwida. Il-qarrejja huma mistiedna jikkomunikaw kwalunkwe korrezzjoni jew kumment dwar din it-Tieni Edizzjoni tal-Gwida[2] sabiex ikunu jistgħu jittieħdu f'kunsiderazzjoni fit-tħejjija tat-Tielet Edizzjoni.

Brussell, Ġunju 2010
L-Editur Ġenerali,
Ian Fraser

---

[1] Dawn il-persuni ħadu sehem fil-ħidma tal-Grupp Editorjali:

Lennart Ahnström, Emilio Borzelli, Robert Chudzik, Roberto Cianotti, Mike Dodds, Cosette Dussaugey, Marcel Dutrieux, Pascal Etienne, Ludwig Finkeldei, Tuiri Kerttula, Thomas Kraus, Partrick Kurtz, Wolfgang Lentsch, Göran Lundmark, Phil Papard, Boguslaw Piasecki, Marc Schulze, Katri Tytykoski, Gustaaf Vandegaer, Henk van Eeden, Richard Wilson, Jürg Zwicky.

[2] Korrezzjonijiet, kummenti u suġġerimenti għal titjib għandhom jiġu indirizzati lil: ian.fraser@ec.europa.eu

Werrej

Il-Kwotazzjonijiet

	§ 1	*Il-kwotazzjonijiet*
	§ 2	*Il-bażi legali tad-Direttiva dwar il-Makkinarju*

Il-premessi

	§ 3	*Il-premessi*
Premessa 1	*§ 4*	*L-Istorja tad-Direttiva dwar il-Makkinarju*
Premessa 2	*§ 5*	*L-importanza ekonomika u soċjali tad-Direttiva dwar il-Makkinarju*
Premessa 3	*§ 6*	*Saħħa u sigurtà*
Premessa 4	*§ 7*	*Tifsiriet*
Premessa 5	*§ 8*	*Inklużjoni ta' għodod tal-irfigħ fis-siti tal-kostruzzjoni*
Premessa 6	*§ 9*	*Inklużjoni ta' makkinarju li jinġarr li jaħdem bl-iskratać għall-iffissar u makkinarju ieħor ta' impatt*
Premessa 7	*§10*	*Tagħmir intiż għall-irfigħ ta' persuni permezz ta' makkinarju ddisinnjat għall-irfigħ ta' merkanzija*
Premessa 8	*§11*	*Tratturi għall-biedja u għall-foresti*
Premessi 9 u 10	*§12*	*Sorveljanza tas-suq*
Premessa 11	*§13*	*Oġġezzjoni formali għal standards u l-klawsola ta' salvagwardja*
Premessa 12	*§14*	*Regolamenti dwar l-użu tal-makkinarju*
Premessa 13	*§15*	*Miżuri biex jiġu indirizzati gruppi ta' makkinarju perikoluż li jippreżentaw l-istess riskji*
Premessa 14	*§16*	*L-aħħar teknoloġija*
Premessa 15	*§17*	*Makkinarju għal użu mill-konsumatur*
Premessa 16	*§18*	*Makkinarju parzjalment komplut*
Premessa 17	*§19*	*Fieri tal-kummerċ u esibizzjonijiet*
Premessa 18	*§20*	*L-Approċċ il-Ġdid*
Premessa 19	*§21*	*Stima ta' konformità*
Premessa 20	*§22*	*Makkinarju tal-Anness IV*
Premessi 21 u 22	*§23*	*Il-marka CE*
Premessa 23	*§24*	*Stima tar-riskju*
Premessa 24	*§25*	*Il-fajl tekniku dwar il-kostruzzjoni*
Premessa 25	*§26*	*Rimedji legali*
Premessa 26	*§27*	*Infurzar*
Premessa 27	*§28*	*Emenda tad-Direttiva dwar il-Lifts*
Premessa 28	*§29*	*Sussidjarjetà u proporzjonalità*
Premessa 29	*§30*	*Tabelli nazzjonali ta' korrelazzjoni*
Premessa 30	*§31*	*Il-Kumitat tal-Makkinarju*

L-Artikoli

Artikolu 1 (1)	*§32*	*Il-prodotti li jaqgħu taħt id-Direttiva dwar il-Makkinarju*
Artikolu 2	*§33*	*L-użu tat-terminu 'makkinarju' fis-sens wiesa'*
Artikolu 1 (a)	*§34*	*Makkinarju fis-sens strett*
Artikoli 1 (a) u 2 (a)	*§35*	*Id-definizzjoni bażika*
L-ewwel inċiż		
It-tieni inċiż	*§36*	*Makkinarju fornut mingħajr komponenti ta' konnessjoni*
It-tielet inċiż	*§37*	*Makkinarju li jrid jiġi installat fuq appoġġ speċifiku*
Ir-raba' inċiż	*§38*	*Muntaturi ta' makkinarju*
	§39	*Muntaturi li jinkludu makkinarju ġdid u eżistenti*
Il-ħames inċiż	*§40*	*Makkinarju li jitħaddem manwalment għall-irfigħ ta' tagħbijiet*
Artikoli 1 (b) u 2 (b)	*§41*	*Tagħmir interkambjabbli*
Artikoli 1 (c) u 2 (c)	*§42*	*Komponenti tas-sigurtà*
Artikoli 1 (d) u 2 (d)	*§43*	*Aċċessorji tal-irfigħ*
Artikoli 1 (e) u 2 (e)	*§44*	*Ktajjen, ħbula u ċineg*
Artikoli 1 (f) u 2 (f)	*§45*	*Apparat għat-trasmissjoni mekkanika li jista' jitneħħa*

Artikoli 1 (g) u 2 (g)	***§46***	*Makkinarju parzjalment komplut*
Artikolu 1 (2)	***§47***	*Prodotti eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju*
Artikolu 1 (2) (a)	***§48***	*Komponenti tas-sigurtà intiżi biex jintużaw bħala partijiet ta' rikambju biex jissostitwixxu komponenti identiċi u pprovduti mill-fabbrikant tal-makkinarju oriġinali*
Artikolu 1 (2) (b)	***§49***	*Tagħmir għal użu f'postijiet tal-fieri u/jew postijiet ta' divertiment*
Artikolu 1 (2) (c)	***§50***	*Makkinarju għal skopijiet nukleari*
Artikolu 1 (2) (d)	***§51***	*Armi, inklużi armi tan-nar*
Artikolu 1 (2) (e)	***§52***	*Mezzi tat-trasport*
L-ewwel inċiż	***§53***	*Tratturi għall-biedja u għall-foresti*
It-tieni inċiż	***§54***	*Vetturi tat-triq b'erba' roti jew aktar u l-karrijiet tagħhom*
It-tielet inċiż	***§55***	*Vetturi tat-triq b'żewġ roti jew bi tlieta*
Ir-raba' inċiż	***§56***	*Vetturi motorizzati intiżi għall-kompetizzjoni*
Il-ħames inċiż	***§57***	*Mezzi tat-trasport bl-ajru, fuq l-ilma u fuq rettikolati tal-ferroviji*
Artikolu 1 (2) (f)	***§58***	*Bastimenti li jbaħħru u unitajiet mobbli 'l barra mix-xtut u makkinarju installat abbord dawk l-inġenji u/jew unitajiet*
Artikolu 1 (2) (g)	***§59***	*Makkinarju għal skopijiet militari jew tal-pulizija*
Artikolu 1 (2) (h)	***§60***	*Makkinarju għal skopijiet ta' riċerka*
Artikolu 1 (2) (i)	***§61***	*Tagħmir użat fil-minjieri*
Artikolu 1 (2) (j)	***§62***	*Makkinarju intiż li jċaqlaq l-artisti matul wirjiet artistiċi*
Artikolu 1 (2) (k)	***§63***	*Makkinarju li jaqa' taħt id-Direttiva dwar il-Vultaġġ Baxx*
L-ewwel inċiż	***§64***	*Elettrodomestiċi intiżi għal użu domestiku*
It-tieni inċiż	***§65***	*Tagħmir tal-awdjo u tal-vidjo*
It-tielet inċiż	***§66***	*Tagħmir tat-teknoloġija tal-informatika*
Ir-raba' inċiż	***§67***	*Makkinarju ordinarju tal-uffiċċju*
Il-ħames inċiż	***§68***	*Tagħmir li jiddistribwixxi l-elettriku ta' vultaġġ baxx u tagħmir ta' kontroll*
Is-sitt inċiż	***§69***	*Muturi elettriċi*
Artikolu 1 (2) (l)	***§70***	*Tagħmir tal-elettriku b'vultaġġ qawwi*
Artikolu 2 (h)	***§71***	*Id-definizzjoni ta' 'tqegħid fis-suq'*
	§72	*Makkinarju ġdid u użat*
	§73	*L-istadju meta tapplika d-Direttiva dwar il-Makkinarju*
	§74	*Il-forom legali u kuntrattwali tat-tqegħid fis-suq*
	§75	*Irkanti*
	§76	*Tqegħid fis-suq ta' muntaturi ta' makkinarju*
	§77	*Tqegħid fis-suq ta' makkinarju parzjalment komplut*
Artikolu 2 (i)	***§78***	*Id-definizzjoni ta' 'fabbrikant'*
	§79	*Min huwa l-fabbrikant ?*
	§80	*Persuna li tiffabbrika makkinarju għall-użu personali tagħha*
	§81	*Persuni oħrajn li jistgħu jitqiesu bħala fabbrikanti*
	§82	*Makkinarju mmodifikat qabel ma jitpoġġa f'servizz għall-ewwel darba*
	§83	*Distributuri*
Artikolu 2 (j)	***§84***	*Il-possibbiltà li jinħatar rappreżentant awtorizzat*
	§85	*Il-kompiti ta' rappreżentant awtorizzat*
Artikolu 2 (k)	***§86***	*Id-definizzjoni ta' 'tqegħid għas-servizz'*
Artikolu 2 (l)	***§87***	*Id-definizzjoni ta' 'standard armonizzat'*
	§88	*(Riżervat)*
Artikolu 3	***§89***	*Id-Direttiva dwar il-Makkinarju u Direttivi oħrajn dwar is-suq intern*
	§90	*Direttivi speċifiċi li japplikaw minflok id-Direttiva dwar il-Makkinarju għal makkinarju li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom*
	§91	*Direttivi speċifiċi li jistgħu japplikaw għal makkinarju minflok id-Direttiva dwar il-Makkinarju għal perikli speċifiċi*
	§92	*Direttivi li jistgħu japplikaw għal makkinarju, minbarra d-Direttiva dwar il-Makkinarju, għal perikli li ma jaqgħux taħt id-Direttiva dwar il-Makkinarju*

Artikolu 4 (1)	***§93***	*Sorveljanza tas-suq*
	§94	*Sorveljanza tas-suq tal-makkinarju*
Artikolu 4 (2)	***§95***	*Sorveljanza tas-suq ta' makkinarju parzjalment komplut*
Artikolu 4 (3) u (4)	***§96***	*Awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq*
	§97	*Is-sistema ta' sorveljanza tas-suq*
	§98	*L-għodod għal sorveljanza tas-suq*
	§99	*Dokumenti relatati ma' makkinarju tal-Anness IV*
	§100	*Azzjoni biex jiġi indirizzat makkinarju mhux konformi*
	§101	*Prodotti perikoluż tal-konsumatur*
	§102	*Kontrolli fil-fruntieri esterni tal-UE*
Artikolu 5 (1)	***§103***	*L-obbligi tal-fabbrikanti tal-makkinarju*
Artikolu 5 (2)	***§104***	*L-obbligi tal-fabbrikanti ta' makkinarju parzjalment komplut*
Artikolu 5 (3)	***§105***	*Mezzi biex tiġi żgurata l-konformità tal-makkinarju*
Artikolu 5 (4)	***§106***	*Il-marka CE skont Direttivi oħrajn*
Artikolu 6 (1) u (2)	***§107***	*Moviment liberu tal-makkinarju u makkinarju parzjalment komplut*
Artikolu 6 (3)	***§108***	*Fieri tal-kummerċ, esibizzjonijiet u dimostrazzjonijiet*
Artikolu 7 (1)	***§109***	*Preżunzjoni ta' konformità mogħtija mill-marka CE u d-Dikjarazzjoni KE tal-Konformità*
Artikolu 7 (2)	***§110***	*Il-preżunzjoni ta' konformità mogħtija mill-applikazzjoni ta' standards armonizzati*
	§111	*Il-klassifikazzjoni tal-istandards tal-makkinarju*
	§112	*L-iżvilupp ta' standards armonizzati għal makkinarju*
	§113	*L-identifikazzjoni ta' standards armonizzati*
Artikolu 7 (3)	***§114***	*Pubblikazzjoni tar-referenzi ta' standards armonizzati fil-ĠUUE*
Artikolu 7 (4)	***§115***	*Parteċipazzjoni tal-imsieħba soċjali fl-istandardizzazzjoni*
Artikolu 8 (1)	***§116***	*Miżuri soġġetti għall-proċedura tal-Kumitat Regolatorju*
Artikolu 8 (2)	***§117***	*Miżuri soġġetti għall-proċedura tal-Kumitat ta' Konsulenza*
Artikolu 9	***§118***	*Miżuri biex jiġi indirizzat makkinarju perikoluż li jippreżenta riskji simili*
Artikolu 10	***§119***	*Oġġezzjonijiet formali għal standards armonizzati*
	§120	*Il-proċedura għal oġġezzjonijiet formali*
	§121	*L-eżitu ta' oġġezzjoni formali*
Artikolu 11 (1)	***§122***	*Il-klawsola ta' salvagwardja*
Artikolu 11 (2) u (3)	***§123***	*Il-proċedura ta' salvagwardja*
Artikolu 11 (4)	***§124***	*Nuqqasijiet fl-istandards armonizzati*
Artikolu 11 (5)	***§125***	*Azzjoni kontra l-persuna li tkun waħħlet il-marka CE*
Artikolu 11 (6)	***§126***	*Informazzjoni dwar il-proċedura ta' salvagwardja*
Artikolu 12 (1)	***§127***	*Stima ta' konformità tal-makkinarju*
Artikolu 12 (2)	***§128***	*Kategoriji ta' makkinarju mhux elenkati fl-Anness IV*
Artikolu 12 (3)	***§129***	*Makkinarju tal-Anness IV iddisinnjat għal standards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali applikabbli kollha għas-saħħa u s-sigurtà*
Artikolu 12 (4)	***§130***	*Makkinarju ieħor tal-Anness IV*
Artikolu 13	***§131***	*Proċedura għal makkinarju parzjalment komplut*
	§132	*Dijagramma tal-proċeduri għat-tqegħid fis-suq ta' makkinarju u makkinarju parzjalment komplut*
Artikolu 14 (1) sa (5)	***§133***	*Korpi Notifikati*
	§134	*Stima u monitoraġġ tal-Korpi Notifikati*
Artikolu 14 (6)	***§135***	*Irtirar taċ-ċertifikati jew deċiżjonijiet maħruġa minn Korpi Notifikati*
Artikolu 14 (7)	***§136***	*Skambju ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet notifikanti*
	§137	*Il-koordinazzjoni ta' Korpi Notifikati*
Artikolu 14 (8)	***§138***	*Irtirar ta' notifika*
Artikolu 15	***§139***	*Regolamenti nazzjonali dwar l-installazzjoni u l-użu tal-makkinarju*

	§140	*Regolamenti nazzjonali dwar is-saħħa u s-sigurtà ta' ħaddiema*
Artikolu 16	***§141***	*Il-marka CE*
Artikolu 17	***§142***	*Nuqqas ta' konformità tal-marka*
Artikolu 18	***§143***	*Kunfidenzjalità u trasparenza*
Artikolu 19	***§144***	*Makkinarju tal-Grupp ADCO*
Artikolu 20	***§145***	*Motivazzjoni tad-deċiżjonijiet u appelli*
Artikolu 21	***§146***	*Sorsi ta' informazzjoni*
Artikolu 22	***§147***	*Il-Kumitat tal-Makkinarju*
	§148	*Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju*
	§149	*Dijagramma ta' Istituzzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-Direttiva dwar il-Makkinarju*
Artikolu 23	***§150***	*Penali għal ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva*
Artikolu 24	***§151***	*Il-konfini bejn id-Direttiva dwar il-Makkinarju u d-Direttiva dwar il-Lifts*
Artikolu 25	***§152***	*Tħassir tad-Direttiva 98/37/KE*
Artikolu 26	***§153***	*Traspożizzjoni u applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva*
Artikolu 27	***§154***	*Perjodu tranżizzjonali għal makkinarju għall-iffissar li jaħdem permezz ta' skratać u li jista' jinġarr, kif ukoll makkinarju ieħor ta' impatt*
Artikolu 28	***§155***	*Data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva*
Artikolu 29	***§156***	*Destinatarji u firmatarji tad-Direttiva*

Anness I
Rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà relatati mad-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju

Prinċipji Ġenerali	***§157***	*Il-Prinċipji Ġenerali*
Prinċipju Ġenerali 1	***§158***	*Stima tar-riskju*
	§159	*Stima tar-riskju u standards armonizzati*
Prinċipju Ġenerali 2	***§160***	*L-applikabbiltà tar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà*
Prinċipju Ġenerali 3	***§161***	*L-aħħar teknoloġija*
	§162	*Standards armonizzati u l-aħħar teknoloġija*
Prinċipju Ġenerali 4	***§163***	*L-istruttura tal-Anness I*
1.1.1 Tifsiriet		
1.1.1 (a)	***§164***	*Periklu*
1.1.1 (b)	***§165***	*Żona ta' periklu*
1.1.1 (c)	***§166***	*Persuna esposta*
1.1.1 (d)	***§167***	*Operatur*
1.1.1 (e)	***§168***	*Riskju*
1.1.1 (f)	***§169***	*Mezz ta' lqugħ*
1.1.1 (g)	***§170***	*Apparat protettiv*
1.1.1 (h)	***§171***	*Użu intiż*
1.1.1 (i)	***§172***	*Użu ħażin previst b'mod raġonevoli*
1.1.2 Prinċipji tal-integrazzjoni tas-sigurtà		
1.1.2 (a)	***§173***	*Prinċipji tal-integrazzjoni tas-sigurtà*
1.1.2 (b)	***§174***	*Il-metodu bi tliet passi*
1.1.2 (c)	***§175***	*Prevenzjoni ta' użu anormali*
1.1.2 (d)	***§176***	*Restrizzjonijiet minħabba l-użu ta' TPP*
1.1.2 (e)	***§177***	*Tagħmir u aċċessorji speċjali*
1.1.3	***§178***	*Materjali u prodotti użati*
1.1.4	***§179***	*Dawl integrali*
1.1.5	***§180***	*Immaniġġjar tal-makkinarju u partijiet tal-makkinarju*
1.1.6	***§181***	*Prinċipji ergonomiċi*

1.1.7	***§182***	*Pożizzjonijiet tat-tħaddim f'ambjenti perikoluż i*
1.1.8	***§183***	*Postijiet bilqiegħda u l-provvista ta' postijiet bilqiegħda*

1.2 Sistemi ta' kontroll

1.2.1	***§184***	*Sigurtà u affidabbiltà ta' sistemi ta' kontroll*
1.2.2	***§185***	*Mezzi ta' kontroll*
1.2.2 – l-ewwel inċiż	***§186***	*Identifikazzjoni ta' mezzi ta' kontroll*
1.2.2 – it-tieni inċiż	***§187***	*Pożizzjonar ta' mezzi ta' kontroll*
1.2.2 – it-tielet inċiż	***§188***	*Moviment ta' mezzi ta' kontroll*
1.2.2 – ir-raba' u l-ħames inċiżi	***§189***	*Post u pożizzjonar ta' mezzi ta' kontroll*
1.2.2 – is-sitt inċiż	***§190***	*Prevenzjoni ta' tħaddim involontarju ta' mezzi ta' kontroll*
1.2.2 – is-seba' inċiż	***§191***	*Saħħa ta' mezzi ta' kontroll*
1.2.2 – it-tieni para.	***§192***	*Mezzi ta' kontroll biex jitwettqu azzjonijiet differenti*
1.2.2 – it-tielet para.	***§193***	*Mezzi ta' kontroll u prinċipji ergonomiċi*
1.2.2 – ir-raba' para.	***§194***	*Indikaturi u mezzi ta' wiri*
1.2.2 – il-ħames u s-sitt para.	***§195***	*Viżibbiltà ta' żoni ta' periklu matul l-istartjar*
1.2.2 – is-seba' para.	***§196***	*Post tal-pożizzjonijiet ta' kontroll*
1.2.2 – it-tmien para.	***§197***	*Pożizzjonijiet multipli ta' kontroll*
1.2.2 - l-aħħar para.	***§198***	*Pożizzjonijiet tat-tħaddim multipli*
1.2.3	***§199***	*Kontroll tal-istartjar*
1.2.4.1	***§200***	*Mezzi ta' kontroll għal waqfa normali*
1.2.4.2	***§201***	*Waqfien mit-tħaddim*
1.2.4.3	***§202***	*Mezzi ta' waqfien ta' emerġenza*
1.2.4.4	***§203***	*Kontrolli tat-twaqqif għal muntaturi ta' makkinarju*
1.2.5	***§204***	*Għażla tal-arranġament*
1.2.6	***§205***	*Telf tal-provvista tal-enerġija*

1.3 Protezzjoni kontra perikli mekkaniċi

1.3.1	***§206***	*Stabbiltà*
1.3.2	***§207***	*Ksur waqt it-tħaddim*
1.3.3	***§208***	*Oġġetti li jaqgħu jew li jintefgħu 'l barra*
1.3.4	***§209***	*Truf u angoli li jaqtgħu u uċuħ ħorox*
1.3.5	***§210***	*Makkinarju kombinat*
1.3.6	***§211***	*Varjazzjonijiet fil-kondizzjonijiet tat-tħaddim*
1.3.7	***§212***	*Partijiet li jiċċaqalqu*
1.3.8.1	***§213***	*Partijiet tat-trasmissjoni li jiċċaqalqu*
1.3.8.2	***§214***	*Partijiet li jiċċaqalqu involuti fil-proċess*
1.3.9	***§215***	*Movimenti mhux ikkontrollati*

1.4 Karatteristiċi meħtieġa fil-mezzi li jilqgħu u fl-apparat protettiv

1.4.1	***§216***	*Rekwiżiti ġenerali għal mezzi ta' lqugħ u apparat protettiv*
1.4.2	***§217***	*Ħtiġijiet speċjali għall-mezzi ta' lqugħ*
1.4.2.1	***§218***	*Mezzi ta' lqugħ fissi*
1.4.2.2	***§219***	*Mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiġu mċaqalqa u li jillokkjaw ma' xulxin*
1.4.2.3	***§220***	*Mezzi ta' lqugħ aġġustabbli li jirrestrinġu l-aċċess*
1.4.3	***§221***	*Apparat protettiv*

1.5 Riskji minħabba perikli oħra

1.5.1	***§222***	*Elettriku*
1.5.2	***§223***	*Elettriku statiku mhux mixtieq*
1.5.3	***§224***	*Provvista ta' enerġija oħra għajr l-elettriku*
1.5.4	***§225***	*Żbalji fit-tgħammir*
1.5.5	***§226***	*Temperaturi estremi*
1.5.6	***§227***	*Nirien*
1.5.7	***§228***	*Splużjoni*
1.5.8	***§229***	*Tnaqqis ta' emissjoni ta' storbju*
1.5.8 – it-tieni para.	***§230***	*Dejta komparattiva dwar l-emissjonijiet*

1.5.9	***§231***	*Vibrazzjonijiet*
1.5.10	***§232***	*Radjazzjoni jonizzanti u mhux jonizzanti*
1.5.11	***§233***	*Radjazzjoni esterna*
1.5.12	***§234***	*Radjazzjoni bil-laser*
1.5.13	***§235***	*Emissjonijiet ta' materjali u sustanzi perikoluż i*
1.5.14	***§236***	*Riskju li wieħed jinqabad f'magna*
1.5.15	***§237***	*Riskju ta' żliq, ta' tgerbib jew li wieħed jaqa'*
1.5.16	***§238***	*Sajjetti*
1.6 Manutenzjoni		
1.6.1	***§239***	*Manutenzjoni*
1.6.2	***§240***	*Aċċess għall-pożizzjonijiet tat-tħaddim u l-punti ta' servicing*
1.6.3	***§241***	*Iżolament ta' sorsi tal-enerġija*
1.6.4	***§242***	*Intervent tal-operatur*
1.6.5	***§243***	*Tindif ta' partijiet ta' ġewwa*
1.7 Informazzjoni	***§244***	*Informazzjoni għall-utenti*
1.7.1	***§245***	*Informazzjoni u twissijiet fuq il-makkinarju*
	§246	*Il-lingwi uffiċjali tal-UE*
1.7.1.1	***§247***	*Informazzjoni u mezzi ta' informazzjoni*
1.7.1.2	***§248***	*Mezzi ta' twissija*
1.7.2	***§249***	*Twissija ta' riskji residwi*
1.7.3 – l-ewwel u t-tieni para.	***§250***	*Immarkar tal-makkinarju*
1.7.3 – it-tielet para.	***§251***	*Immarkar tal-konformità għal makkinarju ATEX*
1.7.3 – ir-raba' para.	***§252***	*Informazzjoni essenzjali għal użu mingħajr periklu*
1.7.3 - l-aħħar para.	***§253***	*Immarkar partijiet tal-makkinarju li għandhom jiġu mqandla b'tagħmir tal-irfigħ*
1.7.4	***§254***	*Struzzjonijiet*
	§255	*Il-forma tal-istruzzjonijiet*
	§256	*Il-lingwa tal-istruzzjonijiet*
1.7.4.1 (a) u (b)	***§257***	*L-abbozzar u t-traduzzjoni tal-istruzzjonijiet*
1.7.4.1 (c)	***§258***	*Prevenzjoni ta' użu ħażin li jista' jiġi previst*
1.7.4.1 (d)	***§259***	*Struzzjonijiet għal utenti mhux professjonali*
1.7.4.2 (a) u (b)	***§260***	*Kontenut tal-istruzzjonijiet – dettalji tal-makkinarju u tal-fabbrikant*
1.7.4.2 (c)	***§261***	*Inklużjoni tad-Dikjarazzjoni KE tal-Konformità fl-istruzzjonijiet*
1.7.4.2 (d) (e) u (f)	***§262***	*Deskrizzjonijiet, tpinġijiet, dijagrammi u spjegazzjonijiet*
1.7.4.2 (g) u (h)	***§263***	*Użu intiż u użu ħażin li jista' jiġi previst*
1.7.4.2 (i) u (j)	***§264***	*Muntatura, installazzjoni u konnessjoni*
1.7.4.2 (k)	***§265***	*Tqegħid għas-servizz u użu*
	§266	*Taħriġ tal-operaturi*
1.7.4.2 (l) u (m)	***§267***	*Informazzjoni dwar riskji residwi*
1.7.4.2 (n)	***§268***	*Il-karatteristiċi essenzjali tal-għodod*
1.7.4.2 (o)	***§269***	*Kundizzjonijiet ta' stabbiltà*
1.7.4.2 (p)	***§270***	*Trasport, immaniġġjar u ħżin*
1.7.4.2 (q)	***§271***	*Proċeduri ta' emerġenza u metodi għall-iżblukkar*
1.7.4.2 (r) (s) u (t)	***§272***	*Aġġustament, manutenzjoni u partijiet ta' rikambju*
1.7.4.2 (u)	***§273***	*Id-dikjarazzjoni dwar l-emissjoni ta' storbju*
1.7.4.2 (v)	***§274***	*Apparat mediku li jiġi impjantat fil-ġisem*
1.7.4.3	***§275***	*Kotba ta' informazzjoni tal-bejgħ*
2 Rekwiżiti essenzjali supplimentari għas-saħħa u s-sigurtà għal ċerti kategoriji ta' makkinarju		
	§276	*Rekwiżiti supplimentari għal ċerti kategoriji ta' makkinarju*
2.1.1	***§277***	*Rekwiżiti ta' iġjene għal makkinarju intiż għal użu ma' oġġetti tal-ikel jew ma' prodotti kożmetiċi jew farmaċewtiċi*
2.2.1	***§278***	*Rekwiżiti supplimentari għal makkinarju li jinġarr li jinżamm fl-idejn u li jiġi ggwidat bl-idejn*

2.2.1.1	***§279***	*Dikjarazzjoni ta' vibrazzjonijiet trasmessi minn makkinarju li jinġarr li jinżamm fl-idejn u li jiġi ggwidat bl-idejn*
2.2.2	***§280***	*Tagħmir li jista' jinġarr u makkinarju ieħor ta' impatt*
2.3	***§281***	*Makkinarju li jaħdem l-injam u materjali b'karatteristiċi fiżiċi simili*
	§282 sa §290 *(Riżervat)*	

3 Rekwiżiti essenzjali supplimentari għas-saħħa u s-sigurtà biex jikkumpensaw għall-perikli minħabba l-mobilità tal-makkinarju

	§291	*Rekwiżiti supplimentari għal perikli minħabba l-mobilità tal-makkinarju*
3.1.1 (a)	***§292***	*Definizzjoni ta' 'perikli minħabba l-mobilità'*
3.1.1 (b)	***§293***	*Definizzjoni ta' 'xufier'*
3.2.1	***§294***	*Post tax-xufier*
3.2.2	***§295***	*Postijiet bilqiegħda*
3.2.3	***§296***	*Postijiet għal persuni oħra minbarra x-xufier*
3.3 - L-ewwel paragrafu	***§297***	*Użu mhux awtorizzat tal-kontrolli*
3.3 - it-tieni, it-tielet u r-raba' para.	***§298***	*Kontrolli mill-bogħod*
3.3.1 – l-ewwel para.	***§299***	*Post u pożizzjonar tal-mezzi ta' kontroll*
3.3.1 – it-tieni para.	***§300***	*Pedali*
3.3.1 – it-tielet para.	***§301***	*Treġġigħ lura għall-pożizzjoni newtrali*
3.3.1 – ir-raba' u l-ħames para.	***§302***	*Stering*
3.3.1 - l-aħħar para.	***§303***	*Sinjali ta' twissija f'każ ta' rriversjar*
3.3.2 – l-ewwel para.	***§304***	*Kontroll tal-movimenti tal-mixi ta' makkinarju minn xufier riekeb fuqu*
3.3.2 – it-tieni, it-tielet u r-raba' para.	***§305***	*Mezzi li jaqbżu ż-żona normali ta' spazju vojt*
3.3.2 - l-aħħar para.	***§306***	*Makkinarju li jimxi b'mod mhux intenzjonali*
3.3.3 – l-ewwel, it-tieni u t-tielet para.	***§307***	*Tnaqqis tal-mixi, twaqqif u immobilizzazzjoni*
	§308	*Regolamenti għal ċirkolazzjoni fuq it-triq*
3.3.3 – ir-raba' para.	***§309***	*Twaqqif u kontroll ta' operazzjoni potenzjalment perikoluża permezz ta' kontroll mill-bogħod*
3.3.3 - l-aħħar para.	***§310***	*Twaqqif tal-funzjoni tal-ivvjaġġar*
3.3.4	***§311***	*Il-moviment ta' makkinarju kkontrollat mill-art*
3.3.5	***§312***	*Ħsara fil-provvista tal-enerġija għall-istering*
3.4.1	***§313***	*Movimenti mhux ikkontrollati*
3.4.2	***§314***	*Aċċess għall-kumpartiment tal-magna*
3.4.3	***§315***	*Qlib lejn il-ġenb u l-quddiem jew wara*
3.4.4	***§316***	*Oġġetti li jaqgħu*
3.4.5	***§317***	*Turġien u poġġamani għal aċċess*
3.4.6	***§318***	*Tagħmir tal-irmunkar*
3.4.7	***§319***	*Apparat għat-trasmissjoni mekkanika li jista' jitneħħa*
3.5.1	***§320***	*Batteriji*
3.5.2	***§321***	*Mezzi għat-tifi tan-nar u sistemi għat-tifi tan-nar*
3.5.3	***§322***	*Protezzjoni tal-operaturi ta' apparat tat-tbexxix kontra riskji minħabba l-esponiment għal sustanzi perikoluż*
3.6.1	***§323***	*Tabelli, sinjali u twissijiet*
3.6.2	***§324***	*Immarkar ta' makkinarju mobbli*
3.6.3.1	***§325***	*Dikjarazzjoni ta' vibrazzjonijiet trasmessi minn makkinarju mobbli*
3.6.3.2	***§326***	*Struzzjonijiet dwar użu multiplu*

4 Rekwiżiti essenzjali supplimentari għas-saħħa u s-sigurtà biex jikkumpensaw għall-perikli minħabba operazzjonijiet tal-irfigħ

	§327	*Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Parti 4*
4.1.1 (a)	***§328***	*Operazzjonijiet tal-irfigħ*
4.1.1 (b)	***§329***	*Tagħbija ggwidata*
4.1.1 (c)	***§330***	*Koeffiċjent tax-xogħol*
4.1.1 (d)	***§331***	*Koeffiċjent tat-test*
4.1.1 (e)	***§332***	*Test statiku*

4.1.1 (f)	***§333***	*Test dinamiku*
4.1.1 (g)	***§334***	*Ġarrier*
4.1.2.1	***§335***	*Riskji minħabba nuqqas ta' stabbiltà*
4.1.2.2	***§336***	*Linji tal-binarji u binarji ta' gwida*
4.1.2.3 – l-ewwel, it-tieni u t-tielet para.	***§337***	*Saħħa mekkanika*
4.1.2.3 – ir-raba' para.	***§338***	*Saħħa mekkanika – test statiku koeffiċjenti*
4.1.2.3 - l-aħħar para.	***§339***	*Saħħa mekkanika – test dinamiku koeffiċjenti*
4.1.2.4	***§340***	*Taljoli, ċilindri, roti, ħbula u ktajjen*
4.1.2.5	***§341***	*Aċċessorji tal-irfigħ u l-komponenti tagħhom*
4.1.2.6	***§342***	*Kontroll ta' movimenti*
4.1.2.7	***§343***	*Prevenzjoni ta' riskji ta' ħbit*
4.1.2.8	***§344***	*Makkinarju li jservi żbarki fissi*
4.1.2.8.1	***§345***	*Movimenti tal-ġarrier*
4.1.2.8.2	***§346***	*Aċċess għall-ġarrier*
4.1.2.8.3	***§347***	*Kuntatt mal-ġarrier li jkun miexi*
4.1.2.8.4	***§348***	*Tagħbijiet li jaqgħu mill-ġarrier*
4.1.2.8.5	***§349***	*Sigurtà fl-iżbarki*
4.1.3	***§350***	*Kontroll tal-adegwatezza għall-fini tal-użu maħsub*
	§351	*Testijiet statiċi u dinamiċi*
	§352	*Kontroll tal-adegwatezza għall-fini tal-użu maħsub fil-post tal-użu*
4.2.1	***§353***	*Kontroll tal-movimenti tal-makkinarju u tat-tagħbija*
4.2.2	***§354***	*Prevenzjoni ta' tagħbija żejda jew qlib*
	§355	*Tagħbija ggwidata fuq trakkijiet tal-irfigħ industrijali*
4.2.3	***§356***	*Ħbula ta' gwida*
4.3.1	***§357***	*Informazzjoni u marki għal ktajjen, ħbula u ċineg*
4.3.2	***§358***	*Immarkar ta' aċċessorji tal-irfigħ*
4.3.3	***§359***	*Immarkar ta' makkinarju tal-irfigħ*
4.4.1	***§360***	*Struzzjonijiet għall-aċċessorji tal-irfigħ*
4.4.2	***§361***	*Struzzjonijiet għal makkinarju tal-irfigħ*
5 Rekwiżiti essenzjali supplimentari għas-saħħa u s-sigurtà għal makkinarju intiż għal xogħol taħt l-art		
	§362	*Rekwiżiti supplimentari għal makkinarju intiż għal xogħol taħt l-art*
5.1 u 5.2	***§363***	*Reffieda bil-magna għas-soqfa*
5.3	***§364***	*Mezzi ta' kontroll*
5.4	***§365***	*Kontroll tal-movimenti tal-mixi ta' makkinarju*
5.5	***§366***	*Ir-riskju ta' nar fuq makkinarju għal xogħol taħt l-art*
5.6	***§367***	*Emissjonijiet tal-egżost*
6 Rekwiżiti essenzjali supplimentari għas-saħħa u s-sigurtà għal makkinarju li jippreżenta riskji partikolari minħabba l-irfigħ ta' persuni		
	§368	*Kamp ta' applikazzjoni tal-Parti 6*
6.1.1	***§369***	*Saħħa mekkanika*
6.1.2	***§370***	*Kontroll tat-tagħbija*
6.2	***§371***	*Mezzi ta' kontroll*
6.3.1	***§372***	*Moviment tal-ġarrier*
6.3.2 – l-ewwel para.	***§373***	*Inklinazzjoni tal-ġarrier*
6.3.2 – it-tieni u t-tielet para.	***§374***	*Użu tal-ġarrier bħala post tax-xogħol*
6.3.2 - l-aħħar para.	***§375***	*Bibien fuq il-ġarrier*
6.3.3	***§376***	*Saqaf protettiv*
6.4	***§377***	*Makkinarju għall-irfigħ ta' persuni li jservi żbarki fissi*
6.4.1	***§378***	*Riskji għal persuni fil-ġarrier jew fuqu*
6.4.2	***§379***	*Kontrolli fl-iżbarki*
6.4.3	***§380***	*Aċċess għall-ġarrier*
6.5	***§381***	*Marki fuq il-ġarrier*

ANNESS II
Dikjarazzjonijiet

Anness II 1 A	***§382***	*Id-Dikjarazzjoni KE tal-Konformità tal-makkinarju*
Anness II 1 A (1) sa (10)	***§383***	*Il-kontenut tad-Dikjarazzjoni KE tal-Konformità*
Anness II 1 B	***§384***	*Id-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni ta' makkinarju parzjalment komplut*
Anness II 1 B (1) sa (8)	***§385***	*Il-kontenut tad-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni*
Anness II 2	***§386***	*Kustodja tad-Dikjarazzjoni KE tal-Konformità u tad-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni*

ANNESS III
Marka CE

Anness III	***§387***	*Il-forma tal-marka CE*

ANNESS IV
Kategoriji ta' makkinarju
li għalihom għandha tkun applikata waħda mill-proċeduri msemmija fl-Artikolu 12 (3) u (4)

Anness IV	***§388***	*Kategoriji ta' makkinarju li jistgħu jkunu soġġetti għal waħda mill-proċeduri ta' stima ta' konformità li tinvolvi Korp notifikat*

ANNESS V
Lista indikattiva ta' komponenti tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 2 (c)

Anness V	***§389***	*Lista indikattiva ta' komponenti tas-sigurtà*

ANNESS VI
Struzzjonijiet dwar il-muntatura għal makkinarju parzjalment komplut

Anness VI	***§390***	*Struzzjonijiet dwar il-muntatura għal makkinarju parzjalment komplut*

ANNESS VII
Fajl tekniku għall-makkinarju - Dokumentazzjoni teknika relevanti għal makkinarju parzjalment komplut

Anness VII A	***§391***	*Fajl tekniku għall-makkinarju*
Anness VII A 1 (a) u (b)	***§392***	*Il-kontenut tal-fajl tekniku*
Anness VII A 2 u 3	***§393***	*Komunikazzjoni tal-fajl tekniku*
Anness VII B	***§394***	*Dokumentazzjoni teknika relevanti għal makkinarju parzjalment komplut*

ANNESS VIII
Stima ta' konformità b'kontrolli interni fuq il-fabbrikazzjoni tal-makkinarju

Anness VIII	***§395***	*Stima tal-konformità b'kontrolli interni fuq il-fabbrikazzjoni tal-makkinarju*

ANNESS IX
Eżami tat-tip KE

Anness IX 1	***§396***	*Eżami tat-tip KE*
Anness IX 2	***§397***	*L-applikazzjoni għal eżami tat-tip KE*
Anness IX 3	***§398***	*Il-kontenut tal-eżami tat-tip KE*
Anness IX 4 sa 8	***§399***	*Iċ-ċertifikat ta' eżami tat-tip KE*
Anness IX 9	***§400***	*Validità u reviżjoni taċ-ċertifikat ta' eżami tat-tip KE*

ANNESS X
Assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa

Anness X 1	***§401***	*Assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa*
Anness X 2.1	***§402***	*L-applikazzjoni għal stima ta' sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa*

Anness X 2.2	***§403***	*L-objettivi u l-kontenut tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa*
Anness X 2.3	***§404***	*Stima tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa*
Anness X 2.4	***§405***	*Implimentazzjoni u modifikazzjoni tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa*
Anness X 3	***§406***	*Sorveljanza tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa*
Anness X 4	***§407***	*Kustodja tad-dokumentazzjoni, deċiżjonijiet u rapporti relatati mas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa*

ANNESS XI

Kriterji minimi li għandu jittieħed kont tagħhom mill-Istati Membri għan-notifika tal-korpi

Anness XI	***§408***	*Stima ta' Korpi Notifikati*

INDIĊI

ID-DIRETTIVA 2006/42/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE

(riformolazzjoni)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

PREAMBOLU GĦAD-DIRETTIVA DWAR IL-MAKKINARJU - IL-KWOTAZZJONIJIET

§ 1 Il-kwotazzjonijiet

Il-kwotazzjonijiet inklużi fil-preambolu tad-Direttiva dwar il-Makkinarju jindikaw il-bażi legali tad-Direttiva, l-opinjonijiet espressi mill-Kumitat konsultattiv rilevanti u l-proċedura li permezz tagħha ġiet adottata d-Direttiva.

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni, [1]

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, [2]

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, [3]

[1] *ĠU C 154 E, 29.5.2001, p. 164.*

[2] *ĠU C 311, 7.11.2001, p. 1.*

[3] *Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2002 (ĠU C 271 E, 12.11.2003, p. 491), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2005 (ĠU C 251 E, 11.10.2005, p. 1) u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2005 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' April 2006.*

§ 2 Il-bażi legali tad-Direttiva dwar il-Makkinarju

Il-bażi legali tad-Direttiva dwar il-Makkinarju hija pprovduta mill-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE (issa sostitwit mill-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea - TFUE) li jippermetti lill-UE tadotta miżuri li jarmonizzaw il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri sabiex tiżgura t-twaqqif u l-funzjonament tas-suq intern. Dawn il-miżuri għandhom, bħala bażi, jieħdu livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-persuni u tal-ambjent.

Id-Direttiva dwar il-Makkinarju għalhekk għandha għan doppju: li tippermetti l-moviment liberu tal-makkinarju fis-suq intern filwaqt li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà.

Wara l-proposta mill-Kummissjoni, ġiet adottata d-Direttiva dwar il-Makkinarju mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, wara li ġie kkonsultat il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, skont il-proċedura ta' kodeċiżjoni stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat tal-KE (issa msemmija bħala l-proċedura leġiżlattiva ordinarja fl-Artikolu 294 tat-TFUE).

In-noti f'qiegħ il-paġna għall-kwotazzjoni jagħtu r-referenzi u d-dati tal-passi suċċessivi tal-proċedura. (Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2005 ma ġietx ippubblikata fil-ĠUUE).

PREAMBOLU TAD-DIRETTIVA DWAR IL-MAKKINARJU - IL-PREMESSI

§ 3 Il-premessi

Il-premessi jintroduċu d-dispożizzjonijiet ewlenin tad-Direttiva u jippreżentaw ir-raġunijiet għall-adozzjoni tagħhom. Bosta mill-premessi jispjegaw il-bidliet li saru fid-Direttiva l-ġdida dwar il-Makkinarju, imqabbla mad-Direttiva 98/37/KE.

Il-premessi ma għandhomx forza legali bħala tali u normalment ma jkunux jidhru fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-Direttiva. Madankollu, huma jgħinu sabiex tinftiehem id-Direttiva, b'mod partikolari, billi jikkjarifikaw it-tifsira ta' ċerti dispożizzjonijiet. Meta jinterpretaw it-test tad-Direttiva, il-Qrati jistgħu jieħdu l-premessi f'kunsiderazzjoni sabiex jaċċertaw l-intenzjoni tal-leġiżlaturi.

Fil-kummenti li ġejjin, issir referenza għall-Artikoli u l-Annessi tad-Direttiva introdotti minn kull waħda mill-premessi. Għal aktar spjegazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għall-kummenti dwar l-Artikoli u l-Annessi kkonċernati.

> ***(1)*** *Id-Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 22 ta' Ġunju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-makkinarju [4] ikkodifikat id-Direttiva 89/392/KEE [(5)]. Billi qed isiru emendi sostanzjali ġodda għad-Direttiva 98/37/KE, jixraq, għal raġuni ta' ċarezza, li dik id-Direttiva titfassal mill-ġdid.*
>
> *(4) ĠU L 207, 23.7.1998, p. 1. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 98/79/KE (ĠU L 331, 7.12.1998, p. 1).*
>
> *(5) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/392/EEC tal-14 ta' Ġunju 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mal-makkinarju (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 9).*

§ 4 L-Istorja tad-Direttiva dwar il-Makkinarju

L-ewwel premessa tfakkar li d-Direttiva 2006/42/KE mhijiex Direttiva ġdida għal kollox, iżda hija bbażata fuq id-Direttiva 98/37/KE[3], li kkodifikat id-Direttiva dwar il-Makkinarju 89/392/KEE[4], kif emendata. Kodifikazzjoni tfisser it-tqegħid f'test legali wieħed tad-Direttiva oriġinali u l-emendi suċċessivi tagħha:

– Id-Direttiva 91/368/KEE[5] estendiet il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju għal tagħmir interkambjabbli, makkinarju mobbli u makkinarju għall-irfigħ ta' merkanzija. Il-partijietc3, 4 u 5 ġew miżjuda mal-Anness I.

– Id-Direttiva 93/44/KEE[6] estendiet il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju għal komponenti tas-sigurtà u makkinarju għall-irfigħ u ċ-ċaqliq ta' persuni. Il-parti 6 ġiet miżjuda mal-Anness I.

[3] ĠU Nru L 207, 23.7.1998 p. 1..

[4] ĠU L 183, 27.6.1989, p. 9.).

[5] ĠU Nru L 198, 22.7.1991, p. 16.

– Id-Direttiva 93/68/KEE[7] introduċiet dispożizzjonijiet armonizzati relatati mal-marka CE.

Id-Direttiva 98/37/KE kienet suġġetta għal emenda minuri mid-Direttiva 98/79/KE dwar l-esklużjoni ta' mezzi mediċi.

Id-Direttiva 98/37/KE tibqa' fis-seħħ sad-29 ta' Diċembru 2009.

Id-Direttiva 2006/42/KE hija meqjusa bħala formolazzjoni mill-ġdid tad-Direttiva dwar il-Makkinarju billi l-modifiki huma ppreżentati fil-forma ta' Direttiva ġdida.

(2) *Is-settur tal-makkinarju huwa parti importanti mill-industrija tal-inġinerija u huwa wieħed mis-sisien industrijali tal-ekonomija tal-Komunità. L-ispiża soċjali tan-numru kbir ta' inċidenti kkawżati direttament mill-użu tal-makkinarju tista' titnaqqas permezz ta' disinn u kostruzzjoni siguri tal-makkinarju u ta' installazzjoni u manutenzjoni korretti.*

§ 5 L-importanza ekonomika u soċjali tad-Direttiva dwar il-Makkinarju

It-tieni premessa tenfasizza l-importanza ekonomika u soċjali tal-għanijiet doppji tad-Direttiva dwar il-Makkinarju. It-twaqqif ta' qafas regolatorju armonizzat għad-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju huwa ta' importanza ekonomika vitali għall-industrija tal-inġinerija Ewropea. Fl-istess ħin, makkinarju inqas perikoluż jagħmel kontribuzzjoni importanti għat-tnaqqis tal-ispiża soċjali tal-inċidenti u l-ħsara għas-saħħa, kemm fuq il-post tax-xogħol kif ukoll fid-dar.

(3) *L-Istati Membri huma responsabbli sabiex jiżguraw is-saħħa u s-sigurtà fit-territorju tagħhom ta' persuni, b'mod partikolari ta' ħaddiema u konsumaturi u, fejn jixraq, ta' annimali domestiċi u merkanzija, partikolarment fir-rigward tar-riskji li jinħolqu mill-użu tal-makkinarju.*

§ 6 Saħħa u sigurtà

Il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà hija kemm dmir fundamentali kif ukoll prerogattiv tal-Istati Membri. Billi d-Direttiva dwar il-Makkinarju tarmonizza r-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà għad-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju fil-livell tal-UE, ir-responsabbiltà tal-Istati Membri li tipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni fir-rigward tar-riskji assoċjati mal-makkinarju timplika li għandu jiġi żgurat li r-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Makkinarju jiġu applikati b'mod korrett.

(4) *Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-utenti, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u l-kunċetti li jirrigwardaw l-applikazzjoni tagħha għandhom ikunu mfissra bl-aktar mod preċiż possibbli.*

[6] ĠU Nru L 175, 19.7.1993, p. 12.

[7] ĠU Nru L 220, 31.8.1993, p. 1.

§ 7 Tifsiriet

Ir-raba' premessa tenfasizza l-fatt li d-Direttiva l-ġdida dwar il-Makkinarju tipprovdi preżentazzjoni aktar ċara tal-kamp ta' applikazzjoni u tinkludi tifsiriet tat-termini u l-kunċetti ewlenin użati fit-test. It-tifsiriet tat-termini użati fid-Direttiva jingħataw fl-Artikolu 2 u t-tifsiriet addizzjonali tal-kunċetti relatati mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà jingħataw fis-sezzjonijiet 1.1.1, 3.1.1 u 4.1.1 tal-Anness I.

(5) Id-dispożizzjonijiet obbligatorji tal-Istati Membri li jirregolaw l-għodod tal-irfigħ fis-siti tal-kostruzzjoni intiżi sabiex jerfgħu lill-persuni jew lill-persuni u l-merkanzija, li ta' spiss huma supplementati minn speċifikazzjonijiet tekniċi obbligatorji de facto u/jew minn standards volontarji, ma jwasslux neċessarjament għal livelli differenti ta' saħħa u sigurtà iżda, madankollu, minħabba d-differenzi tagħhom, jikkostitwixxu ostakoli għan-negozju fi ħdan il-Komunità. Minbarra dan, is-sistemi nazzjonali għall-valutazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-konformità ta' dawn il-magni jvarjaw b'mod konsiderevoli. Huwa għaldaqstant mixtieq li l-għodod tal-irfigħ fis-siti ta' kostruzzjoni intiżi sabiex jerfgħu lill-persuni jew lill-persuni u l-merkanzija ma' jkunux eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

§ 8 Inklużjoni ta' għodod tal-irfigħ fis-siti tal-kostruzzjoni

L-għodod tal-irfigħ fis-siti tal-kostruzzjoni, li qabel kienu eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju 98/37/KE u tad-Direttiva dwar il-Lifts 95/16/KE, huma mezzi tal-irfigħ intiżi biex jiġu installati b'mod temporanju għat-trasportazzjoni ta' persuni jew persuni u materjali lejn il-livelli differenti ta' bini matul kostruzzjoni jew tiswija. Il-ħames premessa tispjega li dawn l-għodod tal-irfigħ fis-siti tal-kostruzzjoni ma għadhomx eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju. Ċerti rekwiżiti essenzjali ġodda għas-saħħa u s-sigurtà relatati ma' makkinarju li jservi għal żbarki fissi ġew miżjuda mal-Anness I biex jittrattaw riskji speċifiċi assoċjati ma' dan it-tip ta' makkinarju.

Fir-rigward tal-proċedura ta' stima tal-konformità applikabbli għall-għodod tal-irfigħ fis-siti tal-kostruzzjoni, ta' min jinnota wkoll li l-għodod tal-irfigħ fis-siti tal-kostruzzjoni li jinvolvu periklu ta' waqgħat minn għoli vertikali ta' aktar minn tliet metri huma inklużi fost il-mezzi għall-irfigħ ta' persuni jew ta' persuni u merkanzija elenkati fl-Anness IV, partita 17.

(6) Jixraq li mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jitħallew barra l-armi, inkluż l-armi tan-nar, li huma suġġetti għad-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE tat-18 ta' Ġunju 1991 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess tal-armi[6]; jeħtieġ li l-esklużjoni tal-armi tan-nar ma tapplikax għal makkinarju li jinġarr u li jaħdem bl-iskratać għall-iffissar u makkinarju ieħor ta' impatt intiż għal skopijiet industrijali jew tekniċi biss. Huwa neċessarju li jsir provvediment għal arranġamenti tranżizzjonali li jagħtu l-kapaċità lill-Istati Membri li jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq u t-tqegħid fis-servizz ta' dan il-makkinarju fabbrikat skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-seħħ mal-adozzjoni ta' din id-Direttiva, inklużi dawk li jimplimentaw il-Konvenzjoni tal-1 ta' Lulju 1969 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Marki ta' Identifikazzjoni fuq l-Armi ż-Żgħar. Dawn l-arranġamenti tranżizzjonali għandhom jagħtu l-kapaċità lill-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej biex jabbozzaw standards li jiżguraw il-livell ta' sigurtà bbażat fuq l-aħħar teknoloġija.

[6] ĠU L 256, 13.9.1991, p. 51.

§ 9 Inklużjoni ta' makkinarju li jinġarr li jaħdem bl-iskratać għall-iffissar u makkinarju ieħor ta' impatt

L-armi, inklużi armi tan-nar, huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju – ara §51: kummenti dwar l-Artikolu 1 (2) (d). Is-sitt premessa tispjega li din l-esklużjoni għandha tinftiehem fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kontroll tal-armi, li ma tapplikax għal tagħmir intiż għal skopijiet industrijali jew tekniċi biss.

Il-makkinarju li jaħdem bl-iskratać għall-iffissar u makkinarju ieħor li jaħdem bl-iskratać għall-impatt intiż għal skopijiet industrijali jew tekniċi li kien esklużż mid-Direttiva oriġinali dwar il-Makkinarju bl-emenda tad-Direttiva 91/368/KEE, huwa għalhekk introdott mill-ġdid fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva l-ġdida dwar il-Makkinarju. Minbarra dan, ġew miżjuda mal-Anness I ċerti rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà relatati ma' riskji speċifiċi assoċjati ma' tagħmir li jista' jinġarr u makkinarju ieħor ta' impatt. Ta' min jinnota li dawn ir-rekwiżiti japplikaw kemm għall-makkinarju li jaħdem bl-iskratać għall-iffissar u makkinarju ta' impatt kif ukoll għall-makkinarju ta' iffissar u ta' impatt li juża sorsi oħrajn tal-enerġija – ara §280: kummenti dwar is-sezzjoni 2.2.2 tal-Anness I. Fir-rigward tal-istima tal-konformità ta' dan il-makkinarju, ta' min jinnota wkoll li l-makkinarju li jinġarr li jaħdem bl-iskratać għall-iffissar u makkinarju ieħor li jaħdem bl-iskratać għall-impatt huwa elenkat fl-Anness IV, partita 18 – ara §388: kummenti dwar l-Anness IV, partita 18.

Għall-arranġamenti tranżizzjonali msemmija fl-aħħar sentenza tas-sitt premessa – ara §154: kummenti dwar l-Artikolu 27.

(7) *Din id-Direttiva ma tapplikax għall-irfigħ ta' persuni permezz ta' magni mhux intiżi għall-irfigħ ta' persuni. Madankollu, dan ma jaffettwax id-dritt tal-Istati Membri li jieħdu miżuri nazzjonali, skont it-Trattat, fir-rigward ta' dawn il-magni, bil-ħsieb li jimplimentaw id-Direttiva tal-Kunsill 89/655/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 li tirrigwarda r-rekwiżiti minimi ta' saħħa u sigurtà fl-użu ta' tagħmir tax-xogħol minn ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (it-tieni Direttiva individwali skont it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)*[(7)].

(7) *ĠU L 393, 30.12.1989, p. 13. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2001/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 195, 19.7.2001, p. 46).*

§ 10 Tagħmir intiż għall-irfigħ ta' persuni permezz ta' makkinarju ddisinnjat għall-irfigħ ta' merkanzija

L-użu eċċezzjonali tal-makkinarju intiż għall-irfigħ ta' merkanzija għall-iskop tal-irfigħ ta' persuni jista' jkun suġġett għal regolamenti nazzjonali fil-qafas tad-dispożizzjonijiet li jimplimentaw id-Direttiva 2009/104/KE – ara §140: kummenti dwar l-Artikolu 15. Il-premessa 7 timplika li t-tagħmir imqiegħed fis-suq għal tali użu eċċezzjonali permezz ta' makkinarju ddisinnjat għall-irfigħ ta' merkanzija mhuwiex fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju. It-tqegħid fis-suq ta' dan it-tagħmir jista' għalhekk ikun suġġett għar-regolamenti nazzjonali.

It-tagħmir għal użu eċċezzjonali bħal dan għandu jiġi distint mit-tagħmir interkambjabbli ddisinjat biex jiġi mmuntat mal-makkinarju tal-irfigħ sabiex jagħti funzjoni ġdida għall-irfigħ ta' persuni. Tali tagħmir interkambjabbli huwa soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju[8] – ara §388: kummenti dwar l-Anness IV, partita 17.

(8) *Rigward tratturi għall-biedja u għall-foresti, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva li jikkonċernaw ir-riskji li bħalissa mhumiex koperti mid-Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar approvazzjoni tat-tip tat-tratturi għall-biedja u għall-foresti, il-karrijiet tagħhom u makkinarju tat-towing li jista' jinbidel, flimkien mas-sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati tagħhom [(8)] ma għandhomx jibqgħu japplikaw meta dawn ir-riskji jkunu koperti mid-Direttiva 2003/37/KE.*

(8) *ĠU L 171, 9.7.2003, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/67/KE (ĠU L 273, 19.10.2005, p. 17).*

[8] Ara d-dokument ta' gwida *Interchangeable equipment for lifting persons and equipment used with machinery designed for lifting goods for the purpose of lifting persons (Tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ ta' persuni u tagħmir użat ma' makkinarju ddisinnjat għall-irfigħ ta' merkanzija għall-iskop ta' rfigħ ta' persuni):*
http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/mechanical/files/machinery/interchangeable_equipment_lifting_persons_-_lifting_goods_dec_2009_en.pdf

§ 11 *Tratturi għall-biedja u għall-foresti*

It-tmien premessa tirreferi għall-esklużjoni ta' tratturi għall-biedja u għall-foresti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju għar-riskji koperti mid-Direttiva 2003/37/KE – ara §53: kummenti dwar l-ewwel inċiż tal-Artikolu 1 (2) (e).

> ***(9)*** *Is-sorveljanza tas-suq hija strument essenzjali peress li din tiżgura l-applikazzjoni kif suppost u uniformi tad-Direttivi. Għaldaqstant jixraq li jiġi stabbilit il-qafas legali li fiha s-sorveljanza tas-suq tista' tipproċedi b'mod armonjuż.*
>
> ***(10)*** *L-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà sabiex jiżguraw li din id-Direttiva tiġi infurzata b'mod effettiv fit-territorju tagħhom, u li s-sigurtà tal-makkinarju kkonċernat jittejjeb kemm jista' jkun, skont id-dispożizzjonijiet tagħha. L-Istati Membri għandhom jassiguraw il-kapaċijiet tagħhom sabiex iwettqu sorveljanza effettiva tas-suq, billi jittieħed kont tal-linji gwida żviluppati mill-Kummissjoni, bl-iskop li jiggarantixxu l-applikazzjoni xierqa u uniformi ta' din id-Direttiva.*

§ 12 *Sorveljanza tas-suq*

It-terminu "sorveljanza tas-suq" jindika l-attività tal-awtoritajiet tal-Istati Membri li jiċċekkjaw il-konformità tal-prodotti soġġetti għad-Direttiva wara li jkunu tqiegħdu fis-suq jew tqiegħdu fis-servizz u li jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex jindirizzaw il-prodotti li ma jkunux konformi. Id-disa' u l-għaxar premessi jintroduċu bosta dispożizzjonijiet fid-Direttiva l-ġdida dwar il-Makkinarju, li jistabbilixxu bażi legali aktar b'saħħitha għas-sorveljanza tas-suq u l-azzjoni ta' infurzar u jipprovdu wkoll għall-kooperazzjoni meħtieġa bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan il-qasam – ara §93 sa §102: kummenti dwar l-Artikoli 4, §118: kummenti dwar l-Artikolu 9, §122 sa §126: kummenti dwar l-Artikolu 11 u §144: kummenti dwar l-Artikolu 19.

> ***(11)*** *Fil-kuntest tas-sorveljanza tas-suq, għandha tkun stabbilita distinzjoni ċara bejn l-ikkontestar ta' standard armonizzat li jagħti l-preżunzjoni ta' konformità lill-makkinarju u l-klawsola ta' salvagwardja li tirrigwarda l-makkinarju.*

§ 13 *Oġġezzjoni formali għal standards u l-klawsola ta' salvagwardja*

Il-ħdax-il premessa tindika li l-proċedura għall-kontestazzjoni ta' standard armonizzat (magħrufa bħala oġġezzjoni formali) u l-proċedura ta' salvagwardja għall-indirizzar ta' prodotti mhux konformi u perikoluži huma proċeduri differenti li huma stabbiliti fl-Artikoli distinti tad-Direttiva – ara §119 sa §121: kummenti dwar l-Artikoli 10, u §122 sa §126: kummenti dwar l-Artikolu 11.

> ***(12)*** *It-tqegħid fis-servizz ta' makkinarju skont it-tifsira ta' din id-Direttiva jista' jirrigwarda biss lill-użu tal-makkinarju nnifsu għall-iskop intiż tiegħu jew għall-iskop li jista' jkun previst b'mod raġonevoli. Dan ma jipprekludix li jkunu mniżżla kondizzjonijiet għall-użu estern għall-makkinarju, bil-kondizzjoni li dan ma jkunx immodifikat b'mod li mhux speċifikat f'din id-Direttiva.*

§ 14 Regolamenti dwar l-użu tal-makkinarju

It-tnax-il premessa tikkjarifika l-kunċett ta' tqegħid fis-servizz tal-makkinarju li huwa rregolat mid-Direttiva dwar il-Makkinarju – ara §86: kummenti dwar l-Artikolu 2 (k). Tqegħid fis-servizz għandu jiġi distint mill-użu tal-makkinarju li jista' jiġi rregolat mill-Istati Membri, b'mod partikolari, fil-qafas tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-użu tat-tagħmir tax-xogħol – ara §139 u §140: kummenti dwar l-Artikolu 15.

> ***(13)*** *Huwa wkoll neċessarju li jiġi pprovdut mekkaniżmu adegwat li jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-livell tal-Komunità li jeħtieġ li l-Istati Membri jipprojbixxu jew jirrestringu t-tqegħid fis-suq ta' ċerti tipi ta' makkinarju li jippreżentaw l-istess riskji għas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni jew minħabba nuqqasijiet fl-istandard(s) armonizzat(i) relevanti jew minħabba l-karatteristiċi tekniċi tagħhom, jew sabiex jissoġġettaw tali makkinarju għal kondizzjonijiet speċjali. Sabiex tkun żgurata stima xierqa tal-ħtieġa għal tali miżuri, dawn għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni, bl-għajnuna ta' kumitat, fid-dawl ta' konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u ma' partijiet interessati oħra. Billi tali miżuri mhumiex applikabbli direttament għall-operaturi ekonomiċi, jeħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji kollha għall-implimentazzjoni tagħhom.*

§ 16 L-aħħar teknoloġija

Il-premessa (14) tintroduċi l-kunċett tal-'aħħar teknoloġija' li għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni meta jiġu applikati r-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà stabbiliti fl-Anness I – ara §161 u §162: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 3, Anness I.

> ***(15)*** *Fejn il-makkinarju jista' jintuża minn konsumatur, jiġifieri minn operatur li mhux professjonali, il-fabbrikant għandu jieħu kont ta' dan fid-disinn u l-kostruzzjoni. Dan jgħodd ukoll fejn il-magna normalment tintuża biex tipprovdi servizz lill-konsumatur.*

§ 17 Makkinarju għal użu mill-konsumatur

Id-Direttiva dwar il-Makkinarju tapplika kemm għal makkinarju għall-użu mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol kif ukoll għal makkinarju għall-użu mill-konsumaturi jew biex jiġi pprovdut servizz lill-konsumaturi. B'mod ġenerali, id-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju għandhom jieħdu l-użu intiż f'kunsiderazzjoni. Il-premessa 15 tenfasizza li l-fabbrikant tal-makkinarju għandu jikkunsidra jekk il-makkinarju huwiex intiż biex jintuża minn operatur professjonali jew mhux professjonali jew jekk huwiex intiż biex jipprovdi servizz lill-konsumaturi. Id-Direttiva tinkludi rekwiżit speċifiku relatat mal-abbozzar tal-istruzzjonijiet għal makkinarju intiż għal użu minn operaturi mhux professjonali – ara §259: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.1 (d) tal-Anness I.

(16) *Għalkemm ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva ma japplikawx fl-intier tagħhom għall-makkinarju parzjalment komplut, huwa madankollu importanti li l-moviment ħieles ta' dan il-makkinarju jkun garantit permezz ta' proċedura speċifika.*

§ 18 Makkinarju parzjalment komplut

Il-premessa 16 tintroduċi l-kunċett ta' makkinarju parzjalment komplut – ara §46: kummenti dwar l-Artikoli 1 (1) (g) u 2 (g). It-tqegħid fis-suq ta' makkinarju parzjalment komplut huwa suġġett għal proċedura speċifika – ara §131: kummenti dwar l-Artikolu 13. Il-makkinarju parzjalment komplut ma jistax jikkonforma għal kollox mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà stabbiliti fl-Anness I, billi ċerti riskji jistgħu jirriżultaw mill-fatt li l-makkinarju mhuwiex komplut jew mill-interface bejn il-makkinarju parzjalment komplut u l-bqija tal-makkinarju jew muntatura tal-makkinarju fejn għandu jiġi inkorporat. Madankollu, il-fabbrikant ta' makkinarju parzjalment komplut għandu jiddikjara, f'Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni, liema mir-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà ġew issodisfati minnu – ara §385: kummenti dwar l-Anness II 1 B, u §394: kummenti dwar l-Anness VII, B.

(17) *Għall-fieri, esibizzjonijiet u affarijiet simili għandu jkun possibbli li jkun esibit makkinarju li ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Madankollu, persuni interessati għandhom ikunu mgħarrfa b'mod xieraq li l-makkinarju ma jikkonformax u ma jistax jinxtara f'dik il-kondizzjoni.*

§ 19 Fieri tal-kummerċ u esibizzjonijiet

Il-premessa 17 tintroduċi d-dispożizzjoni li tagħti ċ-ċans lill-fabbrikanti jesebixxu mudelli ġodda tal-makkinarju f'fieri tal-kummerċ u esibizzjonijiet qabel ma ssir stima tal-konformità ta' dawn il-prodotti mad-Direttiva dwar il-Makkinarju, jew li jesebixxu makkinarju b'ċerti elementi bħal, pereżempju, mezzi ta' lqugħ imneħħija għal skopijiet ta' dimostrazzjoni. F'każijiet bħal dawn, l-esibitur għandu juri sinjal xieraq u jieħu miżuri adegwati ta' sigurtà biex jipproteġi lill-persuni mir-riskji ppreżentati mill-makkinarju esibit – ara §108: kummenti dwar l-Artikolu 6 (3).

(18) *Din id-Direttiva tiddefinixxi biss ir-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà ta' applikazzjoni ġenerali, supplementati minn numru ta' rekwiżiti aktar speċifiċi għal ċerti kategoriji ta' makkinarju. Sabiex tgħin lill-fabbrikant biex jippruvaw il-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti essenzjali, u biex tippermetti spezzjoni ta' konformità ma' dawn ir-rekwiżiti essenzjali, huwa mixtieq li jkun hemm standards li jkunu armonizzati fuq livell Komunitarju għall-prevenzjoni ta' riskji li jkunu ġejjin mid-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju. Dawn l-istandards huma mfassla minn korpi regolati mil-liġi privata u għandhom jibqgħu ta' natura volontarja.*

§ 20 L-Approċċ il-Ġdid

Il-premessa 18 tfakkar li d-Direttiva dwar il-Makkinarju tistrieħ fuq il-metodu regolatorju magħruf bħala l-"Approċċ il-Ġdid għall-armonizzazzjoni u l-istandards tekniċi". Il-leġiżlazzjoni nnifisha tistabbilixxi r-rekwiżiti essenzjali obbligatorji għas-

saħħa u s-sigurtà li għandhom jissodisfaw il-prodotti mqiegħda fis-suq tal-UE u l-proċeduri għall-istima tal-konformità tagħhom – ara §103: kummenti dwar l-Artikoli 5 (1) (a), u §163: kummenti dwar Prinċipju Ġenerali 4 tal-Anness I.

Is-soluzzjonijiet tekniċi dettaljati għall-issodisfar ta' dawn ir-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà huma mogħtija fl-istandards armonizzati Ewropej. L-applikazzjoni tal-istandards armonizzati tibqa' volontarja, iżda tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà li jkopru – ara §87: kummenti dwar l-Artikoli 2 (l), u §110: kummenti dwar l-Artikolu 7 (2).

(19) *Minħabba n-natura tar-riskji involuti fl-użu ta' makkinarju kopert minn din id-Direttiva, għandhom jiġu stabbiliti proċeduri għall-istima ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà. Dawn il-proċeduri għandhom isiru fid-dawl tal-periklu inerenti li dan il-makkinarju jġib miegħu. Konsegwentament, kull kategorija tal-makkinarju għandu jkollha l-proċedura xierqa tagħha, bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE tat-22 ta' Lulju 1993 dwar il-moduli għall-fażijiet diversi tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u r-regoli għat-twaħħil u għall-użu tal-marka ta' konformità CE li huma maħsubin sabiex jintużaw fid-direttivi ta' armonizzazzjoni teknika [(9)], u li għandha tieħu kont tan-natura tal-verifika meħtieġa għal dan il-makkinarju.*

[(9)] ĠU L 220, 30.8.1993, p. 23.

§ 21 Stima ta' konformità

Il-premessa 19 tirreferi għall-proċeduri għall-istima tal-konformità tal-makkinarju mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà - ara §127 sa §130: kummenti dwar l-Artikolu 12 - u r-regoli għall-marka CE – ara §141: kummenti dwar l-Artikolu 16.

(20) *Il-fabbrikanti għandu jkollhom ir-responsabbiltà sħiħa sabiex jiċċertifikaw il-konformità tal-makkinarju tagħhom mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Madankollu, għal ċerti tipi ta' makkinarju li għandu fattur ta' riskju għoli, hija mixtieqa proċedura ta' ċertifikazzjoni aktar stretta.*

§ 22 Makkinarju tal-Anness IV

Il-proċedura ta' stima tal-konformità applikabbli għal prodott partikolari tiddependi fuq jekk dan ikunx jappartjeni jew le għal waħda mill-kategoriji elenkati fl-Anness IV, li jitqiesu li għandhom fattur ta' riskju għoli jew li jservu għal funzjoni protettiva kritika. Il-proċeduri differenti ta' stima tal-konformità huma stipulati fl-Annessi VIII, IX u X u r-regoli għall-għażla tagħhom jingħataw fl-Artikolu 12.

(21) Il-marka CE għandha tiġi rikonoxxuta b'mod sħiħ bħala l-unika marka li tiggarantixxi li l-makkinarju huwa konformi mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Kull marka oħra li x'aktarx tiżgwida lil terzi persuni dwar it-tifsira jew il-forma tal-marka CE, jew tat-tnejn li huma, għandha tkun projbita.

(22) Sabiex tkun żgurata l-istess kwalità għall-marka CE u l-marka tal-fabbrikant, huwa importanti li dawn jitwaħħlu skont l-istess tekniki. Sabiex tkun evitata l-konfużjoni bejn kwalunkwe marka CE li tista' tidher fuq ċerti komponenti u l-marka CE li tikkorrispondi għall-makkinarju, huwa importanti li l-marka tal-aħħar titwaħħal maġenb l-isem tal-persuna li ħadet responsabbiltà għaliha, jiġifieri l-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

§ 23 Il-marka CE

Il-premessi 21 u 22 jintroduċu d-dispożizzjonijiet relatati mal-marka CE – ara §141: kummenti dwar l-Artikolu 16, §250: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.3 tal-Anness I, u §387: kummenti dwar l-Anness III.

(23) Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom jiżguraw ukoll li ssir stima tar-riskju għall-makkinarju li huwa jixtieq li jqiegħed fis-suq. Għal dan l-iskop, huwa għandu jistabbilixxi liema huma r-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà li japplikaw għall-makkinarju tiegħu u li fir-rigward tiegħu huwa għandu jagħixxi.

§ 24 Stima tar-riskju

Il-premessa 23 tirreferi għar-rekwiżit fl-Anness I dwar l-istima tar-riskju għall-makkinarju li jiddetermina l-applikazzjoni tar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà – ara §158 u §159: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 1 tal-Anness I.

(24) Huwa essenzjali li, qabel ma ssir id-dikjarazzjoni KE ta' konformità, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandu jipprepara fajl tekniku dwar il-kostruzzjoni. Madankollu, mhux essenzjali li d-dokumentazzjoni kollha tkun disponibbli b'mod permanenti f'forma materjali, iżda għandu jkun hemm il-possibiltà li ssir disponibbli fuq talba. M'hemmx bżonn li din tinkludi pjanijiet dettaljati tas-sottomuntaturi użati għall-fabbrikazzjoni tal-makkinarju, ħlief jekk l-għarfien ta' dawn il-pjanijiet ikun essenzjali sabiex tkun aċċertata l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà.

§ 25 Il-fajl tekniku dwar il-kostruzzjoni

Il-fajl tekniku dwar il-kostruzzjoni tal-fabbrikant imsemmi fil-Premessa 24 huwa kemm mezz li jippermetti lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jiċċekkjaw il-konformità tal-makkinarju wara li jkun tqiegħed fis-suq, kif ukoll mezz għall-fabbrikant biex juri l-konformità tal-prodott tiegħu – ara §103: kummenti dwar l-Artikolu 5 (1) (b), §383: kummenti dwar l-Anness II 1 A (2), u §391 sa §393: kummenti dwar l-Anness VII A.

(25) Il-persuni li lilhom tkun indirizzata kwalunkwe deċiżjoni meħuda taħt din id-Direttiva għandhom ikunu infurmati bir-raġunijiet ta' din id-deċiżjoni u bir-rimedji legali disponibbli għalihom.

§ 26 Rimedji legali

Il-premessa 25 tintroduċi d-dispożizzjonijiet relatati mad-drittijiet tal-fabbrikanti jew ta' partijiet interessati oħrajn suġġetti għad-deċiżjonijiet meħuda skont id-Direttiva dwar il-Makkinarju – ara §135: kummenti dwar l-Artikoli 14 (6), u §145: kummenti dwar l-Artikolu 20.

(26) L-Istati Membri għandhom jipprovdu penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjoni ta' din id-Direttiva. Dawk il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

§ 27 Infurzar

Il-premessa 26 hija nota ta' tfakkir li l-awtoritajiet nazzjonali inkarigati mill-infurzar tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Makkinarju (l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq) għandhom ikunu kapaċi jimponu penali xierqa jekk dawk id-dispożizzjonijiet ma jiġux applikati b'mod korrett. Il-penali għandhom jiġu previsti mil-liġijiet nazzjonali u r-regolamenti li jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva f'liġi nazzjonali – ara §153: kummenti dwar l-Artikolu 26.

(27) L-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għal numru ta' magni intiżi sabiex jerfgħu l-persuni teħtieġ delimitazzjoni aħjar tal-prodotti koperti minn din id-Direttiva fir-rigward ta' dawk koperti mid-Direttiva 95/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 1995 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-lifts.[10] Definizzjoni mill-ġdid tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din tal-aħħar hija għalhekk meqjusa neċessarja. Id-Direttiva 95/16/KE għandha għalhekk tkun emendata kif jixraq.

[10] ĠU L 213, 7.9.1995, p. 1. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

§ 28 Emenda tad-Direttiva dwar il-Lifts

Il-premessa 27 tispjega li d-Direttiva l-ġdida dwar il-Makkinarju 2006/42/KE tinkludi emenda tad-Direttiva dwar il-Lifts 95/16/KE sabiex tikkjarifika l-konfini bejn il-kampi ta' applikazzjoni taż-żewġ Direttivi – ara §151: kummenti dwar l-Artikolu 24.

(28) Billi l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jkunu stabbiliti r-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà fir-rigward tad-disinn u l-fabbrikazzjoni sabiex tittejjeb is-sigurtà ta' makkinarju li jitqiegħed fis-suq, ma jistax jintlaħaq b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri, u jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjaretà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.

§ 29 Sussidjarjetà u proporzjonalità

Il-premessa 28 hija ġustifikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju fir-rigward tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-KE (issa l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea – TUE). Skont dawn il-prinċipji, l-UE għandha tieħu azzjoni biss jekk l-istess għanijiet ma jkunux jistgħu jintlaħqu aħjar mill-azzjoni tal-Istati Membri. Jidher ċar li mingħajr id-Direttiva dwar il-Makkinarju, il-fabbrikanti tal-makkinarju kien ikollhom japplikaw regoli u proċeduri differenti għas-sigurtà tal-makkinarju f'kull Stat Membru, li jikkostitwixxu ostakolu serju għas-suq intern u jkunu mezz inqas effettiv għat-titjib tas-sigurtà tal-makkinarju.

(29) Skont il-paragrafu 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet,[11] l-Istati Membri huma mħeġġa jfasslu, għalihom infushom u fl-interessi tal-Komunità, it-tabelli tagħhom li, safejn ikun possibbli, jillustraw il-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u jagħmluhom pubbliċi.

[2] ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

§ 30 Tabelli nazzjonali ta' korrelazzjoni

Il-premessa 29 tirreferi għal ftehim bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar it-titjib tal-kwalità u t-trasparenza tal-liġijiet li jsiru mill-UE. Skont l-intestatura ta' traspożizzjoni u applikazzjoni aħjar, l-Istati Membri huma mħeġġa jippubblikaw tabelli ta' korrelazzjoni li juru r-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva u l-miżuri li jittrasponuhom f'liġi nazzjonali. Dan huwa importanti billi, filwaqt li huma l-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali li għandhom il-forza tal-liġi, fid-djalogu bejn l-atturi ekonomiċi, it-test tad-Direttiva dwar il-Makkinarju nnifisha naturalment jipprovdi referenza komuni. Tabella ta' korrelazzjoni għandha tiġi kkomunikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni flimkien mat-test tal-miżuri li jittrasponu d-Direttiva fil-liġi nazzjonali – ara §153: kummenti dwar l-Artikolu 26.

(30) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom ikunu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni,[12]

[12] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

§ 31 Il-Kumitat tal-Makkinarju

Il-premessa 30 tirreferi għal ċerti miżuri li jistgħu jittieħdu mill-Kummissjoni wara li tikkonsulta mal-Kumitat tal-Makkinarju – ara §116: kummenti dwar l-Artikoli 8, u §147: kummenti dwar l-Artikolu 22.

L-ARTIKOLI TAD-DIRETTIVA DWAR IL-MAKKINARJU

Artikolu 1 Kamp ta' applikazzjoni

1. *Din id-Direttiva tapplika għall-prodotti li ġejjin:*

(a) makkinarju;

(b) tagħmir interkambjabbli;

(c) komponenti tas-sigurtà;

(d) aċċessorji tal-irfigħ;

(e) ktajjen, ħbula u ċineg;

(f) apparat għat-trasmissjoni mekkanika li jista' jitneħħa;

(g) makkinarju parzjalment komplut.

2. *Dawn li ġejjin huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva:*

(a) komponenti tas-sigurtà intiżi biex jintużaw bħala partijiet ta' rikambju li jissostitwixxu komponenti identiċi u pprovduti mill-fabbrikant tal-makkinarju oriġinali;

(b) tagħmir speċifiku għal użu f'postijiet tal-fieri u/jew postijiet ta' divertiment;

(c) makkinarju speċifikament intiż jew li tqiegħed fis-servizz għal skopijiet nukleari li, f'każ ta' ħsara, jista' jirriżulta f'tixrid ta' radjuattività;

(d) armi, inklużi armi tan-nar;

(e) il-mezzi tat-trasport li ġejjin:

- *it-tratturi għall-biedja u għall-foresti għar-riskji koperti mid-Direttiva 2003/37/KE, eskluż il-makkinarju immuntat fuq dawn il-vetturi,*
- *il-vetturi u l-karrijiet tagħhom koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi motorizzati u l-karrijiet tagħhom [13], eskluż il-makkinarju immuntat fuq dawn il-vetturi,*
- *l-vetturi koperti mid-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2002 li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi motorizzati b'żewġ roti jew bi tlieta [14], eskluż il-makkinarju immuntat fuq dawn il-vetturi,*
- *il-vetturi motorizzati intiżi b'mod esklużiv għall-kompetizzjoni,*

  u

- *il-mezzi ta' trasport bl-arju, fuq l-ilma u fuq ir-rettikolati tal-linji tal-ferroviji, eskluż il-makkinarju mmuntat fuq dawn il-mezzi ta' trasport;*

(f) il-bastimenti li jbaħħru u unitajiet mobbli `l barra mix-xtut u makkinarju installat fuq tali bastimenti u/jew unitajiet;;

(g) makkinarju ddisinnjat u mibni speċifikament għal skopijiet militari jew tal-pulizija;

(h) makkinarju ddisinnjat u mibni speċifikament għal skopijiet ta' riċerka għall-użu

temporanju fil-laboratorji;;

(i) tagħmir użat fil-minjieri;

(j) il-makkinarju intiż li jċaqlaq l-artisti matul wirjiet artistiċi;

(k) prodotti tal-elettriku u elettroniċi li jaqgħu fi ħdan xi waħda minn dawn l-oqsma li ġejjin, sakemm dawn ikunu koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 73/23/KEE tad-19 ta' Frar 1973 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ [3]:

— *elettrodomestiċi intiżi għall-użu domestiku,*

— *tagħmir tal-awdjo u tal-vidjo,*

— *tagħmir tat-teknoloġija tal-informatika,*

— *makkinarju ordinarju tal-uffiċċju,*

— *tagħmir li jiddistribwixxi l-elettriku ta' vultaġġ baxx u tagħmir ta' kontroll,*

— *muturi elettriċi;*

(l) it-tipi ta' tagħmir li ġejjin ta' elettriku b'vultaġġ qawwi:

— *tagħmir li jiddistribwixxi l-elettriku u tagħmir ta' kontroll,*

— *transformers.*

[13] ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1 Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/28/KE (ĠU L 65, 7.3.2006, p. 27).
[14] ĠU L 124, 9.5.2002, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/30/KE (ĠU L 106, 27.4.2005, p. 17).
[3] ĠU L 77, 26.3.1973; p. 29. Id-Direttiva kif emendata mid-Direttiva 93/68/KEE (ĠU L 220, 30.8.1993, p 1).

Artikolu 2 *Tifsiriet*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "makkinarju" jindika l-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1)(a) sa (f).

Għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "makkinarju" tfisser:

– *muntatura, imwaħħla jew intiża li titwaħħal ma' sistema tal-mezz għat-trasmissjoni ta' forza minbarra sforz tal-bniedem jew ta' annimal applikat b'mod dirett, li jkun fiha partijiet jew komponenti mwaħħla, li tal-inqas wieħed minnhom jiċċaqlaq, u li jkunu mqabbda flimkien għal applikazzjoni speċifika,*

– *muntatura msemmija fl-ewwel inċiż, li ma jkollhiex il-komponenti biex tqabbadha fuq is-sit jew ma' sorsi ta' enerġija u ta' moviment biss,*

– *muntatura msemmija fl-ewwel u fit-tieni inċiż, lesta sabiex tkun installata u li kapaċi taħdem kif tkun biss jekk tkun immuntata fuq mezz tat-trasport, jew installata f'bini jew struttura,*

– *muntaturi tal-makkinarju msemmija fl-ewwel, it-tieni u t-tielet inċiż, jew makkinarju parzjalment komplut imsemmi fil-punt (g) li, sabiex jintlaħaq l-istess skop, ikunu irranġati u kontrollati sabiex jaħdmu bħala xi ħaġa sħiħa integrali,*

– *muntatura ta' partijiet jew komponenti konnessi, li tal-inqas wieħed jiċċaqlaq u li huma magħquda flimkien, intiżi għall-irfigħ ta' tagħbijiet u fejn l-uniku sors ta' enerġija tagħhom ikun applikat direttament mill-isforz uman;*

(b) "tagħmir interkambjabbli" tfisser apparat li, wara li makkinarju jew trattur jitqiegħed fis-servizz, ikun immuntat ma' dak il-makkinarju jew trattur mill-operatur innifsu sabiex ibiddel il-funzjoni tiegħu jew jagħtih funzjoni ġdida, sakemm dak il-mezz ma jkunx għodda;

(c) "komponent tas-sigurtà" tfisser komponent:

– *li jservi sabiex iwettaq funzjoni ta' sigurtà,*

– *li jitqiegħed fis-suq b'mod indipendenti,*

– *li l-ħsara u/jew il-funzjonament ħażin tiegħu ikunu ta' periklu għas-sigurtà tal-persuni, u*

– *li ma jkunx neċessarju sabiex il-makkinarju jaħdem, jew li jista' jkun sostitwit minn komponenti normali sabiex il-makkinarju jkun jista' jaħdem.*

Lista indikattiva tal-komponenti ta' sigurtà tinsab fl-Anness V, li jista' jkun aġġornat skont l-Artikolu 8(1)(a);

(d) "aċċessorju tal-irfigħ" tfisser komponent jew tagħmir mhux imwaħħal mal-makkinarju tal-irfigħ, li jippermetti li tinżamm it-tagħbija, li jitqiegħed bejn il-makkinarju u t-tagħbija jew fuq it-tagħbija nnifisha, jew li huwa intiż biex jikkostitwixxi parti integrali tat-tagħbija u li jitqiegħed b'mod indipendenti fis-suq; il-bragi u l-komponenti tagħhom huma wkoll meqjusa bħala aċċessorju tal-irfigħ;

(e) "ktajjen, ħbula u ċineg" tfisser il-ktajjen, il-ħbula u ċ-ċineg intiżi u magħmula għall-iskopijiet tal-irfigħ bħala parti mill-makkinarju tal-irfigħ jew l-aċċessorji tal-irfigħ;

(f) "apparat għat-trasmissjoni mekkanika li jista' jitneħħa" tfisser komponent li jista' jitneħħa sabiex jittrasmetti l-enerġija bejn il-makkinarju li jaħdem waħdu jew it-trattur u magna oħra billi jgħaqqadhom mal-ewwel parti ta' sostenn fiss. Meta jitqiegħed fis-suq b'mezz ta' lqugħ dan għandu jitqies bħala prodott wieħed;

(g) "makkinarju parzjalment komplut" tfisser immuntar li huwa kważi makkinarju iżda li ma jistax waħdu jwettaq xi applikazzjoni speċifika. Sistema li tagħti bidu għal azzjoni hija makkinarju parzjalment komplut. Makkinarju parzjalment komplut huwa intiż biss biex ikun inkorporat fi jew immuntat ma' makkinarju ieħor jew makkinarju parzjalment komplut jew tagħmir, li jifforma makkinarju li jaqgħu taħt din id-Direttiva;

. . .

§ 32 Il-prodotti li jaqgħu taħt id-Direttiva dwar il-Makkinarju

L-Artikolu 1 (1) jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, jiġifieri l-prodotti li għalihom huma applikabbli d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Kull waħda mis-seba' kategoriji elenkati fl-Artikolu 1 (1), (a) sa (g) hija suġġetta għal definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 2, (a) sa (g). Konsegwentement, l-Artikolu 1 għandu jinqara flimkien mal-Artikolu 2. Fil-kummenti li ġejjin, kull waħda mis-seba' kategoriji ta' prodotti soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju tiġi eżaminata waħda wara l-oħra, flimkien mad-definizzjoni tagħha.

Artikolu 2 Tifsiriet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "makkinarju" jindika l-prodotti mniżżla fl-Artikolu 1(1)(a) sa (f).

. . .

§ 33 L-użu tat-terminu 'makkinarju' fis-sens wiesa'

L-ewwel kategorija ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 1 (1) (a) u definita fl-Artikolu 2 (a) hija makkinarju. Fl-Artikolu1 (1) (a) u l-Artikolu 2 (a) it-terminu *'makkinarju'* jintuża fis-sens strett. Madankollu, it-tifsiriet tal-kategoriji ta' prodotti stipulati fl-Artikolu 2 huma preċeduti minn sentenza li tispjega li t-terminu *'makkinarju'* għandu jinftiehem ukoll f'sens wiesa' biex jirreferi għas-sitt kategoriji ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 1 (1), (a) sa (f).

L-obbligi stipulati fl-artikoli tad-Direttiva li japplikaw għall-makkinarju għandhom għalhekk jinftiehmu li japplikaw kemm għall-makkinarju fis-sens strett imsemmi fl-Artikolu 1(1) (a) kif ukoll għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) (b) sa (f): tagħmir interkambjabbli, komponenti tas-sigurtà, aċċessorji tal-irfigħ, ktajjen, ħbula u ċineg u apparat għat-trasmissjoni mekkanika li jista' jitneħħa.

Dan huwa l-każ, pereżempju, għall-obbligi stipulati fl-Artikolu 4 (1) dwar is-sorveljanza tas-suq, fl-Artikolu 5 (1) relatat mat-tqegħid fis-suq u t-tqegħid fis-servizz, fl-Artikolu 6 (1) dwar il-moviment liberu, fl-Artikolu 7 (1) u (2) dwar il-preżunzjoni ta' konformità u l-istandards armonizzati, fl-Artikolu 9 dwar il-miżuri speċifiċi biex jiġi indirizzat il-makkinarju potenzjalment perikoluż, fl-Artikolu 11 dwar il-klawsola ta' salvagwardja, fl-Artikolu 12 dwar il-proċeduri għall-istima tal-konformità tal-makkinarju, fl-Artikolu 15 dwar l-installazzjoni u l-użu tal-makkinarju, fl-Artikolu 16 dwar il-marka CE, fl-Artikolu 17 dwar in-nuqqas ta' konformità tal-marka u fl-Artikolu 20 dwar ir-rimedji legali. L-obbligi stipulati f'dawn l-Artikoli ma japplikawx għall-makkinarju parzjalment komplut imsemmi fl-Artikolu 1 (1) (g).

Meta l-obbligi jkunu japplikaw għal makkinarju parzjalment komplut, dan jiġi ddikjarat b'mod espliċitu, pereżempju, fl-Artikolu 4 (2) dwar is-sorveljanza tas-suq, fl-Artikolu 5 (2) relatat mat-tqegħid fis-suq, fl-Artikolu 6 (2) dwar il-moviment liberu u fl-Artikolu 13 dwar il-proċedura għal makkinarju parzjalment komplut.

Meta l-obbligi jkunu japplikaw kemm għal makkinarju fis-sens wiesa' kif ukoll għal makkinarju parzjalment komplut, dan jiġi ddikjarat ukoll b'mod espliċitu, pereżempju, fl-Artikolu 4 (3) dwar is-sorveljanza tas-suq u fl-Artikolu 6 (3) dwar il-moviment liberu.

Fir-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà tal-Anness I tad-Direttiva dwar il-Makkinarju, it-terminu *'makkinarju'* ġeneralment jinftiehem fis-sens wiesa' biex jindika kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 1 (1), (a) sa (f). Meta ċerti rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà jkunu applikabbli għal kategorija waħda biss jew għal aktar minn dawn il-kategoriji, dan jiġi ddikjarat b'mod espliċitu jew jista' jiġi konkluż mill-kuntest. Pereżempju, fil-parti 4 tal-Anness I, ċerti rekwiżiti japplikaw b'mod espliċitu biss għall-aċċessorji tal-irfigħ.

§ 34 *Makkinarju fis-sens strett*

Il-kategorija ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 1 (1) (a), jiġifieri l-makkinarju fis-sens strett, hija definita fl-Artikolu 2 (a). Id-definizzjoni tinkludi ħames inċiżi. Fil-kummenti li ġejjin, l-elementi differenti ta' kull inċiż tad-definizzjoni huma eżaminati waħda wara l-oħra.

Artikolu 2 (a) – l-ewwel inċiż

"makkinarju" tfisser:

– *muntatura, mwaħħla jew intiża li titwaħħal ma' sistema tal-mezz għat-trasmissjoni ta' forza minbarra sforz tal-bniedem jew ta' annimal applikat b'mod dirett, li tkun fiha partijiet jew komponenti mwaħħla, li tal-inqas wieħed minnhom jiċċaqlaq, u li jkunu mqabbda flimkien għall-applikazzjoni speċifika,*

. . .

§ 35 *Id-definizzjoni bażika*

L-ewwel inċiż tad-definizzjoni ta' *'makkinarju'* jinkludi l-elementi li ġejjin:

. . . *muntatura* **. . .** *li tkun fiha partijiet jew komponenti mwaħħla* **. . .**

Prodotti b'partijiet jew komponenti li mhumiex magħquda flimkien f'muntatura ma jitqisux bħala makkinarju.

Dan ma jipprekludix il-forniment ta' makkinarju b'ċerti partijiet żarmati għal skopijiet ta' ħżin jew trasport. F'każijiet bħal dawn, il-makkinarju għandu jiġi ddisinjat u mibni bil-għan li jipprevjeni żbalji fit-tgħammir meta jiġu mmuntati l-partijiet separati. Dan huwa importanti b'mod partikolari jekk il-makkinarju jkun intiż għal utenti mhux professjonali mingħajr taħriġ. Il-fabbrikant għandu jipprovdi wkoll struzzjonijiet adegwati dwar il-muntatura, billi jikkunsidra, meta jkun xieraq, il-livell ta' edukazzjoni u l-intelliġenza ġenerali li jista' jkun mistenni b'mod raġonevoli minn utenti mhux professjonali – ara §225: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.4, §259: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.1 (d), u §264: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (i) tal-Anness I.

. . . *li tal-inqas wieħed minnhom jiċċaqlaq* **. . .**

Prodotti mingħajr partijiet li jiċċaqalqu ma jitqisux bħala makkinarju.

. . . *mwaħħla jew intiża li titwaħħal ma' sistema tal-mezz għat-trasmissjoni ta' forza* **. .** **.**

Il-partijiet li jiċċaqalqu tal-makkinarju jitħaddmu b'sistema li tagħti bidu għal azzjoni li tuża sors wieħed jew aktar ta' enerġija bħall-enerġija termali, elettrika, pnewmatika, idrawlika jew mekkanika. Il-makkinarju jista' jkollu mutur li juża s-sors ta' enerġija tiegħu stess bħal enerġija termali jew enerġija pprovduta minn batterija. Dan jista' jiġi mqabbad ma' sors wieħed jew aktar ta' enerġija esterna bħal provvista tal-elettriku jew arja kompressata. Il-makkinarju jista' juża enerġija mekkanika fornuta minn tagħmir ieħor bħal, pereżempju, makkinarju agrikolu tal-irmunkar li jitħaddem bil-power take-off ta' trattur, jew test beds għal vetturi motorizzati li jinstaqu mill-vetturi li jkunu qegħdin jiġu ttestjati; il-makkinarju jista' jitħaddem ukoll b'sorsi ta' enerġija naturali, bħall-enerġija mir-riħ jew l-ilma.

Normalment, il-fabbrikant ta' makkinarju komplut iforni l-makkinarju mwaħħal mas-sistema tiegħu li tagħti bidu għal azzjoni. Madankollu, il-magni intiżi biex jitwaħħlu ma' sistema li tagħti bidu għal azzjoni iżda li jiġu fornuti mingħajrha jistgħu jitqiesu wkoll bħala makkinarju. Din id-dispożizzjoni tikkunsidra, pereżempju, il-fatt li ċerti utenti tal-makkinarju jippreferu li jkollhom stokk omoġenju ta' muturi għall-magni tagħhom sabiex jiffaċilitaw il-manutenzjoni.

Għal makkinarju li għandu jiġi fornut mingħajr sistema li tagħti bidu għal azzjoni:

a) l-istima tar-riskju tal-fabbrikant għandha tieħu f'kunsiderazzjoni r-riskji kollha assoċjati mal-makkinarju, inklużi dawk relatati mas-sistema li tagħti bidu għal azzjoni li trid titwaħħal mal-makkinarju – ara §158: kummenti dwar Prinċipju Ġenerali 1 tal-Anness I;

b) il-fabbrikant tal-makkinarju għandu jistipula fl-istruzzjonijiet tiegħu l-ispeċifikazzjonijiet kollha meħtieġa għas-sistema li tagħti bidu għal azzjoni li għandha titwaħħal, bħat-tip, is-saħħa u l-mezz ta' konnessjoni, u jipprovdi struzzjonijiet preċiżi dwar it-twaħħil għas-sistema li tagħti bidu għal azzjoni – ara §264: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (i) tal-Anness I;

c) l-istima ta' konformità tal-makkinarju għandha tkopri l-ispeċifikazzjonijiet tas-sistema li tagħti bidu għal azzjoni li għandha titwaħħal u l-istruzzjonijiet tat-twaħħil;

d) il-marka CE fuq il-makkinarju u d-Dikjarazzjoni KE tal-Konformità li takkumpanja l-makkinarju għandhom ikopru l-ispeċifikazzjonijiet u l-istruzzjonijiet relatati mas-sistema li tagħti bidu għal azzjoni li għandha titwaħħal.

Jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fuq ma jiġux issodisfatti, il-makkinarju mingħajr sistema li tagħti bidu għal azzjoni speċifikata b'mod sħiħ għandu jitqies bħala makkinarju parzjalment komplut – ara §46: kummenti dwar l-Artikolu 2 (g). F'dak il-każ, it-taħlita ta' tali makkinarju komplut parzjalment u s-sistema li tagħti bidu għal azzjoni għandha titqies bħala l-makkinarju finali u għandha tkun soġġetta għal stima ta' konformità speċifika – ara §38: kummenti dwar ir-raba' inċiż tal-Artikolu 2 (a).

. . . *minbarra sforz tal-bniedem jew ta' annimal applikat b'mod dirett* **. . .**

Il-partijiet li jiċċaqalqu tal-makkinarju soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju għandhom jitħaddmu b'sors ta' enerġija minbarra sforz tal-bniedem jew ta' annimal applikat b'mod dirett. Makkinarji li jitħaddmu bi sforz tal-bniedem jew ta' annimal applikat direttament, bħal, pereżempju, makkinarju għall-qtugħ tal-ħaxix, trapani tal-idejn jew trolleys imbuttati bl-idejn, li jieqfu jaħdmu hekk kif ma jibqax jiġi applikat l-isforz manwali, mhumiex soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju. Il-makkinarju tal-irfigħ huwa l-unika eċċezzjoni għal din ir-regola ġenerali - ara §40: kummenti dwar il-ħames inċiż tal-Artikolu 2 (a).

Min-naħa l-oħra, id-Direttiva dwar il-Makkinarju hija applikabbli għal makkinarju li jitħaddem bi sforz manwali li ma jiġix applikat direttament iżda jinħażen, pereżempju, f'molol jew f'akkumulaturi idrawliċi jew pnewmatiċi, sabiex il-makkinarju jkun jista' jiffunzjona wara li jitwaqqaf l-isforz manwali.

. . . li jkunu mqabbda flimkien għall-applikazzjoni speċifika . . .

Il-makkinarju għandu jkun jista' jintuża għal applikazzjoni speċifika. L-applikazzjonijiet tipiċi tal-makkinarju jinkludu, pereżempju, l-ipproċessar, it-trattament, jew l-ippakkjar ta' materjali, jew iċ-ċaqliq ta' materjali, oġġetti jew persuni.

Id-Direttiva dwar il-Makkinarju ma tapplikax bħala tali għal komponenti separati tal-makkinarju bħal, pereżempju siġilli, ball-bearings, taljoli, ganċijiet elastiċi, valvi tas-solenojdi, ċilindri idrawliċi, gearboxes konnessi ma' flanġ u l-bqija, li ma għandhomx applikazzjoni speċifika u li huma intiżi biex jiġu inkorporati f'makkinarju. Il-makkinarju komplut li jinkorpora dawn il-komponenti għandu jkun konformi mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti għas-saħħa u s-sigurtà. Għalhekk, il-fabbrikant tal-makkinarju għandu jagħżel komponenti bi speċifikazzjonijiet u karatteristiċi adegwati.

Artikolu 2 (a) – it-tieni inċiż

. . .

"makkinarju" tfisser:

. . .

- *muntatura msemmija fl-ewwel inċiż, li ma jkollhiex il-komponenti biex tqabbadha fuq is-sit jew ma' sorsi ta' enerġija u ta' moviment biss,*

. . .

§ 36 Makkinarju fornut mingħajr komponenti ta' konnessjoni

It-tieni inċiż tad-definizzjoni tal-makkinarju jirrikonoxxi li l-karatteristiċi tal-komponenti meħtieġa għall-konnessjoni ta' magna fuq is-sit mas-sorsi ta' enerġija u ta' moviment jistgħu jiddependu fuq is-sit fejn għandu jintuża jew jiġi installat il-makkinarju. Għalhekk, il-makkinarju jista' jiġi fornut mingħajr dawn il-komponenti. F'dak il-każ, il-fabbrikant tal-makkinarju għandu jistipula fl-istruzzjonijiet tiegħu l-ispeċifikazzjonijiet kollha meħtieġa għall-mezz ta' konnessjoni mingħajr periklu - ara §264: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (i) tal-Anness I.

Artikolu 2 (a) – it-tielet inċiż

. . .

"makkinarju" tfisser:

. . .

— *muntatura msemmija fl-ewwel u fit-tieni inċiż, lesta sabiex tkun installata u li kapaċi taħdem kif tkun biss jekk tkun immuntata fuq mezz tat-trasport, jew installata f'bini jew struttura,*

. . .

§ 37 Makkinarju li jrid jiġi installat fuq appoġġ speċifiku

It-tielet inċiż tad-definizzjoni tal-makkinarju jirreferi għal makkinarju intiż għal installazzjoni fuq mezz tat-trasport jew f'bini jew struttura.

Il-mezzi tat-trasport huma, b'mod ġenerali, eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju, iżda l-makkinarji mmuntati fuq il-mezzi tat-trasport huma soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju - ara §54: kummenti dwar l-Artikolu 1 (2) (e). L-eżempji ta' makkinarji mmuntati fuq il-mezzi tat-trasport jinkludu, pereżempju,

krejnijiet tat-tagħbija, tail lifts, tipper bodies, kumpressuri mmuntati fuq vettura jew karru, sistemi ta' kompattazzjoni mmuntati fuq vetturi, mixers tal-konkrit immuntati fuq vettura, argni tal-iskips, taljoli li jaħdmu bl-elettriku, vetturi li jintrefgħu 'l fuq minn wara u pjattaformi tax-xogħol mobbli li jitilgħu u jinżlu mmuntati fuq vettura.

Jekk dan il-makkinarju jiġi mmuntat fuq vetturi tat-triq jew karrijiet li huma eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju, ir-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Makkinarju ma japplikawx għall-vettura jew il-karru nnifsu, madankollu, ir-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Makkinarju japplikaw kemm għall-makkinarju mmuntat kif ukoll għall-aspetti kollha tal-interface bejn il-makkinarju u x-xażi li fuqha jiġi mmuntat li jistgħu jaffettwaw l-ivvjaġġar u l-operat mingħajr periklu tal-makkinarju. Il-makkinarju mmuntat fuq il-mezzi tat-trasport huwa għalhekk differenti mill-makkinarju mobbli li jaħdem waħdu bħal, pereżempju, makkinarju tal-kostruzzjoni li jaħdem waħdu jew makkinarju agrikolu li jaħdem waħdu, li huwa soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju fl-intier tagħha.

It-tielet inċiż tad-definizzjoni tal-makkinarju jimplika li l-fabbrikant tal-makkinarju intiż biex jiġi installat fuq mezz tat-trasport jew biex jiġi installat f'bini jew struttura huwa responsabbli għall-konformità tal-makkinarju mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti għas-saħħa u s-sigurtà. Huwa għandu jwaħħal il-marka CE fuq il-makkinarju u jfassal u jiffirma d-Dikjarazzjoni KE tal-Konformità. Il-fabbrikant ta' dan il-makkinarju għandu, fl-istima tar-riskju tiegħu, jieħu f'kunsiderazzjoni r-riskji kollha assoċjati mal-magna, inklużi dawk relatati mal-installazzjoni tal-makkinarju fuq ix-xażi ta' vettura jew karru jew fuq struttura ta' appoġġ – ara §158: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 1 tal-Anness I. Il-fabbrikant tal-makkinarju għandu jistipula fl-istruzzjonijiet tiegħu l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għall-istruttura ta' appoġġ u jipprovdi struzzjonijiet preċiżi dwar l-installazzjoni – ara §264: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (i) tal-Anness I.

Il-fabbrikanti ta' makkinarju intiż biex jiġi installat fuq mezzi tat-trasport għandhom għalhekk jispeċifikaw il-vetturi jew il-karrijiet li fuqhom il-makkinarju jkun jista' jiġi installat mingħajr periklu, jew b'referenza għall-karatteristiċi tekniċi tagħhom jew, meta jkun meħtieġ, b'referenza għall-mudelli speċifiċi ta' vettura.

Jekk prodott intiż biex jiġi installat fuq mezz tat-trasport ma jiġix fornut lest biex jiġi installat, pereżempju, jekk elementi importanti bħall-qafas ta' appoġġ jew stabbilizzaturi jkunu neqsin, huwa għandu minflok jitqies bħala makkinarju parzjalment komplut – ara §46: kummenti dwar l-Artikolu 2 (g). F'dak il-każ, il-persuna li timmonta l-makkinarju parzjalment komplut u l-elementi l-oħrajn fuq il-mezz tat-trasport għandha titqies bħala l-fabbrikant tal-makkinarju finali.

Il-fabbrikanti tal-makkinarju intiż biex jiġi installat f'bini jew struttura bħal, pereżempju, krejnijiet tal-irfid, ċerti liftijiet jew skalaturi għandhom jispeċifikaw il-karatteristiċi, b'mod partikolari l-karatteristiċi tal-irfigħ tat-tagħbija, tal-istruttura meħtieġa għall-appoġġ tal-makkinarju. Madankollu, il-fabbrikant tal-makkinarju mhuwiex responsabbli għall-kostruzzjoni tal-bini jew tal-istruttura nnifisha – ara §262: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (i), u §361: kummenti dwar 4.4.2 (a) tal-Anness I.

Il-persuna li tinstalla tali magna fuq mezz tat-trasport jew f'bini jew struttura hija responsabbli għat-tfassil tal-istruzzjonijiet dwar l-installazzjoni tal-fabbrikanti tal-makkinarju.

L-istima ta' konformità tal-makkinarju intiż biex jiġi installat fuq mezz tat-trasport jew f'bini jew struttura tkopri l-makkinarju nnifsu, l-ispeċifikazzjonijiet għall-istruttura ta'

appoġġ u l-istruzzjonijiet dwar l-installazzjoni. It-testijiet u l-ispezzjonijiet meħtieġa għandhom jitwettqu fuq il-makkinarju installat fuq l-appoġġ tiegħu sabiex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà. Il-marka CE fuq il-magna u d-Dikjarazzjoni KE tal-Konformità li għandha takkumpanja l-magna jkopru l-konformità tal-magna nnifisha u l-ispeċifikazzjonijiet u l-istruzzjonijiet relatati mal-installazzjoni tagħha.

Fil-każ tal-makkinarju intiż għal operazzjonijiet tal-irfigħ, il-fabbrikant huwa responsabbli għall-iċċekkjar tal-adegwatezza għall-fini tal-użu maħsub tal-makkinarju fis-servizz – ara §350 sa §352: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.3, u §361: kummenti dwar is-sezzjoni 4.4 2 (e) tal-Anness I.

Ċerti kategoriji ta' makkinarju li għandhom jiġu installati fil-bini huma soġġetti wkoll għad-Direttiva 89/106/KE dwar il-Prodotti tal-Kostruzzjoni, bħal, pereżempju, gradi, bibien, twieqi, shutters u persjani li jitħaddmu bid-dawl – ara §92: kummenti dwar l-Artikolu 3.

Artikolu 2 (a) – ir-raba' inċiż

. . .

"makkinarju" tfisser:

. . .

- *muntaturi tal-makkinarju msemmija fl-ewwel, it-tieni u t-tielet inċiż, jew makkinarju parzjalment komplut msemmi fil-punt (g) li, sabiex jintlaħaq l-istess skop, ikunu irranġati u kontrollati sabiex jaħdmu bħala xi ħaġa sħiħa integrali,*

. . .

§ 38 Muntaturi ta' makkinarju

Ir-raba' inċiż jittratta muntaturi ta' makkinarju li jikkonsistu f'żewġ magni jew aktar jew magni parzjalment kompluti mmuntati flimkien għal applikazzjoni speċifika. Il-muntaturi ta' makkinarju jistgħu jkunu ffurmati minn żewġ unitajiet bħal, pereżempju, magna tal-ippakkjar u magna tal-ittikkettjar, jew minn diversi unitajiet immuntati flimkien, pereżempju, f'linja tal-produzzjoni.

Id-definizzjoni ta' muntaturi tal-makkinarju tindika li l-muntaturi huma rranġati u kkontrollati b'mod li jaħdmu bħala ħaġa sħiħa integrali sabiex jintlaħaq l-istess skop. Biex grupp ta' unitajiet tal-makkinarju jew makkinarju parzjalment komplut jitqies bħala muntatura tal-makkinarju, iridu jiġu ssodisfati dawn il-kriterji kollha:

– l-unitajiet kostitwenti jkunu mmuntati flimkien sabiex iwettqu funzjoni komuni, pereżempju, il-produzzjoni ta' prodott partikolari;

– l-unitajiet kostitwenti jkunu funzjonalment marbuta b'mod li t-tħaddim ta' kull unità jaffettwa direttament it-tħaddim ta' unitajiet oħra jew tal-muntatura kollha kemm hi, sabiex tkun meħtieġa stima tar-riskju għall-muntatura sħiħa;

– l-unitajiet kostitwenti jkollhom sistema ta' kontroll komuni – ara §184: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.1, u §203: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.4.4 tal-Anness I.

Grupp ta' magni li jkunu marbuta ma' xulxin iżda fejn kull magna taħdem b'mod indipendenti mill-oħrajn, mhuwiex ikkunsidrat bħala muntatura tal-makkinarju fis-sens ta' hawn fuq.

Id-definizzjoni ta' muntaturi tal-makkinarju mhux neċessarjament tkopri impjant industrijali sħiħ magħmul minn numru konsiderevoli ta' magni, muntaturi ta' makkinarju u tagħmir ieħor li joriġina minn fabbrikanti differenti. Madankollu, għall-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju, installazzjonijiet kbar bħal dawn jistgħu ġeneralment jinqasmu f'sezzjonijiet li jistgħu jitqiesu bħala muntaturi tal-makkinarju, pereżempju, tagħmir għall-ħatt u r-riċeviment ta' materja prima - tagħmir għall-ipproċessar - tagħmir għall-ippakkjar u t-tagħbija. F'dak il-każ, kwalunkwe riskju maħluq mill-interfaces mas-sezzjonijiet l-oħra tal-impjant irid ikun kopert mill-istruzzjonijiet dwar l-installazzjoni – ara §264: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (i) tal-Anness I. Għandu jiġi nnotat ukoll li t-tqegħid fis-suq ta' tagħmir installat f'impjanti industrijali li jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju jista' jkun soġġett għal Direttivi oħra dwar is-suq intern tal-UE.

Il-persuna li tikkostitwixxi muntatura tal-makkinarju hija kkunsidrata bħala l-fabbrikant tal-muntatura tal-makkinarju u hija responsabbli sabiex tassigura li l-muntatura sħiħa tikkonforma mar-rekwiżiti dwar is-saħħa u s-sigurtà tad-Direttiva dwar il-Makkinarju – ara § 79: kummenti dwar l-Artikolu 2 (i). F'xi każijiet, il-fabbrikant tal-muntatura tal-makkinarju jkun ukoll il-fabbrikant tal-unitajiet kostitwenti. Madankollu, aktar ta' sikwit, l-unitajiet kostitwenti jitqiegħdu fis-suq minn fabbrikanti oħra, jew bħala makkinarju komplut li jista' jaħdem ukoll b'mod indipendenti skont l-ewwel, it-tieni jew it-tielet inċiżi tal-Artikolu 2 (a), jew bħala makkinarju parzjalment komplut skont l-Artikolu 2 (g).

Jekk l-unitajiet ikkonċernati jitqiegħdu fis-suq bħala makkinarju komplut li jista' jaħdem ukoll b'mod indipendenti, huma jrid ikollhom il-marka CE u jkunu akkumpanjati minn Dikjarazzjoni KE tal-Konformità – ara §103: kummenti dwar l-Artikolu 5 (1). Jekk jitqiegħdu fis-suq bħala makkinarju parzjalment komplut, huma ma għandux ikollhom il-marka CE iżda jridu jkunu akkumpanjati minn Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni u struzzjonijiet dwar il-muntatura – ara §104: kummenti dwar l-Artikoli 5 (2), u §131, kummenti dwar l-Artikolu 13.

Il-muntaturi tal-makkinarju huma soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju minħabba li s-sigurtà tagħhom tiddependi mhux biss fuq id-disinn u l-kostruzzjoni mingħajr periklu tal-unitajiet kostitwenti tagħhom, iżda wkoll fuq l-adegwatezza tal-unitajiet u tal-interfaces bejniethom. Għalhekk l-istima tar-riskju li trid issir mill-fabbrikant ta' muntatura tal-makkinarju trid tkopri kemm l-adegwatezza tal-unitajiet kostitwenti għas-sigurtà tal-muntatura sħiħa kif ukoll il-perikli li jirriżultaw mill-interfaces bejn l-unitajiet kostitwenti. Hija trid tkopri wkoll kwalunkwe periklu li jirriżulta mill-muntatura li ma jkunx kopert mid-Dikjarazzjoni KE tal-Konformità (għall-makkinarju) jew id-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni u l-istruzzjonijiet dwar il-muntatura (għal makkinarju parzjalment komplut) ipprovduti mill-fabbrikanti tal-unitajiet kostitwenti.

Il-fabbrikant tal-muntatura tal-makkinarju jrid:

- iwettaq il-proċedura xierqa ta' stima tal-konformità għall-muntatura tal-makkinarju – ara §127 sa §130: kummenti dwar l-Artikolu 12;
- iwaħħal marka speċifika (pereżempju, pjanċa speċifika) mal-muntatura tal-makkinarju bl-informazzjoni meħtieġa mis-sezzjoni 1.7.3 u, fejn ikun xieraq, is-sezzjonijiet 3.6.2, 4.3.3 u 6.5 tal-Anness I, inkluża l-marka CE;

- ifassal u jiffirma Dikjarazzjoni KE tal-Konformità għall-muntatura tal-makkinarju - ara §103: kummenti dwar l-Artikolu 5 (1).

Id-Dikjarazzjoni KE tal-Konformità għal magni kompluti u d-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni u l-istruzzjonijiet dwar il-muntatura għal makkinarju parzjalment komplut inkorporat fil-muntatura tal-makkinarju jridu jiġu inklużi fil-fajl tekniku għall-muntatura tal-makkinarju – ara §392: kummenti dwar l-Anness VII A 1 (a). Il-fajl tekniku għall-muntatura tal-makkinarju jrid jiddokumenta wkoll kwalunkwe modifika li tkun saret fl-unitajiet kostitwenti meta jiġu inkorporati fil-muntatura.

§ 39 Muntaturi li jinkludu makkinarju ġdid u eżistenti

Id-Direttiva dwar il-Makkinarju tapplika għall-makkinarju meta jitqiegħed fis-suq għall-ewwel darba u jitqiegħed fis-servizz fl-UE. Dan ikun, ġeneralment, makkinarju ġdid – ara §72: kummenti dwar l-Artikolu 2 (h). Għalhekk, il-muntaturi tal-makkinarju msemmija fir-raba' inċiż tal-Artikolu 2 (a) ikunu ġeneralment muntaturi ġodda ta' makkinarju ġdid. Għall-makkinarju fis-servizz (użat fix-xogħol), l-impjegatur irid jassigura li l-konformità u s-sigurtà tal-makkinarju tinżamm matul il-ħajja operattiva tiegħu kollha, skont ir-regolamenti nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 2009/104/KE – ara §140: kummenti dwar l-Artikolu 15.

F'xi każijiet, waħda jew aktar mill-unitajiet kostitwenti ta' muntaturi tal-makkinarju eżistenti tista' tiġi mibdula b'unitajiet ġodda, jew jistgħu jiżdiedu unitajiet ġodda ma' muntatura tal-makkinarju eżistenti. Tqum il-mistoqsija dwar jekk muntatura tal-makkinarju li tinkludi unitajiet ġodda u eżistenti hijiex, kollha kemm hi, soġġetta għad-Direttiva dwar il-Makkinarju. Mhux possibbli li jingħataw kriterji preċiżi sabiex titwieġeb din il-mistoqsija f'kull każ partikolari. F'każ ta' dubju, għalhekk, huwa rakkomandabbli li l-persuna li tikkostitwixxi tali muntatura tal-makkinarju tikkonsulta lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti. Madankollu tista' tingħata l-gwida ġenerali li ġejja:

- Jekk il-bdil jew iż-żieda ta' unità kostitwenti f'muntatura tal-makkinarju eżistenti ma taffettwax b'mod sinifikanti l-ħidma jew il-bqija tal-muntatura, l-unità ġdida tista' titqies bħala makkinarju soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju u, f'dak il-każ, ma tkun meħtieġa l-ebda azzjoni skont id-Direttiva dwar il-Makkinarju għall-partijiet tal-muntatura li ma jkunux affettwati mill-modifika. L-impjegatur jibqa' responsabbli għas-sigurtà tal-muntatura sħiħa skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 2009/104/KE - ara §140: kummenti dwar l-Artikolu 15.
    - Jekk l-unità ġdida tkun makkinarju komplut li jista' jaħdem ukoll b'mod indipendenti, li jkollu l-marka CE u jkun akkumpanjat b'Dikjarazzjoni KE tal-Konformità, l-inkorporazzjoni tal-unità l-ġdida fil-muntatura eżistenti għandha titqies bħala l-installazzjoni tal-makkinarju u ma twassalx għal stima ġdida tal-konformità, marka CE ġdida jew Dikjarazzjoni KE tal-Konformità ġdida.
    - Jekk l-unità l-ġdida tkun kostitwita minn makkinarju parzjalment komplut akkumpanjat b'Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni u struzzjonijiet dwar il-muntatura, il-persuna li tinkorpora l-makkinarju parzjalment komplut fil-muntatura għandha titqies bħala l-fabbrikant tal-unità l-ġdida. Għalhekk huwa jrid jistma kwalunkwe riskju li jirriżulta mill-interface bejn il-makkinarju parzjalment komplut, tagħmir ieħor u l-muntatura tal-makkinarju, jissodisfa kwalunkwe EHSR rilevanti li ma jkunx ġie applikat

mill-fabbrikant tal-makkinarju parzjalment komplut, japplika l-istruzzjonijiet dwar il-muntatura, ifassal Dikjarazzjoni KE tal-Konformità u jwaħħal il-marka CE mal-unità l-ġdida kif immuntata.

2. Jekk il-bdil jew iż-żieda ta' unitajiet kostitwenti ġodda f'muntatura tal-makkinarju eżistenti jkollhom impatt sostanzjali fuq it-tħaddim jew is-sigurtà tal-muntatura sħiħa jew jinvolvu modifiki sostanzjali tal-muntatura, jista' jitqies li l-modifika tammonta għall-kostituzzjoni ta' muntatura tal-makkinarju ġdida li għaliha trid tiġi applikata d-Direttiva dwar il-Makkinarju. F'dak il-każ, il-muntatura sħiħa, inklużi l-unitajiet kostitwenti kollha tagħha, trid tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Makkinarju. Dan jista' jkun meħtieġ ukoll jekk il-muntatura tal-makkinarju ġdida tkun kostitwita minn unitajiet ġodda u użati.

Artikolu 2 (a) – il-ħames inċiż

. . .

"makkinarju" tfisser:

. . .

— muntatura ta' partijiet jew komponenti konnessi, li tal-inqas wieħed jiċċaqlaq u li huma magħquda flimkien, intiżi għall-irfigħ ta' tagħbijiet u fejn l-uniku sors ta' enerġija tagħhom hu applikat direttament mill-isforz uman;

. . .

§ 40 Makkinarju li jitħaddem manwalment għall-irfigħ ta' tagħbijiet

Il-ħames inċiż tad-definizzjoni ta' makkinarju jistabbilixxi eċċezzjoni għar-regola ġenerali li l-makkinarju li jitħaddem manwalment huwa eskluż mid-Direttiva dwar il-Makkinarju. Il-makkinarju li jitħaddem manwalment, li huwa intiż għall-irfigħ ta' tagħbijiet, kemm jekk ikunu merkanzija jew persuni jew it-tnejn, huwa soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju – ara §328: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.1 (a) tal-Anness I. Eżempji ta' makkinarju bħal dan jinkludu għodod tal-irfigħ u krejnijiet imħaddma manwalment, ġakkijiet, imwejjed tal-irfigħ, trakkijiet għall-palits u għat-tqegħid f'imniezel u pjattaformi mobbli għax-xogħol ta' rfigħ. Mezzi li ma jerfgħux tagħbija iżda sempliċement iżommuha f'għoli partikolari mhumiex koperti minn din id-definizzjoni.

Artikolu 2

. . .

(b) *"tagħmir interkambjabbli" tfisser apparat li, wara li makkinarju jew trattur jitqiegħed fis-servizz, ikun immuntat ma' dak il-makkinarju jew trattur mill-operatur innifsu sabiex ibiddel il-funzjoni tiegħu jew jagħtih funzjoni ġdida, sakemm dak il-mezz ma jkunx għodda;*

§ 41 Tagħmir interkambjabbli

It-tagħmir interkambjabbli msemmi fl-Artikolu 1 (1) (b) huwa definit fl-Artikolu 2 (b). Għandu jiġi nnotat ukoll li t-tagħmir interkambjabbli huwa indikat ukoll bit-terminu *'makkinarju'* użat fis-sens wiesa' – ara §33: kummenti dwar l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2.

Fil-kummenti li ġejjin, huma eżaminati wieħed wara l-ieħor l-elementi differenti tad-definizzjoni ta' tagħmir interkambjabbli.

. . . wara li makkinarju jew trattur jitqiegħed fis-servizz . . .

It-tagħmir interkambjabbli hu tagħmir li huwa ddisinjat u mibni biex jiġi mmuntat ma' makkinarju wara li l-makkinarju bażiku jitqiegħed fis-servizz. It-tagħmir li jiġi mmuntat ma' makkinarju mill-fabbrikant meta l-makkinarju jitqiegħed fis-suq u li ma jkunx intiż sabiex jinbidel mill-utent, mhuwiex ikkunsidrat bħala tagħmir interkambjabbli iżda huwa kkunsidrat bħala parti mill-makkinarju.

Element wieħed jew aktar ta' tagħmir interkambjabbli jista' jiġi pprovdut mill-fabbrikant tal-makkinarju flimkien mal-makkinarju bażiku jew minn fabbrikant ieħor. Fiż-żewġ każijiet, kull element ta' tagħmir interkambjabbli għandu jitqies bħala prodott separat u jrid ikun akkumpanjat b'Dikjarazzjoni KE tal-Konformità separata, ikollu l-marka CE u jiġi fornut bl-istruzzjonijiet partikolari tiegħu.

. . . ikun immuntat ma' dak il-makkinarju jew trattur mill-operatur innifsu . . .

Il-fatt li t-tagħmir interkambjabbli huwa intiż sabiex jiġi mmuntat mal-makkinarju jimplika li l-kombinazzjoni tal-makkinarju bażiku u t-tagħmir interkambjabbli taħdem bħala ħaġa sħiħa integrali. Tagħmir li jintuża mal-makkinarju iżda li ma jiġix immuntat miegħu, ma għandux jitqies bħala tagħmir interkambjabbli.

. . . sabiex ibiddel il-funzjoni tiegħu jew jagħtih funzjoni ġdida, sakemm dak il-mezz ma jkunx għodda . . .

It-tagħmir interkambjabbli m'għandux jiġi mħawwad ma' partijiet ta' rikambju li ma jbiddlux il-funzjoni tal-makkinarju jew jagħtuh funzjoni ġdida iżda li huma intiżi biss biex jibdlu partijiet użati ħafna jew bil-ħsara.

It-tagħmir interkambjabbli huwa differenti wkoll minn għodod, bħal, pereżempju, xfafar, golji, bramel sempliċi għaċ-ċaqliq tal-art, eċċ., li ma jbiddlux jew jagħtu funzjoni ġdida lill-makkinarju bażiku. Għodod bħal dawn mhumiex soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju (għalkemm il-fabbrikant tal-makkinarju jrid jispeċifika l-karatteristiċi essenzjali tal-għodod li jridu jitwaħħlu mal-makkinarju – ara §268: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (n) tal-Anness I.

Eżempji ta' tagħmir interkambjabbli jinkludu tagħmir immuntat ma' tratturi għall-biedja jew għall-foresti għal funzjonijiet bħal ħart, ħsad, irfigħ jew tagħbija, u tagħmir immuntat ma' tagħmir li jċaqlaq l-art, għal funzjonijiet bħal tħaffir jew twaqqigħ. Il-pjattaformi tax-xogħol intiżi biex jiġu mmuntati ma' makkinarju tal-irfigħ bil-għan li jimmodifikaw il-funzjoni tiegħu għall-iskop ta' rfigħ ta' persuni huma tagħmir interkambjabbli – ara §388: kummenti dwar l-Anness IV, partita 17. Eżempji oħra ta' tagħmir interkambjabbli huma r-reffieda intiżi għal muntatura ma' magni li jinġarru li jinżammu fl-idejn sabiex jiġu konvertiti f'magni fissi u unitajiet interkambjabbli ta' alimentazzjoni tal-enerġija għal makkinarju għax-xogħol tal-injam.

It-tagħmir interkambjabbli jista' jitqiegħed fis-suq mill-fabbrikant tal-makkinarju bażiku jew minn fabbrikant ieħor. Fiż-żewġ każijiet, il-fabbrikant tat-tagħmir interkambjabbli, fl-istruzzjonijiet tiegħu jrid jispeċifika l-makkinarju li miegħu jista' jiġi mmuntat u jintuża mingħajr periklu, jew b'referenza għall-karatteristiċi tekniċi tal-makkinarju jew, fejn ikun meħtieġ, b'referenza għal mudelli speċifiċi tal-makkinarju. Huwa jrid jipprovdi

wkoll l-istruzzjonijiet għall-muntatura u l-użu mingħajr periklu tat-tagħmir interkambjabbli – ara §264: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (i) tal-Anness I.

Il-fabbrikant tat-tagħmir interkambjabbli jrid jassigura li l-kombinazzjoni tat-tagħmir interkambjabbli u l-makkinarju bażiku li miegħu jkun intiż li jiġi mmuntat, tissodisfa r-rekwiżiti essenzjali rilevanti kollha dwar is-saħħa u s-sigurtà tal-Anness I u jrid iwettaq il-proċedura xierqa ta' stima tal-konformità.

Għandu jiġi nnotat li l-muntatura ta' tagħmir interkambjabbli mal-makkinarju bażiku jista' jkollha l-effett li toħloq kombinazzjoni li tappartjeni għal waħda mill-kategoriji ta' makkinarju elenkati fl-Anness IV. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, jekk jiġi mmuntat rfid ma' magna tax-xogħol tal-injam li tinżamm fl-idejn biex din tiġi kkonvertita f'makkinarju fiss bħal bank ċirkolari tas-serrar jew magna li tagħmel il-forom bil-magħżel vertikali; jew meta pjattaforma tax-xogħol tiġi mmuntata ma' makkinarju tal-irfigħ sabiex timmodifika l-funzjoni tiegħu għall-iskop ta' rfigħ ta' persuni.[9] F'każijiet bħal dawn, il-fabbrikant tat-tagħmir interkambjabbli jrid jagħmel stima tar-riskju għall-kombinazzjoni tat-tagħmir interkambjabbli u l-makkinarju bażiku u japplika waħda mill-proċeduri ta' stima tal-konformità previsti għall-makkinarju msemmi fl-Anness IV – ara §129 u §130: kummenti dwar l-Artikolu 12. L-istima tal-konformità trid tassigura li l-muntatura tat-tagħmir interkambjabbli u t-tip jew tipi ta' makkinarju bażiku li miegħu tkun intiża li tiġi mmuntata, tikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti kollha għas-saħħa u s-sigurtà, tal-Anness I.

L-informazzjoni meħtieġa fir-rigward tal-istima tal-konformità tal-kombinazzjoni tat-tagħmir interkambjabbli u l-makkinarju bażiku għandha tissemma fid-Dikjarazzjoni KE tal-Konformità għat-tagħmir interkambjabbli. L-istruzzjonijiet għat-tagħmir interkambjabbli jridu jispeċifikaw ukoll it-tip jew tipi ta' makkinarju bażiku li miegħu jkun intiż li jiġi mmuntat it-tagħmir u jinkludu l-istruzzjonijiet meħtieġa dwar il-muntatura – ara §264: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (i).

[9] Ara d-dokument ta' gwida *Interchangeable equipment for lifting persons and equipment used with machinery designed for lifting goods for the purpose of lifting persons (Tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ ta' persuni u tagħmir użat ma' makkinarju ddisinnjat għall-irfigħ ta' merkanzija għall-iskop ta' rfigħ ta' persuni):*
http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/mechanical/files/machinery/interchangeable_equipment_lifting_persons_-_lifting_goods_dec_2009_en.pdf

Artikolu 2

. . .

(c) *"komponent tas-sigurtà" tfisser komponent:*

- *li jservi sabiex iwettaq funzjoni ta' sigurtà,*
- *li jitqiegħed fis-suq b'mod indipendenti,*
- *li l-ħsara u/jew il-funzjonament ħażin tiegħu huma ta' periklu għas-sigurtà tal-persuni, u*
- *li ma jkunx neċessarju sabiex il-makkinarju jaħdem, jew li jista' jkun sostitwit minn komponenti normali sabiex il-makkinarju jkun jista' jaħdem.*

Lista indikattiva tal-komponenti ta' sigurtà tinsab fl-Anness V, li jista' jkun aġġornat skont l-Artikolu 8(1)(a);

§ 42 Komponenti tas-sigurtà

Il-komponenti tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 1 (1) (c) huma ddefiniti fl-Artikolu 2 (c). Għandu jiġi nnotat li l-komponenti tas-sigurtà huma indikati wkoll bit-terminu *'makkinarju'* użat fis-sens wiesa' – ara §33: kummenti dwar l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2.

Bosta komponenti tal-makkinarju huma fundamentali għas-saħħa u s-sigurtà tal-persuni. Madankollu l-komponenti purament operattivi ma jitqisux bħala komponenti tas-sigurtà. Il-komponenti tas-sigurtà huma komponenti intiżi mill-fabbrikant tal-komponenti sabiex jitwaħħlu mal-makkinarju b'mod speċifiku sabiex jaqdu rwol protettiv. Komponenti mqiegħda fis-suq b'mod indipendenti, li jkunu intiżi mill-fabbrikant tal-komponenti għal funzjonijiet li jkunu kemm funzjonijiet tas-sigurtà kif ukoll operattivi, jew li jkunu intiżi mill-fabbrikant tal-komponenti sabiex jintużaw għal funzjonijiet tas-sigurtà jew għal funzjonijiet operattivi, għandhom jitqiesu bħala komponenti tas-sigurtà.

L-esklużjoni tat-tagħmir li jiddistribwixxi l-elettriku u tat-tagħmir ta' kontroll b'vultaġġ baxx stabbilita fil-ħames inċiż tal-Artikolu 1 (2) (k) ma tapplikax għall-komponenti elettriċi tas-sigurtà – ara §68: kummenti dwar l-Artikolu 1 (2) (k).

L-aħħar sentenza tad-definizzjoni tirreferi għal-lista ta' komponenti tas-sigurtà mogħtija fl-Anness V. L-Anness V jelenka kategoriji ta' komponenti tas-sigurtà li sikwit ikunu mwaħħla mal-makkinarju. Eżami tal-lista jgħin biex wieħed jifhem id-definizzjoni ta' *'komponent tas-sigurtà'*. Madankollu, din il-lista hija indikattiva, mhux limitattiva. Fi kliem ieħor, kwalunkwe komponent li jikkonforma mad-definizzjoni stipulata fl-Artikolu 2 (c) għandu jitqies bħala komponent tas-sigurtà soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju, anki jekk ma jkunx inkluż fil-lista mogħtija fl-Anness V.

Jekk, fil-ġejjieni, jiġu identifikati komponenti tas-sigurtà li mhumiex inklużi fil-lista mogħtija fl-Anness V, pereżempju, komponenti tas-sigurtà innovattivi, il-Kummissjoni tista' tadotta Deċiżjoni sabiex taġġorna l-lista, wara li tikkonsulta lill-Kumitat tal-Makkinarju skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju – ara §116: kummenti dwar l-Artikolu 8 (1) (a), u §147: kummenti dwar l-Artikolu 22 (3).

It-tieni inċiż tad-definizzjoni stipulata fl-Artikolu 2 (c) jimplika li huma biss l-komponenti tas-sigurtà li jitqiegħdu fis-suq b'mod indipendenti li huma soġġetti bħala tali għad-

Direttiva dwar il-Makkinarju. Il-komponenti tas-sigurtà mmanifatturati minn fabbrikant tal-makkinarju sabiex jiġu inkorporati fil-makkinarju tiegħu stess, mhumiex fihom infushom soġġetti għad-Direttiva, għalkemm iridu jippermettu lill-makkinarju li jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti għas-saħħa u s-sigurtà. Għandu jiġi nnotat li meta tali fabbrikant iforni komponenti tas-sigurtà bħala partijiet ta' rikambju sabiex jibdlu l-komponenti oriġinali tas-sigurtà fuq makkinarju li huwa jkun qiegħed fis-suq, dawn ma jkunux soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju – ara § 48: kummenti dwar l-Artikolu 1 (2) (a).

Rigward il-proċedura ta' stima tal-konformità applikabbli għall-komponenti tas-sigurtà, għandu jiġi nnotat li ċerti komponenti tas-sigurtà huma elenkati fl-Anness IV – ara §129 u §130: kummenti dwar l-Artikolu 12, u §388: kummenti dwar il-punti 19 sa 23 tal-Anness IV.

Artikolu 2

. . .

(d) *"aċċessorju tal-irfigħ" tfisser komponent jew tagħmir mhux imwaħħal mal-makkinarju tal-irfigħ, li jippermetti li tinżamm it-tagħbija, li jitqiegħed bejn il-makkinarju u t-tagħbija jew fuq it-tagħbija nnifisha, jew li huwa intiż biex jikkostitwixxi parti integrali tat-tagħbija u li jitqiegħed b'mod indipendenti fis-suq; il-bragi u l-komponenti tagħhom huma wkoll meqjusa bħala aċċessorju tal-irfigħ;*

§ 43 Aċċessorji tal-irfigħ

L-aċċessorji tal-irfigħ imsemmija fl-Artikolu 1 (1) (d) huma definiti fl-Artikolu 2 (d). Għandu jiġi nnotat li l-aċċessorji tal-irfigħ huma indikati wkoll bit-terminu *'makkinarju'* użat fis-sens wiesa' – ara § 33: kummenti dwar l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2.

Il-makkinarju tal-irfigħ ġeneralment ikollu mezz biex iżomm it-tagħbija bħal, pereżempju, ganċ. Mezzi bħal dawn għaż-żamma tat-tagħbija, li jkunu inkorporati fil-makkinarju tal-irfigħ, mhumiex ikkunsidrati bħala aċċessorji tal-irfigħ. Madankollu, minħabba l-forma, id-daqs u n-natura differenti tat-tagħbijiet li jridu jintrefgħu, it-tagħmir ħafna drabi jitqiegħed bejn il-mezz tal-istivar tal-makkinarju tal-irfigħ u t-tagħbija, jew fuq it-tagħbija nnifisha, sabiex iżomm it-tagħbija matul l-operazzjonijiet tal-irfigħ. Tagħmir bħal dan huwa msemmi bħala aċċessorju tal-irfigħ. Il-prodotti li jitqiegħdu fis-suq b'mod indipendenti sabiex jiġu inkorporati fit-tagħbijiet, għal dan il-għan huma kkunsidrati wkoll bħala aċċessorji tal-irfigħ.

It-tagħmir li jitqiegħed bejn il-mezz tal-istivar ta' makkinarju tal-irfigħ u t-tagħbija huwa kkunsidrat bħala aċċessorju tal-irfigħ, anki jekk jiġi pprovdut mal-makkinarju tal-irfigħ jew mat-tagħbija.

L-aħħar parti tad-definizzjoni ta' *'aċċessorji tal-irfigħ'* tgħid:

> ***. . .*** *il-bragi u l-komponenti tagħhom huma wkoll meqjusa bħala aċċessorju tal-irfigħ*

Dan jimplika li t-tagħmir intiż sabiex jintuża bħala braga indipendenti jew f'varjetà ta' kombinazzjonijiet li jridu jsiru minn utent, pereżempju, biex issir braga b'ħafna truf, huwa kkunsidrat bħala aċċessorju tal-irfigħ. Min-naħa l-oħra, komponenti li jkunu intiżi li jiġu inkorporati fi bragi u li ma jkunux intiżi biex jintużaw b'mod indipendenti, ma

jitqisux bħala aċċessorji tal-irfigħ – ara §358: kummenti dwar is-sezzjoni 4.3.2 tal-Anness I.

Il-Kumitat tal-Makkinarju fassal lista ta' diversi kategoriji ta' tagħmir użati għall-operazzjonijiet tal-irfigħ, fejn indika liema kategoriji huma kkunsidrati bħala aċċessorji tal-irfigħ. Din il-lista mhijiex eżawrjenti iżda hija intiża biex tiffaċilita l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni uniformi tad-Direttiva dwar il-Makkinarju għall-aċċessorji tal-irfigħ.[10]

L-aċċessorji tal-irfigħ huma soġġetti għal ċerti rekwiżiti essenzjali speċifiċi għas-saħħa u s-sigurtà fil-parti 4 tal-Anness I – ara §337 sa §341: kummenti dwar is-sezzjonijiet 4.1.2.3, 4.1.2.4 u 4.1.2.5, §358: kummenti dwar is-sezzjoni 4.3.2, u §360: kummenti dwar is-sezzjoni 4.4.1 tal-Anness I.

Artikolu 2

. . .

(e) *"ktajjen, ħbula u ċineg" tfisser il-ktajjen, il-ħbula u ċ-ċineg intiżi u magħmula għall-iskopijiet tal-irfigħ bħala parti mill-makkinarju tal-irfigħ jew l-aċċessorji tal-irfigħ;*

§ 44 Ktajjen, ħbula u ċineg

Il-ktajjen, ħbula u ċineg msemmija fl-Artikolu 1 (1) (e) huma ddefiniti fl-Artikolu 2 (e).

Il-prodotti indikati bit-termini *'ktajjen, ħbula u ċineg'* huma ktajjen, ħbula u ċineg iddisinjati u mibnija għal inkorporazzjoni f'makkinarju tal-irfigħ jew aċċessorji tal-irfigħ għal skopijiet ta' rfigħ – ara §328: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.1 (a) tal-Anness I. Ktajjen, ħbula jew ċineg iddisinjati għal skopijiet differenti minn irfigħ mhumiex soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju bħala tali. Madankollu, ktajjen, ħbula jew ċineg li jkunu ddisinjati, mibnija u speċifikati mill-fabbrikant għal skopijiet doppji jew multipli, fosthom għal skopijiet ta' rfigħ, huma soġġetti għad-Direttiva.

Billi l-ktajjen, ħbula u ċineg għal skopijiet ta' rfigħ huma fost il-prodotti indikati bit-terminu *'makkinarju'* użat fis-sens wiesa' – ara §33: kummenti dwar l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 – il-fabbrikanti ta' ktajjen, ħbula u ċineg għal skopijiet ta' rfigħ iridu jissodisfaw l-obbligi kollha stipulati fl-Artikolu 5 (1) – ara §103: kummenti dwar l-Artikolu 5 (1).

Għandu jiġi nnotat li l-prodotti indikati bit-termini *'ktajjen, ħbula u ċineg'* huma l-prodotti mqiegħda fis-suq mill-fabbrikant tal-ktajjen, ħbula jew ċineg fil-forma ta' rkiekel, ċilindri, rombli, koljaturi jew qatet ta' ktajjen, ħbula jew ċineg. Dawn jistgħu jiġu fornuti mill-fabbrikant tal-ktajjen, ħbula jew ċineg lid-distributuri, lill-fabbrikanti ta' makkinarju tal-irfigħ jew aċċessorji tal-irfigħ, jew lill-utenti.

L-obbligi stipulati fl-Artikolu 5 (1) japplikaw meta l-ktajjen, ħbula jew ċineg jitqiegħdu fis-suq l-ewwel darba. Id-distributur jew l-utent ma jsirx fabbrikant fis-sens tad-Direttiva billi jaqta' tulijiet individwali għal inkorporazzjoni f'makkinarju tal-irfigħ jew aċċessorji tal-irfigħ. Għalhekk l-obbligi stipulati fl-Artikolu 5 (1) ma jeħtiġhux japplikaw għat-tulijiet ta' ktajjen, ħbula jew ċineg maqtugħa mill-prodotti li diġà jkunu tqiegħdu

[10] Ara d-dokument ta' gwida: *Classification of equipment used for lifting loads with lifting machinery (Klassifikazzjoni ta' tagħmir użat għall-irfigħ ta' tagħbijiet b'makkinarju tal-irfigħ:* http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/mechanical/files/machinery/classification_of_equipment_lifting_machinery_dec_2009_en.pdf

fis-suq mill-fabbrikant tal-ktajjen, ħbula jew ċineg. Dawn it-tulijiet għandhom jitqiesu bħala komponenti tal-makkinarju tal-irfigħ jew tal-aċċessorji tal-irfigħ li fihom jiġu inkorporati.

Madankollu d-distributuri ta' ktajjen, ħbula u ċineg iridu jassiguraw li d-Dikjarazzjoni KE tal-Konformità rilevanti, ir-referenza taċ-ċertifikat li jistabbilixxi l-karatteristiċi tal-katina, ħabel jew ċinga u l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant jiġu fornuti mat-tul maqtugħ ta' katina, ħabel jew ċinga lill-fabbrikanti ta' makkinarju tal-irfigħ jew aċċessorji tal-irfigħ jew lill-utenti – ara §83: kummenti dwar l-Artikolu 2 (i), u §357: kummenti dwar is-sezzjoni 4.3.1 tal-Anness I.

Artikolu 2

. . .

(f) *"apparat għat-trasmissjoni mekkanika li jista' jitneħħa" tfisser komponent li jista' jitneħħa sabiex jittrasmetti l-enerġija bejn il-makkinarju li jaħdem waħdu jew it-trattur u magna oħra billi jgħaqqadhom mal-ewwel parti ta' sostenn fiss. Meta jitqiegħed fis-suq b'mezz ta' lqugħ dan għandu jitqies bħala prodott wieħed;*

§ 45 Apparat għat-trasmissjoni mekkanika li jista' jitneħħa

L-apparat għat-trasmissjoni mekkanika li jista' jitneħħa msemmi fl-Artikolu 1 (1) (f) huwa definit fl-Artikolu 2 (f). Għandu jiġi nnotat li l-apparat għat-trasmissjoni mekkanika li jista' jitneħħa huwa indikat ukoll bit-terminu *'makkinarju'* użat fis-sens wiesa' – ara §33: kummenti dwar l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2.

L-apparat għat-trasmissjoni mekkanika li jista' jitneħħa huwa soġġett għal rekwiżiti essenzjali speċifiċi għas-saħħa u s-sigurtà fil-parti 3 tal-Anness I – ara §319: kummenti dwar is-sezzjoni 3.4.7 tal-Anness I.

Għandu jiġi nnotat li l-mezzi ta' lqugħ għal mezzi li jistgħu jinqalgħu għat-trasmissjoni mekkanika huma inklużi bħala partita 1 fil-lista indikattiva ta' komponenti tas-sigurtà stabbilita fl-Anness V. Meta jitqiegħdu fis-suq b'mod indipendenti, dawn il-mezzi ta' lqugħ għalhekk ikunu soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju bħala komponenti tas-sigurtà. Madankollu, skont it-tieni sentenza tad-definizzjoni ta' hawn fuq, meta apparat għat-trasmissjoni mekkanika li jista' jitneħħa jitqiegħed fis-suq flimkien mal-mezz tiegħu ta' lqugħ, dan ikun soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju bħala prodott wieħed.

Fir-rigward tal-proċedura ta' stima tal-konformità, għandu jiġi nnotat ukoll li l-apparat għat-trasmissjoni mekkanika li jista' jitneħħa, inklużi il-mezzi tiegħu ta' lqugħ, huma elenkati fl-Anness IV, partita 14, u l-mezzi ta' lqugħ għal mezzi li jistgħu jinqalgħu għat-trasmissjoni mekkanika huma elenkati fl-Anness IV, partita 15.

Artikolu 2

. . .

(g) *"makkinarju parzjalment komplut" tfisser immuntar li huwa kważi makkinarju iżda li ma jistax waħdu jwettaq xi applikazzjoni speċifika. Sistema li tagħti bidu għal azzjoni hija makkinarju parzjalment komplut. Makkinarju parzjalment komplut huwa intiż biss biex ikun inkorporat fi jew immuntat ma' makkinarju ieħor jew makkinarju parzjalment komplut jew tagħmir, li jifforma makkinarju li jaqgħu taħt din id-Direttiva;*

§ 46 Makkinarju parzjalment komplut

Il-makkinarju parzjalment komplut msemmi fl-Artikolu 1 (1) (g) huwa definit fl-Artikolu 2 (g). Għandu jiġi nnotat li l-makkinarju parzjalment komplut mhuwiex fost il-prodotti indikati bit-terminu *'makkinarju'* użat fis-sens wiesa' – ara § 33: kummenti dwar l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2.

Il-makkinarju parzjalment komplut soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju huwa prodott intiż sabiex jifforma makkinarju li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju wara l-inkorporazzjoni.

'Muntatura li hija kważi makkinarju' tfisser li l-makkinarju parzjalment komplut huwa prodott simili għall-makkinarju fis-sens strett imsemmi fl-Artikolu 1 (1) (a), jiġifieri, muntatura li tikkonsisti minn partijiet jew komponenti konnessi li mill-anqas waħda minnhom tiċċaqlaq, iżda li ma jkollhiex xi elementi meħtieġa biex twettaq l-applikazzjoni speċifika tagħha. Il-makkinarju parzjalment komplut għalhekk irid jgħaddi minn aktar kostruzzjoni sabiex isir makkinarju finali li jista' jwettaq l-applikazzjoni speċifika tiegħu.

Din il-kostruzzjoni ulterjuri mhijiex it-twaħħil ta' sistema li tagħti bidu għal azzjoni ma' makkinarju fornut mingħajr din is-sistema fejn din is-sistema li tkun se titwaħħal tkun koperta mill-istima ta' konformità tal-fabbrikant – ara §35: kummenti dwar l-ewwel inċiż tal-Artikolu 2 (a) - jew il-konnessjoni fuq il-post jew ma' sorsi tal-enerġija jew moviment – ara §36: kummenti dwar it-tieni inċiż tal-Artikolu 2 (a). Il-makkinarju parzjalment komplut għandu jiġi magħżul ukoll mill-makkinarju lest biex jiġi installat fuq mezzi tat-trasport ġewwa bini jew struttura – ara §37: kummenti dwar it-tielet inċiż tal-Artikolu 2 (a).

Il-makkinarju li jista' minnu nnifsu jwettaq l-applikazzjoni speċifika tiegħu iżda li jkun nieqes biss mill-mezzi protettivi jew il-komponenti tas-sigurtà neċessarji, ma għandux jitqies bħala makkinarju parzjalment komplut.

Billi l-makkinarju parzjalment komplut huwa *'kważi makkinarju'*, huwa għandu jiġi distint mill-komponenti tal-makkinarju li mhumiex soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju bħala tali – ara §35: kummenti dwar l-ewwel inċiż tal-Artikolu 2 (a). Il-komponenti tal-makkinarju ġeneralment jistgħu jiġu integrati f'firxa wiesgħa ta' kategoriji ta' makkinarju b'applikazzjonijiet differenti.

It-tieni sentenza tad-definizzjoni ta' makkinarju parzjalment komplut tgħid:

. . . Sistema li tagħti bidu għal azzjoni hija makkinarju parzjalment komplut.

Din id-dispożizzjoni tapplika wkoll għal sistemi li jagħtu bidu lesti biex jitwaħħlu mal-makkinarju u mhux mal-komponenti individwali ta' tali sistemi.

Pereżempju, magna ta' kombustjoni interna jew mutur elettriku b'vultaġġ għoli li jitqiegħdu fis-suq lesti sabiex jitwaħħlu ma' makkinarju soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju għandhom jitqiesu bħala makkinarju parzjalment komplut.

Għandu jiġi nnotat li ħafna mill-muturi elettriċi ta' vultaġġ baxx huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju u huma soġġetti għad-Direttiva dwar Vultaġġ Baxx 2006/95/KE – ara §69: kummenti dwar l-Artikolu 1 (2) (k).

It-tqegħid fis-suq ta' makkinarju parzjalment komplut huwa soġġett għal proċedura speċifika – ara §104: kummenti dwar l-Artikolu 5 (2), §131: kummenti dwar l-Artikolu 13, §384 u §385: kummenti dwar l-Anness II 1 B, u kummenti dwar Annessi VI u VII.

§ 47 *Prodotti esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju*

Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju stipulata fl-Artikolu 1 (1) huwa limitat b'żewġ modi:

- Ċerti prodotti li jikkorrispondu mat-tifsiriet stipulati fl-Artikoli 2 (a) sa (g) huma esklużi b'mod espliċitu mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju. Il-lista ta' prodotti esklużi b'mod espliċitu hija stipulata fl-Artikolu 1 (2), (a) sa (l).
- Skont l-Artikolu 3 – *Direttivi speċifiċi*, id-Direttiva dwar il-Makkinarju ma tapplikax għall-prodotti elenkati fl-Artikolu 1 (1) għar-riskji koperti b'mod iżjed speċifiku minn Direttivi oħra tal-UE. Meta dawn id-Direttivi speċifiċi jkopru r-riskji kollha assoċjati mal-prodotti kkonċernati, dawn il-prodotti jkunu esklużi għal kollox mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju. Meta d-Direttivi speċifiċi jkopru biss uħud mir-riskji assoċjati mal-prodotti kkonċernati, dawn il-prodotti jibqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju għar-riskji l-oħra – ara §89 sa §91: kummenti dwar l-Artikolu 3.

Artikolu 1 (2)

(a) *Komponenti tas-sigurtà intiżi biex jintużaw bħala partijiet ta' rikambju li jissostitwixxu komponenti identiċi u pprovduti mill-fabbrikant tal-makkinarju oriġinali;*

§ 48 *Komponenti tas-sigurtà intiżi biex jintużaw bħala partijiet ta' rikambju li jissostitwixxu komponenti identiċi u pprovduti mill-fabbrikant tal-makkinarju oriġinali*

L-esklużjoni stipulata fl-Artikolu 1 (2) (a) tirrigwarda biss komponenti identiċi għall-komponenti mmanifatturati mill-fabbrikant tal-makkinarju u mwaħħla mal-makkinarju tiegħu. Fihom infushom dawn il-komponenti mhumiex soġġetti għad-Direttiva dwar il-

Makkinarju billi ma jitqegħdux fis-suq b'mod indipendenti – ara §42: kummenti dwar l-Artikolu 2 (c).

Meta tali fabbrikant tal-makkinarju jforni komponenti identiċi bħala partijiet ta' rikambju sabiex jieħdu post il-komponenti oriġinali, dawk il-partijiet ta' rikambju b'daqshekk ma jsirux soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju. Din l-eżenzjoni tapplika wkoll f'każijiet fejn ma jkunux għadhom disponibbli komponenti identiċi u l-fabbrikant tal-makkinarju jforni partijiet ta' rikambju bl-istess funzjoni tas-sigurtà u bl-istess prestazzjoni tas-sigurtà bħall-komponenti li kienu mwaħħla oriġinarjament mal-makkinarju.

Artikolu 1 (2)

. . .

(b) *tagħmir speċifiku għal użu f'postijiet fejn isiru fieri u/jew postijiet ta' divertiment;*

§ 49 Tagħmir għal użu f'postijiet tal-fieri u/jew postijiet ta' divertiment

It-tagħmir iddisinjat u mibni speċifikament għal użu f'post tal-fieri jew postijiet ta' divertiment huwa eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju bl-Artikolu 1 (2) (b). Id-disinn u l-kostruzzjoni ta' dan it-tip ta' tagħmir ma huma soġġetti għall-ebda leġislazzjoni tal-UE u għalhekk jistgħu jkunu soġġetti għal regolamenti nazzjonali. Jista' jiġi nnotat li hemm żewġ standards Ewropej għal dan it-tip ta' tagħmir.[11]

L-użu ta' tagħmir bħal dan mill-ħaddiema (pereżempju, waqt twaqqif, żmuntar jew operazzjonijiet ta' manutenzjoni) huwa soġġett għal dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 2009/104/KE dwar l-użu tat-tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq ix-xogħol – ara §140: kummenti dwar l-Artikolu 15.

Artikolu 1 (2)

. . .

(c) *makkinarju speċifikament intiż jew li jitqiegħed fis-servizz għal skopijiet nukleari li, f'każ ta' ħsara, jista' jirriżulta f'tixrid ta' radjuattività;*

§ 50 Makkinarju għal skopijiet nukleari

L-esklużjoni stipulata fl-Artikolu 1 (2) (c) tirrigwarda makkinarju ddisinjat speċifikament għall-iskopijiet tal-industrija tal-enerġija nukleari jew għall-produzzjoni jew l-ipproċessar ta' materjali radjuattivi, li ħsara fih tista' tirriżulta f'emissjoni ta' radjuattività.

Il-makkinarju użat fl-industrija tal-enerġija nukleari li ma joħloqx riskju ta' emissjoni ta' radjuattività mhuwiex eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

Il-makkinarju kkonċernat bl-esklużjoni stipulata fl-Artikolu 1 (2) (c) għandu jiġi distint ukoll minn makkinarju li jinkludi sorsi radjuattivi, pereżempju, għall-iskopijiet ta' kejl,

[11] EN 13814: 2004 – *Magni u strutturi ta' postijiet tal-fieri u postijiet ta' divertiment – Sigurtà;*

EN 13782: 2005 – *Strutturi temporanji - Tined – Sigurtà.*

ittestjar mhux distruttiv jew prevenzjoni tal-akkumulazzjoni ta' ċarġ ta' elettriċità statika, iżda li ma jkunx iddisinjat jew użat għal skopijiet nukleari u li għalhekk mhuwiex eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju – ara §232: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.10 tal-Anness I.

Għandu jiġi nnotat li l-użu ta' sorsi radjuattivi jista' jkun soġġett għal awtorizzazzjoni u kontroll skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 96/29/Euratom u d-Direttiva 2003/122/Euratom.[12]

Artikolu 1 (2)

. . .

(d) *armi, inklużi armi tan-nar;*

§ 51 Armi, inklużi armi tan-nar

Kif spjegat fil-Premessa 6, l-esklużjoni tal-armi, inklużi l-armi tan-nar, stipulata fl-Artikolu 1 (2) (d), għandha tinftiehem fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE dwar il-kontroll tal-kisba u pussess tal-armi stipulati fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE[13]. Is-Sezzjoni III (b) ta' dak l-Anness teskludi mezzi ddisinjati għal skopijiet industrijali jew tekniċi bil-kundizzjoni li jkunu jistgħu jintużaw għall-iskop iddikjarat biss.

Għalhekk, l-esklużjoni tal-armi, inklużi l-armi tan-nar, mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju ma testendix għal makkinarju għall-iffissar li jaħdem permezz ta' skratać u makkinarju ieħor ta' impatt li jaħdem bl-iskratać, iddisinnjat għal skopijiet industrijali jew tekniċi – ara §9: kummenti dwar il-Premessa 6.

§ 52 Mezzi tat-trasport

L-esklużjonijiet relatati mad-diversi mezzi tat-trasport huma stabbiliti fil-ħames inċiżi tal-Artikolu 1 (2) (e). Fil-kummenti li ġejjin, dawn l-inċiżi huma eżaminati wieħed wara l-ieħor.

Artikolu 1 (2) (e) – l-ewwel inċiż

il-mezzi tat-trasport li ġejjin:

. . .

— *it-tratturi għall-biedja u għall-foresti għar-riskji koperti mid-Direttiva 2003/37/KE, eskluż il-makkinarju immuntat fuq dawn il-vetturi,*

. . .

[12] Id-Direttiva tal-Kunsill 96/29/EURATOM tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti – *ĠU L 159, 29.06.1996 p. 1.*

Id-D*irettiva tal-Kunsill 2003/122/EURATOM tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontroll ta' sorsi radjoattivi siġillati ta'attività għolja – ĠU L 346, 31.12.2003, p. 57.*

[13] ĠU L 256, 13.9.1991, p. 51:
http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:31991L0477:EN:HTML

§ 53 Tratturi għall-biedja u għall-foresti

L-esklużjoni stipulata fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 1 (2) (e) tirrigwarda tratturi għall-biedja u għall-foresti li jaqgħu taħt id-Direttiva 2003/37/KE dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija, il-karrijiet tagħhom u makkinarju li jingibed u li jista' jinbidel, flimkien mas-sistemi tieghu, il-komponenti u l-unijajiet separati teknici (Direttiva dwar it-Tratturi).[14] Fiż-żmien li ġiet adottata d-Direttiva l-ġdida dwar il-Makkinarju, id-Direttiva dwar it-Tratturi ma kinitx tindirizza r-riskji kollha assoċjati mal-użu tat-tratturi. Sabiex ikun żgurat li l-leġislazzjoni tal-UE tkopri r-riskji kollha rilevanti, it-Tratturi għall-biedja u għall-foresti għalhekk huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju għar-riskji biss li huma koperti mid-Direttiva dwar it-Tratturi. Għar-riskji li mhumiex koperti mid-Direttiva dwar it-Tratturi, tapplika d-Direttiva dwar il-Makkinarju.

Il-fabbrikant ta' trattur għalhekk għandu jistma l-konformità tat-trattur mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà tal-Anness I tad-Direttiva dwar il-Makkinarju li jindirizzaw ir-riskji kkonċernati, iwaħħal il-marka CE mat-trattur u jistabbilixxi Dikjarazzjoni KE tal-Konformità ma' dawn ir-rekwiżiti. Din id-Dikjarazzjoni KE tal-Konformità għandha tkun inkluża fid-dokumentazzjoni fornita mill-fabbrikant mat-talba għall-approvazzjoni tat-Tip KE skont id-Direttiva 2003/37/KE.

Meta ġiet adottata d-Direttiva dwar il-Makkinarju 2006/42/KE, saret id-dikjarazzjoni konġunta li ġejja mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni:

> *Il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li, sabiex tkopri l-aspetti kollha relatati mas-saħħa u s-sigurtà tat-tratturi għall-biedja u għall-foresti f'Direttiva waħda ta' armonizzazzjoni, id-Direttiva 2003/37/KE dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-biedja u għall-foresti, il-karrijiet u l-makkinarju tagħhom tal-irmunkar li jista' jinbidel, flimkien mas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati tagħhom, jeħtieġ li tiġi modifikata sabiex tindirizza r-riskji kollha rilevanti tad-Direttiva dwar il-Makkinarju.*
>
> *Modifika bħal din tad-Direttiva 2003/37/KE għandha tinkludi emenda tad-Direttiva dwar il-Makkinarju, sabiex titneħħa l-espressjoni "għar-riskji" fl-Artikolu 1 (2) (e), l-ewwel inċiż.*
>
> *Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li fid-Direttivi dwar it-tratturi għall-biedja u għall-foresti jiġu inklużi aktar rekwiżiti għar-riskji li għadhom mhumiex koperti b'dawn id-Direttivi. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni qiegħda tikkunsidra miżuri xierqa li jinkludu referenzi għar-regolamenti tan-Nazzjonijiet Uniti, l-istandards CEN U ISO u l-kodiċijiet tal-OECD.*

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni identifikat numru ta' rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà tad-Direttiva dwar il-Makkinarju li mhumiex koperti b'mod sħiħ mid-Direttiva 2003/37/KE u qiegħda tipproponi emenda fid-Direttiva dwar it-Tratturi sabiex tindirizza dawn ir-rekwiżiti. Ladarba din l-emenda tiġi adottata u ssir applikabbli, it-tratturi għall-biedja u għall-foresti se jiġu kompletament esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

---

[14] *ĠU L 171, 9.7.2003, p. 1:* http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:32003L0037:MT:HTML

Għandu jiġi nnotat li l-esklużjoni fir-rigward tat-tratturi għall-biedja u għall-foresti tapplika biss għat-tratturi nfushom u mhux għall-karrijiet tagħhom, għal makkinarju rmunkat jew imbuttat jew għal makkinarju mmuntat jew nofs immuntat.

Il-karrijiet u l-makkinarju tal-irmunkar li jista' jinbidel jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni kemm tad-Direttiva dwar it-Tratturi 2003/37/KE kif ukoll tad-Direttiva dwar il-Makkinarju, għalkemm għadhom ma ġewx żviluppati rekwiżiti tekniċi speċifiċi sabiex jippermettu approvazzjoni tat-tip KE ta' dan it-tip ta' makkinarju tal-irmunkar. Jekk fil-ġejjieni jiġu żviluppati tali rekwiżiti, ir-rekwiżiti għaċ-ċirkolazzjoni fit-toroq ta' dawn il-karrijiet u makkinarju tal-irmunkar, mingħajr periklu, jiġu armonizzati bid-Direttiva 2003/37/KE filwaqt li r-rekwiżiti tas-saħħa u sigurtà relatati mal-użu *off-road* ta' dan il-makkinarju jibqgħu soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

Artikolu 1 (2) (e) – it-tieni inċiż

. . .

il-mezzi tat-trasport li ġejjin:

. . .

— *il-vetturi u l-karrijiet tagħhom koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi motorizzati u l-karrijiet tagħhom, esklużi l-makkinarju immuntat fuq dawn il-vetturi,*

. . .

§ 54 Vetturi tat-triq b'erba' roti jew aktar u l-karrijiet tagħhom

L-esklużjoni stipulata fit-tieni inċiż tal-Artikolu 1 (2) (e) tirrigwarda l-vetturi motorizzati u l-karrijiet tagħhom. Meta ġiet adottata d-Direttiva 2006/42/KE, l-approvazzjoni tat-tip ta' dawn il-vetturi kienet koperta mid-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE. Mid-29 ta' April 2009, id-Direttiva 70/156/KEE ġiet sostitwita mid-Direttiva 2007/46/KE[15]. Din id-Direttiva tapplika għal vetturi motorizzati li jkollhom mill-anqas erba' roti, b'veloċità massima ddisinjata ta' 25 km/h, iddisinjati u mibnija fi stadju wieħed jew aktar għall-użu fit-triq, u tas-sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati ddisinjati u mibnija għal tali vetturi, kif ukoll vetturi fuq ir-roti, li ma jaħdmux waħedhom, iddisinjati u mibnija sabiex jiġu rmunkati minn vettura motorizzati.

L-Artikolu 2 (3) tad-Direttiva 2007/46/KE jipprevedi l-possibbiltà ta' approvazzjoni fakultattiva tat-tip jew ta' approvazzjoni individwali għal makkinarju mobbli, filwaqt li tali approvazzjonijiet fakultattivi għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju 2006/42/KE. Għalhekk, kwalunkwe makkinarju mobbli soġġett għal approvazzjoni tat-tip jew għal approvazzjoni individwali għaċ-ċirkolazzjoni fit-triq jibqa' soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju għar-riskji kollha għajr dawk marbuta maċ-ċirkolazzjoni fit-triq.

Vetturi mhux intiżi għall-użu fit-triq bħal, pereżempju, *quads* għall-*off-road*, ATVs, *go-karts*, karozzi għall-ġarr tal-istikek tal-golf u vetturi motorizzati għall-ivvjaġġar fuq is-

[15] Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi - ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1–160: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2007:263:0001:01:MT:HTML

silġ, huma soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju, sakemm ma jkunux intiżi esklussivament għall-kompetizzjoni – ara §56: kummenti dwar l-Artikolu 1 (2) (e) – ir-raba' inċiż.

L-istess jgħodd għal vetturi b'veloċità massima ddisinjata li ma taqbiżx 25 km/h bħal, pereżempju, ċerti vetturi kompatti għall-knis tat-toroq.

Makkinarju mmuntat fuq vetturi tat-triq jew karrijiet bħal, pereżempju, krejnijiet tat-tagħbija, tail-lifts, kompressuri mmuntati fuq vettura jew karru, sistemi ta' rass immuntati fuq vettura, miksers tal-konkrit immuntati fuq vettura, apparat li jgħabbi l-iskips, vinċijiet li jitħaddmu bid-dawl, tipper bodies u pjattaformi mobbli għal xogħol ta' rfigħ immuntati fuq karru jew vettura, huwa soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju – ara §37: kummenti dwar l-Artikolu 2 (a) – it-tielet inċiż.

Artikolu 1 (2) (e) – tielet inċiż

. . .

— *il-vetturi koperti mid-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Marzu 2002 li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi motorizzati b'żewġ roti jew bi tlieta, eskluż il-makkinarju immuntat fuq dawn il-vetturi,*

. . .

§ 55 Vetturi tat-triq b'żewġ roti jew bi tlieta

L-esklużjoni stipulata fit-tielet inċiż tal-Artikolu 1 (2) (e) tirrigwarda l-vetturi koperti mid-Direttiva 2002/24/KE[16] li tapplika għal vetturi motorizzati b'żewġ roti jew bi tlieta, kemm b'roti doppji jew mod ieħor, intiżi sabiex jivvjaġġaw fit-triq.

L-esklużjoni ma tapplikax għal vetturi li ma jkunux intiżi għall-użu fit-triq bħal, pereżempju, muturi *off-road*, li għalhekk huma soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju sakemm ma jkunux intiżi esklussivament għall-kompetizzjoni – ara §56: kummenti dwar l-Artikolu 1 (2) (e) – ir-raba' inċiż.

L-esklużjoni ma tapplikax għal vetturi b'veloċità massima ddisinjata ta' inqas minn 6 km/h, vetturi kkontrollati minn min ikun miexi, vetturi intiżi għall-użu minn persuni b'diżabilità fiżika, vetturi *off-road*, jew roti li jaħdmu bid-dawl (EPACs jew pedelecs) li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24/KE. Dawn il-kategoriji ta' vetturi motorizzati b'żewġ roti jew bi tlieta għalhekk huma soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

Artikolu 1 (2) (e) – ir-raba' inċiż

. . .

— *il-vetturi motorizzati intiżi b'mod esklużiv għall-kompetizzjoni,*

. . .

[16] *ĠU L 124 , 09/05/2002 p. 1 – 44 :*

http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:32002L0024:MT:HTML

§ 56 Vetturi motorizzati intiżi għall-kompetizzjoni

L-esklużjoni stipulata fir-raba' inċiż tal-Artikolu 1 (2) (e) tirrigwarda vetturi motorizzati intiżi għall-kompetizzjoni. Dawn il-vetturi huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju, sew jekk ikunu intiżi għal użu fit-triq jew għal użu *off-road*.

L-esklużjoni tirrigwarda vetturi intiżi biss għall-kompetizzjoni, għalhekk, pereżempju, vetturi intiżi għal użu rikreattiv li jistgħu jintużaw ukoll għal kompetizzjonijiet informali, mhumiex esklużi. Il-kriterju prinċipali li għandu jiġi applikat biex jiġi determinat jekk vetturi għandhomx jitqiesu bħala intiżi biss għall-kompetizzjoni huwa jekk dawn ikunux iddisinjati skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti minn waħda mill-assoċjazzjonijiet tat-tlielaq rikonoxxuti b'mod uffiċjali.

Fil-każ tal-muturi tal-kompetizzjoni, il-*quads* tal-kompetizzjoni jew il-vetturi għal kull tip ta' art (ATVs) u l-vetturi għall-ivvjaġġar fuq is-silġ tal-kompetizzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huma stabbiliti mill-FIM (Fédération Internationale de Motocyclisme) u l-federazzjonijiet nazzjonali affiljati tagħha. Sabiex tgħin lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq jiddistingwu l-mudelli ta' kompetizzjoni minn oħrajn, il-FIM tippubblika fuq is-Sit elettroniku tagħha l-lista ta' muturi, *quads* u vetturi għall-ivvjaġġar fuq is-silġ tal-kompetizzjoni li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħha u li jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet nazzjonali jew internazzjonali ta' sports motorizzat taħt l-awspiċi tal-federazzjoni internazzjonali u l-affiljati nazzjonali tagħha.[17]

Artikolu 1 (2) (e) – ħames inċiż

. . .

— il-mezzi ta' trasport bl-arju, fuq l-ilma u fuq ir-rettikolati tal-linji tal-ferroviji, eskluż il-makkinarju mmuntat fuq dawn il-mezzi ta' trasport;

§ 57 Mezzi tat-trasport bl-ajru, fuq l-ilma u fuq rettikolati tal-ferroviji

Skont l-esklużjoni stipulata fil-ħames inċiż tal-Artikolu 1 (2) (e), id-Direttiva dwar il-Makkinarju ma tkopri l-ebda tip ta' inġenju tal-ajru jew mezz tat-trasport fuq l-ilma.

L-inġenji soġġetti għad-Direttiva 94/25/KE dwar l-inġenji rikreattivi kif emendata bid-Direttiva 2003/44/KE huma eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju. Id-Direttiva dwar il-Makkinarju għalhekk ma tapplikax għal magni interni u *stern-drive* li huma kkunsidrati bħala parti mill-inġenju.

Madankollu, id-Direttiva dwar il-Makkinarju hija applikabbli għall-magni outboard, bl-eċċezzjoni tar-rekwiżiti li huma inklużi speċifikament fid-Direttiva dwar l-Inġenji Rikreattivi fir-rigward tal-manwal tas-sid, il-karatteristiċi tal-immaniġġjar tal-inġenju, l-istartjar ta' magni outboard u l-emissjonijiet tal-egżost u l-istorbju.

Il-makkinarju mmuntat fuq inġenji li jżommu fuq l-ilma, bħal, pereżempju krejnijiet, magni li jħaffru, gafef u dreġers li jżommu f'wiċċ l-ilma, mhumiex eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

[17] http://www.fim-live.com/fr/fim/homologations-fim/motocycles/

L-esklużjoni ta' mezzi tat-trasport fuq rettikolati tal-ferroviji tirrigwarda l-makkinarju intiż għat-trasport ta' persuni u/jew merkanzija fuq rettikolati tal-ferroviji internazzjonali, nazzjonali, reġjonali, suburbani jew urbani jew fuq sistemi ta' ferroviji mqabbda ma' tali rettikolati.

Min-naħa l-oħra, il-makkinarju intiż għal użu fuq sistemi ta' ferroviji mhux mqabbda ma' tali rettikolati bħal, pereżempju, makkinarju li jaħdem waħdu li jimxi fuq il-binarji għal xogħol taħt l-art, jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

Il-makkinarju intiż għal użu fuq rettikolati tal-ferroviji li ma jkunx intiż għat-trasport ta' persuni u/jew merkanzija bħal, pereżempju, makkinarju marbut ma' binarju għall-kostruzzjoni, manutenzjoni u spezzjoni tal-linji u l-istrutturi tal-binarji, jaqa' wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju. L-istess jgħodd għall-makkinarju mmuntat fuq vetturi marbuta ma' binarju, bħal, pereżempju, krejnijiet għat-tagħbija u pjattaformi mobbli għal xogħol ta' rfigħ.

Artikolu 1 (2)

(f) *il-bastimenti li jbaħħru u unitajiet mobbli `l barra mix-xtut u makkinarju installat fuq tali bastimenti u/jew unitajiet;*

§ 58 Bastimenti li jbaħħru u unitajiet mobbli 'l barra mix-xtut u makkinarju installat abbord dawk l-inġenji u/jew unitajiet

Il-bastimenti li jbaħħru u unitajiet mobbli 'l barra mix-xtut bħal, pereżempju, riggijiet mobbli għat-tħaffir, u l-makkinarju installat fuqhom huma eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju bl-Artikolu 1 (2) (f) billi huma soġġetti għall-Konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.

Xi tagħmir ikkonċernat b'din l-esklużjoni jista' jkun soġġett ukoll għad-Direttiva dwar it-Tagħmir tal-Baħar 96/98/KE[18] kif emendata bid-Direttiva 2002/75/KE[19]

Unità mobbli 'l barra mix-xtut hija unità 'l barra mix-xtut li ma tkunx intiża li tkun pożizzjonata fuq il-kamp taż-żejt b'mod permanenti jew għal żmien twil, iżda tkun intiża biex titmexxa minn post għal post, sew jekk ikollha mezz ta' propulsjoni jew ta' tniżżil tas-saqajn sal-qiegħ tal-baħar kif ukoll jekk le.

Madankollu, l-unitajiet mobbli li jżommu f'wiċċ l-ilma li jkunu intiżi għall-produzzjoni, bħal, pereżempju, FPSOs (Installazzjonijiet ta' Produzzjoni, Ħżin u Ħatt li Jżommu f'Wiċċ l-Ilma - ġeneralment ibbażati fuq disinji ta' tanker) u FPPs (Pjattaformi għall-Produzzjoni li Jżommu f'Wiċċ l-Ilma - ibbażati fuq bastimenti li jinżlu nofshom taħt l-ilma) u l-makkinarju installat fuq tali unitajiet, mhumiex eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

Makkinarju intiż sabiex jiġi installat fuq pjattaformi fissi 'l barra mix-xtut bħal, pereżempju, riggijiet għall-produzzjoni taż-żejt, u makkinarju li jista' jintuża kemm fuq unitajiet fissi kif ukoll fuq unitajiet mobbli 'il barra mix-xtut huwa wkoll soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

[18] ĠU NRU L 46 17/2/1997, p. 25.

[19] ĠU NRU L 254, 23/9/2002, p. 1.

Artikolu 1 (2)

(g) *makkinarju ddisinnjat u mibni speċifikament għal skopijiet militari jew tal-pulizija;*

§ 59 Makkinarju għal skopijiet militari jew tal-pulizija

L-esklużjoni stipulata fl-Artikolu 1 (2) (g) tapplika għal makkinarju ddisinjat u mibni speċifikament għal skopijiet ta' difiża jew għall-iskop li tinżamm l-ordni. Il-makkinarju ordinarju li jintuża mill-forzi armati jew mill-pulizija iżda li ma jkunx iddisinjat speċifikament għal skopijiet ta' difiża jew għall-iskop li tinżamm l-ordni, huwa soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

F'xi pajjiżi, ċerti servizzi tan-nar jagħmlu parti mill-militar, madankollu l-makkinarju ddisinjat għall-użu minn tali pompiera mhuwiex meqjus bħala ddisinjat u mibni għal skopijiet militari u għalhekk huwa soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

Artikolu 1 (2)

(h) makkinarju ddisinnjat u mibni speċifikament għal skopijiet ta' riċerka għall-użu temporanju f'laboratorji;

§ 60 Makkinarju għal skopijiet ta' riċerka

L-esklużjoni stipulata fl-Artikolu 1 (2) (h) iddaħħlet billi ma tqiesx raġonevoli li jiġi sottomess għar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Makkinarju, tagħmir tal-laboratorju ddisinjat u mibni speċifikament għall-ħtiġijiet ta' proġetti partikolari ta' riċerka. Għalhekk, l-esklużjoni ma tapplikax għal makkinarju installat b'mod permanenti fil-laboratorji li jista' jintuża għal skopijiet ġenerali ta' riċerka jew għal makkinarju installat fil-laboratorji għal skopijiet ta' riċerka bħal, pereżempju, għal skopijiet ta' ttestjar.

L-esklużjoni tapplika biss għal tagħmir iddisinjat u mibni għal użu temporanju ta' riċerka, jiġifieri, tagħmir li ma jibqax jintuża meta l-proġetti ta' riċerka li għalih ikun ġie ddisinjat u mibni jkunu tlestew.

Artikolu 1 (2)

(i) *Tagħmir użat fil-minjieri;*

§ 61 Tagħmir użat fil-minjieri

L-esklużjoni stipulata fl-Artikolu 1 (2) (i) tirrigwarda l-lifts li jgħammru x-xaftijiet tal-minjieri. It-tagħmir użat fil-minjieri huwa wkoll eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 95/16/KE dwar il-Lifts. Kien ikkunsidrat li lifts bħal dawn kienu installazzjonijiet speċifiċi li l-karatteristiċi tagħhom kienu jvarjaw skont is-sit u li ftit kienu joħolqu ostakoli għall-kummerċ. It-tagħmir użat fil-minjieri għalhekk jibqa' soġġett għar-regolamenti nazzjonali.

Għandu jiġi nnotat li din l-esklużjoni tirrigwarda l-installazzjonijiet fix-xaft tal-minjiera. Il-lifts installati f'partijiet oħra ta' minjiera mhumiex ikkonċernati bl-esklużjoni u għalhekk jistgħu jkunu soġġetti jew għad-Direttiva dwar il-Lifts jew għad-Direttiva dwar

il-Makkinarju, skont kif ikun il-każ – ara §90: kummenti dwar l-Artikolu 3, u §151: kummenti dwar l-Artikolu 24.

Artikolu 1 (2)

(j) *il-makkinarju intiż li jċaqlaq l-artisti matul wirjiet artistiċi;*

§ 62 Makkinarju intiż li jċaqlaq artisti f'wirjiet artistiċi

L-esklużjoni stipulata fl-Artikolu 1 (2) (j) tirrigwarda makkinarju intiż sabiex jintuża biex iċaqlaq artisti matul il-wirjiet artistiċi. Tagħmir bħal dan huwa eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju u d-Direttiva dwar il-Lifts 95/16/KE, billi l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' dawn id-Direttivi tista' ma tkunx kompatibbli mal-funzjoni artistika tat-tagħmir ikkonċernat – ara §151: kummenti dwar l-Artikolu 24.

L-esklużjoni ma tapplikax għal makkinarju intiż biss biex iċaqlaq oġġetti bħal, pereżempju, xenarju jew dawl, jew għal makkinarju intiż biex iċaqlaq persuni li ma jkunux l-artisti bħal, pereżempju, it-tekniċi.

Għandu jiġi nnotat ukoll li l-esklużjoni ma tirrigwardax tagħmir ieħor, bħal skalaturi jew lifts, iddisinjati biex iċaqalqu persuni fit-teatri jew postijiet oħra tad-divertiment li ma jkunux direttament marbuta mal-esekuzzjoni tal-wirja artistika. Tagħmir bħal dan huwa soġġett jew għad-Direttiva dwar il-Lifts jew għad-Direttiva dwar il-Makkinarju, skont kif ikun il-każ – ara §90: kummenti dwar l-Artikolu 3, u §151: kummenti dwar l-Artikolu 24.

Artikolu 1 (2)

(k) *prodotti tal-elettriku u elettroniċi li jaqgħu fi ħdan xi waħda minn dawn l-oqsma li ġejjin, sakemm dawn ikunu koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 73/23/KEE tad-19 ta' Frar 1973 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar tagħmir elettriku intiż għall-użu b'ċerti limiti ta' vultaġġ:*

— elettrodomestiċi intiżi għall-użu domestiku,

— tagħmir tal-awdjo u tal-vidjo,

— tagħmir tat-teknoloġija tal-informatika,

— makkinarju ordinarju tal-uffiċċju,

— tagħmir li jiddistribwixxi l-elettriku ta' vultaġġ baxx u tagħmir ta' kontroll,

— muturi elettriċi.

§ 63 Makkinarju li jaqa' taħt id-Direttiva dwar Vultaġġ Baxx

Wieħed mill-għanijiet tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju kien li din tiċċara l-konfini bejn il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju u d-Direttiva dwar il-Vultaġġ Baxx 2006/95/KE[20] (li qabel kienet id-Direttiva 73/23/KEE kif emendata) sabiex tipprovdi ċertezza legali akbar.

[20] ĠU L 374, 27.12.2006, p. 10.

L-Artikolu 1 (2) (k) jelenka l-kategoriji ta' makkinarju tal-elettriku u elettroniku ta' vultaġġ baxx li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

Il-makkinarju tal-elettriku li ma jkun fl-ebda waħda mill-kategoriji elenkati fl-Artikolu 1 (2) (k) (u li mhuwiex ikkonċernat b'xi waħda mill-esklużjonijiet l-oħra) jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju. Meta dan il-makkinarju jkollu provvista tal-elettriku li tkun fil-limiti ta' vultaġġ tad-Direttiva dwar il-Vultaġġ Baxx (bejn 50 u 1000 V għall-kurrent alternat jew bejn 75 u 1500 V għall-kurrent dirett), huwa jrid jissodisfa l-għanijiet ta' sigurtà tad-Direttiva dwar il-Vultaġġ Baxx – ara §222: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.1 tal-Anness I. Madankollu, f'dak il-każ, Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità tal-fabbrikant ma għandhiex tirreferi għad-Direttiva dwar il-Vultaġġ Baxx.

Min-naħa l-oħra, it-tagħmir elettriku b'vultaġġ baxx li jitqiegħed fis-suq b'mod indipendenti għal inkorporazzjoni f'makkinarju huwa soġġett għad-Direttiva dwar il-Vultaġġ Baxx bħala tali.[21]

Artikolu 1 (2) (k) – l-ewwel inċiż

. . .

– *elettrodomestiċi intiżi għall-użu domestiku,*

. . .

§ 64 Elettrodomestiċi intiżi għal użu domestiku

Fir-rigward tal-esklużjoni msemmija fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 1 (2) (k), jeħtieġ li jsiru diversi kjarifiki:

– l-espressjoni *'elettrodomestiċi'* tirreferi għal tagħmir intiż għal funzjonijiet ta' xogħol tad-dar bħal ħasil, tindif, tisħin, tkessiħ, tisjir, eċċ. Eżempji ta' elettrodomestiċi jinkludu magni tal-ħasil, dish washers, magni għat-tindif bil-vakum u makkinarju għat-tħejjija tal-ikel u t-tisjir. Min-naħa l-oħra, makkinarju elettriku għal xogħol tal-ġnien jew għodod li jaħdmu bl-elettriku intiżi għal xogħol ta' kostruzzjoni u tiswija fid-dar mhumiex ikkonċernati minn din l-esklużjoni u huma soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju;

– l-esklużjoni tikkonċerna apparat *'intiż għal użu domestiku'*, fi kliem ieħor, apparat intiż għal użu minn persuni privati (konsumaturi) fl-ambjent tad-dar. Għalhekk, l-apparat għall-funzjonijiet ta' xogħol tad-dar imsemmija fuq li hu intiż għal użu kummerċjali jew industrijali mhuwiex eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

Filwaqt li huwa possibbli għal konsumatur li jikseb apparat intiż għal użu kummerċjali jew għal kummerċ li jikseb apparat intiż għal użu domestiku, il-kriterju li jrid jittieħed f'kunsiderazzjoni biex jiġi stabbilit l-użu intiż huwa l-użu intiż u ddikjarat mill-fabbrikant tal-apparat fl-informazzjoni dwar il-prodott tiegħu jew fid-Dikjarazzjoni tal-Konformità tiegħu. Evidentement, din id-dikjarazzjoni għandha tirrifletti b'mod preċiż l-użu prevedibbli tal-prodott.

[21] ara l-Linji Gwida dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2006/95/KE: http://ec.europa.eu/enterprise/electr_equipment/lv/guides/index.htm

Artikolu 1 (2) (k) – it-tieni inċiż

. . .

- *tagħmir tal-awdjo u tal-vidjo,*

. . .

§ 65 Tagħmir tal-awdjo u tal-vidjo

L-esklużjoni msemmija fit-tieni inċiż tal-Artikolu 1 (2) (k) tikkonċerna tagħmir bħal, pereżempju, riċevituri tar-radju u tat-televiżjoni, plejers u rikorders tat-tejps u tal-vidjos, plejers u rikorders tas-CDs u tad-DVDs, amplifikaturi u loudspeakers, kameras u proġetturi.

Artikolu 1 (2) (k) – it-tielet inċiż

. . .

- *tagħmir tat-teknoloġija tal-informatika,*

. . .

§ 66 Tagħmir tat-teknoloġija tal-informatika

L-esklużjoni msemmija fit-tielet inċiż tal-Artikolu 1 (2) (k) tikkonċerna tagħmir li jintuża għall-ipproċessar, il-konverżjoni, it-trasmissjoni, il-ħżin, il-protezzjoni u l-irkupru ta' dejta jew informazzjoni. It-tagħmir ikkonċernat jinkludi, pereżempju, ħardwer tal-kompjuter, tagħmir ta' netwerk ta' komunikazzjoni u tagħmir tat-telefon u tat-telekomunikazzjoni.

L-esklużjoni ma testendix għal tagħmir elettroniku inkorporat f'makkinarju bħal, pereżempju, sistemi ta' kontroll elettroniku programmabbli, li jitqies bħala parti integrali tal-makkinarju soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju u għandu jippermetti lill-makkinarju jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali relevanti għas-saħħa u s-sigurtà tal-Anness I tad-Direttiva. Ċerti mezzi li jinkorporaw tagħmir tat-teknoloġija informatika jistgħu jkunu soġġetti wkoll għad-Direttiva dwar il-Makkinarju bħala komponenti tas-sigurtà.

Artikolu 1 (2) (k) – ir-raba' inċiż

. . .

- *makkinarju ordinarju tal-uffiċċju,*

. . .

§ 67 Makkinarju ordinarju tal-uffiċċju

L-esklużjoni stabbilita fir-raba' inċiż tal-Artikolu 1 (2) (k) tapplika għal tagħmir tal-elettriku bħal, pereżempju, printers, kopjaturi, magni tal-faks, sorters, binders u stejplers.

Din l-esklużjoni ma tikkonċernax makkinarju b'funzjonijiet simili intiż għal użu fl-industriji bħal, pereżempju, l-industriji tal-istampar jew tal-karti.

L-esklużjoni ta' makkinarju ordinarju tal-uffiċċju ma testendix għal għamara tal-uffiċċju li taħdem bid-dawl li taqa' taħt id-Direttiva dwar il-Makkinarju.

Artikolu 1 (2) (k) – il-ħames inċiż

. . .

- *tagħmir li jiddistribwixxi l-elettriku ta' vultaġġ baxx u tagħmir ta' kontroll,*

. . .

§ 68 Tagħmir li jiddistribwixxi l-elettriku ta' vultaġġ baxx u tagħmir ta' kontroll

It-tagħmir li jiddistribwixxi l-elettriku ta' vultaġġ baxx u t-tagħmir ta' kontroll imsemmija fil-ħames inċiż tal-Artikolu 1 (2) (k) huma mezzi għall-qtugħ u għall-passaġġ tal-kurrent f'ċirkwiti tal-elettriku u tagħmir assoċjat ta' kontroll, kejl u regolazzjoni għall-kontroll tal-enerġija elettrika permezz tat-tagħmir.

Dan it-tagħmir mhuwiex soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju bħala tali. Meta tali tagħmir jiġi inkorporat f'makkinarju, huwa għandu jippermetti lill-makkinarju jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali relevanti għas-saħħa u s-sigurtà tal-Anness I tad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

Ta' min jinnota wkoll li din l-esklużjoni ma tapplikax għal komponenti tas-sigurtà tal-elettriku b'vultaġġ baxx – ara §42: kummenti dwar l-Artikolu 2 (c).

Artikolu 1 (2) (k) – sixth inċiż

. . .

- *muturi elettriċi;*

§ 69 Muturi elettriċi

L-esklużjoni stabbilita fis-sitt inċiż tal-Artikolu 1 (2) (k) timplika li l-muturi elettriċi li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Vultaġġ Baxx 2006/95/KE (jiġifieri, muturi elettriċi bi provvista tal-elettriku fil-limiti ta' vultaġġ u li mhumiex elenkati fl-Anness II ta' dik id-Direttiva) huma soġġetti biss għad-Direttiva dwar il-Vultaġġ Baxx.

Mutur elettriku huwa mezz għall-konverżjoni tal-enerġija elettrika f'enerġija mekkanika. L-esklużjoni tapplika għall-mutur innifsu mingħajr applikazzjoni speċifika u mingħajr elementi mekkaniċi addizzjonali ta' sistema li tagħti bidu għal azzjoni.

L-esklużjoni tapplika wkoll għal ġeneraturi bil-muturi elettriċi ta' vultaġġ baxx li huma mezzi simili għall-konverżjoni tal-enerġija mekkanika f'enerġija elettrika. Min-naħa l-oħra, settijiet ta' ġeneraturi, li jikkomprendu sors ta' enerġija mekkanika bħal, pereżempju, magna ta' kombustjoni interna, u ġeneratur tal-elettriku, huma soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

Artikolu 1 (2)

(l) *it-tipi ta' tagħmir li ġejjin ta' elettriku b'vultaġġ qawwi:*

- *tagħmir li jiddistribwixxi l-elettriku u tagħmir ta' kontroll,*
- *transformers.*

§ 70 Tagħmir tal-elettriku b'vultaġġ qawwi

It-tagħmir tal-elettriku b'vultaġġ qawwi eskluż mill-Artikolu 1 (2) (l) jinkludi tagħmir li jiddistribwixxi l-elettriku u tagħmir ta' kontroll u transformers li jifformaw parti minn jew huma konnessi ma' provvista tal-elettriku b'vultaġġ qawwi (aktar minn 1000 V għal kurrent alternanti jew aktar minn 1500 V għal kurrent dirett).

Dan it-tagħmir tal-elettriku b'vultaġġ qawwi mhuwiex soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju bħala tali. Meta dak it-tagħmir ikun inkorporat f'makkinarju, irid jippermetti lill-makkinarju jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali relevanti għas-saħħa u s-sigurtà tal-Anness I tad-Direttiva dwar il-Makkinarju – ara §222: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.1 tal-Anness I.

Artikolu 2

(h) *"it-tqegħid fis-suq" tfisser tagħmel disponibbli għall-ewwel darba fil-Komunità makkinarju jew makkinarju parzjalment komplut bl-iskop ta' distribuzzjoni jew użu, kemm bi ħlas kif ukoll b'xejn;*

§ 71 Id-definizzjoni ta' 'tqegħid fis-suq'

It-terminu *'makkinarju'* fid-definizzjoni ta' 'tqegħid fis-suq' tintuża f'sens wiesa', jiġifieri, id-definizzjoni tapplika għat-tqegħid fis-suq ta' kull wieħed mill-prodotti elenkati fl-Artikolu 1, (a) sa (f) – ara §33: kummenti dwar l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 – kif ukoll għal makkinarju parzjalment komplut.

Id-Direttiva dwar il-Makkinarju tapplika għal makkinarju jew makkinarju parzjalment komplut imqiegħed fis-suq tal-UE. Hija ma tapplikax għal prodotti manifatturati fl-UE maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq jew jitqiegħdu għas-servizz f'pajjiżi barra l-UE, għalkemm uħud minn dawn il-pajjiżi jista' jkollhom regolamenti nazzjonali bbażati fuq id-Direttiva dwar il-Makkinarju jew jaċċettaw makkinarju fis-suq tagħhom li jkun konformi mad-Direttiva.

§ 72 Makkinarju ġdid u użat

Il-makkinarju jitqies bħala mqiegħed fis-suq meta jsir disponibbli fl-UE għall-ewwel darba. Għalhekk, id-Direttiva dwar il-Makkinarju tapplika għall-makkinarju ġdid kollu mqiegħed fis-suq jew imqiegħed għas-servizz fl-UE, kemm jekk dan il-makkinarju ikun manifatturat fl-UE jew inkella barra l-UE.

B'mod ġenerali, id-Direttiva dwar il-Makkinarju ma tapplikax għat-tqegħid fis-suq ta' makkinarju użat jew second-hand. F'xi Stati Membri, it-tqegħid fis-suq ta' makkinarju użat jew second-hand huwa soġġett għal regolamenti nazzjonali speċifiċi. Inkella, it-tqegħid fis-servizz u l-użu ta' makkinarju użat għal użu professjonali ikun soġġett għar-regolamenti nazzjonali dwar l-użu tat-tagħmir tax-xogħol li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/104/KE – ara §140: kummenti dwar l-Artikolu 15.

Hemm eċċezzjoni waħda għal din ir-regola ġenerali. Id-Direttiva dwar il-Makkinarju tapplika għal makkinarju użat jew second-hand li jkun sar disponibbli għall-ewwel darba għad-distribuzzjoni jew l-użu barra l-UE, meta sussegwentement jiġi mqiegħed

fis-suq jew imqiegħed għas-servizz għall-ewwel darba fl-UE.[22] Il-persuna responsabbli għat-tqegħid fis-suq jew għat-tqegħid għas-servizz ta' tali makkinarju użat għall-ewwel darba fl-UE, kemm jekk din tkun il-fabbrikant tal-makkinarju, importatur, distributur jew l-utent innifsu, għandha tissodisfa l-obbligi kollha stipulati fl-Artikolu 5 tad-Direttiva.

Id-Direttiva dwar il-Makkinarju tapplika wkoll għal makkinarju bbażat fuq makkinarju użat li jkun ġie trasformat jew mibni mill-ġdid b'tali mod sostanzjali li jkun jista' jitqies bħala makkinarju ġdid. Il-mistoqsija li tqum hija dwar meta trasformazzjoni tal-makkinarju titqies bħala kostruzzjoni ta' makkinarju ġdid soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju. Mhuwiex possibbli li jingħataw kriterji preċiżi biex tiġi mwieġba din il-mistoqsija f'kull każ partikolari. Meta jkun hemm dubju, huwa għalhekk rakkomandat li l-persuna li tqiegħed tali makkinarju mibni mill-ġdid fis-suq jew li tqiegħdu għas-servizz fis-suq biex tikkonsulta lill-awtoritajiet nazzjonali relevanti.

§73 L-istadju meta tapplika d-Direttiva dwar il-Makkinarju għal makkinarju

Id-definizzjoni ta' 'tqegħid fis-suq', flimkien mad-definizzjoni ta' 'tqegħid għas-servizz' mogħtija fl-Artikolu 2 (k), tistabbilixxi l-istadju meta l-makkinarju għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet relevanti tad-Direttiva. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jkun issodisfa l-obbligi kollha tiegħu relatati mal-konformità tal-makkinarju meta dan jitqiegħed fis-suq jew jitqiegħed għas-servizz – ara §103: kummenti dwar l-Artikolu 5.

Tqegħid fis-suq tirreferi għal kull parti individwali ta' makkinarju jew makkinarju parzjalment komplut u mhux għal mudell jew tip. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet relevanti tad-Direttiva 2006/42/KE japplikaw għall-partijiet kollha tal-makkinarju jew tal-makkinarju parzjalment komplut imqiegħed fis-suq mid-29 ta' Diċembru 2009 – ara §153: kummenti dwar l-Artikolu 26.

Id-Direttiva dwar il-Makkinarju ma tapplikax għal makkinarju qabel jitqiegħed fis-suq jew jitqiegħed għas-servizz. B'mod partikolari, makkinarju trasferit mill-fabbrikant lir-rappreżentant awtorizzat fl-UE sabiex jissodisfa l-obbligi kollha jew parti mill-obbligi stipulati fl-Artikolu 5 ma jitqisx li tqiegħed fis-suq qabel ma jsir disponibbli għad-distribuzzjoni jew l-użu – ara §84 u §85: kummenti dwar l-Artikolu 2 (j). L-istess japplika għal makkinarju li għadu taħt kostruzzjoni, trasferit minn fabbrikant mill-faċilitajiet tal-manifattura barra l-UE bil-għan li jitlesta fil-faċilitajiet tal-manifattura fl-UE.

Il-fabbrikant jista' jkollu bżonn iħaddem jew jittestja l-makkinarju jew partijiet minnu matul il-kostruzzjoni, il-muntatura, l-installazzjoni jew l-aġġustament qabel jitqiegħed fis-suq jew jitqiegħed għas-servizz. F'dak il-każ, huwa għandu jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa biex jipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-operaturi u ta' persuni oħrajn li jkunu esposti meta jwettqu operazzjonijiet bħal dawn (skont ir-regolamenti nazzjonali dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u dwar l-użu ta' tagħmir tax-xogħol li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 89/391/KEE u 2009/104/KE – ara §140: kummenti dwar l-Artikolu 15. Madankollu, mhuwiex meħtieġ li l-makkinarju kkonċernat ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Makkinarju qabel ma jitqiegħed fis-suq jew jitqiegħed għas-servizz.

[22] Makkinarju li jitpoġġa fis-suq għall-ewwel darba f'pajjiżi li sussegwentement saru membri tal-Unjoni Ewropea jitqies li tpoġġa fis-suq tal-UE.

Hemm regoli partikolari li japplikaw għal makkinarju esibit f'fieri tal-kummerċ, esibizzjonijiet u dimostrazzjonijiet – ara §108: kummenti dwar l-Artikolu 6 (3).

§ 74 Il-forom legali u kuntrattwali tat-tqegħid fis-suq

It-tqegħid fis-suq huwa definit bħala li tagħmel il-makkinarju disponibbli għad-distribuzzjoni jew l-użu. Li tagħmel il-makkinarju disponibbli timplika li l-makkinarju jiġi trasferit mill-fabbrikant lil persuna oħra bħal distributur jew utent. Madankollu, ma hemm ebda restrizzjoni fil-forma legali jew kuntrattwali ta' dan it-trasferiment.

F'ħafna każijiet, it-tqegħid fis-suq jinvolvi trasferiment tal-proprjetà tal-makkinarju mill-fabbrikant lid-distributur jew lill-utent bi skambju għal ħlas (pereżempju, bejgħ jew xiri bin-nifs).

F'każijiet oħrajn, it-tqegħid fis-suq jista' jieħu forom kuntrattwali oħrajn (bħal, pereżempju, kiri jew kiri fit-tul). F'każijiet bħal dawn, id-dritt għall-użu tal-makkinarju jingħata bi skambju għal ħlas, mingħajr trasferiment tal-proprjetà. Id-Direttiva dwar il-Makkinarju tapplika għal dan il-makkinarju meta dan ikun soġġett għall-ewwel darba għal kuntratt ta' kiri jew kiri fit-tul fl-UE. Id-Direttiva dwar il-Makkinarju ma tapplikax meta l-makkinarju użat li jkun tqiegħed għall-ewwel darba fis-suq skont id-Direttiva dwar il-Makkinarju jkun soġġett għal kuntratti sussegwenti ta' kiri jew kiri fit-tul fl-UE. Il-kiri jew kiri fit-tul ta' makkinarju użat jista' jkun soġġett għar-regolamenti nazzjonali – ara §140: kummenti dwar l-Artikolu 15.

Il-makkinarju jitqies ukoll li jkun tqiegħed fis-suq jekk ikun sar disponibbli għad-distribuzzjoni jew l-użu mingħajr ħlas (pereżempju, bħala rigal jew self).

§ 75 Irkanti

Irkanti li jsiru f'żoni ħielsa

Wieħed mill-modi kif il-makkinarju jitqiegħed fis-suq huwa permezz tal-irkanti. Dawn l-irkanti jistgħu jsiru f'żona ħielsa[23]. L-għan prinċipali li l-irkanti jsiru f'żona ħielsa huwa li jinbiegħ makkinarju ġdid u użat minn barra l-UE biex jintuża f'pajjiżi barra l-UE. Makkinarju li jinbiegħ għal dak il-għan ma jitqisx li tqiegħed fis-suq fl-UE.

Min-naħa l-oħra, il-makkinarju offrut għall-bejgħ f'irkant bħal dan jitqies li tqiegħed fis-suq jew li tqiegħed għas-servizz fl-UE jekk u meta jħalli ż-żona ħielsa sabiex jiġi distribwit jew jintuża fl-UE. Jekk il-makkinarju kkonċernat huwa ġdid jew huwa makkinarju użat li tqiegħed fis-suq jew tqiegħed għas-servizz fis-suq tal-UE għall-ewwel darba, u jekk il-fabbrikant tal-makkinarju kkonċernat jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ma jkunx issodisfa l-obbligi tiegħu skont id-Direttiva dwar il-Makkinarju, il-persuna li tixtri l-makkinarju fl-irkant u ġġibu miż-żona ħielsa lejn l-UE għad-distribuzzjoni jew l-użu tiegħu għandha titqies bħala l-persuna li tqiegħed il-makkinarju fis-suq jew li tqiegħdu għas-servizz fl-UE u għandha tissodisfa l-obbligi kollha stipulati fl-Artikolu 5.

[23] L-UE għandha Żoni Ħielsa li jippermettu l-ħżin temporanju ta' merkanzija qabel ma tiġi esportata jew esportata mill-ġdid mit-territorju doganali tal-UE jew qabel ma tiddaħħal f'parti oħra tat-territorju doganali tal-UE – ara l-Artikoli 155 sa 161 tar-Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat) – ĠU L 145 4.6.2008 p. 1.

Irkanti li jsiru barra żoni ħielsa

Jekk isir irkant fl-UE barra żona ħielsa, wieħed jista' jassumi li l-makkinarju jkun qiegħed jiġi offrut għall-bejgħ għad-distribuzzjoni jew l-użu tiegħu fl-UE u għalhekk għandu jitqies li tqiegħed fis-suq fl-UE.

Jekk makkinarju offrut għall-bejgħ f'irkant li jkun sar fl-UE barra żona ħielsa huwa ġdid, kemm jekk manifatturat fl-UE jew barra minnha, huwa għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet relevanti tad-Direttiva dwar il-Makkinarju. L-istess japplika għal makkinarju użat offrut għall-bejgħ f'irkant bħal dan jekk ikun tqiegħed fis-suq fl-UE għall-ewwel darba – ara §72 hawn fuq.

Jekk il-fabbrikant tal-makkinarju kkonċernat jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ma jkunx issodisfa l-obbligi tiegħu skont id-Direttiva dwar il-Makkinarju, il-persuna li toffri l-makkinarju għall-bejgħ f'irkant bħal dan (il-kunsinjatur) għandha titqies bħala l-persuna li tqiegħed il-makkinarju fis-suq fl-UE u għalhekk għandha tissodisfa l-obbligi kollha tal-fabbrikant stipulati fl-Artikolu 5. Dawn l-obbligi jinkludu li jiġi żgurat li l-makkinarju jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali relevanti għas-saħħa u s-sigurtà, li jiġi żgurat li l-fajl tekniku jkun disponibbli, li jiġu pprovduti l-istruzzjonijiet, li titwettaq il-proċedura xierqa ta' stima tal-konformità, l-abbozzar u l-iffirmar tad-Dikjarazzjoni KE tal-Konformità tal-makkinarju u t-twaħħil tal-marka CE – ara §81: kummenti dwar l-Artikolu 2 (i).

L-irkantatur li jorganizza l-bejgħ b'irkant ta' tali makkinarju offrut għall-bejgħ mill-kunsinjaturi għandu jitqies bħala distributur u għalhekk għandu jiżgura li l-makkinarju jkollu l-marka CE, ikun akkumpanjat mid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità mfassla u ffirmata mill-fabbrikant jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu u jkun akkumpanjat minn struzzjonijiet – ara §83: kummenti dwar l-Artikolu 2 (i).

§ 76 Tqegħid fis-suq ta' muntaturi ta' makkinarju

Il-muntaturi ta' makkinarju li jiġu mmuntati fil-bini tal-utent minn persuna differenti mill-utent jitqiesu li tqiegħdu fis-suq meta jitlestew l-operazzjonijiet tal-muntatura u l-muntatura tiġi ttrasferita lill-utent għall-użu – ara §38: kummenti dwar l-Artikolu 2 (a) – ir-raba' inċiż, u §79: kummenti dwar l-Artikolu 2 (i).

§ 77 Tqegħid fis-suq ta' makkinarju parzjalment komplut

Makkinarju parzjalment komplut jitqies li tqiegħed fis-suq meta jkun sar disponibbli għal fabbrikant ta' makkinarju komplut jew ta' muntatura tal-makkinarju fejn għandu jiġi inkorporat – ara §46: kummenti dwar l-Artikolu 2 (g).

Artikolu 2

(i) *"fabbrikant" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tiddisinja u/jew tiffabbrika makkinarju jew makkinarju parzjalment komplut kopert minn din id-Direttiva u huwa responsabbli għall-konformità tal-makkinarju jew il-makkinarju parzjalment komplut ma' din id-Direttiva bil-ħsieb li jitqiegħed fis-suq, f'ismu stess jew bit-trademark tiegħu jew għall-użu personali tiegħu. Fin-nuqqas ta' fabbrikant kif definit hawn fuq, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tqiegħed fis-suq jew tqiegħed fis-servizz il-makkinarju jew il-makkinarju parzjalment komplut kopert minn din id-Direttiva għandha titqies bħala fabbrikant;*

§ 78 Id-definizzjoni ta' 'fabbrikant'

L-obbligi maħluqa mid-Direttiva dwar il-Makkinarju rigward il-konformità tal-makkinarju u tal-makkinarju parzjalment komplut jaqgħu fuq il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu. Dawn l-obbligi huma miġbura fil-qosor fl-Artikolu 5. Id-definizzjoni ta' *'fabbrikant'*, flimkien mad-definizzjoni li ġejja ta' 'rappreżentant awtorizzat', jistabbilixxu min għandu jissodisfa dawn l-obbligi.

It-terminu *'makkinarju'* fid-definizzjoni ta' *'fabbrikant'* tintuża fis-sens wiesa', jiġifieri, id-definizzjoni tapplika għall-fabbrikant ta' kull wieħed mill-prodotti elenkati fl-Artikolu 1, (a) sa (f) – ara §33: kummenti dwar l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2. Id-definizzjoni tapplika wkoll għall-fabbrikant ta' makkinarju parzjalment komplut.

§ 79 Min huwa l-fabbrikant ?

Fabbrikant jista' jkun persuna fiżika jew ġuridika, jiġifieri, individwu jew entità legali bħal kumpanija jew assoċjazzjoni. Il-proċess tad-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju jew tal-makkinarju parzjalment komplut jista' jinvolvi diversi individwi jew kumpaniji, iżda wieħed minnhom għandu jieħu r-responsabbiltà, bħala l-fabbrikant, għall-konformità tal-makkinarju jew tal-makkinarju parzjalment komplut mad-Direttiva.

Minħabba li r-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà tad-Direttiva jikkonċernaw primarjament id-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju, il-persuna li tkun fl-aħjar pożizzjoni biex tissodisfa dawn ir-rekwiżiti hija ċertament il-persuna li fil-fatt tiddisinja u tibni l-makkinarju, jew li għall-inqas tikkontrolla l-proċess tad-disinn u l-kostruzzjoni. F'xi każijiet, il-fabbrikant jista' jiddisinja u jibni l-makkinarju nnifsu. F'każijiet oħrajn, id-disinn jew il-kostruzzjoni kollha, jew parti minnhom, tal-makkinarju jistgħu jitwettqu minn persuni oħrajn (fornituri jew sub-kuntratturi). Madankollu, il-persuna li tassumi r-responsabbiltà legali għall-konformità tal-makkinarju jew tal-makkinarju parzjalment komplut bil-ħsieb li jitqiegħed fis-suq taħt l-isem jew it-trademark tagħha għandha tiżgura kontroll suffiċjenti fuq ix-xogħol tal-fornituri u s-sub-kuntratturi tagħha u jkollha biżżejjed informazzjoni biex tiżgura li tkun tista' tissodisfa l-obbligi kollha tagħha skont id-Direttiva kif stipulat fl-Artikolu 5 – ara §105: kummenti dwar l-Artikolu 5 (3).

Persuna li tikkostitwixxi muntatura tal-makkinarju titqies bħala l-fabbrikant tal-muntatura – ara §38: kummenti dwar l-Artikolu 2 (a). Normalment, l-elementi li jikkostitwixxu muntatura tal-makkinarju jiġu fornuti minn fabbrikanti differenti, madankollu, persuna waħda għandha tassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-muntatura b'mod ġenerali. Din ir-responsabbiltà tista' tiġi preżunta mill-fabbrikant ta' waħda jew aktar mill-unitajiet kostitwenti, minn kuntrattur jew mill-utent. Jekk utent

jikkostitwixxi muntatura tal-makkinarju għall-użu personali tiegħu, huwa jitqies bħala l-fabbrikant tal-muntatura – ara §80 hawn taħt.

§ 80 Persuna li tiffabbrika makkinarju għall-użu personali tagħha

Persuna li tiffabbrika makkinarju għall-użu personali tagħha titqies bħala fabbrikant u għandha tissodisfa l-obbligi kollha stipulati fl-Artikolu 5. F'dak il-każ, il-makkinarju ma jiġix imqiegħed fis-suq, billi ma jkunx disponibbli mill-fabbrikant għal persuna oħra iżda jintuża mill-fabbrikant innifsu. Madankollu, dan il-makkinarju għandu jkun konformi mad-Direttiva dwar il-Makkinarju qabel jitqiegħed għas-servizz – ara §86: kummenti dwar l-Artikolu 2 (k). L-istess japplika għal utent li jikkostitwixxi muntatura tal-makkinarju għall-użu personali tiegħu – ara §79 hawn fuq.

§ 81 Persuni oħrajn li jistgħu jitqiesu bħala fabbrikanti

Id-dispożizzjoni stipulata fit-tieni sentenza tad-definizzjoni ta' *'fabbrikant'* hija intiża biex tindirizza s-sitwazzjoni li tirriżulta għal ċertu makkinarju importat fl-UE. Jekk fabbrikant tal-makkinarju stabbilit barra l-UE jiddeċiedi li jqiegħed il-prodotti tiegħu fis-suq tal-UE, huwa jkun jista' jissodisfa l-obbligi tiegħu skont id-Direttiva dwar il-Makkinarju huwa stess jew jawtorizza rappreżentant awtorizzat biex jissodisfa dawn l-obbligi kollha jew parti minnhom f'ismu – ara §84 u §85: kummenti dwar l-Artikolu 2 (j). Min-naħa l-oħra, id-deċiżjoni li jiġi importat makkinarju fl-UE tista' tittieħed minn importatur, distributur jew utent. F'xi każijiet, il-makkinarju jista' jiġi ordnat minn intermedjarju, bħal kumpanija tal-esportazzjoni. F'każijiet oħrajn, persuna tista' tixtri l-makkinarju minn barra l-UE u ddaħħlu fl-UE hija stess, tordna makkinarju minn fuq l-Internet, jew tixtri makkinarju f'żona ħielsa bil-ħsieb li jiġi distribwit jew jintuża fl-UE.

Il-persuna li tqiegħed tali makkinarju fis-suq tal-UE tista' tkun kapaċi tiżgura li l-fabbrikant jissodisfa l-obbligi tiegħu skont id-Direttiva. Madankollu, jekk dan ma jiġix żgurat, il-persuna li tqiegħed il-makkinarju fis-suq tal-UE għandha tissodisfa dawn l-obbligi hija stess. L-istess japplika għal persuna li timporta makkinarju fl-UE għall-użu personali tagħha. F'dawn il-każijiet, il-persuna li tqiegħed il-makkinarju jew makkinarju parzjalment komplut fis-suq tal-UE jew li tqiegħed makkinarju għas-servizz fl-UE titqies bħala l-fabbrikant u għalhekk għandha tissodisfa l-obbligi kollha tal-fabbrikant stipulati fl-Artikolu 5.

Dan ifisser li l-persuna li tpoġġi l-makkinarju fis-suq irid ikollha l-mezzi bix tissodisfa dawn l-obbligi, li jinkludu li jiġi żgurat li l-makkinarju jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali relevanti għas-saħħa u s-sigurtà, li jiġi żgurat li l-fajl tekniku jkun disponibbli, li jiġu pprovduti l-istruzzjonijiet, li ssir il-proċedura ta' stima tal-konformità adattata, l-abbozzar u l-iffirmar tad-Dikjarazzjoni KE tal-Konformità tal-makkinarju u t-twaħħil tal-marka CE – ara §103 sa §105: kummenti dwar l-Artikolu 5.

Ta' min jinnota li d-dispożizzjoni stipulata fit-tieni sentenza tad-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 2 (i) ma tistax tiġi invokata minn fabbrikant fl-UE jew minn fabbrikant barra mill-UE li jieħu l-inizjattiva biex iqiegħed makkinarju fis-suq tal-UE, bil-għan li jiġu evitati l-obbligi tagħhom skont id-Direttiva dwar il-Makkinarju.

§ 82 – Makkinarju mmodifikat qabel ma jitpoġġa f'servizz għall-ewwel darba

F'xi każijiet, il-makkinarju jinbiegħ lil importatur jew distributur li mbagħad jimmodifika l-makkinarju fuq it-talba ta' klijent qabel ma l-makkinarju jitqiegħed għas-servizz għall-

ewwel darba. Jekk il-modifiki kienu previsti jew maqbula mill-fabbrikant u koperti mill-istima tar-riskju tal-fabbrikant, id-dokumentazzjoni teknika u d-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità, il-marka CE oriġinali tal-fabbrikant tibqa' valida. Min-naħa l-oħra, jekk il-modifika tkun sostanzjali (pereżempju, bidla ta' funzjoni u/jew prestazzjoni tal-makkinarju) u mhux prevista jew maqbula mill-fabbrikant, il-marka CE oriġinali tal-fabbrikant issir invalida u tkun trid tiġġedded – ara §72: kummenti dwar l-Artikolu 2 (h). Il-modifikant imbagħad jitqies bħala l-fabbrikant u għandu jissodisfa l-obbligi kollha stipulati fl-Artikolu 5 (1).

§ 83 Distributuri

Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti jiddefinixxi 'distributur' bħala *"kull persuna fiżika jew ġuridika fil-katina ta' provvista, differenti mill-manifattur jew l-importatur, li tagħmel prodott disponibbli fis-suq"*.[24] Id-Direttiva dwar il-Makkinarju ma tinkludix obbligi espliċiti għad-distributuri tal-makkinarju, sakemm id-distributur ma jkunx ir-rappreżentant awtorizzat tal-fabbrikant jew il-persuna li tqiegħed il-makkinarju fis-suq – ara §81 hawn fuq. Ir-rwol tad-distributuri tal-makkinarju kien ikkjarifikat permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea.[25]

Il-Qorti ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet nazzjonali jistgħu jitolbu lid-distributuri biex jiżguraw li, qabel ma l-makkinarju jitwassal lill-utent, dan:

- ikollu l-marka CE,
- ikun akkumpanjat mid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità abbozzata u ffirmata mill-fabbrikant jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, tradotta f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-makkinarju jitqiegħed fis-suq,
- ikun akkumpanjat minn struzzjonijiet fil-lingwa jew il-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat.

Jekk il-fabbrikant ma jkunx ipprovda struzzjonijiet oriġinali f'dik jew f'dawk il-lingwi, distributur li jdaħħal il-makkinarju fiż-żona tal-lingwa inkwistjoni għandu jipprovdi traduzzjoni – ara §257: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.1 tal-Anness I.

Ġeneralment, distributur ikun mistenni jeżerċita diliġenza xierqa fir-rigward tal-makkinarju li jforni, ikun konxju mir-regolamenti li għalihom ikun soġġett u li joqgħod lura milli jforni makkinarju li b'mod evidenti jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Makkinarju. Madankollu, id-distributur ma jistax jintalab jivverifika hu stess il-konformità tal-makkinarju mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà tad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

---

[24] L-Artikolu 2 (6) tar-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93.

[25] Sentenza tal-QĠE, it-8 ta' Settembru 2005, Kawża C-40/04: http://curia.europa.eu/jurisp/cgi-bin/form.pl?lang=mt&Submit=Rechercher&alldocs=alldocs&docj=docj&docop=docop&docor=docor&docjo=docjo&numaff=C-40/04%20&datefs=&datefe=&nomusuel=&domaine=&mots=&resmax=100

F'każ ta' dubju dwar il-konformità tal-makkinarju, id-distributur huwa mistenni jikkoopera mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, pereżempju, billi jgħinhom jistabbilixxu kuntatt mal-fabbrikant jew mar-rappreżentant awtorizzat tiegħu u jiksbu mingħand dan tal-aħħar l-informazzjoni meħtieġa bħall-elementi relevanti tal-fajl tekniku – ara §98: kummenti dwar l-Artikolu 4.

Fir-rigward tal-obbligi speċifiċi tad-distributuri ta' ktajjen, ħbula u ċineg - ara §44: kummenti dwar l-Artikolu 2 (e) u §357: kummenti dwar is-sezzjoni 4.3.1 tal-Anness I.

Artikolu 2

(j) *"rappreżentant awtorizzat" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fil-Komunità li rċeviet mandat bil-miktub mill-fabbrikant sabiex twettaq għan-nom tiegħu l-obbligi u l-formalitajiet kollha jew parti minnhom li huma marbuta ma' din id-Direttiva;*

§ 84 Il-possibbiltà li jinħatar rappreżentant awtorizzat

L-obbligi dwar it-tqegħid fis-suq u t-tqegħid għas-servizz tal-makkinarju u t-tqegħid fis-suq ta' makkinarju parzjalment komplut jaqgħu fuq il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu. Il-ħatra ta' rappreżentant awtorizzat fl-UE hija soluzzjoni disponibbli għall-fabbrikanti tal-makkinarju jew tal-makkinarju parzjalment komplut, kemm jekk stabbiliti fl-UE jew barra minnha, sabiex jiffaċilita t-twettiq tal-obbligi tagħhom skont id-Direttiva. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu jkollu mandat bil-miktub mill-fabbrikant, li jispeċifika b'mod espliċitu liema mill-obbligi stipulati fl-Artikolu 5 huma fdati lilu. Ir-rappreżentant awtorizzat huwa għalhekk differenti minn aġent kummerċjali jew distributur.

Rappreżentant awtorizzat jista' jkun persuna ġuridika jew fiżika, jiġifieri, individwu jew entità legali bħal kumpanija jew assoċjazzjoni. Huwa għandu jkun stabbilit fl-UE, fi kliem ieħor, huwa għandu jkollu indirizz fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri.

Il-fabbrikant għandu jiżgura li r-rappreżentant awtorizzat tiegħu jingħata l-mezzi neċessarji biex iwettaq l-obbligi kollha konferiti fuqu. Dan huwa partikolarment importanti jekk ir-rappreżentant awtorizzat jingħata l-kompitu li jwettaq l-istima ta' konformità tal-makkinarju – ara §105: kummenti dwar l-Artikolu 5 (3).

Mhuwiex obbligu ta' fabbrikant stabbilit barra l-UE li jinnomina rappreżentant awtorizzat: fabbrikant bħal dan jista' jwettaq l-obbligi kollha tiegħu direttament. Madankollu, kemm jekk tali fabbrikant jaħtar rappreżentant awtorizzat kif ukoll jekk le, huwa għandu dejjem jindika, fid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità jew fid-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni, l-isem u l-indirizz tal-persuna stabbilita fl-UE, li tkun awtorizzata biex tikkompila l-fajl tekniku jew id-dokumentazzjoni teknika relevanti – ara §383: kummenti dwar l-Anness II 1 A (2), u §385: kummenti dwar l-Anness II 1 B (2).

Ta' min jinnota wkoll li jekk il-fabbrikant ikun innomina rappreżentant awtorizzat għal kwalunkwe mill-obbligi stipulati fl-Artikolu 5, id-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità tal-makkinarju jew id-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni ta' makkinarju parzjalment komplut għandha tinkludi l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant u tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu – ara §383: kummenti dwar l-Anness II 1 A (1), §385: kummenti dwar l-Anness II 1 B (1).

§ 85 Il-kompiti ta' rappreżentant awtorizzat

Fabbrikant jista' jagħti mandat lil rappreżentant awtorizzat biex iwettaq l-obbligi kollha jew parti mill-obbligi msemmija fl-Artikolu 5.

Fil-każ tal-makkinarju, il-kompiti mogħtija mill-fabbrikant lir-rappreżentant awtorizzat jistgħu għalhekk jinkludu li jiġi żgurat li l-makkinarju jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali relevanti għas-saħħa u s-sigurtà, jiġi żgurat li l-fajl tekniku jkun disponibbli, jiġu pprovduti l-istruzzjonijiet, titwettaq il-proċedura xierqa tal-istima tal-konformità, l-abbozzar u l-iffirmar tad-Dikjarazzjoni KE tal-Konformità tal-makkinarju u t-twaħħil tal-marka CE – ara §103 sa §105: kummenti dwar l-Artikolu 5.

Fil-każ ta' makkinarju parzjalment komplut, ir-rappreżentant awtorizzat tal-fabbrikant jista' jingħata mandat biex jikkompila d-dokumentazzjoni teknika relevanti, biex iħejji u jipprovdi l-istruzzjonijiet dwar il-muntatura u biex ifassal u jiffirma id-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni ta' makkinarju parzjalment komplut – ara §131: kummenti dwar l-Artikolu 13.

Artikolu 2

(k) *"tqegħid għas-servizz" tfisser l-ewwel użu, għall-iskop intiż tiegħu, fil-Komunità, ta' makkinarju kopert minn din id-Direttiva;*

§ 86 Id-definizzjoni ta' 'tqegħid għas-servizz'

Id-Direttiva dwar il-Makkinarju tapplika għal makkinarju meta jitqiegħed fis-suq u/jew jitqiegħed għas-servizz. Il-makkinarju li jitqiegħed fis-suq fl-UE jitqiegħed għas-servizz meta jintuża fl-UE għall-ewwel darba. F'każijiet bħal dawn, l-obbligi tal-fabbrikant fir-rigward tat-tqegħid fis-suq u t-tqegħid għas-servizz tal-makkinarju huma l-istess.

Fil-każ ta' makkinarju ffabbrikat minn persuna għall-użu personali tagħha jew ta' muntatura tal-makkinarju mibnija mill-utent (li ma titqigħedx fis-suq), id-Direttiva dwar il-Makkinarju tapplika meta l-makkinarju jew il-muntatura tal-makkinarju jitqiegħdu għas-servizz għall-ewwel darba. Fi kliem ieħor, tali makkinarju għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva qabel jintuża għall-ewwel darba għall-iskop intiż tiegħu fl-UE.

Artikolu 2

(l) *standard armonizzat" tfisser speċifikazzjoni teknika li ma torbotx adottata minn korp ta' standardizzazzjoni, jiġifieri l-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) jew l-Istitut tal-Istandards tat-Telekommunikazzjoni Ewropew (ETSI), fuq il-bażi ta' mandat maħruġ mill-Kummissjoni skont il-proċeduri stabbiliti fid-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-provvista ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u r-regolamenti tekniċi u ta' regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà Informatika* [(1)].

[(1)] *ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni 2003.*

§ 87 Id-definizzjoni ta' 'standard armonizzat'

L-istandards armonizzati huma għodod essenzjali għall-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju. L-applikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja. Madankollu, meta r-referenzi tal-istandards armonizzati jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, l-applikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tagħhom tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà li jkopru – ara §110: kummenti dwar l-Artikolu 7 (2).

Barra minn hekk, l-istandards armonizzati jipprovdu indikazzjoni tajba tal-aħħar teknoloġija li għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni meta jiġu applikati r-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà stipulati fl-Anness I – ara §162: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 3 tal-Anness I.

Għalkemm id-definizzjoni ta' 'standards armonizzati' tirreferi għat-tliet Organizzazzjonijiet tal-Istandardizzazzjoni Ewropej (ESOs), fil-prattika, żewġ ESOs biss, CEN u CENELEC, huma involuti fl-iżvilupp ta' standards li jappoġġjaw id-Direttiva dwar il-Makkinarju – ara §112: kummenti dwar l-Artikolu 7 (2).

Il-mandat maħruġ mill-Kummissjoni imsemmi fid-definizzjoni ġeneralment issir referenza għalih bħala mandat. Fid-19 ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni ħarġet il-mandat M/396 għal CEN u CENELEC, fejn talbet lill-ESOs biex jirrevedu l-korp eżistenti ta' standards armonizzati għal makkinarju fid-dawl tad-Direttiva 2006/42/KE u biex jiżviluppaw l-istandards ġodda meħtieġa.[26]

(§ 88 Riżervat)

Artikolu 3

Direttivi Speċifiċi

Fejn, għall-makkinarju, il-perikli msemmija fl-Anness I huma koperti bis-sħiħ jew koperti parzjalment b'mod aktar speċifiku minn Direttivi Komunitarji oħra, din id-Direttiva ma għandhiex tapplika, jew għandha tieqaf milli tapplika għal dak il-makkinarju fir-rigward ta' perikli bħal dawn mid-data tal-implimentazzjoni ta' dawk id-Direttivi l-oħra.

§ 89 Id-Direttiva dwar il-Makkinarju u Direttivi oħrajn dwar is-suq intern

Skont l-Artikolu 3, għal prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Makkinarju jistgħu jitilfu posthom totalment jew parzjalment għal Direttivi oħrajn tal-UE li jkopru l-perikli kollha jew uħud mill-perikli kkonċernati b'mod aktar speċifiku.

Dawn id-Direttivi speċifiċi jistgħu jkunu Direttivi komprensivi dwar is-saħħa u s-sigurtà li jkopru l-perikli kollha tal-makkinarju għall-prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Skont l-Artikolu 3, dawn id-Direttivi għandhom jiġu applikati minflok id-Direttiva dwar il-Makkinarju għall-prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom – ara §90 hawn taħt.

F'każijiet oħrajn, il-koinċidenza bejn id-Direttivi speċifiċi u d-Direttiva dwar il-Makkinarju hija limitata għal periklu wieħed jew għal ftit perikli. Skont l-Artikolu 3,

[26] http://ec.europa.eu/enterprise/mechan_equipment/machinery/mandates/m-396_en.pdf

f'dawn il-każijiet għandhom jiġu applikati r-rekwiżiti relevanti tad-Direttiva speċifika minflok ir-rekwiżiti essenzjali korrispondenti għas-saħħa u s-sigurtà tad-Direttiva dwar il-Makkinarju – ara §91 hawn taħt.

Minbarra d-Direttivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3, jistgħu japplikaw Direttivi oħrajn tal-UE b'mod kumplimentari għal makkinarju fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju għal aspetti mhux koperti mid-Direttiva dwar il-Makkinarju, bħall-kumpatibbiltà elettromanjetika jew il-protezzjoni tal-ambjent – ara §92 hawn taħt.

Id-Direttivi l-oħrajn tal-UE imsemmija fil-paragrafi li ġejjin huma d-Direttivi li jiżguraw il-moviment liberu tal-merkanzija permezz tal-armonizzazzjoni teknika bbażata fuq l-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE (issa l-Artikolu 114 tat-TFUE). Huma ma jinkludux id-Direttivi bbażati fuq l-Artikolu 175 KE (issa l-Artikolu 192 tat-TFUE) relatati mal-protezzjoni tal-ambjent, jew id-Direttivi bbażati fuq l-Artikolu 137 KE (issa l-Artikolu 153 tat-TFUE) relatati mal-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Għar-relazzjoni bejn id-Direttiva dwar il-Makkinarju u d-Direttivi bbażati fuq l-Artikolu 137 KE (Artikolu 153 tat-TFUE) – ara §140: kummenti dwar l-Artikolu 15.

Id-Direttivi msemmija f'§90 sa §92 jistgħu jkunu applikabbli wkoll għall-makkinarju parzjalment komplut imsemmi fl-Artikolu 1 (g).

Ta' min jinnota li meta jkun hemm aktar minn Direttiva waħda applikabbli għall-makkinarju, il-proċedura ta' stima tal-konformità meħtieġa minn kull Direttiva tista' tkun differenti. F'dak il-każ, l-istima ta' konformità li għandha titwettaq skont kull Direttiva tikkonċerna biss l-aspetti li huma koperti b'mod aktar speċifiku minn dik id-Direttiva.

Il-marka CE mwaħħla fuq il-makkinarju turi li l-makkinarju huwa konformi mal-leġiżlazzjonijiet applikabbli kollha tal-UE li jirrikjedu l-marka CE – ara §106: kummenti dwar l-Artikolu 5 (4), u §141: kummenti dwar l-Artikolu 16.

Meta, minbarra d-Direttiva dwar il-Makkinarju, ikun hemm Direttivi oħrajn li jirrikjedu Dikjarazzjoni KE tal-Konformità u li jkunu applikabbli għall-makkinarju, il-fabbrikant jista' jfassal Dikjarazzjoni tal-KE waħda tal-Konformità għad-Direttivi kollha kkonċernati, diment li din id-Dikjarazzjoni jkun fiha l-informazzjoni kollha mitluba minn kull Direttiva. Dan jista' ma jkunx possibbli fil-każijiet kollha, minħabba li ċerti Direttivi jispeċifikaw format partikolari għad-Dikjarazzjoni tal-Konformità. Fi kwalunkwe każ, id-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità tal-makkinarju għandha tinkludi dikjarazzjoni li l-makkinarju huwa konformi mad-Direttivi applikabbli l-oħrajn – ara §383: kummenti dwar l-Anness II 1 A (4).

§90 Direttivi speċifiċi li japplikaw minflok id-Direttiva dwar il-Makkinarju (MD) għal makkinarju li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom

Direttiva 2009/48/KE **dwar is-sikurezza tal-ġugarelli** [27]	Id-Direttiva dwar il-Ġugarelli hija Direttiva komprensiva dwar is-saħħa u s-sigurtà, li tittratta, b'mod aktar speċifiku mill-MD, il-perikli tal-makkinarju intiż biex jintuża bħala ġugarell. Skont l-Artikolu 3, għalhekk, l-MD mhijiex applikabbli għal makkinarju li huwa fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ġugarelli.
Direttiva 89/686/KEE **rigward it-tagħmir personali protettiv**[28] **(PPED)**	Il-PPED hija Direttiva dwar is-saħħa u s-sigurtà, li tittratta, b'mod aktar speċifiku mill-MD, il-perikli tal-makkinarju intiż biex jintuża bħala TPP. Skont l-Artikolu 3, għalhekk, l-MD mhijiex applikabbli għal makkinarju li huwa fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-PPED. Ta' min jinnota li l-prodotti li huma soġġetti għall-PPED jistgħu jitwaħħlu ma' makkinarju, bħal, pereżempju, gwidi riġidi jew flessibbli għal tagħmir personali ta' fall arrest.
Direttiva 93/42/KEE[29] **kif emendata mid-Direttiva 2007/47/KE**[30] **dwar mezzi mediċi** **(MDD)**	L-MDD hija Direttiva dwar is-saħħa u s-sigurtà, li tittratta, b'mod aktar speċifiku mill-MD, il-perikli tal-makkinarju intiż għal użu mediku. Skont l-Artikolu 3, għalhekk, l-MD mhijiex applikabbli għal makkinarju li huwa fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-MDD. Ta' min jinnota li l-Artikolu 3 tal-MDD kif emendata jagħmel kwalunkwe rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà tal-MD li huma relevanti u li mhumiex inklużi fl-MDD applikabbli għal mezzi mediċi li huma makkinarju, filwaqt li l-obbligi l-oħrajn kollha relatati mat-tqegħid fis-suq ta' dawn il-mezzi, inkluża l-proċedura ta' stima tal-konformità, huma stabbiliti mill-MDD biss.

[27] *ĠU L 170, 30.6.2009 p. 1.*

[28] *ĠU L 399, 30.12.1989 p. 18.*

[29] ĠU L 169, 12.7.1993 p. 1.

[30] *ĠU L 247, 21.9.2007 p. 21.*

Direttiva 95/16/KE[31] **dwar il-lifts** **(LD)**	L-LD hija Direttiva dwar is-saħħa u s-sigurtà, li tittratta, b'mod aktar speċifiku mill-MD, il-perikli tal-makkinarju intiż biex jintuża bħala lift u dawk tal-komponenti tas-sigurtà għal-lifts. Skont l-Artikolu 3, għalhekk, l-MD mhijiex applikabbli għal-lifts jew għall-komponenti tas-sigurtà li huma fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-LD. Ta' min jinnota li s-sezzjoni 1.1 tal-Anness I tal-LD tagħmel kwalunkwe rekwiżiti essenzjali relevanti għas-saħħa u s-sigurtà tal-MD, li mhumiex inklużi fl-Anness I tal-LD, applikabbli għal lifts, filwaqt li l-obbligi l-oħrajn kollha relatati mat-tqegħid fis-suq ta' dawn il-lifts, inkluża l-proċedura ta' stima tal-konformità, huma stabbiliti mil-LD biss. L-MD tapplika għal lifts li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-LD, sakemm ma jkunux esklużi wkoll mill-kamp ta' applikazzjoni tal-MD – ara §47 sa §70: kummenti dwar Artikoli 1 (2), u §151: kummenti dwar l-Artikolu 24.
Direttiva 2000/9/KE[32] **dwar l-installazzjonijiet tal-funikular iddisinjati għat-trasport ta' persuni**	Id-Direttiva dwar il-Funikular hija Direttiva dwar is-saħħa u s-sigurtà, li tittratta, b'mod aktar speċifiku mill-MD, il-perikli tal-makkinarju intiż għal użu bħala funikular iddisinjat għat-trasport ta' persuni. Skont l-Artikolu 3, għalhekk, l-MD mhijiex applikabbli għal funikular iddisinjat għat-trasport ta' persuni li huma fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Funikular. L-MD tapplika għal ċerti funikulari li jaqgħu barra jew huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Funikular bħal, pereżempju, funikulari għat-trasport ta' merkanzija biss u funikulari għal skopijiet agrikoli, ta' tħaffir fil-minjieri jew industrijali. Installazzjonijiet oħrajn li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Funikular huma wkoll esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-MD, pereżempju, bħala mezzi tat-trasport fuq l-ilma jew fuq rettikolati tal-ferroviji jew bħala tagħmir speċifiku għal użu f'postijiet tal-fieri jew postijiet ta' divertiment – ara §49 u §57: kummenti dwar l-Artikolu 1 (2).

[31] ĠU L 213, 7.9.1995, p. 1.

[32] *ĠU L 106, 3.5.2000, p. 21.*

§91 *Direttivi speċifiċi li jistgħu japplikaw għal makkinarju minflok id-Direttiva dwar il-Makkinarju għal perikli speċifiċi*

Direttiva 94/9/KE[33] **dwar tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu f'atmosferi potenzjalment splussivi** **(Direttiva ATEX)**	Skont l-Artikolu 3, id-Direttiva ATEX tapplika, għall-periklu ta' splużjoni, għal makkinarju intiż għal użu f'atmosferi potenzjalment splussivi. Ir-referenza għal "Direttivi speċifiċi tal-Komunità" fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.5.7 tal-Anness I tal-MD għandha tinftiehem bħala referenza għad-Direttiva ATEX. Ta' min jinnota li d-Direttiva ATEX ma tapplikax għal żoni fil-limiti tal-makkinarju fejn tista' teżisti atmosfera potenzjalment splussiva jew għal perikli ta' splużjoni li mhumiex dovuti għal kundizzjonijiet atmosferiċi.[34] Ir-riskji ta' splużjoni kkawżati minn jew fil-makkinarju nnifsu jew minn gassijiet, likwidi, trab, fwar jew sustanzi oħrajn prodotti jew użati mill-makkinarju huma koperti mill-MD - ara §228: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.7 tal-Anness I. Fabbrikant tal-makkinarju jista' jinkorpora tagħmir, sistemi protettivi jew komponenti ATEX li diġà ġew imqiegħda fis-suq sabiex jipprevjeni r-riskju ta' splużjoni f'żoni fil-limiti tal-makkinarju. F'dak il-każ, id-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità tal-makkinarju ma għandhiex tirreferi għad-Direttiva ATEX, iżda d-Dikjarazzjonijiet KE tal-konformità tat-tagħmir, is-sistemi jew il-komponenti ATEX inkorporati fil-makkinarju għandhom jiġu inklużi fil-fajl tekniku tal-fabbrikant tal-makkinarju – ara §392: kummenti dwar l-Anness VII A 1 (a).

[33] *ĠU L 100, 19.4.1994, p. 1.*

[34] Ara: *Linji Gwida dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 94/9/KE tat-23 ta' Marzu 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw it-tagħmir u sistemi ta' protezzjoni intiżi għall-użu f'atmosferi potenzjalment splussivi – It-tielet edizzjoni Ġunju 2009*: http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/mechanical/documents/guidance/atex/application/index_en.htm

Direttiva 84/500/KEE **dwar oġġetti taċ-ċeramika maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt mal-oġġetti tal-ikel**[35] **Regolament (KE) Nru 1935/2004**[36] **dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE** **Direttiva tal-Kummissjoni 2002/72/KE**[37] **dwar materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel**	Skont l-Artikolu 3, id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-materjali u l-oġġetti intiżi sabiex jiġu f'kuntatt mal-ikel japplikaw għall-partijiet relevanti tal-makkinarju relatat mal-oġġetti tal-ikel. Ir-referenza fis-sezzjoni 2.1.1 (a) tal-Anness I tad-Direttiva dwar il-Makkinarju għad-"Direttivi relevanti" għandha tinftiehem bħala referenza għad-Direttiva 84/500/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 u d-Direttiva 2002/72/KE.
Direttiva 2009/105/KE[38] **dwar reċipjenti sempliċi taħt pressjoni** **(verżjoni kkodifikata)** **(SPVD)**	Skont l-Artikolu 3, l-SPVD tapplika, għall-perikli ta' pressjoni, għal reċipjenti sempliċi taħt pressjoni fabbrikati f'serje fil-limiti tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha, li huma inkorporati fil-makkinarju jew imqabbda miegħu. Ta' min jinnota li l-MD tkopri r-riskju ta' ***ksur waqt it-tħaddim*** – ara §207: kummenti dwar is-sezzjoni 1.3.2 tal-Anness I.

[35] ĠU L 277, 20.10.1984 p. 12

[36] ĠU L 338, 13.11.2004 p. 4.

[37] ĠU L 220, 15.08.2002 p. 18.

[38] ĠU L 264, 8.10.2009, p. 12.

Direttiva 2009/142/KE[39] **rigward tagħmir li juża l-gass** **(GAD)**	Il-GAD tapplika għal tagħmir li juża l-gass li jintuża għat-tisjir, it-tisħin, il-produzzjoni tal-ilma jaħraq, it-tkessiħ, id-dawl jew il-ħasil, inklużi forced draught burners, u għal tagħmir għal apparat bħal dan. Skont l-Artikolu 3, il-GAD tapplika wkoll, għall-perikli li tkopri, għal tagħmir li juża l-gass fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu li huwa inkorporat f'makkinarju. It-tagħmir iddisinjat b'mod speċifiku biex jintuża fi proċessi industrijali mwettqa f'bini industrijali huwa eskluż mill-GAD. Tagħmir bħal dan, u tagħmir ieħor li juża l-gass eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tal-GAD, huma soġġetti għall-MD jekk ikunu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha jew ikunu inkorporati f'makkinarju. L-MD tapplika wkoll għal tagħmir li juża l-gass fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GAD li jkollu partijiet jiċċaqalqu li jitħaddmu bid-dawl, għal perikli li mhumiex koperti mill-GAD.
Direttiva 97/23/KE[40] **dwar apparat ta' pressjoni** **(PED)**	Skont l-Artikolu 3, il-PED hija applikabbli, għall-perikli ta' pressjoni, għal tagħmir ta' pressjoni fil-kamp ta' applikazzjoni li jiġi inkorporat f'makkinarju jew imqabbad miegħu. Jekk it-tagħmir ta' pressjoni li jkun diġà tqiegħed fis-suq ikun inkorporat f'makkinarju, il-fajl tekniku tal-fabbrikant tal-makkinarju għandu jinkludi d-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità ta' dak it-tagħmir ta' pressjoni għall-PED – <u>ara §392: kummenti dwar l-Anness VII A 1 (a)</u>. It-tagħmir ta' pressjoni kklassifikat bħala mhux ogħla mill-kategorija 1 li huwa inkorporat fil-makkinarju fil-kamp ta' applikazzjoni tal-MD huwa eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tal-PED. Għalhekk, l-MD hija applikabbli b'mod sħiħ għal tagħmir bħal dan. Ta' min jinnota li l-MD tkopri r-riskju ta' ***ksur waqt it-tħaddim*** – <u>ara §207: kummenti dwar is-sezzjoni 1.3.2 tal-Anness I</u>.

[39] ĠU L 330, 16.12.2009, p. 10.

[40] ĠU L 181, 9.7.1997, p. 1.

§ 92 Direttivi li jistgħu japplikaw għal makkinarju, minbarra d-Direttiva dwar il-Makkinarju, għal perikli li ma jaqgħux taħt id-Direttiva dwar il-Makkinarju

Direttiva 89/106/KE[41] **dwar Prodotti tal-Kostruzzjoni** **(CPD)**	Is-CPD tistipula r-rekwiżiti relatati mal-adegwatezza tal-prodotti tal-kostruzzjoni għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni li fihom għandhom jiġu inkorporati. Is-CPD tapplika, minbarra d-Direttiva dwar il-Makkinarju, għal makkinarju intiż biex jiġi inkorporat b'mod permanenti f'xogħlijiet ta' kostruzzjoni, bħal, pereżempju, gradi, twieqi, shutters u persjani li jitħaddmu bid-dawl, ventilazzjoni u sistemi ta' kundizzjonament tal-arja. Ta' min jinnota li l-applikazzjoni tas-CPD hija possibbli biss meta tkun disponibbli speċifikazzjoni teknika armonizzata.
Direttiva 97/68/KE[42] **kif emendata bid-Direttivi 2002/88/KE**[43] **u 2004/26/KE**[44] **dwar l-emissjoni ta' inkwinanti ta' gass u partikolati minn magni tal-kombustjoni interna li għandhom jiġu installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq** **(NRMMD)**	L-NRMMD tistipula r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali għall-emissjonijiet ta' inkwinanti ta' gass u partikolati minn magni tal-kombustjoni interna li għandhom jiġu installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq li huwa fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Il-magni installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq għandu jkollhom il-marki msemmija fl-Artikolu 6 u deskritti fis-sezzjoni 3 tal-Anness I għad-Direttiva 97/68/KE, iżda dik id-Direttiva ma għandhiex tissemma fid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità tal-makkinarju.
Direttiva 1999/5/KE[45] **dwar tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet** **(R&TTED)**	Ir-rekwiżiti tal-R&TTED fir-rigward tal-użu tal-ispettru ta' frekwenza tar-radju japplikaw għal tagħmir tar-radju u tagħmir terminali tat-telekomunikazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha li jiġi inkorporat fil-makkinarju, bħal, pereżempju, ċerti mezzi li jaħdmu b'kontroll mill-bogħod. Ta' min jinnota li s-sigurtà tas-sistemi ta' makkinarju li jaħdmu b'kontroll mill-bogħod hija soġġetta għall-MD – ara §184: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.1 tal-Anness I.

[41] ĠU L 40, 11.2.1989, p. 12.

[42] ĠU L 59, 27.2.1998 p. 1.

[43] ĠU L 35, 11.2.2003 p. 28.

[44] ĠU L 146, 30.4.2004 p. 1.

[45] ĠU L 91, 7.4.1999, p. 10.

Direttiva 2000/14/KE[46] kif emendata bid-Direttiva 2005/88/KE[47] **dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra** **(OED)**	L-OED tistabbilixxi rekwiżiti tal-emissjoni tal-ħsejjes fl-ambjent għal makkinarju intiż għall-użu ta' barra fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.[48] Ta' min jinnota li l-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 1.7.4.2 (u) tal-Anness I tal-MD jgħid li r-rekwiżiti tal-OED relatati mal-kejl tal-livelli ta' pressjoni tal-ħoss jew tal-livelli ta' enerġija tal-ħoss huma applikabbli għall-makkinarju fil-kamp ta' applikazzjoni tal-OED, u li d-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' dik is-sezzjoni ma japplikawx – ara §229 u §230: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.8, u §273: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (u) tal-Anness I.
Direttiva 2002/95/KE[49] **dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku** **(ROHS)**	Id-Direttiva ROHS tistabbilixxi restrizzjonijiet dwar l-użu ta' ċerti sustanzi perikoluż fit-tagħmir tal-elettriku u elettroniku li jappartjenu għall-kategoriji 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7 u 10 kif stipulat fl-Anness I A għad-Direttiva 2002/96/KE (WEEE). Ċerti prodotti li jappartjenu għal dawn il-kategoriji jistgħu jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju bħal, pereżempju, il-kategoriji 1 – elettrodomestiċi kbar li mhumiex intiżi għal użu domestiku, 6 – għodod tal-elettriku u elettroniċi, 7 – tagħmir tad-divertiment u l-isports li jitħaddem bid-dawl u 10 – dispensers awtomatiċi.
Direttiva 2004/108/KE[50] **dwar il-kumpatibbiltà elettromanjetika** **(EMCD)**	L-EMCD tapplika għal makkinarju li jkun fih partijiet elettriċi jew elettroniċi li jistgħu jiġġeneraw jew jiġu affettwati minn disturbanza elettromanjetika. L-EMCD tkopri aspetti ta' kumpatibbiltà elettromanjetika relatata mal-funzjonament tal-makkinarju.[51] Madankollu, l-MD tkopri l-immunità tal-makkinarju fir-rigward tad-disturbanza elettromanjetika relatata mas-sigurtà, kemm jekk trasmessa bir-radjazzjoni jew inkella b'wajer - ara §184: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.1, u §233: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.11 tal-Anness I.

[46] ĠU L 162, 3.7.2000 p. 1.

[47] ĠU L 344, 27.12.2005, p. 44.

[48] Ara l-Linji Gwida għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill 2000/14/KE: http://ec.europa.eu/enterprise/mechan_equipment/noise/index.htm

[49] ĠU L 37, 13.2.2003, p. 19.

[50] ĠU L 390 31.12.2004, p. 24.

[51] Ara l-Gwida għad-Direttiva EMC 2004/108/KE, il-21 ta' Mejju 2007: http://ec.europa.eu/enterprise/electr_equipment/emc/guides/emcguide_may2007.pdf

Direttiva 2005/32/KE **dwar it-twaqqif ta' qafas għall-iffissar tar-rekwiżiti għall-eko-disinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija** **(Direttiva EuP)**	Id-Direttiva EuP **tipprovdi qafas** għall-adozzjoni ta' rekwiżiti tal-eko-disinn għal prodotti industrijali. Il-miżuri ta' implimentazzjoni adottati fil-qafas tad-Direttiva EuP jistgħu japplikaw għal makkinarju jew għal tagħmir li għandu jiġi inkorporat f'makkinarju, bħal, pereżempju, pompi.

Artikolu 4

Is-sorveljanza tas-suq

1. *L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex jiżguraw li l-makkinarju jista' jitqiegħed fis-suq u/jew jitqiegħed fis-servizz biss jekk dan jissodisfa id-dispożizzjonijiet relevanti ta' din id-Direttiva u ma jipperikolax is-saħħa u s-sigurtà ta' persuni u, fejn jixraq, ta' annimali domestiċi jew ta' proprjetà, meta jkun installat u miżmum kif suppost u jintuża għall-iskop intiż tiegħu jew taħt il-kondizzjonijiet li jistgħu jkunu previsti b'mod raġonevoli.*

. . .

§ 93 Sorveljanza tas-suq

L-Artikolu 4 jistabbilixxi l-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Makkinarju għal makkinarju u makkinarju parzjalment komplut jiġu applikati b'mod korrett u li l-makkinarju mqiegħed fis-suq u mqiegħed għas-servizz ikun mingħajr periklu.

It-terminu 'makkinarju' fl-Artikolu 4 (1) jintuża fis-sens wiesa' biex jirreferi għall-kategoriji ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 1 (1) (a) sa (f) – ara §33: kummenti dwar l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2.

Regoli bażiċi għas-sorveljanza tas-suq huma stipulati fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti.[52] Ir-Regolament huwa applikabbli direttament mill-1 ta' Jannar 2010. Id-dispożizzjonijiet tiegħu relatati mas-sorveljanza tas-suq huma kumplimentari għal dawk tad-Direttiva dwar il-Makkinarju, fi kliem ieħor, japplikaw meta d-Direttiva dwar il-Makkinarju ma tinkludix dispożizzjonijiet speċifiċi li jkollhom l-istess għan.[53]

Il-kummenti li ġejjin huma relatati kemm mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar il-Makkinarju kif ukoll għad-dispożizzjonijiet kumplimentari inklużi fil-Kapitolu III tar-Regolament. Id-dispożizzjonijiet relevanti tar-Regolament huma miġbura fil-qosor u jsiru referenzi għall-Artikoli relevanti tar-Regolament fin-noti

[52] Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 – ĠU L 218, 13/8/2008 p. 30.

[53] Ara l-Artikolu 15 (2) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

f'qiegħ il-paġna, madankollu il-qarrejja għandhom jikkonsultaw it-test sħiħ tar-Regolament.

It-terminu *'sorveljanza tas-suq'* jirreferi għall-attivitajiet imwettqa u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet pubbliċi biex jiżguraw li l-prodotti soġġetti għad-Direttiva kienu soġġetti għall-proċeduri meħtieġa ta' stima tal-konformità, li huma konformi mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli għas-saħħa u s-sigurtà u, għal prodotti kompluti, li mhumiex perikolużi.[54] Is-sorveljanza tas-suq issir *meta jew wara* li dawn il-prodotti jitqiegħdu fis-suq jew jitqiegħdu għas-servizz. Is-sorveljanza tas-suq hija b'hekk differenti mill-istima ta' konformità, li għandha l-għan li tiżgura l-konformità tal-prodotti *qabel* jitqiegħdu fis-suq jew jitqiegħdu għas-servizz.

§ 94 Sorveljanza tas-suq tal-makkinarju

Is-sorveljanza tas-suq tal-makkinarju meħtieġa mill-Artikolu 4 (1) tinkludi mill-inqas l-attivitajiet li ġejjin:

- jiġi vverifikat li l-makkinarju mqiegħed fis-suq jew imqiegħed għas-servizz ikollu l-marka CE u jkun akkumpanjat minn Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità korretta – ara §103: kummenti dwar l-Artikoli 5 (1), §141: kummenti dwar l-Artikolu 16, §383: kummenti dwar l-Annessi II 1 A, u §387: kummenti dwar l-Anness III;
- jiġi żgurat li l-makkinarju mqiegħed fis-suq jew imqiegħed għas-servizz ikun soġġett għall-proċedura xierqa ta' stima tal-konformità – ara §127 sa §130: kummenti dwar l-Artikolu 12;
- jiġi vverifikat li l-makkinarju mqiegħed fis-suq jew imqiegħed għas-servizz ikun akkumpanjat mill-informazzjoni meħtieġa, bħal struzzjonijiet – ara §103: kummenti dwar l-Artikoli 5 (1), u §254 sa §256: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4 tal-Anness I;
- meta l-makkinarju jinkorpora makkinarju parzjalment komplut, jiġi vverifikat li l-istruzzjonijiet dwar il-muntatura tal-fabbrikant tal-makkinarju parzjalment komplut ikunu ġew segwiti b'mod korrett mill-fabbrikant tal-makkinarju komplut jew tal-muntatura tal-makkinarju;
- tiġi mmonitorjata l-konformità tal-makkinarju mqiegħed fis-suq jew imqiegħed għas-servizz biex jiġi żgurat li dan ikun konformi mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà li huma applikabbli u li ma jkunx ta' periklu għas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni u, fejn xieraq, ta' annimali domestiċi jew proprjetà – ara §103: kummenti dwar l-Artikolu 5 (1), u §160: kummenti dwar il-prinċipju ġenerali 2 tal-Anness I;
- tittieħed azzjoni xierqa biex jiġi żgurat li l-prodotti mhux konformi jinġiebu f'konformità jew jiġu rtirati mis-suq – ara §122 sa §126: kummenti dwar l-Artikoli 11, u §142, kummenti dwar l-Artikolu 17.

Ir-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà tad-Direttiva dwar il-Makkinarju jikkonċernaw primarjament is-saħħa u s-sigurtà ta' persuni, inklużi operaturi u persuni oħrajn esposti – ara §166 u §167: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.1.1 (c) u (d) tal-

[54] Ara l-Artikolu 2 (17) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

Anness I. Ir-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà japplikaw, ukoll meta jkun xieraq, għas-saħħa u s-sigurtà tal-annimali domestiċi. Dan jista' jkun relevanti, pereżempju, għal makkinarju intiż għal użu ma', jew li jista' jiġi f'kuntatt ma' annimali tal-irziezet, żwiemel jew annimali domestiċi. Ir-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà japplikaw ukoll, meta jkun xieraq, għall-protezzjoni tal-proprjetà, pereżempju, kontra r-riskji ta' nar jew splużjoni – ara §227 u §228: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.5.6 u 1.5.7 tal-Anness I.

Is-sorveljanza tas-suq tista' ssir fi kwalunkwe stadju wara li titlesta l-kostruzzjoni tal-makkinarju, hekk kif il-prodott ikkonċernat isir disponibbli għad-distribuzzjoni jew l-użu fl-UE – ara §73: kummenti dwar l-Artikolu 2 (h). Il-makkinarju jista' jiġi eżaminat fil-bini tal-fabbrikanti, l-importaturi, id-distributuri, il-kumpaniji tal-kiri, fi transitu jew fil-fruntieri esterni tal-UE.

Il-konformità tal-makkinarju tista' tiġi vverifikata wkoll fil-bini tal-utent wara li jkun tqiegħed għas-servizz, madankollu, f'dak il-każ, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu ħsieb li jiddistingwu l-karatteristiċi tal-makkinarju kif fornut mill-fabbrikant mill-karatteristiċi li jistgħu jirriżultaw mill-modifiki mwettqa mill-utent – ara §382: kummenti dwar l-Anness II 1 A. Dan jista' jiġi ffaċilitat b'eżaminazzjoni tal-elementi relevanti tal-fajl tekniku tal-fabbrikant – ara §392: kummenti dwar l-Anness VII A. Il-konformità tal-makkinarju fabbrikat mill-utent għall-użu personali tiegħu tista' tiġi vverifikata wkoll wara li l-makkinarju jkun tqiegħed għas-servizz – ara §86: kummenti dwar l-Artikolu 2 (k).

Jekk in-nuqqas ta' konformità tal-makkinarju fl-użu joħloq riskju għall-utenti, l-awtoritajiet nazzjonali inkarigati mis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jistgħu jitolbu lill-utenti jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipproteġu lill-persuni u, f'każ ta' riskju serju, jistgħu jipprojbixxu l-użu tal-makkinarju. Dawn il-miżuri jistgħu jittieħdu fil-qafas tar-Regolamenti nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 2009/104/KE dwar l-użu ta' tagħmir tax-xogħol – ara §140: kummenti dwar l-Artikolu 15. Madankollu, f'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu l-azzjoni meħtieġa fuq il-bażi tad-Direttiva dwar il-Makkinarju fir-rigward tal-fabbrikant tal-makkinarju kkonċernat.

Meta jivvalutaw il-konformità tal-makkinarju, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni l-aħħar teknoloġija, inklużi, fejn meħtieġ, l-istandards armonizzati fis-seħħ, fiż-żmien meta l-makkinarju jkun tqiegħed fis-suq – ara §161 u §162: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 3 tal-Anness I.

L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni l-użu tal-makkinarju intiż mill-fabbrikant kif ukoll l-użu ħażin previst b'mod raġonevoli – ara §171 u §172: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.1.1 (h) u (i) tal-Anness I.

***Artikolu 4** (ikompli)*

. . .

2. *L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex jiżguraw li makkinarju parzjalment komplut jista' jitqiegħed fis-suq biss jekk dan jissodisfa id-dispożizzjonijiet relevanti ta' din id-Direttiva.*

. . .

§ 95 Sorveljanza tas-suq ta' makkinarju parzjalment komplut

L-Artikolu 4 (2) jitlob lill-Istati Membri biex iwettqu s-sorveljanza tas-suq ta' makkinarju parzjalment komplut.

Is-sorveljanza tas-suq ta' makkinarju parzjalment komplut tista' ssir qabel ma l-makkinarju parzjalment komplut ikun ġie inkorporat fil-makkinarju finali jew fil-muntatura tal-makkinarju. L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq jistgħu jwettqu wkoll kontrolli fuq makkinarju jew muntaturi ta' makkinarju li fihom ikun ġie inkorporat il-makkinarju parzjalment komplut. F'dak il-każ, is-sorveljanza tas-suq tal-makkinarju parzjalment komplut hija aspett tas-sorveljanza tas-suq tal-makkinarju finali.

Jekk jiġi osservat nuqqas ta' konformità fil-makkinarju parzjalment komplut wara li jkun ġie inkorporat, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq jistgħu jiċċekkjaw fil-fajl tekniku għall-makkinarju finali jekk id-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni għall-makkinarju parzjalment komplut tiddikjarax li r-rekwiżit essenzjali kkonċernat ta' saħħa u sigurtà kien applikat u ssodisfat – ara §384: kummenti dwar l-Anness II 1 B. F'dak il-każ, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jindirizzaw lill-fabbrikant tal-makkinarju parzjalment komplut.

Is-sorveljanza tas-suq ta' makkinarju parzjalment komplut tikkomprendi l-attivitajiet li ġejjin:

a) jiġi żgurat li l-makkinarju parzjalment komplut li tqiegħed fis-suq kien soġġett għall-proċedura xierqa – ara §131: kummenti dwar l-Artikolu 13;

b) jiġi vverifikat li l-makkinarju parzjalment komplut li tqiegħed fis-suq huwa akkumpanjat minn Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni korretta. B'mod partikolari, għandu jiġi żgurat li d-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni tkun tinkludi d-Dikjarazzjoni li fir-rigward tagħha jkunu ġew applikati u ssodisfati r-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà – ara §131: kummenti dwar l-Artikolu 13, u §384: kummenti dwar l-Anness II. 1 B;

c) jiġi vverifikat li jkunu tfasslu l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant dwar il-muntatura sabiex il-fabbrikant tal-makkinarju komplut ikun jista' jimmonta b'mod korrett il-makkinarju parzjalment komplut – ara §131: kummenti dwar l-Artikolu 13, u §390: kummenti dwar l-Anness VI;

d) tiġi mmonitorjata l-konformità tal-makkinarju parzjalment komplut li jkun tqiegħed fis-suq mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà li l-fabbrikant jiddikjara li jkunu ġew applikati u ssodisfati – ara §385: kummenti dwar l-Anness II B 4. Il-monitoraġġ tal-makkinarju parzjalment komplut jista' jiġi ffaċilitat billi ssir referenza għad-dokumentazzjoni teknika relevanti – ara §394: kummenti dwar l-Anness VII B;

e) jittieħdu miżuri xierqa biex jiġi indirizzat il-makkinarju parzjalment komplut li jonqos milli jikkonforma ma' kwalunkwe mid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) hawn fuq. Għalkemm id-Direttiva dwar il-Makkinarju ma tispeċifikax x'inhuma l-miżuri li jridu jittieħdu, jidher ċar li l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jitolbu lill-fabbrikant ta' makkinarju parzjalment komplut biex iġib il-prodott tiegħu f'konformità mad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) hawn fuq u, jekk jonqos milli jagħmel dan, li jiżgura li l-prodott jiġi rtirat mis-suq.

Artikolu 4 (ikompli)

. . .

3. *L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jaħtru l-awtoritajiet kompetenti biex iħarsu l-konformità tal-makkinarju u l-makkinarju parzjalment komplut mad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2.*

4. *L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu d-doveri, l-organizzazzjoni u s-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 3 u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan kif ukoll dwar kwalunkwe emenda sussegwenti.*

§ 96 Awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq

It-terminu *'awtoritajiet kompetenti'* jirreferi għall-awtorità jew awtoritajiet ta' kull Stat Membru responsabbli għat-twettiq tas-sorveljanza tas-suq fit-territorju tagħha.[55] L-Artikoli 4 (3) u 4 (4) jesiġu li l-Istati Membri jinnominaw l-awtoritajiet li huma responsabbli għat-twettiq tas-sorveljanza tas-suq u biex jiddefinixxu l-kompiti, l-organizzazzjoni u s-setgħat tagħhom. L-Istati Membri huma liberi li jiddeterminaw kif tiġi organizzata s-sorveljanza tas-suq tagħhom, madankollu, is-sistema ta' sorveljanza tas-suq għandha tissodisfa ċerti kriterji:

- L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu d-doveri tagħhom b'mod indipendenti, imparzjali u mingħajr preġudizzju.[56]
- L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq b'riżorsi adegwati f'termini ta' persunal u baġit sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom.
- Is-setgħat legali li għandhom jingħataw lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jinkludu s-setgħa li l-operaturi ekonomiċi jintalbu jagħmlu d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni disponibbli u, meta jkun ġustifikat, li jidħlu fil-bini tal-operaturi ekonomiċi u jieħdu l-kampjuni rappreżentattivi meħtieġa tal-prodotti.[57]
- L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-setgħat mogħtija lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq jiġu eżerċitati skont il-prinċipju ta' proporzjonalità.[58]
- L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-pubbliku jkun konxju tal-eżistenza, ir-responsabbiltajiet u l-identità tal-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza tas-suq, kif ukoll kif dawn jistgħu jiġu kkuntattjati.[59]
- Is-sistema ta' sorveljanza tas-suq għandha tkun kapaċi tkopri l-firxa sħiħa ta' prodotti soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju, inkluż makkinarju għal użu professjonali u makkinarju intiż għal użu mill-konsumaturi.[60] F'xi Stati Membri,

[55] Ara l-Artikolu 2 (18) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

[56] Ara l-Artikolu 19 (4) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

[57] Ara l-Artikolu 19 (1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

[58] Ara l-Artikolu 18 (4) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

[59] Ara l-Artikolu 17 (2) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

[60] Ara l-Artikolu 16 (3) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

awtorità waħda tista' tkopri l-firxa sħiħa ta' prodotti. Fi Stati Membri oħrajn, is-sorveljanza tas-suq għad-Direttiva dwar il-Makkinarju tista' tiġi kondiviża bejn, pereżempju, l-awtorità inkarigata mill-protezzjoni tal-konsumaturi u l-awtorità responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

- Jekk ikunu involuti aktar minn awtorità waħda, l-Istat Membru għandu jagħmel arranġamenti biex jiżgura l-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni meħtieġa bejniethom.[61]
- L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandu jkollhom il-faċilitajiet biex iwettqu t-testijiet u l-ispezzjonijiet tekniċi meħtieġa jew, għall-inqas, għandu jkollhom aċċess għall-faċilitajiet neċessarji, kif meħtieġ.[62] L-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għas-sorveljanza tas-suq jistgħu jafdaw ċerti kompiti speċifiċi, bħall-ittestjar jew l-ispezzjoni teknika tal-makkinarju, lil korpi kompetenti biex jagħmlu testijiet jew spezzjonijiet, inklużi korpi privati. Madankollu, l-awtoritajiet pubbliċi ta' sorveljanza tas-suq jibqgħu responsabbli għad-deċiżjonijiet u l-miżuri kollha ta' sorveljanza tas-suq meħuda fuq il-bażi tat-testijiet jew l-ispezzjonijiet imwettqa f'isimhom minn dawn il-korpi.

§ 97 Is-sistema ta' sorveljanza tas-suq

Is-sistema ta' sorveljanza tas-suq għandha tinkludi:

- proċedura għall-indirizzar tal-ilmenti dwar makkinarju mhux konformi;
- sistema għall-monitoraġġ u t-teħid ta' azzjoni fuq rapporti u dejta relatati ma' inċidenti u ħsara għas-saħħa minħabba l-makkinarju;
- stħarriġ tal-kategoriji partikolari ta' makkinarju u spezzjoni jew ittestjar tal-kampjuni;
- mezzi adegwati li jivverifikaw li l-azzjonijiet korrettivi twettqu b'mod effettiv;
- mezzi għas-segwitu ta' għarfien xjentifiku u tekniku li jikkonċerna kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà relatati mal-makkinarju.[63]

Ovvjament, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq ma jistgħux jeżaminaw il-prodotti kollha mqiegħda fis-suq, iżda l-livell ta' monitoraġġ tal-prodotti fis-suq għandu jkun suffiċjenti biex jiġi żgurat li l-attività ta' sorveljanza tas-suq tiġi perċepita mill-partijiet interessati kkonċernati u jkollha impatt sinjifikanti fuq l-imġiba tal-operaturi ekonomiċi.

L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu azzjoni xierqa meta l-ilmenti jew ir-rapporti dwar aċċidenti, inċidenti jew ħsara għas-saħħa minħabba l-makkinarju jindikaw li l-makkinarju kkonċernat ma jkunx konformi mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà tad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom isegwu d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni skont il-proċedura tal-klawsola ta' salvagwardja – ara §122 sa §126: kummenti dwar l-Artikolu 11. L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom isegwu

[61] Ara l-Artikolu 18 (1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

[62] Ara l-Artikolu 19 (1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

[63] Ara l-Artikolu 18 (2) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

l-informazzjoni dwar prodotti perikolużi nnotifikati taħt is-sistema RAPEX stabbilita skont id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti.[64]

Minbarra din l-azzjoni reattiva, l-attività tas-sorveljanza tas-suq għandha tiġi organizzata fuq il-bażi ta' programmi perjodiċi ta' sorveljanza tas-suq li għandhom jiġu riveduti u aġġornati regolarment sabiex tittejjeb l-effettività tagħhom. Il-programm ta' sorveljanza tas-suq għal makkinarju jista' jew jiġi inkluż fi programm ġenerali ta' sorveljanza tas-suq jew inkella jkun soġġett għal programme speċifiku għas-settur. Il-programmi ta' sorveljanza tas-suq għandhom jiġu kkomunikati lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni u jsiru magħrufa mal-pubbliku, inkluż permezz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. L-ewwel komunikazzjoni bħal din għandha sseħħ sal-1 ta' Jannar 2010. Il-programmi ta' sorveljanza tas-suq għandhom jiġu riveduti mill-inqas kull erba' snin u r-riżultati tar-reviżjoni għandhom jiġu kkomunikati lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni u jsiru disponibbli għall-pubbliku.[65]

Bil-għan li tkun l-aktar effettiva, l-attività ta' sorveljanza tas-suq għandha tkun ibbażata fuq stima tar-riskju. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-oqsma ta' prodotti fejn hemm evidenza ta' applikazzjoni ħażina tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jew meta, minkejja l-applikazzjoni tad-Direttiva, ir-rata ta' inċidenti jew ħsara għas-saħħa minħabba l-użu tal-makkinarju tibqa' għolja.

Sabiex isir l-aħjar użu mir-riżorsi, il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri huma neċessarji – ara §144: kummenti dwar l-Artikolu 19. Ir-Regolament li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u s-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti jipprevedi miżuri speċifiċi biex tittejjeb din il-kooperazzjoni, kif ukoll miżuri biex tiġi żgurata kooperazzjoni xierqa mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi.[66]

§ 98 L-għodod għal sorveljanza tas-suq

Il-marka CE u d-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità

Il-marka CE mwaħħla mal-makkinarju u d-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità tal-fabbrikant li għandha takkumpanja l-makkinarju huma l-ewwel elementi li jistgħu jiġu ċċekkjati mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq – ara §141: kummenti dwar l-Artikoli 16, §385: kummenti dwar l-Anness II 1 A, u §387: kummenti dwar l-Anness III.

B'mod partikolari, id-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità tipprovdi informazzjoni essenzjali li tippermetti lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq iwettqu l-kontrolli meħtieġa:

- l-identità tal-fabbrikant tal-makkinarju u tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu, meta jkun xieraq;
- il-persuna awtorizzata li tagħmel il-fajl tekniku;
- il-proċedura tal-istima tal-konformità li ġiet segwita u l-identità tal-Korp notifikat involut, meta jkun xieraq;

[64] Id-Direttiva Nru 2001/95/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti – ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.

[65] Ara l-Artikolu 18 (5) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

[66] Ara l-Artikoli 24, 25 u 26 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

- id-Direttivi l-oħrajn li ġew applikati biex ikopru ċerti perikli b'mod aktar speċifiku – ara §89 sa §92: kummenti dwar l-Artikolu 3;
- l-istandards armonizzati jew speċifikazzjonijiet tekniċi oħrajn li ġew applikati, meta jkun xieraq.

Sabiex jibbenifikaw mill-preżunzjoni ta' konformità mogħtija mill-applikazzjoni tal-istandards armonizzati, il-fabbrikanti għandhom jindikaw ir-referenzi tal-istandard(s) armonizzat(i) applikati fid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità. Madankollu, għandu jiġi mfakkar li l-applikazzjoni tal-istandards armonizzati tibqa' volontarja – ara §110 u §111: kummenti dwar l-Artikoli 7 (2), §114: kummenti dwar l-Artikolu 7 (3) u §385: kummenti dwar l-Anness II 1 A.

Fil-każ ta' makkinarju li jappartjeni għal waħda mill-kategoriji elenkati fl-Anness IV fejn il-fabbrikant ikun segwa l-proċedura għal stima ta' konformità b'kontrolli interni fuq il-fabbrikazzjoni tal-makkinarju skont l-Anness VIII, il-fabbrikant għandu jindika r-referenza(/i) tal-istandard(s) armonizzat(i) applikati fid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità, billi l-applikazzjoni tal-istandards armonizzati li jkopru l-EHSRs kollha applikabbli għall-makkinarju hija kundizzjoni għall-użu ta' dik il-proċedura ta' stima tal-konformità – ara §129: kummenti dwar l-Artikolu 12 (3).

Meta r-referenza ta' standard armonizzat tkun indikata fid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq jkunu intitolati li jqisu li l-fabbrikant applika l-ispeċifikazzjonijiet tal-istandard b'mod sħiħ. Jekk il-fabbrikant ma jkunx applika l-ispeċifikazzjonijiet kollha ta' standard armonizzat, huwa xorta waħda jista' jindika r-referenza tal-istandard fid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità, iżda, f'dak il-każ, huwa għandu jindika liema speċifikazzjonijiet tal-istandard applika jew ma applikax.

L-istruzzjonijiet

L-eżaminazzjoni tal-istruzzjonijiet li għandhom jakkumpanjaw il-makkinarju għandha tipprovdi wkoll informazzjoni importanti għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq. L-istruzzjonijiet għandhom jiġu pprovduti fil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-pajjiż tal-użu – ara §256: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4 tal-Anness I.

B'mod partikolari, l-istruzzjonijiet għandhom jispeċifikaw l-użu intiż tal-makkinarju, li għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni matul kwalunkwe investigazzjoni tal-konformità tal-makkinarju – ara §171: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.1 (h) tal-Anness I.

Il-fajl tekniku jew id-dokumentazzjoni teknika relevanti

Jekk l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq ikollhom xi dubju rigward il-konformità tal-makkinarju mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà, huma għandhom jitolbu komunikazzjoni tal-fajl tekniku tal-fabbrikant – ara §393: kummenti dwar l-Anness VII A 2 u 3. Fil-każ ta' makkinarju parzjalment komplut, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq jistgħu jitolbu komunikazzjoni tad-dokumentazzjoni teknika relevanti tal-fabbrikant – ara §394: kummenti dwar l-Anness VII B. Din it-talba tista' ssir fi kwalunkwe stadju tal-proċess ta' sorveljanza tas-suq.

Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom għan doppju: minn naħa waħda, l-għoti tal-elementi relevanti tal-fajl tekniku jew tad-dokumentazzjoni teknika relevanti jippermetti lill-fabbrikant jispjega l-miżuri li jkun ħa biex jindirizza r-riskji assoċjati mal-makkinarju

sabiex jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli għas-saħħa u s-sigurtà. Minnaħa l-oħra, l-eżaminazzjoni ta' dawn id-dokumenti tgħin lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq biex ilestu l-investigazzjoni tagħhom u b'hekk ineħħu jew inkella jikkonfermaw id-dubji tagħhom dwar il-konformità tal-makkinarju kkonċernat. Madankollu, mhuwiex neċessarju għall-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq li jitolbu dawn id-dokumenti jekk iqisu li huma diġà għandhom biżżejjed informazzjoni li fuqha jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom.

It-talba għall-komunikazzjoni tal-fajl tekniku jew tad-dokumentazzjoni teknika relevanti għandha tindika n-natura tad-dubju dwar il-konformità tal-makkinarju kkonċernat u l-partijiet jew l-aspetti tal-makkinarju li huma soġġetti għal investigazzjoni. Għandhom jintalbu biss l-elements tal-fajl tekniku jew tad-dokumentazzjoni teknika relevanti li jkunu meħtieġa għall-investigazzjoni, sabiex ma jitpoġġiex piż sproporzjonat fuq il-fabbrikant.

In-nuqqas ta' preżentazzjoni tal-fajl tekniku għal makkinarju, jew tad-dokumentazzjoni teknika relevanti għal makkinarju parzjalment komplut, b'rispons għal tali talba debitament sostanzjata, jista' jikkostitwixxi raġunijiet biex tiġi ddubitata l-konformità tal-makkinarju jew tal-makkinarju parzjalment komplut – ara §393: kummenti dwar l-Anness VII A 3, u §394: kummenti dwar l-Anness VII B (b). Fi kliem ieħor, jekk il-fabbrikant jonqos milli jwieġeb għal talba debitament sostanzjata li jforni l-elementi relevanti tal-fajl tekniku jew tad-dokumentazzjoni teknika tiegħu, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq huma intitolati li jiddeċiedu x'azzjoni jridu jieħdu fuq il-bażi ta' kull evidenza oħra li tkun disponibbli għalihom.

§ 99 Dokumenti relatati ma' makkinarju tal-Anness IV

Meta l-makkinarju li jappartjeni għal waħda mill-kategoriji elenkati fl-Anness IV ikun soġġett għal waħda mill-proċeduri ta' stima ta' konformità li jinvolvu Korp notifikat, minbarra t-talbiet għad-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom il-possibbiltà li jiksbu ċerti dokumenti mingħand il-Korp notifikat ikkonċernat.

Eżami tat-tip KE

Għal makkinarju soġġett għall-Proċedura tal-eżami tat-tip KE stipulata fl-Anness IX, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq jistgħu, fuq talba, jiksbu kopja taċ-Ċertifikat tal-eżami tat-tip KE relevanti. Dan jippermetti lill-awtoritajiet jiċċekkjaw li ċertifikat ikun inħareġ tassew għall-makkinarju kkonċernat. Fuq talba sostanzjata, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq jistgħu jiksbu kopja tal-fajl tekniku u r-riżultati tal-eżaminazzjonijiet imwettqa mill-Korp notifikat – ara §399: kummenti dwar l-Anness IX 7.

Dawn it-talbiet jistgħu jiġu indirizzati mill-awtorità ta' sorveljanza tas-suq direttament lill-Korp notifikat li jkun wettaq l-eżami tat-tip KE. Il-Korp notifikat għandu jwieġeb lill-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza tas-suq li tagħmel it-talba. F'każ ta' diffikultajiet, pereżempju, fir-rigward tal-lingwa, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq jistgħu jfittxu l-għajnuna tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għan-notifika tal-Korp notifikat ikkonċernat – ara §144: kummenti dwar l-Artikolu 19.

Assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa

Sabiex jiġi vverifikat li l-proċedura ta' stima tal-konformità li tinvolvi s-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa tal-fabbrikant ġiet applikata b'mod korrett, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq jistgħu jitolbu mill-fabbrikant jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu komunikazzjoni tal-elementi relevanti tad-dokumentazzjoni tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa tal-fabbrikant – ara §407: kummenti dwar l-Anness X 4.

§100 Azzjoni biex jiġi indirizzat makkinarju mhux konformi

Marka CE mhux konformi

Jekk awtorità ta' sorveljanza tas-suq tiskopri nuqqas ta' konformità fir-rigward tal-marka CE, l-azzjoni korrettiva li għandha tittieħed hija stipulata fl-Artikolu 17. Il-klawsola ta' salvagwardja stipulata fl-Artikolu 11 għandha tintuża biss jekk l-azzjoni meħuda skont l-Artikolu 17 tonqos milli twaqqaf in-nuqqas ta' konformità – ara §142: kummenti dwar l-Artikolu 17.

Nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà

Jekk awtorità ta' sorveljanza tas-suq tiskopri li makkinarju li jkun tqiegħed fis-suq jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali relevanti għas-saħħa u s-sigurtà, l-awtorità għandha l-ewwel titlob lill-fabbrikant jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu biex jieħu l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex iġib il-makkinarju f'konformità jew biex jirtirah mis-suq fi żmien stabbilit mill-awtorità ta' sorveljanza tas-suq.[67] Tali miżuri korrettivi għandhom jittieħdu fir-rigward tal-partijiet kollha tal-makkinarju li għandhom l-istess difett fid-disinn jew kostruzzjoni u għandhom jiġu applikati fis-suq kollu tal-UE.

Jekk il-prodott ikkonċernat joħloq riskju serju, l-awtorità ta' sorveljanza tas-suq għandha wkoll titlob lill-fabbrikant biex jieħu azzjoni xierqa fir-rigward tal-makkinarju li jkun diġà tqiegħed fis-suq jew tqiegħed għas-servizz bħal, pereżempju, li l-prodott jinġabar lura mis-suq.[68]

Jekk l-azzjonijiet korrettivi meħtieġa ma jitwettqux b'mod volontarju mill-fabbrikant fiż-żmien stabbilit mill-awtorità ta' sorveljanza tas-suq, l-Istat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-prodotti perikolużi jiġu rtirati mis-suq. Dawn il-miżuri għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn skont il-klawsola ta' salvagwardja – ara §123: kummenti dwar l-Artikolu 11.

L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jallarmaw lill-utenti, fejn possibbli, f'kooperazzjoni mal-operaturi ekonomiċi kkonċernati, sabiex jipprevjenu l-inċidenti u l-ħsara għas-saħħa li jistgħu jirriżultaw mid-difett li jkun ġie identifikat.[69]

Jekk il-makkinarju li jippreżenta riskju serju jiġi rtirat mis-suq, kemm jekk volontarjament jew permezz ta' miżura restrittiva, jew jinġieb f'konformità permezz ta' azzjoni korrettiva volontarja, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni sabiex ikunu jistgħu jiċċekkjaw li jittieħdu l-

[67] Ara l-Artikolu 2 (15) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

[68] Ara l-Artikolu 2 (14) u l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

[69] Ara l-Artikolu 19 (2) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

azzjonijiet korrettivi meħtieġa madwar l-UE – ara §144: kummenti dwar l-Artikolu 19. Huwa previst li s-Sistema RAPEX stabbilita skont id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti tintuża għal dan il-għan.[70]

Ta' min jinnota li meta l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq jieħdu miżura obbligatorja li tirrestriġi t-tqegħid fis-suq tal-makkinarju li jippreżenta riskju serju, in-notifika taħt is-Sistema RAPEX ma tneħħix l-obbligu għall-Istat Membru kkonċernat li jinnotifika l-miżura skont il-klawsola ta' salvagwardja tad-Direttiva dwar il-Makkinarju – ara §123: kummenti dwar l-Artikolu 11.

§101 Prodotti perikoluż tal-konsumatur

Minbarra d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Makkinarju u r-Regolament li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u s-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti, hemm ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti li japplikaw fir-rigward tal-makkinarju intiż għal jew li x'aktarx jintuża mill-konsumaturi, fejn id-Direttiva dwar il-Makkinarju jew ir-Regolament ma jinkludux dispożizzjonijiet ekwivalenti.[71] B'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet li ġejjin huma applikabbli:

- l-obbligu għad-distributuri li jeżerċitaw diliġenza xierqa u jikkooperaw mal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq ;[72]
- l-obbligu għall-produtturi u d-distributuri li jinformaw lill-awtoritajiet dwar prodotti perikoluż u li jikkooperaw mal-awtoritajiet sabiex jipprevjenu r-riskji għall-konsumaturi;[73]
- ċerti miżuri li jistgħu jittieħdu mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq fir-rigward tal-prodotti perikoluż.[74]

§102 Kontrolli fil-fruntieri esterni tal-UE

F'ħafna każijiet, b'mod partikolari għal prodotti ffabbrikati bil-massa li jiġu importati fl-UE minn pajjiżi terzi, l-aktar mod effettiv għat-twettiq tas-sorveljanza tas-suq huwa li tiġi vverifikata l-konformità ta' dawn il-prodotti fil-punt tad-dħul fis-suq tal-UE, qabel ma jinxterdu fin-netwerks ta' distribuzzjoni tal-Istati Membri.

L-Artikoli 27 sa 29 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 li, għal dan l-aspett, iħassar u jieħu post ir-Regolament (KEE) Nru 339/93, jipprovdu l-qafas legali għal dawn il-kontrolli. Dawn id-dispożizzjonijiet huma applikabbli b'mod sħiħ għal makkinarju importat.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet inkarigati mill-kontroll ta' prodotti li jidħlu fis-suq tal-UE (ġeneralment l-awtoritajiet doganali) bis-setgħat u r-riżorsi

[70] Ara l-Artikolu 22 (4) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

[71] Ara l-Artikolu 1 (2) (b) tad-Direttiva 2001/95/KE u l-Artikolu 15 (3) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

[72] Ara l-Artikolu 5 (2) tad-Direttiva 2001/95/KE.

[73] Ara l-Artikolu 5 (3) tad-Direttiva 2001/95/KE.

[74] Ara l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2001/95/KE.

meħtieġa sabiex ikollhom iċ-ċans iwettqu, fuq skala adegwata, kontrolli xierqa fuq il-karatteristiċi tal-makkinarju qabel jiġi rilaxxat għal ċirkolazzjoni libera.[75]

Il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni meħtieġa għandhom jiġu organizzati bejn dawn l-awtoritajiet u l-awtorità jew awtoritajiet inkarigati mis-sorveljanza tas-suq għal makkinarju.[76] B'mod partikolari, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet inkarigati mill-kontrolli fil-fruntieri esterni b'informazzjoni dwar il-kategoriji ta' prodotti li fihom ikun ġie identifikat nuqqas ta' konformità jew riskju serju.[77]

L-awtoritajiet inkarigati mill-kontrolli fil-fruntieri esterni għandhom jissospendu r-rikaxx tal-makkinarju għal ċirkolazzjoni libera fl-UE fil-każijiet li ġejjin:

- jekk il-makkinarju komplut ma jkollux il-marka CE u l-marki l-oħrajn mitluba mid-Direttiva dwar il-Makkinarju jew jekk il-marka CE tkun twaħħlet b'mod falz jew qarrieqi, jew inkella ma jkunx akkumpanjat mid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità ffirmata mill-fabbrikant jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu;
- jekk ikun hemm kawża biex wieħed jemmen li l-makkinarju jippreżenta riskju serju għas-saħħa u s-sigurtà.[78]

L-awtoritajiet inkarigati mill-kontrolli fil-fruntieri esterni għandhom jissospendu r-rilaxx ta' makkinarju parzjalment komplut għal ċirkolazzjoni libera fl-UE fil-każijiet li ġejjin:

- jekk il-makkinarju parzjalment komplut ma jkunx akkumpanjat minn Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni – ara §384: kummenti dwar l-Anness II 1 B;
- jekk il-makkinarju parzjalment komplut ma jkunx akkumpanjat minn struzzjonijiet dwar il-muntatura – ara *§390:* kummenti dwar l-Anness VI.

L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jiġu informati minnufih dwar kwalunkwe sospensjoni bħal din. Huma għandhom jirrilaxxaw il-prodott għal ċirkolazzjoni libera fi żmien tlett ijiem sakemm ma tkunx inbdiet azzjoni mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq.
Ir-Regolament jistabbilixxi l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti jekk il-makkinarju ma kienx soġġett għall-proċedura xierqa ta' stima tal-konformità, jekk jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli għas-saħħa u s-sigurtà, jew jekk il-makkinarju jippreżenta riskju serju.[79]

[75] Ara l-Artikolu 27 (1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

[76] Ara l-Artikolu 27 (2) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

[77] Ara l-Artikolu 29 (5) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

[78] Ara l-Artikolu 27 (3) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

[79] Ara l-Artikoli 28 u 29 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

Artikolu 5

It-tqegħid fis-suq u t-tqegħid għas-servizz

1. *Qabel ma l-makkinarju jitqiegħed fis-suq u/jew għas-servizz, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom:*

(a) jiżguraw li dan jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali relevanti tas-saħħa u s-sigurtà kif imniżżla fl-Anness I;

(b) jiżguraw li l-fajl tekniku msemmi fil-Parti A tal-Anness VII huwa disponibbli;

(c) jipprovdu, b'mod partikolari, l-informazzjoni neċessarja, bħal struzzjonijiet;

(d) iwettqu l-proċeduri ta' stima ta' konformità xierqa skont l-Artikolu 12;

(e) ippreparaw id-Dikjarazzjoni tal-KE ta' konformità skont is-Sezzjoni A fil-Parti 1 tal-Anness II u jiżguraw li din takkumpanja l-makkinarju;

(f) iwaħħlu l-marka CE skont l-Artikolu 16.

. . .

§103 L-obbligi tal-fabbrikanti tal-makkinarju

L-Artikolu 5 (1) jipprovdi sommarju tal-obbligi li għandhom jitwettqu mill-fabbrikanti tal-makkinarju qabel ma jqiegħdu l-prodotti tagħhom fis-suq jew qabel ma jqiegħduhom għas-servizz – ara § 78 sa § 81: kummenti dwar l-Artikolu 2 (i).

Għandu jiġi osservat li t-terminu 'makkinarju' hawnhekk jintuża fis-sens wiesa'. Dawn l-obbligi b'hekk japplikaw għall-fabbrikanti tal-makkinarju msemmija fl-Artikolu 1 (1) (a) sa (f): makkinarju fis-sens strett, tagħmir interkambjabbli, komponenti tas-sigurtà, aċċessorji tal-irfigħ, ktajjen, ħbula u ċineg u apparat għat-trasmissjoni mekkanika li jista' jitneħħa - ara §33: kummenti dwar l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2.

L-obbligi kollha jew parti minnhom msemmija fil-qosor fl-Artikolu 5 (1) (a) sa (f) jistgħu jitwettqu wkoll mir-rappreżentant awtorizzat tal-fabbrikant – ara §84 u §85: kummenti dwar l-Artikolu 2 (j).

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dawn l-obbligi jridu jitwettqu qabel ma l-makkinarju jitqiegħed fis-suq fl-UE – ara §73: kummenti dwar l-Artikolu 2 (h). Madankollu, għal makkinarju li ma jiġix mqiegħed fis-suq bħal, pereżempju makkinarju ffabbrikat jew importat fl-UE minn utent għall-użu personali tiegħu, l-obbligi jridu jitwettqu qabel ma l-makkinarju jiġi mqiegħed għas-servizz – ara §80 u §81: kummenti dwar l-Artikolu 2 (i).

L-Artikolu 5 (1) (c) jitlob lill-fabbrikant biex jipprovdi l-informazzjoni u l-istruzzjonijiet meħtieġa mal-makkinarju. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-għoti tal-informazzjoni meħtieġa fuq il-makkinarju u t-tfassil tal-istruzzjonijiet jitqiesu bħala parti mid-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju u huma soġġetti għal rekwiżiti essenzjali speċifiċi għas-saħħa u s-sigurtà – ara §244: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7 tal-Anness I.

Artikolu 5 (ikompli)

. . .

2. *Qabel ma l-makkinarju parzjalment komplut jitqiegħed fis-suq, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom jiżguraw li l-proċedura msemmija fl-Artikoli 13 tkun tlestiet.*

. . .

§104 L-obbligi tal-fabbrikanti ta' makkinarju parzjalment komplut

L-Artikolu 5 (2) jirreferi għall-obbligi tal-fabbrikanti ta' makkinarju parzjalment komplut kif iddefinit fl-Artikolu 2 - ara §46: kummenti dwar l-Artikolu 2 (g). L-obbligi tal-fabbrikanti ta' makkinarju parzjalment komplut huma deskritti fil-qosor fl-Artikolu 13 – ara §131: kummenti dwar l-Artikolu 13.

Artikolu 5 (ikompli)

. . .

3. *Għall-iskopijiet tal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 12, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jkollhom, jew għandu jkollhom aċċess għall-mezzi neċessarji, sabiex jiżguraw li l-makkinarju jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà mniżżla fl-Anness I.*

. . .

§105 Mezzi biex tiġi żgurata l-konformità tal-makkinarju

L-Artikolu 5 (3) jirreferi għall-obbligu msemmi fl-Artikolu 5 (1) (d) li titwettaq il-proċedura xierqa ta' stima tal-konformità skont l-Artikolu 12.

Fil-każ ta' makkinarju soġġett għall-proċedura għal stima tal-konformità b'kontrolli interni fuq il-fabbrikazzjoni deskritta fl-Anness VIII, il-verifiki meħtieġa jistgħu jitwettqu minn jew f'isem il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu. Kemm jekk l-istima ta' konformità tal-makkinarju titwettaq mill-fabbrikant innifsu jew inkella jekk tkun fdata lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, il-persuna li twettaq l-istima ta' konformità għandu jkollha, jew ikollha aċċess għall-mezzi meħtieġa biex tivverifika l-konformità tal-makkinarju mar-rekwiżiti applikabbli tas-saħħa u s-sigurtà. Il-mezzi jistgħu jinkludu, pereżempju, il-persunal kwalifikat neċessarju, aċċess għall-informazzjoni meħtieġa, il-kompetenza u t-tagħmir meħtieġa għat-twettiq tal-kontrolli tad-disinn, il-kalkoli, il-kejl, it-testijiet funzjonali, it-testijiet tas-saħħa, l-ispezzjonijiet viżwali u l-kontrolli fuq l-informazzjoni u l-istruzzjonijiet neċessarji sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-makkinarju mar-rekwiżiti essenzjali relevanti għas-saħħa u s-sigurtà.

Meta l-makkinarju jiġi ddisinjat u mibni skont l-istandards armonizzati, l-istandards normalment jispeċifikaw il-mezzi li għandhom jintużaw biex tiġi vverifikata l-konformità tal-makkinarju mal-ispeċifikazzjonijiet tagħhom.[80]

Fil-każ tal-makkinarju li jappartjeni għal waħda mill-kategoriji elenkati fl-Anness IV, li għalihom tintuża l-proċedura tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa deskritta fl-Anness X,

[80] Ara l-klawsola 6.9 – *Klawsola "Verifika rar-rekwiżiti ta' sigurtà u/jew miżuri protettivi"* tal-Gwida CEN 414: 2004 – *Sigurtà tal-makkinarju – Regoli għall-abbozzar u l-preżentazzjoni ta' standards ta' sigurtà.*

il-mezzi għat-twettiq tal-verifiki meħtieġa għandhom jiġu ddokumentati fis-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa tal-fabbrikant – ara §403: kummenti dwar il-paragrafu 2.2 tal-Anness X.

Artikolu 5 (ikompli)

. . .

4. *Meta l-makkinarju jkun suġġett ukoll għad-Direttivi oħra li jirrigwardaw l-aspetti oħra u li jipprovdu għat-twaħħil tal-marka CE, din tal-aħħar għandha turi li l-makkinarju jikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet ta' dawk id-Direttivi l-oħra.*

Madankollu, fejn waħda jew aktar minn dawk id-Direttivi tippermetti li l-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jagħżlu, matul perjodu tranżitorju, is-sistema li għandha tkun applikata, il-marka CE għandha tindika konformità biss mad-dispożizzjonijiet ta' dawk id-Direttivi applikati mill-fabbrikant jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu. Id-dettalji tad-Direttivi applikati, kif ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom jingħataw fuq id-Dikjarazzjoni tal-KE ta' konformità.

§106 Il-marka CE skont Direttivi oħrajn

L-Artikolu 5 (4) jikkonċerna l-obbligu msemmi fl-Artikolu 5 (1) (f): it-twaħħil tal-marka CE. L-Artikolu 5 (4) ifakkar li Direttivi oħrajn li jipprovdu għat-twaħħil tal-marka CE jistgħu jkunu applikabbli għal makkinarju. F'dak il-każ, il-fabbrikant għandu jiżgura li huwa jkun issodisfa l-obbligi tiegħu skont id-Direttivi kollha applikabbli għall-prodott tiegħu qabel it-twaħħil tal-marka CE – ara §89 sa §92: kummenti dwar l-Artikolu 3.

Artikolu 6

Libertà tal-moviment

1. *L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq u/jew it-tqegħid fis-servizz fit-territorju tagħhom tal-makkinarju li jikkonforma ma' din id-Direttiva.*

2. *L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq ta' makkinarju parzjalment komplut fejn il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jagħmel dikjarazzjoni ta' inkorporazzjoni, imsemmija fil-parti 1, is-Sezzjoni B tal-Anness II, li fiha jiddikjara li din għandha tkun inkorporata fil-makkinarju jew immuntata ma' makkinarju parzjalment komplut ieħor sabiex jifforma makkinarju.*

. . .

§107 Moviment liberu tal-makkinarju u makkinarju parzjalment komplut

L-Artikolu 6 (1) u (2) jistabbilixxi obbligi bil-għan li jitwettaq wieħed mill-objettivi fundamentali tad-Direttiva dwar il-Makkinarju: il-moviment liberu tal-makkinarju u makkinarju parzjalment komplut fi ħdan is-suq waħdieni.

Fl-Artikolu 6 (1), it-terminu *'makkinarju'* jintuża fis-sens wiesa' biex jirreferi għall-prodotti kollha msemmija fl-Artikolu 1 (1) (a) sa (f) – ara §33: kummenti dwar l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2.

Skont l-obbligi stipulati fl-Artikolu 6, l-Istati Membri ma jistgħux jimponu rekwiżiti jew proċeduri għat-tqegħid fis-suq tal-makkinarju jew makkinarju parzjalment komplut jew għat-tqegħid għas-servizz tal-makkinarju, għall-perikli koperti mid-Direttiva dwar il-Makkinarju, minbarra dawk stipulati f'dik id-Direttiva.

L-obbligu li jkun permess il-moviment liberu tal-makkinarju u tal-makkinarju parzjalment komplut li jkun konformi mad-Direttiva ma jipprevjenix lill-Istati Membri milli jirregolaw l-installazzjoni u l-użu tal-makkinarju fi ħdan ċerti limiti – ara §139 u §140: kummenti dwar l-Artikolu 15.

Permezz tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE),[81] makkinarju li jkun konformi mad-Direttiva dwar il-Makkinarju jibbenifika wkoll mill-moviment liberu fl-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja. L-istess japplika fl-Isvizzera permezz tal-ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku mal-UE[82] u fit-Turkija bis-saħħa tal-Unjoni Doganali UE-Turkija.[83]

Artikolu 6 (ikompli)

3. *F'fieri, esibizzjonijiet, dimostrazzjonijiet u affarijiet simili, l-Istati Membri ma għandhomx jevitaw il-wiri ta' makkinarju jew makkinarju parzjalment komplut li ma jikkonformax ma' din id-Direttiva, bil-kondizzjoni li sinjal viżibbli juri b'mod ċar li dan ma jikkonformax u li mhuwiex ser ikun disponibbli sakemm ikun sar konformi. Minbarra dan, matul dimostrazzjonijiet ta' makkinarju li ma jikkonformax jew makkinarju parzjalment komplut bħal dan, għandhom jittieħdu l-miżuri adegwati ta' sigurtà sabiex tkun żgurata l-protezzjoni tal-persuni.*

§108 Fieri tal-kummerċ, esibizzjonijiet u dimostrazzjonijiet

Il-fieri tal-kummerċ, l-esibizzjonijiet u d-dimostrazzjonijiet jipprovdu opportunità għall-fabbrikanti tal-makkinarju, l-importaturi u d-distributuri sabiex jippromwovu prodotti ġodda u innovattivi. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 (3) huma intiżi sabiex jiżguraw li d-Direttiva dwar il-Makkinarju ma tikkostitwix ostakolu għall-promozzjoni ta' tali prodotti – ara §19: kummenti dwar il-Premessa 17. F'xi każijiet, il-kumpaniji kkonċernati għandhom mnejn ikunu jixtiequ jaraw jekk il-prodotti tagħhom jinteressawx klijenti potenzjali qabel ma jwettqu l-proċedura ta' stima tal-konformità rilevanti. F'każijiet oħra, il-proċedura tista' ma tkunx tlestiet fil-ħin li l-makkinarju jitqiegħed għall-wiri. Il-fabbrikanti, l-importaturi jew id-distributuri għandhom mnejn ikunu jixtiequ jesibixxu wkoll prodotti li ma jkunux intiżi għas-suq tal-UE. Il-prodotti jistgħu jiġu esebiti wkoll b'ċerti mezzi ta' lqugħ jew apparat protettiv imneħħija sabiex il-karatteristiċi operattivi tagħhom jidhru b'mod aktar ċar.

Skont l-Artikolu 6 (3), prattiċi bħal dawn huma awtorizzati. Madankollu, sabiex tiġi pprovduta informazzjoni ċara lill-klijenti potenzjali u sabiex tiġi evitata kompetizzjoni inġusta ma' esibituri ta' prodotti li jkunu konformi mad-Direttiva dwar il-Makkinarju, il-

[81] http://www.efta.int/legal-texts/eea.aspx

[82] http://ec.europa.eu/enterprise/policies/single-market-goods/international-aspects/mutual-recognition-agreement/switzerland/index_en.htm

[83] http://ec.europa.eu/taxation_customs/customs/customs_duties/rules_origin/customs_unions/article_414_en.htm

prodotti li ma jkunux f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jridu jkunu akkumpanjati b'sinjal viżibbli li jindika b'mod ċar li mhumiex f'konformità u li mhux se jkunu disponibbli qabel ma jinġiebu f'konformità. Tajjeb li l-organizzaturi tal-Fieri tal-kummerċ ifakkru lill-esibituri bl-obbligu tagħhom f'dan ir-rigward.

Id-Direttiva dwar il-Makkinarju ma tispeċifikax format jew kliem partikolari għal dan is-sinjal. Jista' jiġi ssuġġerit il-kliem li ġej għal makkinarju li l-fabbrikant ikun beħsiebu jġibu f'konformità u jqiegħdu fis-suq fl-UE:

> ***Il-makkinarju esibit mhuwiex konformi mad-Direttiva dwar il-Makkinarju 2006/42/KE.***
>
> ***Il-viżitaturi huma infurmati li l-makkinarju se jkun disponibbli fl-Unjoni Ewropea biss malli jinġieb f'konformità.***

Iridu jittieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji matul l-esibizzjonijiet u d-dimostrazzjonijiet sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-esibituri u tal-pubbliku, speċjalment jekk il-prodotti jintwerew bil-mezzi ta' lqugħ jew l-apparat protettiv imneħħija. Rigward is-saħħa u s-sigurtà tal-esibituri jew ta' impjegati oħra tal-esibituri, iridu jittieħdu l-miżuri neċessarji skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttivi rilevanti tal-UE dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

> ***Artikolu 7***
>
> ***Preżunzjoni ta' konformità u standards armonizzati***
>
> ***1.*** *L-Istati Membri għandhom iqisu li l-makkinarju li jġib il-marka CE u li jkollu miegħu d-Dikjarazzjoni tal-KE ta' konformità, li l-kontenut tagħha jinsab fil-parti 1, is-Sezzjoni A tal-Anness II, jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.*
>
> . . .

§109 Preżunzjoni ta' konformità mogħtija mill-marka CE u d-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità

L-Artikolu 7 (1) jispjega r-rwol tal-marka CE u d-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità bħala "passaporti" li jiffaċilitaw il-moviment liberu tal-makkinarju fis-suq waħdieni msemmi fl-Artikolu 6 (1).

Id-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità trid takkumpanja l-makkinarju. Dan jimplika li d-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità trid tiġi fornita mal-makkinarju mill-fabbrikant meta l-makkinarju jiġi mqiegħed fis-suq u trid tiġi mgħoddija minn operaturi ekonomiċi oħra, bħall-importaturi jew id-distributuri, lill-utent tal-makkinarju – ara §83: kummenti dwar l-Artikolu 2 (i).

Għandu jiġi sottolinjat li l-obbligu stipulat fl-Artikolu 7 (1) għall-Istati Membri, li jqisu l-makkinarju li jkollu l-marka CE u li jkun akkumpanjat b'Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità bħala li jikkonforma mad-Direttiva dwar il-Makkinarju, ma jaffettwax id-dmir tal-Istati Membri li jwettqu sorveljanza tas-suq sabiex jassiguraw li l-prodotti li jkollhom il-marka CE u li jkunu akkumpanjati b'Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità tassew ikunu jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Makkinarju u d-dmir tagħhom li jassiguraw li prodotti mhux konformi li jkollhom il-marka CE jiġu rtirati mis-

suq – ara §93 u §94: kummenti dwar Artikoli 4 (1), §122 sa §126: kummenti dwar l-Artikolu 11, u §142: kummenti dwar l-Artikolu 17.

Artikolu 7 (ikompli)

. . .

2. *Il-makkinarju fabbrikat skont standard armonizzat, li r-riferenzi għalih ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandu jkun preżunt li jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà koperti minn dan l-istandard armonizzat.*

. . .

§110 Il-preżunzjoni ta' konformità mogħtija mill-applikazzjoni ta' standards armonizzati

Ir-referenza għall-istandards Ewropej hija element fundamentali tal-"Approċċ il-Ġdid għall-armonizzazzjoni u l-istandards tekniċi" segwit fid-Direttiva dwar il-Makkinarju. Id-Direttiva tistabbilixxi r-rekwiżiti essenzjali obbligatorji tas-saħħa u s-sigurtà għall-makkinarju filwaqt li speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati sabiex jintlaħqu dawn ir-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà huma mogħtija fi standards Ewropej armonizzati – ara §87: kummenti dwar l-Artikolu 2 (l).

Ladarba jiġi adottat standard Ewropew armonizzat, l-organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni tikkomunikah lill-Kummissjoni Ewropea sabiex ir-referenzi tal-istandard ikunu jistgħu jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (ĠUUE).

Ladarba r-referenza ta' standard armonizzat tkun ġiet ippubblikata fil-ĠUUE, l-applikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tiegħu tagħti preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà koperti mill-istandard. Din il-preżunzjoni ta' konformità tibda mid-data li fiha r-referenza tal-istandard tiġi ppubblikata l-ewwel darba fil-ĠUUE. Il-preżunzjoni ta' konformità tintemm meta l-istandard jiġi mibdul bi standard ġdid jew rivedut fid-"data tat-tmiem tal-preżunzjoni ta' konformità" li tkun speċifikata fil-ĠUUE għal makkinarju mqiegħed fis-suq wara dik id-data - ara §114: kummenti dwar l-Artikolu 7 (3).

Għandu jiġi osservat li, wara oġġezzjoni formali, ir-referenzi ta' ċerti standards jistgħu jiġu ppubblikati fil-ĠUUE bi twissija li tirtira l-preżunzjoni ta' konformità għal ċerti partijiet tal-istandard – ara §121: kummenti dwar l-Artikolu 10.

L-applikazzjoni ta' abbozzi ta' standards Ewropej (identifikati bil-prefiss "prEN") jew ta' standards Ewropej li r-referenzi tagħhom ma jkunux ġew ippubblikati fil-ĠUUE, ma tagħtix preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà tad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

Informazzjoni dwar is-suġġett tal-istandard (il-kategorija tal-makkinarju jew l-aspett ta' sigurtà tal-makkinarju kopert mill-istandard) tista' tinstab fil-klawsola tal-istandard relatata mal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Informazzjoni addizzjonali dwar ir-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà tad-Direttiva dwar il-Makkinarju ttrattati (jew mhux ittrattati) mill-istandard hija pprovduta f'Anness "Z" informattiv mal-istandard.

Fejn standard jew parti minn standard jiġu msemmija b'referenza normattiva fi standard Ewropew armonizzat, l-ispeċifikazzjonijiet tal-istandard jew tal-partijiet tal-istandard li ssir referenza għalihom isiru parti mill-istandard armonizzat u l-

applikazzjoni tagħhom tagħti preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà li jkunu jkopru. Dan jibqa' jgħodd, anki jekk l-istandard msemmi ma jkunx għadu fis-seħħ (sakemm ir-referenza tiegħu ma tkunx ġiet irtirata mill-ĠUUE wara oġġezzjoni formali - ara §121: kummenti dwar l-Artikolu 10). Min-naħa l-oħra, l-applikazzjoni tal-aħħar verżjoni tal-istandard msemmi wkoll tagħti preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà kkonċernati, bil-kundizzjoni li r-referenza tiegħu tkun ġiet ippubblikata fil-ĠUUE.

Il-preżunzjoni ta' konformità mogħtija bl-applikazzjoni ta' standard armonizzat mhijiex assoluta, billi l-konformità tal-istandard innifsu tista' tiġi sfidata – ara §119 sa §121: kummenti dwar l-Artikolu 10. Madankollu, il-preżunzjoni ta' konformità mogħtija bl-applikazzjoni ta' standard armonizzat tagħti ċerta ċertezza legali għall-fabbrikant, billi huwa ma jkollux għalfejn jipprovdi prova ulterjuri tal-konformità mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà koperti mill-istandard.

Barra minn hekk, fil-każ tal-kategoriji ta' makkinarju elenkati fl-Anness IV, l-applikazzjoni ta' standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali kollha għas-saħħa u s-sigurtà li japplikaw għall-makkinarju, tippermetti lill-fabbrikant iwettaq l-istima ta' konformità tal-makkinarju mingħajr ma jirrikorri għal Korp notifikat – ara §129: kummenti dwar l-Artikolu 12 (3).

Għandu jiġi osservat li, għalkemm l-applikazzjoni ta' standards armonizzati tiffaċilita l-istima tar-riskju, hija ma teħlisx kompletament lill-fabbrikant tal-makkinarju mill-obbligu li jwettaq stima tar-riskju għall-makkinarju – ara §159: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 1 tal-Anness I.

Anki meta rekwiżit essenzjali partikolari tas-saħħa u s-sigurtà jkun kopert minn standard armonizzat, fabbrikant tal-makkinarju jibqa' liberu li japplika speċifikazzjonijiet alternattivi. In-natura volontarja tal-istandards armonizzati hija intiża sabiex tevita li l-istandards tekniċi jkunu ostakolu għat-tqegħid fis-suq ta' makkinarju li jinkorpora soluzzjonijiet alternattivi.

Madankollu, standard armonizzat jipprovdi indikazzjoni tal-aħħar teknoloġija fiż-żmien li jkun ġie adottat. Fi kliem ieħor, l-istandard armonizzat jindika l-livell ta' sigurtà li jista' jkun mistenni minn tip ta' prodott partikolari f'dak iż-żmien. Fabbrikant tal-makkinarju li jagħżel li japplika speċifikazzjonijiet tekniċi oħra jrid ikun kapaċi juri li s-soluzzjoni alternattiva tiegħu tkun f'konformità mal-EHSRs tad-Direttiva dwar il-Makkinarju u tipprovdi livell ta' sigurtà li jkun tal-anqas ekwivalenti għal dak mogħti bl-applikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tal-istandard armonizzat – ara §161 u §162: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 3 tal-Anness I.

Meta fabbrikant jagħżel li ma japplikax standards armonizzati jew li japplika biss partijiet ta' standard armonizzat, huwa jrid jinkludi fil-fajl tekniku, l-istima tar-riskju li jkun wettaq u l-passi li jkun ħa sabiex jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà – ara §392: kummenti dwar l-Anness VII A 1 (a). F'każ bħal dan, ir-referenza tal-istandard armonizzat m'għandhiex tiġi elenkata bħala tali fid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità tal-fabbrikant, iżda d-Dikjarazzjoni tista' tindika liema partijiet jew klawsoli ta' standard armonizzat ikunu ġew applikati – ara §383: kummenti dwar l-Anness II A 1 (7).

§111 Il-klassifikazzjoni tal-istandards tal-makkinarju

L-istandards tal-makkinarju huma kklassifikati taħt tliet tipi, A, B u C. L-għan ta' din il-klassifikazzjoni huwa sabiex ikun possibbli għall-awturi ta' standards għal kategoriji partikolari ta' makkinarju, li jirreferu għal standards orizzontali li jipprovdu soluzzjonijiet tekniċi ppruvati sewwa. L-istandards orizzontali tat-tipi A u B jistgħu jgħinu wkoll lill-fabbrikanti jiddisinjaw makkinarju li għalih ma jkunux disponibbli standards tat-tip C.

Trid tiġi differenzjata n-natura tal-preżunzjoni ta' konformità mogħtija bl-applikazzjoni tal-istandards armonizzati ta' dawn it-tliet tipi:

Standards tat-tip A

L-istandards tat-tip A jispeċifikaw il-kunċetti bażiċi, it-terminoloġija u l-prinċipji tad-disinn applikabbli għall-kategoriji kollha ta' makkinarju. L-applikazzjoni ta' tali standards waħedha, għalkemm tipprovdi qafas essenzjali għall-applikazzjoni korretta tad-Direttiva dwar il-Makkinarju, mhijiex biżżejjed sabiex tassigura konformità mar-rekwiżiti essenzjali relevanti għas-saħħa u s-sigurtà tad-Direttiva u għalhekk ma tagħtix preżunzjoni sħiħa ta' konformità.

Pereżempju, l-applikazzjoni tal-istandard EN ISO 14121-1[84] tassigura li l-istima tar-riskju titwettaq skont ir-rekwiżiti tal-Prinċipju Ġenerali 1 tal-Anness I, iżda mhijiex biżżejjed biex turi li l-miżuri protettivi meħuda mill-fabbrikazzjoni sabiex jiġu indirizzati l-perikli ppreżentati mill-makkinarju jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali relevanti għas-saħħa u s-sigurtà tal-Anness I.

Standards tat-tip B

L-istandards tat-tip B jittrattaw aspetti speċifiċi tas-sigurtà tal-makkinarju jew tipi speċifiċi ta' salvagwardja li jistgħu jintużaw tul firxa wiesgħa ta' kategoriji ta' makkinarju. L-applikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tal-istandards tat-tip B tagħti preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva dwar il-Makkinarju li jkunu jkopru meta standard tat-tip C jew l-istima tar-riskju mill-fabbrikant juru li soluzzjoni teknika speċifikata mill-istandard tat-tip B tkun adegwata għall-kategorija jew mudell partikolari ta' makkinarju kkonċernat.

L-applikazzjoni ta' standards tat-tip B li jagħtu speċifikazzjonijiet għal komponenti tas-sigurtà li jitqiegħdu fis-suq b'mod indipendenti tagħti preżunzjoni ta' konformità għall-komponenti tas-sigurtà kkonċernati u għall-EHSRs koperti mill-istandards – ara §42, kummenti dwar l-Artikolu 2 (c).

Standards tat-tip C

L-istandards tat-tip C jipprovdu speċifikazzjonijiet għal kategorija partikolari ta' makkinarju bħal, pereżempju, preses mekkaniċi, magni li jaħsdu u jidirsu jew kompressuri. It-tipi differenti ta' makkinarju li jappartjeni għall-kategorija koperta minn standard C għandhom użu intiż simili u jippreżentaw perikli simili. L-istandards tat-tip C jistgħu jirreferu għal standards tat-tip A jew B, billi jindikaw liema mill-ispeċifikazzjonijiet tal-istandard tat-tip A jew B japplikaw għall-kategorija tal-

[84] EN ISO 14121-1:2007 - *Sigurtà ta' makkinarju – Valutazzjoni ta' riskji - Parti 1: Prinċipji* (ISO 14121-1:2007).

makkinarju kkonċernata. Meta, għal aspett partikolari tas-sigurtà tal-makkinarju, standard tat-tip C jiddevja mill-ispeċifikazzjonijiet ta' standard tat-tip A jew B, l-ispeċifikazzjonijiet tal-istandard tat-tip C jieħdu preċedenza fuq l-ispeċifikazzjonijiet tal-istandard tat-tip A jew B.

L-applikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet ta' standard tat-tip C fuq il-bażi tal-istima tar-riskju mill-fabbrikant tagħti preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà tad-Direttiva dwar il-Makkinarju koperti mill-istandard.

Ċerti standards tat-tip C huma organizzati bħala sensiela ta' diversi partijiet, Parti 1 tal-istandard tagħti speċifikazzjonijiet ġenerali applikabbli għal familja ta' makkinarju u partijiet oħra tal-istandard jagħtu speċifikazzjonijiet għal kategoriji speċifiċi ta' makkinarju li jagħmlu parti mill-familja, li jissupplimentaw jew jimmodifikaw l-ispeċifikazzjonijiet ġenerali tal-Parti 1. Għall-istandards tat-tip C organizzati b'dan il-mod, il-preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva dwar il-Makkinarju tingħata bl-applikazzjoni tal-Parti 1 ġenerali tal-istandard flimkien mal-parti speċifika rilevanti tal-istandard.

§112 L-iżvilupp ta' standards armonizzati għal makkinarju

L-istandards armonizzati għall-makkinarju huma żviluppati mill-Kumitati Tekniċi (TCs) tal-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni, CEN u CENELEC. It-TCs huma ffurmati minn rappreżentanti mqabbda mill-organizzazzjonijiet nazzjonali membri tal-CEN u l-CENELEC. It-TCs involuti fl-iżvilupp ta' standards li jappoġġjaw id-Direttiva dwar il-Makkinarju jinkludu dawn li ġejjin:

CEN

TC 10	Lifts, skalaturi u passaġġi jiċċaqalqu
TC 33	Bibien, twieqi, xaters
TC 47	Burners taż-żejt atomizzanti u l-komponenti tagħhom – funzjoni – sigurtà – ittestjar
TC 98	Pjattaformi għall-irfigħ
TC 114	Sigurtà tal-makkinarju
TC 122	Ergonomija
TC 123	Lasers u fotoniċi
TC 131	Burners tal-gass li jużaw fannijiet
TC 142	Magni tax-xogħol tal-injam – sigurtà
TC 143	Għodod tal-magna – sigurtà
TC 144	Tratturi u makkinarju għall-biedja u għall-foresti
TC 145	Magni għall-plastik u għal-lastku
TC 146	Magni tal-ippakkjar
TC 147	Krejnijiet – sigurtà
TC 148	Tagħmir u sistemi ta' mmaniġġjar kontinwu – sigurtà
TC 149	Tagħmir tal-imħażen li jitħaddem bid-dawl
TC 150	Trakkijiet industrijali – sigurtà
TC 151	Tagħmir tal-kostruzzjoni u makkinarju għall-materjal tal-bini
TC 153	Makkinarju intiż għal użu ma' oġġetti tal-ikel u tal-għalf
TC 168	Ktajjen, ħbula, ċineg, bragi u aċċessorji – sigurtà
TC 169	Dawl u tidwil
TC 182	Sistemi ta' refriġerazzjoni, rekwiżiti tas-sigurtà u ambjentali
TC 186	Ipproċessar industrijali bis-sħana – sigurtà
TC 188	Ċineg li jittrasportaw il-merkanzija
TC 192	Tagħmir għas-servizzi tan-nar
TC 196	Magni għal minjieri taħt l-art – sigurtà
TC 197	Pompi
TC 198	Makkinarju għall-istampar u l-karti – sigurtà

TC 200 Magni u impjanti tal-konzerija – sigurtà
TC 201 Makkinarju għall-manifattura ta' prodotti u xedd is-saqajn tal-ġilda u ta' ġilda artifiċjali - sigurtà
TC 202 Makkinarju tal-funderiji
TC 211 Akustika
TC 213 Għodod li jitħaddmu bl-iskratać u li jinżammu fl-idejn – sigurtà
TC 214 Makkinarju u aċċessorji għat-tessuti
TC 221 Tankijiet metalliċi ffabbrikati f'ħanut u tagħmir għat-tankijiet ta' ħażna u għall-istazzjonijiet ta' servizz
TC 231 Vibrazzjoni u xokk mekkaniċi
TC 232 Kompressuri – sigurtà
TC 255 Għodod li jaħdmu b'enerġija mhux elettrika, li jinżammu fl-idejn – sigurtà
TC 256 Applikazzjonijiet tal-ferroviji
TC 270 Magni ta' kombustjoni interna
TC 271 Tagħmir għat-trattament tas-superfiċje – sigurtà
TC 274 Tagħmir ta' sostenn lill-inġenji tal-ajru mill-art
TC 305 Atmosferi potenzjalment esplożivi – prevenzjoni u protezzjoni kontra splużjoni
TC 310 Teknoloġiji ta' fabbrikazzjoni avanzata
TC 313 Magni ċentrifugi – rekwiżiti tas-sigurtà
TC 322 Tagħmir għall-produzzjoni u l-iffurmar ta' metalli – sigurtà
TC 354 Vetturi motorizzati, li jintrikbu, mhux intiżi għal użu f'toroq pubbliċi
TC 356 Fannijiet industrijali – rekwiżiti tas-sigurtà

CENELEC

TC 44X Sigurtà tal-makkinarju – aspetti elettroteknikiċi
TC 61 Sigurtà tal-apparat domestiku u ta' apparat elettriku simili
TC 61F Sigurtà ta' għodod elettriċi li jaħdmu b'mutur, li jinżammu fl-idejn u li jistgħu jinġarru
TC 76 *Sigurtà tar-radjazzjoni ottika u t-tagħmir tal-laser*
TC 88 Sistemi ta' turbini tar-riħ

L-abbozzi ta' standards jiġu ppreparati minn Gruppi ta' Ħidma (WGs) stabbiliti mit-TC rilevanti. Il-WGs huma ffurmati minn esperti nnominati mill-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-istandardizzazzjoni. L-abbozz ta' standard (prEN) ippreparat mill-WG jintbagħat mit-TC lill-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-istandardizzazzjoni li jiċċirkolaw l-abbozz lill-partijiet interessati fuq livell nazzjonali għall-kummenti (Stħarriġ Pubbliku). Il-kummenti riċevuti jintbagħtu lura lit-TC u jiġu eżaminati mill-WG bil-għan li jittejjeb l-abbozz. L-abbozz finali tal-istandard imbagħad jiġi sottomess lill-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-istandardizzazzjoni sabiex jiġi adottat permezz ta' vot maġġoritarju peżat.

Ċerti standards armonizzati jiġu żviluppati wkoll fil-qafas tal-ftehimiet relatati mal-koperazzjoni bejn il-CEN u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istandardizzazzjoni (ISO) jew bejn il-CENELEC u l-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali (IEC). Il-ftehim bejn il-CEN u l-ISO huwa magħruf bħala l-Ftehim ta' Vjenna. Il-ftehim bejn il-CENELEC u l-IEC huwa magħruf bħala l-Ftehim ta' Dresden. Meta jiġu applikati dawn il-ftehimiet, l-abbozzi ta' standards jistgħu jiġu ppreparati mit-TCs u l-WGs tal-ISO jew l-IEC. Madankollu, qabel ma jiġu adottati bħala standards Ewropej armonizzati, huma jkunu soġġetti għall-proċeduri ta' stħarriġ u adozzjoni tal-CEN jew tal-CENELEC, li jitwettqu b'mod parallel mal-proċeduri tal-ISO jew tal-IEC.

§113 L-identifikazzjoni ta' standards armonizzati

L-abbozzi ta' standards Ewropej huma identifikati b'numru ta' referenza preċedut mill-prefiss "prEN", segwit mid-data tal-abbozz. Dawn l-abbozzi ta' standards Ewropej isiru pubblikament disponibbli fl-istadju tal-Istħarriġ Pubbliku.

Ladarba l-istandard jiġi adottat mill-CEN jew mill-CENELEC, huwa jkun identifikat bl-istess numru preċedut mill-prefiss “EN”, u segwit mid-data (sena) tal-adozzjoni. Meta standard jiġi emendat jew rivedut u l-verżjoni l-ġdida jkollha l-istess numru, id-data tal-adozzjoni tagħmilha possibbli li wieħed jiddistingwi l-verżjoni l-ġdida tal-istandard mill-verżjoni preċedenti.

Meta standard tal-CEN ikun identiku għal standard internazzjonali adottat mill-ISO, l-istandards Ewropej u Internazzjonali jkollhom l-istess numru u r-referenza tal-istandard armonizzat ikollha l-prefiss “EN ISO”. Min-naħa l-oħra, meta standard tal-CENELEC ikun ibbażat fuq standard tal-IEC, huwa jkollu numru differenti. Madankollu, għaż-żewġ ESOs, ir-referenza tal-istandard korrispondenti tal-ISO jew tal-IEC tiġi indikata f’parentesi wara t-titolu tal-istandard Ewropew.

L-organizzazzjonijiet nazzjonali membri tal-CEN u tal-CENELEC iridu jagħtu lill-istandard armonizzat l-istatus ta’ standard nazzjonali mingħajr l-ebda bidla. Fir-referenza tal-verżjoni nazzjonali ta’ standard armonizzat, il-prefiss “EN” huwa preċedut mill-prefiss użat sabiex jidentifika l-istandards nazzjonali fil-pajjiż ikkonċernat. L-istandards armonizzati huma ppubblikati mill-organizzazzjonijiet nazzjonali ta’ standardizzazzjoni tal-Istati Membri tal-UE bil-prefissi li ġejjin:

“ÖNORM EN” fl-Awstrija
“NBN EN” fil-Belġju
“БДС EN” fil-Bulgarija
“CYS EN” f’Ċipru
“ČSN EN” fir-Repubblika Ċeka
“DS EN” fid-Danimarka
“EVS EN” fl-Estonja
“SFS EN” fil-Finlandja
“NF EN” fi Franza
“DIN EN” fil-Ġermanja
“EN” fil-Greċja
“MSZ EN” fl-Ungerija
“IS EN” fl-Irlanda
“UNI EN” fl-Italja
“LVS EN” fil-Latvja
“LST EN” fil-Litwanja
“EN” fil-Lussemburgu
“MSA EN” f’Malta
“NEN EN” fl-Olanda
“PN EN” fil-Polonja
“NP EN” fil-Portugall
“SR EN” fir-Rumanija
“STN EN” fis-Slovakkja
“SIST EN” fis-Slovenja
“UNE EN” fi Spanja
“SS EN” fl-Iżvezja
“BS EN” fir-Renju Unit

L-istess standards huma ppubblikati bil-prefissi li ġejjin fil-pajjiżi tal-EFTA:

"IST EN" fl-Iżlanda,
"NS-EN" fin-Norveġja
"SN EN" fl-Iżvizzera

F’xi każijiet, id-data inkluża fir-referenza tal-verżjoni nazzjonali tal-istandard armonizzat tkun wara d-data inkluża fir-referenza tal-istandard ippubblikata fil-ĠUUE, minħabba l-fatt li l-pubblikazzjoni tal-istandard fil-livell nazzjonali tista’ tkun seħħet fis-sena ta’ wara.

Fid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità tal-makkinarju, l-istandards Ewropej armonizzati applikati mill-fabbrikant jistgħu jiġu identifikati bl-użu tar-referenza nazzjonali, wieħed mill-prefissi nazzjonali elenkati hawn fuq, jew tar-referenza kif elenkata fil-ĠUUE bil-prefiss "EN" biss – ara §383: kummenti dwar l-Anness II 1 A (7).

Artikolu 7 (ikompli)

. . .

3. *Il-Kummissjoni għandha tippubblika fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea r-referenzi għall-istandards armonizzati.*

. . .

§114 Pubblikazzjoni tar-referenzi ta' standards armonizzati fil-ĠUUE

Il-listi konsolidati ta' standards armonizzati huma ppubblikati fis-serje C tal-ĠUUE fil-forma ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-kwadru tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju. Il-lista tiġi aġġornata b'mod regolari meta r-referenzi ta' standards ġodda jew riveduti jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni Ewropea mill-CEN u mill-CENELEC.

Il-lista ppubblikata fil-ĠUUE tinkludi l-ħames kolonni li ġejjin:

Kolonna 1 tindika l-organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni li tkun adottat l-istandard: CEN jew CENELEC;

Kolonna 2 tindika r-referenza tal-istandard, jiġifieri, in-numru tiegħu, id-data tal-adozzjoni tiegħu mill-CEN jew mill-CENLEC u t-titolu tiegħu;

Jekk l-istandard ikun ġie emendat, tiġi indikata r-referenza tal-verżjoni emendata tal-istandard. Ladarba r-referenzi ta' tali standards emendati jiġu ppubblikati fil-ĠUUE, il-verżjoni emendata tal-istandard tagħti preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali relevanti għas-saħħa u s-sigurtà tad-Direttiva dwar il-Makkinarju;

Kolonna 3 tindika d-data li fiha r-referenza tal-istandard tkun ġiet ippubblikata l-ewwel darba fil-ĠUUE. Din hija d-data minn meta l-applikazzjoni tal-istandard tagħti preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżit essenzjali tas-saħħa u s-sigurtà li jkopri;

Kolonna 4 tagħti r-referenzi tal-istandard mibdul. Din il-kolonna tintuża biss jekk diġà kien hemm standard armonizzat li kien jittratta l-istess suġġett meta ġie adottat l-istandard il-ġdid jew rivedut. Fil-maġġoranza tal-każijiet, l-istandard mibdul ikun verżjoni preċedenti ta' standard li jkun ġie rivedut;

Kolonna 5 tindika d-data tat-tmiem tal-preżunzjoni ta' konformità tal-istandard mibdul. Din il-kolonna tintuża biss meta r-referenza ta' standard mibdul tiġi mogħtija fir-raba' kolonna. Id-data tat-tmiem tal-preżunzjoni ta' konformità hija stabbilita mill-Kummissjoni. B'mod ġenerali, id-data tat-tmiem tal-preżunzjoni ta' konformità tkun l-istess bħad-data ffissata mill-CEN jew mill-CENELEC għall-irtirar tal-istandard mibdul mill-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-istandardizzazzjoni.

L-istandard il-ġdid jagħti preżunzjoni ta' konformità mid-data li fiha r-referenza tiegħu tiġi ppubblikata fil-ĠUUE, filwaqt li l-istandard mibdul ikompli jagħti preżunzjoni ta' konformità sad-data tat-tmiem tal-preżunzjoni ta' konformità indikata fil-ħames kolonna. Matul il-perjodu bejn iż-żewġ dati (il-perjodu tranżitorju) l-ispeċifikazzjonijiet jew tal-istandard il-ġdid jew tal-istandard mibdul jagħtu preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà li jkopru.

Artikolu 7 (ikompli)

. . .

4. *L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jgħinu lill-imsieħba soċjali biex ikollhom influwenza fil-livell nazzjonali fuq il-proċess tal-preparazzjoni u l-monitoraġġ tal-istandards armonizzati.*

§115 Parteċipazzjoni tal-imsieħba soċjali fl-istandardizzazzjoni

L-istandardizzazzjoni hija bbażata fuq qbil bejn il-partijiet interessati. Il-partijiet interessati fl-istandards tal-makkinarju jinkludu, pereżempju, il-fabbrikanti tal-makkinarju, l-utenti tal-makkinarju bħall-impjegaturi, il-ħaddiema u l-konsumaturi, l-istituzzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, Korpi Notifikati, NGOs oħra rilevanti u awtoritajiet pubbliċi. Ir-regoli għall-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati huma ġeneralment soġġetti għad-dispożizzjonijiet nazzjonali relatati mal-organizzazzjoni tal-istandardizzazzjoni.

L-Artikolu 7 (4) jistabbilixxi rekwiżit speċifiku għall-Istati Membri sabiex jassiguraw li jittieħdu miżuri xierqa li jippermettu lill-imsieħba soċjali, jiġifieri r-rappreżentanti ta' min iħaddem u tal-ħaddiema, ikollhom influwenza fuq il-proċess ta' standardizzazzjoni fil-livell nazzjonali. Huma l-Istati Membri li jridu jiddeċiedu liema miżuri huma adattati u kif jitpoġġew fis-seħħ.

Artikolu 8 [85]

Miżuri speċifiċi

1. *Il-Kummissjoni tista' tieħu kwalunkwe miżura xierqa relatata ma' li ġej:*

(a) l-aġġornament tal-lista indikattiva ta' komponenti tas-sigurtà fl-Anness V msemmi fil-punt (c) fl-Artikolu 2;

(b) ir-restrizzjoni tat-tqegħid fis-suq tal-makkinarju msemmija fl-Artikolu 9.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 22(3).

. . .

§116 Miżuri soġġetti għall-Proċedura tal-Kumitat Regolatorju

L-Artikolu 8 (1) jistabbilixxi ż-żewġ każijiet fejn il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri wara li tikkonsulta lill-Kumitat tal-Makkinarju skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju – ara §147: kummenti dwar l-Artikolu 22 (3).

- L-Artikolu 8 (1) (a) jippermetti lill-Kummissjoni li taġġorna l-lista indikattiva ta' komponenti tas-sigurtà stipulata fl-Anness V, pereżempju, billi żżid fil-lista aktar eżempji ta' komponenti li jikkorrispondu mad-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 2

[85] L-Artikolu 8 ġie emendat bir-Regolament (KE) Nru 596/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li jadatta ċerti atti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, b'rabta mal-proċedura regolatorja bi skrutinju – Adattament għall-proċedura regolatorja bi skrutinju – Ir-Raba' Parti – ĠU L188, 18.72009, p.14.

– ara §42: kummenti dwar l-Artikolu 2 (c). Dan jista' jsir jekk jidher li ċerti komponenti eżistenti tas-sigurtà jkunu tħallew barra mil-lista jew jekk jiġu żviluppati komponenti ġodda tas-sigurtà.

– L-Artikolu 8 (1) (b) jippermetti lill-Kummissjoni tadotta miżura li tillimita t-tqegħid fis-suq ta' makkinarju li jippreżenta riskji minħabba n-nuqqasijiet ta' standard armonizzat, li jippreżenta l-istess riskju bħal makkinarju soġġett għal azzjoni ġustifikata ta' salvagwardja jew fuq talba ta' Stat Membru – ara §118: kummenti dwar l-Artikolu 9.

Artikolu 8 (ikompli)

. . .

2. *Il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 22(2), tista' tieħu kwalunkwe miżura xierqa li għandha x'taqsam mal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni prattika ta' din id-Direttiva, inkluż il-miżuri neċessarji sabiex tiżgura l-koperazzjoni tal-Istati Membri ma' xulxin u mal-Kummissjoni, kif previst mill-Artikolu 19(1).*

§117 Miżuri soġġetti għall-Proċedura tal-Kumitat ta' Konsulenza

L-Artikolu 8 (2) jippermetti lill-Kummissjoni biex tieħu kwalunkwe miżura xierqa konnessa mal-applikazzjoni prattika tad-Direttiva dwar il-Makkinarju dwar li tikkonsulta lill-Kumitat tal-Makkinarju skont il-proċedura ta' konsulenza – ara §147: kummenti dwar l-Artikolu 22 (2). Jipprovdi wkoll bażi legali għal appoġġ mill-Kummissjoni għall-organizzazzjoni ta' koperazzjoni u skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri – ara §144: kummenti dwar l-Artikolu 19 (1).

Artikolu 9[86]

Miżuri speċifiċi għat-trattament ta' makkinarju potenzjalment perikoluż

1. *Meta, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 10, il-Kummissjoni tqis li standard armonizzat ma jissodisfax b'mod sħiħ ir-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà li dan ikopri u li huma mniżżla fl-Anness I, il-Kummissjoni tista', bi qbil mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, tieħu miżuri li jeħtieġu li l-Istati Membri jipprojbixxu jew jirrestringu t-tqegħid fis-suq tal-makkinarju kollu b'karatteristiċi tekniċi li jippreżentaw riskji minħabba n-nuqqasijiet fl-istandard jew li jissuġġettaw tali makkinarju għall-kondizzjonijiet speċjali.*

Meta, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11, il-Kummissjoni tqis li miżura meħuda minn Stat Membru tkun ġustifikata, il-Kummissjoni tista', bi qbil mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, tieħu miżuri li jeħtieġu li l-Istati Membri jipprojbixxu jew jirrestringu t-tqegħid fis-suq ta' makkinarju b'karatteristiċi tekniċi li jippreżentaw l-istess riskju jew li jissuġġettaw tali makkinarju għall-kondizzjonijiet speċjali.

2. *Kwalunkwe Stat Membru jista' jitlob lill-Kummissjoni biex teżamina l-bżonn għall-adozzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1.*

3. *Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri u l-partijiet oħra interessati filwaqt li tindika l-miżuri li għandha intenzjoni li tieħu sabiex, fuq livell Komunitarju tiżgura, livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-persuni.*

Filwaqt li tagħti kunsiderazzjoni xierqa lir-riżultati ta' din il-konsultazzjoni, għandha tadotta l-miżuri neċessarji.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinjumsemmija fl-Artikolu 22(3).

§ 118 Miżuri biex jiġi indirizzat makkinarju perikoluż li jippreżenta riskji simili

Il-klawsola ta' salvagwardja stipulata fl-Artikolu 11 li titlob li l-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa biex jiġi indirizzat makkinarju perikoluż li jkollu l-marka CE, tapplika għal mudelli partikolari ta' makkinarju. L-Artikolu 9 jippermetti lill-Kummissjoni tadotta miżuri sabiex tipprojbixxi jew tillimita t-tqegħid fis-suq tal-mudelli kollha ta' makkinarju li jippreżentaw riskji minħabba l-istess karatteristiċi tekniċi. Miżuri bħal dawn jistgħu jiġu adottati fiċ-ċirkustanzi li ġejjin:

Wara oġġezzjoni formali għal standard armonizzat skont l-Artikolu 10

L-ewwel ċirkustanza hija marbuta mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 10 sabiex jiġi kontestat standard armonizzat. Meta ssir oġġezzjoni formali kontra standard armonizzat, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li tirtira jew tillimita l-preżunzjoni ta' konformità mogħtija bl-applikazzjoni tal-istandard minħabba li xi wħud mill-

[86] L-Artikolu 9 (3) ġie emendat bir-Regolament (KE) Nru 596/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Ġunju 2009 li jadatta ċerti atti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, b'rabta mal-proċedura regolatorja bi skrutinju – Adattament għall-proċedura regolatorja bi skrutinju – Ir-Raba' Parti – ĠU L 188, 18.72009, p. 14.

ispeċifikazzjonijiet tiegħu ma jissodisfawx ir-rekwiżiti essenzjali relevanti għas-saħħa u s-sigurtà – ara §121: kummenti dwar l-Artikolu 10. Wara deċiżjoni bħal din, jista' jitqies neċessarju, sabiex jiġu mħarsa s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni, li jiġi żgurat li makkinarju ddisinjat skont l-istandard difettuż jiġi rtirat mis-suq jew ikun soġġett għal ċerti restrizzjonijiet.

Wara azzjoni ta' salvagwardja skont l-Artikolu 11

It-tieni ċirkustanza hija marbuta mal-proċedura tal-klawsola ta' salvagwardja stipulata fl-Artikolu 11. Wara n-notifika ta' miżura meħuda minn Stat Membru sabiex jipprojbixxi jew jillimita t-tqegħid fis-suq ta' mudell partikolari ta' makkinarju perikoluż, il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni fejn tiddikjara jekk tqisx il-miżura bħala ġustifikata jew le – ara §123: kummenti dwar l-Artikolu 11 (3). Wara deċiżjoni bħal din, il-Kummissjoni tista' tadotta Deċiżjoni li titlob lill-Istati Membri kollha jieħdu l-miżuri xierqa, sabiex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni, sabiex tassigura li kwalunkwe makkinarju ieħor li jkollu l-istess difett bħall-mudell soġġett għall-miżura nazzjonali oriġinali jiġi rtirat mis-suq jew ikun soġġett għal ċerti restrizzjonijiet.

Fuq talba tal-Istat Membru

L-Artikolu 9 (2) jagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jibdew il-proċess billi jitolbu lill-Kummissjoni teżamina l-ħtieġa għal miżuri li jipprojbixxu jew jillimitaw it-tqegħid fis-suq ta' makkinarju li jippreżenta l-istess riskju minħabba l-karatteristiċi tekniċi tiegħu jew biex tali makkinarju jsir soġġett għal kondizzjonijiet speċjali.

Qabel ma tieħu tali miżuri, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-partijiet interessati. Billi l-miżuri ma jirrigwardawx fabbrikant wieħed biss iżda jista' jkollhom konsegwenzi għall-fabbrikanti kollha ta' kategorija partikolari ta' makkinarju, huwa evidenti li jridu jiġu kkonsultati l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-fabbrikanti tal-makkinarju fuq livell tal-UE. B'mod ġenerali, il-konsultazzjoni tal-partijiet interessati tiġi organizzata fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju – ara §148: kummenti dwar l-Artikolu 22. Il-miżura mbagħad tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Makkinarju skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju – ara §147: kummenti dwar l-Artikolu 22 (3).

Artikolu 10

Proċedura sabiex ikun kontestat standard armonizzat

Fejn Stat Membru jew il-Kummissjoni jqisu li standard armonizzat ma jissodisfax b'mod sħiħ ir-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà li dan ikopri u li huma mniżżla fl-Anness I, il-Kummissjoni jew l-Istat Membru għandhom iressqu l-kwistjoni quddiem il-kumitat stabbilit mid-Direttiva 98/34/KE, filwaqt li jagħtu r-raġunijiet għal dan. Il-kumitat għandu jagħti opinjoni mingħajr dewmien. Fid-dawl tal-opinjoni tal-kumitat, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li tippubblika, li ma tippubblikax, li tippubblika b'restrizzjoni, li żżomm fis-seħħ, li żżomm fis-seħħ b'restrizzjoni jew li tirtira r-referenzi għall-istandard armonizzat ikkonċernat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

§119 Oġġezzjonijiet formali għal standards armonizzati

L-applikazzjoni ta' standards armonizzati li r-referenzi tagħhom ikunu ppubblikati fil-ĠUUE tagħti preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-

sigurtà li jkunu jkopru – ara §110: kummenti dwar l-Artikolu 7 (2). Madankollu, skont l-Artikoli 10 u 11, il-preżunzjoni ta' konformità tista' tiġi kkonfutata:

- L-Artikolu 10 jitlob li Stat Membru jew il-Kummissjoni jirreferu standard armonizzat lill-Kumitat imwaqqaf bid-Direttiva 98/34/KE[87] jekk huma jkollhom evidenza li ċerti rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà koperti mill-istandard ma jkunux issodisfati adegwatament mill-ispeċifikazzjonijiet tiegħu.
- Jekk tintuża l-proċedura ta' salvagwardja stipulata fl-Artikolu 11 u l-Istat Membru kkonċernat iħoss li n-nuqqas ta' konformità tal-makkinarju soġġett għall-miżura ta' restrizzjoni jkun minħabba nuqqas fi standard armonizzat applikat mill-fabbrikant, l-istandard ikkonċernat jiġi riferut ukoll lill-Kumitat tad-Direttiva 98/34/KE – ara §124: kummenti dwar l-Artikolu 11 (4).

Sabiex tiġi evitata l-ħtieġa għal tali oġġezzjonijiet formali, l-Istati Membri huma mħeġġa jsegwu l-iżvilupp ta' standards armonizzati u jgħarrfu bit-tħassib tagħhom lill-CEN jew lill-CENELEC qabel ma jiġu adottati l-istandards armonizzati. Bl-istess mod, l-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni huma mħeġġa jikkunsidraw b'mod xieraq it-tħassib tal-Istati Membri meta jkunu qegħdin jiżviluppaw u jadottaw standards armonizzati.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni biss għandhom il-possibbiltà li jagħmlu oġġezzjoni formali kontra standard armonizzat. Jekk partijiet interessati oħra jħossu li standard armonizzat ikollu nuqqasijiet serji, huma jistgħu jiġbdu l-attenzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali jew tal-Kummissjoni dwar il-kwistjoni u jitolbuhom jieħdu azzjoni xierqa.

§120 Il-proċedura għal oġġezzjonijiet formali

Oġġezzjoni formali tista' tiġi introdotta meta standard armonizzat ikun ġie adottat mill-Organizzazzjoni Ewropea tal-Istandardizzazzjoni u r-referenza tiegħu tkun ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni għal pubblikazzjoni fil-ĠUUE. Oġġezzjoni formali tista' tiġi introdotta wkoll fi kwalunkwe ħin wara l-pubblikazzjoni tar-referenza tal-istandard armonizzat fil-ĠUUE.

L-oġġezzjoni formali trid tiġi kkomunikata mill-Istat Membru lill-Kummissjoni permezz tar-Rappreżentanza Permanenti tiegħu għall-UE, fejn jiġu indikati r-referenza tal-istandard ikkonċernat, l-ispeċifikazzjonijiet tal-istandard li jkunu kkunsidrati bħala difettużi u r-raġunijiet għall-oġġezzjoni. Ġiet żviluppata formola standard għal dan il-għan mill-Kumitat tad-Direttiva 98/34/KE.

L-oġġezzjoni formali l-ewwel tiġi diskussa fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju – ara §148: kummenti dwar l-Artikolu 22 – fejn l-Istati Membri, ir-rappreżentanti tal-CEN jew tal-CENELEC u partijiet interessati oħra jiġu mistiedna jesprimu l-opinjonijiet tagħhom. L-eżitu tad-diskussjoni fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju jiġi rrappurtat mill-Kummissjoni lill-Kumitat tad-Direttiva 98/34/KE. Dan il-Kumitat imbagħad jiġi kkonsultat dwar abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni. Id-Deċiżjoni mbagħad tiġi adottata mill-Kummissjoni u tkun ippubblikata fis-serje L tal-ĠUUE.

[87] Id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi, kif emendata bid-Direttivi 98/48/KE u 2006/96/KE. Verżjoni kkonsolidata tad-Direttiva tinsab fuq: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:1998L0034:20070101:MT:PDF

§121 L-eżitu ta' oġġezzjoni formali

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar oġġezzjoni formali għal standard armonizzat tista' tieħu diversi forom:

- jekk l-oġġezzjoni formali ma tkunx sostnuta, il-Kummissjoni tadotta Deċiżjoni li tippubblika r-referenza tal-istandard fil-ĠUUE, jew li żżomm ir-referenza tal-istandard fil-ĠUUE jekk diġà tkun ġiet ippubblikata;
- jekk l-oġġezzjoni formali tkun sostnuta, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li ma tippubblikax ir-referenza tal-istandard fil-ĠUUE, jew li tirtira r-referenza tal-istandard mill-ĠUUE jekk diġà tkun ġiet ippubblikata;
- jekk in-nuqqasijiet tal-istandard jirrigwardaw biss ċerti speċifikazzjonijiet u l-bqija tal-istandard ikun ikkunsidrat bħala adegwat, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tippubblika r-referenza tal-istandard fil-ĠUUE (jew iżżomm ir-referenza tal-istandard fil-ĠUUE jekk diġà tkun ġiet ippubblikata) bi twissija li tillimita l-preżunzjoni ta' konformità mogħtija bl-applikazzjoni tal-istandard.

Meta r-referenza ta' standard armonizzat tiġi ppubblikata fil-ĠUUE bi twissija li tillimita l-preżunzjoni ta' konformità, dan jimplika li l-applikazzjoni tal-speċifikazzjonijiet tal-istandard li ma jkunux soġġetti għar-restrizzjoni, tkompli tagħti preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà li jkunu jkopru. Madankollu, sabiex jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà li ma jkunux issodisfati mill-istandard, il-fabbrikant irid iwettaq stima sħiħa tar-riskju, jagħżel miżuri protettivi adegwati sabiex jindirizza l-perikli kkonċernati u jiġġustifika l-għażla tiegħu fil-fajl tekniku tiegħu – ara §392: kummenti dwar l-Anness VII A 1 (a).

Meta l-Kummissjoni tadotta Deċiżjoni li ma tippubblikax ir-referenza ta' standard fil-ĠUUE, li tirtira referenza ta' standard mill-ĠUUE jew li tippubblika jew iżżomm ir-referenza ta' standard fil-ĠUUE b'restrizzjoni, il-Kummissjoni tagħti mandat lill-Organizzazzjoni Ewropea tal-Istandardizzazzjoni sabiex tirrevedi l-istandard ikkonċernat bil-għan li tirrimedja għan-nuqqasijiet li jkunu ġew identifikati.

Artikolu 11

Il-klawsola ta' salvagwardja

1. *Fejn Stat Membru jaċċerta li l-makkinarju kopert minn din id-Direttiva, li jġib il-marka CE, li jkollu miegħu Dikjarazzjoni tal-KE ta' konformità u li hu użat skont l-iskop intiż tiegħu jew skont il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu previsti b'mod raġonevoli, x'aktarx jista' jikkomprommetti s-saħħa u s-sigurtà ta' persuni u, fejn jixraq, annimali domestiċi jew proprjetà, dan għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex jirtira dan il-makkinarju mis-suq, jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq u/jew t-tqegħid fis-servizz jew jirrestrinġi l-moviment liberu tiegħu.*

. . .

§122 Il-klawsola ta' salvagwardja

Il-klawsola ta' salvagwardja hija prevista fil-paragrafu (10) tal-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE (issa l-Artikolu 114 tat-TFUE) li fuqu hija bbażata d-Direttiva dwar il-Makkinarju – ara §2: kummenti dwar il-kwotazzjonijiet:

"Il-miżuri ta' armonizzazzjoni msemmija hawn fuq għandhom, fil-każi xierqa, jinkludu klawsola ta' salvagwardja li tawtorizza lill-Istati Membri li jieħdu għal raġuni waħda jew aktar li m' hijiex ta' natura ekonomika imsemmija fl-Artikolu 36, miżuri provviżorji suġġetti għall-proċedura tal-kontroll mill-Unjoni proċedura".

L-Artikolu 11 jistabbilixxi l-proċedura li għandha tiġi segwita meta l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru jiskopru li l-preżunzjoni ta' konformità mogħtija bil-marka CE u d-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità ma tkunx fondata – ara §109: kummenti dwar l-Artikolu 7 (1).

Il-proċedura ta' salvagwardja stipulata fl-Artikolu 11 tapplika għal makkinarju fis-sens wiesa', fi kliem ieħor, tista' tiġi applikata għal kull wieħed mill-prodotti elenkati fl-Artikolu 1 (1), (a) sa (f). Mhijiex applikabbli għal makkinarju parzjalment komplut.

Meta makkinarju jinstab li ma jikkonformax mar-rekwiżiti applikabbli tas-saħħa u s-sigurtà minkejja l-preżenza tal-marka CE, l-Istat Membru għandu l-ewwel jikkuntattja lill-fabbrikant, lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew lill-persuna responsabbli biex tqiegħed il-makkinarju fis-suq u jitlobhom iġibu l-prodott f'konformità jew jirtirawh mis-suq fi żmien stabbilit mill-awtorità ta' sorveljanza tas-suq – ara §78 sa §84: kummenti dwar l-Artikolu 2 (i) u (j), u §100: kummenti dwar l-Artikolu 4.

Jekk il-prodott jinġieb f'konformità jew jiġi rtirat mis-suq b'mod volontarju, ma jkunx hemm bżonn li jittieħdu l-miżuri restrittivi msemmija fl-Artikolu 11 (1) u għalhekk m'hemm l-ebda bażi legali għal rikors għall-proċedura ta' salvagwardja. Madankollu, jekk il-makkinarju kkonċernat jippreżenta riskju serju, ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 jitlob li l-Istat Membru kkonċernat jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar l-azzjoni meħuda bl-użu tas-Sistema RAPEX.[88]

Fil-każijiet kollha fejn tittieħed azzjoni korrettiva mill-fabbrikant, huwa importanti li l-Istat Membru kkonċernat jinforma lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri l-oħra sabiex ikunu jistgħu jassiguraw li l-miżuri korrettivi neċessarji jittieħdu fl-UE kollha – ara §100: kummenti dwar l-Artikolu 4. Din l-informazzjoni tista' tiġi kkomunikata fil-qafas tal-Grupp ADCO dwar il-Makkinarju – ara §144: kummenti dwar l-Artikolu 19. L-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 jipprevedi l-istabbiliment ta' sistema ġenerali ta' appoġġ informattiv tal-UE għal dan il-għan.

Jekk in-nuqqas ta' konformità soġġett għal azzjoni korrettiva meħuda mill-fabbrikant jirriżulta minn defiċjenza fl-istandard armonizzat applikat, l-Istat Membru jrid jieħu azzjoni wkoll fir-rigward tal-istandard armonizzat, jekk ikun hemm bżonn permezz tal-proċedura ta' oġġezzjoni formali – ara §119 sa §121: kummenti dwar l-Artikolu 10.

Jekk il-miżuri volontarji sabiex il-prodott jinġieb f'konformità ma jittiħdux fiż-żmien stabbilit mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u jekk in-nuqqas ta' konformità jkun jista' jipperikola s-saħħa u s-sigurtà ta' persuni jew, fejn applikabbli, ta' annimali domestiċi jew proprjetà, trid tiġi segwita l-proċedura ta' salvagwardja stipulata fl-Artikolu 11.

L-Artikolu 11 (1) jiddeskrivi l-miżuri li għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet nazzjonali ta'

[88] Ara l-Artikoli 20 u 22 tar-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 – ĠU **L** 218 13.8.2008, p.30.

sorveljanza tas-suq. Il-miżuri jistgħu jinkludu s-sospensjoni jew il-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq tal-makkinarju u/jew tat-tqegħid għas-servizz tal-makkinarju, jew li dawn l-operazzjonijiet isiru soġġetti għal ċerti restrizzjonijiet. Il-forma u l-kontenut tal-miżuri huma f'idejn l-Istat Membru kkonċernat, iżda l-miżuri jridu jkunu kemm suffiċjenti sabiex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kif ukoll proporzjonati mar-riskju involut.

Skont l-Artikolu 21 (3) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, qabel ma jittieħdu tali miżuri, il-partijiet interessati jridu jingħataw l-opportunità li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom sakemm dan ma jkunx impossibbli minħabba l-urġenza. Jekk jittieħdu miżuri mingħajr ma jinstemgħu l-partijiet interessati, dawn tal-aħħar iridu jingħataw l-opportunità li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom kemm jista' jkun malajr.

Skont l-Artikolu 20 tar-Regolament, fil-każ ta' makkinarju li jippreżenta riskju serju li jkun jeħtieġ intervent rapidu, l-Istati Membri jistgħu jordnaw ukoll l-irtirar tal-makkinarju li diġà jkun tqiegħed fis-suq, kemm fil-katina ta' provvista kif ukoll fis-servizz, sabiex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-utenti.

Il-miżura meħuda mill-Stat Membru skont l-Artikolu 11 (1) trid tindika r-raġunijiet eżatti li fuqhom tkun ibbażata u tiġi nnotifikata mill-aktar fis possibbli lill-parti kkonċernata li fl-istess ħin trid tiġi infurmata bir-rimedji legali għad-dispożizzjoni tagħha – ara §145: kummenti dwar l-Artikolu 20.

Id-deċiżjoni meħuda mill-Istat Membru għandha tiġi ppubblikata – ara §143: kummenti dwar l-Artikolu 18 (3).

Artikolu 11 (ikompli)

. . .

2. *L-Istat Membru għandu minnufih jinfurma lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe miżura bħal din, u jindika r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu u, b'mod partikolari jekk dan in-nuqqas ta' konformità huwiex ġej minn:*

nuqqas li jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali kif imsemmija fl-Artikolu 5(1)(a);

applikazzjoni mhux korretta tal-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 7(2);

nuqqasijiet fl-istandards armonizzati infushom imsemmija fl-Artikolu 7(2)..

3. *Il-Kummissjoni għandha tidħol f'konsultazzjoni mal-partijiet konċernati mingħajr dewmien.*

Il-Kummissjoni għandha tqis, wara din il-konsultazzjoni, jekk il-miżuri meħuda mill-Istat Membru humiex ġustifikati, u għandha tibgħat id-deċiżjoni tagħha lill-Istat Membru li ħa l-inizjattiva, l-Istati Membri l-oħra, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

. . .

§123 Il-proċedura ta' salvagwardja

L-Artikolu 11 (2) u (3) jistabbilixxi l-proċedura li għandha tiġi segwita fil-livell tal-UE meta tittieħed miżura nazzjonali skont l-Artikolu 11 (1). Il-miżura trid tiġi nnotifikata mill-Stat Membru kkonċernat lill-Kummissjoni Ewropea, fejn jiġu indikati r-raġunijiet għall-miżura. In-notifika għandha tiġi trasmessa lill-Kummissjoni mir-Rappreżentanza

Permanenti tal-Istat Membru kkonċernat. Fl-istess ħin, iridu jiġu infurmati l-Istati Membri l-oħra. L-informazzjoni tista' tiġi kkomunikata permezz tal-Grupp ADCO dwar il-Makkinarju bl-użu tas-sistema CIRCA – ara §146: kummenti dwar l-Artikolu 21. Il-Grupp ADCO dwar il-Makkinarju żviluppa formola speċjali biex tgħin lill-Istati Membri jittrasmettu l-informazzjoni neċessarja.

In-notifika għandha tindika b'mod ċar ir-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà li l-makkinarju jonqos milli jikkonforma magħhom u tispjega n-natura tar-riskji li joħolqu dawn in-nuqqasijiet ta' konformità. Jekk l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq ikunu stmaw il-konformità tal-makkinarju b'referenza għall-ispeċifikazzjonijiet ta' standard armonizzat, għandhom jiġu indikati wkoll il-klawsoli rilevanti tal-istandard.

Sabiex jippermettu lill-Kummissjoni tagħmel l-istħarriġ tagħha mingħajr dewmien, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jittrasmettu d-dokumenti kollha rilevanti man-notifika. Id-dokumenti rilevanti jistgħu jinkludu:

- ritratti jew tpinġijiet tal-makkinarju kkonċernat li juru l-marka CE u d-difetti kkonċernati;
- kopja tad-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità;
- iċ-ċertifikat ta' eżami tat-tip KE jew iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tas-sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità sħiħa tal-fabbrikant (jekk applikabbli);
- l-elementi rilevanti tal-fajl tekniku tal-fabbrikant, jekk ikunu disponibbli;
- is-siltiet rilevanti mill-istruzzjonijiet tal-fabbrikant;
- ir-rapporti ta' kwalunkwe test jew spezzjoni li fuqhom tkun ibbażata l-miżura;
- id-dettalji ta' kwalunkwe korrispondenza skambjata mal-partijiet ikkonċernati, bħall- fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, l-importatur jew id-distributur tal-makkinarju, jew il-Korp notifikat involut.

Is-servizzi tal-Kummissjoni mbagħad jeżaminaw in-notifika u d-dokumenti ta' sostenn u jikkonsultaw lill-partijiet interessati sabiex jikkunsidraw jekk il-miżura meħuda mill-Istat Membru tkunx ġustifikata jew le. Il-partijiet interessati jinkludu l-awtoritajiet tal-Istat Membru li jkun innotifika l-miżura, il-fabbrikant tal-makkinarju kkonċernat jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu u, fejn applikabbli, il-Korp notifikat involut fl-istima tal-konformità tal-makkinarju. Il-partijiet ikkonċernati huma mogħtija l-opportunità li jiltaqgħu mas-servizzi tal-Kummissjoni sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan.

Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tfittex parir espert indipendenti sabiex jivvaluta l-fajl u, f'xi każijiet, biex jispezzjona l-makkinarju kkonċernat jew iwettaq testijiet. Il-Kummissjoni mbagħad tadotta Deċiżjoni li tiġi kkomunikata lill-Istat Membru li jkun ħa l-miżura inizjali, lill-Istati Membri l-oħra, u lill-fabbrikant jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea – ara §143: kummenti dwar l-Artikolu 18 (3).

Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li l-miżura meħuda mill-Istat Membru tkun ġustifikata, l-Istati Membri l-oħra għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jassiguraw il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-persuni fir-rigward tal-makkinarju mhux konformi. Jekk, min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tiddeċiedi li l-miżura meħuda mill-Istat Membru ma tkunx ġustifikata, dik il-miżura għandha tiġi rtirata.

Artikolu 11 (ikompli)

. . .

4. *Fejn il-miżuri previsti mill-paragrafu 1 huma bbażati fuq nuqqas fl-istandard armonizzat u jekk l-Istat Membru li beda l-miżuri jżomm il-pożizzjoni tiegħu, il-Kummissjoni jew l-Istat Membru għandha tibda l-proċedura msemmija fl-Artikolu 10.*

. . .

§124 Nuqqasijiet fl-istandards armonizzati

L-Artikolu 11 (4) japplika meta n-nuqqas ta' konformità nnotifikat skont l-Artikolu 11 (1) u (2) ikun minħabba nuqqas fl-istandard armonizzat applikat mill-fabbrikant. F'dak il-każ, minbarra l-proċedura stipulata fl-Artikolu 11 (3), trid tiġi ppreżentata oġġezzjoni formali jew mill-Istat Membru kkonċernat jew mill-Kummissjoni, skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 10 – ara §119 sa §121: kummenti dwar l-Artikolu 10.

Artikolu 11 (ikompli)

. . .

5. *Fejn makkinarju ma jikkonformax u jġib il-marka CE, l-Istat Membru kompetenti għandu jieħu l-azzjoni xierqa kontra kull min ikun waħħal il-marka u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra.*

. . .

§125 Azzjoni kontra l-persuna li tkun waħħlet il-marka CE

Id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 11 (1) sa (4) jittrattaw il-miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-prodotti li jkollhom il-marka CE u li jistgħu jikkompromettu s-saħħa u s-sigurtà ta' persuni u, fejn applikabbli, ta' annimali domestiċi jew proprjetà.

Minbarra dawk il-miżuri, l-Artikolu 11 (5) jitlob li l-Istat Membru jieħu azzjoni xierqa fir-rigward tal-persuna li tkun waħħlet il-marka CE fuq prodott mhux konformi u li b'hekk tkun ħadet ir-responsabbiltà li tqiegħed il-prodott fis-suq jew li tqiegħdu fis-servizz – ara §141: kummenti dwar l-Artikolu 16. Dik il-persuna tista' tkun il-fabbrikant, ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew persuna oħra li tieħu r-responsabbiltà għat-tqegħid tal-prodott fis-suq li titqies bħala fabbrikant – ara §78 sa §81: kummenti dwar l-Artikolu 2 (i).

L-azzjoni xierqa għandha tiġi determinata mill-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet li jimplimentaw id-Direttiva dwar il-Makkinarju f'liġi nazzjonali. B'mod ġenerali, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom l-ewwel jitolbu lill-fabbrikant jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex itemm in-nuqqas ta' konformità. Jekk il-miżuri neċessarji ma jittieħdux fiż-żmien determinat mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq, iridu jiġu applikati sanzjonijiet xierqa – ara §150: kummenti dwar l-Artikolu 23.

F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri jridu jinfurmaw lill-Kummissjoni u l-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra. Għal dan il-għan, għandha tintuża s-sistema ġenerali ta' appoġġ informattiv prevista fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

Għan-nuqqasijiet ta' konformità relatati mal-marka CE jew id-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità – ara §142: kummenti dwar l-Artikolu 17.

Artikolu 11 (ikompli)

. . .

6. *Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Istati Membri jinżammu infurmati bil-progress u r-riżultat tal-proċedura.*

§126 Informazzjoni dwar il-proċedura ta' salvagwardja

Skont l-Artikolu 11 (6), il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Istati Membri infurmati dwar il-progress u l-eżitu tal-proċedura ta' salvagwardja. L-informazzjoni rilevanti hija pprovduta lill-Istati Membri fil-qafas tal-Grupp ADCO dwar il-Makkinarju – ara §144: kummenti dwar l-Artikolu 19.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni hija ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea – ara §143: kummenti dwar l-Artikolu 18 (3).

Artikolu 12

1. *Proċeduri għall-istima ta' konformità tal-makkinarju*

Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom, sabiex jiċċertifikaw il-konformità tal-makkinarju mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw waħda mill-proċeduri għall-istima ta' konformità kif deskritt fil-paragrafi 2, 3 u 4.

. . .

§127 Stima ta' konformità tal-makkinarju

L-Artikolu 12 jirrigwarda l-proċedura ta' stima tal-konformità li trid titwettaq mill-fabbrikant tal-makkinarju jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu qabel ma jqiegħed il-makkinarju fis-suq u/jew iqiegħdu fis-servizz – ara §103: kummenti dwar l-Artikolu 5 (1). Il-proċedura ta' stima tal-konformità hija obbligatorja, madankollu, għal ċerti kategoriji ta' makkinarju, il-fabbrikant jista' jagħżel bejn diversi proċeduri alternattivi. Il-paragrafi li ġejjin jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jintużaw il-proċeduri differenti ta' stima tal-konformità.

Artikolu 12 *(ikompli)*

. . .

2. *Fejn il-makkinarju ma jissemmiex fl-Anness IV, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu japplika l-proċedura għall-istima ta' konformità b'kontrolli interni fuq il-fabbrikazzjoni tal-makkinarju, prevista mill-Annex VIII.*

. . .

§128 Kategoriji ta' makkinarju mhux elenkati fl-Anness IV

L-Artikolu 12 (2) jistabbilixxi l-proċedura ta' stima tal-konformità li trid tintuża għall-kategoriji kollha ta' makkinarju għajr dawk elenkati fl-Anness IV. Il-proċedura li għandha tiġi segwita hija l-proċedura għal stima tal-konformità b'kontrolli interni fuq il-

fabbrikazzjoni tal-makkinarju, xi drabi msejħa *"Dikjarazzjoni ta' Konformità tal-Fornitur"* jew *"ċertifikazzjoni tal-ewwel parti"* [89] – ara §395: kummenti dwar l-Anness VIII. Din il-proċedura ma tinvolvix l-intervent ta' Korp notifikat. Madankollu, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu huwa liberu li jfittex kwalunkwe parir jew għajnuna indipendenti li jkollu bżonn sabiex iwettaq l-istima ta' konformità tal-makkinarju. Huwa jista' jwettaq il-kontrolli, l-ispezzjonijiet u t-testijiet u l-ispezzjonijiet meħtieġa sabiex jistma l-konformità tal-makkinarju huwa stess jew jafdahom f'idejn kwalunkwe organu kompetenti tal-għażla tiegħu. Ir-rapporti tekniċi rilevanti għandhom jiġu inklużi fil-fajl tekniku – ara §392: kummenti dwar l-Anness VII A 1 (a), sixth inċiż.

Għandu jiġi osservat li m'hemmx Korpi Notifikati għal kategoriji ta' makkinarju għajr dawk elenkati fl-Anness IV. Il-fabbrikanti ta' makkinarju mhux tal-Anness IV jistgħu jfittxu parir jew għajnuna mingħand Korpi li jkunu nnotifikati għal ċerti kategoriji ta' makkinarju tal-Anness IV. Madankollu, f'dak il-każ, il-korp ma jkunx qed jaġixxi bħala Korp notifikat u ma jistax juża n-numru ta' identifikazzjoni assenjat lilu mill-Kummissjoni fuq dokumenti relatati ma' tali attività – ara §133: kummenti dwar l-Artikolu 14.

***Artikolu 12** (ikompli)*

. . .

***3.** Fejn il-makkinarju jissemma fl-Anness IV u huwa fabbrikat skont l-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 7(2), u sakemm dawk l-istandards ikopru r-rekwiżiti essenzjali relevanti kollha tas-saħħa u tas-sigurtà, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu japplika waħda mill-proċeduri li ġejjin:*

il-proċedura għall-istima ta' konformità b'kontrolli interni fil-fabbrikazzjoni tal-makkinarju prevista fl-Anness VIII;

il-proċedura tal-eżami tat-tip KE msemmija fl-Anness IX, kif ukoll il-kontrolli interni fuq il-fabbrikazzjoni tal-makkinarju prevista fl-Anness VIII, punt 3;

il-proċedura ta' assikurazzjoni ta' kwalità sħiħa msemmija fl-Anness X.

. . .

§129 Makkinarju tal-Anness IV iddisinnjat għal standards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali applikabbli kollha għas-saħħa u s-sigurtà

L-Artikolu 12 (3) jistabbilixxi t-tliet proċeduri alternattivi ta' stima tal-konformità li jistgħu jiġu applikati għal kategoriji ta' makkinarju elenkati fl-Anness IV li jkunu ddisinjati u mibnija skont standards armonizzati. Biex japplikaw il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 12 (3), iridu jiġu ssodisfati t-tliet kundizzjonijiet li ġejjin:

il-makkinarju kkonċernat irid ikun fil-kamp ta' applikazzjoni ta' wieħed jew aktar mill-istandards armonizzati tat-tip C, li r-referenzi tiegħu jkunu ġew ippubblikati fil-ĠUUE – ara §110: kummenti dwar l-Artikolu 7 (2);

[89] Il-kunċett ta' "Dikjarazzjoni ta' Konformità tal-Fornitur" hija spjegata fl-istandard EN ISO/IEC 17050-1:2010 – *Stima tal-konformità – Dikjarazzjoni ta' Konformità tal-Fornitur* – Parti 1: *Rekwiżiti Ġenerali* (ISO/IEC 17050-1:2004, verżjoni kkoreġuta 2007-06-15), iżda l-applikazzjoni ta' dan l-istandard ma toħloqx preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

- l-istandard jew standards armonizzati kkonċernati jridu jkopru r-rekwiżiti essenzjali kollha għas-saħħa u s-sigurtà li huma applikabbli għall-makkinarju kif iddeterminati mill-istima tar-riskju – ara §159: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 1;
- il-makkinarju jrid ikun iddisinjat u mibni kompletament skont l-istandards armonizzati kkonċernati.

Meta jiġu ssodisfati dawn it-tliet kundizzjonijiet, il-fabbrikant jista' jagħżel il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12 (3) (a) jew waħda mill-proċeduri msemmija fl-Artikolu 12 (3) (b) u (c).

Il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12 (3) (a) - stima tal-konformità b'kontrolli interni fuq il-fabbrikazzjoni tal-makkinarju – hija identika għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 12 (2) li tapplika għal kategoriji ta' makkinarju mhux elenkati fl-Anness IV.

Il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12 (3) (b) teħtieġ li l-fabbrikant jissottometti l-mudell tal-makkinarju għal Eżami tat-tip KE minn Korp notifikat sabiex ikun assigurat li dan jikkonforma mal-EHSRs li jkunu applikabbli. Il-konformità tal-makkinarju li jiġi prodott suċċessivament skont il-mudell eżaminat mill-Korp notifikat imbagħad tiġi stmata mill-fabbrikant innifsu permezz ta' kontrolli interni – ara §396 sa §400: kummenti dwar l-Anness IX, u §395: kummenti dwar l-Anness VIII 3.

Il-proċedura stipulata fl-Artikolu 12 (3) (c) teħtieġ li l-fabbrikant ikollu sistema ta' assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa li tkopri d-disinn, il-fabbrikazzjoni, l-ispezzjoni finali u l-ittestjar tal-makkinarju. Is-sistema trid tiġi stmata u approvata minn Korp notifikat sabiex jiġi żgurat li tkun adegwata biex tassigura d-disinn u l-fabbrikazzjoni ta' makkinarju li jikkonforma mal-EHSRs li jkunu applikabbli. Il-Korp notifikat irid jimmonitorja wkoll l-applikazzjoni korretta tas-sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità sħiħa – ara §401 sa §407: kummenti dwar l-Anness X.

Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu fl-UE jista' jitlob eżami tat-tip KE ta' mudell ta' makkinarju jew l-istima ta' sistema ta' assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa minn kwalunkwe Korp notifikat tal-għażla tiegħu fl-UE, bil-kundizzjoni li l-Korp notifikat inkwistjoni jiġi nnotifikat għall-proċedura ta' stima tal-konformità u għall-kategorija ta' makkinarju kkonċernata – ara §133: kummenti dwar l-Artikolu 14. Madankollu, talba għal eżami tat-tip KE għal mudell partikolari ta' makkinarju jew talba għall-istima ta' sistema partikolari ta' assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa tista' ssir biss lil Korp notifikat wieħed – ara §397: kummenti dwar l-Anness IX 2.1, u §402: kummenti dwar l-Anness X 2.1.

Ċertifikat ta' eżami tat-tip KE jew deċiżjoni li tapprova sistema ta' assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa maħruġa minn Korp notifikat, huma validi fl-UE kollha.

Artikolu 12 (ikompli)

. . .

4. *Fejn il-makkinarju jissemma fl-Anness IV u ma ġiex fabbrikat skont l-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 7(2), jew parzjalment biss skont dawn l-istandards, u jekk l-istandards armonizzati ma jkoprux ir-rekwiżiti essenzjali relevanti tas-saħħa u tas-sigurtà kollha, jew jekk ma jeżistu l-ebda standards armonizzati għal dan il-makkinarju, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom japplikaw waħda mill-proċeduri li ġejjin:*

il-proċedura tal-eżami tat-tip KE msemmija fl-Anness IX, kif ukoll il-kontrolli interni fuq il-fabbrikazzjoni tal-makkinarju prevista fl-Anness VIII, punt 3;

il-proċedura ta' assikurazzjoni ta' kwalità sħiħa msemmija fl-Anness X.

§130 Makkinarju ieħor tal-Anness IV

L-Artikolu 12 (4) jistabbilixxi ż-żewġ proċeduri ta' stima tal-konformità li jistgħu jiġu applikati għal kategoriji ta' makkinarju elenkati fl-Anness IV meta ma jiġux issodisfati waħda jew aktar mit-tliet kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 12 (3). Għalhekk, fil-każijiet li ġejjin japplikaw il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 12 (4):

- meta ma jkunux disponibbli standards armonizzati li jkopru t-tip ta' makkinarju kkonċernat;
- meta l-istandards armonizzati applikati mill-fabbrikant ma jkoprux ir-rekwiżiti essenzjali kollha għas-saħħa u s-sigurtà applikabbli għall-makkinarju kkonċernat;
- meta l-fabbrikant tal-makkinarju kkonċernat ma jkunx applika jew ikun applika biss parzjalment l-istandards armonizzati rilevanti.

F'każijiet bħal dawn, ma tistax tintuża l-proċedura għal stima tal-konformità b'kontrolli interni fuq il-fabbrikazzjoni tal-makkinarju u, għalhekk, trid tiġi segwita waħda miż-żewġ proċeduri li jinvolvu Korp notifikat.

Artikolu 13

Il-proċedura għall-makkinarju parzjalment komplut

1. *Il-fabbrikant ta' makkinarju parzjalment komplut jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom, qabel ma jqiegħduh fis-suq, jiżguraw li:*

tkun preparata d-dokumentazzjoni teknika relevanti spjegata fl-Anness VII, Parti B;

ikunu preparati l-istruzzjonijiet tal-immuntar spjegati fl-Anness VI;

tkun saret id-dikjarazzjoni ta' inkorporazzjoni spjegata fl-Anness II, Parti 1, Sezzjoni B.

2. *L-istruzzjonijiet tal-immuntar u d-dikjarazzjoni ta' inkorporazzjoni għandhom ikunu mal-makkinarju parzjalment komplut sakemm dan ikun inkorporat fil-makkinarju finali u wara għandha tifforma parti mill-fajl tekniku għal dak il-makkinarju.*

§131 Proċedura għal makkinarju parzjalment komplut


L-Artikolu 13 (1) jistabbilixxi l-proċedura li għandha tiġi segwita għat-tqegħid fis-suq ta' makkinarju parzjalment komplut msemmi fl-Artikolu 1 (1) (g) – ara §384 u §385: kummenti dwar l-Anness II 1 B, §390: kummenti dwar l-Anness VI, u §394: kummenti dwar l-Anness VII B.

L-għan tal-Artikolu 13 (2) huwa li jiżgura li l-istruzzjonijiet dwar il-muntatura u d-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni speċifikati mill-fabbrikant ta' makkinarju parzjalment komplut jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-fabbrikant tal-makkinarju finali li fih jiġi inkorporat il-makkinarju parzjalment komplut, sabiex ikun jista' japplika l-istruzzjonijiet dwar il-muntatura u jinkludi l-istruzzjonijiet dwar il-muntatura u d-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni fil-fajl tekniku għall-makkinarju finali – ara §392: kummenti dwar it-tmien inċiż tal-Anness VII A 1 (a).

B'mod ġenerali, dan jimplika li d-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni u kopja tal-istruzzjonijiet dwar il-muntatura jridu jiġu pprovduti ma' kull element ta' makkinarju parzjalment komplut. Madankollu, f'każijiet fejn fabbrikant ta' makkinarju parzjalment komplut iforni lott ta' prodotti identiċi lil fabbrikant identifikat ta' makkinarju finali, il-fabbrikant tal-makkinarju parzjalment komplut m'għandux għalfejn iforni d-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni u l-istruzzjonijiet dwar il-muntatura ma' kull element, bil-kundizzjoni li huwa jassigura li l-fabbrikant tal-makkinarju finali jkun irċieva dawn id-dokumenti mal-ewwel kunsinna ta' prodotti li jagħmlu parti mil-lott u jagħmilha ċara li d-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni u l-istruzzjonijiet dwar il-muntatura japplikaw għall-elementi kollha ta' makkinarju parzjalment komplut li jagħmel parti mil-lott.

§132 Dijagramma tal-proċeduri għat-tqegħid fis-suq ta' makkinarju u makkinarju parzjalment komplut

Id-dijagramma li ġejja tiġbor fil-qosor il-proċeduri stipulati fl-Artikoli 12 u 13:



* *Standards armonizzati mhumiex disponibbli, l-istandards armonizzati ma jkoprux l-EHSRs applikabbli kollha jew l-istandards armonizzati mhumiex applikati jew huma applikati biss parzjalment.*

Kodiċi tal-kulur: Kategorija ta' prodotti | Dokumenti | Proċedura | Dikjarazzjoni – marka

Artikolu 14

Korpi notifikati

a) *L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra bil-korpi li huma ħatru sabiex iwettqu l-istima ta' konformità għat-tqegħid fis-suq imsemmija fl-Artikolu 12 (3) u (4), flimkien mal-proċeduri ta' stima ta' konformità speċifika u l-kategoriji tal-makkinarju li għalihom ġew maħtura dawn il-korpi u n-numri ta' identifikazzjoni assenjati lilhom minn qabel mill-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe emenda sussegwenti.*

b) *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm monitoraġġ regolari tal-korpi notifikati sabiex jikkontrollaw li dawn jikkonformaw il-ħin kollu mal-kriterji mniżżla fl-Anness XI. Il-korp notifikat għandu jagħti l-informazzjoni kollha relevanti meta jintalab, inkluża d-dokumenti tal-baġit, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiżguraw li jintlaħqu r-rekwiżiti tal-Anness XI.*

c) *L-Istati Membri għandhom japplikaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness XI meta jkunu qed jagħmlu stima tal-korpi li għandhom ikunu nnotifikati u l-korpi li diġà ġew innotifikati.*

d) *Il-Kummissjoni għandha tippubblika għall-finijiet ta' informazzjoni lista tal-korpi notifikati u n-numri tal-identifikazzjoni tagħhom u d-doveri li għalihom huma ġew notifikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li din il-lista tinżamm aġġornata.*

e) *Il-korpi li jissodisfaw il-kriterji ta' stima mniżżla fl-istandards armonizzati relevanti, li r-referenzi għalihom għandhom ikunu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom jitqiesu li jissodisfaw il-kriterji relevanti.*

. . .

§133 Korpi Notifikati

L-Artikolu 14 jistipula d-dispożizzjonijiet marbuta mal-Korpi Notifikati. Il-Korpi Notifikati huma korpi indipendenti ta' partijiet terzi li jivvalutaw il-konformità li għandhom f'idejhom il-proċeduri ta' stima tal-konformità msemmija fl-Artikolu 12 (3) u (4) għall-kategoriji ta' makkinarju elenkati fl-Anness IV. It-terminu "notifikat" jirreferi għall-fatt li dawn il-Korpi jiġu nnotifikati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra. Qabel ma jiġi notifikat korp tal-istima tal-konformità, dan għandu jiġi assenjat numru ta' identifikazzjoni (b'erba' ċifri) mill-Kummissjoni. Korp partikolari jkollu numru tal-identifikazzjoni wieħed u jista' jiġi notifikat skont Direttiva tal-UE waħda jew diversi.

Skont id-Direttiva dwar il-Makkinarju, il-korpi jistgħu jiġu notifikati biss għall-istima tal-konformità tal-kategoriji ta' makkinarju elenkati fl-Anness IV. Korpi li jkunu ġew notifikati jistgħu jipprovdu wkoll servizzi ta' stima tal-konformità lill-fabbrikanti ta' kategoriji oħrajn tal-makkinarju, madankollu, f'dawn il-każijiet, il-korpi għandhom jagħmluha ċara lill-klijenti tagħhom li huma ma jkunux qed jaġixxu bħala Korpi Notifikati u ma għandhomx jużaw in-numru ta' identifikazzjoni assenjat lilhom mill-Kummissjoni dwar xi dokument marbut ma' attività bħal din - ara §128: kummenti dwar l-Artikolu 12 (2).

L-istima, il-ħatra u l-monitoraġġ tal-Korpi Notifikati huma r-responsabbiltà esklussiva

tal-Istati Membri.

In-notifika ssir bis-sistema tal-informazzjoni fuq l-internet tal-Kummissjoni NANDO (New Approach Notified and Designated Organisations). Dan is-sit jelenka l-Korpi Notifikati Ewropew kollha kif ukoll il-korpi tal-pajjiżi terzi maħtura fi ftehimiet formali bħall-Ftehimiet ta' Rikonoxximent Reċiproku (MRAs), il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u l-Ftehimiet dwar l-Istima tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali (ACAAs).

Hiija u tinnotifika korp għall-istima tal-konformità skont id-Direttiva dwar il-Makkinarju, l-awtorità tal-Istat Membru kkonċernat li tagħmel in-notifika għandha tindika l-kategorija ta' makkinarju li għaliha l-Korp ikun ġie assenjat. Korp Notifikat jista' jiġi assenjat biex jevalwa l-konformità ta' kategorija tal-makkinarju waħda jew iktar elenkati fl-Anness IV.

In-notifika għandha wkoll tindika għal liema proċedura jew proċeduri tal-istima tal-konformità tkun ġiet maħtura. Korp Notifikat jista' jiġi maħtur għal waħda mill-proċeduri li ġejjin imsemmija fl-Artikolu 12 jew għat-tnejn:

- il-proċedura tal-eżami tat-tip tal-KE – l-Artikolu 12 (3) (b) u l-Artikolu 12 (4) (a) - l-Anness IX;
- il-proċedura tal-assigurazzjoni tal-kwalità sħiħa – l-Artikolu 12 (3) (c) u l-Artikolu 12 (4) (b) - l-Anness X;

Qabel ma tressaq talba għall-istima tal-konformità ma' Korp Notifikat, huwa għalhekk importanti li jiġi ċċekkjat f'NANDO li l-Korp Notifikat ikkonċernat ikun ġie notifikat skont id-Direttiva dwar il-Makkinarju għall-kategorija ta' makkinarju u għall-proċedura tal-istima tal-konformità kkonċernati - ara §129: kummenti dwar l-Artikolu 12 (3).

§134 Stima u monitoraġġ tal-Korpi Notifikati

L-Artikolu 14 (3) jirreferi għall-kriterji stipulati fl-Anness XI li għandhom jintużaw meta jiġu stmati l-korpi li għandhom jiġu nnotifikati – ara §408: kummenti dwar l-Anness XI. L-Istati Membri huma mħeġġa jużaw l-akkreditazzjoni bħala mezz biex jiġu valutati l-Korpi Notifikati. Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 jitlob li kull Stat Membru jaħtar organu wieħed ta' akkreditazzjoni sabiex jevalwa jekk il-korpi ta' stima jkunux kompetenti sabiex iwettqu attivitajiet speċifiċi ta' stima tal-konformità. Kull korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni huwa soġġett għal evalwazzjoni bejn il-pari organizzata mill-Koperazzjoni Ewropea għall-Akkreditazzjoni (EA).[90]

L-Artikolu 14 (5) jirreferi għall-standards armonizzati rilevanti li jistgħu jintużaw biex jiġu stmati l-Korpi Notifikati. L-istandards armonizzati rilevanti huma EN ISO/IEC 17020, 17021 u 17025.[91]

---

[90] Regolament (KE) Nru 765/2008 – Artikoli 3 sa 14.

[91] EN ISO/IEC 17020:2004 – *Kriterji ġenerali għall-operazzjoni ta' diversi tipi ta' korpi li jwettqu spezzjoni* (ISO/IEC 17020:1998);
EN ISO/IEC 17021:2006 – *Stima tal-konformità — Rekwiżiti għal korpi li jipprovdu verifika u ċertifikazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni* (ISO/IEC 17021:2006);
EN ISO/IEC 17025:2005 – Rekwiżiti ġenerali għall-kompetenza ta' laboratorji tal-ittestjar u tal-kalibrazzjoni (ISO/IEC 17025:2005) - EN ISO/IEC 17025:2005/AC:2006;
- ara l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Deċiżjoni 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u

Skont l-Artikolu 14 (2), l-Istati Membri jridu jimmonitorjaw ukoll il-Korpi Notifikati sabiex jassiguraw li dawn ikomplu jissodisfaw il-kriterji stipulati fl-Anness XI. Meta tintuża l-akkreditazzjoni għall-istima inizjali ta' Korp notifikat, l-akkreditazzjoni ġeneralment tingħata għal perjodu limitat. Il-monitoraġġ tal-Korp notifikat għalhekk tista' titwettaq permezz ta' verifiki perjodiċi minħabba t-tiġdid tal-akkreditazzjoni.

Artikolu 14 (ikompli)

. . .

f) *Jekk korp notifikat isib li r-rekwiżiti relevanti ta' din id-Direttiva ma ġewx sodisfatti jew ma għadhomx jiġu sodisfatti mill-fabbrikant jew li ċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE jew l-approvazzjoni ta' sistema tal-assikurazjoni tal-kwalità ma kellhomx jinħarġu, dan għandu, filwaqt li jqis il-prinċipju ta' proporzjonalità, jissospendi jew jirtira ċ-ċertifikat jew l-approvazzjoni maħruġin jew jagħmel restrizzjonijiet fuqhom, filwaqt li jagħti raġunijiet dettaljati, għajr jekk konformità ma' dawn ir-rekwiżiti tkun żgurata mill-implimentazzjoni ta' miżuri korrettivi xierqa mill-fabbrikant. Fil-każ ta' sospensjoni jew irtirar taċ-ċertifikat jew l-approvazzjoni jew ta' kwalunkwe restrizzjoni mpoġġija fuqhom, jew f'każijiet fejn l-intervent mill-awtorità kompetenti tista' tkun neċessarja, il-korp notifikat għandu jinforma lill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 4. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.*

Għandha tkun disponibbli proċedura ta' appell..

. . .

§135 Irtirar taċ-ċertifikati jew deċiżjonijiet maħruġa minn Korpi Notifikati

L-Artikolu 14 (6) jistabbilixxi d-dmirijiet ta' Korp notifikat fil-każijiet li ġejjin:

- Il-Korp notifikat jiġi infurmat li makkinarju mqiegħed fis-suq kopert minn Ċertifikat ta' eżami tat-tip KE jew b'deċiżjoni li tapprova sistema ta' assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa tal-fabbrikant, ma jkunx konformi mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli għas-saħħa u s-sigurtà jew ma jkunx sigur.

  Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, jekk il-makkinarju kkonċernat ikun is-suġġett ta' miżura nnotifikata bil-proċedura ta' salvagwardja skont l-Artikolu 11 jew ta' miżura meħuda sabiex tindirizza makkinarju potenzjalment perikoluż skont l-Artikolu 9.

- Il-Korp notifikat jiġi infurmat li l-fabbrikant ma jkunx qiegħed jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont sistema approvata ta' assikurazzjoni tal-kwalità.

  Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, wara verifika perjodika tas-sistema ta' assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa jew wara żjara għal għarrieda sabiex jiġi ċċekkjat il-funzjonament korrett ta' tali sistema – ara §406: kummenti dwar l-Anness X 3.

Il-miżuri li jridu jittieħdu mill-Korp notifikat f'każijiet bħal dawn jiddependu fuq il-gravità tan-nuqqas ta' konformità u tar-riskji involuti. Madankollu, jekk il-fabbrikant ma jiħux il-miżuri korrettivi xierqa fiż-żmien mogħti, iċ-Ċertifikat ta' eżami tat-tip KE jew id-Deċiżjoni ta' approvazzjoni ta' sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità sħiħa rilevanti, jridu jiġu sospiżi jew irtirati.

---

tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 761/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Pubblikazzjoni ta' titoli u referenzi ta' standards armonizzati) - ĠU C 136 16.6.2009, p. 29.

Meta ċertifikat jew deċiżjoni ta' approvazzjoni jiġu sospiżi jew irtirati, il-Korp notifikat irid jinforma lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq fl-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti sabiex ikunu jistgħu jittieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jindirizzaw il-makkinarju non-konformi jew perikoluż. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jekk tkun meħtieġa azzjoni biex tindirizza makkinarju non-konformi jew makkinarju perikoluż li ma jkunx fit-territorju tagħhom.

It-tielet paragrafu tal-Artikolu 14 (6) isostni li għandha tkun disponibbli proċedura ta' appell. Fabbrikant irid ikun jista' jappella kontra deċiżjoni ta' Korp notifikat li jirrifjuta li joħroġ, li jissospendi, li jirtira jew li ma jġeddidx Ċertifikat ta' eżami tat-tip KE - ara §399 u §400: kummenti dwar l-Anness IX 5 u 9. Fabbrikant irid ikun jista' jappella wkoll kontra deċiżjoni li ma tiġix approvata sistema ta' assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa, li tiġi rtirata jew sospiża tali approvazzjoni jew li jitqiegħdu restrizzjonijiet fuqha – ara §404 u §406: kummenti dwar l-Anness X 2.3 u 3. Il-fabbrikant l-ewwel irid jagħmel talba raġunata lill-Korp notifikat sabiex dan jerġa' jikkunsidra d-deċiżjoni tiegħu. Jekk din ma twassal imkien u l-fabbrikant jibqa' ma jaqbilx mad-deċiżjoni, huwa jrid ikun jista' jippreżenta appell. Il-forma tal-appell u l-proċedura li trid tiġi segwita jiddependu mid-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw l-attività tal-Korpi Notifikati.

Artikolu 14 (ikompli)

. . .

7. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi għall-organizzazzjoni ta' skambju tal-esperjenza bejn l-awtoritajiet responsabbli għall-ħatra, in-notifika u l-monitoraġġ tal-korpi notifikati fl-Istati Membri u l-korpi notifikati, sabiex jikkordinaw l-applikazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva.

. . .

§136 Skambju ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet notifikanti

L-iskambju ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet responsabbli għall-istima u l-monitoraġġ tal-Korpi Notifikati previsti fl-Artikolu 14 (7) huwa organizzat fil-qafas tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju – ara §148: kummenti dwar l-Artikolu 22.

§137 Il-koordinazzjoni ta' Korpi Notifikati

L-iskambju ta' esperjenza bejn il-Korpi Notifikati huwa organizzat fil-kwadru tal-Koordinazzjoni Ewropea ta' Korpi Notifikati għall-makkinarju, NB-M. L-għan tan-NB-M huwa li jiġu diskussi problemi li jinqalgħu matul il-proċeduri ta' stima tal-konformità u li tiġi armonizzata l-prattika tal-Korpi Notifikati. F'xi każijiet, il-Korpi Notifikati jkunu rrappreżentati minn grupp ta' koordinazzjoni nazzjonali stabbilit fil-pajjiż tagħhom. Il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' koordinazzjoni huwa wieħed mill-kriterji għan-notifika tal-korpi – ara §408: kummenti dwar l-Anness XI.

L-NB-M hija maqsuma f'numru ta' gruppi li jkopru l-kategoriji differenti ta' makkinarju elenkati fl-Anness IV. Dawn huma msejħa *Gruppi Vertikali* (VGs).

Attwalment hemm 12-il VG li jiltaqgħu kif meħtieġ sabiex jittrattaw is-suġġetti li ġejjin:

VG 1	Magni tax-xogħol tal-injam
VG 2	Magni tal-ipproċessar tal-ikel fl-Anness IV

VG 3	Preses għax-xogħol mingħajr sħana tal-metalli
VG 4	Magni tal-iffurmar li jaħdmu b'injezzjoni jew kompressjoni
VG 5	Magni għal xogħol taħt l-art
VG 6	Vetturi għall-ġbir tal-iskart
VG 7	Xafts ta' trasmissjoni li jistgħu jitneħħew
VG 8	Lifts għall-manutenzjoni ta' vetturi
VG 9	Mezzi għall-irfigħ ta' persuni
VG 11	Komponenti tas-sigurtà
VG 12	ROPS u FOPS
VG 13	Assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa

Barra minn hekk, l-NB-M għandha *Kumitat Orizzontali* li jissorvelja u jikkoordina l-ħidma tal-Gruppi Vertikali u jindirizza kwistjonijiet komuni għall-Korpi Notifikati kollha. Il-Kumitat Orizzontali jiltaqa' darbtejn fis-sena, taħt il-presidenza ta' rappreżentant elett ta' wieħed mill-Korpi Notifikati. Rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u ta' tliet Stati Membri magħżula mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju jieħdu sehem f'dawn il-laqgħat bħala osservaturi.

Il-Kummissjoni Ewropea tikkontribwixxi għall-funzjonament tan-NB-M billi tiffinanzja s-segretarjat tekniku, li jipprepara l-ħidma tal-Grupp, u s-segretarjat amministrattiv, li jorganizza l-laqgħat u jimmaniġġja ċ-ċirkolazzjoni tad-dokumenti.

L-NB-M tadotta l-hekk imsejħa *"Rakkomandazzjonijiet għall-użu"* (RfUs) li jipprovdu tweġibiet maqbula għal mistoqsijiet li jkunu ġew diskussi fil-Gruppi Vertikali. B'mod ġenerali, l-RfUs jiġu stabbiliti fejn ma jkun hemm l-ebda standard armonizzat rilevanti jew fejn l-istandard armonizzat rilevanti ma jipprovdix tweġiba preċiża biżżejjed għal ċerta mistoqsija. Meta jiġi adottat standard armonizzat rilevanti jew meta l-istandard armonizzat jiġi rivedut kif meħtieġ, l-RfU tiġi rtirata. L-RfUs jiġu approvati mill-Kumitat Orizzontali tan-NB-M u mbagħad jiġu kkomunikati lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju għall-approvazzjoni. L-RfUs li jkunu ġew approvati mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju jiġu ppubblikati fuq is-Sit Elettroniku tal-Kummissjoni, EUROPA. L-RfUs mhumiex legalment vinkolanti iżda, ladarba jkunu ġew maqbula mill-NB-M u jkunu ġew approvati mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju, huma għandhom jitqiesu bħala referenza importanti sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tad-Direttiva dwar il-Makkinarju mill-NBs.

Artikolu 14 (ikompli)

. . .

8. *Stat Membru li jkun innotifika korp għandu jirtira n-notifika tiegħu minnufih jekk isib:*

(a) li l-korp ma għadux jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness XI, jew

(b) li l-korp jonqos b'mod serju milli jissodisfa r-responsabbiltajiet tiegħu.

L-Istat Membru għandu minnufih jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan.

§138 Irtirar ta' notifika

L-Artikolu 14 (8) jobbliga lill-Istati Membri jirtiraw in-notifika tagħhom ta' korp li ma

jkunx għadu jissodisfa l-kriterji elenkati fl-Anness XI jew li jonqos b'mod serju milli jissodisfa r-responsabbiltajiet tiegħu. L-obbligu li tiġi rtirata notifika li ma tkunx għadha ġustifikata huwa konsegwenza tal-obbligu li l-Istati Membri jimmonitorjaw l-attività tal-korpi li jkunu nnotifikaw sabiex jassiguraw li jkunu qegħdin iwettqu l-kompiti tagħhom sewwa – ara §134: kummenti dwar l-Artikolu 14 (2).

Artikolu 15

L-installazzjoni u l-użu tal-makkinarju

Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa d-dritt tal-Istati Membri li jistabbilixxu, b'osservanza xierqa għal-liġi Komunitarja, dawk ir-rekwiżiti li huma jqisu neċessarji sabiex jiżguraw li l-persuni, u b'mod partikolari l-ħaddiema, huma mħarsa meta jużaw il-makkinarju, bil-kondizzjoni li dan ma jfissirx li dan il-makkinarju jkun modifikat b'tali mod li mhux speċifikat f'din id-Direttiva.

§139 Regolamenti nazzjonali dwar l-installazzjoni u l-użu tal-makkinarju

Id-Direttiva dwar il-Makkinarju tapplika għad-disinn, il-kostruzzjoni, it-tqegħid fis-suq jew tqegħid għas-servizz tal-makkinarju - ara §71 sa §77: kummenti dwar l-Artikolu 2 (h), u §86: kummenti dwar l-Artikolu 2 (k). Għal dawn l-aspetti, id-Direttiva tassigura l-armonizzazzjoni totali tar-regolamenti fis-seħħ madwar l-UE. Fi kliem ieħor, l-Istati Membri ma jistgħux jintroduċu dispożizzjonijiet nazzjonali li jmorru lil hinn, jirkbu fuq jew imorru kontra d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

L-Artikolu 15 jindika li l-Istati Membri jibqgħu ħielsa li jirregolaw l-installazzjoni u l-użu tal-makkinarju skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-UE, bil-kundizzjoni li dawn ir-regolamenti ma jkollhomx l-effett li jillimitaw il-moviment liberu tal-makkinarju li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Makkinarju – ara §6: kummenti dwar il-Premessa 3, u §107: kummenti dwar l-Artikolu 6 (1).

Għalhekk ir-regolamenti nazzjonali dwar l-installazzjoni u l-użu tal-makkinarju jew l-applikazzjoni tagħhom ma jridux iwasslu għall-modifika ta' makkinarju li jikkonforma mad-Direttiva dwar il-Makkinarju. Dan jippresupponi li l-makkinarju mqiegħed fis-suq tassew jikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva. Jekk l-utenti jew l-awtoritajiet nazzjonali jħossu li element ta' makkinarju mqiegħed fis-suq ma jkunx suffiċjentement mingħajr periklu u li r-rekwiżiti essenzjali applikabbli għas-saħħa u s-sigurtà ma jkunux ġew applikati sewwa, il-makkinarju għandu jiġi rrappurtat lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq, filwaqt li jittieħdu l-miżuri neċessarji sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-persuni – ara §100: kummenti dwar l-Artikolu 4.

Dawn li ġejjin huma xi eżempji tas-suġġetti li jistgħu jkunu koperti mir-regoli nazzjonali dwar l-installazzjoni u l-użu tal-makkinarju:

- l-installazzjoni ta' makkinarju f'ċerti żoni, bħal, pereżempju, l-installazzjoni ta' krejnijiet f'żoni urbani jew l-installazzjoni ta' ġeneraturi tar-riħ fil-kampanja;
- l-użu ta' makkinarju mobbli f'ċerti żoni, bħal, pereżempju, l-użu ta' vetturi off-road f'żoni miftuħa għall-pubbliku jew l-użu ta' ċerti tipi ta' makkinarju agrikolu qrib residenzi jew toroq pubbliċi;
- iċ-ċirkolazzjoni ta' makkinarju mobbli f'toroq pubbliċi;

- l-użu ta' makkinarju f'ċerti ħinijiet, bħal, pereżempju, restrizzjonijiet fuq l-użu ta' magni għall-qtugħ tal-ħaxix fi tmiem il-ġimgħa;
- l-użu ta' ċerti tipi ta' makkinarju minn persuni taħt ċerta età.

§140 Regolamenti nazzjonali dwar is-saħħa u s-sigurtà ta' ħaddiema

*Iridu jissemmew b'mod partikolari r-regolamenti nazzjonali li jimplimentaw id-*dispożizzjonijiet tad-Direttivi tal-UE relatati mas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol. Dawn id-Direttivi huma bbażati fuq l-Artikolu 137 tat-Trattat tal-KE (issa l-Artikolu 153 tat-TFUE) li jirrigwarda l-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Huma jistabbilixxu rekwiżiti minimi, li jfisser li l-Istati Membri jibqgħu liberi li jżommu jew jadottaw rekwiżiti aktar stretti jekk iħossu l-ħtieġa. Għaldaqstant, huwa neċessarju li jiġu kkonsultati r-regolamenti nazzjonali li jkunu fis-seħħ f'kull Stat Membru sabiex jiġu identifikati l-obbligi rilevanti. L-iżjed Direttivi importanti relatati mal-użu tal-makkinarju huma:

- Id-Direttiva 89/391/KEE[92] dwar is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol. Din hija magħrufa bħala d-Direttiva "Qafas", billi tistabbilixxi l-obbligi bażiċi ta' min iħaddem u tal-ħaddiema fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol u tipprovdi l-qafas għal sensiela ta' Direttivi individwali li jittrattaw aspetti speċifiċi tas-saħħa u s-sigurtà jew perikli speċifiċi;
- Direttiva 2009/104/KE[93] dwar l-użu ta' tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq ix-xogħol. Din hija t-tieni Direttiva individwali adottata taħt id-Direttiva "Qafas" .

Għalkemm il-kunċett ta' tagħmir tax-xogħol huwa aktar wiesa' minn dak tal-makkinarju, il-makkinarju għal użu professjonali jikkostitwixxi kategorija importanti ta' tagħmir tax-xogħol. Ir-regolamenti nazzjonali li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/104/KE japplikaw dejjem għall-użu tal-makkinarju fuq ix-xogħol. F'dan ir-rigward, id-Direttiva 2009/104/KE tista' titqies bħala miżura kumplimentari għad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

Skont id-Direttiva 2009/104/KE, min iħaddem huwa meħtieġ li jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema tagħmir tax-xogħol li jkun adatt għax-xogħol li jkun irid jitwettaq u li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe Direttiva rilevanti tal-UE li tkun tapplika għalih.[94] Għalhekk, il-makkinarju ġdid kollu li jitpoġġa għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema jrid jikkonforma mad-Direttiva dwar il-Makkinarju u kwalunkwe Direttiva oħra tal-UE li tista' tapplika – <u>ara §89 sa §92: kummenti dwar l-Artikolu 3</u>.

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/104/KE japplikaw għal makkinarju fis-servizz f'postijiet tax-xogħol. Matul il-ħajja ta' użu tal-makkinarju, l-impjegatur irid jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jassigura li l-makkinarju fis-servizz jinżamm, permezz ta'

---

[92] Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħoL – ĠU L 183, 29.6.1989.

[93] Direttiva 2009/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 16 ta' Settembru 2009 dwar ir-rekwiżiti minimi ta' sikurezza u ta' saħħa fl-użu tat-tagħmir tax-xogħoL mill-ħaddiema fuq ix-xogħoL (it-tieni Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) – ĠU L260 3.10.2009, p.5. Id-Direttiva 2009/104/KE hija verżjoni kkodifikata tad-Direttiva 89/655/KEE u temenda d-Direttivi 95/63/KEE, 2001/45/KE u 2007/30/KE.

[94] Ara d-Direttiva 2009/104/KE, Artikoli 4 (1) (a).

manutenzjoni adegwata, f'livell tali li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet li kienu japplikaw meta tqiegħed l-ewwel darba fl-impriża jew fl-istabbiliment.[95] Dan ma jfissirx li l-makkinarju jrid jinżamm f'kundizzjoni "bħal ġdid", billi huwa suġġett għall-użu. Iżda trid issir il-manutenzjoni neċessarja sabiex jiġi żgurat li huwa jkompli jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli tas-saħħa u s-sigurtà. Għalhekk il-makkinarju li kien soġġett għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Makkinarju meta tqiegħed disponibbli l-ewwel darba, irid jinżamm fi stat ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà tad-Direttiva dwar il-Makkinarju li kienu japplikaw meta tqiegħed fis-suq jew tqiegħed għas-servizz l-ewwel darba.

Dan japplika wkoll kull meta makkinarju jiġi modifikat mill-utent matul il-perjodu tal-użu tiegħu, sakemm il-modifiki ma jkunux tant konsiderevoli li l-makkinarju modifikat irid jitqies bħala makkinarju ġdid u jkun soġġett għal stima ġdida tal-konformità skont id-Direttiva dwar il-Makkinarju – ara §72: kummenti dwar l-Artikolu 2 (h).

L-Anness I tad-Direttiva 2009/104/KE jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi minimi applikabbli għal tagħmir tax-xogħol f'servizz. Dawn ir-rekwiżiti minimi huma applikabbli għal makkinarju mqiegħed għas-servizz qabel ma saret applikabbli d-Direttiva dwar il-Makkinarju.[96] Mhumiex applikabbli għal makkinarju mqiegħed fis-suq jew mqiegħed għas-servizz skont id-Direttiva dwar il-Makkinarju.

Id-Direttiva 2009/104/KE tinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar:

- l-ispezzjoni inizjali ta' tagħmir tax-xogħol li s-sigurtà tiegħu tiddependi fuq il-kundizzjonijiet tal-installazzjoni, wara l-installazzjoni u qabel ma jitqiegħed għas-servizz;
- l-ispezzjoni ta' tali tagħmir tax-xogħol wara muntatura f'sit ġdid jew f'post ġdid;
- spezzjonijiet perjodiċi u speċjali u, fejn ikun xieraq, l-ittestjar ta' tagħmir tax-xogħol espost għal kundizzjonijiet li jikkawżaw deterjorament li jista' jwassal għal sitwazzjonijiet perikoluż.[97]

Fil-każ tal-makkinarju tal-irfigħ, l-ispezzjonijiet inizjali, li għalihom huwa responsabbli l-impjegatur, iridu jiġu separati mill-miżuri sabiex tiġi ċċekkjata l-adegwatezza għall-fini tal-użu intiż tal-makkinarju, li huwa responsabbli għalihom il-fabbrikant tal-makkinarju – ara §350 sa §352: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.3 tal-Anness I.

Dispożizzjonijiet oħra tad-Direttiva 2009/104/KE jittrattaw:

- ir-restrizzjoni tal-użu u/jew il-manutenzjoni ta' tagħmir tax-xogħol li jinvolvi riskju speċifiku għall-ħaddiema indikati;
- il-konsiderazzjoni tal-prinċipji ergonomiċi;
- informazzjoni, struzzjonijiet u taħriġ għall-ħaddiema dwar l-użu tat-tagħmir tax-xogħol;
- il-konsultazzjoni tal-ħaddiema u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema.[98]

[95] Ara d-Direttiva 2009/104/KE, Artikolu 4 (2).

[96] Ara d-Direttiva 2009/104/KE, Artikolu 4 (1) (a) (ii) u (b).

[97] Ara d-Direttiva 2009/104/KE, Artikolu 5.

[98] Ara d-Direttiva 2009/104/KE, Artikoli 6 sa 10.

Barra minn hekk, l-Anness II tad-Direttiva 2009/104/KE jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-użu ta' ċerti kategoriji ta' tagħmir tax-xogħol, fosthom tagħmir tax-xogħol mobbli, tagħmir tax-xogħol għall-irfigħ ta' merkanzija u tagħmir tax-xogħol għall-irfigħ ta' persuni – ara §10: kummenti dwar il-Premessa 7.

L-istruzzjonijiet pprovduti mill-fabbrikant mal-makkinarju jikkostitwixxu għodda essenzjali sabiex min iħaddem ikun jista' japplika d-dispożizzjonijiet li jimplimentaw id-Direttiva 2009/104/KE – ara §254: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4 tal-Anness I.

Artikolu 16

Il-marka CE

1. *Il-marka ta' konformità CE għandha tikkonsisti mill-inizjali "CE" kif murija fl-Anness III.*

2. *Il-marka ta' konformità CE għandha titwaħħal mal-makkinarju b'mod viżibbli, leġibbli u li ma jitħassarx, skont l-Anness III.*

3. *t-twaħħil fuq il-makkinarju ta' marki, sinjali u iskrizzjonijiet li x'aktarx jiżgwidaw lil terzi persuni dwar it-tifsira jew il-forma tal-marka CE, jew it-tnejn għandu jkun projbit. Kwalunkwe marka oħra tista' titwaħħal mal-makkinarju sakemm din tkun viżibbli, leġibbli u t-tifsira tal-marka CE ma tkunx ostakolata minħabba fiha.*

§141 Il-marka CE

Id-dispożizzjonijiet dwar il-marka CE tal-makkinarju stipulati fid-Direttiva dwar il-Makkinarju japplikaw flimkien mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) 765/2008 li jistabbilixxi l-Prinċipji Ġenerali tal-marka CE li japplikaw b'mod kumplimentari. Il-kummenti li ġejjin huma bbażati fuq l-Artikolu 16 u l-Anness III tad-Direttiva dwar il-Makkinarju u fuq l-Artikolu 2 (20) u l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) 765/2008.[99] L-obbligi relatati mal-marka CE japplikaw għall-fabbrikant, ir-rappreżentant awtorizzat jew il-persuna responsabbli għat-tqegħid fis-suq tal-makkinarju – ara §78 sa §85: kummenti dwar l-Artikolu 2 (i) u (j).

Ir-Regolament (KE) 765/2008 jiddefinixxi l-'marka CE' bħala marka li permezz tagħha l-fabbrikant jindika li l-prodott huwa konformi mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Komunità li tipprovdi għat-twaħħil tagħha. Permezz tat-twaħħil tal-marka CE, il-fabbrikant jindika li huwa jassumi responsabbiltà għall-konformità tal-prodott.

- il-marka CE tikkonsisti mill-inizjali 'CE' bil-forma grafika murija fl-Anness III;
- id-diversi komponenti tal-marka CE jrid sostanzjalment ikollhom l-istess daqs vertikali, li ma jistax ikun inqas minn 5 mm. Id-daqs minimu jista' jiġi rinunzjat għal makkinarju fuq skala żgħira;
- il-marka CE trid tiġi mwaħħla mal-makkinarju b'mod li tidher, tinqara u ma titħassarx, qrib l-isem tal-fabbrikant jew tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu, bl-użu tal-istess teknika – ara §250: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.3 tal-Anness I;

– fejn tkun ġiet applikata l-proċedura ta' assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa msemmija fl-Artikolu 12 (3) (c) u 12 (4) (b), il-marka CE trid tkun segwita min-numru ta' identifikazzjoni tal-Korp notifikat li jkun approva s-sistema ta' assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa tal-fabbrikant – ara §133: kummenti dwar l-Artikolu 14.

Il-marka CE għandha tkun l-unika marka li tiċċertifika l-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Komunità li tipprovdi għat-twaħħil tagħha. L-Artikolu 16 (3) jitlob li l-Istati Membri jipprojbixxu t-twaħħil ta' marki, sinjali jew kitbiet fuq il-makkinarju li jistgħu jiżgwidaw lil partijiet terzi dwar it-tifsira jew il-forma tal-marki CE jew it-tnejn.

Il-marki li jistgħu jiżgwidaw lil partijiet terzi dwar il-forma tal-marka CE jistgħu jkunu, pereżempju, l-ittri 'KE' jew 'KEE', b'forma grafika simili għal dik murija fl-Anness III, jew l-inizjali 'CE' b'forma grafika differenti minn dik murija fl-Anness III. Il-marki li huma probabbli li jiżgwidaw lil partijiet terzi dwar it-tifsira tal-marka CE huma marki, għajr il-marka CE, li jfissru li l-makkinarju jikkonforma mal-leġislazzjoni applikabbli tal-UE.

Il-miżuri li għandhom jittieħdu f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità tal-marka huma stipulati fl-Artikolu 17.

Artikolu 17

Nuqqas ta' konformità tal-marka

1. *L-Istati Membri għandhom iqisu l-marki li ġejjin bħala mhux-konformi:*

(a) it-twaħħil tal-marka CE skont din id-Direttiva fuq prodotti mhux koperti minn din id-Direttiva;

(b) in-nuqqas tal-marka CE u/jew in-nuqqas tad-Dikjarazzjoni tal-KE ta' konformità għall-makkinarju;

(c) it-twaħħil fuq il-makkinarju ta' marka, minbarra l-marka CE, li huwa projbit skont l-Artikolu 16(3).

2. *Fejn Stat Membru jiżgura li l-marka ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet relevanti ta' din id-Direttiva, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jkollu l-obbligu li jagħmel il-prodott konformi u li jtemm il-ksur taħt kondizzjonijiet stabbiliti minn dak l-Istat Membru.*

3. *Fejn in-nuqqas ta' konformità jippersisti, l-Istat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex jirrestrinġi jew jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-prodott ikkonċernat jew sabiex jiżgura li jitneħħa mis-suq skont il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 11.*

§142 Nuqqas ta' konformità tal-marka

Il-klawsola ta' salvagwardja stipulata fl-Artikolu 11 tistabbilixxi l-miżuri li għandhom jittieħdu meta makkinarju li jkollu l-marka CE jinstab li ma jkunx sigur. L-Artikolu 17 jistabbilixxi l-miżuri biex jiġu indirizzati każijiet ta' nuqqas ta' konformità formali mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Makkinarju, fejn ma jkunx hemm indikazzjoni li l-makkinarju kkonċernat mhuwiex sigur. Dawn il-miżuri huma konsistenti mal-obbligu tal-Istati Membri li jassiguraw l-implimentazzjoni korretta tar-reġim li jirregola l-marka

CE u li jieħdu azzjoni xierqa f'każ ta' użu ħażin tal-immarkar stipulat fl-Artikolu 30 (6) tar-Regolament (KE) 765/2008.

L-Artikolu 17 (1) jiddefinixxi t-tliet każijiet li huma kkunsidrati li jikkostitwixxu nuqqas ta' konformità tal-marka. L-Artikolu 17 (2) jgħid li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jesiġu li l-operaturi ekonomiċi jwaqqfu tali ksur. In-natura tal-miżuri hija mħollija fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri. Miżuri bħal dawn m'għandhomx għalfejn jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni jew lill-Istati Membri l-oħra. Il-penali għal ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Makkinarju jridu jinkludu penali għan-nuqqas ta' konformità tal-marka – ara §150: kummenti dwar l-Artikolu 23.

L-Artikolu 17 (3) jistabbilixxi l-proċedura li għandha tiġi segwita f'każ fejn il-miżuri meħuda biex itemmu l-ksur imsemmi fl-Artikolu 17 (1) ma jkunux effettivi. F'dak il-każ, il-proċedura ta' salvagwardja stipulata fl-Artikolu 11 trid tiġi segwita.

Artikolu 18

Kunfidenzjalità

1. *Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet u l-prattika nazzjonali eżistenti fil-qasam tal-kunfidenzjalità, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet u l-persuni kollha konċernati mill-applikazzjoni ta' din id-Direttiva jkunu meħtieġa li jqisu bħala kunfidenzjali informazzjoni miksuba fit-twettiq tad-doveri tagħhom. B'mod partikolari sigrieti tan-negozju, professjonali u kummerċjali, għandhom jitqiesu bħala kunfidenzjali, salv jekk il-kxif ta' din l-informazzjoni jkun neċessarju għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-persuni.*

2. *Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma għandhomx jaffettwaw l-obbligi tal-Istati Membri u tal-korpi notifikati fir-rigward tal-iskambju reċiproku ta' informazzjoni u l-ħruġ ta' twissijiet.*

3. *Kull deċiżjoni meħuda mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 9 u 11 għandha tkun ippubblikata.*

§143 Kunfidenzjalità u trasparenza

Il-partijiet u l-persuni kkonċernati mid-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 18 jinkludu l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Korpi Notifikati. B'mod partikolari, l-awtoritajiet tal-Istati Membri u s-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jitolbu lill-fabbrikanti jikkomunikaw elementi tal-fajl tekniku għall-makkinarju jew tad-dokumentazzjoni teknika relevanti għal makkinarju parzjalment komplut li jkun fihom sigrieti professjonali u kummerċjali. L-uffiċjali tal-amministrazzjonijiet jew l-aġenziji pubbliċi kkonċernati u kwalunkwe korp jew istituzzjoni oħra li jaġixxu f'isimhom, iridu jirrispettaw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miksuba jew riċevuta waqt l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju. Bl-istess mod, il-Korpi Notifikati jridu jirrispettaw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miksuba jew riċevuta waqt it-twettiq tal-proċeduri ta' stima tal-konformità li għalihom ikunu responsabbli – ara §408: kummenti dwar l-Anness XI 7.

L-Artikolu 18 (2) jindika li l-obbligu tal-kunfidenzjalità ma jimpedix it-trasmissjoni ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni prevista fl-Artikolu 19 (Grupp ADCO dwar il-Makkinarju). L-obbligu tal-kunfidenzjalità

ma japplikax għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni bejn il-Korpi Notifikati u għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni mill-Korpi Notifikati lill-Istati Membri – ara §135: kummenti dwar l-Artikolu 14 (6), §399: kummenti dwar l-Anness IX 5 u 7, u §407: kummenti dwar l-Anness X 4.

L-obbligu tal-kunfidenzjalità ma jeskludix il-ħruġ ta' twissijiet pubbliċi meta dan ikun meħtieġ sabiex jiġu mħarsa s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni.

L-Artikolu 18 (3) jistabbilixxi rekwiżit partikolari għat-trasparenza fir-rigward ta' kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 9 u 11. Id-deċiżjonijiet ikkonċernati jinkludu:

- il-miżuri meħuda mill-Kummissjoni li jitolbu lill-Istati Membri jipprojbixxu jew jillimitaw it-tqegħid fis-suq makkinarju potenzjalment perikoluż skont l-Artikolu 9 (1);
- il-miżuri meħuda mill-Istati Membri sabiex jirtiraw mis-suq, jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq u/jew it-tqegħid għas-servizz jew sabiex jillimitaw il-moviment liberu ta' makkinarju li jista' jikkompromett i s-saħħa u s-sigurtà ta' persuni u, fejn applikabbli, ta' annimali domestiċi jew proprjetà, skont l-Artikolu 11 (1) (il-klawsola ta' salvagwardja);
- deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni dwar klawsoli ta' salvagwardja skont l-Artikolu 11 (3).

Artikolu 19

Koperazzjoni bejn l-Istati Membri

1. *L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 4(3) jikkoperaw ma' xulxin u mal-Kummissjoni u li jibagħtu lil xulxin l-informazzjoni neċessarja sabiex din id-Direttiva tkun applikata b'mod uniformi.*

2. *Il-Kummissjoni għandha tipprovdi għall-organizzazzjoni ta' skambju tal-esperjenza bejn l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-sorveljanza tas-suq sabiex tikkordina l-applikazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva.*

§ 144 Makkinarju tal-Grupp ADCO

L-Artikolu 19 (1) jitlob li l-Istati Membri jorganizzaw kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza tas-suq u jittrasmettu lil xulxin l-informazzjoni neċessarja. Il-kooperazzjoni hija essenzjali f'dan il-qasam billi, filwaqt li l-makkinarju bil-marka CE jista' jiċċaqlaq liberament fi ħdan is-suq waħdieni, is-sorveljanza titwettaq minn kull wieħed mill-Istati Membri.

L-Artikolu 19 (2) jagħti lill-Kummissjoni r-responsabbiltà sabiex tipprovdi għall-organizzazzjoni ta' skambju ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq.

L-applikazzjoni prattika tal-Artikolu 19 issir fil-qafas tal-Grupp ta' Kooperazzjoni Amministrattiva dwar il-Makkinarju (Grupp ADCO dwar il-Makkinarju). Dan huwa forum għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri u l-Kummissjoni. Il-Grupp ADCO dwar il-Makkinarju ġeneralment jiltaqa' darbtejn fis-sena u jiġi presedut darba kull wieħed mir-rappreżentanti tal-Istati

Membri. Il-laqgħat huma limitati għar-rappreżentanti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni u l-proċeduri u d-dokumenti tal-Grupp ADCO huma kunfidenzjali, billi ħafna drabi jirreferu għal każijiet speċifiċi li jkunu qegħdin jiġu investigati. Madankollu, partijiet interessati oħra jiġu mistiedna sabiex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-ADCO bħala esperti, għal perjodu limitat, sabiex jikkontribwixxu dwar suġġetti partikolari.

L-attivitajiet prinċipali tal-Grupp ADCO dwar il-Makkinarju huma:

- li jaqsam informazzjoni u esperjenza dwar l-attività ta' sorveljanza tas-suq;
- li jippromwovi l-aħjar prattiċi u li jsir l-aħjar użu mir-riżorsi;
- li jassigura li l-miżuri korrettivi biex jiġi indirizzat makkinarju mhux konformi u makkinarju perikoluż jiġu applikati fl-Istati Membri;
- li jipprovdi informazzjoni dwar il-progress u l-eżitu tal-proċedura ta' salvagwardja u jsegwi d-deċiżjonijiet tal-klawsola ta' salvagwardja;
- li jsegwi d-deċiżjonijiet dwar miżuri speċifiċi għat-trattament ta' makkinarju potenzjalment perikoluż;
- li jippjana u jorganizza proġetti konġunti ta' sorveljanza tas-suq.

Artikolu 20

Rimedji legali

Kwalunkwe miżura meħuda skont din id-Direttiva li tirrestrinġi t-tqegħid fis-suq u/jew it-tqegħid għas-servizz ta' kwalunkwe makkinarju kopert minn din id-Direttiva għandha tagħti r-raġunijiet eżatti li fuqha tkun ibbażata. Miżura bħal din għandha tkun notifikata mill-aktar fis possibbli lill-parti konċernata, li għandha fl-istess ħin tkun informata bir-rimedji legali disponibbli għaliha taħt il-liġijiet fis-seħħ fl-Istat Membru konċernat u bil-limiti ta' żmien li għalihom huma suġġetti dawn ir-rimedji.

§145 Motivazzjoni tad-deċiżjonijiet u appelli

L-Artikolu 20 japplika għal kwalunkwe miżura meħuda mill-awtoritajiet tal-Istati Membri li tillimita t-tqegħid fis-suq u/jew it-tqegħid għas-servizz tal-makkinarju, kemm jekk tittieħed fuq il-bażi tal-Artikolu 11 (il-klawsola ta' salvagwardja), l-Artikolu 9 (miżuri speċifiċi għat-trattament ta' makkinarju potenzjalment perikoluż) jew l-Artikolu 17 (nuqqas ta' konformità tal-marka).

Artikolu 21

It-tixrid tal-informazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex l-informazzjoni xierqa dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva tkun disponibbli.

§146 Sorsi ta' informazzjoni

Informazzjoni rilevanti għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju hija disponibbli pubblikament online fil-paġni dwar il-makkinarju tas-sezzjoni tad-DĠ Intrapriża u Industrija tas-sit elettroniku tal-Kummissjoni, EUROPA.

B'mod partikolari, fuq EUROPA wieħed jista' jsib l-informazzjoni li ġejja:

- it-test tad-Direttiva dwar il-Makkinarju;
- ir-referenzi tat-testi kkomunikati mill-Istati Membri li jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva f'liġi nazzjonali;
- lista ta' punti ta' kuntatt fl-Istati Membri għall-implimentazzjoni tad-Direttiva;
- il-lista ta' referenzi tal-istandards armonizzati għall-makkinarju;
- il-lista ta' Korpi Notifikati għall-makkinarju;
- ir-*Rakkomandazzjonijiet għall-użu adottati mill*-koordinazzjoni Ewropea ta' Korpi Notifikati għall-makkinarju (NB-M) li ġew approvati mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju;
- dokumenti ta' gwida approvati mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju u l-Gwida preżenti għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2006/42/KE;
- il-minuti tal-laqgħat kollha tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju li saru mill-1997 'l hawn.

Artikolu 22 [100]

Il-Kumitat

1. *Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat, minn hawn `il quddiem imsejjaħ "Il-Kumitat".*
2. *Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kunsiderazzjoni għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.*
3. *Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.*

§147 Il-Kumitat tal-Makkinarju

L-Artikolu 22 jipprevedi l-istabbiliment tal-Kumitat, imsejjaħ il-Kumitat tal-Makkinarju, li huwa ffurmat minn rappreżentanti tal-Istati Membri u presedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni. Il-Kumitat jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess fuq il-bażi ta' regoli standard ippubblikati fil-ĠUUE. Il-Parlament Ewropew jiġi infurmat bl-aġendi tal-laqgħat tal-Kumitat u bi kwalunkwe abbozz ta' miżura li tiġi ppreżentata quddiemu u jirċievi r-riżultati tal-votazzjoni u rekords fil-qosor tal-laqgħat.

[100] L-Artikolu 22 ġie emendat bir-Regolament (KE) Nru 596/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Ġunju 2009 li jadatta ċerti atti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, b'rabta mal-proċedura regolatorja bi skrutinju – Adattament għall-proċedura regolatorja bi skrutinju – Ir-Raba' Parti – ĠU L188, 18.72009, p.14.

Il-Kumitat tal-Makkinarju għandu żewġ rwoli distinti:

– ***rwol konsultattiv***

Ir-rwol konsultattiv tal-Kumitat tal-Makkinarju, stipulat fl-Artikolu 8 (2), huwa li jagħti parir lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe miżura xierqa relatata mal-applikazzjoni prattika tad-Direttiva dwar il-Makkinarju, inkluži l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw il-kooperazzjoni tal-Istati Membri ma' xulxin u mal-Kummissjoni kif previst fl-Artikolu 19 (1). Il-miżuri kkonċernati ma jistgħux jinvolvu l-emenda tad-Direttiva jew l-adozzjoni ta' Deċiżjonijiet li jissupplimentaw id- dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Għalhekk dawn il-miżuri jikkonsistu prinċipalment fl-għoti ta' gwida dwar l-applikazzjoni korretta u uniformi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

– ***rwol regolatorju***

Ir-rwol regolatorju tal-Kumitat tal-Makkinarju huwa li jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-miżuri proposti mill-Kummissjoni, li jemendaw jew jissupplimentaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Skont l-Artikolu 8 (1) (a) u (b), żewġ suġġetti biss jistgħu jkunu s-suġġett ta' tali miżuri:

aġġornament tal-lista indikattiva ta' komponenti tas-sigurtà fl-Anness V – ara §42: kummenti dwar l-Artikolu 2 (c);

restrizzjoni tat-tqegħid fis-suq ta' makkinarju potenzjalment perikoluż – ara §118: kummenti dwar l-Artikolu 9.

L-opinjoni tal-Kumitat tal-Makkinarju hija mfissra permezz ta' voti tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat, peżati bl-istess mod tal-voti tal-Kunsill skont l-Artikolu 205 tat-Trattat tal-KE (issa l-Artikolu 238 tat-TFUE).

Qabel ma tali miżuri jiġu adottati mill-Kummissjoni, huma jiġu sottomessi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal skrutinju. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' jopponi l-abbozz ta' miżuri proposti mill-Kummissjoni għax ikunu jaqbżu l-poteri ta' implimentazzjoni previsti fid-Direttiva, li ma jkunux kompatibbli mal-għan jew il-kontenut tad-Direttiva jew ma jirrispettawx il-prinċipji tas-sussidjaretà jew tal-proporzjonalità. F'każ ta' oppożizzjoni bħal din, il-Kummissjoni tista' tissottometti abbozz emendat jew tagħmel proposta leġislattiva. Jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien tliet xhur, il-Kummissjoni tadotta l-miżura.

§148 Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju

Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju hu mwaqqaf mill-Kumitat tal-Makkinarju sabiex jippermetti osservaturi mill-industrija, l-istandardizzazzjoni u l-Korpi Notifikati jieħdu sehem fid-diskussjoni ta' problemi relatati mal-applikazzjoni prattika tad-Direttiva dwar il-Makkinarju. Fil-prattika, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju huwa l-iżjed forum użat ta' spiss sabiex jiddiskuti l-applikazzjoni tad-Direttiva f'livell tal-UE. Bħall-Kumitat tal-Makkinarju, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju huwa presedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni u ffurmat minn rappreżentanti tal-Istati Membri. Rappreżentanti mill-pajjiżi tal-EFTA, il-pajjiżi kandidati u pajjiżi bi ftehimiet formali mal-UE huma preżenti wkoll bħala osservaturi.

L-assoċjazzjonijiet tal-fabbrikanti tal-makkinarju fuq livell Ewropew jipparteċipaw bħala osservaturi u jiġu mistiedna sabiex jattendu għal-laqgħat sabiex jippreżentaw informazzjoni u opinjonijiet dwar kwistjonijiet speċifiċi li jkunu qed jiġu diskussi. Ikunu

preżenti wkoll rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni sabiex jipprovdu informazzjoni u jwieġbu għall-mistoqsijiet imqajma mill-Istati Membri fir-rigward tal-istandards. Il-Korpi Notifikati huma rappreżentati mill-Koordinazzjoni Ewropea ta' Korpi Notifikati għall-makkinarju (NB-M) li tirrapporta dwar il-ħidma tal-Koordinazzjoni, tieħu nota tal-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju fuq ir-Rakkomandazzjonijiet għall-użu sottomessi lill-Grupp ta' Ħidma għall-approvazzjoni u tissottometti mistoqsijiet lill-Grupp ta' Ħidma b'rabta mal-interpretazzjoni tad-Direttiva. It-trejdjunjins u r-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet għall-protezzjoni tal-konsumatur jiġu mistiedna wkoll sabiex jesprimu l-fehmiet tal-utenti finali tal-makkinarju.

Is-suġġetti li jiġu diskussi l-aktar ta' sikwit mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju huma:


- il-kjarifika tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u l-proċeduri ta' stima tal-konformità fir-rigward ta' kategoriji partikolari ta' prodotti;
- tħassib relatat mal-iżvilupp ta' standards armonizzati għall-makkinarju;
- opinjonijiet dwar oġġezzjonijiet formali kontra standards armonizzati – ara §120: kummenti dwar l-Artikolu 10.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju jiltaqa' darbtejn jew tliet darbiet fis-sena ġewwa Brussell. Id-dokumenti ta' ħidma għal-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju jiġu ċċirkolati lill-membri tal-Grupp fuq is-sezzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju tas-sistema ta' informazzjoni online CIRCA. L-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-istakeholders tal-makkinarju fuq livell Ewropew għandhom aċċess għal dawn id-dokumenti. Partijiet interessati oħra jistgħu jitolbu d-dokumenti mingħand l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi rispettivi tagħhom. Għandha ssir attenzjoni biex wieħed ma jiħux il-pożizzjonijiet imfissra fid-dokumenti ta' ħidma jew fid-dokumenti għad-diskussjoni bħala li jirrappreżentaw il-fehimiet tal-Kummissjoni jew tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju.

Il-minuti tal-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju jiġu ppubblikati fuq il-paġni dwar il-makkinarju tas-sit elettroniku tal-Kummissjoni EUROPA, ladarba jkunu ġew korretti u approvati fil-laqgħa suċċessiva.

§149 *Dijagramma ta' Istituzzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-Direttiva dwar il-Makkinarju*

Id-dijagramma li ġejja tindika r-rwoli tad-diversi istituzzjonijiet involuti fil-propożizzjoni, adozzjoni, traspożizzjoni, applikazzjoni u infurzar tad-Direttiva dwar il-Makkinarju:



Artikolu 23

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali li japplikaw għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw li dawn ikunu implementati. Il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sad-29 ta' Ġunju 2008 u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

§150 Penali għal ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva

Id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva dwar il-Makkinarju għandhom ikunu legalment vinkolanti u l-ksur ta' dawk id-dispożizzjonijiet b'hekk għandu jiġi ppenalizzat b'penali adattati.

Il-ksur possibbli jista' jinkludi dawn li ġejjin:

- nuqqas li tiġi applikata l-proċedura applikabbli ta' stima tal-konformità għal makkinarju – ara §127 sa §130: kummenti dwar Artikoli 12;
- nuqqas li tiġi applikata l-proċedura għal makkinarju parzjalment komplut – ara §131: kummenti dwar l-Artikolu 13;
- nuqqas ta' konformità tal-marka – ara §142: kummenti dwar l-Artikolu 17;
- nuqqas ta' konformità tal-makkinarju mar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà stabbiliti fl-Anness I;
- fajl tekniku nieqes jew mhux komplut - ara §103: kummenti dwar l-Artikolu 5, u §391 sa §393: kummenti dwar l-Anness VII A;
- struzzjonijiet nieqsa jew mhux kompluti (inkluża t-traduzzjoni meħtieġa) - ara §103: kummenti dwar l-Artikolu 5, u §254 sa §256: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4 tal-Anness I;
- nuqqas ta' konformità mal-miżuri previsti fl-Artikolu 11 (klawsola ta' salvagwardja) u fl-Artikolu 9 (miżuri speċifiċi għat-trattament ta' makkinarju potenzjalment perikoluż).

Hija r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru biex jiffissa t-tip u l-livell tal-penali għal tali ksur. L-Artikolu 23 jiddikjara li l-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, b'mod konformi mal-Ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea.

Artikolu 24

Emenda tad-Direttiva 95/16/KE

Id-Direttiva 95/16/KE qed tiġi emendata kif ġej:

1. *fl-Artikolu 1, il-paragrafi 2 u 3 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:*

2. *'Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, "lift" għandu jfisser mezz tal-irfigħ li jservi*

livelli speċifiċi, li għandu karru li jimxi tul gwidi li huma riġidi u inklinati b'angolu ta' aktar minn 15 il-grad fin-naħa orizzontali, intiżi għat-trasport ta':

- *persuni,*
- *persuni u merkanzija,*
- *merkanzija biss jekk il-ġarrier huwa aċċessibbli, jiġifieri persuna tista' tidħol fih mingħajr diffikultà, u mgħammar b'kontrolli li jkunu jinsabu ġewwa l-karru jew li jistgħu jintlaħqu mill-persuna ġewwa l-karru.*

Il-mezzi tal-irfigħ li jimxu tul korsa fissa anki meta ma jimxux tul gwidi li huma riġidi għandhom jitqiesu bħala lifts li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

"Karru" tfisser parti mill-lift li permezz tiegħu l-persuni u/jew il-merkanzija huma merfugħin sabiex ikunu mgħollija jew imniżżla.

3. *Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal:*

- *tagħmir li jerfa' li għandu veloċità ta' mhux aktar minn 0,15 m/s,*
- *għodod tal-irfigħ tas-siti tal-kostruzzjoni,*
- *cableways, inkluż il-funikular,*
- *lifts ddisinnjati u mibnija speċifikament għall-skopijiet militari jew tal-pulizija,*
- *il-mezzi tal-irfigħ minn fejn jista' jsir ix-xogħol,*
- *it-tagħmir li jintuża f'minjieri,*
- *tagħmir tal-irfigħ intiżi sabiex jerfgħu artisti waqt il-wirjiet artistiċi,*
- *tagħmir tal-irfigħ mgħammar f'mezzi tat-trasport,*
- *tagħmir tal-irfigħ imqabbad mal-makkinarju u intiż esklużivament għall-aċċess għal postijiet tax-xogħol inklużi l-postijiet ta' manutenzjoni u l-ispezzjoni fuq il-makkinarju,*
- *ferroviji bl-ingranaġġ u b'fus bis-snien li jingrana mar-rota,*
- *skalaturi u passaġġi mekkaniċi fejn jimxu n-nies.';*

2. *fl-Anness I, il-punt 1.2 għandu jinbidel b'dan li ġej:*

1.2. 'Karru

Il-karru ta' kull lift għandu jkun karozza. Din il-karozza għandha tkun iddisinnjata u mibnija sabiex toffri l-ispazju u s-saħħa li jikkorrispondu man-numru massimu tal-persuni u t-tagħbija kalkolata tal-lift stabbilita mill-persuna li tinstalla.

Fejn il-lift huwa intiż għat-trasport ta' persuni, u fejn id-dimensjonijiet tiegħu jippermettu, il-karozza għandha tkun iddisinnjata u mibnija b'tali mod li l-fatturi strutturali tagħha ma joħolqux ostakolu jew ma jfixklux l-aċċess u l-użu minn persuni b'diżabilità u sabiex jippermettu kwalunkwe aġġustament xieraq intiż biex jiffaċilita l-użu minnhom.'

§151 Il-konfini bejn id-Direttiva dwar il-Makkinarju u d-Direttiva dwar il-Lifts

L-Artikolu 24 tad-Direttiva 2006/42/KE jintroduċi emenda għad-Direttiva dwar il-Lifts 95/16/KE bil-għan li jiddefinixxi aħjar il-konfini mad-Direttiva dwar il-Makkinarju – ara §28: kummenti dwar il-Premessa 27.

Minn naħa waħda, l-Artikolu 24 (1) jimmodifika d-definizzjoni ta' 'lift' mogħtija fl-Artikolu 1 (2) tad-Direttiva dwar il-Lifts, billi jissostitwixxi it-terminu 'kabina' (car) bit-terminu 'karru' (carrier). Dan ifisser li n-natura tal-karru mhijiex kriterju għall-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Lifts. Fl-istess ħin, l-Artikolu 24 (2) jimmodifika r-rekwiżit essenzjali dwar saħħa u sigurtà li jinsab fis-sezzjoni 1.2 tal-Anness I tad-Direttiva dwar il-Lifts sabiex jispeċifika li l-karru tal-lifts soġġett għal dik id-Direttiva jrid ikun kabina. Għandu jiġi osservat li s-sezzjoni 3.1 tal-Anness I tad-Direttiva dwar il-Lifts teħtieġ li l-kabini tal-lifts ikunu għal kollox magħluqa.

Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 24 (1) jimmodifika l-lista ta' esklużjonijiet stipulati fl-Artikolu 1 (3) tad-Direttiva dwar il-Lifts, billi jżid l-esklużjoni ta' tagħmir li jerfa' li l-veloċità tiegħu ma tkunx aktar minn 0,15 m/s. Għaldaqstant, lifts ta' veloċità baxxa huma soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju – ara §344: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.2.8 u §377: kummenti dwar is-sezzjoni 6.4 tal-Anness I.

Fir-rigward tal-lista modifikata ta' esklużjonijiet mid-Direttiva dwar il-Lifts, għandhom jiġu osservati wkoll dawn il-punti:

Għodod tal-irfigħ fis-siti tal-kostruzzjoni huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Lifts. Dawn m'għadhomx esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/42/KE u b'hekk huma soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju sa mid-29 ta' Diċembru 2009 – ara §8: kummenti dwar il-Premessa 5.

Dawn li ġejjin huma esklużi mid-Direttiva dwar il-Lifts u huma soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju:

- il-mezzi tal-irfigħ minn fejn jista' jsir ix-xogħol;
- tagħmir tal-irfigħ mgħammar f'mezzi tat-trasport;
- tagħmir tal-irfigħ imqabbad mal-makkinarju u intiż esklużivament għall-aċċess għal postijiet tax-xogħol inklużi l-postijiet ta' manutenzjoni u l-ispezzjoni fuq il-makkinarju;
- skalaturi u passaġġi mekkaniċi fejn jimxu n-nies.

Il-funikulari huma kollha esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Lifts. Skont l-Artikolu 3, waqt li d-Direttiva dwar il-Makkinarju mhijiex applikabbli għal funikulari ddisinjati għat-trasport ta' persuni li jaqgħu taħt id-Direttiva dwar il-Funikulari 2000/9/KE, ma tapplikax għal ċerti funikulari li ma jaqgħux taħt jew li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Funikular – ara §90: kummenti dwar l-Artikolu 3.

Dawn li ġejjin huma esklużi kemm mid-Direttiva dwar il-Lifts kif ukoll mid-Direttiva dwar il-Makkinarju:

- lifts iddisinnjati u mibnija speċifikament għal skopijiet militari jew tal-pulizija - ara §59: kummenti dwar l-Artikolu 1 (2) (g);
- tagħmir użat fil-minjieri – ara §61: kummenti dwar l-Artikolu 1 (2) (i);

- tagħmir tal-irfigħ intiżi sabiex jerfgħu artisti waqt wirjiet artistiċi – ara §62: kummenti dwar l-Artikolu 1 (2) (j);
- ferroviji bl-ingranaġġ u b'fus bis-snien li jingrana mar-rota fuq rettikolati tal-ferroviji - §57: kummenti dwar il-ħames inċiż tal-Artikolu 1 (2) (e).

Artikolu 25

Thassir

Id-Direttiva 98/37/KE hija b'hekk imħassra [sa mid-29 ta' Diċembru 2009]. [101]

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness XII.

§152 Thassir tad-Direttiva 98/37/KE

Id-Direttiva 2006/42/KE tieħu post id-Direttiva 98/37/KE. Id-Direttiva 98/37/KE hija b'hekk mħassra mid-29 ta' Diċembru 2009, id-data meta jibdew japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/42/KE.

It-tieni paragrafu tal-Artikolu 25 ifisser li, mid-29 ta' Diċembru 2009, ir-referenzi tad-Direttiva dwar il-Makkinarju f'leġislazzjoni oħra tal-UE jibqgħu validi u għandhom jinftiehmu bħala referenzi għad-Direttiva 2006/42/KE. Meta jsiru tali referenzi għal dispożizzjonijiet speċifiċi tad-Direttiva, ir-referenzi għandhom jittieħdu bħala li jirreferu għad-dispożizzjonijiet ekwivalenti indikati fit-tabella ta' korrelazzjoni mogħtija fl-Anness XII. Dawn ir-referenzi jiġu aġġornati meta tiġi riveduta l-leġislazzjoni kkonċernata.

Artikolu 26

Traspożizzjoni

1. *L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippublikaw id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mid- 29 ta' Ġunju 2008. Huma għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni.*

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet b'effett mid- 29 ta' Diċembru 2009.

Fejn l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din fl-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. *L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva, flimkien ma' tabella li turi kif id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jikkorrispondu mad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati.*

[101] Soġġett għar-rettifika ppubblikata fil-ĠU L 76 16.3.07, p 35.

§153 Traspożizzjoni u applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva

Id-Direttivi tal-UE huma indirizzati lill-Istati Membri li b'hekk huma ordnati jadottaw id-dispożizzjonijiet neċessarji li jittrasponuhom f'liġi nazzjonali. Huma dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali li joħolqu obbligi vinkolanti għall-operaturi ekonomiċi. Skont l-Artikolu 288 tat-TFUE (li qabel kien l-Artikolu 249 KE), id-Direttiva torbot fir-rigward tar-riżultat li jrid jinkiseb iżda tħalli l-għażla tal-forma u l-metodi f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali. Madankollu, billi d-Direttiva dwar il-Makkinarju hija bbażata fuq l-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE (issa l-Artikolu 114 tat-TFUE) li jipprevedi miżuri sabiex jiġu armonizzati d-dispożizzjonijiet stabbiliti permezz ta' liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva fi Stati Membri li għandhom bħala l-għan tagħhom l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern, il-libertà mogħtija lill-Istati Membri, fil-prattika, hija pjuttost limitata. B'mod partikolari, ir-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà fir-rigward tad-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju u l-proċeduri ta' stima tal-konformità applikabbli jridu jkunu l-istess fl-Istati Membri kollha.

L-Istati Membri ngħataw sentejn wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva sabiex jadottaw id-dispożizzjonijiet neċessarji. Dawn id-dispożizzjonijiet jibdew japplikaw tmintax-il xahar wara, fid-29 ta' Diċembru 2009. Sa dik id-data, id-Direttiva 98/37/KE baqgħet tapplika.

Ir-referenzi tat-testi li jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva fil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri, li ġew ikkomunikati lill-Kummissjoni skont l-obbligu stipulat fl-Artikolu 26 (2), huma ppreżentati fuq is-Sit elettroniku tal-Kummissjoni EUROPA.

Artikolu 27

Deroga

Sad-29 ta' Ġunju 2011 Stati Membri jistgħu jippermettu t-tqegħid fis-suq u t-tqegħid fis-servizz ta' makkinarju għall-iffissar li jaħdem permezz ta' skratać u li jista' jinġarr, kif ukoll makkinarju ieħor ta' impatt li huwa konformi mad-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-seħħ mal-adozzjoni ta' din id-Direttiva.

§154 Perjodu tranżitorju għal makkinarju għall-iffissar li jaħdem permezz ta' skratać u li jista' jinġarr, kif ukoll makkinarju ieħor ta' impatt

Bħala regola ġenerali, billi l-fabbrikanti għandhom perjodu ta' tliet snin u nofs bejn id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2006/42/KE u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħha li matulu jridu jadattaw il-prodotti tagħhom fejn meħtieġ, ma nħassx il-bżonn li jiġi previst perjodu tranżitorju. Madankollu, permezz ta' deroga mir-regola ġenerali, l-Artikolu 27 jipprevedi perjodu tranżitorju ta' tmintax-il xahar għal makkinarju għall-iffissar li jaħdem permezz ta' skratać u li jista' jinġarr u makkinarju ieħor ta' impatt li jaħdem permezz ta' skratać u li jista' jinġarr, li matulu l-Istati Membri jistgħu jippermettu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li kienu fis-seħħ qabel. Dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali huma jew dawk li jimplimentaw il-Konvenzjoni tal-1 ta' Lulju 1969 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Marki ta' Identifikazzjoni fuq l-Armi ż-Żgħar (il-konvenzjoni CIP), fil-każ tal-Istati Membri li huma firmatarji ta' dik il-Konvenzjoni, jew, fi Stati Membri oħra, ir-regolamenti nazzjonali eżistenti – ara §9: kummenti dwar il-Premessa 6.

Għandu jiġi osservat li l-perjodu tranżitorju huwa faċilità miftuħa għall-Istati Membri, u mhux obbligu. Għalhekk, il-makkinarju għall-iffissar li jaħdem permezz ta' skratać u li

jista' jinġarr u makkinarju ieħor ta' impatt li jaħdem permezz ta' skratać u li jista' jinġarr, li jikkonforma mad-Direttiva dwar il-Makkinarju jibbenefika minn moviment liberu fl-UE mid-29 ta' Diċembru 2009. Makkinarju bħal dan li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet nazzjonali li kienu fis-seħħ qabel, jista' jitqiegħed fis-suq biss f'dawk l-Istati Membri li jippermettu dan. Mid-29 ta' Ġunju 2011, dan il-makkinarju kollu jrid jikkonforma mad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

Artikolu 28

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

§ 155 Data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva

L-Artikolu 28 jistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2006/42/KE. Billi d-Direttiva ġiet ippubblikata fil-ĠUUE fid-9 ta' Ġunju 2006, hija daħlet fis-seħħ fid-29 ta' Ġunju 2006. Id-data tad-dħul fis-seħħ hija d-data li fiha d-Direttiva tikseb eżistenza legali u m'għandhiex tiġi mħawda mad-data tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva li hija d-29 ta' Diċembru 2009 – ara §153: kummenti dwar l-Artikolu 26 (1).

Artikolu 29

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, nhar is-17 ta' Mejju 2006.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
J. BORRELL FONTELLES	*H. WINKLER*

§ 156 Destinatarji u firmatarji tad-Direttiva

Id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri, billi t-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva f'liġi nazzjonali hija neċessarja sabiex toħloq obbligi legali vinkolanti għall-operaturi ekonomiċi.

Id-Direttiva hija ffirmata mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi kienet adottata minn dawn l-istituzzjonijiet skont il-proċedura ta' kodeċiżjoni prevista fl-Artikolu 251 tat-Trattat tal-KE (issa msemmija bħala l-proċedura leġislattiva ordinarja fl-Artikolu 294 tat-TFUE) – ara §2: kummenti dwar il-kwotazzjonijiet.

ANNESS I

Rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà rigward id-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju

PRINĊIPJI ĠENERALI

§157 Il-Prinċipji Ġenerali

Ir-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà (EHSRs) stipulati fl-Anness I huma introdotti minn erba' Prinċipji Ġenerali. L-ewwel wieħed, li jittratta l-istima tar-riskju, jispjega rekwiżit bażiku tal-Anness I sabiex jiġu identifikati l-perikli u stmati r-riskji assoċjati mal-makkinarju bil-għan li jiġu identifikati u applikati l-EHSRs rilevanti. Il-Prinċipji Ġenerali l-oħra huma essenzjali għall-fehim tal-istatus u l-implikazzjonijiet tal-EHSRs. Dawn il-Prinċipji Ġenerali jridu jiġu kkunsidrati meta jiġi applikat kull wieħed mill-EHSRs għad-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju.

PRINĊIPJI ĠENERALI

1. *Il-fabbrikant tal-makkinarju jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jiżgura li ssir stima tar-riskju sabiex ikunu stabbiliti r-rekwiżiti tas-saħħa u tas-sigurtà li għandhom japplikaw għall-makkinarju. Il-makkinarju għandu imbagħad ikun ddisinnjat u mibni b'mod li jitqiesu r-riżultati tal-istima tar-riskju.*

Permezz ta' proċess iterattiv tal-istima tar-riskju u t-tnaqqis tar-riskju msemmi hawn fuq, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom:

— *jistabbilixxu l-limiti tal-makkinarju, li jinkludu l-użu intiż u kwalunkwe użu ħażin tiegħu previst b'mod raġonevoli,*

— *jidentifika l-perikli li jistgħu jinħolqu mill-makkinarju u s-sitwazzjonijiet perikolużi assoċjati,*

— *jagħmel stima tar-riskji, filwaqt li jieħu kont tas-serjetà tal-possibiltà tal-ħsara lill-persuna jew dannu għas-saħħa u l-probabbiltà li dan iseħħ,*

— *jagħmel stima tar-riskji, bl-iskop li jistabbilixxi jekk huwiex meħtieġ tnaqqis tar-riskju, bi qbil mal-għan ta' din id-Direttiva,*

— *jelimina l-perikli jew inaqqas ir-riskji assoċjati ma' dawn il-perikli billi japplika l-miżuri prottettivi, fl-ordni tal-prijorità stabbilita fis-sezzjoni 1.1.2.(b).*

. . .

§158 Stima tar-riskju

Skont il-Prinċipju Ġenerali 2, l-EHSRs huma applikabbli biss meta l-periklu korrispondenti jkun jeżisti għall-makkinarju inkwistjoni. Sabiex jiġu identifikati dawn il-perikli, waqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-fażijiet kollha tal-ħajja prevedibbli tal-makkinarju, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom jiżguraw li ssir stima tar-riskju skont il-proċess iterattiv deskritt fil-Prinċipju Ġenerali 1. Għat-

termini 'periklu' u 'riskju' – ara §164: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.1 (a), u §168: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.1 (e).

L-istima tar-riskju tista' titwettaq mill-fabbrikant innifsu, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew minn persuna oħra li taġixxi f'isimhom. Jekk l-istima tar-riskju titwettaq f'isem il-fabbrikant minn persuna oħra, il-fabbrikant jibqa' responsabbli għall-istima tar-riskju u l-implimentazzjoni tal-miżuri protettivi neċessarji waqt id-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju – ara §78 sa §81: kummenti dwar l-Artikolu 2 (i), u §83 u §84: kummenti dwar l-Artikolu 2 (j).

It-tieni sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Prinċipju Ġenerali 1 tgħid li l-makkinarju mbagħad irid jiġi ddisinjat u mibni billi jiġu kkunsidrati r-riżultati tal-istima tar-riskju. L-istima tar-riskju hija deskritta bħala proċess iterattiv minħabba li kull miżura ta' tnaqqis tar-riskju prevista biex tindirizza periklu partikolari trid tiġi evalwata sabiex jitqies jekk tkunx adegwata u ma tiġġenerax perikli ġodda. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-proċess irid jerġa' jsir. Dan jimplika li l-proċess ta' stima tar-riskju jrid jitwettaq b'mod parallel mal-proċess ta' disinn tal-makkinarju.

L-aħħar inċiż tat-tieni paragrafu jenfasizza li l-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju biex jiġu indirizzati l-perikli identifikati għandhom jingħataw ordni ta' prijorità, skont il-prinċipji tal-integrazzjoni tas-sigurtà – ara §174: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (b).

L-istima tar-riskju u l-eżitu tagħha għandhom jiġu ddokumentati fil-fajl tekniku għal makkinarju – ara §392: kummenti dwar l-Anness VII A 1 (a).

L-Istandard EN ISO 14121-1 (Standard tat-tip A) jispjega l-Prinċipji Ġenerali għall-istima tar-riskju tal-makkinarju.[102]

§159 Stima tar-riskju u standards armonizzati

Il-proċess ta' stima tar-riskju huwa faċilitat bl-applikazzjoni ta' standards armonizzati, billi l-istandards tat-tip C għall-makkinarju jidentifikaw il-perikli sinifikanti li ġeneralment ikunu assoċjati mal-kategorija ta' makkinarju kkonċernata u jispeċifikaw miżuri protettivi sabiex jiġu indirizzati. Madankollu l-applikazzjoni ta' standards armonizzati ma teħlisx lill-fabbrikant tal-makkinarju mill-obbligu li jwettaq stima tar-riskju.

Fabbrikant li japplika l-ispeċifikazzjonijiet ta' standard tat-tip C irid jassigura li l-istandard armonizzat ikun adatt għall-makkinarju partikolari kkonċernat u jkopri r-riskji kollha li jippreżenta. Jekk il-makkinarju kkonċernat jippreżenta perikli li ma jkunux koperti mill-istandard armonizzat, tkun meħtieġa stima sħiħa tar-riskju għal dawk il-perikli u jridu jittieħdu miżuri protettivi xierqa sabiex jiġu indirizzati.

Barra minn hekk, fejn l-istandards armonizzati jispeċifikaw diversi soluzzjonijiet alternattivi mingħajr ma jiddefinixxu kriterji għall-għażla bejniethom, l-għażla tas-soluzzjoni xierqa għall-makkinarju kkonċernat trid tkun ibbażata fuq stima tar-riskju speċifika. Dan huwa partikolarment importanti meta jiġu applikati standards tat-tip B – ara §111: kummenti dwar l-Artikolu 7 (2).

[102] EN ISO 14121-1: 2007 – *Sigurtà ta' makkinarju – Valutazzjoni ta' riskji - Parti 1: Prinċipji* (ISO 14121-1:2007).

PRINĊIPJI ĠENERALI (ikompli).

. . .

2. *L-obbligi mniżżla mir-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà japplikaw biss meta jeżisti l-periklu korrispondenti għal dan il-makkinarju meta jintuża taħt il-kondizzjonijiet previsti mill-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, kif ukoll f'sitwazzjonijiet mhux normali li jistgħu jiġu previsti. Fi kwalunkwe każ, il-prinċipji tal-integrazzjoni tas-sigurtà msemmija fis-sezzjoni 1.1.2 u l-obbligi dwar l-immarkar ta' makkinarju u l-istruzzjonijiet msemmija fis-sezzjonijiet 1.7.3 u 1.7.4 japplikaw.*

. . .

§160 L-applikabbiltà tar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà

Wieħed għandu jżomm f'moħħu l-Prinċipju Ġenerali 2 meta jkun qed jaqra kull wieħed mill-EHSRs ippreżentati fl-Anness I. L-EHSRs normalment huma espressi mingħajr kwalifikazzjoni. Madankollu, huma applikabbli biss meta huma relevanti u meħtieġa. Fi kliem ieħor, EHSR tapplika meta l-periklu kkonċernat huwa preżenti fil-mudell partikolari tal-makkinarju kkonċernat. L-ewwel sentenza tal-Prinċipju Ġenerali 2 tenfasizza wkoll li, meta jkunu qed jiġu identifikati l-perikli ta' mudell partikolari ta' makkinarju, iridu jitqiesu mhux biss il-kondizzjonijiet tal-użu intiżi imma wkoll sitwazzjonijiet anormali prevedibbli. Is-sitwazzjonijiet anormali prevedibbli huma dawk li jitnisslu minn użu ħażin li b'mod raġonevoli kien prevedibbli - ara §172: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.1 (i).

It-tieni sentenza tippreżenta eċċezzjoni għall-Prinċipju Ġenerali 2, minħabba li r-rekwiżiti stipulati fis-sezzjonijiet 1.1.2, 1.7.3 u 1.7.4 huma applikabbli għall-makkinarju kollu.

PRINĊIPJI ĠENERALI *(ikompli)*

. . .

3. *Ir-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà stabbiliti f'dan l-Anness huma obbligatorji; Madankollu, filwaqt li jittieħed kont tal-livell ta' teknoloġija kurrenti, jista' ma jkunx possibbli li jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti minnhom. F'dak il-każ, il-makkinarju għandu, kemm jista' jkun possibbli, ikun iddisinnjat u mibni bl-iskop li javviċinaw dawn l-għanijiet.*

. . .

§161 L-aħħar teknoloġija

Il-Prinċipju Ġenerali 3 l-ewwel ifakkar li l-EHSRs, meta jkunu applikabbli għal mudell partikolari ta' makkinarju, huma legalment vinkolanti. Dan huwa ċar mit-termini tal-Artikolu 5 (1) (a) li jistipula l-obbligi tal-fabbrikanti tal-makkinarju. F'dan ir-rigward, huwa importanti li ssir distinzjoni bejn l-EHSRs tal-Anness I u l-ispeċifikazzjonijiet tal-istandards armonizzati, li l-applikazzjoni tagħhom hija voluntarja – ara §110: kummenti dwar l-Artikolu 7 (2).

L-EHSRs stipulati fl-Anness I ġeneralment huma espressi mingħajr kwalifikazzjoni. It-tieni sentenza tal-Prinċipju Ġenerali 3 tirrikonoxxi li, f'xi każijiet, jista' ma jkunx possibbli li ċerti EHSRs ikunu ssodisfatti b'mod sħiħ, minħabba l-aħħar teknoloġija

attwali. F'tali każjijiet, il-fabbrikant tal-makkinarju jrid jistinka biex jissodisfa l-objettivi stipulati fl-EHSRs bl-akbar mod possibbli.

Il-kunċett ta' "*l-aħħar teknoloġija"* mhuwiex iddefinit fid-Direttiva dwar il-Makkinarju; madankollu huwa ċar mill-Premessa 14 li l-kunċett ta' '*l-aħħar teknoloġija'* jinkludi element tekniku kif ukoll element ekonomiku. Sabiex jikkorrispondu mal-aħħar teknoloġija, is-soluzzjonijiet tekniċi adottati biex jitwettqu l-EHSRs iridu jużaw l-aktar mezzi tekniċi effettivi li huma disponibbli f'dak iż-żmien bi spiża li hija raġonevoli meta wieħed iqis l-ispiża totali tal-kategorija tal-makkinarju kkonċernat u t-tnaqqis tar-riskju meħtieġ.

Il-fabbrikanti tal-makkinarju mhumiex mistennija jużaw soluzzjonijiet li għadhom fl-istadju tar-riċerka jew mezzi tekniċi li b'mod ġenerali għadhom mhumiex disponibbli fis-suq. Min-naħa l-oħra, huma jridu jqisu l-progress tekniku u jadottaw l-aktar soluzzjonijiet tekniċi effettivi li huma xierqa għall-makkinarju kkonċernat meta jsiru disponibbli bi spiża raġonevoli.

Għaldaqstant, *"l-aħħar teknoloġija"* hija kunċett dinamiku: l-aħħar teknoloġija tevolvi meta mezzi tekniċi aktar effettivi jsiru disponibbli jew meta l-ispiża relattiva tagħhom tonqos. Għaldaqstant soluzzjoni teknika li titqies li tissodisfa l-EHSRs tad-Direttiva fi żmien partikolari tista' titqies inadegwata aktar tard, jekk l-aħħar teknoloġija tkun evolviet.

Fabbrikant tal-makkinarju jista' jqis l-aħħar teknoloġija eżattament fiż-żmien meta jinħadem il-makkinarju. Jekk evoluzzjoni tal-aħħar teknoloġija tagħmilha possibbli li l-objettivi stipulati fl-EHSRs ikunu ssodisfatti aħjar, il-fabbrikant li jipproduċi serje ta' magni bl-istess disinn irid itejjeb id-disinn tiegħu kif jixraq (waqt li jqis iż-żmien meħtieġ għat-tibdil fid-disinn u l-bidliet korrispondenti fil-proċess tal-produzzjoni).

§162 Standards armonizzati u l-aħħar teknoloġija

L-istandards armonizzati jipprovdu speċifikazzjonijiet tekniċi li bihom il-fabbrikanti tal-makkinarju jistgħu jikkonformaw mal-EHSRs. Minħabba li l-istandards armonizzati huma żviluppati u adottati fuq il-bażi ta' kunsens bejn il-partijiet interessati, l-ispeċifikazzjonijiet tagħhom jipprovdu indikazzjoni tajba tal-aħħar teknoloġija fiż-żmien meta jkunu ġew adottati. L-evoluzzjoni tal-aħħar teknoloġija hija riflessa fl-emendi jew ir-reviżjonijiet tal-istandards armonizzati, li jsiru aktar tard.

F'dan ir-rigward, il-livell ta' sigurtà mogħtija mill-applikazzjoni ta' standard armonizzat jipprovdi punt ta' referenza li jrid jitqies mill-fabbrikanti kollha tal-kategorija tal-makkinarju koperta mill-istandard, inklużi dawk li jagħżlu li jużaw soluzzjonijiet tekniċi alternattivi. Fabbrikant li jagħżel soluzzjonijiet alternattivi irid ikun kapaċi juri li dawn is-soluzzjonijiet huma f'konformità mal-EHSRs tad-Direttiva dwar il-Makkinarju, meta titqies l-aħħar teknoloġija attwali. Konsegwentement, tali soluzzjonijiet alternattivi jridu jipprovdu livell ta' sigurtà li huwa mill-inqas ekwivalenti għal dak mogħti mill-applikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tal-istandard armonizzat relevanti – ara §110: kummenti dwar l-Artikolu 7 (2).

Meta l-istandards armonizzati mhumiex disponibbli, dokumenti tekniċi oħra jistgħu jipprovdu indikaturi utli għall-applikazzjoni tal-EHSRs tad-Direttiva dwar il-Makkinarju. Tali dokumenti jinkludu, pereżempju, standards internazzjonali, standards nazzjonali, abozzi ta' standards Ewropej, ir-Rakkomandazzjonijiet għall-Użu maħruġa mill-Koordinazzjoni Ewropea ta' Korpi Notifikati – ara §137: kummenti dwar l-Artikolu 14

(7) – jew il-linji gwida maħruġa minn organizzazzjoniiet professjonali. Madankollu, l-applikazzjoni ta' tali dokumenti tekniċi ma toħloqx preżunzjoni ta' konformità mal-EHSRs tad-Direttiva dwar il-Makkinarju – ara §383: kummenti dwar l-Anness II 1 A (8).

***PRINĊIPJI ĠENERALI** (ikompli)*

. . .

***4.** Dan l-Anness huwa organizzat f'diversi partijiet. L-ewwel waħda għandha kamp ta' applikazzjoni ġenerali u tapplika għat-tipi kollha ta' makkinarju. Il-partijiet l-oħra jirreferu għal ċertu tipi ta' perikli aktar speċifiċi. Madankollu, huwa essenzjali li jkun eżaminat dan l-Anness kollu, sabiex ikun żgurat li jintlaħqu r-rekwiżiti essenzjali relevanti kollha. Meta jkun qiegħed jiġi ddisinnjat il-makkinarju għandu jingħata kont lir-rekwiżiti tal-parti ġenerali u r-rekwiżiti ta' wieħed jew aktar mill-partijiet l-oħra, skont ir-riżultati tal-istima tar-riskju magħmula skont il-punt 1 ta' dawn il-Prinċipji Ġenerali.*

§163 L-istruttura tal-Anness I

Il-prinċipju ġenerali 4 jispjega l-istruttura tal-Anness I. L-EHSRs stipulati fil-parti 1 tal-Anness I iridu jitqiesu mill-fabbrikanti tal-kategoriji kollha tal-makkinarju. Bl-eċċezzjoni tas-sezzjonijiet 1.1.2, 1.7.3 u 1.7.4 li huma dejjem applikabbli, l-EHSRs stipulati fis-sezzjonijiet l-oħra tal-Parti 1 huma applikabbli meta l-istima tar-riskju tal-fabbrikant turi li l-periklu kkonċernat huwa preżenti.

Il-Partijiet 2 sa 6 tal-Anness I jittrattaw dwar dawn il-perikli speċifiċi:

Il-Parti 2 perikli speċifiċi għal ċerti kategoriji ta' makkinarju:
- makkinarju għal oġġetti tal-ikel, makkinarju għal prodotti kożmetiċi jew farmaċewtiċi, makkinarju miżmum fl-idejn u makkinarju ggwidat bl-idejn,
- makkinarju għat-tiswijiet li jista' jinġarr u makkinarju ieħor ta' impatt,
- makkinarju li jaħdem l-injam u materjali b'karatteristiċi fiżiċi simili;

Il-Parti 3 perikli minħabba l-mobilità tal-makkinarju;

Il-Parti 4 perikli minħabba operazzjonijiet tal-irfigħ;

Il-Parti 5 perikli speċifiċi għal makkinarju intiż għal xogħol taħt l-art;

Il-Parti 6 perikli minħabba l-irfigħ ta' persuni.

Ir-relevanza tal-EHSRs stipulati f'kull waħda minn dawn il-partijiet tiddependi fuq jekk mudell partikolari tal-makkinarju jinsabx f'kategorija waħda jew aktar mill-kategoriji ta' makkinarju kkonċernati mill-Partijiet 2 jew 5 jew jekk l-istima tar-riskju tal-fabbrikant turix li l-makkinarju jippreżenta wieħed jew aktar mill-perikli speċifiċi msemmija fil-Partijiet 3, 4 u 6 – ara §160: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 2. Pereżempju, pjattaforma mobbli għal xogħol fil-għoli hija soġġetta għar-rekwiżiti stipulati fil-Partijiet 1, 3, 4, u 6. Serrieq ċirkolari miżmum bl-idejn għal xogħol tal-injam huwa soġġett għar-rekwiżiti stipulati fil-Partijiet 1 u 2.

F'xi każijiet, l-EHSRs stipulati fil-Partijiet 2 sa 6 huma supplimentari għall-EHSRs stipulati fil-partijiet l-oħra tal-Anness I li jittrattaw l-istess tip ta' periklu. Dan huwa indikat fil-kummenti dwar is-sezzjonijiet ikkonċernati.

1. IR-REKWIŻITI ESSENZJALI GĦAS-SAĦĦA U GĦAS-SIGURTÀ

1.1 RIMARKI ĠENERALI

1.1.1 Tifsiriet

Għall-iskop ta' dan l-Anness:

(a) "periklu" jfisser sors potenzjali ta' ħsara lill-persuna jew dannu għas-saħħa;

. . .

§164 Periklu

It-terminu *'periklu'* jintuża fil-kuntest ta' stima tar-riskju b'tifsira li tista' tkun differenti minn dik użata ta' kuljum. Fil-kuntest ta' stima tar-riskju, *'periklu'* tirreferi għal sors potenzjali ta' ħsara. Il-preżenza tal-periklu hija karatteristika inerenti tal-makkinarju u hija indipendenti minn jekk il-ħsara lill-persuna jew id-dannu għas-saħħa attwalment humiex mistennija jseħħu jew le. Pereżempju, il-preżenza fil-makkinarju ta' partijiet b'temperatura għolja hija sors potenzjali ta' ħsara lill-persuna, bħall-ħruq, jew ta' dannu għas-saħħa, bħall-mard irrelatat mal-istress mis-sħana; il-preżenza fil-makkinarju ta' xfafar imsanna hija sors potenzjali ta' ħsara lill-persuna bħall-qatgħat jew amputazzjoni. Matul il-fażi tal-identifikazzjoni tal-periklu, il-periklu jrid jitqies li huwa preżenti, anki jekk il-parti tal-makkinarju li tippreżenta l-periklu mhijiex aċċessibbli.

Il-perikli jistgħu jkunu identifikati mill-oriġini fiżiku tagħhom (pereżempju, periklu mekkaniku, periklu elettriku) jew min-natura tal-ħsara lill-persuna jew id-dannu għas-saħħa potenzjali (pereżempju, periklu ta' qatgħat, periklu ta' tgħaffiġ jew periklu ta' xokk elettriku).

Il-Prinċipju Ġenerali 1 jirrikjedi lill-fabbrikant li jidentifika l-perikli li huma inerenti għall-makkinarju jew li jistgħu jkunu ġġenerati mill-użu tiegħu, u s-sitwazzjonijiet perikoluż assoċjati magħhom. Sitwazzjoni perikoluża hija ċirkustanza, avveniment jew sekwenza ta' avvenimenti li fihom persuna tkun esposta għal periklu. Sitwazzjonijiet perikoluż jistgħu jvarjaw fit-tul taż-żmien minn avveniment għal għarrieda għal ċirkustanza li hija preżenti permanentament waqt l-użu tal-makkinarju.

***1.1.1 Tifsiriet** (ikompli)*

. . .

(b) "żona ta' periklu" tfisser kwalunkwe żona fi u/jew madwar il-makkinarju li fih il-persuna tkun suġġetta għal riskju għas-saħħa jew is-sigurtà tiegħu;

. . .

§165 Żona ta' periklu

Il-kunċett ta' *'żona ta' periklu'* jagħmilha possibbli li jkunu llokalizzati l-postijiet fejn il-persuni jistgħu jkunu esposti għall-periklu. Fil-każ ta' riskji li jinvolvu l-kuntatt ma' partijiet li jiċċaqalqu tal-makkinarju, pereżempju, iż-żona ta' periklu hija limitata għall-

viċinanza tal-partijiet perikolużi. Fil-każ ta' riskji oħra, bħal, pereżempju, ir-riskju li wieħed jintlaqat minn oġġetti mitfugħa 'l barra mill-makkinarju jew ir-riskju li wieħed ikun espost għal emissjonijiet ta' storbju jew emissjonijiet ta' sustanzi perikolużi mill-makkinarju, iż-żona ta' periklu tista' tinkludi żoni sostanzjali fl-ambjent tal-makkinarju.

Wieħed mill-modi l-aktar effettivi biex ikunu evitati r-riskji huwa li l-makkinarju jkun iddisinnjat b'mod li tkun evitata l-ħtieġa li l-persuni jidħlu fiż-żoni ta' periklu – ara §189: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.2, u §239: kummenti dwar is-sezzjoni 1.6.1.

***1.1.1 Tifsiriet** (ikompli)*

. . .

(c) "persuna esposta" tfisser kwalunkwe persuna fis-sħiħ jew b'mod parzjali f'żona ta' periklu;

. . .

§166 Persuna esposta

Id-definizzjoni tat-terminu *'persuna esposta'* hija wiesa' ħafna. L-operaturi huma kategorija waħda ta' persuna potenzjalment esposta – ara §167: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.1 (d). Madankollu, persuni li m'għandhomx involviment direttt mal-makkinarju jistgħu jkunu preżenti f'żona ta' periklu, partikolarment jekk iż-żoni ta' periklu jinkludu żoni fl-ambjent tal-makkinarju. Fil-każ tal-makkinarju għall-użu professjonali, tali persuni jistgħu jkunu, pereżempju, impjegati oħra tal-kumpanija fejn jintuża l-makkinarju jew persuni li jkunu viċin. Fil-każ tal-makkinarju użat fis-siti tal-kostruzzjoni, f'toroq pubbliċi jew f'żoni urbani, persuni potenzjalment esposti jistgħu jinkludu l-membri tal-pubbliku fit-triq jew fil-bini li jkun qrib. Fil-każ ta' makkinarju bħal ma hu l-makkinarju agrikolu jew il-makkinarju intiż għall-użu mill-konsumaturi fid-dar jew fil-ġnien, il-persuni potenzjalment esposti jistgħu jkunu l-membri tal-familja inklużi t-tfal. L-EHSRs jimmiraw li jevitaw ir-riskji għall-persuni esposti kollha. Għaldaqstant, l-istima tar-riskju tal-fabbrikant trid tinkludi stima tal-possibbiltà li l-operaturi u kwalunkwe persuna oħra jkunu f'żona ta' periklu.

***1.1.1 Tifsiriet** (ikompli)*

. . .

(d) "operatur" tfisser il-persuna jew il-persuni li jinstallaw, joperaw, jaġġustaw, iżommu, inaddfu, isewwu jew iċaqalqu l-makkinarju;

. . .

§167 Operatur

Id-definizzjoni ta' *'operatur'* tagħti sens wiesa' ħafna lit-terminu. Fid-Direttiva dwar il-Makkinarju, it-terminu huwa użat biex jindika l-persuni kollha b'kompiti speċifiċi li jinvolvu l-makkinarju u mhuwiex limitat għall-operaturi tal-produzzjoni. L-operaturi jinkludu l-persuni differenti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-makkinarju fil-fażijiet differenti tul iż-żmien tal-użu tiegħu - ara §173: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (a). Fil-każ tal-makkinarju intiż għall-użu fuq il-post tax-xogħol, l-operaturi jistgħu jkunu professjonisti li setgħu kienu jew ma kienux imħarrġa b'mod speċjali. Fil-każ tal-makkinarju ddisinnjat għall-użu mill-konsumaturi, l-operaturi li jużaw il-makkinarju mhumiex professjonisti u għandhom jitqiesu li ma kienux imħarrġa b'mod speċjali –

ara §259: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.1 (d). Għandu jkun innotat li ċerti tipi ta' makkinarju jitqiegħdu fis-suq kemm għall-użu professjonali kif ukoll għall-użu mill-konsumaturi.

***1.1.1 Tifsiriet** (ikompli)*

. . .

(e) "riskju" tfisser it-tagħqid tal-probabiltà u l-grad ta' ħsara lill-persuna jew ħsara lis-saħħa li jista' jiġri f'sitwazzjoni perikoluża;

. . .

§168 Riskju

Bħat-terminu *'periklu'*, it-terminu *'riskju'* huwa użat fid-Direttiva dwar il-Makkinarju b'tifsira aktar preċiża minn dik użata ta' kuljum. L-eżistenza ta' riskju tiddependi fuq il-perikli ġġenerati mill-makkinarju kif ukoll fuq il-konnessjoni bejn il-makkinarju u l-operaturi u persuni esposti oħra. Periklu jista' jkun preżenti fil-makkinarju, imma jekk potenzjalment l-ebda persuna mhi se tkun esposta għal dak il-periklu, mela m'hemm l-ebda riskju.

Ir-riskji jistgħu jkunu kkaratterizzati b'referenza għall-periklu jew is-sitwazzjoni perikoluża kkonċernata (bħal, pereżempju, ir-riskju dovut għall-kuntatt ma' partijiet li jiċċaqalqu, ir-riskju dovut għall-kuntatt ma' uċuħ sħan, ir-riskju dovut għal emissjonijiet ta' storbju jew emissjonijiet ta' sustanzi perikolużi); ir-riskji jistgħu jkunu kkaratterizzati wkoll b'referenza għall-konsegwenzi potenzjali tagħhom (bħal, pereżempju, ir-riskju ta' tgħaffiġ, ir-riskju ta' qatgħat, ir-riskju li wieħed jinħaraq, ir-riskju ta' telf tas-smigħ).

It-tielet fażi tal-proċess tal-istima tar-riskju huwa li jkunu stmati r-riskji, u titqies is-severità tal-ħsara lill-persuna jew id-dannu għas-saħħa potenzjali u l-probabbiltà li dawn iseħħu – ara §158: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 1. L-istima tar-riskju hija bbażata fuq kombinazzjoni ta' dawn iż-żewġ fatturi. Ir-riskji l-aktar gravi jinvolvu kombinazzjoni ta' probabbiltà għolja ta' okkorrenza u l-possibbiltà ta' ħsara lill-persuna jew dannu għas-saħħa fatali jew severa. Madankollu, probabbiltà baxxa ta' okkorrenza xorta tista' tirriżulta f'riskju gravi jekk tista' tirriżulta ħsara lill-persuna jew dannu għas-saħħa fatali jew severa. Għaldaqstant, ir-riskji jridu jkunu stmati fuq il-bażi ta' każ b'każ, u jitqies il-fatt li r-riskji jistgħu jkunu differenti fil-fażijiet taż-żmien tal-użu tal-makkinarju, skont l-operazzjonijiet ikkonċernati u l-istat tal-makkinarju matul kull fażi – ara §173: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (a).

***1.1.1 Tifsiriet** (ikompli)*

. . .

(f) "mezz ta' lqugħ" tfisser parti mill-makkinarju użat speċifikament sabiex jagħti protezzjoni permezz ta' barriera fiżika;

. . .

§169 Mezz ta' lqugħ

It-terminu *'mezz ta' lqugħ'* jintuża għall-partijiet tal-makkinarju ddisinnjati speċifikament biex iwettqu funzjoni protettiva. Partijiet oħra tal-makkinarju li jwettqu

funzjoni primarjament operattiva, bħal, pereżempju, il-qafas tal-makkinarju, jistgħu wkoll iwettqu funzjoni protettiva imma mhumiex imsemmija bħala mezzi ta' lqugħ.

Il-mezzi ta' lqugħ huma ddefiniti bħala mezzi li jipprovdu protezzjoni permezz ta' ostaklu fiżiku bħal, pereżempju, kejsing, kopertura, kaver, skrin, bieb, magħlaq jew ċint. It-terminu *'ostaklu fiżiku'* jimplika li mezz ta' lqugħ huwa kkostitwit minn materjal solidu bħal, pereżempju, l-azzar jew il-plastik, li jrid jintgħażel skont il-protezzjoni meħtieġa. Il-materjali użati jistgħu jkunu kontinwi jew imtaqqba u jistgħu jkunu riġidi jew flessibbli. Il-mezzi ta' lqugħ huma wieħed mill-mezzi li jistgħu jintużaw biex ikun evitat l-aċċess għaż-żoni ta' periklu fil-makkinarju jew madwaru. F'ħafna każijiet, il-mezz ta' lqugħ iservi bħala ostaklu fiż-żewġ direzzjonijiet sabiex jipproteġi kontra żewġ riskji, jew aktar, simultanjament. Pereżempju, mezz ta' lqugħ jista' jitwaħħal kemm biex ikun evitat li l-persuni jidħlu f'żona ta' periklu kif ukoll biex ikun evitat li oġġetti jew fluwidi, emissjonijiet ta' storbju, radjazzjoni jew sustanzi perikoluż mitfugħa 'l barra jaslu sa ħdejn persuni fl-ambjent tal-makkinarju.

Id-Direttiva dwar il-Makkinarju tiddistingwi tliet tipi ewlenin ta' mezzi ta' lqugħ: mezzi ta' lqugħ fissi, mezzi ta' lqugħ mobbli li jillokkjaw ma' xulxin u mezzi ta' lqugħ aġġustabbli li jirrestriġu l-aċċess – ara §217: kummenti dwar is-sezzjoni 1.4.2 tal-Anness I.

Meta jitpoġġew b'mod indipendenti fis-suq, il-mezzi ta' lqugħ jitqiesu bħala komponenti tas-sigurtà – ara §42: kummenti dwar l-Artikolu 2 (c) u §389: kummenti dwar l-Anness V (1) (3) u (7).

***1.1.1 Tifsiriet** (ikompli)*

. . .

(g) "apparat protettiv" tfisser apparat (minbarra mezz ta' lqugħ) li jnaqqas ir-riskji, jew waħdu inkella flimkien mal-mezz ta' lqugħ;

. . .

§170 Apparat protettiv

Apparat protettiv huwa distint minn mezzi ta' lqugħ għax ma jikkostitwixxix ostaklu fiżiku bejn il-persuna esposta u ż-żona ta' periklu imma jnaqqas r-riskji billi jevita l-espożizzjoni għall-periklu b'mezzi oħra. Apparat protettiv jinkludi, pereżempju, apparat ta' kontroll b'żewġ idejn, tagħmir protettiv sensittiv bħal tapiti sensittivi għall-pressjoni u xfarijiet sensittivi, tripbars u tripwajers, u apparat protettiv optoelettroniku bħal purtieri tad-dawl, skanners bil-lejżer jew sistemi ta' salvagwardja bbażati fuq l-użu tal-kameras – ara §221: kummenti dwar is-sezzjoni 1.4.3 tal-Anness I.

Meta jitpoġġa b'mod indipendenti fis-suq, l-apparat protettiv jitqies bħala komponent tas-sigurtà – ara §42: kummenti dwar l-Artikolu 2 (c) u §389: kummenti dwar l-Anness V (2) u (7).

***1.1.1 Tifsiriet** (ikompli)*

. . .

(h) "użu intiż" tfisser l-użu tal-makkinarju skont l-informazzjoni msemmija fl-istruzzjoniiet tal-użu;

. . .

§171 Użu intiż

L-ewwel pass fil-proċess tal-istima tar-riskju deskritt fil-Prinċipju Ġenerali 1 huwa li jkunu ddeterminati l-limiti tal-makkinarju, li jinkludu l-użu intiż tal-makkinarju. Il-makkinarju mhux bilfors ikun mingħajr periklu għall-użijiet kollha possibbli: pereżempju, il-fabbrikant tal-makkinarju intiż biex jinħadem il-metall ġeneralment ma ddisinjax il-makkinarju biex jinħadem l-injam mingħajr periklu u viċi versa; pereżempju, il-fabbrikant ta' pjattaforma mobbli għal xogħol fil-għoli ġeneralment ma ddisinjax il-magna biex tintuża mingħajr periklu bħala krejn. Għaldaqstant, l-istima tar-riskju tal-fabbrikant u d-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju jridu jkunu bbażati fuq użu jew użijiet speċifikati. L-ispeċifikazzjoni tal-użu intiż tal-makkinarju trid tkopri, meta jkun xieraq, l-arranġamenti differenti tat-tħaddim u l-fażijiet tal-użu tal-makkinarju – ara §173: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (a).

B'mod partikolari, il-parametri li fuqhom jiddependi l-użu mingħajr periklu tal-makkinarju u l-limiti tagħhom iridu jkunu speċifikati b'mod preċiż. Tali parametri jinkludu, pereżempju, it-tagħbija massima għall-makkinarju tal-irfigħ; il-pendil massimu li fuqu jista' jintuża l-makkinarju mobbli mingħajr ma tintilef l-istabbiltà; il-veloċità massima tar-riħ li fiha jista' jintuża mingħajr periklu l-makkinarju fuq barra; id-daqs massimu tal-biċċiet u t-tip tal-materjal li jistgħu jinħadmu mill-għodod tal-magni.

L-użu intiż tal-makkinarju huwa l-użu ddefinit u deskritt fl-istruzzjonijiet tal-fabbrikant – ara §263: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (g).

***1.1.1 Tifsiriet** (ikompli)*

. . .

(i) "użu ħażin previst b'mod raġonevoli" tfisser l-użu tal-makkinarju b'mod mhux intiż fl-istruzzjonijiet tal-użu, li jista' jirriżulta minn mġieba tal-bniedem li tista' tkun prevista faċilment.

§172 Użu ħażin previst b'mod raġonevoli

L-ewwel pass tal-proċess tal-istima tar-riskju deskritt fil-Prinċipju Ġenerali 1 jirrikjedi wkoll li l-fabbrikant iqis l-użu ħażin tal-makkinarju prevedibbli b'mod raġonevoli. Il-fabbrikant tal-makkinarju ma jistax ikun mistenni li jqis l-użu ħażin tal-makkinarju potenzjali kollu. Madankollu, ċerti tipi ta' użu ħażin, kemm intenzjonali kif ukoll mhux intenzjonali, huma prevedibbli fuq il-bażi tal-esperjenza tal-użu fil-passat tal-istess tip ta' makkinarju jew ta' makkinarju simili, tal-investigazzjonijiet dwar l-aċċidenti u tat-tagħrif dwar l-imġiba umana – ara §173: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.1.2 (a), §175: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (c), u §263: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (h).

L-istandard EN ISO 12100-1 jagħti l-eżempji li ġejjin tat-tipi ta' użu ħażin jew tal-imġiba umana faċilment prevedibbli li jista' jkun li jkollhom jitqiesu:

– it-telf ta' kontroll tal-magna mill-operatur;

– l-imġiba istintiva ta' persuna fil-każ ta' funzjonament ħażin, inċident jew ħsara waqt l użu tal-magna;

– l-imġiba li tirriżulta minn nuqqas ta' konċentrazzjoni jew traskuraġni;

– l-imġiba li tirriżulta mill-għażla tal-aktar metodu faċli għat-twettiq ta' kompitu;

– l-imġiba li tirriżulta minn pressjoni biex il-makkinarju jinżamm jaħdem fiċ-ċirkustanzi kollha;

– l-imġiba ta' ċerti persuni bħal m'huma t-tfal.

Tali imġiba tista' tirriżulta f'firxa ta' sitwazzjonijiet ta' użu ħażin, bħal, pereżempju, l-użu ta' krejn jew MEWP mingħajr l-iskjerament tal-istabbilizzaturi; bibien jitħallew miftuħin fuq trakkijiet li jġorru t-terrapien fit-temp sħun u b'hekk ikun iddiżattivat it-tagħmir tal-iffiltrar tal-arja u tal-kontroll tal-istorbju; żewġ persuni joperaw pressa ddisinjata għall-użu minn persuna waħda.

Trid tingħata attenzjoni partikolari għall-fatturi li jistgħu jwasslu għat-tneħħija, l-inkapaċitazzjoni jew id-diżattivazzjoni tal-mezzi ta' lqugħ u l-apparat protettiv – ara §216: kummenti dwar is-sezzjoni 1.4.1.

1.1.2 Prinċipji ta' integrazzjoni ta' sigurtà

(a) Il-makkinarju għandu jkun iddisinnjat u mibni sabiex ikun adattat għall-funzjoni tiegħu, u jista' jitħaddem, ikun aġġustat u miżmum mingħajr ma jpoġġi lil persuni f'riskju meta jsiru dawn l-operazzjonijiet taħt il-kondizzjonijiet previsti iżda filwaqt li jittieħed kont ukoll ta' kwalunkwe użu ħażin tiegħu previst b'mod raġonevoli.

L-iskop tal-miżuri meħuda għandu jkun li jiġi eliminat kwalunkwe riskju matul il-ħajja prevista tal-makkinarju inklużi l-fażijiet tat-trasport, il-muntatura, l-iżmuntatura, l-inkapaċitazzjoni u r-rimi.

. . .

§173 Prinċipji tal-integrazzjoni tas-sigurtà

Is-sezzjoni 1.1.2, li tistipula l-prinċipji tal-integrazzjoni tas-sigurtà, kultant imsejħa *sigurtà permezz tad-disinn*, hija sezzjoni ewlenija tal-Anness I. Is-sezzjoni 1.1.2 tistipula metodoloġija bażika għad-disinn u l-kostruzzjoni ta' makkinarju mingħajr periklu li hija fundamentali għall-mudell tad-Direttiva dwar il-Makkinarju.[103] Il-Prinċipju Ġenerali 2 jiddikjara li dan l-EHSR huwa applikabbli għall-makkinarju kollu. Meta jkunu applikati l-EHSRs l-oħra, il-prinċipji tal-integrazzjoni tas-sigurtà stipulati fis-sezzjoni 1.1.2 iridu jkunu segwiti.

[103] EN ISO 12100-1:2003 + A1:2009 – *Is-sigurtà tal-makkinarju – Kunċetti bażiċi, prinċipji ġenerali għad-disinn* - Parti 1*: Terminoloġija bażika, metodoloġija* (ISO 12100-1:2003);
EN ISO 12100-2:2003 + A1:2009 – *Is-sigurtà tal-makkinarju – Kunċetti bażiċi, prinċipji ġenerali għad-disinn* - Parti 2*: Prinċipji tekniċi* (ISO 12100-2:2003).

Is-sezzjoni 1.1.2 (a) l-ewwel tiddikjara li l-makkinarju jrid jitwaħħal skont il-funzjoni tiegħu. Id-Direttiva dwar il-Makkinarju hija primarjament ikkonċernata bis-sigurtà u ma fihiex rekwiżiti speċifiċi li jirrelataw mal-prestazzjoni tal-makkinarju. Ġeneralment jitqies li l-prestazzjoni tal-makkinarju hija soġġett li għandu jitħalla għas-suq u li l-utenti jagħżlu l-makkinarju bil-karatteristiċi tal-prestazzjoni adattati għall-ħtiġijiet tagħhom. Madankollu l-abbiltà tal-makkinarju li jwettaq il-funzjoni tiegħu korrettement taffettwa s-sigurtà minħabba li l-funzjonament mhux adegwat tal-makkinarju jista' jwassal għal sitwazzjonijiet perikoluż jew jista' jwassal għal użu ħażin.

Is-sezzjoni 1.1.2 (a) imbagħad tistipula l-objettiv ġenerali li l-makkinarju jrid ikun iddisinjat u mibni b'mod li jkun jista' jiġi mħaddem, aġġustat u miżmum mingħajr ma jpoġġi lill-persuni f'riskju. It-terminu *'persuni'* tkopri kemm l-operaturi kif ukoll kwalunkwe persuna esposta oħra – ara §166 u §167: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.1.1 (c) u (d). Sabiex jinkiseb dan l-objettiv, il-fabbrikant irid jikkunsidra kemm il-kundizzjonijiet ta' użu intiżi, kif ukoll kwalunkwe użu ħażin prevedibbli b'mod raġonevoli tal-makkinarju – ara §172: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.1 (i).

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.1.2 (a) jistipula l-objettiv ta' prevenzjoni tar-riskji matul iż-żmien tal-użu prevedibbli tal-makkinarju, inklużi l-fażijiet tat-trasport, il-muntatura, l-iżmuntar, l- inkapaċitazzjoni u r-rimi. Minn naħa waħda, dan ir-rekwiżit jimplika li l-komponenti u l-muntaturi rrelatati mas-sigurtà jridu jkunu qawwija u durabbli biżżejjed – ara §207: kummenti dwar is-sezzjoni 1.3.2, §339 sa §341: kummenti dwar is-sezzjonijiet 4.1.2.3, 4.1.2.4, 4.1.2.5, u §369: kummenti dwar is-sezzjoni 6.1.1 - u li jridu jingħataw struzzjonijiet adegwati rigward il-manutenzjoni u s-sostituzzjoni ta' komponenti soġġetti għall-kidd u d-deterjorament – ara §272: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (r). Min-naħa l-oħra, dan il-paragrafu jirrikjedi li l-fabbrikant jindirizza mhux biss ir-riskji ġġenerati matul it-tħaddim, l-issettjar u l-manutenzjoni tal-makkinarju imma wkoll matul il-fażijiet l-oħra tul iż-żmien tal-użu tal-makkinarju:

it-trasport

Il-miżuri ta' prevenzjoni tar-riskji assoċjati mat-trasport tal-makkinarju jinkludu, pereżempju:

- id-disinn tal-makkinarju biex jitħaffef l-immaniġġjar tiegħu – ara §180: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.5;
- il-miżuri biex tkun żgurata l-istabbiltà tal-makkinarju matul it-trasport – ara §206: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.3.1, u kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.2.1;
- il-miżuri biex tkun żgurata saħħa mekkanika adegwata matul it-trasport – ara §338: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.2.3;
- il-provvediment ta' struzzjonijiet għal trasport mingħajr periklu – ara §269 u §270: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.7.4.2 (o) u (p).

Tali miżuri huma partikolarment importanti għal makkinarju intiż biex ikun ittrasportat bejn siti suċċessivi matul iż-żmien tal-użu tal-makkinarju.

il-muntatura u l-iżmuntar

Id-disinn tal-makkinarju biex jitħaffu l-muntatura u l-iżmuntar huwa wkoll partikolarment importanti fil-każ tal-makkinarju intiż għal installazzjoni temporanja f'siti

suċċessivi matul iż-żmien tal-użu tal-makkinarju. Il-miżuri li jridu jittieħdu jinkludu, pereżempju:

- il-prevenzjoni ta' żbalji fit-tgħammir – ara §225: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.4;
- il-provvediment ta' struzzjonijiet adegwati – ara §264 u §269: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.7.4.2 (i) u (o).

l-inkapaċitazzjoni u r-rimi

Id-Direttiva dwar il-Makkinarju ma tinkludix rekwiżiti rrelati għar-rimi, ir-riċiklar jew l-użu mill-ġdid tal-komponenti tal-makkinarju jew tal-materjali meta l-makkinarju jintrema.

Il-miżuri msemmija fit-tieni paragrafu għall-prevenzjoni tar-riskji matul l-inkapaċitazzjoni u r-rimi tal-makkinarju fi tmien iż-żmien tal-użu tal-makkinarju huma dawk li jistgħu jitwettqu mill-fabbrikant tal-makkinarju. Tali miżuri jistgħu jinkludu, pereżempju, li jkun żgurat li l-partijiet li fihom sustanzi perikoluži huma mmarkati adegwatament u indelibilment, biex ikun żgurat li s-sustanzi perikoluži li hemm fil-makkinarju jistgħu jkunu evakwati mingħajr periklu u jkun żgurat li kwalunkwe enerġija maħżuna tkun tista' tintrema meta l-makkinarju jkun inkapaċitat, sabiex ikunu evitati l-perikli matul ir-rimi – ara §178: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.3.

***1.1.2 Prinċipji tal-integrazzjoni tas-sigurtà** (ikompli)*

. . .

(b) Meta jkun qiegħed jagħżel l-aktar metodi xierqa, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu japplika l-prinċipji li ġejjin, fl-ordni li ġej:

— sa fejn ikun possibbli jelimina jew inaqqas ir-riskji (disinn u kostruzzjoni tal-makinnarju mhux perikoluži b'mod inerenti),

— jieħu l-miżuri protettivi neċessarji fir-rigward tar-riskji li ma jistgħux ikunu eliminati,

— jinforma lill-utenti tar-riskji residwi li jiġu minn kwalunkwe nuqqasijiet fil-miżuri protettivi adottati, jindika jekk hemmx il-bżonn ta' xi taħriġ partikolari u jispeċifika kwalunkwe bżonn li jipprovdi tagħmir protettiv personali.

. . .

§174 Il-metodu bi tliet passi

Is-sezzjoni 1.1.2 (b) tistipula l-mudell li jrid ikun adottat meta jiġu ddeterminati l-miżuri li jridu jitwettqu biex ikunu ttrattati r-riskji li ġew identifikati u evalwati permezz tal-istima tar-riskju deskritta fil-Prinċipju Ġenerali 1. It-tliet passi suċċessivi jitpoġġew f'ordni ta' prijorità, li spiss jissejjaħ il-metodu bi tliet passi:

Pass 1 = l-ewwel prijorità	-	*Miżuri ta' disinn mhux perikoluż b'mod inerenti*
Pass 2 = it-tieni prijorità	-	*Miżuri protettivi tekniċi*

Pass 3 = it-tielet prijorità - Informazzjoni għall-utenti

Din l-ordni ta' prijorità trid tkun applikata meta jingħażlu l-miżuri biex jiġi indirizzat riskju partikolari sabiex tkun issodisfatta l-EHSR korrispondenti. Għaldaqstant, il-fabbrikant irid jeżawrixxi l-miżuri kollha possibbli ta' disinn sikur b'mod inerenti qabel jirrikorri għal miżuri protettivi. Bl-istess mod, irid jeżawrixxi l-miżuri protettivi possibbli qabel iserraħ fuq twissijiet u struzzjonijiet lill-operaturi. L-applikazzjoni tal-metodu bi tliet passi trid tqis b'mod xieraq ukoll l-aħħar teknoloġija – ara §161: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 3.

Pass 1 = l-ewwel prijorità

L-ewwel prijorità tingħata lill-miżuri ta' disinn sikur b'mod inerenti għax huma aktar effettivi minn miżuri protettivi jew twissijiet. Xi eżempji ta' miżuri ta' disinn sikur b'mod inerenti huma, pereżempju:

- l-eliminazzjoni totali tal-periklu, pereżempju, is-sostituzzjoni tal-fluwidu idrawliku fjammabbli b'tip mhux fjammabbli – ara §178: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.3;
- l-iddisinnjar tas-sistema ta' kontroll u l-mezzi ta' kontroll sabiex ikun żgurat tħaddim mingħajr periklu – ara §184 sa §185: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.2, u §297 u §298: kummenti dwar is-sezzjoni 3.3;
- l-istabbiltà inerenti tal-makkinarju hija żgurata permezz tal-forma tiegħu u d-distribuzzjoni tal-mases – ara §206: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.3.1;
- il-partijiet aċċessibli tal-makkinarju huma żgurati li m'għandhomx xfarijiet jaqtgħu jew uċuħ ħorox – ara §209: kummenti dwar is-sezzjoni 1.3.4;
- distanza suffiċjenti hija żgurata bejn il-partijiet li jiċċaqalqu u dawk fissi tal-magna biex ikun evitat ir-riskju ta' tgħaffiġ – ara §212: kummenti dwar is-sezzjoni 1.3.7;
- evitati l-uċuħ aċċessibbli b'temperaturi estremi – ara §226: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.5;
- tnaqqis fl-emissjonijiet ta' storbju, vibrazzjonijiet, radjazzjoni jew sustanzi perikoluż fis-sors – ara §229: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.8, §231: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.9, §232: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.10, u §235: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.13;
- tnaqqis, fejn hu possibbli, tal-veloċità u s-saħħa tal-partijiet li jiċċaqalqu jew tal-veloċità taċ-ċaqliq tal-makkinarju nnifsu;
- l-illokazzjoni tal-partijiet perikoluż tal-makkinarju f'postijiet inaċċessibbli – ara §212: kummenti dwar is-sezzjoni 1.3.7;
- l-illokazzjoni tal-punti ta' aġġustament u manutenzjoni 'l barra miż-żoni ta' periklu – ara §239: kummenti dwar is-sezzjoni 1.6.1 tal-Anness I.

Pass 2 = it-tieni prijorità

Meta ma jkunx possibbli li jkunu eliminati l-perikli jew jitnaqqsu suffiċjentement ir-riskji permezz ta' miżuri ta' disinn sikur b'mod inerenti, it-tieni prijorità tingħata lil miżuri protettivi tekniċi biex ma jħallux li l-persuni jkunu esposti għall-perikli. Xi eżempji ta' miżuri protettivi tekniċi huma, pereżempju:

- mezzi ta' lqugħ: mezzi ta' lqugħ fissi, mezzi ta' lqugħ mobbli li jillokkjaw ma' xulxin b'mezzi ta' lqugħ li jillokkjaw meta jkun meħtieġ jew mezzi ta' lqugħ aġġustabbli li jirrestringu l-aċċess – ara §218 sa §220: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.4.2.1 to 1.4.1.3;
- apparat protettiv – ara §221: kummenti dwar is-sezzjoni 1.4.3;
- l-iżolament tal-partijiet elettriċi li minnhom għaddej id-dawl – ara §222: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.1;
- għeluq tas-sorsi tal-istorbju – ara §229: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.8;
- trażżin tal-vibrazzjonijiet – ara §231: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.9;
- konteniment jew evakwazzjoni ta' sustanzi perikoluż – ara §235: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.13;
- mezzi biex jikkumpensaw għan-nuqqas ta' viżibiltà diretta – ara §294: kummenti dwar is-sezzjoni 3.2.1;
- strutturi protettivi kontra r-riskju ta' qlib fil-ġenb jew 'il quddiem jew lura jew ir-riskju ta' oġġetti li jaqgħu – ara §315 u §316: kummenti dwar is-sezzjonijiet 3.4.3 u 3.4.4;
- stabbilizzaturi – ara §335: kummenti dwar is-sezzjonijiet 4.1.2.1.

Pass 3 = it-tielet prijorità

Finalment, għar-riskji residwi li ma jistgħux jitnaqqsu adegwatament b'miżuri ta' disinn sikur b'mod inerenti jew b'miżuri protettivi tekniċi, trid tingħata informazzjoni lill-persuni esposti, fil-forma ta' twissijiet, sinjali u informazzjoni fuq il-makkinarju, u lill-utenti fl-istruzzjonijiet sabiex ikunu jistgħu jittieħdu l-prekawzjonijiet u l-miżuri meħtieġa mill-utenti.[104] Xi eżempji ta' tali twissijiet u struzzjonijiet huma:

- Informazzjoni jew twissijiet fuq il-makkinarju f'forma ta' simboli jew simboli bl-istampi – ara §245: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.1;
- sinjali ta' twissija akustiċi jew tad-dawl – ara §248: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.1.2;
- indikazzjoni tal-massa tal-makkinarju jew partijiet minnu li trid tkun immaniġġjata b'tagħmir tal-irfigħ matul il-fażijiet differenti taż-żmien tal-użu prevedibbli – ara l-kummenti dwar is-sezzjoni – ara §253: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.3;
- twissija kontra l-użu tal-makkinarju minn ċerti persuni bħal, pereżempju, żgħażagħ taħt ċerta età – ara §263: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (g);
- informazzjoni rrelatata mal-muntatura u l-installazzjoni mingħajr periklu tal-makkinarju – ara §264: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (i);

[104] Tali miżuri huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 89/391/KEE kif emendata dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħoL (id-Direttiva "Qafas") u għad-Direttivi individwali adottati fi ħdan dan il-qafas – ara §140, kummenti dwar l-Artikolu 15.

- l-ispeċifikazzjoni tal-ħtieġa li jkunu pprovduti l-informazzjoni u t-taħriġ meħtieġa lill-operaturi – ara §266: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (k).
- informazzjoni dwar il-miżuri protettivi kumplimentari li jridu jitwettq fil-post tax-xogħol – ara §267: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (l);
- l-ispeċifikazzjoni tal-ħtieġa li jkun ipprovdut it-tagħmir protettiv personali adattat lill-operaturi u jkun żgurat li jintuża – ara §267: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (m).[105]

Il-provvediment ta' twissijiet u struzzjonijiet għall-użu jitqies bħala parti integrali mid-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju. Madankollu, il-fatt li dan it-tielet pass huwa l-aħħar wieħed fl-ordni tal-prijorità mogħti fis-sezzjoni 1.1.2 (b) jimplika li t-twissijiet u l-istruzzjonijiet m'għandhomx ikunu sostituti għall-miżuri ta' disinn sikur b'mod inerenti u l-miżuri protettivi tekniċi meta dawn huma possibbli, meta wieħed iqis l-aħħar teknoloġija.

***1.1.2 Prinċipji ta' integrazzjoni ta' sigurtà** (ikompli)*

. . .

(c) Meta jkun qiegħed jiddisinna u jibni l-makkinarju u meta jkun qiegħed jabbozza l-istruzzjonijiet, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ma għandux jikkunsidra l-użu intiż tal-makkinarju biss iżda wkoll kwalunkwe użu ħażin tiegħu previst b'mod raġonevoli.

Il-makkinarju għandu jkun iddisinnjat u mibni b'mod li jevita l-użu mhux normali jekk dan l-użu jista' jqajjem riskju. Fejn ikun xieraq, l-istruzzjonijiet għandhom jiġbdu l-attenzjoni tal-utent għall-metodi – li l-esperjenza wriet li jista' jkun hemm – kif il-makkinarju ma għandux jintuża.

. . .

§175 Prevenzjoni ta' użu anormali

Is-sezzjoni 1.1.2 (c) issegwi loġikament mis-sezzjoni 1.1.2 (a). Minħabba li l-fabbrikant tal-makkinarju jrid jipprevedi kemm l-użu intiż tal-makkinarju kif ukoll l-użu ħażin prevedibbli b'mod raġonevoli - ara §172: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.1 (i) – iridu jittieħdu wkoll miżuri għall-prevenzjoni tal-użu anormali prevedibbli li jista' joħloq xi riskju. Dawn il-miżuri jridu jingħażlu skont l-ordni ta' prijorità stipulat fis-sezzjoni 1.1.2 (b). Għaldaqstant, il-fabbrikant irid sa fejn hu possibbli jevita l-użu anormali prevedibbli tal-mezzi tekniċi. Eżempji ta' tali mezzi jinkludu, pereżempju:

- il-provvediment ta' mezzi għar-restrizzjoni tat-tħaddim tal-makkinarju jew ta' ċerti mezzi ta' kontroll għal persuni awtorizzati – ara §204: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.5, u §297: kummenti dwar is-sezzjoni 3.3;
- l-iddisinnjar tal-makkinarju biex ikunu evitati żbalji fit-tgħammir – ara §225: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.4;

[105] Il-provvediment ta' tagħmir protettiv personali fuq il-post tax-xogħoL huwa soġġett għad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għall-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol.

- it-tgħammir ta' mezzi biex ikun evitat iċ-ċaqliq ta' makkinarju mobbli meta x-xufier ma jkunx fil-kontrolli – ara §304: kummenti dwar is-sezzjoni 3.3.2;
- it-tgħammir ta' mezzi biex ikun evitat it-tħaddim tal-makkinarju qabel ikunu f'posthom l-istabbilizzaturi – ara §335: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.2.1;
- it-tgħammir ta' mezzi biex ikun evitat piż żejjed fuq il-makkinarju tal-irfigħ – ara §354: kummenti dwar is-sezzjonijiet 4.2.2, u §370: kummenti dwar is-sezzjoni 6.1.2.

Meta jibqa' riskju residwu ta' użu ħażin prevedibbli li ma jistax ikun evitat kompletament b'tali mezzi tekniċi, iridu jingħataw twissijiet adattati fuq il-makkinarju – ara §249: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.2 – u fl-istruzzjonijiet – ara §263: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (h).

***1.1.2 Prinċipji ta' integrazzjoni ta' sigurtà** (ikompli)*

. . .

(d) Il-makkinarju għandu jkun iddisinnjat u mibni sabiex jittieħed kont tar-restrizzjonijiet li għalihom hu suġġett l-operatur bħala riżultat tal-użu neċessarju jew li jista' jiġi previst tat-tagħmir protettiv personali;.

. . .

§176 Restrizzjonijiet minħabba l-użu ta' TPP

Is-sezzjoni 1.1.2 (d) tittratta element partikolari tal-użu intiż tal-makkinarju. Operaturi tal-makkinarju jistgħu jkunu meħtieġa jilbsu jew iġorru tagħmir protettiv personali (TPP) biex jittrattaw perikli residwi ġġenerati mill-makkinarju nnifsu, bħal, pereżempju, protezzjoni tas-smigħ biex jipproteġu kontra l-emissjonijiet ta' storbju jew protezzjoni tal-għajnejn biex jipproteġu kontra r-riskju ta' projezzjonijiet ta' sustanzi jew oġġetti perikoluż. Huma jistgħu jkunu wkoll meħtieġa jużaw it-TPP bħala protezzjoni kontra l-perikli li mhumiex iġġenerati mill-makkinarju imma li huma preżenti fl-ambjent li fih huwa użat il-makkinarju. Pereżempju, l-operaturi tal-makkinarju jista' jkollhom jilbsu xedd is-saqajn protettiv biex jipproteġu sieqhom kontra x-xokkijiet u oġġetti li jaqtgħu fis-sit tal-kostruzzjoni jew fil-post tax-xogħol fejn jintuża l-makkinarju. L-operaturi tal-makkinarju jista' jkollhom jilbsu ingwanti, ħwejjeġ u xedd is-saqajn protettivi jekk il-makkinarju jintuża f'atmosferi kesħin jew sħan jew f'kundizzjonijiet tat-temp ħżiena.
Id-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju u, b'mod partikolari, id-disinn, l-ippożizzjonar u d-dimensjonijiet tal-mezzi ta' kontroll, iridu jqisu r-restrizzjonijiet li l-operatur potenzjalment jista' jkun soġġett għalihom minħabba dan l-użu tat-TPP. Pereżempju, fuq makkinarju ddisinnjat biex jintuża f'kundizzjonijiet kiesħa, l-ispazjar, id-daqs u d-disinn tal-pedali tas-saqajn għandhom ikunu tali li jakkomodaw l-ilbies ta' buts kbir – ara §300: kummenti dwar is-sezzjoni 3.3.1.

***1.1.2 Prinċipji ta' integrazzjoni ta' sigurtà** (ikompli)*

. . .

(e) Il-makkinarju għandu jkun fornit bit-tagħmir u l-aċċessorji speċjali kollha essenzjali sabiex dan ikun jista' jiġi aġġustat, miżmum u użat b'mod li mhux perikoluż.

§177 Tagħmir u aċċessorji speċjali

Is-sezzjoni 1.1.2 (e) ma tirrikjedix lill-fabbrikanti tal-makkinarju li jfornu għodod u tagħmir standard meħtieġa għal operazzjonijiet ta' aġġustament u manutenzjoni (turnaviti, spaners, renċis, għodod tal-irfigħ u apparat simili) li jistgħu jintużaw ma' tipi differenti ta' makkinarju. Madankollu, jekk l-aġġustament, il-manutenzjoni jew l-użu mingħajr periklu tal-makkinarju jkun jirrikjedi l-użu ta' tagħmir jew aċċessorji li huma speċifiċi għall-makkinarju kkonċernat, il-fabbrikant tal-makkinarju jrid jagħmel dan it-tagħmir jew l-aċċessorji disponibbli mal-makkinarju. Tali tagħmir speċjali jista' jinkludi, pereżempju, il-mezzi għat-tneħħija ta' partijiet tal-makkinarju minħabba t-tindif jew mezzi għat-tidħil jew it-tagħbija u l-ħatt ta' biċċiet li qegħdin jinħadmu.

1.1.3 Materjali u prodotti

Il-materjali użati fil-kostruzzjoni tal-makkinarju jew il-prodotti użati jew maħluqa matul l-użu tiegħu ma għandhomx jipperikolaw is-sigurtà jew is-saħħa tal-persuni. B'mod partikolari, fejn jintużaw likwidi, il-makkinarju għandu jkun ddisinnjat u mibni sabiex jevita r-riskji minħabba l-mili, l-użu, l-irkupru jew it-tbattil.

§178 Materjali u prodotti użati

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.1.3 jittratta diversi tipi ta' riskju:

a) Riskji dovuti għal materjali jew prodotti użati biex jinbena l-makkinarju bħal, pereżempju, il-metall, il-plastik, it-tessuti jew iż-żebgħa.

   Trid tingħata attenzjoni lir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-operaturi jew persuni esposti oħra minħabba l-kuntatt ma' dawn il-materjali jew, pereżempju, minħabba sustanzi perikoluż li jistgħu jkunu emessi minn dawn il-materjali meta jisħnu, ikunu ddisturbati jew soġġetti għall-kidd. Sa fejn hu possibbli, dawn ir-riskji jridu jkunu evitati permezz tal-għażla ta' materjali sikuri għall-bini tal-makkinarju.

b) Ir-riskji dovuti għal materjali jew prodotti użati mill-makkinarju bħall-fjuwils, il-lubrikanti, il-fluwidi idrawliċi, il-kimiċi, l-elettrolit tal-batterija, l-ilma, l-istim, l-arja kkompressata u oħrajn.

   Tali riskji jistgħu jkunu eliminati jew imnaqqsa meta l-makkinarju jkun iddisinnjat biex juża materjali jew prodotti sikuri jew billi l-materjali jew il-prodotti perikoluż jiġu ssostitwiti b'dawk inqas perikoluż. L-istruzzjonijiet tal-fabbrikant iridu jispeċifikaw il-materjali jew il-prodotti adattati li jridu jintużaw mal-makkinarju. Meta jibqa' r-riskji, iridu jittieħdu miżuri protettivi għall-protezzjoni tal-operaturi kontra l-espożizzjoni għal materjali jew prodotti perikoluż użati mill-makkinarju, pereżempju, billi jkun żgurat li mhumiex aċċessibbli jew billi jkunu magħluqa b'mod adegwat. Meta jkun meħtieġ, iridu jingħataw twissijiet xierqa fuq il-makkinarju u fl-istruzzjonijiet.

   It-tieni sentenza tas-sezzjoni 1.1.3 tenfasizza elementi partikolari li jridu jitqiesu meta jintużaw il-fluwidi. Il-miżuri li jridu jittieħdu biex ikunu evitati r-riskji minħabba l-mili, l-użu, l-irkupru jew it-tbattil tal-fluwidi jinkludu, pereżempju, il-lokazzjoni u disinn adattati ta' tankijiet u tankijiet ta' riserva u tal-punti tal-mili u t-tbattil tagħhom u t-twaħħil ta' trej ta' ritensjoni taħt it-tagħmir idrawliku jekk in-nixxijat ma jistgħux ikunu evitati għal kollox. Meta t-tankijiet ikunu bi pressjoni għolja,

iridu jkunu pprovduti b'mezzi li jnaqqsuhom għal pressjoni mingħajr periklu u għall-kontroll tal-pressjoni qabel il-ftuħ tal-punti tal-mili jew tat-tbattil.

c) Riskji minħabba l-materjali jew il-prodotti maħduma, ipproċessati jew ittrasformati mill-makkinarju, bħall-metalli, il-gomma, il-plastik, l-injam, l-oġġetti tal-ikel, il-kożmetiċi u affarijiet simili.

   Il-fabbrikant tal-makkinarju jrid iqis il-materjali li se jinħadmu mill-makkinarju u jwettaq miżuri biex jevita riskji minħabba perikli bħal, pereżempju, xfarijiet li jaqtgħu, skaldi, frammenti mitfugħa 'l barra jew materjali sħan jew kesħin.

d) Riskji minħabba materjali jew prodotti maħluqa matul l-użu tal-makkinarju. Tali materjali jistgħu jkunu l-prodotti intiżi tal-makkinarju jew prodotti sekondarji jew skart bħal, pereżempju, il-laqx, it-tqaxxir, id-dħaħen jew it-trab.

   Għandu jkun osservat li r-referenza fis-sezzjoni 1.1.3 għal "*riskji minħabba … il-prodotti maħluqa matul l-użu*" tal-makkinarju ma tikkonċernax is-sigurtà ta' prodott tal-prodotti maħduma mill-makkinarju.

Ċerti aspetti tar-riskji msemmija f'(a) sa (d) hawn fuq huma soġġetti għal EHSRs speċifiċi – ara §208: kummenti dwar is-sezzjoni 1.3.3 dwar riskji minħabba oġġetti li jaqgħu jew li jintefgħu 'l barra, §226: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.5 dwar temperaturi estremi, §227: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.6 dwar ir-riskju ta' nar, § 228: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.7 dwar ir-riskju ta' splużjoni, u §235: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.13 dwar emissjonijiet ta' materjali u sustanzi perikoluż.

1.1.4 Dawl

Il-makkinarju għandu jkollu dawl integrali adattat għall-operazzjonijiet relevanti fejn in-nuqqas ta' dan x'aktarx joħloq riskju minkejja d-dawl fl-ambjent ta' intensità normali.

Il-makkinarju għandu jkun ddisinnjat u mibni sabiex ma jkunx hemm żoni ta' dell li x'aktarx joħolqu inkonvenjent, li ma jkunx hemm tgħammix li jdejjaq u li ma hemmx effetti stroboskopiċi perikoluż fuq il-partijiet li jiċċaqilqu minħabba l-produzzjoni tad-dawl.

Il-partijiet interni li jeħtieġu spezzjoni u aġġustament ta' spiss, u ż-żoni ta' manutenzjoni għandu jkollhom produzzjoni tad-dawl xierqa.

§179 Dawl integrali

Il-fabbrikant tal-makkinarju huwa intitolat li jassumi li d-dawl tal-ambjent fil-post tal-użu huwa ta' intensità normali. Intensità normali tista' tkun identifikata, pereżempju, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-livelli għal postijiet tax-xogħol fuq ġewwa u fuq barra indikati fl-istandards EN 12164, il-partijiet 1 u 2.[106]

L-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.1.4 jirrikjedi lill-fabbrikant li jipprovdi dawl integrali lill-makkinarju meta d-dawl tal-ambjent normali probabbilment ma jkunx adegwat biex jiżgura t-tħaddim tal-makkinarju mingħajr periklu. Tali dawl jista' jkun meħtieġ,

[106] EN 12464-1:2002 - *DawL u tidwiL – TidwiL tal-postijiet tax-xogħoL - Parti 1: Postijiet tax-xogħoL fuq ġewwa;*
EN 12464-2:2007 – TidwiL ta' postijiet tax-xogħoL - Parti 2: Postijiet tax-xogħoL fuq barra.

pereżempju, f'postijiet tax-xogħol li probabbilment ikunu fid-dell jew f'postijiet tax-xogħol jew kabini magħluqin jew koperti. Tali dawl jista' jkun meħtieġ ukoll meta l-kompiti viżwali tal-operaturi jirrikjedu livell ogħla ta' luminożità milli hija pprovduta mid-dawl tal-ambjent. It-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.1.4 jżid ir-rekwiżit għal dawl integrali għall-partijiet ta' ġewwa li l-aċċess għalihom huwa meħtieġ ta' spiss għal skopijiet ta' spezzjoni, aġġustament u manutenzjoni.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.1.4 jikkonċerna d-disinn tad-dawl integrali, biex ikun żgurat li ma jiġġenerax perikli oħra.

L-ispeċifikazzjonijiet għad-dawl integrali huma mogħtija fl-istandard EN 1837.[107]

1.1.5 Id-disinn tal-makkinarju sabiex ikun faċilitat l-immaniġġar tiegħu

Il-makkinarju, jew kull parti komponenti tiegħu, għandu:

— *jkun jista' jiġi mmaniġġjat, u jiġi trasportat mingħajr periklu,*

— *jkun ippakkjat jew iddisinnjat sabiex ikun jista' jinħażen mingħajr periklu u mingħajr ħsara..*

Matul it-trasportazzjoni tal-makkinarju u/jew tal-partijiet komponenti tiegħu, ma għandux ikun hemm il-possibbiltà ta' moviment f'salt jew ta' periklu minħabba l-instabbiltà sakemm il-makkinarju u/jew il-partijiet komponenti tiegħu jkunu mmaniġġjati skont l-istruzzjonijiet.

Fejn il-piż, id-daqs jew il-forma tal-makkinarju jew tal-partijiet komponenti varji tiegħu ma jħallihomx jiġu mċaqilqa bl-idejn, il-makkinarju jew kull parti komponent tiegħu għandu:

— *jew ikunu mgħammra b'aċċessorji li jippermettu li jinqabdu permezz ta' mezz għall -irfigħ, jew*

— *ikunu ddisinnjati sabiex ikunu jistgħu jkunu mgħammra b'dawn l-aċċessorji, jew*

— *ikunu ffurmati b'tali mod li t-tagħmir tal-irfigħ standard jista' jitwaħħal faċilment.*

Fejn il-makkinarju jew wieħed mill-partijiet komponenti tiegħu għandhom jiġu mressqa bl-idejn, għandhom:

— *ikunu jistgħu jiġu mressqa faċilment, jew*

— *ikunu mgħammra sabiex jintrefgħu u jiġu mressqa b'mod mhux perikoluż.*

Għandhom isiru arranġamenti speċjali għall-immaniġġar tal-għodod u/jew il-partijiet tal-makkinarju, li, wkoll jekk ikunu ħfief, jistgħu jkunu perikoluż.

§180 *Immaniġġjar tal-makkinarju u partijiet tal-makkinarju*

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 1.1.5 għandhom ikunu applikati fuq il-bażi ta' analiżi tal-fażijiet differenti taż-żmien tal-użu tal-makkinarju kkonċernat – ara §173: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (a).

Is-sezzjoni 1.1.5 tapplika għal 'makkinarju jew kull parti komponenti tiegħu'. Dan ma jfissirx li l-partijiet kollha tal-makkinarju jridu jkunu ddisinnjati għal immaniġġjar

[107] EN 1837:1999+A1:2009 **–** *Sigurtà ta' makkinarju - TidwiL integrali ta' magni.*

mingħajr periklu, imma biss dawk il-partijiet tal-makkinarju, jew il-makkinarju nnifsu, li jista' jkollhom jiġu mmaniġġjati separatament.

Makkinarju li jinġarr fl-idejn u/jew makkinarju ggwidat bl-idejn huwa soġġett għal rekwiżiti speċifiċi – ara §278: kummenti dwar is-sezzjoni 2.2.1.

L-immaniġġjar tal-makkinarju jew ta' partijiet tal-makkinarju ta' spiss jitwettaq matul fażijiet li mhumiex tħaddim normali bħal, pereżempju, it-trasport, it-tagħbija u l-ħatt, il-muntatura, l-installazzjoni, l-iżmuntar, l-issettjar jew il-manutenzjoni. Għodda mħaddma bid-dawl miżmuma fl-idejn intiża għall-użu mill-konsumatur, pereżempju, trid tkun ippakkjata b'mod li tkun ittrasportata, maħżuna waqt id-distribuzzjoni u meħuda d-dar mill-konsumatur mingħajr periklu. Għodda tal-magni, pereżempju, trid tkun ippakkjata biex tinġarr sal-bini tal-utent u ddisinnjata u mibnija b'mod li tista' titgħabba, tinġarr, tinħatt u tiġi mċaqalqa għall-post tal-installazzjoni. Il-partijiet tqal tal-makkinarju bħal, pereżempju il-forma ta' magna li tagħti l-forma permezz ta' injezzjoni jew il-forma ta' pressa li taħdem il-metall, jista' jkollhom bżonn jinbidlu spiss, skont ix-xogħol li jrid jitwettaq.

Makkinarju intiż biex ikun installat f'siti suċċessivi matul iż-żmien tal-użu tal-makkinarju, bħal, pereżempju, krejnijiet tat-tip tawer, irid ikun iddisinnjat b'mod li l-elementi tiegħu jkunu jistgħu jiġu mmaniġġjati mingħajr periklu matul il-muntatura u meta jiżżarma u jitgħabba u jintrabat mingħajr periklu fuq il-mezzi tat-trasport bejn is-siti tal-installazzjoni. Attenzjoni speċjali għandha tingħata lill-partijiet li jistgħu jsiru instabbli matul il-ġarr, pereżempju, fuq trakk li jivvjaġġa fuq art imħarbta. L-istruzzjonijiet tat-tagħbija huma meħtieġa u, f'xi każijiet, jista' jkun meħtieġ tagħmir addizzjonali biex tkun żgurata l-istabbiltà matul il-ġarr, bħal, pereżempju, qafas ta' appoġġ għal waqt il-ġarr.

It-tielet u r-raba' paragrafi tas-sezzjoni 1.1.5 jiddistingwu makkinarju jew partijiet komponenti li ma jistgħux ikunu mċaqalqa bl-idejn mingħajr periklu minn makkinarju jew partijiet li jistgħu jkunu mċaqalqa bl-idejn mingħajr periklu. Meta ssir evalwazzjoni rigward jekk makkinarju jew partijiet tal-makkinarju huwiex f'kategorija jew oħra, wieħed irid iqis ir-regolamenti nazzjonali li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 90/269/KEE,[108] u tal-kriterji mogħtija fl-istandards armonizzati relevanti.[109]

Meta jkun iddisinnjat makkinarju jew partijiet tal-makkinarju biex ikun imċaqlaq jew merfugħ bl-idejn mingħajr periklu, iridu jkunu evitati x-xfarijiet li jaqtgħu. Attenzjoni partikolari trid tingħata lill-qagħda meħtieġa tal-operatur.[110]

[108] Direttiva tal-Kunsill 90/269/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi tas-saħħa u tas-sigurtà għat-tqandiL manwali tat-tagħbija fejn hemm riskju partikolarment ta' korriment tad-dahar għall-ħaddiema (ir-raba' Direttiva individwali fit-tifsira ta' Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE).

[109] EN 1005-2:2003+A1:2008 – *Sigurtà tal-makkinarju – Tħaddim fiżiku mill-bniedem - Parti 2: TqandiL manwali ta' makkinarju u partijiet komponenti ta' makkinarju*.

[110] EN 1005-4: 2005+A1: 2008 - *Sigurtà ta' makkinarju – Operat fiżiku uman - Parti 4: Evalwazzjoni ta' qagħdiet u ċaqliq waqt ix-xogħoL f'relazzjoni ma' makkinarju*.

1.1.6 Ergonomija

Skont il-kondizzjonijiet intiżi tal-użu, l-iskumdità, l-għejja u t-tensjoni fiżika u psikoloġika li jħabbat wiċċu magħhom l-operatur għandhom jitnaqqsu sa l-inqas livell possibbli, filwaqt li jittieħed kont tal-prinċipji ergonomiċi bħal:

- *issir konċessjoni għall-varjabbilità tad-daqs fiżiku, is-saħħa u l-istamina tal-operatur,*
- *jingħata biżżejjed spazju għaċ-ċaqlieq tal-partijiet tal-ġisem tal-operatur,*
- *jevita rata ta' xogħol stabbilita mill-magna,*
- *jevita monitoraġġ li jitlob konċentrazzjoni fit-tul,*
- *jadatta l-interface bejn il-bniedem u l-magna għall-karatteristiċi li jistgħu jkunu previsti tal-operaturi.*

§181 Prinċipji ergonomiċi

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 1.1.6 jirreferu għall-ergonomija. Id-dixxiplina tal-ergonomija tista' tkun iddefinita kif ġej:


> *"L-Ergonomija (jew l-istudju tal-fatturi umani) hija d-dixxiplina xjentifika kkonċernata bil-fehim dwar l-interazzjonijiet fost il-bnedmin u elementi oħra ta' sistema, u l-professjoni li tapplika t-tijorija, il-prinċipji, id-dejta u l-metodi għad-disinn sabiex jisseddaq il-benesseri tal-bnedmin u l-prestazzjoni ġenerali tas-sistema".* [111]

L-elementi ergonomiċi msemmija fis-sezzjoni 1.1.6 jistgħu jkunu miġbura f'żewġ gruppi. L-ewwel grupp jinkludi l-fatturi ergonomiċi li jridu jitqiesu meta jkun iddisinnjat il-makkinarju. Ħames fatturi huma elenkati fl-inċiżi tas-sezzjoni 1.1.6, madankollu jrid ikun enfasizzat li din il-lista mhijiex definittiva imma hija intiża biex tiġbed l-attenzjoni tal-fabbrikanti għal ċerti elementi importanti tal-prinċipji ergonomiċi.

It-tieni grupp, elenkat fl-ewwel sentenza tas-sezzjoni 1.1.6, jinkludi l-effetti negattivi li jistgħu jkunu kkawżati minn dawn il-fatturi. Disinn tajjeb inaqqas l-effetti negattivi ta' dawn il-fatturi fuq il-persuni waqt li disinn inadwegat probabbilment inissel skumdità, għejja jew stress fiżiku jew psikoloġiiku. Dawn l-effetti jistgħu, imbagħad, inisslu problemi muskuloskeletali, pereżempju. Huma għandhom ukoll it-tendenza li jagħmlu l-aċċidenti aktar probabbli.

[111] EN ISO 6385: 2004 - *Prinċipji ergonomiċi fid-disinn ta' sistemi tax-xogħoL* (ISO 6385:2004).

Din id-dijagramma turi r-rekwiżiti stabbiliti fis-sezzjoni 1.1.6:



Fatturi ergonomiċi **Konsegwenzi negattivi potenzjali**

Gwida dwar l-applikazzjoni prattika tal-prinċipji ergonomiċi għad-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju hija mogħtija fi grupp ta' standards armonizzati żviluppati minn CEN TC 122 – *L-Ergonomija*. Ir-relazzjoni bejn dawn l-istandards u l-fatturi ergonomiċi elenkati hawn fuq hija ppreżentata f'tabella separata u f'serje ta' folji informattivi.

Minbarra r-rekwiżit ġenerali stipulat fis-sezzjoni 1.1.6, il-prinċipji ergonomiċi jridu jittieħdu f'kunsiderazzjoni wkoll meta jkunu applikati l-EHSRs stipulati f'għadd ta' sezzjonijiet oħra tal-Anness I. Pereżempju, l-EHSRs li ġejjin jinkludu elementi ergonomiċi importanti:

EHSRs applikabbli għal kull makkinarju:

- Dawl (sezzjoni 1.1.4),
- Tqandil tal-makkinarju jew partijiet tal-makkinarju (sezzjoni 1.1.5),
- Pożizzjonijiet tat-tħaddim (sezzjonijiet 1.1.7 u 1.1.8),
- Mezzi ta' kontroll (sezzjoni 1.2.2),
- Temperaturi estremi (sezzjoni 1.5.5),

- Storbju (sezzjoni 1.5.8),
- Vibrazzjonijiet (sezzjoni 1.5.9),
- Radjazzjoni (sezzjoni 1.5.10),
- Emissjonijiet ta' materjali u sustanzi perikolużi (sezzjoni 1.5.13),
- Riskju ta' tgerbib, żliq u wqigħ (sezzjoni 1.5.15),
- Makkinarju manutenzjoni (sezzjoni 1.6.1),
- Aċċess għall-pożizzjonijiet tat-tħaddim u l-punti ta' servicing (sezzjoni 1.6.2),
- Intervent tal-operatur (sezzjoni 1.6.4),
- Informazzjoni (sezzjoni 1.7);

EHSRs supplimentari għal makkinarju li jinġarr miżmum fl-idejn u/jew makkinarju ggwidat bl-idejn:

- Rekwiżiti ġenerali (sezzjoni 2.2.1),
- Struzzjonijiet - vibrazzjonijiet (sezzjoni 2.2.1.1);

EHSRs supplimentari għall-mobilità tal-makkinarju:

- Postijiet tax-xufiera (sezzjoni 3.2.1),
- Postijiet bilqiegħda (sezzjoni 3.2.2),
- Pożizzjonijiet għal persuni oħra (sezzjoni 3.2.3),
- Mezzi ta' kontroll (sezzjoni 3.3.1),
- Startjar/ċaqliq (sezzjoni 3.3.2),
- Moviment ta' makkinarju kkontrollat minn min ikun miexi (sezzjoni 3.3.4),
- Mezzi ta' aċċess (sezzjoni 3.4.5),
- Tabelli, sinjali u twissijiet (sezzjoni 3.6.1),
- Struzzjonijiet - vibrazzjonijiet (sezzjoni 3.6.3.1);

EHSRs supplimentari għall-operazzjonijiet tal-irfigħ:

- Moviment ta' tagħbijiet matul it-tqandil (sezzjoni 4.1.2.7),
- Aċċess għall-ġarrier (sezzjonijiet 4.1.2.8.2),
- Kontroll tal-movimenti (sezzjoni 4.2.1);

EHSRs supplimentari għall-irfigħ ta' persuni:

- Mezzi ta' kontroll (sezzjoni 6.2),
- Aċċess għall-ġarrier (sezzjoni 6.4.3).

1.1.7 Il-pożizzjonijiet tat-tħaddim

Il-pożizzjoni tat-tħaddim għandha tkun iddisinnjata u mibnija b'mod li jevita kwalunkwe riskju dovut mill-gassijiet tal-egżost u/jew nuqqas ta' ossiġnu.

ekk il-makkinarju huwa intiż sabiex jintuża f'ambjent perikoluż li jippreżenta riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-operatur jew jekk il-makkinarju nnifsu jagħti lok għal ambjent perikoluż, għandu jkun hemm il-mezzi adegwati sabiex jiżguraw li l-operatur għandu kondizzjonijiet ta' xogħol tajba u huwa protett kontra kull perikli li jistgħu jiġu previsti.

Fejn ikun xieraq, il-pożizzjoni tat-tħaddim għandha tkun mgħammra b'kabina adegwata ddisinnjata, mibnija u/jew mgħammra sabiex taderixxi mar-rekwiżiti ta' hawn fuq. Il-ħruġ għandu jippermetti evakwazzjoni malajr. Minbarra dan, fejn ikun xieraq, għandu jkun provdut ħruġ ta' emerġenza f'direzzjoni li hija differenti mill-ħruġ tas-soltu.

§182 Pożizzjonijiet tat-tħaddim f'ambjenti perikoluži

Il-pożizzjonijiet tat-tħaddim huma l-postijiet fuq jew mal-makkinarju fejn l-operaturi, kif iddefiniti fis-sezzjoni 1.1.1 (d), iwettqu l-kompiti tagħhom. L-istruzzjonijiet tal-fabbrikant iridu jiddeskrivu l-post(ijiet) tax-xogħol li potenzjalment ikunu okkupati mill-operaturi – ara §262: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (f).

Ir-rekwiżit stipulat fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.1.7 japplika prinċipalment għal makkinarju b'magni bil-kombustjoni interna. Dan ir-rekwiżit jimplika, l-ewwel nett, li l-emissjoni ta' gassijiet tal-egżost perikoluži jridu jitnaqqsu sa kemm huwa possibbli. Pereżempju, fil-każ tal-makkinarju ddisinnjat biex jintuża fi spazji magħluqa, iridu jitwaħħlu sistemi adattati għall-estrazzjoni jew l-iffiltrar tal-gassijiet tal-egżost. It-tieni nett, fejn jibqa' riskju ta' espożizzjoni għall-gassijiet tal-egżost, iridu jkunu pprovduti l-mezzi biex ikun żgurat li l-operaturi ma jibilgħux tali gassijiet u huma pprovduti bi provvista adegwata ta' arja tajba għan-nifs.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.1.7 huwa aktar ġenerali u jirrikjedi li l-operaturi jkunu protetti kontra kwalunkwe riskju kkawżat minn użu prevedibbli tal-makkinarju f'ambjent perikoluż. Tali riskji jistgħu jinkludu, pereżempju, espożizzjoni għal atmosferi sħan jew kesħin, għal riskji ikkawżati minn storbju, radjazzjoni, umidità, kundizzjonijiet tat-temp ħżiena jew atmosferi mniġġsa minn sustanzi perikoluži. Għaldaqstant il-fabbrikant irid iqis il-kundizzjonijiet intiżi u prevedibbli tal-użu tal-makkinarju. Pereżempju, jekk il-makkinarju jitqiegħed fis-suq f'pajjiż bi klima moderata, jista' ma jkunx meħtieġ il tkun ipprovduta protezzjoni kontra temp kiesaħ ħafna, filwaqt li tkun meħtieġa protezzjoni kontra t-trab jew is-sħana. Kunsiderazzjoni speċjali jeħtieġ li tingħata lill-makkinarju li bit-tħaddim tiegħu jiġġenera sustanzi perikoluži, bħat-trab, ajrusols bid-duħħan jew tossiċi; eżempji huma l-makkinarju għat-tgħaffiġ u l-iskrining tal-blat, il-makkinarju għall-immaniġġjar tal-qmuħ u l-kabini tal-isprejjar biż-żebgħa.

It-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.1.7 jirreferi għal wieħed mill-mezzi li jista' jintuża biex ikun żgurat li l-pożizzjonijiet tat-tħaddim huma protetti. *'Kabina'* f'dan il-paragrafu hija terminu ġeneriku għal pożizzjoni tat-tħaddim magħluq bħal, pereżempju, il-kabina fuq makkinarju mobbli jew panil tal-kontroll magħluq fuq makkinarju industrijali fiss. Sabiex jitwettqu r-rekwiżiti stipulati fl-ewwel żewġ paragrafi tas-sezzjoni 1.1.7, il-kabina jew magħlaq trid tkun ipprovduta bil-mezzi meħtieġa ta' purifikazzjoni u ikkondizzjonar tal-arja li tidħol fil-magħlaq u ta' prevenzjoni ta' tnixxijat 'l ġewwa,

pereżempju, billi tinżamm differenza ta' pressjoni pożittiva mal-atmosfera ta' barra. Minbarra li jiżgura protezzjoni kontra ambjenti perikoluži, magħlaq bħal dan jista' jkun iddisinnjat u mibni wkoll biex jipproteġi l-operaturi kontra l-espożizzjoni għall-emissjonijiet tal-istorbju – ara §229: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.8. Fuq xi makkinarju mobbli, il-kabina tista' tinkludi struttura li tipproteġi kontra r-riskju ta' qlib fil-ġenb jew 'il quddiem jew lura jew ir-riskju minħabba oġġetti li jaqgħu jew it-tnejn – ara §315 u §316: kummenti dwar is-sezzjonijiet 3.4.3 u 3.4.4.

1.1.8 Postijiet bilqiegħda

Fejn ikun xieraq u fejn il-kondizzjonijiet tax-xogħol jippermettu, il-postijiet tax-xogħol li jikkostitwixxu parti integrali tal-makkinarju għandhom ikunu ddisinnjati għall-istallazzjoni tas-sedili.

Fejn l-operatur ikollu l-intenzjoni li joqgħod bilqiegħda matul it-tħaddim u l-pożizzjoni tat-tħaddim hija parti integrali tal-makkinarju, is-sedil għandu jkun provdut mal-makkinarju.

Is-sedil tal-operatur għandu jgħinu jżomm pożizzjoni stabbli. Minbarra dan, is-sedil u d-distanza tiegħu mill-mezzi ta' kontroll għandhom ikunu jistgħu jiġu adattati għall-operatur.

Jekk il-makkinarju huwa suġġett għall-vibrazzjonijiet, is-sedil għandu jkun ddisinnjat u mibni b'tali mod li jnaqqas il-vibrazzjonijiet mibgħuta lill-operatur għall-anqas livell possibbli b'mod raġonevoli. Il-muntaturi tas-sedil għandhom jirreżistu l-pressjonijiet kollha li jistgħu jkunu suġġetti għalihom. Fejn ma hemmx art taħt is-saqajn tal-operatur, għandhom ikunu provduti merkanzija għas-serħan tas-saqajn mgħottija b'materjal li ma jiżloqx.

§183 Postijiet bilqiegħda u l-provvista ta' postijiet bilqiegħda

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.1.8 jittratta element speċifiku tal-interface bejn l-operatur u l-makkinarju li jista' jkun sors kemm ta' skumditá, għejja u ħsara għas-saħħa jekk ikun iddisinnjat ħażin – ara §181: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.6.

L-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.1.8 jeħtieġ li l-makkinarju jkun iddisinnjat b'tali mod li jippermetti l-installazzjoni ta' postijiet bilqiegħda, *'fejn ikun xieraq u fejn il-kondizzjonijiet tax-xogħol jippermettu'.* Għaldaqstant il-fabbrikanti tal-makkinarju jridu jikkunsidraw jekk huwiex probabbli li l-operaturi jkunu aktar komdi u li jwettqu l-kompiti tagħhom, kollha jew parti minnhom, b'mod aktar faċli u b'mod aktar effiċjenti meta jkunu bilqiegħda.[112] Meta dan huwa l-każ, il-post tax-xogħol, fi kliem ieħor, il-post fil-makkinarju fejn l-operaturi se jkunu bilqiegħda, irid ikun iddisinnjat b'mod li s-sedili meħtieġa jistgħu jiġu installati. Dan jimplika li trid tingħata attenzjoni, b'mod partikolari, għall-għoli tal-uċuħ tax-xogħol, għall-post u d-disinn tal-mezzi ta' kontroll u tal-partijiet l-oħra tal-makkinarju li l-operaturi jrid ikollhom aċċess għalihom u għall-ispazju pprovdut għas-sedil innifsu u għal idejn u saqajn l-operaturi.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.1.8 huwa applikabbli meta l-operatur huwa intiż li jkun bilqiegħda matul it-tħaddim u l-pożizzjoni tat-tħaddim hija parti integrali mill-

[112] EN 1005-4: 2005+A1: 2008 - *Sigurtà tal-makkinarju – Tħaddim fiżiku mill-bniedem - Parti 4: Evalwazzjoni ta' qagħdiet u ċaqliq waqt ix-xogħoL f'relazzjoni mal-makkinarju.*

makkinarju, fi kliem ieħor, meta s-sedil tal-operatur m'għandux ikun installat fuq l-art maġenb il-makkinarju imma fuq parti mill-makkinarju nnifsu. F'dak il-każ, is-sedil irid ikun ipprovdut mal-makkinarju.

It-tieni u t-tielet paragrafi tas-sezzjoni 1.1.8 stipulaw ir-rekwiżiti għas-sedil. Is-sedil irid ikun iddisinnjat biex l-operatur ikun jista' jżomm pożizzjoni stabbli meta wieħed iqis il-kundizzjonijiet prevedibbli tal-użu inklużi, b'mod partikolari, il-movimenti prevedibbli tal-makkinarju.

Il-parametri relevanti tas-sedil innifsu bħall-għoli, il-wisgħa, il-fond u l-angolu tas-sedil, il-pożizzjoni ta' serħ id-dahar u, fejn jixraq, il-pożizzjoni ta' serħ l-idejn u serħ is-saqajn, iridu jkunu aġġustabbli biex titqies il-varjabbiltà tad-daqs fiżiku tal-operaturi. Il-pożizzjoni tas-sedil rrelatata mal-pożizzjoni tal-mezzi ta' kontroll, inklużi l-pedali tas-saqajn, li jridu jintużaw mill-operatur iridu jkunu aġġustabbli wkoll. Dan jista' jinkiseb billi jkun possibbli li jsir aġġustament tal-pożizzjoni tas-sedil, tal-mezzi ta' kontroll jew tat-tnejn.[113]

Għal makkinarju fejn l-operatur bilqiegħda jista' jkun espost għal vibrazzjoni minħabba l-funzjonament tal-makkinarju nnifsu jew minħabba l-moviment tal-makkinarju fuq art imħarbta, il-provvediment ta' sedil b'sistema ta' sospensjoni mtaffija kif jixraq huwa mod wieħed kif jitnaqqas ir-riskju ta' espożizzjoni tal-operaturi bilqiegħda għal vibrazzjoni tal-ġisem kollu – ara §231: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.9.[114]

[113] Ara EN ISO 14738:2008 - *Sigurtà tal-makkinarju - Rekwiżiti antropometriċi għad-disinn ta' mwejjed fejn isir xogħoL fuq makkinarju* (ISO 14738:2002, inklużi Cor 1:2003 u Cor 2:2005).

[114] Ara, pereżempju, EN ISO 7096**:**2008 **–** *Gafef – Evalwazzjonijiet tal-laboratorju ta' vibrazzjoni tas-siġġu tal-operatur* (ISO 7096:2000).

1.2 IS-SISTEMI TA' KONTROLL

1.2.1 Is-sigurtà u l-affidabbiltà tas-sistemi ta' kontroll

Is-sistemi ta' kontroll għandhom ikunu ddisinnjati u mibnija b'mod li jevita li jinħolqu sitwazzjonijiet perikoluż. Fuq kollox għandhom ikunu ddisinnjati u mibnija b'tali mod li:

- *jistgħu jifilħu għall-pressjonijiet tat-tħaddim intiż u tal-fatturi esterni,*
- *difett fil-hardware jew fis-software tas-sistema ta' kontroll ma jwassalx għal sitwazzjonijiet perikoluż,*
- *żbalji fil-loġika tas-sistema ta' kontroll ma jwasslux għal sitwazzjonijiet perikoluż,,*
- *żball uman li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli matul it-tħaddim ma jwassalx għal sitwazzjonijiet perikoluż.*

Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-punti li ġejjin:

- *il-makkinarju ma għandux jistartja meta mhux mistenni,*
- *il-parametri tal-makkinarju ma għandhomx jinbidlu b'mod mhux kontrollat, fejn din il-bidla tista' twassal għal sitwazzjonijiet perikoluż,*
- *il-makkinarju ma għandux ikun miżmum milli jieqaf jekk ikun diġa ngħata l-kmand għall-waqfien,*
- *l-ebda parti jew biċċa li tiċċaqlaq tal-makkinarju miżmuma mill-makkinarju ma għandha taqa' jew tintefa `l barra,*
- *twaqqif awtomatiku jew manwali tal-partijiet li jiċċaqalqu, ikunu x'ikunu, ma għandux ikun imfixkel,*
- *il-mezzi protettivi għandhom jibqgħu effettivi bis-sħiħ jew jagħtu kmand għat-twaqqif,*
- *il-partijiet relatati tas-sigurtà tas-sistema ta' kontroll għandhom japplikaw b'mod koerenti għall-muntatura sħiħa tal-makkinarju u/jew il-makkinarju parzjalment komplut.*

Għall-kontroll mingħajr kejbel, għandu jsir twaqqif awtomatiku meta ma jaslux sinjali korretti, inkluż it-telf tal-komunikazzjoni.

§184 Sigurtà u affidabbiltà ta' sistemi ta' kontroll

Is-sistema ta' kontroll tal-makkinarju hija s-sistema li twieġeb għal sinjali ta' tidħil minn partijiet tal-makkinarju, mill-operaturi, minn tagħmir ta' kontroll estern jew kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn u tiġġenera sinjali ta' ħruġ korrispondenti għat-tagħmir li jazzjona l-kontrolli tal-makkinarju, biex jikkawża li l-magna taħdem bil-mod intiż. Is-sistemi ta' kontroll jistgħu jużaw teknoloġiji differenti jew kombinazzjonijiet ta' teknoloġiji bħal, pereżempju, teknoloġiji mekkaniċi, idrawliċi, pnewmatiċi, elettriċi, jew elettroniċi. Is-sistemi ta' kontroll elettroniċi jistgħu jkunu programmabbli.

Id-disinn u l-kostruzzjoni tas-sistema ta' kontroll sabiex ikun żgurat it-tħaddim mingħajr periklu u affidabbli tal-makkinarju huma fatturi ewlenin biex tkun żgurata s-

sigurtà tal-makkinarju kollu. L-operaturi jridu jkunu jistgħu jiżguraw li l-makkinarju jaħdem b'mod sikur u kif mistenni dejjem.

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 1.2.1 japplikaw għall-partijiet kollha tas-sistema ta' kontroll li, fil-każ ta' difett jew ħsara, jistgħu jwasslu għal perikli minħabba mġiba mhux intiża jew mhux mistennija tal-makkinarju. Huma ta' importanza partikolari għad-disinn u l-kostruzzjoni tal-partijiet tas-sistema ta' kontroll rrelatati mal-funzjonijiet tas-sigurtà bħal, pereżempju, il-partijiet tas-sistema ta' kontroll rrelatati mal-apparat li jillokkja ma' apparat ieħor u li jillokkja l-mezzi ta' lqugħ ma' mezzi ta' lqugħ oħra, ma' apparat protettiv jew ma' kontrolli ta' waqfien ta' emerġenza, minħabba li ħsara fil-partijiet tas-sistema ta' kontroll rrelatati mas-sigurtà potenzjalment tista' toħloq sitwazzjoni perikoluża meta l-funzjoni tas-sigurtà korrispondenti terġa' tkun meħtieġa biex taħdem. Ċerti funzjonijiet tas-sigurtà jistgħu jkunu wkoll funzjonijiet operattivi, bħal, pereżempju, apparat ta' kontroll tal-istartjar b'żewġ idejn.

L-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.2.1 u l-4 inċiżi tiegħu jistipulaw ir-rekwiżiti bażiċi għall-affidabbiltà u s-sigurtà tas-sistemi ta' kontroll. It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.2.1 u s-seba' inċiżi tiegħu jiddeskrivu l-avvenimenti u s-sitwazzjonijiet perikoluży ewlenin li jridu jkunu evitati.

Skont l-ewwel inċiż tal-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.2.1, is-sistemi ta' kontroll iridu jkunu kapaċi jifilħu l-istress operattiv u l-influwenzi esterni intiżi, meta wieħed iqis sitwazzjonijiet anormali prevedibbli – ara §160: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 2, u §175: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (c). B'hekk is-sistema ta' kontroll tista' tkun kapaċi tiflaħ għall-effetti mekkaniċi ġġenerati mit-tħaddim tal-makkinarju nnifsu jew mill-ambjent tiegħu bħal, pereżempju, ix-xokkijiet, il-vibrazzjonijiet, u l-grif. Is-sistemi ta' kontroll iridu jkunu kapaċi jifilħu għall-effetti tal-kundizzjonijiet interni u esterni li taħthom il-makkinarju huwa intiż li jiffunzjona bħal, pereżempju, l-umidità, temperaturi estremi, atmosferi korrusivi u t-trab. Il-funzjonament korrett tas-sistemi ta' kontroll m'għandux ikun affettwat mir-radjazzjoni elettromanjetika, kemm dik iġġenerata minn partijiet tal-makkinarju nnifsu jew dik iġġenerata minn elementi esterni fil-kundizzjonijiet li fihom il-makkinarju huwa intiż li jintuża – ara §233: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.11.

It-tieni u tielet inċiżi tal-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.2.1 jittrattaw l-imġiba tas-sistema ta' kontroll fil-każ ta' ħsara jew żball fil-hardware jew is-software. Dawn ir-rekwiżiti jqisu l-possibbiltà ta' ħsarat li jseħħu fis-sistema ta' kontroll minħabba, pereżempju, ħsara f'komponent mekkaniku, idrawliku, pnewmatiku jew elettriku jew minħabba żball fis-software ta' sistema programmabbli. Is-sistemi ta' kontroll iridu jkunu ddisinnjati u mibnija b'mod li, jekk iseħħu tali difetti jew żbalji, ma jwasslux għal sitwazzjonijiet perikoluży bħal dawk deskritti fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.2.1 – ara wkoll §205: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.6.

Il-funzjonijiet perikoluży tal-makkinarju jistgħu jkunu kkontrollati, pereżempju, bit-twaqqif tal-funzjoni, billi jintefa l-elettriku li tuża l-funzjoni jew billi tkun evitata l-azzjoni perikoluża tal-funzjoni. Jekk il-funzjonijiet relevanti tal-makkinarju jistgħu jkomplu minkejja l-okkorrenza ta' difett jew ħsara, pereżempju, permezz ta' arkitettura żejda, irid ikun hemm mezz ta' identifikazzjoni tad-difett jew ħsara sabiex tkun tista' tittieħed l-azzjoni meħtieġa biex jinkiseb jew jinżamm stat mingħajr periklu.

Il-mezzi li jridu jintużaw biex jitwettaq dan ir-rekwiżit jiddependu fuq it-tip tas-sistema ta' kontroll, fuq il-parti tas-sistema ta' kontroll kkonċernata u fuq ir-riskji li jistgħu jinħolqu fil-każ ta' ħsara fiha.

Il-kunċetti li jistgħu jintużaw jinkludu:

- L-esklużjoni jew it-tnaqqis tal-probabbiltà ta' difetti jew ħsarat li jistgħu jaffettwaw il-funzjoni tas-sigurtà permezz ta' rikors għal komponenti partikolarment affidabbli u bl-applikazzjoni ta' prinċipji tas-sigurtà użati tajjeb, bħal, pereżempju, il-prinċipju tal-azzjoni mekkanika pożittiva ta' komponent fuq komponent ieħor;
- L-użu ta' komponenti standard b'kontroll fuq il-funzjonijiet tas-sigurtà kull tant żmien mis-sistema ta' kontroll;
- Partijiet żejda fis-sistema ta' kontroll b'tali mod li difett wieħed jew ħsara waħda ma twassalx għat-telfien tal-funzjoni tas-sigurtà. Id-diversità teknika tal-elementi żejda tista' tintuża biex ikunu evitati ħsarat minn kawżi komuni;
- Monitoraġġ awtomatiku biex ikun żgurat li d-difetti jew il-ħsarat ikunu identifikati u biex il-miżuri protettivi meħtieġa jkunu inizjalati biex ikun evitat ir-riskju kkonċernat. Il-miżuri protettivi jistgħu jinkludu t-twaqqif tal-proċess perikoluż, il-prevenzjoni tal-istartjar mill-ġdid ta' dan il-proċess jew li jkun azzjonat l-allarm.

Dawn il-kunċetti jistgħu jkunu applikati f'kombinazzjonijiet differenti.

Il-livell tal-prestazzjoni meħtieġ għal parti partikolari rrelatata mas-sigurtà tas-sistema ta' kontroll jiddependi fuq il-livell tar-riskju li għalih il-funzjoni tas-sigurtà hija intiża u għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi tal-istima tar-riskju tal-fabbrikant. L-istandards tat-tip C għal kategoriji ta' makkinarju partikolari jipprovdu gwida rigward il-livell tal-prestazzjoni meħtieġ għall-partijiet differenti tas-sistema ta' kontroll irrelatati mas-sigurtà.

Il-kisba tal-livell ta' prestazzjoni meħtieġ għall-partijiet ta' sistemi ta' kontroll irrelatati mas-sigurtà trid tkun ivvalidata, waqt li jitqiesu l-elementi kemm tal-hardware kif ukoll tas-software ta' tali sistemi.

L-ispeċifikazzjonijiet għad-disinn tal-partijiet ta' sistemi ta' kontroll irrelatati mas-sigurtà huma mogħtija fl-istandards EN ISO 13849-1[115] u l-istandard EN 62061.[116]

Ir-raba' inċiż tal-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.2.1 jittratta l-iżbalji umani prevedibbli b'mod raġonevoli matul it-tħaddim. Sabiex ikun issodisfatt dan ir-rekwiżit, is-sistemi ta' kontroll iridu, sa fejn hu possibbli, ikunu ddisinnjati b'tolleranza għall-iżbalji. Dan jinvolvi miżuri bħad-detezzjoni tal-iżbalji u l-provvediment ta' feedback xierqa lill-operatur biex titħaffef il-korrezzjoni tal-iżbalji.

Il-prinċipji ġenerali għall-interazzjoni umana mal-makkinarju biex ikunu mminimizzati l-iżbalji tal-operatur huma mogħtija fl-istandard EN 894-1.[117]

[115] EN ISO 13849-1:2008 - *Sigurtà tal-makkinarju — Partijiet relatati ma' sigurtà ta' sistemi ta' kontrolL — Parti 1: Prinċipji ġenerali għad-disinn* (ISO 13849-1:2006).

[116] EN 62061:2005 - *Sigurtà tal-makkinarju – Sigurtà funzjonali ta' sistemi ta' kontrolL elettriċi, elettroniċi u elettroniċi programmabbli* (IEC 62061:2005).

It-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.2.1 ikopri periklu partikolari assoċjat ma' sistemi ta' kontroll mingħajr kejbil, bħal, pereżempju, sistemi ta' kontroll remot bl-użu ta' sinjali tar-radju, ottiċi jew tas-sonar: sinjali mhux korretti jew it-telf tal-komunikazzjoni bejn il-mezzi ta' kontroll u l-makkinarju li jrid ikun ikkontrollat. Għandu jiġi osservat li s-sezzjoni 3.3 tipprovdi rekwiżiti supplimentari għal sistemi ta' kontroll remot għal makkinarju mobbli.

1.2.2 Il-mezzi ta' kontroll

. . .

§185 Mezzi ta' kontroll

Mezzi ta' kontroll huma partijiet tas-sistema ta' kontroll li jidentifikaw sinjali ta' tidħil mibgħuta mill-operaturi, ġeneralment permezz ta' pressjoni bl-id jew bis-sieq. Hemm ħafna tipi differenti ta' mezzi ta' kontroll inklużi, pereżempju, pushbuttons, lievi, swiċċis, pumi, sliders, joysticks, roti tal-idejn, pedali, keyboards u skrins tattili. Il-mezzi ta' kontroll jistgħu jkunu fuq il-makkinarju nnifsu jew, fil-każ ta' kontrolli mill-bogħod, jistgħu jkunu mbiegħda mill-makkinarju u kkonnettjati mal-makkinarju, pereżempju, permezz ta' wajers, jew permezz ta' sinjali tar-radju, ottiċi jew tas-sonar.

L-applikazzjoni tar-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 1.2.2 tirrikjedi attenzjoni partikolari għall-prinċipji ergonomiċi, minħabba li l-mezzi ta' kontroll huma fl-interface bejn il-makkinarju u l-operaturi – ara §181: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.6.

L-ispeċifikazzjonijiet irrelatati mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi li ġejjin tas-sezzjoni 1.2.2 huma mogħtija fl-istandards tas-serje EN 894[118] u l-istandards tas-serje EN 61310.[119]

Minbarra r-rekwiżiti ġenerali għal mezzi ta' kontroll stipulati fis-sezzjoni 1.2.2, is-sezzjonijiet li ġejjin tal-Anness I jipprovdu rekwiżiti supplimentari għal mezzi ta' kontroll għal ċerti kategoriji ta' makkinarju jew għal ċerti riskji:

- makkinarju li jinġarr miżmum fl-idejn u/jew iggwidat bl-idejn - sezzjonijiet 2.2.1 u 2.2.2.1;
- mobilità tal-makkinarju - sezzjoni 3.3;

---

[117] EN 894-1:1997+A1:2008 – *Sigurtà tal-makkinarju – Rekwiżiti ergonomiċi għad-disinn ta' wirjiet u tagħmir li jazzjona kontrolli – Parti 1: Prinċipji ġenerali għaL interazzjoni umana ma' wirjiet u tagħmir li jazzjona kontrolli.*

[118] EN 894-1:1997+A1:2008 – *Sigurtà ta' makkinarju – Rekwiżiti ergonomiċi għad-disinn ta' wirjiet u tagħmir li jazzjona kontrolli – Parti 1: Prinċipji ġenerali għaL interazzjoni umana ma' wirjiet u tagħmir li jazzjona kontrolli;*
EN 894-2:1997+A1:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju – Rekwiżiti ergonomiċi għad-disinn ta' wirjiet u tagħmir li jazzjona kontrolli* – Parti 2: *Wirjiet*;
EN 894-3:2000+A1:2008 - Sigurtà tal-makkinarju - Rekwiżiti ergonomiċi għad-disinn ta' wirjiet u tagħmir li jazzjona kontrolli - Parti 3: Tagħmir li jazzjona kontrolli.

[119] EN 61310-1:2008 - *Sigurtà tal-makkinarji — Indikazzjoni, immarkar u tqabbid — Parti 1: Rekwiżiti għaL sinjali viżwali, akustiċi u bil-mess* (IEC 61310-1:2007);
EN 61310-2:2008 - *Sigurtà tal-makkinarji - Indikazzjoni, immarkar u tqabbid - Parti 2: Rekwiżiti għall-immarkar* (IEC 61310-2:2007);
EN 61310-3:2008 – *Sigurtà tal-makkinarji – Indikazzjoni, immarkar u tqabbid – Parti 3: Rekwiżiti għaL fejn jitqiegħed u kif jitħaddem tagħmir li jazzjona bl-elettriku* (IEC 61310-3:2007).

- operazzjonijiet tal-irfigħ – sezzjoni 4.2.1;
- makkinarju għal xogħol taħt l-art - sezzjoni 5.3;
- makkinarju għall-irfigħ ta' persuni - sezzjonijiet 6.2 u 6.4.2.

1.2.2 Il-mezzi ta' kontroll (ikompli)

. . .

Il-mezzi ta' kontroll għandhom ikunu:

- *viżibbli u li jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar, permezz ta' simboli bl-istampi fejn ikun jixraq,*

. . .

§186 Identifikazzjoni ta' mezzi ta' kontroll

L-ewwel inċiż tas-sezzjoni 1.2.2 dwar il-viżibbiltà u l-identifikazzjoni ċara tal-mezzi ta' kontroll, għandu l-għan li l-operaturi jkunu jistgħu jużaw il-mezzi mingħajr eżitazzjoni u jevitaw ordnijiet mhux intiżi minħabba li l-operaturi jħawdu mezz ta' kontroll ma' ieħor. Minħabba li l-operaturi ta' spiss għandhom tendenza li jwettqu kompiti differenti u jużaw diversi magni differenti matul l-attività tagħhom, huwa importanti għall-fabbrikanti li jidentifikaw mezzi ta' kontroll li jużaw, safejn hu possibbli, kuluri, forom u simboli bl-istampi standardizzati sabiex l-operaturi ma jkunu sorpriżi meta jbiddlu l-kompiti jew jiċċaqalqu minn magna għal oħra. Jekk il-funzjoni ta' mezz ta' kontroll hija ovvja mill-forma standard u l-post tagħha bħal, pereżempju, ir-rota tal-istering jew il-manubriji fuq makkinarju mobbli, mhumiex meħtieġa mezzi addizzjonali ta' identifikazzjoni.

Jekk il-kontrolli huma identifikati permezz ta' informazzjoni bil-miktub jew verbali, din l-informazzjoni hija soġġetta għar-rekwiżiti tal-lingwi rrelatati mal-informazzjoni u t-twissijiet fuq il-makkinarju – ara §245: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.1.

1.2.2 Il-mezzi ta' kontroll (ikompli)

. . .

- *f'pożizzjoni b'mod li jistgħu jitħaddmu bla periklu mingħajr eżitazzjoni jew telf ta' ħin u mingħajr ambigwità,*

. . .

§187 Pożizzjonar ta' mezzi ta' kontroll

It-tieni inċiż tas-sezzjoni 1.2.2 jirrikjedi lill-fabbrikanti li jqisu l-prinċipji ergonomiċi meta jippożizzjonaw il-mezzi ta' kontroll fuq il-makkinarju, biex ikun żgurat li l-mezzi huma viżibbli b'mod ċar għall-operaturi u li jistgħu jintlaħqu u jintużaw b'mod effiċjenti u sikur, mingħajr il-ħtieġa li jadottaw pożizzjonijiet skomdi.

L-ippożizzjonar tal-mezzi ta' kontroll irid iqis il-kompiti li jridu jitwettqu mill-operaturi u l-arranġamenti ta' tħaddim korrispondenti, tal-pożizzjoni u l-karatteristiċi tal-postijiet tax-xogħol jew tal-pożizzjonijiet tat-tħaddim, ta' jekk operaturi probabbilment ikunux bilwieqfa jew bilqiegħda u tal-ħtieġa tal-operaturi li josservaw ċerti partijiet tal-makkinarju waqt li jużaw il-mezzi ta' kontroll.

Il-firxa tal-pożizzjonijiet tal-mezzi ta' kontroll għandha tqis ukoll il-pożizzjoni tal-partijiet tal-makkinarju affettwat mill-użu tagħhom, billi ssegwi konvenzjonijiet aċċettati b'mod komuni. Pereżempju, mezz ta' kontroll li jikkontrolla partijiet tal-makkinarju fuq il-lemin tal-operatur għandu jkun ippożizzjonat fuq il-lemin tal-pożizzjoni tat-tħaddim; mezz ta' kontroll li jikkontrolla moviment 'l fuq għandu jkun ippożizzjonat 'l fuq minn buttuna li tikkontrolla moviment 'l isfel, u jkomplu hekk.

Meta l-mezzi ta' kontroll iridu jkunu mħaddma f'sekwenza partikolari, huma għandhom ikunu rranġati f'dik is-sekwenza. Il-mezzi li jikkontrollaw funzjonijiet rrelatati għandhom ikunu miġbura flimkien u l-mezzi li jikkontrollaw funzjonijiet mhux irrelatati għandhom ikunu sseparati b'mod ċar.

Il-mezzi ta' kontroll li probabbilment jintużaw bl-aktar mod frekwenti jew li jeħtieġ li jintużaw b'mod kontinwu għandhom ikunu ppożizzjonati fiż-żona ċentrali tal-viżjoni tal-operatur u fi ħdan il-post li jista' jintlaħaq mingħajr tgħawwiġ. Meta jkun meħtieġ, dan jista' jirrikjedi l-provvediment ta' mezzi ta' aġġustament tal-pożizzjoni tal-mezzi ta' kontroll biex ikunu akkomodati l-varjazzjonijiet fil-qisien tal-ġisem tal-operaturi.

1.2.2 Il-mezzi ta' kontroll (ikompli)

. . .

– *ddisinnjati b'mod li l-moviment tal-mezz ta' kontroll ikun konsistenti mal-effett tiegħu,*

. . .

§188 Moviment ta' mezzi ta' kontroll

Ir-rekwiżit stipulat fit-tielet inċiż tas-sezzjoni 1.2.2 jittratta ż-żewġ prinċipji għad-disinn tal-mezzi ta' kontroll li għandhom jiżguraw il-konformità mal-aspettattivi tal-utenti u li jikkonformaw mal-prattika komuni sabiex ikunu evitati sitwazzjonijiet u żbalji perikolużi. Ir-rekwiżit japplika għall-movimenti tal-mezzi ta' kontroll bħal, pereżempju, il-lievi jew ir-roti tal-idejn.

Kull meta jkun possibbli, id-direzzjoni tal-moviment ta' tali mezzi għandha tkun konsistenti mad-direzzjoni tal-moviment ikkontrollat mill-użu tagħhom. Fil-każ tal-mezzi ta' kontroll li jikkontrollaw parametri oħra, id-direzzjoni tal-moviment tal-apparat għandu jikkorrispondi mal-konvenzjonijiet aċċettati b'mod komuni bħal, pereżempju, il-konvenzjoni li d-dawrin ta' apparat fid-direzzjoni tal-arloġġ iżid il-valur tal-parametru kkonċernat u d-dawrin kontra d-direzzjoni tal-arloġġ inaqqas il-valur kkonċernat.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lid-disinn tal-mezzi ta' kontroll fil-makkinarju fejn il-pożizzjoni tat-tħaddim tista' ddur fir-rigward tal-kumplament tal-makkinarju, bir-riżultat li d-direzzjoni ta' ċerti movimenti kkontrollati mill-mezzi ta' kontroll tkun maqluba.

1.2.2 Il-mezzi ta' kontroll (ikompli)

. . .

– *jinsabu barra ż-żoni ta' periklu, salv fejn ikun neċessarju għal ċerti mezzi ta' kontroll bħal waqfa ta' emerġenza jew teach pendant,*

– *imqiegħda b'mod li t-tħaddim tagħhom ma jistax joħloq riskju żejjed,*

. . .

§189 Post ta' u pożizzjonar ta' mezzi ta' kontroll

Il-lokazzjoni u l-ippożizzjonar tal-mezzi ta' kontroll barra ż-żoni ta' periklu, irrekwiżit mir-raba' u l-ħames inċiżi tas-sezzjoni 1.2.2, huwa wieħed mill-modi kif tkun evitata l-espożizzjoni tal-operaturi għall-perikli – ara §165: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.1 (b). Dan ir-rekwiżit irid ikun applikat waqt li jitqiesu mhux biss iż-żoni fejn hemm ir-riskju ta' kuntatt dirett ma' elementi perikoluži tal-makkinarju imma wkoll iż-żoni fejn jista' jkun hemm riskji minħabba oġġetti li jintefgħu 'l barra jew emissjonijiet mill-makkinarju. Il-modi biex jitwettqu dawn ir-rekwiżiti jinkludu, pereżempju, l-illokazzjoni tal-mezzi ta' kontroll f'post imbiegħed biżżejjed mill-partijiet li jiċċaqalqu – ara §212: kummenti dwar is-sezzjoni 1.3.7 – jew l-illokazzjoni tal-mezzi ta' kontroll wara skrin jew ġewwa kabina adattata – ara §182: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.7.

Meta jkun hemm ħtieġa ta' deroga minn din ir-regola ġenerali, pereżempju, fil-każijiet fejn il-mezzi ta' kontroll iridu jkunu pprovduti fi ħdan żona ta' periklu għall-iskopijiet ta' ssettjar jew manutenzjoni, ir-rekwiżit stipulat fir-raba' inċiż jista' jitwettaq billi jkun ipprovdut arranġament ta' ssettjar jew manutenzjoni, li l-għażla tiegħu tazzjona miżuri protettivi partikolari bħal, pereżempju, veloċità baxxa u/jew moviment inkrementali - ara §204: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.5. il-provvediment ta' mezzi ta' waqfien ta' emerġenza fi ħdan żoni ta' periklu huwa wkoll eċċezzjoni għar-regola ġenerali – ara §202: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.4.3.

1.2.2 Il-mezzi ta' kontroll (ikompli)

. . .

– *ddisinnjati jew protetti b'mod li l-effett mixtieq, fejn ikun hemm xi periklu involut, jista' jintlaħaq biss permezz ta' azzjoni intenzjonata,*

. . .

§190 Prevenzjoni ta' tħaddim involontarju ta' mezzi ta' kontroll

Ir-rekwiżit stipulat fis-sitt inċiż tas-sezzjoni 1.2.2 għandu l-għan li jevita tħaddim involontarju tal-mezzi ta' kontroll. Tħaddim involontarju jista' jirriżulta minn diversi kawżi, bħal, pereżempju, kuntatt aċċidentali bejn parti mill-ġisem tal-operatur jew ta' ħwejġu jew ħwejjiġha u mezz ta' kontroll, tħaddim mhux intiż ta' żewġ mezzi ta' kontroll ħdejn xulxin (pereżempju, żewġ buttuni jew lievi mbuttati minn id waħda jew żewġ pedali b'sieq waħda), mezz ta' kontroll li jinqabad ma' ostaklu fl-ambjent tal-makkinarju jew l-użu ta' mezz ta' kontroll bħala serħ l-idejn għal aċċess għall-pożizzjoni tat-tħaddim – ara §317: kummenti dwar is-sezzjoni 3.4.5.

Tali riskji jistgħu jkunu evalwati rigward il-fażijiet differenti taż-żmien tal-użu prevedibbli tal-makkinarju, u jitqiesu l-kompiti tal-operaturi u l-arranġamenti ta'

tħaddim korrispondenti, u li jridu jkunu evitati permezz ta' miżuri ta' disinn adattat. Tali miżuri jinkludu, pereżempju:

- l-iddisinnjar tal-mezzi ta' kontroll b'reżistenza biżżejjed biex ikun evitat it-tħaddim involontarju bi pressjoni żgħira;
- l-ippożizzjonar tal-mezzi ta' kontroll f'daħla jew jiddawru b'kullar;
- l-ippożizzjonar u/jew il-protezzjoni tal-mezzi ta' kontroll, biex ikun evitat il-kuntatt ma' partijiet tal-ġisem jew tal-ħwejjeġ tal-operatur u biex ikun evitat li dawn jinqabdu ma' ostakli fl-ambjent tal-makkinarju;
- twaħħil ta' mezzi ta' kontroll li t-tħaddim tagħhom jirrikjedi żewġ azzjonijiet indipendenti;
- twaħħil ta' mezzi ta' kontroll b'serratura.

1.2.2 Il-mezzi ta' kontroll (ikompli)

. . .

- *magħmula b'mod li jirreżistu forzi li jistgħu jiġu previsti; għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-mezzi tat-twaqqif f'emerġenza li x'aktarx ikunu suġġetti għall-forzi konsiderevoli.*

. . .

§191 Saħħa ta' mezzi ta' kontroll

Ir-rekwiżit stipulat fis-seba' inċiż tas-sezzjoni 1.2.2 jirrigwarda s-saħħa mekkanika ta' mezzi ta' kontroll. It-tkissir tal-mezzi ta' kontroll jista' jirriżulta f'sitwazzjoni perikoluża minħabba l-inabbiltà li tkun ikkontrollata l-funzjoni kkonċernata. Tali tkissir jista' minnu nnifsu jirriżulta f'korriment.

Fl-applikazzjoni ta' dan ir-rekwiżit, iridu jitqiesu l-kundizzjonijiet prevedibbli tal-użu matul il-fażijiet differenti taż-żmien tal-użu prevedibbli tal-makkinarju u l-kompiti differenti u l-arranġamenti tat-tħaddim involuti – ara §207: kummenti dwar is-sezzjoni 1.3.2. Dan huwa partikolarment importanti għall-mezzi ta' waqfien ta' emerġenza li jridu jitħaddmu b'mod rapidu u ta' spiss huma ddisinnjati biex jingħataw daqqa – ara §202: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.4.3.

1.2.2 Il-mezzi ta' kontroll (ikompli)

. . .

Fejn mezz ta' kontroll ikun iddisinnjat u mibni sabiex iwettaq diversi azzjonijiet differenti, jiġifieri fejn ma jkunx hemm korrispondenza bejn wieħed u ieħor, l-azzjoni li għandha ssir għandha tintwera b'mod ċar u tkun soġġetta għall-konferma, fejn ikun hemm il-bżonn.

. . .

§192 Mezzi ta' kontroll biex jitwettqu azzjonijiet differenti

Ir-rekwiżit stipulat fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.2.2 japplika meta mezz ta' kontroll uniku jkun jista' jikkontrolla diversi funzjonijiet differenti.

Pereżempju, ċerti mezzi ta' kontroll jistgħu jwettqu azzjonijiet differenti skont l-arranġament ta' tħaddim jew kontroll magħżul. Il-mezzi ta' kontroll jistgħu jwettqu azzjonijiet differenti skont it-tagħmir interkambjabbli mwaħħal mal-makkinarju. Ċerti mezzi ta' kontroll tat-tip joystick jistgħu jikkontrollaw azzjonijiet differenti permezz ta' movimenti 'l quddiem u lura, movimenti minn ġenb għall-ieħor u movimenti ta' tidwir, u l-effetti tal-movimenti differenti tal-joystick jistgħu jkunu varjati bl-użu ta' buttuni fuq nett jew swiċċis tat-tip trigger inkorporati fl-apparat.

L-użu ta' tali mezzi ta' kontroll jista' jħaffef il-kontroll ta' ċerti kategoriji ta' makkinarju billi jnaqqas in-numru u l-amplitudni tal-movimenti meħtieġa tal-id u d-driegħ. Madankollu, huwa partikolarment importanti li meta jkunu ddisinnjati tali mezzi jrid ikun żgurat li l-effetti tal-movimenti differenti tal-apparat jkunu identifikati b'mod ċar u li l-mezzi jkunu ddisinnjati biex tkun evitata l-konfużjoni bejn l-azzjonijiet differenti li jistgħu jitwettqu. Fejn ikun meħtieġ li tiġi evitata l-konfużjoni, żewġ azzjonijiet separati jridu jkunu meħtieġa biex jikkontrollaw funzjoni partikolari.

Ir-rekwiżit stipulat fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.2.2 japplika wkoll għall-hekk imsejjaħ makkinarju kkontrollat numerikament jew makkinarju b'sistema ta' kontroll elettronika programmabbli, fejn is-sinjali ta' tidħil jingħataw permezz ta' testiera jew skrin tattili. Mod wieħed kif ikunu evitati l-iżbalji huwa billi s-software jindika l-azzjoni li trid titwettaq u jirrikjedi konferma mill-operatur qabel is-sinjal ta' ħruġ jintbagħat lit-tagħmir li jazzjona l-kontrolli tal-makkinarju.

1.2.2 Il-mezzi ta' kontroll (ikompli)

. . .

Il-mezzi ta' kontroll għandhom ikunu rranġati b'tali mod li l-firxa tal-pożizzjoni, l-ivvjaġġar u r-reżistenza tagħhom għat-tħaddim ikunu kompatibbli mal-azzjoni li għandha titwettaq, filwaqt li jittieħed kont tal-prinċipji ergonomiċi.

. . .

§193 Mezzi ta' kontroll u prinċipji ergonomiċi

Ir-rekwiżit stipulat fit-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.2.2 jimplika li l-karatteristiċi tal-mezzi ta' kontroll iridu jqisu l-parametri differenti tal-kompiti tal-operaturi, inklużi, pereżempju:

- il-preċiżjoni meħtieġa fl-ippożizzjonar tal-mezz ta' kontroll;
- il-veloċità tal-issettjar meħtieġa;
- il-forza meħtieġa biex jitħaddem l-apparat.

Trid tingħata attenzjoni lill-viżibbiltà tal-mezzi ta' kontroll u l-abbiltà tal-operaturi li jilħquhom u jużawhom b'mod effiċjenti u b'mod sikur fis-sitwazzjonijiet ta' kompitu u l-arranġamenti ta' tħaddim kollha, mingħajr il-ħtieġa li jadottaw pożizzjonijiet skomdi. Il-firxa tal-pożizzjonijiet tal-mezzi ta' kontroll, id-distanza tal-ivvjaġġar tal-partijiet li jiċċaqalqu tal-apparat u l-forza meħtieġa biex jitħaddem l-appart iridu jqisu n-natura tal-azzjoni li trid titwettaq, l-anatomija funzjonali tal-id jew is-sieq umana u l-qisien tal-ġisem tal-popolazzjoni tal-operaturi. Fil-każ tal-mezzi ta' kontroll użati frekwentement jew kontinwament, id-disinn tal-apparat irid jevita movimenti ripetittivi li jinvolvu pożizzjonijiet skomdi jew xiber eċċessiv li jistgħu jikkontribwixxu għal mard muskuloskeletali.

Meta mezzi ta' kontroll tal-kmand miżmum huma meħtieġa, huma jridu jkunu ddisinnjati biex inaqqsu l-limitazzjonijiet għall-operaturi safejn hu possibbli – ara §301: kummenti dwar is-sezzjoni 3.3.1, §353: kummenti dwar is-sezzjoni 4.2.1, u §371: kummenti dwar is-sezzjoni 6.2.

L-ispazju bejn il-mezzi ta' kontroll irid ikun biżżejjed biex inaqqas ir-riskju ta' tħaddim mhux intiż, mingħajr b'hekk ma jirrikjedi movimenti mhux meħtieġa. Għandha tingħata attenzjoni partikolari rigward jekk l-operaturi probabbilment jużawx it-TPP bħall-ingwanti protettivi jew xedd is-saqajn protettiv – ara §176: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (d).

L-arranġament u l-firxa tal-pożizzjonijiet tal-mezzi ta' kontroll iridu jqisu wkoll il-kapaċitajiet umani għall-ipproċessar tal-informazzjoni, fir-rigward tal-attenzjoni, il-perċezzjoni u konjizzjoni.

1.2.2 Il-mezzi ta' kontroll (ikompli)

. . .

Il-makkinarju għandu jkun mgħammar b'indikaturi skont kif ikun meħtieġ għat-tħaddim mhux perikoluż. L-operatur għandu jkun kapaċi jaqrahom mill-pożizzjoni ta' kontroll.

. . .

§194 Indikaturi u mezzi ta' wiri

Ir-rekwiżit stipulat fir-raba' paragrafu tas-sezzjoni 1.2.2 jirrikjedi li l-makkinarju jitwaħħlulu l-indikaturi meħtieġa biex l-operaturi jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti differenti tagħhom. Dawn jinkludu, pereżempju, l-indikaturi li jinformaw lill-operaturi rigward il-valur tal-parametri relevanti tal-makkinarju (bħal, pereżempju, il-veloċità, it-tagħbija, it-temperatura jew il-pressjoni tal-partijiet tal-makkinarju) u rigward l-effetti tal-azzjoni tagħhom fuq il-mezzi ta' kontroll, meta dan ma jkunx ovvju.

L-indikaturi jistgħu jipprovdu wkoll twissijiet lill-operaturi meta l-parametri relevanti jaqbżu l-firxa tal-valuri sikuri. Tali indikaturi jistgħu jkunu assoċjati ma' mezzi li jillimitaw li jazzjonaw ċerti azzjonijiet meta jinqabżu l-parametri sikuri. L-indikaturi jistgħu jintużaw ukoll f'kombinazzjoni ma' arranġament speċifiku ta' tħaddim bħal veloċità baxxa jew tħaddim inkrementali.

L-indikaturi użati b'mod komuni jinkludu mezzi ta' wiri u skrins diġitali, mezzi ta' wiri analoġiċi bħal dajals u gejġis, kif ukoll indikaturi tattili u tas-smigħ. L-indikaturi jistgħu jkunu parti integrali mill-mezzi ta' kontroll infushom jew indipendenti. Jekk ikunu indipendenti, iridu jkunu ddisinnjati u ppożizzjonati b'mod li jkunu jistgħu jinqraw u jinftehmu faċilment mill-operaturi mill-pożizzjoni ta' kontroll meta dawn jużaw il-mezzi ta' kontroll irrelatati. B'mod partikolari, l-indikaturi jridu jkunu ddisinnjati biex iħaffu l-identifikazzjoni rapida ta' mġiba mhux normali tal-makkinarju.

L-indikaturi u l-mezzi ta' wiri huma soġġetti għar-rekwiżiti stipulati fis-sezzjonijiet 1.7.1, 1.7.1.1, u 1.7.1.2 irrelatati mal-informazzjoni u t-twissijiet fuq il-makkinarju, il-mezzi tal-informazzjoni u l-mezzi ta' twissija. B'mod partikolari, kwalunkwe informazzjoni bil-miktub jew verbali pprovduta mill-indikaturi jew mill-mezzi ta' wiri hija soġġetta għar-rekwiżiti tal-lingwi stipulati fis-sezzjoni 1.7.1 – ara §245 sa §248: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.7.1, 1.7.1.1 u 1.7.1.2.

1.2.2 Il-mezzi ta' kontroll (ikompli)

. . .

Minn kull pożizzjoni tal-kontroll, l-operatur għandu jkun kapaċi jiżgura li ma hemm ħadd fiż-żoni ta' periklu, jew is-sistema ta' kontroll għandha tkun iddisinnjata u mibnija b'mod li jkun evitat l-istartjar dment li xi ħadd ikun fiż-żona ta' periklu.

Jekk ma tkunx tapplika l-ebda waħda minn dawn il-possibilitajiet, qabel ma jistartja l-makkinarju, għandu jingħata sinjal ta' twissija akustiku u/jew viżwali. Il-persuni esposti għandu jkollhom il-ħin li jitilqu miż-żona ta' periklu jew li jwaqqfu l-makkinarju milli jistartja.

. . .

§195 Viżibbiltà ta' żoni ta' periklu matul l-istartjar

Skont is-sezzjoni 1.1.2 (b), l-ewwel miżura għandha tkun l-eliminazzjoni jew it-tnaqqis tar-riskju, pereżempju, billi l-makkinarju jkun iddisinnjat b'mod li l-persuni ma jkollhomx ħtieġa jidħlu fiż-żoni ta' periklu tal-makkinarju – ara §239: kummenti dwar is-sezzjoni 1.6.1 – jew permezz ta' twaħħil ta' mezzi ta' lqugħ u/jew apparat protettiv li jindikaw il-preżenza ta' persuni fiż-żona ta' periklu u jevitaw l-istartjar sakemm il-persuni huma preżenti. Imma tali miżuri mhumiex dejjem possibbli.

Jekk hemm riskju li xi persuni jistgħu jidħlu fiż-żoni ta' periklu, ir-rekwiżit stipulat fil-ħames u s-sitt paragrafi tas-sezzjoni 1.2.2 għandu l-għan li jagħti l-kapaċità lill-operatur li jiżgura li m'hemm ħadd fiż-żoni ta' periklu tal-makkinarju qabel jistartja l-makkinarju. Il-persuni kkonċernati jistgħu jkunu operaturi oħra tal-produzzjoni jew persuni esposti oħra bħall-operaturi tal-manutenzjoni. Fil-każ taż-żoni ta' periklu fl-ambjent tal-makkinarju, il-persuni esposti potenzjali jistgħu jinkludu persuni li jkunu viċin – ara §165: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.1 (b).

Jekk mhuwiex possibbli li l-makkinarju jkun iddisinnjat b'mod li l-operatur li jikkontrolla l-istartjar tal-makkinarju jkollu viżjoni diretta adegwata taż-żoni ta' periklu mill-pożizzjoni ta' kontroll, jistgħu jkunu pprovduti għajnuniet ta' viżjoni indiretta, bħal, pereżempju, mirja jew televiżjoni f'ċirkwit magħluq (CCTV).

F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li r-rekwiżiti supplimentari rrelatati mal-viżibbiltà mill-post tas-sewwieq ta' makkinarju mobbli huma stipulati fis-sezzjoni 3.2.1.

Meta ma jkunx possibbli li tkun żgurata viżibbiltà diretta jew indiretta taż-żoni ta' periklu mill-pożizzjonijiet ta' kontroll, l-istartjar tal-makkinarju jrid ikun ippreċedut minn sinjal ta' twissija akustiku jew viżwali (jew it-tnejn) bi żmien biżżejjed bejn is-sinjal ta' twissija u l-istartjar jew il-moviment tal-makkinarju biex jippermetti li kwalunkwe persuna esposta titlaq miż-żoni ta' periklu jew, jekk dak mhuwiex possibbli, li l-persuni esposti jkollhom il-mezzi biex jevitaw lill-makkinarju milli jistartja, bħal, pereżempju, b'kontroll tat-twaqqif ta' emerġenza fiż-żona ta' periklu – ara §202: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.4.3.

L-ispeċifikazzjonijiet għas-sinjali ta' twissija akustiċi u viżwali huma mogħtija fl-istandard EN 981.[120]

[120] EN 981:1996+A1:2008 – *Sigurtà tal-makkinarju – Sistema ta' sinjali akustiċi u viżwali ta' periklu u informazzjoni.*

Meta l-operazzjonijiet ta' manutenzjoni jridu jitwettqu fiż-żoni ta' periklu tal-makkinarju, iridu jkunu pprovduti mezzi speċifiċi għall-prevenzjoni ta' startjar mhux mistenni tal-makkinarju jew ta' partijiet tal-makkinarju – ara §241: kummenti dwar is-sezzjoni 1.6.3.

1.2.2 Il-mezzi ta' kontroll (ikompli)

. . .

Jekk ikun hemm bżonn, għandhom jingħataw il-mezzi sabiex ikun żgurat li l-makkinarju jista' jkun kontrollat biss mill-pożizzjonijiet ta' kontroll li jkunu jinsabu f'wieħed jew aktar miż-żoni jew postijiet deċiżi minn qabel.

. . .

§196 Post tal-pożizzjonijiet ta' kontroll

Ir-rekwiżit stipulat fis-seba' paragrafu tas-sezzjoni 1.2.2 għandu l-għan li jiżgura li l-pożizzjoni li minnha l-operatur jikkontrolla t-tħaddim tal-makkinarju hija barra ż-żoni ta' periklu tal-makkinarju u llokalizzati, sa fejn hu possibbli, b'mod li l-operatur jista' jiżgura li persuni oħra mhumiex esposti għal riskji.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari għal dan ir-rekwiżit meta jitqies l-użu ta' mezzi ta' kontroll mobbli bħal kontrolli mdendlin jew kontrolli mill-bogħod. L-istima tar-riskju trid tqis ir-riskju li l-operatur jista' jikkontrolla l-makkinarju minn pożizzjoni perikoluża, bħal, pereżempju, żona fejn hemm ir-riskju li wieħed jitgħaffeġ jew jintlaqat minn oġġetti li jaqgħu jew li jintefgħu 'l barra.

1.2.2 Il-mezzi ta' kontroll (ikompli)

. . .

Fejn ikun hemm aktar minn pożizzjoni ta' kontroll waħda, is-sistema ta' kontroll għandha tkun iddisinnjata b'mod li l-użu ta' wieħed minnha jipprekludi l-użu tal-oħrajn, salv għall-kontrolli tat-twaqqif u l-waqfien tal-emerġenza.

. . .

§197 Pożizzjonijiet multipli ta' kontroll

Ir-rekwiżiti stipulati fit-tmien paragrafu tas-sezzjoni 1.2.2 jikkonċernaw il-makkinarju pprovdut b'żewġ pożizzjonijiet jew aktar ta' kontroll intiżi biex jintużaw f'sekwenza, minn operatur uniku jew minn żewġ operaturi jew aktar, biex iwettqu kompiti differenti jew jikkontrollaw il-makkinarju matul fażijiet differenti tat-tħaddim tiegħu. Sabiex tkun evitata konfużjoni jew ordnijiet kontradittorji, il-mezzi ta' kontroll f'kull pożizzjoni ta' kontroll iridu jkunu mqabbda mas-sistema ta' kontroll b'tali mod li l-użu ta' pożizzjoni ta' kontroll partikolari tipprekludi l-użu tal-oħrajn, ħlief għall-kontrolli tat-twaqqif u l-waqfien ta' emerġenza**.**

1.2.2 Il-mezzi ta' kontroll (ikompli)

. . .

Meta l-makkinarju għandu żewġ jew aktar pożizzjonijiet ta' tħaddim, kull pożizzjoni għandu jkollha l-mezzi meħtieġa ta' kontroll kollha mingħajr ma l-operaturi jfixklu jew ipoġġu lil xulxin f'sitwazzjoni perikoluża.

§198 Pożizzjonijiet tat-tħaddim multipli

L-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 1.2.2 japplika għal makkinarju pprovdut b'żewġ pożizzjonijiet jew aktar ta' tħaddim li jistgħu jintużaw simultanjament. Dan huwa tipikament il-każ għall-muntaturi ta' makkinarju fejn l-unitajiet kostitwenti differenti tal-muntatura għandhom pożizzjoni tat-tħaddim partikolari – ara §38: kummenti dwar the raba' inċiż tal-Artikolu 2 (a). Is-sistema ġenerali ta' kontroll ta' tali muntatura u l-attribuzzjoni tal-funzjonijiet tal-kontroll lil pożizzjonijiet tat-tħaddim differenti jridu jkunu ddisinnjati b'mod li l-ordnijiet mogħtija f'pożizzjoni tat-tħaddim waħda ma jtellfux jew joħolqu sitwazzjoni perikoluża għall-operaturi fil-pożizzjonijiet tat-tħaddim l-oħra. Iridu jittieħdu prekawzjonijiet partikolari jekk it-tħaddim ta' element wieħed tal-muntatura awtomatikament jagħti bidu għat-tħaddim ta' element ieħor – ara §199: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.3.

1.2.3 L-istartjar

Għandu jkun possibbli li l-makkinarju jkun startjat biss permezz tal-attwazzjoni volontarja tal-mezz ta' kontroll provdut għal dak l-iskop.

L-istess rekwiżit japplika:

meta l-makkinarju jerġa jiġi startjat wara l-waqfien, tkun xi tkun il-kawża,

meta tkun qiegħdha ssir bidla sinifikanti fil-kondizzjonijiet tat-tħaddim.

Madankollu, l-istartjar mill-ġdid tal-makkinarju jew bidla fil-kondizzjonijiet tat-tħaddim jistgħu jkunu affettwati minn attwazzjoni volontarja tal-mezz minbarra l-mezz ta' kontroll provdut għall-iskop, bil-kondizzjoni li dan ma jwassalx għal sitwazzjoni perikoluża.

Għall-makkinarju li jkun jaħdem f'arranġament awtomatiku, l-istartjar tal-makkinarju, l-istartjar mill-ġdid wara waqfien, jew bidla fil-kondizzjonijiet tat-tħaddim jistgħu jkunu possibbli mingħajr intervent, sakemm dan ma jwassalx għal sitwazzjoni perikoluża.

Fejn il-makkinarju għandu diversi mezzi ta' kontroll li jqabbdu u l-operaturi jistgħu għaldaqstant ipoġġu lil xulxin fil-periklu, għandhom ikunu installati mezzi oħra sabiex jiġu evitati riskji bħal dawn. Jekk is-sigurtà titlob li l-istartjar u/jew il-waqfien għandhom isiru f'sekwenza speċifika, għandu jkun hemm mezzi li jiżguraw li dawn l-operazzjonijiet isiru fl-ordni korretta.

§199 Kontroll tal-istartjar

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 1.2.3 għandhom l-għan li jipprevjenu l-istartjar mhux intenzjonat jew mhux mistenni, li huma kawżi komuni ta' inċidenti serji li jinvolvu makkinarju.

Ir-rekwiżit bażiku stipulat fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.2.3 huwa li l-makkinarju għandu jistartja biss meta l-operatur jagħti kmand tal-istartjar billi juża mezz speċifiku ta' kontroll tal-istartjar. Dan ir-rekwiżit japplika għall-istartjar inizjali tal-makkinarju fil-bidu ta' perjodu tal-operat.

Skont it-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.2.3, dan ir-rekwiżit bażiku japplika wkoll meta l-makkinarju jerġa' jiġi startjat wara waqfien jew meta tkun qiegħda ssir bidla sinjifikanti

fil-kondizzjonijiet tat-tħaddim bħal, pereżempju, l-aġġustament tal-veloċità tal-makkinarju.

Għalhekk, pereżempju, bħala regola ġenerali, l-istartjar ma għandux jibda bl-għeluq ta' mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiġu mċaqilqa u li jillokkjaw ma' xulxin, bir-rilaxx ta' kontroll tat-twaqqif jew bir-rilaxx ta' kontroll tat-twaqqif ta' emerġenza – ara §200 sa §202: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.4.

Madankollu, skont it-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.2.3, ir-rekwiżit għal mezz speċifiku ta' kontroll ta' startjar jew startjar mill-ġdid ma japplikax għall-istartjar mill-ġdid jew għat-tibdil tal-kondizzjonijiet tat-tħaddim jekk l-użu ta' mezz ieħor differenti mill-mezz speċifiku ta' kontroll tal-istartjar ma jwassalx għal sitwazzjoni perikoluża.

Għalhekk, pereżempju, huwa eċċezzjonalment possibbli li jiġi kkontrollat il-bidu ta' ċerti funzjonijiet tal-makkinarju bl-għeluq ta' mezzi ta' lqugħ li jillokkjaw ma' xulxin (mezz ta' lqugħ ta' kontroll) jew bl-irtirar ta' persuna jew il-parti osservata ta' persuna mill-qasam sensittiv ta' apparat protettiv. Din il-karatterisitika tista' tkun siewja għal raġunijiet ergonomiċi, sabiex tiġi evitata l-ħtieġa għal azzjoni ripetuta fuq il-mezz ta' kontroll tal-istartjar fuq makkinarju b'ċiklu tax-xogħol qasir. Madankollu, dawn is-soluzzjonijiet eċċezzjonali jistgħu jiġu applikati biss jekk il-makkinarju jiġi ddisinjat u mibni b'miżuri protettivi adegwati ta' kumpens sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' startjar mhux intenzjonat jew mhux mistenni.

L-ispeċifikazzjonijiet għall-użu eċċezzjonali tal-mezzi ta' lqugħ ta' kontroll jew ta' apparat protettiv li jintuża għall-bidu taċ-ċiklu huma mogħtija fl-istandard EN ISO 12100-2.[121]

Ir-raba' paragrafu tas-sezzjoni 1.2.3 jippermetti t-tieni eċċezzjoni għar-regola ġenerali stipulata fl-ewwel paragrafu, f'każijiet fejn l-istartjar tal-makkinarju, l-istartjar mill-ġdid wara waqfien jew bidla fil-kondizzjonijiet tat-tħaddim tiġi attivata awtomatikament, sakemm din ma twassalx għal sitwazzjoni perikoluża. Dan ir-rekwiżit jimplika li l-istartjar u l-istartjar mill-ġdid awtomatiku għandu jkun possibbli biss meta jkunu fis-seħħ u jitħaddmu b'mod korrett il-mezzi meħtieġa għall-protezzjoni tal-persuni kontra r-riskji assoċjati mal-funzjonijiet ikkontrollati awtomatikament.

Ir-rekwiżiti stipulati fil-ħames paragrafu tas-sezzjoni 1.2.3 huma supplimentari għar-rekwiżiti stipulati fit-tmien u fid-disa' paragrafi tas-sezzjoni 1.2.2.

Il-makkinarju jista' jiġi mgħammar b'diversi mezzi ta' kontroll tal-istartjar minħabba li huwa pprovdut b'diversi pożizzjonijiet ta' kontroll intiżi biex jintużaw fi żminijiet differenti jew għal kompiti differenti. F'każijiet bħal dawn, is-sistema ta' kontroll għandha tiġi ddisinjata b'tali mod li tiżgura li jkun jista' jintuża kontroll tal-istartjar wieħed biss fi żmien partikolari, b'konformità mat-tmien paragrafu tas-sezzjoni 1.2.2.

Fuq il-makkinarju jistgħu jiġu pprovduti diversi mezzi ta' kontroll tal-istartjar, speċjalment muntaturi ta' makkinarju, li jkollhom diversi pożizzjonijiet tat-tħaddim għal unitajiet kostitwenti differenti. F'dak il-każ, is-sistema ta' kontroll globali tal-muntatura għandha tiġi ddisinjata b'tali mod li tiżgura li l-użu ta' wieħed mill-mezzi ta' kontroll tal-istartjar ma jagħtix lok għal sitwazzjoni perikoluża għall-operaturi l-oħrajn. Bl-istess mod, is-sistema ta' kontroll globali għandha tiġi ddisinjata b'tali mod li tiżgura li l-

[121] EN ISO 12100-2:2003+A1:2009 – *Sigurtà ta' makkinarju – Kunċetti bażiċi, Prinċipji ġenerali għad-disinn* – Parti 2: *Prinċipji tekniċi* (ISO 12100-2:2003) – ara l-klawsoli 5.2.5.3 u 5.3.2.5.

elementi tal-makkinarju li għandhom jiġu startjati jew imwaqqfa f'ordni partikolari jkunu jistgħu jiġu startjati jew imwaqqfa biss f'dik l-ordni u li s-sinjali mhux korretti ta' kontroll tal-istartjar jew tat-twaqqif huma ineffettivi.

L-ispeċifikazzjonijiet għall-prevenzjoni tal-istartjar mhux mistenni tal-makkinarju huma mogħtija fl-istandard EN 1037.[122]

Għandu jiġi osservat li, minbarra r-rekwiżiti ġenerali relatati mal-istartjar stipulati fis-sezzjoni 1.2.3, ir-rekwiżiti supplimentari għall-istartjar relatati mal-mobilità tal-makkinarju huma stipulati fis-sezzjoni 3.3.2.

1.2.4 Twaqqif

1.2.4.1 Waqfa normali

Il-makkinarju għandu jkun mgħammar b'mezz ta' kontroll li bih il-makkinarju jkun jista' jitwaqqaf kompletament b'mod sikur.

Kull post tax-xogħol għandu jkun mgħammar b'mezz ta' kontroll biex iwaqqaf xi ftit minn jew il-funzjonijiet kollha tal-makkinarju, skont il-perikli li jeżistu, sabiex il-makkinarju ma jibqax perikoluż.

Il-kontroll tat-twaqqif tal-makkinarju għandu jkollu prijorita' fuq il-kontrolli sabiex jistartja.

Meta l-makkinarju jew il-funzjonijiet perikolużi tiegħu jkunu waqfu, il-provvista tal-enerġija għal dawk il-partijiet konċernati li jazzjonaw għandhom jinqatgħu.

§200 Mezzi ta' kontroll għal waqfa normali

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.2.4.1 għandu l-għan li jiżgura li l-operaturi jkunu jistgħu jwaqqfu l-makkinarju b'mod sikur il-ħin kollu. Minbarra l-ħtieġa li l-makkinarju jitwaqqaf b'mod sikur għal raġunijiet operazzjonali, huwa essenzjali wkoll għall-operaturi li jkunu kapaċi jwaqqfu l-makkinarju f'każ ta' funzjonament ħażin li jista' jwassal għal sitwazzjoni perikoluża.

It-tieni paragrafu japplika għal makkinarju b'żewġ postijiet tax-xogħol jew aktar. F'xi każijiet, operatur waħdieni jista' jikkontrolla l-makkinarju kollu minn pożizzjonijiet ta' kontroll differenti, jiddependi mill-kompiti tiegħu u l-fażi tat-tħaddim. F'każijiet oħrajn, partijiet differenti tal-makkinarju jistgħu jiġu kkontrollati minn operaturi differenti. Il-mezz ta' kontroll tat-twaqqif ipprovdut f'kull post tax-xogħol jista' jwaqqaf il-makkinarju kollu jew parti biss tal-makkinarju meta dan ikun jista' jsir mingħajr riskju – ara §203: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.4.4. Jekk ikun hemm bżonn, il-mezz ta' kontroll tat-twaqqif għandu jwaqqaf il-partijiet relevanti tal-makkinarju kumpless fi proċedura sekwenzali – ara §199: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.3.

Ir-rekwiżit stipulat fit-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.2.4.1 huwa rekwiżit għad-disinn tas-sistema ta' kontroll li hija partikolarment importanti fil-każ ta' makkinarju b'diversi postijiet tax-xogħol, minħabba li tipprevjeni li kmand ta' startjar mogħti minn operatur wieħed jikkoinċidi ma' kmand ta' twaqqif mogħti minn operatur ieħor. Huwa maħsub

[122] EN 1037:1995+A1:2008- *Sigurtà ta' makkinarju - Prevenzjoni li magna tibda taħdem bla mistennija.*

ukoll biex jiżgura li jkun jista' jingħata kmand ta' twaqqif, anki f'każ ta' nuqqas ta' kontroll tal-istartjar fis-sens ta' kmand ta' startjar sostnut.

Ir-rekwiżit, stipulat fl-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 1.2.4.1, li, meta l-makkinarju jew il-funzjonijiet perikolużi tiegħu jkunu twaqqfu, il-provvista tal-enerġija għal dawk il-partijiet konċernati li jazzjonaw għandha tinqata', huwa maħsub biex jipprevjeni r-riskju ta' startjar mhux intenzjonat wara kmand ta' twaqqif li jista' jiġi kkawżat minn difett jew ħsara fis-sistema ta' kontroll. Dan ifisser li t-twaqqif jista' jinkiseb jew permezz tat-tneħħija immedjata tal-enerġija għat-tagħmir li jazzjona l-magna, jew bl-enerġija disponibbli għat-tagħmir li jazzjona l-magna biex jinkiseb it-twaqqif u mbagħad titneħħa l-enerġija ladarba jinkiseb it-twaqqif.

Għandu jiġi osservat li, minbarra r-rekwiżiti ġenerali għat-twaqqif stipulati fis-sezzjoni 1.2.4.1, ir-rekwiżiti supplimentari għat-twaqqif għall-funzjoni tal-ivvjaġġar ta' makkinarju mobbli huma stipulati fis-sezzjoni 3.3.3.

1.2.4.2 Waqfien mit-tħaddim

Meta, għal raġunijiet ta' tħaddim, ikun jinħtieġ il-kontroll tat-twaqqif li ma jaqtax id-dawl għal dawk il-partijiet konċernati li jazzjonaw, għandu jkun hemm monitoraġġ u ż-żamma tal-kondizzjoni tat-twaqqif.

§201 Waqfien mit-tħaddim

Is-sezzjoni 1.2.4.2 tirrikonoxxi li, għal raġunijiet ta' tħaddim, pereżempju, sabiex ikun permess startjar mill-ġdid aktar faċli u rapidu tal-makkinarju, jista' jkun meħtieġ li jiġi pprovdut, minbarra l-kontroll tat-twaqqif normali meħtieġ mis-sezzjoni 1.2.4.1, kontroll tat-twaqqif li ma jnaqqasx il-provvista tal-enerġija għat-tagħmir li jazzjona l-kontrolli. Minħabba li, f'dak il-każ, ħsara fis-sistema ta' kontroll tista' twassal għal bidu mhux intenzjonat, is-sistema ta' kontroll għandha tinkludi l-mezzi ta' monitoraġġ tal-kundizzjoni ta' waqfien sabiex jiġi żgurat li l-makkinarju jibqa' wieqaf sakemm jiġi startjat mill-ġdid b'mod intenzjonali bl-użu tal-mezz ta' kontroll tal-istartjar. Il-parti tas-sistema ta' kontroll relattiva għall-monitoraġġ għandha titqies bħala parti relatata mas-sigurtà tas-sistema ta' kontroll li għandu jkollha livell adegwat ta' prestazzjoni – ara §184: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.1.

1.2.4.3 Waqfien ta' emerġenza

Il-makkinarju għandu jkun mgħammar b'mezz għall-waqfien ta' emerġenza sabiex jippermetti li l-periklu attwali jew imminenti ikun evitat.

Għandhom japplikaw dawn l-eċċezzjonijiet li ġejjin:

- *il-makkinarju li fih mezz għall-waqfien ta' emerġenza ma jnaqqasx ir-riskju, jew għax ma jnaqqasx il-ħin biex il-magna tieqaf jew għax ma jippermettix li l-miżuri speċjali meħtieġa sabiex jittrattaw mar-riskju li jittieħdu,*
- *makkinarju miżmum fl-idejn u li jista' jinġarr u/jew makkinarju li jkun iggwidat bl-idejn.*

Il-mezz għandu:

- *ikollu mezzi ta' kontroll li jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar, li jidhru b'mod ċar u li jkunu aċċessibbli malajr,*
- *iwaqqaf il-proċess perikoluż kemm jista' jkun malajr, mingħajr ma joħloq riskji żejda,*
- *fejn ikun neċessarju, jagħti bidu għal jew jippermetti li jingħata bidu għal ċerti movimenti ta' salvagwardja.*

Meta t-tħaddim attiv tal-mezz għall-waqfien ta' emerġenza jkun waqaf wara kmand għall-waqfien, dak il-kmand għandu jkun sostnut permezz ta' tħaddim tal-mezz għall-waqfien ta' emerġenza sakemm dak l-ingaġġ huwa maqbuż b'mod speċifiku; ma għandux ikun possibbli li jitħaddem il-mezz mingħajr ma tagħti bidu għall-kmand ta' waqfien; għandu jkun possibbli li jitneħħa l-ingaġġ tal-mezz biss permezz ta' tħaddim xieraq, u t-tneħħija tal-ingaġġ tal-mezz ma għandux jerġa jibda jħaddem il-makkinarju iżda għandu jippermetti l-istartjar mill-ġdid.

Il-funzjoni għall-waqfien ta' emerġenza għandu jkun disponibbli u operabbli l-ħin kollu, ikun xi jkun l-arranġament tat-tħaddim.

Il-mezzi għall-waqfien ta' emerġenza għandhom ikunu bħala riserva għall-miżuri l-oħrajn ta' salvagwardja u mhux bħala sostitut għalihom.

§202 Mezzi ta' waqfien ta' emerġenza

Mezz ta' waqfien ta' emerġenza jinkludi mezz ta' kontroll speċifiku konness mas-sistema ta' kontroll li tagħti kmand ta' twaqqif u l-komponenti jew is-sistemi meħtieġa biex jitwaqqfu l-funzjonijiet perikoluż tal-makkinarju mill-aktar fis possibbli, mingħajr ma jinħolqu aktar riskji.

Il-mezzi ta' waqfien ta' emerġenza huma intiżi biex jippermettu lill-operaturi jwaqqfu l-funzjonijiet perikoluż tal-makkinarju mill-aktar fis possibbli jekk, minkejja l-miżuri protettivi l-oħrajn meħuda, jiżviluppaw sitwazzjonijiet jew avvenimenti perikoluż. Il-waqfien ta' emerġenza fih innifsu ma jipprovdix protezzjoni, li hija r-raġuni għala l-aħħar sentenza tas-sezzjoni 1.2.4.3 tenfasizza li t-twaħħil ta' mezz ta' waqfien ta' emerġenza huwa riserva għall-miżuri l-oħrajn ta' salvagwardja, bħal mezzi ta' lqugħ u apparat protettiv, mhux bħala sostitut għalihom. Madankollu, waqfien ta' emerġenza jista' jippermetti lill-operaturi jipprevjenu sitwazzjoni perikoluża milli tirriżulta f'inċident jew għall-inqas li jnaqqsu s-severità tal-konsegwenzi ta' inċident. Waqfien ta'

emerġenza jista' wkoll jagħti ċ-ċans lill-operaturi jipprevjenu l-funzjonament ħażin tal-makkinarju milli jagħmel ħsara lill-makkinarju.

L-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.2.4.3 jitlob li l-makkinarju jiġi mwaħħal, bħala regola ġenerali, b'mezz ta' waqfien ta' emerġenza wieħed jew aktar. It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.2.4.3 jistabbilixxi żewġ eċċezzjonijiet fejn il-mezzi ta' waqfien ta' emerġenza mhumiex meħtieġa. L-ewwel eċċezzjoni hija fejn mezz ta' waqfien ta' emerġenza ma jnaqqasx ir-riskju meta mqabbel mal-kontroll tat-twaqqif normali. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, jekk ma jkunx possibbli li jinkiseb waqfien aktar malajr b'mod sinjifikanti minn dak li jinkiseb mill-kontroll tat-twaqqif normali mingħajr ma jinħolqu aktar riskji, bħal, pereżempju, it-telf ta' stabbiltà jew ir-riskju ta' ksur tal-Partijiet tal-makkinarju. F'każijiet fejn ma jiġix ipprovdut kontroll tat-twaqqif ta' emerġenza, il-mezz tal-kontroll tat-twaqqif normali għandu jkun identifikabbli b'mod ċar, viżibbli b'mod ċar u aċċessibbli malajr sabiex ikun jista' jintuża biex iwaqqaf il-makkinarju f'każ ta' emerġenza. It-tieni eċċezzjoni tikkonċerna makkinarju li jinġarr miżmum fl-idejn u/jew iggwidat bl-idejn – ara §278: kummenti dwar is-sezzjoni 2.2.1.

It-tielet u r-raba' paragrafi tas-sezzjoni 1.2.4.3 stipulaw rekwiżiti għad-disinn ta' mezzi ta' waqfien ta' emerġenza:

- L-ewwel nett, il-mezzi ta' waqfien ta' emerġenza ta' kontroll għandhom ikunu identifikabbli u viżibbli b'mod ċar. Dan huwa importanti minħabba li, f'sitwazzjoni ta' emerġenza, reazzjoni f'ħin qasir ħafna tista' tkun kruċjali. Normalment, il-mezzi ta' waqfien ta' emerġenza ta' kontroll ikunu ħomor fuq sfond isfar.
- It-tieni, il-mezzi ta' waqfien ta' emerġenza ta' kontroll għandhom ikunu aċċessibbli fil-pront. Dan ir-rekwiżit għandu konsegwenzi kemm għall-għażla tat-tip tal-mezz ta' kontroll kif ukoll għan-numru u l-post tal-mezzi ta' kontroll li jridu jitwaħħlu.

  Ħafna drabi, il-mezzi ta' waqfien ta' emerġenza ta' kontroll ikunu buttuni f'forma ta' faqqiegħ imħaddma bl-idejn. Madankollu, meta jkun hemm riskju li l-operatur jista' jkollu diffikultà biex jilħaq il-waqfien ta' emerġenza, pereżempju, jekk ikunu jistgħu jinqabdu ż-żewġ idejn tal-operatur, il-mezzi ta' waqfien ta' emerġenza ta' kontroll imħaddma bis-saqajn, jew il-bars li jistgħu jitħaddmu minn partijiet oħrajn tal-ġisem jistgħu jkunu preferibbli.

  Fuq makkinarju fejn iż-żoni ta' periklu jestendu fuq distanza twila, pereżempju, fuq makkinarju ta' mmaniġġjar kontinwu bħal conveyors, il-kontrolli ta' waqfien ta' emerġenza jistgħu jiġu attivati minn wajers jew ħbula.

  Minħabba li l-mezzi ta' waqfien ta' emerġenza ta' kontroll għandhom ikunu aċċessibbli fil-pront, in-numru u l-post tal-mezzi li għandhom jitwaħħlu għandhom jiġu deċiżi wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni d-daqs u l-konfigurazzjoni tal-makkinarju, in-numru ta' operaturi, il-post taż-żoni ta' periklu u l-post tal-postijiet tax-xogħol u l-punti ta' manutenzjoni. B'mod partikolari, jista' jkun neċessarju li jitwaħħlu mezzi ta' waqfien ta' emerġenza ta' kontroll f'żoni ta' periklu li mhumiex viżibbli għall-operatur li jistartja l-makkinarju jew f'żoni tal-makkinarju fejn jistgħu jinqabdu l-persuni, sabiex il-persuni esposti jkollhom iċ-ċans li jipprevjenu l-istartjar jekk ma jkunux jistgħu jitilqu miż-żona ta' periklu fil-ħin – ara §195: kummenti dwar is-sitt paragrafu tas-sezzjoni 1.2.2.

- It-tieni inċiż tat-tielet paragrafu jispeċifika li l-mezz ta' waqfien ta' emerġenza għandu jwaqqaf il-proċess perikoluż mill-aktar fis possibbli, mingħajr ma jinħolqu riskji addizzjonali. Il-mezzi li jintużaw biex jiġi ssodisfat dan ir-rekwiżit jiddependu fuq il-karatteristiċi tal-makkinarju. F'xi każijiet, tnaqqis immedjat fil-provvista tal-enerġija għat-tagħmir li jazzjona l-kontrolli huwa biżżejjed. Meta jkun meħtieġ twaqqif ikkontrollat, it-tagħmir li jazzjona l-kontrolli jista' jibqa' nieqes mill-enerġija matul il-proċess tat-twaqqif u l-provvista tal-enerġija tista' titnaqqas ladarba jsir it-twaqqif. F'xi każijiet, sabiex jiġi evitat li jinħolqu riskji addizzjonali, jista' jkun meħtieġ li l-provvista tal-enerġija tinżamm għal ċerti komponenti anki wara li jsir it-twaqqif, pereżempju, biex jiġi evitat li jaqgħu partijiet tal-makkinarju.
- It-tielet inċiż tat-tielet paragrafu jirreferi għal każijiet fejn jista' jkun hemm bżonn ta' azzjonijiet differenti mit-twaqqif tal-makkinarju sabiex tiġi evitata jew titneħħa s-sitwazzjoni perikoluża. Pereżempju, ladarba jitwaqqaf il-makkinarju, jista' jkun meħtieġ li jinfetħu jew li jingħata permess biex jinfetħu punti fejn jistgħu jinqabdu partijiet tal-ġisem tal-operatur. F'każijiet bħal dawn, il-mezz ta' waqfien ta' emerġenza għandu jkun intiż biex jagħti bidu għal tali azzjonijiet awtomatikament jew, għall-inqas, li jingħata permess biex dawn l-azzjonijiet jiġu kkontrollati. Fejn ikun meħtieġ għall-fini ta' sigurtà, ċerti funzjonijiet tal-makkinarju ma għandhomx jitwaqqfu (bħal, pereżempju sistemi ta' tkessiħ jew estratturi tat-trab).

Ir-rekwiżit stipulat fir-raba' paragrafu tas-sezzjoni 1.2.4.3 huwa maħsub biex jipprevjeni r-riskju ta' startjar mill-ġdid mhux maħsub tal-makkinarju wara li jkun ġie attivat il-mezz ta' waqfien ta' emerġenza. Dan ir-rekwiżit jista' jiġi ssodisfat permezz ta' mezzi adattati ta' waqfien ta' emerġenza tat-tip 'lock-in' li jeħtieġu azzjoni intenzjonata speċifika biex ineħħu l-ingaġġ tagħhom. It-tneħħija tal-ingaġġ tal-mezz ta' kontroll ta' emerġenza ma għandhiex terġa' tibda tħaddem il-makkinarju iżda għandha tippermetti biss l-istartjar mill-ġdid tal-makkinarju bl-użu tal-mezz ta' kontroll ta' startjar normali – ara §199: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.3.

Il-ħames paragrafu tas-sezzjoni 1.2.4.3 jitlob li l-funzjoni tal-waqfien ta' emerġenza tkun disponibbli u mħaddma f'kull ħin, irrispettivament mill-arranġament tat-tħaddim – ara §204: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.5.

L-ispeċifikazzjonijiet għall-waqfien ta' emerġenza huma mogħtija fl-istandard EN ISO 13850.[123]

1.2.4.4 Muntatura tal-makkinarju

Fil-każ ta' makkinarju jew partijiet mill-makkinarju ddisinnjati li jaħdmu flimkien, il-makkinarju għandu jkun iddisinnjat u mibni b'mod li l-kontrolli tal-waqfien, inkluż il-mezzi ta' waqfien f'emerġenza, jistgħu jwaqqfu mhux il-makkinarju nnifsu biss iżda wkoll it-tagħmir relatat kollu, jekk it-tħaddim kontinwu tiegħu jista' jkun perikoluż.

[123] EN ISO 13850:2008 – *Sigurtà ta' makkinarju – Tagħmir għat-twaqqif f'każ ta' emerġenza – Prinċipji għad-disinn* (ISO 13850:2006).

§203 Kontrolli tat-twaqqif għal muntaturi ta' makkinarju

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.2.4.4 għandu jiġi applikat skont l-istima tar-riskju mwettqa mill-fabbrikant ta' muntatura tal-makkinarju – ara §38: kummenti dwar ir-raba' inċiż tal-Artikolu 2 (a). Il-possibbiltà ta' kontroll tat-twaqqif normali li jwaqqaf biss uħud mill-unitajiet kostitwenti ta' muntatura tal-makkinarju permessi mis-sezzjoni 1.2.4.2 ma tapplikax jekk it-tħaddim kontinwu ta' elementi oħrajn tal-makkinarju jista' jagħti lok għal sitwazzjoni perikoluża. Bl-istess mod, meta jkun importanti għall-operaturi ta' unità waħda ta' muntatura tal-makkinarju li jkunu jistgħu jwaqqfu l-unitajiet relatati tal-muntatura f'emerġenza, il-mezzi ta' waqfien ta' emerġenza għandhom jaġixxu fuq il-partijiet relatati kollha tal-muntatura.

Jekk muntatura tal-makkinarju tinqasam f'żoni differenti kkontrollati minn kontrolli ta' twaqqif normali u mezzi ta' waqfien ta' emerġenza differenti, dawn iż-żoni għandhom jiġu definiti b'mod ċar u għandu jiġi indikat b'mod ċar liema elementi tal-muntatura tal-makkinarju jappartjenu għal liema żona. L-interfaces bejn iż-żoni għandhom jiġu ddisinjati b'tali mod li t-tħaddim kontinwu f'żona waħda ma jkunx jista' jagħti lok għal sitwazzjonijiet perikolużi f'żoni oħrajn li jkunu twaqqfu.

1.2.5 L-għażla tal-arranġamenti tal-kontroll jew tat-tħaddim

L-arranġament tal-kontroll jew tat-tħaddim għandu jiġi qabel l-arranġamenti tal-kontroll jew tat-tħaddim l-oħra kollha, bl-eċċezzjoni tal-waqfien ta' emerġenza.

Jekk il-makkinarju jkun iddisinnjat u mibni sabiex jippermetti l-użu tiegħu f'diversi arranġamenti tal-kontroll u tat-tħaddim li jitolbu miżuri prottettivi differenti u/jew proċeduri ta' xogħol, għandu jkun mgħammar b'apparat li jagħżel l-arranġament li jista' jkun imsakkar f'kull pożizzjoni. Kull pożizzjoni tal-apparat li jagħżel għandha tkun tista' tiġi identifikata b'mod ċar u għandha tikkorrispondi għal arranġament tat-tħaddim jew ta' kontroll wieħed.

L-apparat li jagħżel għandu jitbiddel b'metodu tal-għażla ieħor li jirrestringi l-użu ta' ċertu funzjonijiet tal-makkinarju għal ċerti kategoriji tal-operatur.

Jekk, għal ċerti operazzjonijiet, il-makkinarju għandu jkun jista' jaħdem b'mezz ta' lqugħ spustjat jew imneħħi u/jew b'mezz prottettiv imwaqqaf jew imneħħi, l-apparat li jagħżel l-arranġament tal-kontroll jew tat-tħaddim għandu simultanjament:

- *iwaqqaf it-tħaddim tal-arranġamenti tal-kontroll jew tat-tħaddim l-oħra kollha,*
- *jippermetti t-tħaddim ta' funzjonijiet perikoluż biss bil-mezzi ta' kontroll li jeħtieġu azzjoni kontinwa,*
- *jippermetti t-tħaddim ta' funzjonijiet perikoluż f'kondizzjonijiet ta' riskju imnaqqas biss filwaqt li jevita perikli minn sekwenzi konnessi,*
- *ma jħallix kwalunkwe tħaddim ta' funzjonijiet perikoluż minn azzjoni volontarja jew involontarja fuq l-apparat li jagħti s-sinjali tal-magna.*

Jekk dawn l-erba' kondizzjonijiet ma jistgħux jiġu sodisfatti simultanjament, il-mezz li jagħżel l-arranġament tal-kontroll jew tat-tħaddim għandu jattiva miżuri protettivi oħra ddisinnjati u mibnija sabiex jiżguraw żona protetta għall-interventi.

Minbarra dan, l-operatur għandu jkun kapaċi jikkontrolla t-tħaddim tal-partijiet li jkun qiegħed jaħdem fuqhom mill-punt tal-aġġustament.

§204 Għażla tal-arranġament

Is-sezzjoni 1.2.5 tittratta r-riskji li jistgħu jirriżultaw meta l-makkinarju jiġi ddisinjat b'diversi arranġamenti ta' kontroll jew ta' tħaddim. F'xi każijiet, il-makkinarju jista' jiġi ddisinjat b'arranġamenti speċifiċi ta' kontroll, pereżempju, għall-issettjar jew l-operazzjonijiet ta' manutenzjoni. F'każijiet oħrajn, huma previsti arranġamenti differenti ta' tħaddim, pereżempju, għal tħaddim bi tmigħ manwali jew awtomatiku ta' biċċiet li għandhom jinħadmu. Il-makkinarju mobbli jista' jiġi ddisinjat biex ikun ikkontrollat minn xufier riekeb fuqu jew b'kontroll mill-bogħod.

L-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.2.5 japplika f'dawn il-każijiet kollha u jesiġi li l-arranġamenti differenti ta' kontroll u ta' tħaddim ikunu jeskludu lil xulxin, għajr għall-funzjoni ta' waqfien ta' emerġenza, li għandha tkun disponibbli jkun xi jkun l-arranġament ta' kontroll jew ta' tħaddim li jintgħażel.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.2.5 japplika għall-arranġamenti ta' tħaddim li jirrikjedu miżuri protettivi differenti u proċeduri tax-xogħol li jħallu impatt differenti fuq is-sigurtà. Pereżempju, għal arranġament operattiv bi tmigħ manwali ta' biċċiet li għandhom

jinħadmu, tista' tkun addattata salvagwardja b'mezzi ta' lqugħ li jiċċaqilqu u li jillokkjaw ma' xulxin jew b'apparat protettiv, bħal apparat protettiv optoelettroniku jew mezzi ta' kontroll b'żewġ idejn. Għal arranġament operattiv bi tmigħ awtomatiku, l-użu ta' mezz ta' kontroll b'żewġ idejn bħala l-mezz prinċipali ta' salvagwardja probabbilment ma jkunx aċċettabbli.

L-issettjar jew l-arranġamenti ta' manutenzjoni jistgħu jippermettu li ċerti funzjonijiet tal-makkinarju jiġu kkontrollati bil-mezzi ta' lqugħ miftuħa jew b'apparat protettiv mitfi jew inkella permezz ta' mezz ta' kontroll speċjali bħal pendant control jew mezz ta' kontroll mill-bogħod, minflok il-mezzi ta' kontroll użati għal tħaddim normali.

F'dawn il-każijiet, kull pożizzjoni tal-apparat li jagħżel l-arranġament għandha tikkorrespondi għal arranġament wieħed ta' kontroll jew ta' tħaddim u għandu jkun possibbli li l-apparat li jagħżel l-arranġament ikun illokkjat f'kull pożizzjoni, filwaqt li l-apparat għandu jkun ipprovdut bl-indikaturi meħtieġa sabiex jiġi indikat b'mod ċar lill-operaturi liema arranġamenti ta' kontroll jew ta' tħaddim intgħażlu – ara §194: kummenti dwar ir-raba' paragrafu tas-sezzjoni 1.2.2.

It-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.2.5 jippermetti, bħala alternattiva għal selettur li jillokkja fiżikament, li l-għażla ta' arranġament ta' kontroll jew ta' tħaddim bħal, pereżempju, issettjar jew arranġament ta' manutenzjoni, tista' tkun limitata għal operaturi mħarrġa u awtorizzati b'mod speċjali b'mezzi oħra, bħal, pereżempju, kodiċi ta' aċċess.

- Ir-raba' paragrafu tas-sezzjoni 1.2.5 jistabbilixxi erba' kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati simultanjament għal makkinarju li għandu jiġi pprovdut b'arranġament ta' kontroll jew ta' tħaddim meta l-mezzi ta' lqugħ ikunu miftuħa jew l-apparat protettiv ikun mitfi:
- L-ewwel kundizzjoni timmira li teskludi kwalunkwe użu tal-arranġamenti l-oħrajn ta' kontroll jew ta' tħaddim waqt l- użu ta' dan l-arranġament;
- It-tieni kundizzjoni timmira li tiżgura li l-operatur iżomm kontroll sħiħ tal-funzjonijiet perikoluż l-ħin kollu;
- It-tielet kundizzjoni titlob li l-inkapaċitazzjoni tal-mezzi protettivi normali tiġi kkumpensata minn miżuri protettivi oħrajn bħal, pereżempju, veloċità mnaqqsa u/jew żjieda tat-tħaddim tal-partijiet li jiċċaqilqu. Is-salvagwardja għandha tinżamm għal partijiet perikoluż li l-aċċess għalihom mhuwiex meħtieġ;
- Ir-raba' kundizzjoni titlob li l-apparat li jagħżel l-arranġament mhux biss iwaqqaf it-tħaddim tal-arranġamenti ta' kontroll l-oħrajn kollha iżda wkoll iwaqqaf it-tħaddim ta' kwalunkwe apparat li jagħti s-sinjali fuq il-makkinarju li altrimenti jista' jagħti bidu għal movimenti jew funzjonijiet perikoluż oħrajn tal-makkinarju jew ta' partijiet tal-makkinarju waqt it-tħaddim ikkonċernat.

Il-ħames paragrafu tas-sezzjoni 1.2.5 japplika jekk ikun hemm bżonn li jiġi pprovdut arranġament ta' tħaddim b'ċerti mezzi protettivi normali mwaqqfa u meta waħda jew aktar mill-erba' kondizzjonijiet stipulati fir-raba' paragrafu ma jkunux jistgħu jiġu ssodisfati. F'dak il-każ, il-makkinarju għandu jiġi pprovdut b'mezzi protettivi oħrajn li jiżguraw li ż-żona li fiha l-operatur ikun intiż li jintervjeni tkun mingħajr periklu. Għandu jiġi enfasizzat li dawn il-mezzi għandhom jiġu integrati fid-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju u li mhuwiex biżżejjed, f'każ bħal dan, li jistrieħu biss fuq l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant, fuq it-twissijiet fuq il-makkinarju jew fuq it-taħriġ tal-operaturi.

1.2.6 Telf tal-provvista tal-enerġija

L-interruzzjoni, l-istabbiliment mill-ġdid wara interuzzjoni jew il-varjazzjoni fi kwalunkwe mod tal-provvista tal-enerġija għall-makkinarju ma għandux iwassal għal sitwazzjonijiet perikoluż i.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-punti li ġejjin:

- *il-makkinarju ma għandux jistartja meta mhuwiex mistenni,*
- *il-parametri tal-makkinarju ma għandhomx jinbidlu b'mod mhux kontrollat meta din il-bidla tista' twassal għal sitwazzjonijiet perikoluż i,*
- *il-makkinarju ma għandux jinżamm milli jieqaf jekk ikun diġa ngħata l-kmand,*
- *l-ebda parti tal-makkinarju jew biċċa miżmuma mill-makkinarju li jiċċaqilqu m'għandhom jaqgħu jew jintefgħu `l barra,*
- *twaqqif awtomatiku jew manwali tal-partijiet li jiċċaqilqu, ikunu x'ikunu, m'għandhomx ikunu mfixkla,*
- *il-mezzi protettivi għandhom jibqgħu effettivi bis-sħiħ jew jagħtu kmand għat-twaqqif.*

§205 Telf tal-provvista tal-enerġija

Is-sezzjoni 1.2.6 tittratta sitwazzjonijiet perikoluż i li jistgħu jirriżultaw f'każ tat-telf tal-provvista tal-enerġija jew wara ħsara. L-ewwel paragrafu jistipula r-rekwiżit bażiku li l-interruzzjoni tal-provvista tal-enerġija, l-istabbiliment mill-ġdid tal-provvista tal-enerġija wara interruzzjoni jew kwalunkwe varjazzjoni tal-provvista tal-enerġija ma għandhomx iwasslu għal sitwazzjoni perikoluża. Il-provvista tal-enerġija tista' tiġi interrotta bħala riżultat ta' qtugħ tal-enerġija elettrika lokali jew ġenerali jew bħala riżultat tat-telf ta' sorsi oħrajn tal-enerġija bħal stim, arja kompressata, fluwidu idrawliku u l-bqija. Il-varjazzjonijiet fil-provvista tal-enerġija jistgħu jinkludu varjazzjonijiet fil-vultaġġ jew fil-frekwenza tal-provvista tal-elettriku, varjazzjonijiet fil-pressjoni tal-istim, l-arja kompressata, il-fluwidu idrawliku u l-bqija.

Sabiex jiġi ssodisfat dan ir-rekwiżit, l-istima tar-riskju tal-fabbrikant għandha tinkludi analiżi tal-imġiba possibbli tal-makkinarju f'każijiet bħal dawn u l-makkinarju għandu jiġi ddisinjat u mibni b'tali mod li jipprevjeni milli jirriżultaw sitwazzjonijiet perikoluż i. Is-sitt inċiż i tat-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.2.6 jiġbdu l-attenzjoni għal ċerti sitwazzjonijiet perikoluż i komuni li jistgħu jirriżultaw f'każ tat-telf tal-provvista tal-enerġija. Għandu jiġi enfasizzat li din il-lista hija biss indikattiva. Jista' jiġi osservat ukoll li dawn is-sitwazzjonijiet perikoluż i huma l-istess bħal dawk imsemmija fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.2.1 fir-rigward tas-sigurtà u l-affidabbiltà ta' sistemi ta' kontroll, biex b'hekk uħud mill-miżuri tad-disinn meħtieġa jistgħu jkunu komuni għaż-żewġ rekwiżiti.

- L-ewwel inċiż jirreferi għar-riskju ta' startjar mhux mistenni tal-makkinarju. Din is-sitwazzjoni hija aktar probabbli li tirriżulta meta l-provvista tal-enerġija tiġi stabbilita mill-ġdid wara interruzzjoni. Għalhekk, is-sistema ta' kontroll għandha tkun intiża biex tiżgura li l-interruzzjoni tal-provvista tal-enerġija timpedixxi awtomatikament

kwalunkwe startjar sakemm il-makkinarju jiġi startjat mill-ġdid bl-użu tal-mezz ta' kontroll tal-istartjar.

- It-tieni inċiż jirreferi għal każijiet fejn provvista tal-enerġija tkun meħtieġa sabiex ċerti parametri tal-makkinarju bħal, pereżempju, il-pressjoni jew it-temperatura, jinżammu fi ħdan limiti mingħajr periklu. F'ċerti każijiet, jista' jkun meħtieġ li tiġi pprovduta provvista tal-enerġija riserva għal dak il-għan. Minbarra dan, id-dejta relatata tista' tinżamm għall-użu meta tiġi stabbilita mill-ġdid il-provvista tal-enerġija.
- It-tielet inċiż japplika għall-partijiet tas-sistema ta' kontroll li jikkontrollaw it-twaqqif u l-funzjonijiet ta' waqfien ta' emerġenza. Is-sistema ta' kontroll għandha tiġi ddisinjata b'tali mod li, ladarba jingħata kmand għat-twaqqif, din tibqa' effettiva anki jekk il-provvista tal-enerġija tiġi interrotta.
- Ir-raba' inċiż jesiġi li l-makkinarju jiġi ddisinjat b'tali mod li l-partijiet li jiċċaqilqu jew il-biċċiet miżmuma mill-makkinarju ma jaqgħux u ma jintefgħux 'il barra f'każ ta' telf tal-provvista tal-enerġija. Dan jista' jinkiseb permezz ta' klampijiet, brejkijiet, mezzi li jillokkjaw, valvi għall-iċċekkjar u l-bqija li jaħdmu bit-tneħħija tal-enerġija jew, jekk dan ma jkunx possibbli, permezz ta' sors ta' enerġija maħżuna bħal, pereżempju, nixxiegħa jew riserva ta' arja kompressata.
- F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li rekwiżit speċifiku japplika għall-operazzjonijiet tal-irfigħ – ara §342: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.2.6 (c).
- Il-ħames inċiż jesiġi li l-makkinarju jiġi ddisinjat b'tali mod li l-partijiet li jiċċaqilqu jkunu jistgħu jitwaqqfu mingħajr periklu f'każ ta' telf tal-provvista tal-enerġija. Meta tkun meħtieġa l-enerġija sabiex il-partijiet li jiċċaqilqu jitwaqqfu mingħajr periklu, din tista' tiġi pprovduta minn sors ta' enerġija maħżuna. F'ċerti każijiet, jista' jkun neċessarju li tiġi pprovduta riserva ta' provvista tal-enerġija sabiex il-partijiet li jiċċaqilqu tal-makkinarju jkunu jistgħu jitwaqqfu mingħajr periklu.
- L-aħħar inċiż jesiġi li l-apparat protettiv jiġi ddisinjat b'tali mod li jibqa' effettiv fin-nuqqas tal-provvista tal-enerġija jew b'tali mod li jkun jista' jingħata awtomatikament kmand għat-twaqqif jekk il-provvista tal-enerġija tiġi interrotta.

1.3 IL-PROTEZZJONI KONTRA L-PERIKLI MEKKANIĊI

1.3.1 Ir-riskju ta' telf ta' stabbilità

Il-makkinarju u l-komponenti u t-tagħmir tiegħu għandhom ikunu stabbli biżżejjed sabiex jevitaw li jinqelbu jew jaqgħu jew il-movimenti li mhumiex kontrollati matul it-trasportazzjoni, il-muntatura, l–iżmuntatatura, u kwalunkwe azzjoni oħra li tinvolvi l-makkinarju.

Jekk il-forma tal-makkinarju nnifsu jew l-istallazzjoni intiża tiegħu ma joffrux stabbilità suffiċjenti, il-mezzi xierqa tal-ankoraġġ għandhom ikunu inkorporati u indikati fl-istruzzjonijiet.

§206 Stabbiltà

L-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.3.1 jesiġi li l-fabbrikant jiżgura l-istabbiltà tal-makkinarju u tal-komponenti u t-tagħmir tiegħu matul il-fażijiet differenti tal-ħajja prevista tal-makkinarju – ara §173: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (a).

Il-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati jinkludu, pereżempju, l-għamla tal-makkinarju u l-bażi tiegħu, il-karatteristiċi tal-wiċċ jew l-istruttura li fuqha huwa intiż li jintuża, jiġi mmuntat jew installat il-makkinarju, id-distribuzzjoni tal-piż, l-effetti dinamiċi minħabba l-movimenti tal-makkinarju nnifsu, tal-partijiet tiegħu jew tal-elementi proċessati jew miżmuma mill-makkinarju, l-effetti tal-vibrazzjonijiet, ta' forzi esterni bħall-pressjoni tar-riħ u ta' kundizzjonijiet tat-temp bħal borra u silġ.

Meta l-istabbiltà tal-makkinarju tkun tiddependi fuq kundizzjonijiet ta' użu bħal, pereżempju, l-inklinazzjoni, l-art jew it-tagħbija, il-kundizzjonijiet li fihom il-makkinarju jissodisfa r-rekwiżit tal-istabbiltà għandhom jiġu speċifikati fl-istruzzjonijiet tal-fabbrikant – ara §264 u §269: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.7.4.2 (i) u (o).

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.3.1 jirreferi għal każijiet fejn l-istabbiltà tal-makkinarju tirrikjedi li jittieħdu miżuri partikolari meta dan jintuża jew jiġi installat. F'każijiet bħal dawn, id-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-ankoraġġ għandhom jiġu inkorporati fid-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju u l-miżuri li għandhom jittieħdu mill-utent jew mill-installatur għandhom jiġu speċifikati fl-istruzzjonijiet tal-fabbrikant – ara §264: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (i), u §269: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (o).

Għandu jiġi osservat li, minbarra r-rekwiżiti ġenerali dwar l-istabbiltà stipulati fis-sezzjoni 1.3.1,

- rekwiżiti supplimentari dwar l-istabbiltà ta' makkinarju li jinġarr huma stipulati fis-sezzjoni 2.2.1;
- rekwiżiti supplimentari dwar l-istabbiltà ta' makkinarju mobbli huma stipulati fis-sezzjonijiet 3.4.1 u 3.4.3;
- rekwiżiti supplimentari dwar l-istabbiltà ta' makkinarju għall-irfigħ huma stipulati fis-sezzjonijiet 4.1.2.1 u 4.2.2;
- rekwiżiti supplimentari dwar l-istabbiltà ta' reffieda bil-magna għas-soqfa għal xogħol taħt l-art huma stipulati fis-sezzjoni 5.1;
- rekwiżiti supplimentari dwar l-istabbiltà tal-makkinarju għall-irfigħ ta' persuni huma stipulati fis-sezzjoni 6.1.2.

1.3.2 Ir-riskju ta' ksur waqt it-tħaddim

Id-diversi partijiet tal-makkinarju u l-irbit tagħhom għandhom ikunu kapaċi jirreżistu l-pressjonijiet li għalihom ikunu suġġetti meta jkunu qegħdin jintużaw.

Id-durabilità tal-materjali użati għandu jkun adegwat għan-natura tal-post tax-xogħol previst mill-fabbrikant jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-fenomeni tal-istrapazz, it-tqaddim, il-korrużjoni u l-abbrażjoni.

L-istruzzjonijiet għandhom jindikaw it-tip u l-frekwenza tal-ispezzjonijiet u tal-manutenzjoni meħtieġa għar-raġunijiet ta' sigurtà. Għandhom, fejn xieraq, jindikaw il-partijiet mistennija li jittieklu u l-kriterji biex jiġu mibdula.

Fejn jibqa' r-riskju ta' qsim jew ta' diżintegrazzjoni minkejja l-miżuri meħuda, il-partijiet konċernati għandhom ikunu mmuntati, mqegħda fil-pożizzjoni u/jew imħarsa b'tali mod li ma jtirux biċċiet, u b'hekk jiġu evitati sitwazzjonijiet perikoluż.

Pajpijiet li minnhom jgħaddu l-fluwidi kemm jekk ikunu riġidi u kemm jekk flessibbli, b'mod partikolari dawk taħt pressa qawwija, għandhom ikunu kapaċi jifilħu l-pressjonijiet previsti interni u esterni u għandhom ikunu mwaħħlin sewwa u/jew protetti biex jiżguraw li l-qsim ma jikkawża l-ebda riskju.

Fejn il-materjal li għandu jiġi proċessat jiġi sottopost għall-għodda b'mod awtomatiku, għandhom jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin sabiex jevitaw riskji lill-persuni:

- *meta l-biċċa li għandha tinħadem tiġi f'kuntatt mal-għodda, din tal-aħħar għandha tkun kisbet il-kondizzjonijiet normali tax-xogħol tagħha,*
- *meta l-għodda tibda taħdem u/jew tieqaf mix-xogħol tagħha (b'mod intenzjonali jew b'mod aċċidentali), il-moviment tat-tressiq u l-moviment tal-għodda għandhom ikunu kordinati.*

§207 Ksur waqt it-tħaddim

Il-perikli assoċjati mal-ksur waqt it-tħaddim jistgħu jkunu dovuti, pereżempju, għall-kollass tal-makkinarju nnifsu jew tal-partijiet tiegħu, jew għall-moviment mhux ikkontrollat jew it-tfigħ 'il barra tal-Partijiet tal-makkinarju minħabba t-telf tal-komponenti jew tas-sottomuntaturi. L-ewwel żewġ paragrafi tas-sezzjoni 1.3.2 jimmiraw li jimpedixxu l-ksur tal-partijiet tal-makkinarju matul it-tħaddim permezz tal-użu ta' materjali kostitwenti xierqa, u permezz tad-disinn u kostruzzjoni xierqa tal-komponenti u l-muntaturi sabiex jirreżistu l-pressjonijiet li għalihom ikunu soġġetti matul it-tħaddim. F'xi każijiet, l-istandards armonizzati jipprovdu speċifikazzjonijiet għall-materjali, id-disinn, il-kostruzzjoni u l-ittestjar ta' ċerti partijiet kritiċi. F'każijiet oħrajn, l-issodisfar ta' dawn ir-rekwiżiti għandu jinkiseb billi jiġu rispettati l-prinċipji u l-prattiċi sodi fl-inġinerija.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.3.2 jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-kunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet li taħthom il-makkinarju huwa intiż biex jintuża matul il-fażijiet differenti tal-ħajja tiegħu – ara §173: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (a). Ċerti kundizzjonijiet ta' użu jistgħu jaffettwaw ir-reżistenza ta' ċerti materjali u muntaturi bħal, pereżempju, is-sħana jew il-kesħa estrema, l-atmosferi korrużivi, l-umdità jew ir-radjazzjoni. Il-veloċità eċċessiva, pereżempju, tal-għodda li ddur, tista' tikkawża riskju ta' ksur u għalhekk għandha tiġi evitata f'każijiet bħal dawn. Il-

kundizzjonijiet tal-użu li għalihom ġie ddisinjat il-makkinarju u l-limiti tagħhom għandhom jiġu indikati fl-istruzzjonijiet tal-fabbrikant – ara §263: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (g).

Meta l-għeja tkun fattur sinjifikanti, il-fabbrikant għandu jikkunsidra l-ħajja prevista tal-magna u n-natura tal-funzjonijiet li mistennija twettaq, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni n-numru ta' ċikli operattivi li għalihom ikunu soġġetti l-komponent jew il-muntatura kkonċernata matul il-ħajja tal-magna.

It-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.3.2 jikkunsidra l-fatt li ċerti partijiet tal-makkinarju mistennija li jittieklu li jistgħu jwasslu għal ksur jista' jkollhom bżonn jiġu spezzjonati perjodikament mill-utent u li jissewwew jew jinbidlu kif meħtieġ. L-istruzzjonijiet tal-fabbrikant għandhom jindikaw it-tip ta' kontrolli li jridu jitwettqu fuq dawn il-partijiet (pereżempju, kontrolli viżwali, kontrolli funzjonali jew testijiet), il-frekwenza ta' dawn il-kontrolli (pereżempju, f'termini tan-numru ta' ċikli operattivi jew it-tul tal-użu) u l-kriterji għat-tiswija jew it-tibdil tal-partijiet ikkonċernati – ara §272: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (r).

Ir-raba' paragrafu tas-sezzjoni 1.3.2 jittratta każijiet fejn, minkejja l-użu ta' materjali u muntaturi xierqa, ikun hemm riskju residwu ta' qsim jew ta' diżintegrazzjoni waqt it-tħaddim. F'każijiet bħal dawn, għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex iwaqqfu l-biċċiet milli jilħqu lill-persuni. Dan jista' jinkiseb permezz tal-immuntar u l-pożizzjonar tal-partijiet li jistgħu jinkisru sabiex il-biċċiet jinżammu minn partijiet oħrajn tal-makkinarju bħal, pereżempju, il-qafas, jew billi jitwaħħlu mezzi ta' lqugħ xierqa. Kemm jekk iż-żamma tal-biċċiet tinkiseb minn partijiet funzjonali tal-makkinarju jew minn mezzi ta' lqugħ, il-partijiet ikkonċernati għandhom ikunu b'saħħithom biżżejjed biex jirreżistu l-enerġija tal-biċċiet mitfugħa 'l barra – ara §169: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.1 (f), u §216: kummenti dwar is-sezzjoni 1.4.1.

Il-ħames paragrafu tas-sezzjoni 1.3.2 jittratta r-riskji speċifiċi assoċjati mal-pajpijiet u l-manek li jkun fihom il-fluwidi, b'mod partikolari dawk taħt pressjoni għolja bħal, pereżempju, dawk li jintużaw f'sistemi mħaddma bil-fluwidi. Minn naħa waħda, dawn il-pajpijiet u manek għandhom jiġu ddisinjati u mmuntati b'tali mod li jkunu jifilħu għall-pressjonijiet interni u pressjonijiet oħrajn li jistgħu jkunu soġġetti għalihom. Min-naħa l-oħra, meta jkun hemm riskju residwu ta' qsim, dawn għandhom jiġu pożizzjonati jew protetti biex jipprevjenu l-fluwidi mitfugħa 'l barra milli joħolqu riskju għall-persuni u għandhom jitwaħħlu b'mod adegwat biex jimpedixxu l-effett ta' whiplash.

Għandu jiġi osservat li parti minn dan it-tagħmir tista' tkun soġġetta, għar-riskju tal-pressjoni, għad-Direttiva dwar l-Apparat ta' Pressjoni 97/23/KE – ara §91: kummenti dwar l-Artikolu 3.

L-ispeċifikazzjonijiet ġenerali għall-pajpijiet u l-manek idrawliċi u pnewmatiċi huma mogħtija fl-istandards EN 982 u EN 983.[124]

L-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 1.3.2 jittratta r-riskji speċifiċi assoċjati mal-makkinarju bl-użu tal-għodod intiżi biex jaħdmu mingħajr periklu f'medda partikolari ta' veloċitajiet, meta l-kuntatt bejn il-materjal ipproċessat u l-għodda f'veloċitajiet aktar

[124] EN 982:1996+A1:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju — Rekwiżiti ta' sigurtà għaL sistemi ta' enerġija fluwida u l-komponenti tagħhom — Idrawlika*;
EN 983:1996+A1:2008 - Sigurtà ta' makkinarju — Rekwiżiti ta' sigurtà għaL sistemi ta' enerġija fluwida u l-komponenti tagħhom — Pnewmatiċi.

baxxi jew ogħla jkun jista' jikkawża riskju ta' ksur tal-għodda jew tal-materjal. Ma għandu jkun hemm ebda kuntatt bejn il-biċċa li għandha tinħadem u l-għodda sakemm jinkisbu kundizzjonijiet tax-xogħol normali. Għall-istess raġuni, il-veloċità tal-għodda għandha tiġi kkoordinata b'mod awtomatiku bil-moviment tat-tressiq waqt kull startjar u t-twaqqif tal-għodda.

Għandu jiġi osservat li, minbarra r-rekwiżiti ġenerali dwar ir-riskju ta' ksur waqt it-tħaddim stipulati fis-sezzjoni 1.3.2,

- rekwiżiti supplimentari dwar is-saħħa mekkanika tal-makkinarju għall-irfigħ huma stipulati fis-sezzjonijiet 4.1.2.3, 4.1.2.4 u 4.1.2.5;
- rekwiżiti supplimentari dwar is-saħħa mekkanika tal-makkinarju għall-irfigħ ta' persuni huma stipulati fis-sezzjoni 6.1.1.

1.3.3 Riskji due to oġġetti li jaqgħu jew li jintefgħu 'l barra

Għandhom jittieħdu prekawzjonijiet biex jimpedixxu riskji li jseħħu minħabba oġġetti li jaqgħu jew li jintefgħu `l barra.

§208 Oġġetti li jaqgħu jew li jintefgħu 'l barra

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.3.3 jittratta r-riskji ta' korriment minħabba kuntatt ma' oġġetti li jaqgħu jew li jintefgħu 'l barra bħal biċċiet li għandhom jinħadmu jew frammenti ta' biċċiet li għandhom jinħadmu, għodod jew frammenti ta' għodod, skart, laqx, splinters, bċejjeċ żgħar tal-ġebel, ġebel u l-bqija. Kull meta jkun possibbli, id-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju għandhom jimpedixxu l-oġġetti milli jaqgħu jew jintefgħu 'l barra lejn il-persuni. Madankollu, meta dan ma jkunx jista' jinkiseb kompletament, għandhom jittieħdu l-miżuri protettivi meħtieġa. Il-miżuri protettivi jinkludu t-tgħammir ta' mezzi ta' lqugħ biex jimpedixxu l-oġġetti li jintefgħu 'l barra milli jilħqu lill-persuni jew l-għeluq tal-pożizzjonijiet tat-tħaddim – ara §182: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.7. Meta dawn il-miżuri protettivi ma jkunux effettivi b'mod sħiħ, il-fabbrikant tal-makkinarju jrid jispeċifika, fl-istruzzjonijiet tiegħu, il-ħtieġa li jiġi pprovdut u użat tagħmir protettiv personali xieraq, bħal, pereżempju protetturi tal-għajnejn – ara §267: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (m).

Għandu jiġi osservat li, minbarra r-rekwiżit ġenerali relatat mar-riskji minħabba oġġetti li jaqgħu jew li jintefgħu 'l barra stipulat fis-sezzjoni 1.3.3,

- ir-rekwiżiti supplimentari relatati mal-mezzi ta' lqugħ ta' splinters għal tagħmir li jista' jinġarr u makkinarju ieħor ta' impatt huma stipulati fis-sezzjoni 2.2.2.1;
- ir-rekwiżiti supplimentari dwar ir-riskju ta' tfigħ tal-biċċiet li qegħdin jinħadmu jew partijiet tagħhom għal makkinarju li jaħdem l-injam u materjal b'karatteristiċi fiżiċi simili huma stipulati fis-sezzjoni 2.3 (b);
- ir-rekwiżiti supplimentari relatati mal-protezzjoni kontra oġġetti li jaqgħu għal makkinarju mobbli huma stipulati fis-sezzjoni 3.4.4;
- ir-rekwiżiti supplimentari dwar ir-riskju minħabba t-twaqqigħ tat-tagħbija għal makkinarju tal-irfigħ huma stipulati fis-sezzjoni 4.1.2.6;
- ir-rekwiżiti supplimentari dwar ir-riskju minħabba t-tagħbija li taqa' mill-ġarrier ta' makkinarju tal-irfigħ li jservi żbarki fissi huma stipulati fis-sezzjoni 4.1.2.8.4;

– ir-rekwiżiti supplimentari dwar ir-riskju minħabba oġġetti li jaqgħu fuq il-ġarrier tal-makkinarju għall-irfigħ ta' persuni huma stipulati fis-sezzjoni 6.3.3.

1.3.4 Riskji minħabba l-uċuħ, it-truf jew l-angoli

Safejn u sakemm jippermetti l-għan tagħhom, il-partijiet aċċessibli tal-makkinarju ma għandhomx ikollhom l-ebda tarf li jaqta', l-ebda angolu li jaqta', u l-ebda wiċċ aħrax li jistgħu jikkawżaw korriment.

§209 Truf u angoli li jaqtgħu u uċuħ ħorox

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.3.4 jikkonċerna r-riskju ta' brix, qtugħ u tbenġil minħabba kuntatt ma' truf u angoli li jaqtgħu, jew kuntatt ma' uċuħ ħorox.

Il-fatturi li għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta jiġi vvalutat dan ir-riskju jinkludu:

– l-aċċessibbiltà tal-partijiet ikkonċernati;

– il-post tagħhom fir-rigward tal-pożizzjonijiet tat-tħaddim, il-mezzi ta' kontroll u l-punti ta' manutenzjoni;

– il-partijiet tal-ġisem li jistgħu jiġu f'kuntatt;

– it-tip ta' azzjoni li x'aktarx tikkawża kuntatt bħal, pereżempju, l-aċċess, iż-żamma tal-bilanċ ta' persuna, l-osservazzjoni, it-teħid ta' passi lura, eċċ.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari għat-truf ta' mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiċċaqilqu.

Gwida ġenerali dwar it-tnaqqis tar-riskji minħabba truf u angoli li jaqtgħu u uċuħ ħorox hija mogħtija fl-istandard EN ISO 12100-2,[125] filwaqt li xi standards tat-tip C jiddefinixxu r-raġġ minimu tat-truf aċċessibbli.

1.3.5 Riskji li għandhom x'jaqsmu ma' makkinarju kombinat

Fejn il-makkinarju jkun maħsub biex iwettaq numru ta' ħidmiet differenti bit-twarrib manwali ta' biċċa bejn kull ħidma (makkinarju kombinat), il-makkinarju għandu jiġi ddisinnjat u mibni hekk li jgħin lil kull element li jiġi użat b'mod separat mingħajr mal-elementi l-oħra joħolqu periklu jew riskju lill-persuni esposti.

Għal dan il-għan, għandu jkun possibbli li kull element li ma jkunx protett jista' jitqabbad jew jitwaqqaf separatament.

§210 Makkinarju kombinat

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.3.5 japplika għal makkinarju kombinat bħal, pereżempju, makkinarju kombinat għax-xogħol tal-injam. L-ewwel paragrafu jitlob lill-fabbrikant jiżgura li l-elementi tal-makkinarju ddisinjat biex iwettaq kull operazzjoni jew funzjoni differenti jkunu jistgħu jintużaw separatament mingħajr l-elementi l-oħrajn li joħolqu riskju.

[125] EN ISO 12100-2:2003+A1:2009 - *Sigurtà ta' makkinarju - Kunċetti bażiċi, Prinċipji ġenerali għad-disinn* – Parti 2: *Prinċipji tekniċi* (ISO 12100-2:2003) – klawsola 4.2.1.

Għal elementi li mhumiex protetti, jew mhumiex protetti kompletament, it-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.3.5 jissupplementa r-rekwiżiti stipulati fis-sezzjonijiet 1.2.3, 1.2.4.1 u 1.2.4.2.

1.3.6 Riskji li għandhom x'jaqsmu mal-varjazzjonijiet fil-kondizzjonijiet tat-tħaddim

Fejn il-makkinarju jwettaq ħidma skont kondizzjonijiet differenti tal-użu, għandu jkun ddisinnjat u mibni b'tali mod li l-għażla u l-aġġustament ta' dawn il-kondizzjonijiet jkunu jistgħu jitwettqu mingħajr periklu u b'mod affidabbli.

§211 Varjazzjonijiet fil-kondizzjonijiet tat-tħaddim

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.3.6 jikkonċerna makkinarju li jista' jitħaddem taħt kondizzjonijiet differenti ta' użu bħal, pereżempju, b'tipi differenti ta' għodod, f'veloċitajiet jew rati ta' tmigħ differenti, b'materjali differenti jew taħt kondizzjonijiet ambjentali differenti. F'każijiet bħal dawn, l-għażla tal-kundizzjoni tal-użu mixtieqa għandha tkun ċara għall-operaturi u, fejn ikun meħtieġ, għandha wkoll tagħti bidu għall-miżuri protettivi korrispondenti. Għażla involontarja jew mhux intenzjonata għandha tiġi evitata mid-disinn tal-mezzi ta' kontroll jekk din tista' twassal għal sitwazzjonijiet perikoluż - ara §124: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.5.

1.3.7 Riskji li għandhom x'jaqsmu mal-partijiet li jiċċaqilqu

Il-partijiet li jiċċaqilqu tal-makkinarju għandhom ikunu ddisinnjati u mibnija b'tali mod sabiex jevitaw ir-riskji ta' kuntatt li jista' jwassal għall-inċidenti jew għandhom ikunu, fejn ir-riskju jippersisti, mgħammra b'mezzi ta' lqugħ jew b'mezzi ta' protezzjoni.

Għandhom jittieħdu l-passi kollha neċessarji biex jiġi mpedut l-imblukkaġġ aċċidentali tal-partijiet li jiċċaqilqu nvoluti fix-xogħol. Fil-każijiet fejn, minkejja l-prekawzjonijiet meħuda, x'aktarx li jinħoloq imblukkaġġ, għandhom, skont kif ikun applikabbli, jiġu pprovduti l-mezzi jew l-għodod speċifiċi tal-protezzjoni sabiex it-tagħmir jiġi żblukkat mingħajr periklu.

L-istruzzjonijiet u, fejn ikun possibbli, sinjal fuq il-makkinarju għandu jidentifika dawn il-mezzi protettivi speċifiċi u kif dawn għandhom jintużaw.

§212 Partijiet li jiċċaqalqu

L-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.3.7 jittratta waħda mill-kawżi primarji tal-inċidenti li jinvolvu makkinarju. Il-kuntatt ma' partijiet li jiċċaqilqu tal-makkinarju jista' jikkawża korriment minħabba impatt, grif, qtugħ jew feriti gravi, tiċrit, tniffid jew titqib, tgħaffiġ, tħabbil u ħtif jew qbid.

Jistgħu jittieħdu diversi miżuri biex jiġu eliminati l-perikli jew jitnaqqsu r-riskji minħabba kuntatt ma' partijiet li jiċċaqilqu mingħajr rikors għal mezzi ta' lqugħ jew apparat protettiv.

F'xi każijiet, ir-riskji jistgħu jiġu evitati jew jitnaqqsu mid-disinn tal-partijiet li jiċċaqilqu nnifishom, pereżempju, billi tiġi llimitata l-forza tal-attwazzjoni sabiex il-parti mħaddma

ma tiġġenerax periklu mekkaniku, jew billi tiġi llimitata l-massa u/jew il-veloċità tal-partijiet li jiċċaqilqu u b'hekk l-enerġija kinetika tagħhom.

Il-partijiet li jiċċaqilqu jistgħu jitpoġġew f'postijiet fejn normalment ma jkunux aċċessibbli għall-persuni, bħal, pereżempju, fil-qafas tal-makkinarju, f'għoli biżżejjed jew f'distanza biżżejjed mill-istrutturi protettivi sabiex jiġi żgurat li dawn ma jkunux jistgħu jintlaħqu.

Id-dimensjonijiet għad-distanzi tas-sigurtà huma mogħtija fl-istandard EN ISO 13857.[126]

Jistgħu jiġu pprovduti spazji suffiċjenti bejn il-partijiet li jiċċaqilqu u partijiet fissi jew partijiet oħrajn li jiċċaqilqu sabiex jiġu evitati r-riskji ta' tgħaffiġ, tiċrit jew ħtif.

Id-dimensjonijiet għall-ispazji meħtieġa biex jiġu evitati r-riskji ta' tgħaffiġ huma mogħtija fl-istandard EN 349.[127]

Meta ma jkunx possibbli li jiġu evitati r-riskji minħabba partijiet li jiċċaqilqu mid-disinn tal-partijiet innifishom jew permezz ta' distanzi jew spazji ta' sigurtà, l-aċċess għal dawn il-partijiet għandu jiġu evitat permezz ta' mezzi ta' lqugħ jew apparat protettiv.

It-tieni u t-tielet paragrafi tas-sezzjoni 1.3.7 jittrattaw il-problema tal-imblukkaġġ tal-Partijiet li jiċċaqilqu involuti fix-xogħol. Anki jekk l-imblukkaġġ fih innifsu ma joħloq ebda sitwazzjoni perikoluża, l-okkorrenza ta' imblukkaġġ ta' spiss tkun teħtieġ li l-operaturi jintervjenu fil-pront sabiex jevitaw il-ħsara u t-telf ta' produzzjoni, biex b'hekk tiżdied il-probabbiltà ta' intervent perikoluż. Għalhekk, il-fabbrikanti għandhom, sakemm ikun possibbli, jiddisinjaw makkinarju biex jimpedixxu l-imblukkaġġi u, meta dawn ma jkunux jistgħu jiġu evitati kompletament, jipprovdu l-mezzi sabiex il-partijiet li jiċċaqilqu jkunu jistgħu jiġu żblukkati mingħajr periklu, preferibbilment mingħajr il-ħtieġa li jitneħħew il-mezzi ta' lqugħ. Il-mezzi għall-iżblukkar għandhom jiġu identifikati permezz ta' sinjal fuq il-parti relevanti tal-makkinarju, filwaqt li l-metodu tat-tħaddim li għandu jiġi segwit f'każijiet bħal dawn għandu jiġi speċifikat fl-istruzzjonijiet tal-fabbrikant – ara §271: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (q). Jekk ikun meħtieġ tagħmir speċjali għal dak il-għan, dan għandu jiġi pprovdut flimkien mal-makkinarju – ara §117: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (e).

[126] EN ISO 13857:2008 - Sigurtà ta' makkinarju — Distanzi għas-sigurtà biex jipprevjenu li żoni perikoluży ma jintlaħqux minn partijiet tan-naħa ta' fuq u t'isfeL tal-ġisem (ISO 13857:2008).

[127] EN 349:1993+A1:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju — L-inqas wesgħat meħtieġa biex wieħed jevita t-tgħaffiġ ta' partijiet tal-ġisem uman*.

1.3.8 L-għażla tal-protezzjoni kontra r-riskji li ġejjin mill-partijiet li jiċċaqilqu

Il-mezzi li jilqgħu jew ta' protezzjoni ddisinnjati biex jipproteġu mir-riskji li ġejjin mill-partijiet li jiċċaqilqu għandhom jintgħażlu fuq il-bażi tat-tip tar-riskju. Il-linji gwida li ġejjin għandhom jintużaw biex jgħinu fl-għażla.

1.3.8.1 Partijiet tat-trasmissjoni li jiċċaqilqu

Mezzi ta' lqugħ iddisinnjati biex jipproteġu persuni mir-riskji maħluqa mill-partijiet tat-trasmissjoni li jiċċaqilqu għandhom ikunu:

- *jew mezzi ta' lqugħ imwaħħlin b'mod fiss, kif imsemmija fis-sezzjoni 1.4.2.1., jew*
- *mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiġu mċaqilqa u li jillokkjaw ma' xulxin kif imsemmija fis-sezzjoni 1.4.2.2.*

Il-mezzi ta' lqugħ li jkunu jistgħu jiġu mċaqilqa u li jillokkjaw ma' xulxin għandhom jintużaw fejn ikun previst aċċess ta' spiss.

§213 Partijiet tat-trasmissjoni li jiċċaqalqu

Partijiet tat-trasmissjoni li jiċċaqilqu jinkludu, pereżempju, tagħmir, ċinturini, ħbula u ktajjen flimkien mat-taljoli, l-ingranaġġi, l-isprokits u x-xaftijiet ta' trasmissjoni assoċjati tagħhom u l-mezzi tal-iggančjar tagħhom.

Minħabba li partijiet tat-trasmissjoni li jiċċaqilqu mhumiex involuti direttament fil-proċess, ġeneralment ikun possibbli li jiġi evitat l-aċċess għalihom kompletament matul tħaddim normali. Meta l-mezzi ta' lqugħ ikunu meħtieġa biex jinkiseb dan, l-għażla tal-mezzi ta' lqugħ tiddependi fuq jekk l-aċċess huwiex meħtieġ ta' spiss għal operazzjonijiet ta' manutenzjoni bħall-issettjar, l-aġġustament u t-tindif. Jekk ikun meħtieġ aċċess ta' spiss, għandhom jitwaħħlu mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiġu mċaqilqa u li jillokkjaw ma' xulxin – ara §217: kummenti dwar is-sezzjoni 1.4.2.

Minbarra r-rekwiżit ġenerali stipulat fis-sezzjoni 1.3.8.1, ir-rekwiżiti supplimentari għal mezzi li jistgħu jinqalgħu għat-trasmissjoni mekkanika li jgħaqqdu makkinarju li jaħdem waħdu jew trattur mal-makkinarju li jirċievi huma stipulati fis-sezzjoni 3.4.7.

Eċċezzjoni għar-rekwiżit ġenerali stipulat fis-sezzjoni 1.3.8.1, relatat mal-partijiet li jiċċaqilqu fil-kumpartiment tal-magna ta' makkinarju mobbli, hija stipulata fis-sezzjoni 3.4.2.

1.3.8.2 Partijiet li jiċċaqilqu involuti fil-proċess

Mezzi ta' lqugħ jew mezzi ta' protezzjoni mfassla biex jipproteġu persuni kontra r-riskji maħluqa minn partijiet li jiċċaqilqu involuti fil-proċess għandhom ikunu:

- *jew mezzi ta' lqugħ mwaħħlin b'mod fiss kif imsemmija fis-sezzjoni 1.4.2.1., jew*
- *mezzi ta' lqugħ li jkunu jistgħu jiċċaqilqu u li jillokkjaw ma' xulxin kif imsemmija fis-sezzjoni 1.4.2.2., jew*
- *mezzi prottettivi kif imsemmija fis-sezzjoni 1.4.3., jew*
- *taħlita ta' dawn ta' hawn fuq.*

Madankollu, fejn ċerti partijiet li jiċċaqilqu involuti direttament fil-proċess ma jistgħux isiru inaċċessibbli matul ix-xogħol minħabba xogħlijiet li jeħtieġu l-intervent tal-operatur, dawn il-partijiet għandu jkollhom imwaħħla magħhom:

- *mezzi ta' lqugħ fissi jew mezzi ta' lqugħ li jiċċaqilqu u li jillokkjaw ma' xulxin li jimpedixxu l-aċċess għal dawk is-sezzjonijiet tal-partijiet li ma jintużawx fix-xogħol, u*
- *mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiġu rranġati kif imsemmija fis-sezzjoni 1.4.2.3 li jillimitaw l-aċċess għal dawk is-sezzjonijiet tal-partijiet li jiċċaqilqu fejn l-aċċess ikun neċessarju.*

§214 Partijiet li jiċċaqalqu involuti fil-proċess

Is-sezzjoni 1.3.8.2 tiddeskrivi t-tip ta' mezzi ta' lqugħ jew apparat protettiv li għandhom jintużaw biex jipprevjenu l-aċċess għal partijiet li jiċċaqilqu involuti fil-proċess. Meta jkun meħtieġ li jiġi evitat l-aċċess għal partijiet li jiċċaqilqu involuti fil-proċess, kull meta jkun possibbli, il-mezzi ta' lqugħ jew l-apparat protettiv għandhom jitwaħħlu biex jipprevjenu l-aċċess kompletament matul il-movimenti perikoluż.

L-għażla bejn il-mezzi ta' lqugħ fissi, il-mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiġu mċaqilqa u li jillokkjaw ma' xulxin, l-apparat protettiv jew taħlita tagħhom għandha tieħu f'kunsiderazzjoni l-istima tar-riskju, il-frekwenza li biha jkun meħtieġ l-aċċess u l-aspetti ergonomiċi bħall-isforz meħtieġ biex ripetutament jinfetaħ u jingħalaq mezz ta' lqugħ li jista' jiċċaqlaq - ara §217: kummenti dwar is-sezzjoni 1.4.2.

L-apparat protettiv ma jistax jipprovdi protezzjoni adegwata meta jkunu preżenti riskji bħal, pereżempju, riskji minħabba oġġetti li jintefgħu 'l barra, temperaturi estremi jew radjazzjoni – ara §221: kummenti dwar is-sezzjoni 1.4.3.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.3.8.2 jittratta każijiet fejn l-aċċess għaż-żona ta' periklu ma jistax jiġi evitat kompletament, pereżempju, fil-każ ta' makkinarju fejn il-materjal jew il-biċċa li tinħadem li għandha tiġi pproċessata tiġi sottoposta bl-idejn. F'każijiet bħal dawn, huwa meħtieġ li jitwaħħlu taħlita ta' mezzi ta' lqugħ fissi jew li jistgħu jiġu mċaqilqa u li jillokkjaw ma' xulxin għas-sezzjonijiet tal-partijiet li jiċċaqilqu li l-aċċess għalihom mhuwiex meħtieġ waqt it-tħaddim normali u mezzi ta' lqugħ aġġustabbli li jirrestriġu l-aċċess għas-sezzjonijiet tal-partijiet li jiċċaqilqu fejn l-aċċess ikun meħtieġ – ara §220: kummenti dwar is-sezzjoni 1.4.2.3.

Ta' min jinnota li diversi kategoriji ta' makkinarju bi tmigħ manwali jew b'tagħbija jew ħatt ta' materjal jew biċċiet li għandhom jinħadmu huma elenkati fl-Anness IV – ara

§129 u §130: kummenti dwar l-Artikolu 12 (3) u (4), u §388: kummenti dwar l-Anness IV.

1.3.9 Ir-riskji ta' movimenti mhux ikkontrollati

Meta parti minn makkinarju ġiet imwaqqfa, kull moviment lil hinn mill-post tal-waqfien, tkun xi tkun ir-raġuni għajr azzjoni mill-mezzi ta' kontroll, ma għandux jitħalla jew ikun tali li ma jippreżentax periklu.

§215 Movimenti mhux ikkontrollati

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.3.9 huwa kumplimentari għar-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.2.4 relatat mat-twaqqif. Meta jkun hemm riskju minħabba moviment mhux ikkontrollat tal-partijiet li jiċċaqilqu tal-makkinarju wara li jitwaqqfu, is-sistemi tal-brejkijiet, il-mezzi tal-illokkjar jew is-sistemi meħtieġa biex tiġi mmonitorjata l-kundizzjoni tat-twaqqif għandhom jitwaħħlu biex jipprevjenu l-movimenti li mhumiex kontrollati jew jillimitawhom sabiex ma jkunux jistgħu joħolqu riskju – ara §201: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.4.2.

Għandu jiġi osservat li, minbarra r-rekwiżit ġenerali stipulat fis-sezzjoni 1.3.9, ir-rekwiżiti supplimentari relatati mal-movimenti li mhumiex kontrollati ta' makkinarju mobbli huma stipulati fis-sezzjoni 3.4.1; ir-rekwiżiti supplimentari dwar ir-riskju ta' movimenti li mhumiex kontrollati ta' makkinarju tal-irfigħ huma stipulati fis-sezzjoni 4.1.2.6.

1.4 KARATTERISTIĊI MEĦTIEĠA FIL-MEZZI LI JILQGĦU U FIL-MEZZI TA' PROTEZZJONI

1.4.1 Rekwiżiti ġenerali

Il-mezzi li jilqgħu u l-mezzi ta' protezzjoni għandhom:

- *ikunu ta' kostruzzjoni b'saħħitha,*
- *jinżammu f'posthom b'mod sikur,*
- *ma joħolqu l-ebda riskju addizzjonali,*
- *ma jkunx faċli li jinqabżu jew li jiġu magħmula mhux operabbli,*
- *ikunu jinsabu f'distanza adegwata miż-żona ta' periklu,*
- *jikkawżaw l-inqas xkiel għall-viżta tal-proċess tal-produzzjoni, u*
- *jippermettu li jitwettaq xogħol essenzjali fuq l-istallazzjoni u/jew il-bdil tal-għodda u għal finijiet ta' manutenzjoni billi jirrestringu l-aċċess eslużivament għal dik iż-żona fejn għandu jsir ix-xogħol, jekk possibbli, mingħajr ma jkollu jitneħħa l-mezz ta' lqugħ jew il-mezz ta' protezzjoni mwaqqfa milli jitħaddmu.*

Minbarra dan, il-mezzi ta' lqugħ għandhom, fejn ikun possibbli, jipproteġu mit-tfiegħ `il barra jew it-twaqqiegħ tal-materjali jew l-oġġetti u kontra emissjonijiet ġenerati mill-makkinarju.

§216 Rekwiżiti ġenerali għal mezzi ta' lqugħ u apparat protettiv

Is-sezzjoni 1.4.1 tistipula rekwiżiti ġenerali għal mezzi ta' lqugħ u apparat protettiv. Ir-rekwiżiti speċifiċi għat-tliet tipi ewlenin ta' mezzi ta' lqugħ u għal apparat protettiv huma stipulati fis-sezzjonijiet 1.4.2.1, 1.4.2.2, 1.4.2.3 u 1.4.3.

L-ewwel inċiż tas-sezzjoni 1.4.1 jesiġi li l-mezzi ta' lqugħ u l-apparat protettiv ikollhom biżżejjed saħħa mekkanika, billi jiġu kkunsidrati kemm il-perikli li għalihom jagħtu l-protezzjoni kif ukoll il-kundizzjonijiet intiżi għall-użu. Meta jkun hemm bżonn ta' livell partikolarment għoli ta' reżistenza, b'mod partikolari għal mezzi ta' lqugħ intiżi biex jipproteġu kontra oġġetti li jaqgħu jew li jintefgħu 'l barra, l-istandards armonizzati relevanti jispeċifikaw il-kriterji tad-disinn u, fejn ikun meħtieġ, it-testijiet li jridu jitwettqu.

It-tieni inċiż tas-sezzjoni 1.4.1 jesiġi li l-mezzi ta' lqugħ u l-apparat protettiv jinżammu f'posthom b'mod sikur. Dan huwa importanti b'mod partikolari meta s-sigurtà tiddependi fuq id-distanza bejn il-mezz ta' lqugħ u l-parti perikoluża tal-makkinarju.

It-tielet inċiż tas-sezzjoni 1.4.1 jgħid li l-mezzi ta' lqugħ jew l-apparat protettiv ma għandhom joħolqu l-ebda riskju addizzjonali. Pereżempju, il-ftuħ jew l-għeluq ta' mezz ta' lqugħ li jista' jiċċaqlaq ma għandux joħloq periklu ta' tgħaffiġ jew tiċrit. Fejn ikun neċessarju, sabiex jiġi evitat sforz eċċessiv jew ripetut, il-ftuħ u l-għeluq ta' mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiċċaqilqu għandu jitħaddem bid-dawl jew ikun assistit, pereżempju, minn molol jew ċilindri idrawliċi jew pnewmatiċi.

Ir-raba' inċiż tas-sezzjoni 1.4.1 jesiġi li l-mezzi ta' lqugħ u l-apparat protettiv ma għandux ikun faċli li jinqabżu jew li jiġu magħmula mhux operabbli. Dan ir-rekwiżit huwa partikolarment relevanti għall-mezzi li jillokkjaw ma' xulxin ta' mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiċċaqilqu u għal apparat protettiv.

Il-ħames inċiż tas-sezzjoni 1.4.1 jesiġi li l-mezzi ta' lqugħ u l-apparat protettiv ikunu jinsabu f'distanza adegwata miż-żona ta' periklu.

Id-distanzi adegwati għal apparat protettiv huma mogħtija fl-istandard EN 999.[128] Għal mezzi ta' lqugħ b'fetħiet, id-distanzi tas-sigurtà fir-rigward tad-dimensjonijiet u l-forma tal-fetħiet huma mogħtija fl-istandard EN ISO 13857.[129]

Il-post tal-punti tal-issettjar, l-aġġustament u ta' manutenzjoni oħra 'il barra miż-żoni ta' periklu jista' jevita l-ħtieġa li jitneħħew il-mezzi ta' lqugħ għal operazzjonijiet ta' manutenzjoni ta' rutina – ara §239: kummenti dwar is-sezzjoni 1.6.1.

Is-sitt inċiż tas-sezzjoni 1.4.1 jesiġi li l-mezzi ta' lqugħ u l-apparat protettiv jiġu ddisinjati u mibnija, safejn ikun possibbli, b'tali mod li ma joħolqu ebda ostakolu għall-operaturi billi jxekklu l-vista tal-proċess tal-produzzjoni. Jekk dan l-aspett ma jiġix ikkunsidrat, ikun qiegħed jiżdied ir-riskju li l-mezzi ta' lqugħ u l-apparat protettiv jintilfu jew jitneħħew mill-operaturi. Il-viżibbiltà tal-proċess tax-xogħol tista' tittejjeb, pereżempju, billi jitwaħħlu mezzi ta' lqugħ trasparenti jew, meta ma jkunx hemm riskji minn oġġetti li jintefgħu 'l barra jew minn emissjonijiet, billi jitwaħħlu mezzi ta' lqugħ b'fetħiet jew apparat protettiv – ara §221: kummenti dwar is-sezzjoni 1.4.3.

---

[128] EN 999:1998+A1:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju — L-ippustjar ta' tagħmir protettiv fir-rigward tal-veloċità li biha jkunu resqin lejh partijiet tal-ġisem uman.*

[129] EN ISO 13857:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju — Distanzi għas-sigurtà biex jipprevjenu li żoni perikoluży ma jintlaħqux minn partijiet tan-naħa ta' fuq u t'isfeL tal-ġisem* (ISO 13857:2008).

Is-seba' inċiż tas-sezzjoni 1.4.1 jgħid li d-disinn u l-kostruzzjoni tal-mezzi ta' lqugħ u l-apparat protettiv għandhom iqisu l-ħtieġa tal-aċċess għaż-żoni ta' periklu, kemm jekk waqt it-tħaddim normali jew għal skopijiet ta' manutenzjoni. Il-mezzi ta' lqugħ u l-apparat protettiv għandhom jirrestriġu l-aċċess għaż-żona fejn għandu jsir ix-xogħol. Il-post tal-punti tal-issettjar, l-aġġustament u l-manutenzjoni 'il barra miż-żoni ta' periklu jista' jevita l-ħtieġa li jitneħħew il-mezzi ta' lqugħ għal operazzjonijiet ta' rutina – ara §239: kummenti dwar is-sezzjoni 1.6.1.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.4.1 jenfasizza li l-mezzi ta' lqugħ jistgħu ta' spiss jipprovdu protezzjoni kontra diversi perikli simultanjament u għandhom jiġu ddisinjati u mibnija kif jixraq għal dan il-għan – ara §169: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.1 (f).

Il-mezzi ta' lqugħ u l-apparat protettiv intiżi biex jipproteġu lill-persuni kontra partijiet li jiċċaqilqu involuti fil-proċess fuq il-makkinarju, meta jitqiegħdu fis-suq b'mod indipendenti, huma komponenti tas-sigurtà – ara §42: kummenti dwar l-Artikolu 2 (c) u §389: kummenti dwar l-Anness V.

1.4.2 Ħtiġijiet speċjali għall-mezzi ta' lqugħ

§217 Ħtiġijiet speċjali għall-mezzi ta' lqugħ

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 1.4.2 japplikaw għall-mezzi ta' lqugħ kif definit fis-sezzjoni 1.1.1, fi kliem ieħor, għall-partijiet tal-makkinarju intiżi speċifikament biex jipprovdu protezzjoni permezz ta' barriera fiżika – ara §169: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.1 (f).

Id-Direttiva dwar il-Makkinarju tagħmel distinzjoni bejn tliet tipi ewlenin ta' mezzi ta' lqugħ: mezzi ta' lqugħ fissi, mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiġu mċaqalqa u li jillokkjaw ma' xulxin u mezzi ta' lqugħ aġġustabbli li jirrestriġu l-aċċess. B'mod ġenerali, il-mezzi ta' lqugħ fissi għandhom jitwaħħlu meta l-aċċess għaż-żona protetta mill-mezz ta' lqugħ ma jkunx meħtieġ jew ma jkunx meħtieġ ta' spiss. Jekk l-aċċess għaż-żona protetta mill-mezz ta' lqugħ ikun meħtieġ ta' spiss, għandhom jitwaħħlu mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiġu mċaqalqa u li jillokkjaw ma' xulxin. Mezzi ta' lqugħ aġġustabbli li jirrestriġu l-aċċess jistgħu jitwaħħlu biex jipproteġu partijiet tal-makkinarju involuti fil-proċess li l-aċċess għalihom waqt l-użu ma jkunx jista' jiġi evitat kompletament. Għall-għażla tal-mezzi ta' lqugħ għal protezzjoni kontra riskji kkaġunati minn partijiet li jiċċaqilqu – ara §213 u §214: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.3.8.1 u 1.3.8.2.

Il-kriterji għall-għażla tal-mezzi ta' lqugħ, b'kunsiderazzjoni tal-frekwenza tal-aċċess meħtieġ, u għad-disinn tal-mezzi ta' lqugħ huma mogħtija fl-istandard EN 953.[130]

[130] EN 953:1997+A1:2009 - *Sigurtà ta' makkinarju - Protezzjoni - Rekwiżiti ġenerali għad-disinn u kostruzzjoni ta' mezzi ta' protezzjoni fissi u mobbli*.

1.4.2.1 Mezzi ta' lqugħ fissi

Mezzi ta' lqugħ fissi għandhom jitwaħħlu b'sistemi li jkunu jistgħu jinfetħu jew jitneħħew biss permezz ta' għodda.

Is-sistemi ta' tagħmir tagħhom għandhom jibqgħu mwaħħla mal-mezzi ta' lqugħ jew mal-makkinarju meta l-mezzi ta' lqugħ jitneħħew.

Fejn ikun possibbli, il-mezz ta' lqugħ ma jkunx jista' jinżamm f'postu mingħajr il-mezz tat-twaħħil tagħhom.

§218 Mezzi ta' lqugħ fissi

Is-sezzjoni 1.4.2.1 tistipula tliet rekwiżiti għall-ewwel tip ta' mezzi ta' lqugħ: mezzi ta' lqugħ fissi. Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 1.4.2.1 huma kumplimentari għar-rekwiżiti ġenerali għal mezzi ta' lqugħ u apparat protettiv stipulati fis-sezzjoni 1.4.1.

Jekk iż-żona protetta minn mezz ta' lqugħ fiss ma tkun teħtieġ ebda aċċess jew jekk l-aċċess neċessarju jkun jista' jinkiseb permezz ta' rotta oħra, il-mezzi ta' lqugħ fissi jistgħu jitwaħħlu b'mod permanenti, pereżempju, permezz ta' iwweldjar, twaħħil b'imsiemer irbattuti jew twaħħil bil-kolla. Min-naħa l-oħra, jekk ikun hemm bżonn li jinfetaħ jew jitneħħa mezz ta' lqugħ fiss, l-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.4.2.1 jesiġi li s-sistemi ta' twaħħil għandhom ikunu jistgħu jinfetħu jew jitneħħew biss permezz tal-għodod. Dan ir-rekwiżit jimmira li jirrestriġi t-tneħħija tal-mezzi ta' lqugħ fissi għal persuni kompetenti jew awtorizzati. Il-mezzi ta' lqugħ fissi jistgħu għalhekk jitwaħħlu, pereżempju, permezz ta' boltijiet, viti jew qfieli oħrajn li jkunu jistgħu jitneħħew biss bl-użu ta' għodod bħal ċwievet jew spanners. L-għażla tas-sistema ta' tagħmir u l-għodod għandha tiġi kkunsidrata fid-dawl tal-istima tar-riskju. Ma għandux jintuża tagħmir li jkun jista' jinħall jew jitneħħa malajr bħal, pereżempju, skorfini farfett jew qfieli li jinħallu malajr.

It-tieni inċiż tas-sezzjoni 1.4.2.1 jesiġi li s-sistemi ta' tagħmir għal mezzi ta' lqugħ fissi jibqgħu mwaħħlin mal-mezzi ta' lqugħ jew mal-makkinarju meta l-mezzi ta' lqugħ jitneħħew. Dan ir-rekwiżit jimmira li jnaqqas ir-riskji minħabba t-telf ta' wieħed jew aktar mit-tagħmir meta l-mezzi ta' lqugħ jitneħħew, pereżempju, għal skopijiet ta' manutenzjoni. Dan jista' jwassal biex il-mezzi ta' lqugħ ma jinbidlux, jitwaħħlu biss parzjalment fuq il-post jew jitwaħħlu b'tagħmir li jinbidel li ma jkollux saħħa adegwata, tali mod li l-mezz ta' lqugħ ma jkunx jista' jaqdi l-funzjoni protettiva tiegħu b'mod adegwat, pereżempju, meta jkun meħtieġ li jinżammu l-partijiet li jintefgħu 'l barra.

L-applikazzjoni ta' dan ir-rekwiżit tiddependi fuq l-istima tar-riskju kkonċernat mill-fabbrikant. Ir-rekwiżit japplika għal kwalunkwe mezzi ta' lqugħ fissi li x'aktarx jitneħħew mill-utent b'riskju ta' telf tat-tagħmir, pereżempju, għal mezzi ta' lqugħ fissi li x'aktarx jitneħħew waqt tindif ta' rutina, issettjar jew operazzjonijiet ta' manutenzjoni mwettqa fil-post tal-użu. Ir-rekwiżit ma japplikax neċessarjament għal mezzi ta' lqugħ fissi li x'aktarx jitneħħew biss, pereżempju, meta l-makkinarju jiġi ristrutturat kompletament, meta jkun soġġett għal tiswijiet maġġuri jew meta jiżżarma biex jiġi trasferit lejn sit ieħor. Għall-istess raġuni, jista' ma jkunx meħtieġ li r-rekwiżit jiġi applikat għall-casings tal-makkinarju intiż biex jintuża mill-konsumaturi, meta l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant jispeċifikaw li t-tiswijiet li jirrikjedu t-tneħħija ta' dawn il-casings għandhom isiru biss f'workshop speċjalizzat għat-tiswija. F'dak il-każ, għandhom jintużaw sistemi ta' tagħmir li ma jkunux jistgħu jitneħħew faċilment.

Ir-rekwiżit stipulat fit-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.4.2.1 jimmira li jipprevjeni s-sitwazzjoni fejn l-operaturi ma jkunux jafu li mezz ta' lqugħ fiss ma jkunx twaħħal tajjeb fil-post jew ikunu naqsu li jbiddlu l-mezz ta' lqugħ kif suppost. Fejn ikun possibbli, il-mezzi ta' lqugħ fissi għandhom jitneħħew awtomatikament mill-pożizzjoni fissa tagħhom meta t-tagħmir tat-twaħħil jinħall.

1.4.2.2 Mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiġu mċaqilqa u li jillokkjaw ma' xulxin

Mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiġu mċaqilqa u li jillokkjaw ma' xulxin għandhom:

- *safejn ikun possibbli jibqgħu mwaħħla mal-makkinarju meta dan ikun miftuħ,*
- *ikunu ddisinnjati jew mibnija b'mod li jkunu jistgħu jiġu aġġustati biss permezz ta' azzjoni intenzjonali.*

Il-mezzi tal-ilqugħ li jkunu jistgħu jiġu mċaqilqa u li jillokkjaw ma' xulxin għandhom ikunu assoċjati ma' mezz li jillokkja li:

- *jevita l-bidu tal-funzjonijiet tal-makkinarju perikoluż sakemm dawn ikunu magħluqa u*
- *jagħti kmand għat-twaqqif kull meta dawn ma jibqgħux magħluqa.*

Fejn ikun possibli għall-operatur li jilħaq iż-żona ta' periklu qabel ir-riskju dovut għall-funzjonijiet tal-makkinarju perikoluż ikunu waqfu, il-mezz ta' lqugħ li jiċċaqlaq għandu jkun assoċjat ma' mezz li jillokkja l-mezz ta' lqugħ minbarra l-mezz li jillokkja li:

- *jevita l-bidu tal-funzjonijiet tal-makkinarju perikoluż sakemm il-mezz ta' lqugħ jingħalaq u jkun illokkjat u*
- *iżomm il-mezz ta' lqugħ magħluq u llokkjat sakemm ikun waqaf ir-riskju ta' ħsara lill-persuna mill-funzjonijiet tal-makkinarju perikoluż.*

Mezzi ta' lqugħ li jiċċaqilqu u li jillokkjaw ma' xulxin għandhom ikunu ddisinnjati b'mod li l-assenza jew ħsara tal-komponenti tagħhom jevita li jibdew jew jieqfu l-funzjonijiet tal-makkinarju perikoluż.

§219 Mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiġu mċaqalqa u li jillokkjaw ma' xulxin

Is-sezzjoni 1.4.2.2 tistipula rekwiżiti għat-tieni tip ta' mezzi ta' lqugħ: mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiġu mċaqalqa u li jillokkjaw ma' xulxin. Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 1.4.2.2 huma kumplimentari għar-rekwiżiti ġenerali għal mezzi ta' lqugħ u apparat protettiv stipulat fis-sezzjoni 1.4.1.

Iż-żewġ inċiżi tal-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.4.2.2 jistipulaw ir-rekwiżiti għall-mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiċċaqilqu nnifishom. Kuntrarju għall-mezzi ta' lqugħ fissi, il-mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiċċaqilqu għandhom, safejn ikun possibbli, jibqgħu mwaħħla mal-makkinarju meta l-mezzi ta' lqugħ ikunu miftuħa. Pereżempju, huma jistgħu jistrieħu fuq il-mezzi ta' lqugħ fissi jew jiżżerżqu magħhom. Huma jistgħu jiġu aġġustati biss permezz ta' azzjoni intenzjonali sabiex jiġi evitat, pereżempju, li d-distanza bejn il-mezz ta' lqugħ u ż-żona ta' periklu tiġi mmodifikata b'mod mhux intenzjonali matul il-ftuħ jew l-għeluq.

Iż-żewġ inċiżi tat-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.4.2.2 stipulaw ir-rekwiżiti għall-mezzi li jillokkjaw ma' xulxin li għandhom jitwaħħlu mal-mezzi ta' lqugħ kollha li jistgħu jiċċaqilqu.

Iż-żewġ inċiżi tat-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.4.2.2 stipulaw ir-rekwiżiti għall-mezz ta' lqugħ li jillokkja li għandu jitwaħħal, minbarra l-mezzi li jillokkjaw ma' xulxin, fejn ikun hemm il-possibbiltà li l-operatur jilħaq iż-żona ta' periklu qabel ma jitwaqqfu l-funzjonijiet perikoluż tal-makkinarju. Dan spiss ikun il-każ meta l-partijiet li jiċċaqilqu tal-makkinarju jieħdu ftit taż-żmien biex jitwaqqfu wara li jkun ingħata kmand ta' waqfien (ħin twil sakemm jieqaf). Jista' jkun ukoll li jkun hemm perikli oħrajn bħal, pereżempju, temperaturi estremi jew emissjonijiet ta' sustanzi perikoluż.

Il-parametri mogħtija fl-istandard EN 999 jistgħu jgħinu biex jiġi ddeterminat jekk il-mezzi ta' lqugħ li jiċċaqilqu u li jillokkjaw ma' xulxin għandhomx jitwaħħlu b'mezz ta' lqugħ li jillokkja. [131]

L-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 1.4.2.2 jikkonċerna l-integrazzjoni tal-mezzi li jillokkjaw ma' xulxin u l-mezzi ta' lqugħ li jillokkjaw imwaħħlin ma' mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiċċaqilqu fis-sistema ta' kontroll tal-makkinarju. Dan ir-rekwiżit huwa applikazzjoni partikolari tar-rekwiżit ġenerali relatat mas-sigurtà u l-affidabbiltà tas-sistemi ta' kontroll – ara §184: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.1.

L-ispeċifikazzjonijiet għall-mezzi li jillokkjaw ma' xulxin u l-mezzi ta' lqugħ li jillokkjaw għal mezzi ta' lqugħ huma mogħtija fl-istandard EN 1088. [132]

Il-mezzi ta' lqugħ li jitħaddmu bid-dawl li jistgħu jiġu mċaqalqa u li jillokkjaw ma' xulxin intiżi biex jintużaw bħala salvagwardji f'makkinarju msemmija fil-punti 9, 10 u 11 tal-Anness IV, meta jitqiegħdu fis-suq b'mod indipendenti, jitqiesu bħala komponenti tas-sigurtà – ara §42: kummenti dwar l-Artikolu 2 (c), u §389: kummenti dwar l-Anness V. Huma elenkati wkoll fl-Anness IV (20).

1.4.2.3 Mezzi ta' lqugħ aġġustabbli li jirrestrinġi l-aċċess

Il-mezz ta' lqugħ li jista' jiġi aġġustat biex jirrestrinġi l-aċċess għal dawk iż-żoni fejn il-partijiet li jiċċaqilqu huma strettament meħtieġa għax-xogħol għandhom ikunu jistgħu:

- *jiġu rranġati b'mod manwali jew awtomatiku, skont it-tip ta' xogħol involut, u*
- *jiġu rranġati fil-pront mingħajr l-użu ta' għodod.*

§220 Mezzi ta' lqugħ aġġustabbli li jirrestrinġu l-aċċess

Iż-żewġ inċiżi tas-sezzjoni 1.4.2.3 stipulaw rekwiżiti għat-tielet tip ta' mezzi ta' lqugħ: mezzi ta' lqugħ aġġustabbli li jirrestrinġu l-aċċess. Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 1.4.2.3 huma kumplimentari għar-rekwiżiti ġenerali għal mezzi ta' lqugħ u apparat protettiv stipulati fis-sezzjoni 1.4.1.

---

[131] EN 999:1998+A1:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju — L-ippustjar ta' tagħmir protettiv fir-rigward tal-veloċità li biha jkunu resqin lejh partijiet tal-ġisem uman.*

[132] EN 1088:1995+A2:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju — Apparati li jingastaw f'xulxin assoċjati ma' mezzi ta' protezzjoni - Prinċipji għad-disinn u għażla.*

Il-mezzi ta' lqugħ aġġustabbli li jirrestringu l-aċċess għandhom jitwaħħlu, b'mod partikolari, fuq makkinarju bi tmigħ manwali ta' materjal jew biċċiet li għandhom jinħadmu, meta ma jkunx possibbli li jiġi evitat kompletament l-aċċess għaż-żona ta' periklu madwar l-għodod.

Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' kuntatt mal-funzjonijiet perikoluż, huwa importanti li l-aġġustament tal-mezz ta' lqugħ jiġi ffaċilitat skont id-dimensjonijiet tal-biċċiet konċernati li għandhom jinħadmu. Meta dan ma jikkawża ebda riskju addizzjonali, il-mezz ta' lqugħ jista' jiġi ddisinjat u mibni b'tali mod li l-pożizzjoni tiegħu tadatta awtomatikament għad-dimensjoni tal-biċċa li għandha tinħadem. Inkella, għandu jkun possibbli għall-operatur li jaġġusta l-pożizzjoni tal-mezz ta' lqugħ malajr u faċilment, mingħajr l-użu ta' għodda.

1.4.3 Rekwiżiti speċjali għall-mezzi ta' protezzjoni

Mezzi ta' protezzjoni għandhom ikunu ddisinnjati u inkorporati fis-sistema ta' kontroll b'mod li:

- *il-partijiet li jiċċaqilqu ma jistgħux jaqbdu jaħdmu waqt li jkunu jistgħu jintlaħqu mill-operatur,*
- *il-persuni ma jistgħux jilħqu l-partijiet li jiċċaqilqu meta l-partijiet ikunu qegħdin jiċċaqilqu, u*
- *in-nuqqas jew il-ħsara ta' waħda mill-komponenti tagħhom timpedixxi l-istartjar jew il-waqfien tal-partijiet li jiċċaqilqu.*

Il-mezzi ta' protezzjoni għandhom ikunu aġġustabbli biss permezz ta' azzjoni intenzjonali.

§221 Apparat protettiv

Is-sezzjoni 1.4.3 stipulat rekwiżiti għal apparat protettiv. Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 1.4.3 huma kumplimentari għar-rekwiżiti ġenerali għal mezzi ta' lqugħ u apparat protettiv stipulati fis-sezzjoni 1.4.1.

Ir-rekwiżiti għal apparat protettiv huma simili għal dawk għal mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiġu mċaqalqa u li jillokkjaw ma' xulxin, minħabba li għandhom l-istess għan li jiżguraw li l-operaturi ma jiġux f'kuntatt mal-partijiet li jiċċaqilqu waqt li jkunu qegħdin jiċċaqilqu.

Għandu jiġi osservat li, billi l-apparat protettiv ma jikkostitwixxi ebda barriera fiżika, huwa mhuwiex addattat meta jkun hemm bżonn ta' protezzjoni kontra perikli bħal, pereżempju, oġġetti li jintefgħu 'l barra, temperaturi estremi, emissjonijiet ta' storbju, radjazzjoni jew emissjonijiet ta' sustanzi perikoluż.

- Speċifikazzjonijiet għal mezzi sensittivi għall-pressjoni huma mogħtija fl-istandards EN 1760, partijiet 1 sa 3;[133]

[133] EN 1760-1:1997+A1:2009 - *Sigurtà ta' makkinarju — Apparati protettivi sensittivi għall-pressjoni* — Parti 1: *Prinċipji ġenerali għad-disinn u ttestjar ta' twapet sensittivi għall-pressjoni u artijiet sensittivi għall-pressjoni*;
EN 1760-2:2001+A1:2009 - *Sigurtà ta' makkinarju — Apparati protettivi sensittivi għall-pressjoni* — Parti 2: *Prinċipji ġenerali għad-disinn u ttestjar ta' trufijiet sensittivi għall-pressjoni u żbarri sensittivi għall-pressjoni*;

- speċifikazzjonijiet għal mezzi ta' kontroll b'żewġ idejn huma mogħtija fl-istandard EN 574;[134]
- speċifikazzjonijiet għal apparat protettiv elettro-sensittiv huma mogħtija fl-istandard EN 61496-1.[135]

1.5 RISKJI MINĦABBA PERIKLI OĦRA

1.5.1 Il-provvista tal-elettriku

Fejn il-makkinarju jkollu provvista tal-elettriku, għandu jkun iddisinnjat, mibni u mgħammar b'mod li jiġu eliminati jew li jkunu jistgħu jiġu eliminati r-riskji kollha ta' natura elettrika..

L-għanijiet ta' sigurtà stabbiliti mid-Direttiva 73/23/KEE għandhom japplikaw għall-makkinarju. Madankollu l-obbligi dwar l-istima tal-konformità u t-tqegħid fis-suq u/jew it-tqegħid fis-servizz tal-makkinarju fir-rigward tal-perikli tal-elettriku huma regolati biss mid-Direttiva.

§222 Elettriku

Is-sezzjoni 1.5.1 tittratta riskji minħabba l-użu ta' enerġija elettrika. L-enerġija elettrika tista' tiġi trasformata f'enerġija mekkanika permezz ta' mutur tal-elettriku jew tintuża, pereżempju, biex tiġġenera sħana jew radjazzjoni għall-proċess. L-elettriku statiku jintuża wkoll f'ċerti proċessi bħal, pereżempju, xogħol ta' żebgħa, is-separazzjoni ta' materjali jew is-separazzjoni tal-emissjonijiet.

Ir-riskji ewlenin assoċjati mal-enerġija elettrika huma xokk elettriku minħabba kuntatt dirett ma' partijiet li jkollhom l-elettriku għaddej minnhom (kuntatt aċċidentali ma' partijiet li normalment ikollhom l-elettriku għaddej minnhom) jew kuntatt indirett (kuntatt ma' partijiet bl-elettriku għaddej minnhom minħabba ħsara) u ħruq, nar jew splużjoni minħabba sparks elettriċi jew minħabba t-tisħin eċċessiv tat-tagħmir tal-elettriku.

L-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.5.1 jesiġi li l-fabbrikant tal-makkinarju jieħu l-miżuri meħtieġa biex jimpedixxi l-perikli kollha ta' natura elettrika. Dan ir-rekwiżit ġenerali japplika jkun xi jkun il-vultaġġ tal-provvista tal-elettriku.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.5.1 jagħmel ir-rekwiżiti tas-sigurtà tad-Direttiva dwar Vultaġġ Baxx (LVD) 2006/95/KE (li qabel kienet id-Direttiva73/23/KEE kif emendata) applikabbli għal makkinarju. It-tieni sentenza ta' dan il-paragrafu tagħmilha ċara li l-proċeduri tal-LVD relatati mat-tqegħid fis-suq u t-tqegħid għas-servizz mhumiex applikabbli għal makkinarju soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju. Dan ifisser li d-Dikjarazzjoni tal-Konformità għal makkinarju soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju ma għandhiex tirreferi għal-LVD.

EN 1760-3:2004+A1:2009 - *Sigurtà ta' makkinarju — Apparati protettivi sensittivi għall-pressjoni* — Parti 3: *Prinċipji ġenerali għad-disinn u ttestjar ta' bampers, pjanċi, wajers u apparati simili*.

[134] EN 574:1996+A1:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju — Apparati kkontrollati b'żewġ idejn — Aspetti funzjonali — Prinċipji għad-disinn.*

[135] EN 61496-1:2004+A1:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju — Tagħmir protettiv elettrosensibbli* — Parti 1: *Rekwiżiti ġenerali u testijiet* (IEC 61496-1:2004 (Modifikat)).

Għandu jiġi mfakkar li ċerti kategoriji ta' tagħmir tal-elettriku b'vultaġġ baxx huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju – ara §63: kummenti dwar l-Artikolu 1 (2) (k).

L-ispeċifikazzjonijiet ġenerali għad-disinn tat-tagħmir tal-elettriku tal-makkinarju huma mogħtija fl-istandard EN 60204-1;[136] l-ispeċifikazzjonijiet għat-tagħmir tal-elettriku b'vultaġġ qawwi tal-makkinarju huma mogħtija fl-istandard EN 60204-11.[137] L-ispeċifikazzjonijiet għat-tagħmir tal-elettriku huma mogħtija wkoll f'ħafna standards għal kategoriji speċifiċi ta' makkinarju.

Minbarra r-rekwiżiti ġenerali stipulati fis-sezzjoni 1.5.1, ir-rekwiżiti supplimentari relatati mal-batteriji għal makkinarju mobbli huma stipulati fis-sezzjoni 3.5.1.

1.5.2 L-elettriku statiku

Il-makkinarju għandu jkun iddisinnjat u mibni b'tali mod li jimpedixxi jew jillimita li jinġema ċarġ elettrostatiku potenzjalment perikoluż u/jew ikun mgħammar b'sistema ta' ħruġ ta' ċarġ tal-elettriku.

§223 Elettriku statiku mhux mixtieq

Is-sezzjoni 1.5.2 tittratta riskji minħabba ċarġ tal-elettriku statiku mhux mixtieq li jista' jinġema' f'makkinarju jew f'partijiet ta' makkinarju, primarjament minħabba frizzjoni bejn il-partijiet tal-makkinarju jew bejn il-makkinarju u biċċiet li għandhom jinħadmu, materjali jew fluwidi użati jew prodotti mill-makkinarju. Ċarġ statiku jista' jinħoloq ukoll f'partijiet tal-metall mhux ertjati permezz ta' induzzjoni f'kamp elettriku.

Meta persuna tiġi f'kuntatt ma' jew tiġi viċin ta' parti ċċarġjata, kurrent ta' skariku elettriku jista' jgħaddi mill-ġisem lejn l-art. L-effetti fiżjoloġiċi li jirriżultaw jiddependu primarjament fuq id-daqs taż-żona ta' kuntatt, l-ammont ta' enerġija rilaxxata u l-amplitudni u l-frekwenza tal-kurrent. Dawn l-effetti jistgħu jkunu sempliċiment irritanti jew ta' uġigħ jew jista' saħansitra jkollhom konsegwenzi fatali. L-effett ta' sorpriża jista' jikkontribwixxi għar-riskju ta' inċident. L-iskarika ta' elettriku statiku tista' wkoll tqabbad nar jew tikkawża splużjoni – ara §227 u §228: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.5.6 u 1.5.7. L-iskarika ta' elettriku statiku tista' wkoll tagħmel ħsara liċ-ċirkwiti elettroniċi f'sistemi ta' kontroll jew timpedixxi l-funzjonament korrett tagħhom, biex b'hekk twassal għal sitwazzjonijiet perikoluż.

Jistgħu jintużaw tekniki differenti li jimpedixxu li jinġema ċarġ statiku mhux mixtieq, bħal, pereżempju, li l-materjali iżolanti jiġu sostitwiti minn materjali dissipattivi jew konduttivi, li tiġi evitata atmosfera niexfa jew li tinħoloq atmosfera jonizzata fiż-żoni kkonċernati. L-iskarika mingħajr periklu ta' ċarġ statiku jista' jinkiseb, pereżempju, permezz tal-għaqid u l-ertjar ta' partijiet konduttivi tal-makkinarju.

---

[136] EN 60204-1:2006+A1:2009 - *Sigurtà ta' makkinarju — Tagħmir elettriku tal-magni* — Parti 1: *Rekwiżiti ġenerali* (IEC 60204-1:2005 (Modifikat)).

[137] EN 60204-11:2000 - *Sigurtà ta' makkinarju — Tagħmir elettriku tal-magni* — Parti 11: *Rekwiżiti għaL tagħmir HV għaL vultaġġi ogħla minn 1 000 V a.c. jew 1 500 V d.c. iżda ma jaqbżux 36 Kv* (IEC 60204-11:2000).

1.5.3 Provvista ta' enerġija oħra għajr l-elettriku

Fejn il-makkinarju jitħaddem b'sors ta' enerġija għajr l-elettriku, dan għandu jkun hekk iddisinnjat, mibni u mgħammar sabiex jevita r-riskji kollha potenzjali assoċjati ma' tali sorsi ta' enerġija.

§224 Provvista ta' enerġija oħra għajr l-elettriku

Sorsi ta' enerġija għajr l-elettriku jinkludu, pereżempju, l-enerġija idrawlika, pnewmatika, mekkanika u termali. L-enerġija tista' tiġi prodotta mill-makkinarju nnifsu, pereżempju, permezz ta' kumpressur jew pompa idrawlika li titħaddem bl-elettriku jew permezz ta' magna ta' kombustjoni interna, jew inkella tista' tittieħed minn sors estern bħal, pereżempju, provvista ta' arja kumpressata jew il-power take-off ta' trattur. L-enerġija mekkanika tista' tiġi pprovduta wkoll minn tagħmir ieħor bħal, pereżempju, test bed ta' vettura li tinstaq mill-vettura li tkun qiegħda tiġi ttestjata. L-enerġija tista' tittieħed ukoll minn sorsi naturali bħar-riħ jew l-ilma għaddej. Kull tip ta' enerġija huwa assoċjat ma' perikli speċifiċi bħal, pereżempju, pressjoni eċċessiva u tnixxija interna jew esterna f'sistemi idrawliċi jew pnewmatiċi, jew tisħin eċċessiv u emissjonijiet ta' gassijiet f'magni ta' kombustjoni interna.

Is-sezzjoni 1.5.3 tesiġi li l-fabbrikanti tal-makkinarju jivvalutaw u jipprevjenu r-riskji kollha minħabba sorsi ta' enerġija bħal dawn.

L-istandard EN 982 jagħti speċifikazzjonijiet ġenerali għal sistemi tal-enerġija idrawlika;[138] l-istandard EN 983 jagħti speċifikazzjonijiet ġenerali għal sistemi tal-enerġija pnewmatika.[139]

Minbarra r-rekwiżit ġenerali stipulat fis-sezzjoni 1.5.3, ir-rekwiżiti supplimentari relatati ma' magni ta' kombustjoni interna għal makkinarju intiż għal xogħol taħt l-art huma stipulati fis-sezzjoni 5.5.

[138] EN 982:1996+A1:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju — Rekwiżiti ta' sigurtà għaL sistemi ta' enerġija fluwida u l-komponenti tagħhom — Idrawlika*.

[139] EN 983:1996+A1:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju — Rekwiżiti ta' sigurtà għaL sistemi ta' enerġija fluwida u l-komponenti tagħhom — Pnewmatiċi*.

1.5.4 Żbalji fit-tgħammir

L-iżbalji, li x'aktarx li jsiru meta jiġu mgħammra jew mgħammra mill-ġdid ċerti partijiet li jistgħu jkunu ta' riskju, ma għandhomx ikunu possibbli dovut għad-disinn u l-kostruzzjoni ta' dawn il-partijiet jew, fin-nuqqas ta' dan, permezz ta' informazzjoni li tingħata fuq il-partijiet infushom u/jew fuq il-post fejn jitwaħħlu. L-istess informazzjoni għandha tingħata fuq il-partijiet li jiċċaqilqu u/jew fuq il-post fejn jitwaħħlu fejn hemm bżonn li d-direzzjoni taċ-ċaqliq tkun magħrufa sabiex ikun evitat ir-riskju.

Fejn ikun hemm bżonn, l-istruzzjonijiet għandhom jagħtu aktar informazzjoni dwar dawn ir-riskji.

Fejn konnessjoni ħażina tista' tkun is-sors ta' riskju, konnessjonijiet ħżiena ma għandhomx ikunu possibbli permezz tad-disinn jew, fin-nuqqas ta' dan, permezz tal-informazzjoni li tingħata fuq l-elementi li għandhom jitqabbdu u, fejn ikun jixraq, fuq il-mezz tal-qbid.

§225 Żbalji fit-tgħammir

L-ewwel paragrafu tar-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.5.4 jittratta r-riskji li jistgħu jinħolqu meta jiġu mgħammra partijiet mal-makkinarju waqt l-installazzjoni tal-makkinarju jew meta jiġu mgħammra mill-ġdid wara t-trasferiment tal-makkinarju lejn sit ġdid jew wara t-tneħħija tagħhom għal skopijiet ta' manutenzjoni.

Dan ir-rekwiżit japplika għal partijiet tal-makkinarju li huma previsti li jiġu mgħammra jew jitneħħew u jiġu mgħammra mill-ġdid minn jew taħt il-kontroll tal-utent. It-tgħammir korrett ta' partijiet oħrajn għandu jiġi żgurat mis-sistema ta' produzzjoni tal-fabbrikant stess.

Meta jkun prevedibbli li jsir tgħammir jew tgħammir mill-ġdid ħażin u dan ikun jista' jikkawża riskju, dan għandu jiġi impedut, safejn ikun prattikabbli, mid-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju u tal-partijiet ikkonċernati u s-sistemi ta' tgħammir tagħhom. Pereżempju, għamla asimmetrika li taqbel tal-parti li għandha titwaħħal u tal-parti tal-makkinarju li tirċievi tista' tiżgura li l-parti ma tkunx tista' titwaħħal ħażin. L-użu ta' sistemi ta' tgħammir distinti għal partijiet li x'aktarx jiġu konfużi jista' jiżgura l-istess effett. Meta soluzzjoni tad-disinn ma tkunx prattikabbli, l-indikazzjonijiet meħtieġa biex jiġu evitati l-iżbalji fit-tgħammir għandhom jiġu mmarkati fuq il-partijiet tal-makkinarju jew fuq il-post fejn jitwaħħlu.

It-tieni sentenza tal-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.5.4 tagħmel l-istess rekwiżiti applikabbli għall-partijiet li jiċċaqilqu, bħal, pereżempju, ktajjen jew ċintorini, li għandhom jitwaħħlu f'direzzjoni partikolari.

L-immarkar għall-evitar tal-iżbalji fit-tgħammir huwa soġġett għar-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 1.7.1 relatati mal-informazzjoni u t-twissijiet fuq il-makkinarju.

Skont it-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.5.4, fejn ikun meħtieġ, l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant għandhom jagħtu aktar informazzjoni dwar il-miżuri meħuda biex jiġu evitati l-iżbalji fit-tgħammir, u, fejn xieraq, jipprovdu spjegazzjonijiet tal-informazzjoni mmarkata fuq il-partijiet ikkonċernati – ara §264: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (i).

It-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.5.4 jittratta l-każ speċifiku tar-riskju ta' żbalji fil-konnessjoni. It-tipi ta' konnessjoni kkonċernati jistgħu jinkludu, pereżempju, il-konnessjoni tal-makkinarju ma' provvisti tal-enerġija jew fluwidi, jew il-konnessjoni tas-sistema ta' kontroll ta' makkinarju irmunkat mas-sistema ta' kontroll ta' makkinarju li jaħdem waħdu jew trattur.

L-approċċ għal dan ir-riskju huwa l-istess bħal dak għall-prevenzjoni ta' żbalji fit-tgħammir b'mod ġenerali. Safejn ikun prattiku, l-iżbalji fil-konnessjoni li jistgħu jikkawżaw riskju għandhom jiġu evitati permezz tad-disinn tal-elementi li għandhom jiġu konnessi, pereżempju, bl-użu ta' dijametri differenti, kamini jew sistemi ta' konnessjoni. Marki bħal kodiċi ta' kuluri huma utli iżda mhumiex sostitut għall-miżuri ta' disinn. Madankollu, jekk il-miżuri ta' disinn ma jkunux prattiċi, l-informazzjoni meħtieġa għandha tiġi mmarkata fuq l-elementi li għandhom jiġu konnessi u, fejn xieraq, fuq il-mezzi ta' konnessjoni.

1.5.5 Temperaturi estremi

Għandhom jittieħdu passi biex jiġi eliminat kull riskju ta' korriment li jirriżulta minn kuntatt jew viċinanza ma' partijiet ta' makkinarju jew materjali f'temperaturi għoljin jew baxxi ħafna.

Għandhom jittieħdu l-passi neċessarji wkoll sabiex ikun evitat jew tingħata protezzjoni kontra r-riskju ta' ħruġ ta' materjal jaħraq jew kiesaħ ħafna.

§226 Temperaturi estremi

Il-kuntatt ma' jew il-qrubija ma' partijiet jaħarqu tal-makkinarju jew ma' materjali jaħarqu użati jew prodotti mill-makkinarju jistgħu jikkawżaw skonfort, uġigħ u ħruq. Il-kuntatt ma' partijiet jew materjali kesħin ħafna jista' jikkawża tirżiħ jew infjammazzjoni tal-ġilda bil-ksieħ. L-espożizzjoni ripetuta għall-kesħa tista' tikkawża ħsara fin-nervituri jew fil-vini.

Kull meta jkun possibbli, ir-riskji minħabba kuntatt ma' jew qrubija ma' partijiet tal-makkinarju jew materjali użati jew prodotti mill-makkinarju f'temperaturi għoljin jew baxxi ħafna għandhom jitnaqqsu billi tiġi evitata l-ġenerazzjoni ta' temperaturi perikoluż. Meta dan ma jkunx possibbli, għandhom jittieħdu l-miżuri protettivi meħtieġa biex jiġi evitat il-kuntatt perikoluż ma' jew il-qrubija għaż-żoni kkonċernati, billi dawn jitpoġġew f'distanza suffiċjenti mill-pożizzjonijiet li normalment ikunu jistgħu jintlaħqu mill-persuni jew inkella billi jitwaħħlu mezzi ta' lqugħ jew strutturi protettivi oħrajn bl-insulazzjoni termali meħtieġa.

Ir-rekwiżit stipulat fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.5.5 huwa kumplimentari għair-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.3.3 dwar ir-riskju ta' oġġetti li jintefgħu 'l barra. Meta jitwaħħlu mezzi ta' lqugħ biex joffru protezzjoni kontra r-riskju ta' tfigħ 'il barra ta' materjali jaħarqu jew kesħin ħafna, dawn għandhom jiġu ddisinjati b'tali mod li jirreżistu t-temperaturi kkonċernati – ara §216: kummenti dwar is-sezzjoni 1.4.1.


L-istandards EN ISO 13732, partijiet 1 u 3[140] jipprovdu gwida dwar l-istima tar-riskju ta' korriment minħabba kuntatt ma' uċuh jaħarqu u kesħin rispettivament. Il-gwida hija mogħtija wkoll fil-Gwida 29 ta' CENELEC.[141]

1.5.6 Nirien

Il-makkinarju għandu jkun iddisinnjat u mibni b'mod li jevita kull riskju ta' nirien jew ta' tisħin żejjed ikkawżat mill-makkinarju nnifsu jew minn gassijiet, likwidi, trab, fwar jew sustanzi oħra prodotti jew użati mill-makkinarju.

§227 Nirien

Nirien ikkawżati minn makkinarju joħolqu riskju serju għall-persuni kif ukoll għall-proprjetà, minħabba li n-nar jista' jagħmel ħsara jew jeqred il-makkinarju nnifsu u l-installazzjonijiet u l-bini tal-madwar. L-istima tal-periklu tan-nar tinvolvi l-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni tat-tliet elementi essenzjali meħtieġa biex jibda n-nar, ta' spiss ippreżentata fil-forma ta' trijangolu:[142]



[140] EN ISO 13732-1:2008 - *Ergonomika tal-ambjent termali — Metodi għall-valutazzjoni tar-reazzjoni umana għaL kuntatt ma' superfiċji* — Parti 1: *Superfiċji jaħarqu* (ISO 13732-1:2006);
EN ISO 13732-3:2008 - *Ergonomika tal-ambjent termali — Metodi għall-valutazzjoni tar-reazzjoni umana għaL kuntatt ma' superfiċji* — Parti 3: *Superfiċji kesħin* (ISO 13732-3:2005).

[141] Kwida CLC 29: 2007 – *Temperaturi ta' superfiċji jaħarqu li aktarx jintmessu – Dokument ta' gwida għaL Kumitati Tekniċi u fabbrikanti.*

[142] Il-proċess ta' kombustjoni jista' jkun megħjun jew imxekkeL mill-preżenza ta' sustanzi oħrajn (katalisti).

It-tnaqqis tar-riskju ta' nar jinvolvi t-teħid ta' taħlita ta' miżuri fir-rigward tat-tliet elementi tat-trijangolu:

- L-evitar jew it-tnaqqis tal-inkorporazzjoni, l-użu jew il-produzzjoni ta' materjali jew substanzi kombustibbli. Dawn il-miżuri jinkludu, pereżempju, l-użu ta' materjali reżistenti għan-nar fil-kostruzzjoni tal-makkinarju, iż-żamma mingħajr periklu ta' likwidi, trabijiet jew gassijiet li jieħdu n-nar użati jew prodotti mill-makkinarju u t-tneħħija mingħajr periklu ta' skart kombustibbli – ara §178: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.3;
- Il-prevenzjoni tat-tisħin eċċessiv tal-makkinarju nnifsu jew tal-materjali jew sustanzi użati jew prodotti mill-makkinarju u, meta jista' jkun hemm tisħin eċċessiv, il-kxif tagħha u l-għoti tal-miżuri korrettivi meħtieġa jew l-għoti ta' twissija lill-operatur qabel jagħti lok għal riskju ta' nar;
- L-evitar ta' kuntatt bejn il-materjali jew sustanzi kombustibbli u s-sorsi ta' tqabbid tan-nar bħal, pereżempju, sparks ta' oriġini mekkanika jew elettrika jew uċuh jaħarqu – ara §222 u §223: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.5.1 u 1.5.2;
- It-tnaqqis tal-konċentrazzjoni ta' ossiġenu (sakemm dan ma jagħtix lok għal riskju addizzjonali għall-persuni) jew l-evitar tal-preżenza ta' sustanzi ossidizzanti.

Meta r-riskju ta' nar ma jkunx jista' jitnaqqas b'mod adegwat minn miżuri bħal dawn, għandhom jittieħdu miżuri protettivi kumplimentari sabiex jillimitaw l-effetti ta' nar. Tali miżuri jistgħu jinkludu, pereżempju, ilqugħ protettiv jew għeluq tal-makkinarju u t-tgħammir ta' sistemi ta' kxif, allarm u/jew estinzjoni tan-nar. Il-miżuri meħtieġa għandhom jiġu definiti fuq il-bażi ta' stima tar-riskju ta' nar.

L-ispeċifikazzjonijiet ġenerali għall-valutazzjoni, prevenzjoni u protezzjoni kontra r-riskju ta' nar huma mogħtija fl-istandard EN 13478.[143]

Minbarra r-rekwiżiti ġenerali stipulati fis-sezzjoni 1.5.6, rekwiżiti supplimentari dwar ir-riskju ta' nar għal makkinarju mobbli huma stipulati fis-sezzjoni 3.5.2; rekwiżiti supplimentari dwar ir-riskju ta' nar għal makkinarju intiż għal xogħol taħt l-art huma stipulati fis-sezzjoni 5.5.

1.5.7 Splużjoni

Il-makkinarju għandu jkun iddisinnjat u mibni b'mod li jevita kull riskju ta' splużjoni kkawżat mill-makkinarju nnifsu jew minn gassijiet, likwidi, trab, fwar jew sustanzi oħra prodotti jew użati mill-makkinarju.

Il-makkinarju għandu jikkonforma, sakemm u safejn jirrigwarda r-riskju ta' splużjoni dovut fir-rigward tal-użu tiegħu f'atmosfera potenzjalment splussiva, mad-dispożizzjoni tad-Direttivi Komunitarji speċifiċi.

§228 Splużjoni

Ir-rekwiżit stipulat fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.5.7 japplika għar-riskji ta' splużjoni minħabba t-tħaddim tal-makkinarju innifsu jew għall-materjali jew is-sustanzi użati jew prodotti mill-makkinarju.

[143] EN 13478:2001+A1: 2008 - *Sigurtà ta' makkinarju - Prevenzjoni ta' u protezzjoni minn ħruq*.

L-isplużjonijiet jistgħu jinħolqu jekk il-kombustjoni ta' ċerti konċentrazzjonijiet ta' sustanzi li jieħdu n-nar bħal gassijiet, fwar, ċpar jew trab fl-arja tiġi kkawżata minn sors ta' tqabbid ta' enerġija suffiċjenti. L-isplużjonijiet jinvolvu propogazzjoni rapida ħafna sostnuta minnha stess tar-reazzjoni ta' kombustjoni b'akkumulazzjoni ta' pressjoni għolja. Il-ħsara kkawżata minn splużjonijiet għal persuni u proprjetà hija dovuta għall-emissjoni vjolenti ta' fjammi, radjazzjoni termali, mewġiet ta' pressjoni, debris li jtir fl-arja u sustanzi perikolużi. Is-severità tal-ħsara potenzjali tiddependi primarjament fuq il-kwantità tat-taħlita splussiva preżenti u n-natura tagħha.

Il-prinċipji li japplikaw għall-prevenzjoni tar-riskju ta' splużjoni huma simili għal dawk għall-prevenzjoni tar-riskju ta' nar. Il-prevenzjoni tar-riskju ta' splużjoni tinvolvi taħlita ta':

- l-evitar tal-akkumulazzjoni ta' taħlitiet splussivi f'żoni fi jew madwar il-makkinarju billi jiġu evitati materjali u sustanzi li jieħdu n-nar jew billi l-konċentrazzjoni tagħhom fl-arja tinżamm b'mod permanenti f'valuri barra mil-limiti aktar baxxi jew ogħla ta' splużjoni;
- l-evitar tal-preżenza ta' sorsi li jqabbdu n-nar f'żoni perikolużi;
- it-tnaqqis tal-konċentrazzjoni tal-ossiġenu f'żoni perikolużi (sakemm dan ma jikkawża ebda riskju addizzjonali għall-persuni).

Meta r-riskju ta' splużjoni ma jkunx jista' jiġi evitat kompletament, għandhom jittieħdu miżuri protettivi kumplimentari li jillimitaw il-konsegwenzi ta' splużjoni. Dawn il-miżuri jinkludu, pereżempju, disinn reżistenti għall-isplużjonijiet, it-tgħammir ta' mezzi li jtaffu l-isplużjonijiet (ventijiet), it-tgħammir ta' sistemi awtomatiċi ta' kxif u suppressjoni tal-isplużjonijiet jew mezzi li jimpedixxu l-propogazzjoni ta' fjammi u splużjonijiet.

L-ispeċifikazzjonijiet ġenerali għall-istima, il-prevenzjoni u l-protezzjoni kontra r-riskju ta' splużjoni huma mogħtija fl-istandard EN 1127-1.[144]

Skont it-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.5.7, makkinarju intiż għal użu fi jew fir-rigward ta' atmosfera potenzjalment splussiva huwa soġġett għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ATEX[145] - ara §91: kummenti dwar l-Artikolu 3. Il-kunċett ta' atmosfera potenzjalment splussiva huwa spjegat fil-Linji Gwida dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva ATEX.[146]

Il-makkinarju soġġett għad-Direttiva ATEX huwa soġġett għar-rekwiżiti tal-immarkar speċifiċi – ara §251: kummenti dwar it-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.7.3.

Għalkemm id-Direttiva ATEX mhijiex applikabbli bħala tali għar-riskji ta' splużjoni ġġenerati fil-makkinarju nnifsu, it-tagħmir li jikkonforma mar-rekwiżiti tad-

[144] EN 1127-1:2007 - *Atmosferi splussivi - Prevenzjoni ta' u protezzjoni minn splużjoni* - Parti 1: *Kunċetti bażiċi u metodoloġija*.

[145] Direttiva 94/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw it-tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu f'atmosferi potenzjalment esplussivi – ĠU *L 100, 19.04.1994, p. 1.*

[146] Linji gwida dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 94/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw it-tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu f'atmosferi potenzjalment esplussivi – It-tielet edizzjoni Ġunju 2009 – ara l-paragrafu 3.7.1:
http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/mechanical/documents/guidance/atex/application/index_en.htm

Direttiva ATEX għandu jiġi mgħammar f'żoni tal-makkinarju fejn ikun hemm riskju ta' akkumulazzjoni ta' atmosfera potenzjalment splussiva.

1.5.8 Storbju

Il-makkinarju għandu jkun iddisinnjat u mibni b'mod li r-riskji li jirriżultaw mill-emissjoni ta' storbju fl-arja jitnaqqas sa l-inqas livell, billi jitqiesu l-progress tekniku u d-disponibbilità tal-mezzi li jnaqqsu l-istorbju, b'mod partikolari mis-sors.

Il-livell tal-emissjoni ta' storbju għandu jkun stmat b'referenza għad-data dwar l-emissjoni paragunabbli għall-makkinarju simili.

§229 Tnaqqis ta' emissjoni ta' storbju

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.5.8 jittratta riskji assoċjati mal-espożizzjoni tal-operaturi tal-makkinarju u persuni oħrajn għall-istorbju ġġenerat mill-makkinarju. L-espożizzjoni fit-tul għall-istorbju minn makkinarju hija l-kawża ewlenija tal-indeboliment tas-smigħ ikkawżat mill-istorbju fuq il-post tax-xogħol. Ħafna drabi, ir-riskju għas-saħħa huwa insidjuż, billi l-ħsara għas-smigħ hija kumulattiva u irriversibbli, iżda l-persuna kkonċernata ma tkunx konxja tagħha fil-ħin tal-espożizzjoni. L-espożizzjoni għal storbju b'impuls ta' enerġija għolja tista' tikkawża telf ta' smigħ f'daqqa. L-espożizzjoni għall-istorbju hija assoċjata wkoll ma' disturbi oħrajn tas-smigħ bħal tinnitus (perċezzjoni ta' ħoss fin-nuqqas ta' sors estern). L-espożizzjoni għall-istorbju minn makkinarju hija wkoll fattur li jikkontribwixxi għal għeja u stress u tista' tikkontribwixxi għal inċidenti, pereżempju, minħabba interferenza mal-komunikazzjoni – ara §181: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.6.

Huwa importanti li ssir distinzjoni bejn l-espożizzjoni tal-persuni għall-istorbju u l-emissjoni tal-istorbju minn makkinarju. L-emissjoni tal-istorbju minn makkinarju, imkejla taħt kundizzjonijiet definiti, hija proprjetà intrinsika tal-makkinarju. L-espożizzjoni tal-persuni għall-istorbju minn makkinarju tiddependi fuq fatturi bħall-installazzjoni tal-makkinarju, il-kundizzjonijiet tal-użu tal-makkinarju, il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol (bħal, pereżempju, l-assorbiment tal-istorbju, it-tifrix tal-istorbju, riflessjonijiet tal-istorbju), emissjonijiet ta' storbju minn sorsi oħrajn (bħal, pereżempju, minn makkinarju ieħor), il-pożizzjoni tal-persuni fir-rigward tas-sorsi tal-istorbju, it-tul tal-espożizzjoni u l-użu ta' tagħmir protettiv personali (protetturi tas-smigħ). Il-fabbrikant tal-makkinarju huwa responsabbli mill-kontribuzzjoni tal-makkinarju tiegħu għar-riskju minħabba l-istorbju.

L-espożizzjoni tal-ħaddiema għall-istorbju hija soġġetta għad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 2003/10/KE dwar l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jirriżultaw mill-istorbju.[147] Dik id-Direttiva tistabbilixxi valuri ta' limitu ta' espożizzjoni u valuri ta' azzjoni ta' espożizzjoni fir-rigward tal-livelli ta' kuljum ta' espożizzjoni għall-istorbju u l-ogħla livelli ta' pressjoni tal-istorbju tal-ħaddiema.

[147] Direttiva 2003/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Frar 2003 dwar il-ħtiġiet minimi ta' saħħa u sigurtà li jirrigwardaw l-esposizzjoni ta' ħaddiema għaL riskji li jirriżultaw minn aġenti fiżiċi (ħoss) (Is-Sbatax-iL Direttiva individwali skont it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) – ĠU L 42 15.2.2003, p. 38.

Aktar ma jkunx baxx il-livell ta' emissjoni ta' storbju minn makkinarju, aktar ikun faċli għall-utenti biex jirrispettaw il-limiti tal-espożizzjoni stabbiliti mid-Direttiva 2003/10/KE. Għalhekk, l-utenti għandhom interess fl-għażla ta' makkinarju bl-inqas livelli possibbli ta' emissjonijiet ta' storbju għax-xogħol meħtieġ[148] – ara §275: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.3.

Id-Direttiva dwar il-Makkinarju ma tistabbilixxi ebda limiti ta' emissjoni tal-istorbju, iżda titlob lill-fabbrikanti jnaqqsu r-riskji li jirriżultaw mill-emissjoni tal-istorbju sa l-inqas livell, billi jieħdu f'kunsiderazzjoni l-progress tekniku u d-disponibbiltà tal-mezzi li jnaqqsu l-istorbju.

Minbarra d-Direttiva dwar il-Makkinarju, ċerti kategoriji ta' makkinarju huma soġġetti għal-limiti ta' emissjoni ta' storbju stabbiliti mid-Direttiva 2000/14/KE dwar tagħmir għal użu fuq barra[149] - ara §92: kummenti dwar l-Artikolu 3, u §273: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2.(u).

L-approċċ tal-fabbrikant għall-prevenzjoni riskji minħabba l-emissjoni tal-istorbju għandu jieħu f'kunsiderazzjoni l-prinċipji tal-integrazzjoni tas-sigurtà stipulati fis-sezzjoni 1.1.2:

- l-ewwel prijorità għandha tingħata lill-miżuri tad-disinn u l-kostruzzjoni maħsuba biex inaqqsu l-emissjoni tal-istorbju f'ras il-għajn;
- it-tieni prijorità għandha tingħata lill-miżuri protettivi integrati li jikkumplimentaw il-miżuri għat-tnaqqis tal-istorbju f'ras il-għajn, sabiex ikun jista' jsir tnaqqis ulterjuri tal-emissjoni tal-istorbju;
- it-tielet prijorità għandha tingħata lill-għoti ta' tagħrif lill-utent dwar l-emissjoni residwa tal-istorbju sabiex ikun jista' jieħu l-miżuri protettivi meħtieġa bħal, pereżempju, miżuri relatati mal-installazzjoni tal-makkinarju, mad-disinn tal-post tax-xogħol u mal-provvediment u l-użu ta' TPP (protetturi tas-smigħ) – ara §264, §267 u §273: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.7.4.2 (j), (l) (m) u (u).

It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-istorbju f'ras il-għajn huwa l-aktar mod effettiv biex jitnaqqsu r-riskji minħabba l-istorbju kemm għall-operaturi tal-makkinarju kkonċernati kif ukoll għal persuni oħrajn li jistgħu jkunu esposti għall-istorbju ġġenerat mill-makkinarju. Sabiex jitnaqqsu b'mod effettiv l-emissjonijiet tal-istorbju f'ras il-għajn, jeħtieġ li jiġu identifikati s-sorsi ewlenin tal-istorbju ġġenerat mill-makkinarju kkonċernat. Il-miżuri biex inaqqsu s-sors jew sorsi dominanti tal-istorbju għandhom jittieħdu mill-aktar fis possibbli fil-proċess tad-disinn.

Il-miżuri protettivi integrati kontra l-emissjoni tal-istorbju jinkludu t-tgħammir ta' kompartimenti akustiċi madwar il-makkinarju jew madwar is-sorsi ewlenin tal-istorbju fuq il-makkinarju. Fejn xieraq, il-mezzi ta' lqugħ għandhom ikunu intiżi biex jipprovdu l-attenwazzjoni tal-ħsejjes meħtieġa kif ukoll jipprovdu protezzjoni kontra perikli oħrajn – ara §169: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.1 (f), u §216: kummenti dwar is-sezzjoni 1.4.1.

[148] Ara l-Artikolu 4 (6) tad-Direttiva 2003/10/KE.

[149] Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewpopew u l-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra - ĠU L 162 3.7.2000, p. 1 - ara l-Artikolu 12.

Huwa possibbli wkoll li jiġu ddisinjati kompartamenti fil-postijiet tax-xogħol jew fil-pożizzjonijiet tax-xufiera (kabini jew cabs) biex jipprovdu attenwazzjoni tal-ħoss kif ukoll protezzjoni kontra perikli oħrajn – ara §182: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.7 u §294: kummenti dwar is-sezzjoni 3.2.1. Madankollu, għandu jiġi osservat li miżuri bħal dawn ma jipprovdu ebda protezzjoni lill-operaturi waqt li jkunu qegħdin barra mill-kompartamenti jew lil persuni oħrajn esposti.

L-ispeċifikazzjonijiet ġenerali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-istorbju ġġenerati minn makkinarju huma mogħtija fl-istandard EN ISO 11688-1.[150]

§230 Dejta komparattiva dwar l-emissjonijiet

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.5.8 jirreferi għal mezzi għall-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-miżuri meħuda biex jitnaqqsu r-riskji minħabba l-emissjoni ta' storbju: it-tqabbil tal-livell tar-riskju ma' dak ta' makkinarju simili. Dan l-approċċ huwa parti mir-raba' pass tal-proċess tal-istima tar-riskju stipulat fil-Prinċipju Ġenerali 1: l-evalwazzjoni tar-riskju[151] – ara §158: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 1 - u huwa l-mezz ewlieni li jistabbilixxi l-aħħar teknoloġija - ara §161: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 3.

L-approċċ jikkonsisti fi tqabbil tal-valur tal-emissjoni ta' storbju mkejjel fuq il-makkinarju kkonċernat mal-valuri mkejla fuq makkinarju simili tal-istess familja. Makkinarju simili huwa makkinarju intiż biex iwettaq l-istess funzjoni b'karatteristiċi ta' twettiq tax-xogħol ekwivalenti. Il-parametri li jiddeskrivu t-twettiq tax-xogħol normalment jiġu speċifikati fil-kodiċi tat-test tal-istorbju għall-kategorija tal-makkinarju kkonċernat. L-emissjoni ta' storbju għall-makkinarju li għandu jiġi mqabbel għandha titkejjel bl-użu tal-istess kodiċi tat-test.

Jekk it-tqabbil juri li numru sinjifikanti ta' magni simili b'parametri komparabbli għandhom livell aktar baxx ta' emissjoni ta' storbju, dan jindika li l-makkinarju kkonċernat mhuwiex konformi mal-aħħar teknoloġija, minħabba li l-mezzi għat-tnaqqis ulterjuri tal-emissjoni ta' storbju huma disponibbli u għandhom jiġu applikati. Jekk it-tqabbil juri li magni simili għandhom livell simili jew ogħla ta' emissjoni ta' storbju, dan jindika li l-miżuri għat-tnaqqis tal-istorbju huma adegwati, sakemm ma jkunx evidenti li jeżistu mezzi tekniċi biex ikomplu jnaqqsu l-emissjoni tal-istorbju, li f'dak il-każ għandhom jiġu applikati.

L-applikazzjoni ta' dan l-approċċ għandha tkun ibbażata fuq il-kodiċi tat-test xieraq tal-istorbju u fuq dejta komparattiva affidabbli u rappreżentattiva dwar l-emissjoni tal-istorbju. Sa issa twettaq biss ġbir limitat tad-dejta. Madankollu, huwa maħsub li aktar u aktar standards tat-tip C jinkludu dejta komparattiva dwar l-emissjonijiet għall-kategoriji ta' makkinarju fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

[150] EN ISO 11688-1:2009 - *Akustika - Prattika rakkomandata għad-disinn ta' makkinarju u tagħmir li jagħmeL ħoss baxx* - Parti 1: *Ippjanar* (ISO/TR 11688-1:1995).

[151] Ara l-klawsola 8.3 tal-istandard EN ISO 14121-1:2007 - *Sigurtà ta' makkinarju — Valutazzjoni ta' riskji* — Parti 1: *Prinċipji*.

Il-metodu għat-tqabbil tad-dejta tal-emissjoni ta' storbju tal-makkinarju huwa mogħti fl-istandard EN ISO 11689.[152]

1.5.9 Vibrazzjonijiet

Il-makkinarju għandu jkun iddisinnjat u mibni b'mod li r-riskji li jirriżultaw mill-vibrazzjonijiet prodotti mill-makkinarju jitnaqqsu sa l-inqas livell, billi jitqiesu l-progress tekniku u d-disponibbilità ta' mezzi li jnaqqsu l-vibrazzjoni, b'mod partikolari mis-sors.

Il-livell tal-emissjoni tal-vibrazzjoni jista' jkun stmat b'referenza għad-data dwar l-emissjoni paragunabbli għall-makkinarju simili.

§231 Vibrazzjonijiet

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.5.9 jittratta r-riskji assoċjati mal-espożizzjoni għal vibrazzjonijiet iġġenerati mill-makkinarju. Il-vibrazzjonijiet jistgħu jiġu ġġenerati mit-tħaddim tal-makkinarju nnifsu, pereżempju minħabba piżijiet li jbiddlu jew li jirreċiprokaw, il-pulsazzjoni tal-gass jew fenomeni ajrudinamiċi bħal dawk iġġenerati minn fannijiet, jew mill-impatt ta' makkinarju miżmum bl-idejn fuq materjali iebsin. Il-vibrazzjonijiet jistgħu jiġu ġġenerati wkoll minn interazzjoni bejn il-makkinarju u l-ambjent tiegħu bħal, pereżempju, il-moviment ta' makkinarju mobbli fuq art ħarxa.

L-espożizzjoni għall-vibrazzjonijiet trasmessi mis-saqajn jew mill-post bilqiegħda għall-ġisem kollu tista' tikkawża jew tiggrava disturbi muskuloskeletali bħal uġigħ fid-dahar u ħsara fl-ispina. L-espożizzjoni għas-sistema tal-idejn/dirgħajn għall-vibrazzjonijiet tista' tikkawża ħsara lill-vini tad-demm fis-swaba' u l-idejn (white finger disease) u ħsara fis-sistema nervuża periferali, it-tendons, il-muskoli, l-għadam u l-ġogi tal-idejn u tad-dirgħajn.

Huwa importanti li ssir distinzjoni bejn l-espożizzjoni tal-persuni għal vibrazzjonijiet mill-emissjoni ta' vibrazzjonijiet minn makkinarju. Għandu jiġi osservat li l-espożizzjoni tal-ħaddiema għal vibrazzjonijiet hija soġġetta għad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 2002/44/KE.[153] Dik id-Direttiva tistabbilixxi valuri ta' limitu ta' espożizzjoni ta' kuljum u valuri ta' azzjoni għall-vibrazzjoni tal-idejn u d-dirgħajn u tal-ġisem kollu.

L-espożizzjoni ta' kuljum tal-persuni għal vibrazzjonijiet ma tistax tiġi dedotta sempliċiment mill-kejl tal-emissjoni tal-vibrazzjoni mill-makkinarju, minħabba li l-espożizzjoni tiddependi wkoll fuq it-tul u l-kundizzjonijiet tal-użu tal-makkinarju kkonċernat. Madankollu, aktar ma jkun baxx il-livell ta' emissjoni tal-vibrazzjonijiet mill-makkinarju, aktar ikun faċli għall-utenti biex jirrispettaw il-limiti tal-espożizzjoni stabbiliti mid-Direttiva 2002/44/KE. Għalhekk, l-utenti għandhom interess fl-għażla tal-

[152] EN ISO 11689:1997 - *Akustika - Proċedura għat-tqabbiL tad-dejta tal-emissjoni ta' storbju għaL makkinarju u tagħmir*.

[153] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/44/KE tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar il-ħtiġijiet minimi tas-saħħa u tas-sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu mill-aġenti fiżiċi (il-vibrazzjoni) (is-sittax-iL Direttiva individwali fit-tifsira ta' Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE).

makkinarju bl-inqas emissjoni ta' vibrazzjoni possibbli għat-twettiq tax-xogħol meħtieġ – ara §275: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.3.

L-approċċ tal-fabbrikant għar-riskji ta' prevenzjoni minħabba l-emissjoni ta' vibrazzjoni għandu jieħu f'kunsiderazzjoni l-prinċipji tal-integrazzjoni tas-sigurtà stipulati fis-sezzjoni 1.1.2:

- l-ewwel prijorità għandha tingħata lill-miżuri tad-disinn u l-kostruzzjoni maħsuba biex inaqqsu l-ġenerazzjoni tal-vibrazzjonijiet f'ras il-għajn, pereżempju, billi jiżguraw li l-frekwenzi ta' reżonanza tal-partijiet tal-magna ma jkunux qrib tal-frekwenzi ta' eċċitazzjoni tal-vibrazzjoni, billi jagħżlu materjali għall-kostruzzjoni tal-makkinarju li jkollhom karatteristiċi inerenti għoljin ta' tnaqqis, billi jinkludu massa awżiljarja jew billi jibbilanċjaw il-partijiet li jduru jew li jirreċiprokaw;
- it-tieni prijorità għandha tingħata lill-miżuri protettivi integrati: jistgħu jittieħdu miżuri ta' iżolament biex jimpedixxu t-trasmissjoni tal-vibrazzjonijiet lejn il-ġisem kollu jew lejn is-sistema tal-idejn u d-dirgħajn. Il-miżuri ta' iżolament jinkludu t-tgħammir ta' molol tal-metall jew elastomeriċi, it-tgħammir ta' dampers ta' frizzjoni, likwidu jew gass, jew it-tgħammir ta' taħlita ta' molol u dampers;
- it-tielet prijorità għandha tingħata lill-għoti ta' tagħrif lill-utent dwar l-emissjoni residwa tal-vibrazzjoni sabiex huwa jkun jista' jieħu l-miżuri protettivi meħtieġa bħal, pereżempju, miżuri relatati mal-installazzjoni tal-makkinarju jew il-provvediment ta' taħriġ xieraq – ara §264 u §267: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.7.4.2 (j) u (l), §279: kummenti dwar is-sezzjoni 2.2.1.1, u §325: kummenti dwar is-sezzjoni 3.6.3.1.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.5.9 jirreferi għal approċċ għall-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-miżuri meħuda biex jitnaqqsu r-riskji minħabba l-vibrazzjonijiet: it-tqabbil tal-livell ta' riskju ma' dak ta' makkinarju simili. Dan il-metodu għandu jiġi applikat fl-istess kundizzjonijiet bħar-rekwiżit ekwivalenti għad-dejta komparattiva dwar l-emissjoni tal-istorbju – ara §230: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.8.

L-ispeċifikazzjonijiet ġenerali għall-iżolament tas-sorsi tal-vibrazzjoni huma mogħtija fl-istandard EN 1299.[154]

Minbarra r-rekwiżiti ġenerali stipulati fis-sezzjoni 1.5.9, ir-rekwiżiti supplimentari relatati mal-postijiet bilqiegħda fuq makkinarju soġġett għall-vibrazzjonijiet huma stipulati fis-sezzjoni 1.1.8.

[154] EN 1299:1997+A1:2008 - Vibrazzjoni u skossi mekkaniċi - Iżolazzjoni ta' vibrazzjoni ta' makkinarju - Informazzjoni għall-applikazzjoni ta' iżolazzjoni tas-sors.

1.5.10 Radjazzjoni

L-emissjonijiet ta' radjazzjoni mhux mixtieqa mill-makkinarju għandhom ikunu eliminati jew imnaqqsa għall-livelli sabiex ma jkollhomx effett ħażin fuq il-persuni.

Kwalunkwe emissjonijiet ta' radjazzjoni jonizzanti funzjonali għandhom ikunu limitati għall-anqas livell li huwa biżżejjed għat-tħaddim tajjeb tal-makkinarju matul l-issettjar, it-tħaddim u t-tindif. Fejn jeżisti riskju, għandhom jittieħdu l-miżuri protettivi neċessarji.

Kwalunkwe emissjonijiet ta' radjazzjoni mhux jonizzanti funzjonali matul l-isettjar, it-tħaddim u t-tindif għandhom ikunu limitati għall-livelli li ma għandhomx effetti ħżiena fuq il-persuni.

§232 Radjazzjoni jonizzanti u mhux jonizzanti mill-makkinarju

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 1.5.10 jikkonċernaw riskji minħabba emissjonijiet ta' radjazzjoni li jirriżultaw minn partijiet tal-makkinarju jew minn materjali jew sustanzi użati jew prodotti mill-makkinarju. Is-sezzjoni 1.5.10 tikkonċerna kemm ir-radjazzjoni jonizzanti kif ukoll dik mhux jonizzanti. Ir-riskji minħabba radjazzjoni ottika koerenti (lasers) huma indirizzati fis-sezzjoni 1.5.12.

Ir-radjazzjoni jonizzanti tinkludi radjazzjoni ta' alfa, beta u gamma radjuattivi u X-rays. L-espożizzjoni għar-radjazzjoni jonizzanti tikkawża ħsara fiċ-ċelloli u tista' tkun karċinogenika.

Ir-radjazzjoni mhux jonizzanti tinkludi radjazzjoni manjetika u elettromanjetika fil-meded ta' frekwenza tal-microwave u r-radju u radjazzjoni ottika fil-meded ta' frekwenza infrared, viżibbli u ultravjola. L-espożizzjoni għal kampi manjetiċi qawwija tista' tikkawża vertigo, dardir u magnetophosphenes (sensazzjoni viżwali ta' dawl li jteptep). L-espożizzjoni għar-radjazzjoni ta' frekwenza tal-microwave u r-radju tista' twassal għal effetti ta' tisħin u tiddisturba r-reazzjonijiet tan-nervituri u l-muskoli. L-espożizzjoni għal ċerti livelli ta' radjazzjoni ottika tista' tikkawża ħruq u korrimenti oħrajn fl-għajnejn u l-ġilda. L-espożizzjoni għar-radjazzjoni ultravjola tista' tkun karċinoġenika.

Għandu jiġi osservat li l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-radjazzjoni hija soġġetta għad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttivi li ġejjin:

Radjazzjoni jonizzanti:	Direttiva 96/29/Euratom[155]
Kampi elettro-manjetiċi:	Direttiva 2004/40/KE[156]
Radjazzjoni ottika artifiċjali:	Direttiva 2006/25/KE[157]

[155] Direttiva tal-Kunsill 96/29/EURATOM tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti – *ĠU L 159, 29.06.1996 p. 1.*

[156] *Direttiva 2004/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' ApriL 2004 fuq il-ħtiġijiet minimi għas-saħħa u s-sigurtà fir-rigward tal-esposizzjoni ta' ħaddiema għaL riskji li jiġu minn aġenti fiżiċi (kampi elettro-manjetiċi) (It-18-iL Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE). Id-Direttiva 2004/40/KE ġiet emendata bid-Direttiva 2008/46/KE li tipposponi t-terminu ta' skadenza għat-traspożizzjoni sat-30 ta' AprIL 2012.*

[157] Direttiva 2006/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 5 ta' AprIL 2006 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jirriżultaw mill-aġenti fiżiċi (radjazzjoni ottika artifiċjali) (id-19-iL Direttiva individwali fitt-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva

Dawn id-Direttivi jistabbilixxu valuri tal-limitu ta' espożizzjoni. Filwaqt li huwa importanti li ssir distinzjoni bejn l-espożizzjoni tal-persuni għar-radjazzjoni u l-emissjoni tar-radjazzjoni minn makkinarju, aktar ma jkunu baxxi l-emissjonijiet mill-makkinarju, aktar ikun faċli għall-utenti li jirrispettaw il-limiti tal-espożizzjoni.

Ir-rekwiżit ġenerali stipulat fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.5.10 japplika għal emissjonijiet ta' radjazzjoni mhux mixtieqa, jiġifieri, għal emissjonijiet li mhumiex essenzjali għall-funzjonament tal-makkinarju. Huwa japplika kemm għar-radjazzjoni jonizzanti kif ukoll għal dik mhux jonizzanti. Il-prevenzjoni tar-riskji minħabba radjazzjoni mhux mixtieqa tinvolvi:

- l-evitar tal-emissjonijiet ta' radjazzjoni jew it-tnaqqis tas-saħħa tagħhom għal livelli mhux perikoluż – għandu jiġi osservat li huwa meqjus li ma hemm ebda livell ta' espożizzjoni mingħajr ħsara għar-radjazzjoni jonizzanti;
- meta l-emissjonijiet ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew is-saħħa tagħhom titnaqqas biżżejjed, tingħata protezzjoni li timpedixxi l-espożizzjoni tal-operaturi u persuni oħrajn;
- l-għoti ta' tagħrif lill-utenti dwar riskji residwi minħabba r-radjazzjoni u dwar il-ħtieġa tal-provvista u l-użu ta' tagħmir protettiv personali – ara §267: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (l) u (m).

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.5.10 jittratta riskji minħabba radjazzjoni jonizzanti funzjonali. Għandu jiġi mfakkar li l-makkinarju ddisinjat b'mod speċjali għall-iskopijiet tal-industrija tal-enerġija nukleari jew għall-produzzjoni jew l-ipproċessar ta' materjali radjuattivi huwa eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju. Madankollu, makkinarju soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju jista' jinkorpora sorsi ta' radjazzjoni jonizzanti, pereżempju, għall-iskopijiet ta' kejl, l-ittestjar mhux distruttiv jew il-prevenzjoni tal-akkumulazzjoni ta' enerġija elettrika statika – ara §50: kummenti dwar l-Artikolu 1 (2) (c).

Tali radjazzjoni jonizzanti funzjonali għandha tkun limitata għall-inqas livell li huwa biżżejjed għat-tħaddim tajjeb tal-makkinarju u għandhom jittieħdu l-miżuri protettivi meħtieġa biex jiġi żgurat li l-operaturi u persuni oħrajn ma jkunux esposti għal radjazzjoni, kemm jekk waqt it-tħaddim normali tal-makkinarju jew waqt operazzjonijiet ta' manutenzjoni bħal issettjar u tindif.

89/391/KEE). [157] Direttiva tal-Kunsill 96/29/EURATOM tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti – *ĠU L 159, 29.06.1996 p. 1.*

[157] *Direttiva 2004/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' AprIL 2004 fuq il-ħtiġijiet minimi għas-saħħa u s-sigurtà fir-rigward tal-esposizzjoni ta' ħaddiema għaL riskji li jiġu minn aġenti fiżiċi (kampi elettro-manjetiċi) (It-18-iL Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE). Id-Direttiva 2004/40/KE ġiet emendata bid-Direttiva 2008/46/KE li tipposponi t-terminu ta' skadenza għat-traspożizzjoni sat-30 ta' April 2012.*

[157] Direttiva 2006/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 5 ta' April 2006 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jirriżultaw mill-aġenti fiżiċi (radjazzjoni ottika artifiċjali) (id-19-il Direttiva individwali fitt-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE).

Għandu jiġi osservat li l-użu ta' sorsi radjuattivi jista' jkun soġġett għal awtorizzazzjoni u kontroll skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 96/29/Euratom u d-Direttiva 2003/122/Euratom.[158]

It-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.5.10 jittratta radjazzjoni mhux jonizzanti funzjonali. Minħabba li l-espożizzjoni għal livelli baxxi ta' ċerti tipi ta' radjazzjoni mhux jonizzanti tista' tkun bla ħsara, it-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.5.10 jesiġi li l-livelli ta' radjazzjoni mhux jonizzanti li għalihom ikunu esposti l-persuni ma għandux ikollhom effetti negattivi.

L-ispeċifikazzjonijiet ġenerali għall-istima u l-kejl ta' u l-protezzjoni kontra r-radjazzjoni mhux jonizzanti huma mogħtija fl-istandards EN 12198, partijiet 1 sa 3.[159]

1.5.11 Radjazzjoni esterna

Il-makkinarju għandu jkun iddisinnjat u mibni b'mod li r-radjazzjoni esterna ma tfixkilx it-tħaddim tiegħu.

§233 Radjazzjoni esterna

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.5.11 jittratta aspett wieħed tal-kumpatibbiltà elettromanjetika tal-makkinarju, jiġifieri l-immunità tal-makkinarju għad-disturbanza, minħabba radjazzjoni elettromanjetika minn sorsi esterni li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni. F'dan ir-rigward, għandha tingħata attenzjoni partikolari lid-disinn u l-kostruzzjoni ta' partijiet relatati mas-sigurtà tas-sistema ta' kontroll – ara §184: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.1.

Fir-rigward tal-immunità tal-makkinarju għar-radjazzjoni elettromanjetika li tista' tfixkel il-funzjonament tal-makkinarju b'mod ġenerali, u fir-rigward tal-emissjonijiet ta' radjazzjoni elettromanjetika mill-makkinarju li tista' tfixkel il-funzjonament ta' tagħmir ieħor, id-Direttiva EMC 2004/108/KE hija applikabbli minbarra d-Direttiva dwar il-Makkinarju[160] – ara §92: kummenti dwar l-Artikolu 3.

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.5.11 jesiġi wkoll li l-fabbrikanti tal-makkinarju jimpedixxu l-interferenza minn tipi oħrajn ta' radjazzjoni esterna li tista' tkun mistennija b'mod raġonevoli fil-kundizzjonijiet ta' użu intiżi. Pereżempju, ir-radjazzjoni ottika artifiċjali jew naturali esterna tista' tinterferixxi mal-funzjonament ta' ċerti mezzi fotoelettriċi jew mezzi mingħajr wajer b'kontroll mill-bogħod.

---

[158] Direttiva tal-Kunsill 2003/122/EURATOM tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontroll ta' sorsi radjoattivi siġillati ta'attività għolja – ĠU L *346, 31.12.2003, p. 57.*

[159] EN 12198-1:2000+A1:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju — Valutazzjoni u riduzzjoni ta' riskji kkaġunati minn radjazzjoni li tixtered minn makkinarju* — Parti 1: *Prinċipji ġenerali*;
EN 12198-2:2002+A1:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju — Valutazzjoni u riduzzjoni ta' riskji kkaġunati minn radjazzjoni li tixtered minn makkinarju* — Parti 2: *Proċeduri għall-kejl ta' emissjoni ta' radjazzjoni*;
EN 12198-3:2002+A1:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju — Valutazzjoni u riduzzjoni ta' riskji kkaġunati minn radjazzjoni li tixtered minn makkinarju* — Parti 3: *Riduzzjoni ta' radjazzjoni b'attenwazzjoni jew ilqugħ bi skrin.*

[160] Direttiva 2004/108/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-kompatibilità elettromanjetika u li tħassar id-Direttiva 89/336/KEE- *ĠU L 390, 31.12.2004, p. 24.*

1.5.12 Radjazzjoni bil-laser

Fejn jintuża tagħmir ta' laser, għandhom jitqiesu d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- *it-tagħmir ta' laser fuq il-makkinarju għandu jkun iddisinnjat u mibni b'mod li jimpedixxi kull radjazzjoni aċċidentali,*
- *it-tagħmir ta' laser fuq il-makkinarju għandu jkun protett b'mod li r-radjazzjoni effettiva, ir-radjazzjoni prodotta bir-rifless jew bid-diffużjoni u r-radjazzjoni sekondarja ma jkunux ta' ħsara għas-saħħa,*
- *it-tagħmir ottiku għall-osservazzjoni jew l-aġġustament tat-tagħmir ta' laser fuq il-makkinarju għandu jkun hekk li r-radjazzjoni ta' laser ma toħloq l-ebda riskju għas-saħħa*.

§234 Radjazzjoni bil-laser

Is-sorsi ta' radjazzjoni bil-laser spiss jiġu inkorporati fil-makkinarju għal skopijiet bħal, pereżempju, il-kejl, l-ipproċessar tad-dejta jew il-kxif ta' preżenza, jew f'makkinarju ta' proċessar bil-laser bħal, pereżempju, makkinarju għat-trattament tas-sħana, immarkar, qtugħ, tgħawwiġ u wweldjar ta' materjali jew biċċiet li għandhom jinħadmu. Ir-riskji minn lasers jiddependu fuq il-wavelength u s-saħħa tar-radjazzjoni. L-espożizzjoni għar-radjazzjoni bil-laser tista' tikkawża korrimenti jew ħruq fl-għajnejn jew fil-ġilda.

Għandu jiġi osservat li l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-radjazzjoni bil-laser hija soġġetta għad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 2006/25/KE dwar ir-radjazzjoni ottika artifiċjali, li tistabbilixxi valuri ta' limitu ta' espożizzjoni.

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.5.12 jitlob lill-fabbrikanti tal-makkinarju jintegraw il-ġeneraturi jew is-sorsi tal-laser fil-makkinarju sabiex ir-radjazzjoni tiġi applikata biss fejn u meta jkun meħtieġ. Fejn ikun meħtieġ, għandhom jitwaħħlu mezzi ta' lqugħ jew skrins lokali jew periferali biex jipproteġu lill-persuni kontra radjazzjoni diretta, riflessa, imxerrda jew imferrxa potenzjalment perikoluża.

Bħala regola ġenerali, fuq makkinarju ta' proċessar bil-laser, l-aċċess għaż-żona tal-proċess għandu jiġi evitat waqt it-tħaddim normali. Meta l-operaturi jkunu mitluba josservaw it-tagħmir ta' laser, pereżempju, għal skopijiet ta' issettjar jew aġġustament, il-fabbrikant għandu jintegra l-miżuri protettivi meħtieġa biex jimpedixxi kull riskju ta' ħsara għas-saħħa. Skont is-sezzjoni 1.1.2 (b), l-istruzzjonijiet dwar il-provvista u l-użu ta' TPP (protetturi tal-għajnejn) kontra r-radjazzjoni bil-laser għandhom jingħataw biss għar-riskji residwi li ma jistgħux jiġu evitati permezz ta' miżuri protettivi integrati.

It-tielet inċiż tas-sezzjoni 1.5.12 jimplika li t-tagħmir ottiku mgħammar għall-protezzjoni tal-operaturi matul l-osservazzjoni jew l-aġġustament ta' tagħmir tal-laser, bħal skrins, għandu jkollu t-trasmissjoni massima meħtieġa, b'kunsiderazzjoni tal-medda tal-wavelength u l-karatteristiċi l-oħrajn tar-radjazzjoni bil-laser, sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' ħsara għas-saħħa.

L-ispeċifikazzjonijiet ġenerali għall-makkinarju ta' proċessar bil-laser huma mogħtija fl-istandards EN ISO 11553, partijiet 1 u 2.[161]

L-ispeċifikazzjonijiet għall-iskrins protettivi huma mogħtija fl-istandard EN 12254.[162]

1.5.13 Emissjonijiet ta' materjali u sustanzi perikoluż

Il-makkinarju għandu jkun iddisinnjat u mibni b'tali mod li r-riskji ta' inalazzjoni, inġestjoni, kuntatt mal-ġilda, l-għajnejn u membrani mukuż u l-penetrazzjoni mill-ġilda ta' materjali u sustanzi perikoluż li dan jipproduċi jistgħu jiġu evitati.

Fejn riskju ma jistax jiġi eliminat, il-makkinarju għandu jkun mgħammar b'tali mod li l-materjali u s-sustanzi perikoluż jkunu jistgħu jinżammu, jiġu evakwati, ippreċipitati bl-isprejjar tal-ilma, iffiltrati jew trattati permezz ta' metodu ieħor li hu ugwalment effettiv.

Fejn il-proċess ma jkunx magħluq totalment matul it-tħaddim normali tal-makkinarju, il-mezzi għaż-żamma u/jew tal-evakwazzjoni għandhom ikunu jinsabu f'post b'mod li jkollhom effett massimu.

§235 Emissjonijiet ta' materjali u sustanzi perikoluż

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 1.5.13 jittrattaw ir-riskji għas-saħħa minħabba l-emissjoni ta' materjali u sustanzi perikoluż prodotti mill-makkinarju. Il-materjali u s-sustanzi perikoluż jinkludu materjali u sustanzi kimiċi u bijoloġiċi klassifikati bħala tossiċi, perikoluż, korruživi, irritanti, li jissensibilizzaw, karċinoġeniċi, mutaġeniċi, teratoġeniċi, patoġeniċi jew asfissjanti. L-emissjonijiet ta' sustanzi perikoluż li jinġarru fl-arja huma l-aktar probabbli li jidħlu fil-ġisem permezz ta' inalazzjoni, iżda jistgħu jidħlu wkoll permezz ta' rotot oħrajn meta jiġu ddepożitati fuq uċuh tal-ġisem jew jiġu inġestiti. L-emissjonijiet ta' sustanzi perikoluż li ma jinġarrux fl-arja huma l-aktar probabbli li jidħlu fil-ġisem b'inġestjoni jew b'kuntatt mal-ġilda, l-għajnejn jew il-membrani mukuż.

Il-prevenzjoni ta' riskji minħabba emissjonijiet ta' materjali u sustanzi perikoluż tista' tinkiseb billi jiġi evitat l-użu ta' materjali u sustanzi perikoluż jew billi jintużaw sustanzi inqas perikoluż – ara §178: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.3. Il-proċess tal-produzzjoni jista' wkoll jiġi ddisinjat b'tali mod li jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet.

Meta l-emissjonijiet ta' materjali u sustanzi perikoluż ma jkunux jistgħu jiġu evitati jew jitnaqqsu biżżejjed, it-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.5.13 jesiġi li l-makkinarju jiġi mgħammar bit-tagħmir neċessarju għaż-żamma, l-evakwazzjoni jew il-preċipitazzjoni ta' materjali u sustanzi perikoluż sabiex il-persuni jiġu protetti kontra l-espożizzjoni. Meta l-materjali jew sustanzi perikoluż jkunu kombustibbli jew ikunu jistgħu jifformaw taħlita splussiva mal-arja, għandhom jittieħdu prekawzjonijiet li jimpedixxu r-riskju ta' nar jew splużjoni matul iż-żamma jew l-evakwazzjoni tagħhom – ara §227 u §228: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.5.6 u 1.5.7.

---

[161] EN ISO 11553-1:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju - Makkinarju li jipproċessa bil-lejser* - Parti 1: *Rekwiżiti ta' sigurtà* (ISO 11553-1:2005); EN ISO 11553-2:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju — Makkinarju li jipproċessa bil-lejser* — Parti 2: *Rekwiżiti ta' sigurtà għal apparati ta' proċessar tal-laser li jinżammu fl-idejn* (ISO 11553-2:2007).

[162] EN 12254:2010 - *Skrins għal postijiet fejn isir xogħol bil-lejser — Rekwiżiti ta' ttestjar u sigurtà*.

It-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.5.13 jittratta każijiet fejn il-proċess ma jkunx magħluq kompletament. F'każijiet bħal dawn, it-tagħmir għaż-żamma jew l-evakwazzjoni ta' materjali u sustanzi perikoluży għandu jiġi ddisinjat u pożizzjonat b'tali mod li jiġu evitati t-tnixxijiet. Dan jista' jinkiseb, pereżempju, billi l-kontenituri jinżammu fi pressjoni negattiva jew billi l-hoods jew nozzles tal-estrazzjoni bi fluss ta' arja adegwata jitpoġġew kemm jista' jkun qrib il-punti tal-emissjoni.

L-ispeċifikazzjonijiet ġenerali għall-prevenzjoni ta' riskji minħabba emissjonijiet ta' materjali u sustanzi perikoluży huma mogħtija fl-istandards EN 626, partijiet 1 u 2.[163]

1.5.14 Riskju li wieħed jinqabad f'magna

Il-makkinarju għandu jkun iddisinnjat, mibni jew mgħammar b'mezz li jimpedixxi persuna milli tingħalaq fih jew, jekk dan ikun impossibbli, b'mezz biex isejjaħ għall-għajnuna.

§236 Riskju li wieħed jinqabad f'magna

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.5.14 japplika f'każijiet fejn il-preżenza ta' persuni f'żoni magħluqa tal-makkinarju ma tistax tiġi evitata għal kollox. Ir-rekwiżit japplika wkoll għall-ġarriera ta' ċerti tipi tal-makkinarju intiż għall-irfigħ ta' persuni meta jkun hemm riskju ta' utenti li jinqabdu fil-makkinarju jekk il-ġarrier jiġi mmobilizzat fl-għoli jew bejn żbarki fissi. Għandha tingħata attenzjoni wkoll għar-riskju ta' persuna li tinqabad f'pożizzjoni tat-tħaddim fil-għoli, pereżempju, f'każ ta' inkapaċità.

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.5.14 għandu jiġi kkunsidrat flimkien mar-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 1.1.7 relatati mal-ħruġ u l-ħruġ ta' emerġenza mill-pożizzjonijiet tat-tħaddim – ara §182: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.7 - u fis-sezzjonijiet 1.6.4 u 1.6.5 relatati mal-intervent tal-operatur u t-tindif tal-partijiet ta' ġewwa.

1.5.15 Riskju ta' żliq, ta' tgerbib jew li wieħed jaqa'

Il-partijiet tal-makkinarju fejn persuni x'aktarx li jiċċaqilqu min-naħa għall-oħra jew joqogħdu bil-wieqfa għandhom ikunu ddisinnjati u mibnija b'mod li jimpedixxu milli l-persuni jiżolqu, jitgerbu jew jaqgħu f'dawn il-partijiet jew minn fuqhom.

Fejn ikun jixraq, dawn il-partijiet għandhom ikunu mgħammra b'poġġaman tal-idejn li huma fissi b'mod relattiv għall-utent u li jgħinhom iżommu l-istabbilità tagħhom.

§237 Riskju ta' żliq, ta' tgerbib jew li wieħed jaqa'

Ir-rekwiżit stipulat fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.5.15 japplika għall-partijiet kollha tal-makkinarju fejn persuni x'aktarx li jiċċaqilqu min-naħa għall-oħra jew joqogħdu bil-wieqfa, kemm jekk sabiex jinkiseb aċċess għall-pożizzjonijiet tat-tħaddim u l-punti ta' manutenzjoni, jew sabiex il-persuni jkunu jistgħu jiċċaqilqu minn parti għal oħra tal-

[163] EN 626-1:1994+A1:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju — Riduzzjoni ta' riskji għas-saħħa minn sustanzi perikoluży mxerrdin minn makkinarju* — Parti 1: *Prinċipji u speċifikazzjonijiet għal manifatturi ta' makkinarju;*
EN 626-2:1996+A1:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju — Riduzzjoni ta' riskji għas-saħħa minn sustanzi perikoluży mxerrdin minn makkinarju* — Parti 2: *Metodoloġija li twassal għal proċeduri ta' verifika*.

makkinarju – ara §240: kummenti dwar is-sezzjoni 1.6.2. Huwa japplika wkoll għal partijiet tal-makkinarju fejn persuni jiċċaqilqu min-naħa għall-oħra jew joqogħdu bil-wieqfa waqt li jużaw il-makkinarju intiż għall-irfigħ jew iċ-ċaqliq ta' persuni. Għalhekk, ir-rekwiżit japplika għal partijiet tal-makkinarju bħal, pereżempju, footboards, pjattaformi tax-xogħol, passaġġi, mogħdijiet, rampi, turġien, slielem forfċi, slielem, pavimenti, it-turġien ta' skalaturi jew il-medda ta' ċineg li jġorru l-passiġġieri.

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.5.15 japplika biss għal partijiet tal-makkinarju, inklużi mezzi ta' aċċess għall-makkinarju installat fil-bini tal-utent – ara §240: kummenti dwar is-sezzjoni 1.6.2. L-obbligi tal-impjegatur fir-rigward tal-pavimenti tal-post tax-xogħol huma stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 89/654/KEE.[164] Kwalunkwe rekwiżiti partikolari għall-art li fuqha għandu jintuża jew jiġi installat il-makkinarju għandhom jiġu speċifikati fl-istruzzjonijiet tal-fabbrikant – ara §264: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (i).

Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' żliq, il-fabbrikant għandu jiżgura li l-uċuh tal-makkinarju fejn huwa previst li jiċċaqilqu jew ikunu bil-wieqfa l-persuni jkollhom reżistenza adegwata għaż-żliq, b'kunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-użu. Minħabba li l-akkumulazzjoni ta' sustanzi bħal ilma, żejt jew griż, ħamrija, ħmieġ, borra jew silġ għandha t-tendenza li żżid ir-riskju ta' żliq, l-uċuh li fuqhom x'aktarx li jiċċaqilqu jew joqogħdu bil-wieqfa l-persuni għandhom, fejn possibbli, jiġu ddisinjati u jitpoġġew b'tali mod li tiġi evitata l-preżenza ta' dawn is-sustanzi jew jiġu ddisinjati b'tali mod li dawn is-sustanzi ma jakkumulawx jew inkella jkunu jistgħu jissaffew. Fejn l-uċuh jistgħu jibqgħu mxarrba jew niedja, għandhom jiġu evitati uċuh lixxi.

Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' tgerbib, huwa importanti li jiġu evitati d-differenzi ta' livell bejn uċuh adjaċenti. Pereżempju, il-preċiżjoni tal-livellar ta' makkinarju tal-irfigħ li jservi żbarki fissi fejn persuni jkollhom aċċess għall-ġarrier għandha tkun tali li timpedixxi differenza ta' livell bejn l-art tal-ġarrier u l-inżul li jista' joħloq riskju ta' tgerbib. Għandha tingħata attenzjoni meta jitpoġġew u jitwaħħlu kejbils u pajpijiet sabiex jiġi evitat li jinħolqu ostakoli li jikkawżaw riskju ta' tgerbib.

Fejn ikun hemm riskju li wieħed jaqa', iż-żoni kkonċernati għandhom jiġu mgħammra bil-kompartimenti jew mezzi ta' lqugħ meħtieġa u pjanċi tas-swaba' biex jipprevjenu l-waqgħat. L-ankoraġġ għat-tqabbid ta' TPP kontra waqgħat mill-għoli għandu jitwaħħal fejn ikun hemm riskju residwu ta' waqgħa – ara §265: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (m), u §374: kummenti dwar is-sezzjoni 6.3.2. Għandhom jintgħażlu tipi ta' ankoraġġ xierqa, billi tittieħed f'kunsiderazzjoni l-ħtieġa tal-operaturi li jiċċaqilqu. Madankollu, skont is-sezzjoni 1.1.2 (b), l-istruzzjonijiet dwar il-provvista u l-użu ta' TPP ma għandhomx jitqiesu bħala sostitut għall-miżuri protettivi integrati kontra r-riskju ta' waqgħa meta miżuri bħal dawn ikunu prattiċi.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.5.15 jesiġi li ż-żoni tal-makkinarju fejn persuni x'aktarx li jiċċaqilqu min-naħa għall-oħra jew joqogħdu bil-wieqfa jiġu mgħammra, fejn xieraq, b'puġġamani li huma fissi b'mod relattiv għall-utenti sabiex jgħinuhom iżommu l-bilanċ tagħhom. Din hija miżura kumplimentari biex tnaqqas ir-riskju ta' żliq, tgerbib u li wieħed jaqa' u hija partikolarment importanti għal makkinarju fejn l-utenti jkunu intiżi li jitilgħu fuq wiċċ li jiċċaqlaq bħal skalaturi u passaġġi li jimxu.

[164] Direttiva tal-Kunsill 89/654/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa fuq il-post tax-xogħol (l-ewwel direttiva individwali fi ħdan it-tifsira ta l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) – Anness I, sezzjoni 9.2.

L-ispeċifikazzjonijiet ġenerali għall-prevenzjoni tar-riskji ta' żliq, tgerbib u li wieħed jaqa' huma mogħtija fl-istandards tas-serje EN ISO 14122 – ara §240: kummenti dwar is-sezzjoni 1.6.2.

Minbarra r-rekwiżit ġenerali stipulat fis-sezzjoni 1.5.15, ir-rekwiżiti supplimentari dwar ir-riskju ta' waqgħa mill-ġarrier tal-makkinarju għall-irfigħ ta' persuni huma stipulati fis-sezzjoni 6.3.2.

1.5.16 Sajjetti

Il-makkinarju li jeħtieġ protezzjoni mill-effetti tas-sajjetti waqt li jkun qed jintuża għandu jkun mgħammar b'sistema sabiex l-iskarigi tal-elettriku li jirriżultaw jkun ertjati.

§238 Sajjetti

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.5.16 japplika primarjament għal makkinarju intiż biex jintuża fuq barra, kemm jekk intiż biex jiġi installat f'post wieħed fiss jew biex jintrama f'postijiet suċċessivi. Huwa jista' japplika wkoll għal makkinarju li huwa konness ma' barra permezz ta' partijiet konduttivi. Makkinarju soġġett għal riskji minħabba sajjetti għandu jiġi mgħammar b'konduttur adegwat tas-sajjetti u l-mezzi tal-konnessjoni tal-konduttur mal-ert. L-istruzzjonijiet tal-fabbrikant għandhom jispeċifikaw kif għandha ssir, tiġi spezzjonata u miżmuma l-konnessjoni mal-ert sabiex tibqa' effettiva – ara §264 u §272: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.7.4.2 (i) u (r).

1.6 MANUTENZJONI

1.6.1 Manutenzjoni tal-makkinarju

Il-punti ta' aġġustamenti u ta' manutenzjoni għandhom jitpoġġew `il barra miż-żoni tal-periklu. Għandu jkun possibbli li jitwettqu x-xogħlijiet ta' aġġustament, manutenzjoni, tiswija, tindif u xogħol ieħor ta' manutenzjoni waqt li l-makkinarju jkun wieqaf.

Jekk waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' hawn fuq ma jistgħux jiġu sodisfatti għal raġunijiet tekniċi, għandhom jittieħdu l-miżuri biex ikun żgurat li dawn ix-xogħlijiet jistgħu jitwettqu mingħajr riskju (ara s-sezzjoni 1.2.5).

Fil-każ ta' makkinarju awtomatizzat u, fejn meħtieġ, makkinarju ieħor, għandu jkun provdut mezz sabiex tagħmir dijanjostiku għall-kxif tal-ħsara jista' jiġi konness.

Il-komponenti ta' makkinarju awtomatizzat li jeħtieġu li jinbidlu spiss għandhom ikunu kapaċi li jitneħħew u jiġu mibdula bla xkiel u bla periklu. L-aċċess għall-komponenti għandu jippermetti li t-twettiq ta' dan ix-xogħol jista' jsir bil-mezz tekniku meħtieġ b'mod konformi ma' metodu ta' ħidma speċifikat.

§239 Manutenzjoni

L-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.6.1 jiddikjara Prinċipji Ġenerali importanti għad-disinn tal-makkinarju sabiex jiġi żgurat li l-operazzjonijiet ta' manutenzjoni jkunu jistgħu jitwettqu mingħajr periklu. It-tqegħid tal-punti ta' aġġustament u manutenzjoni 'il barra miż-żoni ta' periklu jevita l-ħtieġa li l-operaturi tal-manutenzjoni jidħlu f'żoni ta' periklu biex iwettqu l-kompiti tagħhom u l-ħtieġa li jitneħħew il-mezzi ta' lqugħ fissi jew

li jinfetħu mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiġu mċaqalqa u li jillokkjaw ma' xulxin għal dak il-għan.

Safejn ikun possibbli, il-makkinarju għandu jiġi ddisinjat b'tali mod li l-operazzjonijiet ta' manutenzjoni jkunu jistgħu jitwettqu waqt li l-makkinarju jkun wieqaf. Pereżempju, meta l-għodod ikunu jridu jinbidlu jew jitneħħew għal skopijiet ta' tindif, il-makkinarju għandu jiġi pprovdut bil-mezzi li jneħħuhom mingħajr ma jiġi startjat il-makkinarju. Fejn ikun meħtieġ tagħmir speċjali għal dak il-għan, dan għandu jiġi pprovdut mal-makkinarju – ara §177: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (e). F'xi każijiet, jista' ma jkunx neċessarju li jitwaqqaf il-makkinarju kollu kemm hu, bil-kundizzjoni li l-partijiet li fuqhom ikun qiegħed isir ix-xogħol u l-partijiet li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-operaturi jkunu weqfin.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.6.1 jirrikonoxxi li mhuwiex possibbli, f'kull każ, li tiġi evitata l-ħtieġa tad-dħul f'żoni ta' periklu għal skopijiet ta' manutenzjoni u li jista' jkun meħtieġ li jitwettqu ċerti aġġustamenti jew operazzjonijiet ta' issettjar bil-makkinarju jaħdem. F'dak il-każ, is-sistema ta' kontroll tal-makkinarju għandha tinkludi arranġament ta' tħaddim xieraq mingħajr periklu kif imsemmi fis-sezzjoni 1.2.5 – ara §204: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.5.

Ir-rekwiżiti stipulati fit-tielet u r-raba' paragrafi tas-sezzjoni 1.6.1 għandhom l-għan li jnaqqsu r-riskji minħabba intervent tal-operatur, b'mod partikolari għal makkinarju awtomatizzat. It-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.6.1 jitlob li l-makkinarju jiġi pprovdut, fejn xieraq, bil-mezzi tal-konnessjoni tat-tagħmir dijanjostiku xieraq għall-kxif tal-ħsara. Ir-raba' paragrafu jitlob lill-fabbrikant jiddisinja makkinarju awtomatizzat biex jiffaċilita t-tneħħija u t-tibdil ta' komponenti li jkollhom jinbidlu ta' spiss. Il-metodu mingħajr periklu li għandu jiġi applikat għal dawn l-operazzjonijiet ta' manutenzjoni għandu jiġi speċifikat u spjegat b'mod ċar fl-istruzzjonijiet – ara §272: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (s).

1.6.2 Aċċess għall-pożizzjonijiet tat-tħaddim u l-punti ta' servicing

Il-makkinarju għandu jkun ddisinnjat u mibni b'tali mod sabiex jippermetti aċċess f'sigurtà għaż-żoni kollha fejn l-intervenzjoni tkun neċessarja matul it-tħaddim, l-aġġustament u l-manutenzjoni tal-makkinarju.

§240 Aċċess għall-pożizzjonijiet tat-tħaddim u l-punti ta' servicing

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.6.2 għandu jiġi kkunsidrat fit-tqegħid tal-pożizzjonijiet tat-tħaddim u l-punti ta' servicing. It-tqegħid tal-pożizzjonijiet tat-tħaddim u l-punti ta' servicing f'żoni aċċessibbli faċilment, pereżempju, fil-livell tal-art, jista' jevita l-ħtieġa tat-tgħammir ta' mezzi ta' aċċess speċjali. Meta jkun hemm bżonn ta' mezzi ta' aċċess speċjali, il-pożizzjonijiet tat-tħaddim u l-punti ta' servicing li għalihom ikun hemm bżonn ta' aċċess frekwenti għandhom jitpoġġew f'post li jkunu jistgħu jintlaħqu faċilment minn mezz ta' aċċess xieraq. Bħall-punti ta' aġġustament u manutenzjoni nfushom, il-mezzi ta' aċċess għandhom jitpoġġew ukoll barra ż-żoni ta' periklu – ara §239: kummenti dwar is-sezzjoni 1.6.1.

Il-fabbrikant tal-makkinarju huwa responsabbli biex jiżgura li l-mezzi meħtieġa ta' aċċess mingħajr periklu jiġu pprovduti mal-makkinarju. Dan jinkludi l-każ ta' makkinarju li l-kostruzzjoni tiegħu titlesta fil-bini tal-utent. F'dak il-każ, il-mezzi ta'

aċċess diġà eżistenti fil-bini jistgħu jittieħdu f'kunsiderazzjoni mill-fabbrikant tal-makkinarju u għandhom jiġu speċifikati fil-fajl tekniku.

Il-mezzi ta' aċċess għal punti ta' servicing għandhom jiġu ddisinjati wara li jiġu kkunsidrati l-għodod u t-tagħmir li huma meħtieġa għall-manutenzjoni tal-makkinarju.

Il-mezzi speċjali għal aċċess eċċezzjonali, bħal, pereżempju, għal tiswijiet eċċezzjonali, jistgħu jiġu deskritti fl-istruzzjonijiet tal-fabbrikant – ara §272: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (s).

L-ispeċifikazzjonijiet għall-għażla u d-disinn ta' mezzi ta' aċċess permanenti għal makkinarju huma mogħtija fl-istandards tas-serje EN ISO 14122.[165]

1.6.3 Iżolament ta' sorsi tal-enerġija

Il-makkinarju għandu jkun mgħammar b'mezzi ta' iżolament mis-sorsi kollha tal-enerġija. Dawn l-iżolaturi għandhom ikunu jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar. Għandhom ikunu jistgħu jissakkru jekk it-tqabbid mill-ġdid jista' jpoġġi persuni fil-periklu. L-iżolaturi għandhom ikunu jistgħu jiġu msakkra wkoll fejn operatur ma jkunx jista' jikkontrolla, minn kwalunkwe post li jkollu aċċess għalih, sabiex jara li l-enerġija tkun għadha maqtugħa.

Fil-każ ta' makkinarju li jista' jitqabbad fil-provvista tal-elettriku, it-tneħħija tal-plagg hija biżżejjed, sakemm l-operatur ikun jista' jikkontrolla minn kwalunkwe post li jkollu aċċess għalih li l-plagg għadu maqlugħ.

Wara li l-enerġija tiġi maqtugħa, għandu jkun possibbli li kull enerġija li jkun baqa' jew li tibqa' maħżuna fiċ-ċirkwiti tal-makkinarju tinħela b'mod normali mingħajr riskju għall-persuni.

Bħala eċċezzjoni għar-rekwiżiti fil-paragrafi ta' hawn fuq, ċerti ċirkwiti jistgħu jibqgħu mqabbdin mas-sorsi tal-enerġija tagħhom sabiex, per eżempju, iżommu partijiet, jipproteġu informazzjoni, jixegħlu fuq ġewwa, eċċ. F'dan il-każ, għandhom jittieħdu passi speċjali biex jiżguraw is-sigurtà tal-operatur.

§241 Iżolament ta' sorsi tal-enerġija

L-għan tar-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.6.3 huwa li jżomm il-makkinarju f'kundizzjoni mingħajr periklu waqt li tkun qiegħda ssir il-manutenzjoni. Għal dan il-għan, l-operaturi li jwettqu l-operazzjonijiet ta' manutenzjoni waqt li l-makkinarju jkun wieqaf għandhom ikunu jistgħu jiżolaw il-makkinarju mis-sorsi ta' enerġija tiegħu qabel jintervjenu sabiex jipprevjenu okkorrenzi perikoluży bħal startjar mhux mistenni tal-makkinarju, kemm jekk minħabba ħsarat fil-makkinarju, minħabba l-azzjoni ta' persuni oħrajn li jistgħu jinjoraw il-preżenza tal-operaturi tal-manutenzjoni jew inkella minħabba azzjonijiet mhux maħsuba tal-operaturi tal-manutenzjoni nfushom.

[165] EN ISO 14122-1:2001 - Sigurtà ta' makkinarju — Mezzi permanenti għal aċċess għal makkinarju — Parti 1: Għażla ta' mezzi fissi ta' aċċess bejn żewġ livelli (ISO 14122-1:2001);
EN ISO 14122-2:2001 - Sigurtà ta' makkinarju — Mezzi permanenti għal aċċess għal makkinarju — Parti 2: Pjattaformi u mogħdijiet tax-xogħol (ISO 14122-2:2001);
EN ISO 14122-3:2001 - Sigurtà ta' makkinarju — Mezzi permanenti għal aċċess għal makkinarju — Parti 3: Turġien, slielem forċi u poġġamani (ISO 14122-3:2001).

Għal dan il-għan, għandhom jitwaħħlu mezzi ta' iżolament sabiex l-operaturi jkunu jistgħu jiskonnettjaw u jisseparaw b'mod affidabbli l-makkinarju mis-sorsi kollha ta' enerġija, inkluż il-provvista tal-elettriku u sorsi ta' enerġija mekkanika, idrawlika, pnewmatika jew termali.

Meta l-operaturi li jwettqu operazzjonijiet ta' manutenzjoni ma jkunux jistgħu jiċċekkjaw faċilment li l-mezzi ta' iżolament jibqgħu fil-pożizzjoni ta' iżolament, l-iżolaturi għandhom jiġu ddisinjati b'tali mod li jkunu jistgħu jiġu llokkjati f'din il-pożizzjoni. Meta jkun previst li diversi operaturi jista' jkollhom bżonn iwettqu operazzjonijiet ta' manutenzjoni simultanjament, l-iżolatur għandu jiġi ddisinjat b'tali mod li l-operaturi kkonċernati jkunu jistgħu jpoġġu l-lokk tagħhom fuq l-iżolatur għat-tul ta' żmien tal-intervent tagħhom.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.6.3 japplika primarjament għal għodod li jaħdmu bl-elettriku u li jinżammu fl-idejn jew makkinarju mobbli, fejn l-operatur ikun jista' jiċċekkja, minn kwalunkwe mill-punti li għalihom ikollu aċċess, jekk il-provvista tal-elettriku hijiex konnessa jew le. F'dak il-każ, it-tneħħija tal-plagg tal-elettriku hija biżżejjed sabiex jiġi żgurat l-iżolament mis-sors tal-enerġija.

It-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.6.3 jitlob li l-makkinarju jiġi mgħammar b'mezzi li jaħlu kull enerġija maħżuna li tista' tpoġġi lill-operaturi f'riskju. Tali enerġija maħżuna tista' tinkludi, pereżempju, enerġija kinetika (inerzja tal-partijiet li jiċċaqilqu), enerġija elettrika (capacitors), fluwidi taħt pressjoni, molol jew partijiet tal-makkinarju li jistgħu jiċċaqilqu minħabba l-piż tagħhom stess.

Ir-raba' paragrafu tas-sezzjoni 1.6.3 jammetti eċċezzjoni għar-rekwiżiti stipulati fl-ewwel tliet paragrafi, f'każijiet fejn ikun meħtieġ li l-provvista tal-enerġija tinżamm għal ċerti ċirkuwiti matul operazzjonijiet ta' manutenzjoni sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol mingħajr periklu. Pereżempju, jista' jkun meħtieġ li l-provvista tal-enerġija tinżamm għal informazzjoni maħżuna, għad-dawl, għat-tħaddim tal-għodod jew għall-estrazzjoni ta' sustanzi perikoluži. F'każijiet bħal dawn, il-provvista tal-enerġija għandha tinżamm biss għaċ-ċirkuwiti meta tkun meħtieġa u għandhom jittieħdu miżuri li jiżguraw is-sigurtà tal-operaturi, bħal, pereżempju, il-prevenzjoni tal-aċċess għaċ-ċirkuwiti kkonċernati jew l-għoti ta' twissijiet jew mezzi ta' twissija xierqa.

L-istruzzjonijiet tal-fabbrikant dwar l-aġġustament u l-manutenzjoni mingħajr periklu għandhom jinkludu informazzjoni dwar l-iżolament ta' sorsi tal-enerġija, l-illokkjar tal-iżolatur, id-dissipazzjoni ta' enerġiji residwi u l-verifikazzjoni tal-istat mingħajr periklu tal-makkinarju – ara §272: kummenti għas-sezzjoni 1.7.4.2 (s).

L-ispeċifikazzjonijiet ġenerali għall-mezzi ta' iżolament u l-illokkjar għal sorsi ta' enerġija differenti huma mogħtija fl-istandard EN 1037.[166] Għall-makkinarju fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, l-istandard EN 60204-1[167] jagħti speċifikazzjonijiet għall-qtugħ affidabbli tal-provvista tal-elettriku.

Rekwiżit speċifiku relatat mal-qtugħ tal-batteriji fuq makkinarju mobbli huwa stipulat fis-sezzjoni 3.5.1.

[166] EN 1037:1995+A1:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju - Prevenzjoni li magna tibda taħdem bla mistennija.*

[167] EN 60204-1:2006+A1:2009 - *Sigurtà ta' makkinarju — Tagħmir elettriku tal-magni* — Parti 1: *Rekwiżiti ġenerali* (IEC 60204-1:2005 (Modifikat)).

1.6.4 Intervent tal-operatur

Il-makkinarju għandu jkun iddisinnjat, mibni u mgħammar b'tali mod li l-ħtieġa tal-intervent mill-operatur jkun illimitat. Jekk l-intervent tal-operatur ma jkunx jista' jiġi evitat, għandu jkun possibbli li dan jitwettaq bla xkiel u mingħajr periklu.

§242 Intervent tal-operatur

Id-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju u t-twaħħil ta' mezzi u tagħmir sabiex tiġi evitata jew illimitata l-ħtieġa għal intervent tal-operatur f'żoni ta' periklu huma mod effettiv ta' kif jitnaqqsu r-riskji assoċjati. Meta intervent tal-operatur ma jkunx jista' jiġi evitat għal kollox, il-makkinarju għandu jiġi ddisinjat b'tali mod li jkun jista' jinġarr faċilment u mingħajr periklu.

1.6.5 Tindif tal-partijiet ta' ġewwa

Il-makkinarju għandu jkun hekk iddisinnjat u mibni li jkun possibbli li jitnaddfu l-partijiet ta' ġewwa li kellhom fihom sustanzi jew tħejjijiet perikolużi mingħajr ma l-operatur jidħol fihom; kull żblokk meħtieġ għandu jkun jista' jsir minn barra wkoll. Jekk ikun impossibbli li jiġi evitat id-dħul fil-makkinarju, il-makkinarju għandu jkun iddisinnjat u mibni sabiex jitħalla li jsir it-tindif bl-inqas periklu.

§243 Tindif ta' partijiet ta' ġewwa

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.6.5 jittratta eżempju ta' intervent tal-operatur imsemmi fis-sezzjoni preċedenti, li jista' jkun partikolarment perikoluż. Id-dħul f'partijiet tal-makkinarju bħal, pereżempju, sajlos, tankijiet, kontenituri jew sistemi ta' pajpijiet, li jkun fihom sustanzi jew preparazzjonijiet perikolużi jista' jikkawża riskju ta' intossikazzjoni jew asfissija, kemm għall-operaturi kkonċernati kif ukoll għall-persuni li jipprovaw isalvawhom.

Ir-regola ġenerali stabbilita fl-ewwel sentenza tas-sezzjoni 1.6.5 hija li għandu jkun possibbli li tali partijiet jitnaddfu jew jiġu żblukkati minn barra b'tali mod li ma jkunx meħtieġ id-dħul fihom. Meta ma jkunx possibbli li jiġi evitat id-dħul f'dawn il-partijiet, għandhom jittieħdu l-miżuri protettivi meħtieġa, bħal, pereżempju, it-tgħammir ta' sistema ta' ventilazzjoni adegwata, il-monitoraġġ tal-konċentrazzjoni ta' sustanzi perikolużi jew in-nuqqas ta' ossiġenu fl-arja u dispożizzjonijiet għas-sorveljanza u s-salvataġġ mingħajr periklu tal-operaturi.

1.7 INFORMAZZJONI

§244 Informazzjoni għall-utenti

Minħabba li l-użu mingħajr periklu tal-makkinarju jiddependi fuq taħlita ta' miżuri ta' disinn u kostruzzjoni meħuda mill-fabbrikant u miżuri protettivi meħuda mill-utent, l-għoti tal-informazzjoni u l-istruzzjonijiet meħtieġa lill-utenti huwa parti essenzjali u integrali mid-disinn tal-makkinarju.

L-informazzjoni, it-twissijiet u l-istruzzjonijiet dwar ir-riskji residwi jikkonċernaw it-tielet pass tal-metodu bi tliet passi stabbilit fis-sezzjoni 1.1.2 dwar il-prinċipji tal-

integrazzjoni tas-sigurtà. Il-fatt li dan it-tielet pass huwa l-aħħar wieħed fl-ordni ta' prijorità jimplika li t-twissijiet u l-istruzzjonijiet ma għandhomx ikunu sostitut għall-miżuri ta' disinn sigur b'mod inerenti u l-miżuri protettivi integrati meta dawn ikunu possibbli, billi tittieħed f'kunsiderazzjoni l-aħħar teknoloġija - ara §174: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (b).

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjonijiet 1.7.1 sa 1.7.4 japplikaw għal makkinarju fis-sens wiesa', jiġifieri għal kwalunkwe mill-prodotti elenkati fl-Artikolu 1 (1) (a) sa (f) – ara §33: kummenti dwar l-Artikolu 2. Għall-applikazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti għal makkinarju parzjalment komplut – ara §390: kummenti dwar l-Anness VI.

1.7.1 Informazzjoni u twissijiet dwar il-makkinarju

L-informazzjoni u t-twissijiet dwar il-makkinarju għandhom preferibbilment jingħataw fil-forma ta' simboli u simboli bl-istampi li jistgħu jinftiehmu malajr. Kull informazzjoni u twissijiet bil-miktub jew verbali għandhom ikunu f'lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Komunità, li jistgħu jiġu deċiżi bi qbil mat-Trattat mill-Istat Membru li fih il-makkinarju jitqiegħed fis-suq u/jew jitqiegħed fis-servizz u jistgħu jkollhom magħhom, fuq talba, il-verżjonijiet fi kwalunkwe lingwa uffiċjali oħra tal-Komunità li jifhmu l-operaturi.

§245 Informazzjoni u twissijiet dwar il-makkinarju

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 1.7.1 jikkonċernaw il-forma ta' informazzjoni u twissijiet li huma parti mill-makkinarju. L-ewwel sentenza tas-sezzjoni 1.7.1 tirrakkomanda lill-fabbrikanti jagħmlu użu minn simboli jew simboli bl-istampi li jistgħu jinftiehmu malajr għal dan il-għan. Is-simboli jew simboli bl-istampi ddisinjati tajjeb jistgħu jinftiehmu b'mod intuwittiv u jevitaw il-ħtieġa għat-traduzzjoni tal-informazzjoni bil-miktub jew verbali.

It-tieni sentenza tas-sezzjoni 1.7.1 tapplika meta l-informazzjoni tiġi pprovduta fil-forma ta' kliem jew test miktub fuq il-makkinarju, fuq skrin tal-monitor jew fil-forma ta' test orali pprovdut, pereżempju, permezz ta' sintetizzatur tal-vuċi. F'każijiet bħal dawn, l-informazzjoni u t-twissijiet għandhom jiġu pprovduti fil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istati Membri li fihom il-makkinarju jitqiegħed fis-suq u/jew jitqiegħed għas-servizz.

L-utent tal-makkinarju jista' wkoll jitlob lill-fabbrikant biex jipprovdi l-informazzjoni u t-twissijiet fuq il-makkinarju jew fuq l-iskrins tal-monitor akkumpanjati minn verżjonijiet fi kwalunkwe lingwa jew lingwi oħrajn tal-UE li jinftiehmu mill-operaturi. Dan jista' jkun għal diversi raġunijiet, pereżempju:

- il-persuni li għandhom jużaw il-makkinarju ma jifhmux il-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat;
- il-makkinarju għandu jintuża f'post tax-xogħol li għandu lingwa mħaddma waħda għajr il-lingwa(i) uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat;
- il-makkinarju għandu jintuża fi Stat Membru wieħed u ssirlu manutenzjoni minn teknixins minn Stat Membru differenti;
- id-dijanjostika remota għandha titwettaq fi Stat Membru differenti mill-Istat Membru fejn għandu jintuża l-makkinarju.

Il-provvista ta' informazzjoni jew twissijiet fuq il-makkinarju fil-lingwi tal-UE għajr il-lingwa(i) uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-makkinarju jitqiegħed fis-suq u/jew jitqiegħed għas-servizz jew fi kwalunkwe lingwa(i) oħra hija kwistjoni li għandha tiġi solvuta permezz ta' kuntratt bejn il-fabbrikant u l-utent meta jiġi ordnat il-makkinarju.

§246 Il-lingwi uffiċjali tal-UE

Hemm 23 lingwa uffiċjali tal-UE, li jintużaw fl-Istati Membri li ġejjin:

l-Awstrija	il-Ġermaniż	il-Latvja	il-Latvjan
il-Belġju	l-Olandiż, il-Franċiż u l-Ġermaniż	il-Litwanja	il-Litwan
il-Bulgarija	il-Bulgaru	il-Lussemburgu	il-Franċiż u l-Ġermaniż
Ċipru	l-Ingliż u l-Grieg	Malta	l-Ingliż u l-Malti
ir-Repubblika Ċeka	iċ-Ċek	il-Pajjiżi l-Baxxi	l-Olandiż
id-Danimarka	id-Daniż	Il-Polonja	il-Pollakk
l-Estonja	l-Estonjan	Il-Portugall	il-Portugiż
il-Finlandja	il-Finlandiż u l-Isvediż	ir-Rumanija	ir-Rumen
Franza	il-Franċiż	is-Slovakja	is-Slovakk
il-Ġermanja	il-Ġermaniż	is-Slovenja	is-Sloven
il-Greċja	il-Grieg	Spanja	l-Ispanjol
l-Ungerija	l-Ungeriż	l-Isvezja	l-Isvediż
l-Irlanda	l-Ingliż u l-Irlandiż	ir-Renju Unit	l-Ingliż
l-Italja	it-Taljan		

Ċerti Stati Membri b'żewġ lingwi uffiċjali jew aktar (il-Belġju, il-Finlandja) jaċċettaw l-użu ta' lingwa waħda biss f'żoni fejn tkun mitkellma biss dik il-lingwa. Il-fabbrikanti huma rakkomandati jiċċekkjaw dan mal-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati. Stati Membri oħrajn b'żewġ lingwi uffiċjali (Ċipru, Malta u l-Irlanda) jaċċettaw l-użu tal-Ingliż biss.

Fil-pajjiżi l-oħrajn fejn id-Direttiva dwar il-Makkinarju tapplika permezz tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, l-MRA bejn l-Isvizzera u l-Unjoni Doganali tal-UE-Turkija, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva dwar il-Makkinarju jirrikjedu l-użu tal-lingwa(i) uffiċjali tal-pajjiż ikkonċernat:

l-Islanda	l-Islandiż	l-Isvizzera	il-Franċiż, il-Ġermaniż u t-Taljan
il-Liechtenstein	il-Ġermaniż	it-Turkija	it-Tork
in-Norveġja	in-Norveġiż		

1.7.1.1 Informazzjoni u l-mezzi ta' informazzjoni

L-informazzjoni meħtieġa biex il-makkinarju jiġi kkontrollat għandha tingħata f'forma li mhijiex ambigwa u għandha tinftiehem faċilment. Ma għandhiex tkun eċċessiva hekk li tgħabbi żżejjed lill-operatur.

Unitajiet tal-wiri viżwali jew kull mezzi oħra interattivi tal-mezzi ta' komunikazzjoni bejn l-operatur u l-magna għandhom jiftehmu faċilment u jkunu faċli biex jintużaw.

§247 Informazzjoni u mezzi ta' informazzjoni

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.7.1.1 japplika għall-informazzjoni kollha dwar il-makkinarju li hija meħtieġa biex tgħin lill-operaturi biex jikkontrollaw it-tħaddim tiegħu.

B'mod partikolari, japplika għall-indikaturi u mezzi ta' wiri pprovduti ma' mezzi ta' kontroll – ara §194: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.2. Tali informazzjoni hija soġġetta għar-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 1.7.1.

L-ispeċifikazzjonijiet għad-disinn tal-informazzjoni, il-mezzi ta' informazzjoni, l-indikaturi u l-mezzi ta' wiri huma mogħtija fl-istandards tas-serje EN 894[168] u fl-istandards tas-serje EN 61310.[169]

1.7.1.2 Mezzi ta' twissija

Fejn is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni jistgħu jkunu fil-periklu minħabba ħsara fit-tħaddim tal-makkinarju li mhux sorveljat, il-makkinarju għandu jkun mgħammar b'mod li jagħti sinjal xieraq akustiku jew mid-dawl bħala twissija.

Fejn il-makkinarju jkun mgħammar b'mezzi ta' twissija dawn ma għandhomx ikunu ambigwi u għandhom jkunu jidhru faċilment. L-operatur għandu jkollu l-faċilitajiet biex jikkontrolla t-tħaddim ta' dan il-mezz ta' twissija l-ħin kollu.

Għandhom jitħarsu r-rekwiżiti tad-Direttivi Komunitarji speċifiċi dwar il-kuluri u s-sinjali tas-sigurtà.

§248 Mezzi ta' twissija

Is-sezzjoni 1.7.1.2 tittratta r-riskji għall-persuni minħabba ħsarat fil-makkinarju jew f'partijiet tal-makkinarju li huma ddisinjati biex jitħaddmu mingħajr is-superviżjoni permanenti tal-operaturi. Il-mezzi ta' twissija għandhom ikunu tali li jinformaw lill-operaturi jew lil persuni oħrajn esposti għal ħsarat perikolużi sabiex tkun tista' tittieħed l-azzjoni meħtieġa biex tingħata protezzjoni lill-persuni f'riskju. Fejn xieraq, il-mezzi ta' twissija jistgħu jitwaħħlu mal-makkinarju nnifsu jew jiġu attivati f'ċerta distanza.

L-istandard EN 61310-1 jagħti l-ispeċifikazzjonijiet għal sinjali viżwali u akustiċi.

L-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 1.7.1.2 jirreferi għad-Direttiva 92/58/KEE,[170] li tistipula r-rekwiżiti minimi għas-sinjali li jridu jintużaw fuq il-post tax-xogħol. Ir-regolamenti nazzjonali li jimplimentaw dik id-Direttiva għalhekk ma japplikawx direttament għall-fabbrikanti tal-makkinarju. Madankollu, is-sezzjoni 1.7.1.2 titlob lill-fabbrikanti tal-makkinarju jikkonformaw mar-rekwiżiti tekniċi ta' dik id-Direttiva fl-interess tal-uniformità tas-sinjali tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

---

[168] EN 894-1:1997+A1:2008 – *Sigurtà ta' makkinarju – Rekwiżiti ergonomiċi għad-disinn ta' wirjiet u tagħmir li jazzjona kontrolli* – Parti 1: *Prinċipji ġenerali għal interazzjoni umana ma' wirjiet u tagħmir li jazzjona kontrolli;*
EN 894-2:1997+A1:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju – Rekwiżiti ergonomiċi għad-disinn ta' wirjiet u tagħmir li jazzjona kontrolli* – Parti 2: *Wirjiet*.

[169] EN 61310-1:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju — Indikazzjoni, immarkar u tqabbid* — Parti 1: *Rekwiżiti għal sinjali viżwali, akustiċi u bil-mess* (IEC 61310-1:2007);
EN 61310-2:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju - Indikazzjoni, immarkar u tqabbid - Parti 2: Rekwiżiti għall-immarkar* (IEC 61310-2:2007).

[170] Direttiva tal-Kunsill 92/58/KEE tal-24 ta'Ġunju 1992 dwar il-ħtiġijiet minimi għall-provvista ta' sinjali tas-sigurtà u/jew tas-saħħa fuq ix-xogħol (id-disa' Direttiva individwali fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) – ara l-Anness VI – ħtiġijiet minimi għal sinjali mdawla, u Anness VII – ħtiġijiet minimi għal sinjali akustiċi.

1.7.2 Twissija ta' riskji residwi

Fejn ir-riskji jibqgħu minkejja l-miżuri tad-disinn sikur inerenti, il-miżuri ta' salvagwardja u miżuri prottettivi kumplimentari adottati, għandhom jingħataw it-twissijiet neċessarji, inkluż il-mezzi ta' twissija.

§249 Twissija ta' riskji residwi

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.7.2 jirreferi għal riskji residwi, jiġifieri, riskji li ma jistgħux jiġu eliminati jew imnaqqsa biżżejjed permezz ta' miżuri ta' disinn sigur b'mod inerenti u li ma jistgħux jiġu evitati kompletament permezz ta' miżuri protettivi integrati – ara §174: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (b). It-twissijiet dwar riskji residwi fuq il-makkinarju huma kumplimentari għall-informazzjoni dwar ir-riskji residwi li għandha tingħata fl-istruzzjonijiet tal-fabbrikant – ara §267: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (l). It-twissijiet fuq il-makkinarju huma siewja meta l-operaturi jew persuni esposti oħrajn ikollhom bżonn jiġu informati dwar il-prekawzjonijiet partikolari li għandhom jittieħdu fir-rigward tar-riskji residwi matul l-użu tal-makkinarju bħal, pereżempju, il-preżenza ta' uċuh jaħarqu jew lasers. Huma jistgħu jkunu siewja wkoll biex ifakkru l-ħtieġa għall-użu tat-TPP.

It-twissijiet immarkati fuq il-makkinarju għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 1.7.1. It-twissijiet ipprovduti permezz ta' mezzi ta' twissija għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 1.7.1.2.

L-istandards tat-tip C jistgħu jiddefinixxu l-forma u jipprovdu gwida dwar il-kontenut tat-twissijiet. Barra minn hekk, id-Direttiva 92/58/KEE u l-istandard EN 61310-1 jinkludu gwida li hija rilevanti għad-disinn ta' dawn it-twissijiet.

1.7.3 Immarkar tal-makkinarju

Il-makkinarju kollu għandu jkun immarkat b'mod li jidher, li jista' jinqara u li ma jitħassarx bid-dettalji minimi li ġejjin:

- *l-isem tan-negozju u l-indirizz sħiħ tal-fabbrikant u, fejn jixraq, tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu,*
- *l-isem tal-makkinarju,*
- *il-marka CE (ara Anness III),*
- *l-isem tas-serje jew tat-tip,*
- *in-numru tas-serje, jekk ikun hemm wieħed,*
- *is-sena tal-kostruzzjoni, jiġifieri s-sena li fiha tlesta l-proċess ta' fabbrikazzjoni.*

Huwa projbit li l-makkinarju jingħata data li seħħet qabel jew data li seħħet wara meta tkun qed titwaħħal il-marka CE.

. . .

§250 Immarkar tal-makkinarju

L-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.7.3 jittratta d-dettalji li għandhom jiġu mmarkati fuq il-makkinarju kollu, minbarra informazzjoni jew twissijiet oħra lill-utenti. Apparti mill-

marka CE u l- marka ATEX, is-sezzjoni 1.7.3 ma timponi ebda forma partikolari għall-immarkar fuq il-makkinarju, diment li dan ikun viżibbli, leġibbli u indelibbli. Għalhekk, l-immarkar għandu jitwaħħal f'post fuq il-magna li jkun jidher minn barra u mhux moħbi wara jew taħt il-partijiet tal-makkinarju. B'kunsiderazzjoni tad-daqs tal-makkinarju, il-karatteristiċi użati għandhom ikunu kbar biżżejjed biex ikunu jistgħu jinqraw faċilment. It-teknika tal-immarkar użata għandha tiżgura li l-immarkar ma jitħassarx matul il-ħajja tal-makkinarju, b'kunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-użu previsti. Jekk l-immarkar jintwera fuq pjanċa, din għandha titwaħħal b'mod permanenti mal-makkinarju, preferibbilment permezz ta' iwweldjar, twaħħil b'imsiemer irbattuti jew irbit.

Fil-każ ta' prodotti li jkunu żgħar wisq biex ikollhom immarkar li jista' jinqara tad-dettalji meħtieġa mis-sezzjoni 1.7.3, l-immarkar jista' jintwera fuq tikketta durabbli mwaħħla mal-prodott (filwaqt li jiġi żgurat li t-tħaddim korrett tal-makkinarju ma jiġix affettwat).

Ir-rekwiżiti tal-immarkar speċifiċi għal ktajjen, ħbula u ċineg huma stipulati fis-sezzjoni 4.3.1 – ara §357: kummenti dwar is-sezzjoni 4.3.1.

Ir-rekwiżiti tal-lingwa stipulati fis-sezzjoni 1.7.1 ma japplikawx għad-dettalji msemmija fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.7.3. Madankollu, dawn id-dettalji għandhom jinkitbu f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE.

Il-kummenti li ġejjin jirreferu għas-sitt inċiżi tal-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.7.3:

> *l-isem tan-negozju u l-indirizz sħiħ tal-fabbrikant u, fejn jixraq, tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu*

L-iskop tar-rekwiżit stipulat fl-ewwel inċiż tas-sezzjoni 1.7.3 huwa biex jippermetti lill-utent jew l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq biex jikkuntattjaw lill-fabbrikant f'każ ta' problema - ara §79 sa §81: kummenti dwar l-Artikolu 2 (i). L-istess informazzjoni trid tingħata fid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità – ara §383: kummenti dwar l-Anness II 1 A.

It-terminu *'isem tan-negozju'* jirreferi għall-isem li taħtu tkun irreġistrata l-kumpanija kkonċernata.

It-terminu *'indirizz sħiħ'* ifisser indirizz postali li huwa biżżejjed sabiex ittra tasal għand il-fabbrikant. L-isem tal-pajjiż jew tal-belt waħdu mhuwiex biżżejjed. Ma hemm ebda obbligu li jiġi mmarkat l-indirizz elettroniku jew is-sit elettroniku tal-fabbrikant, għalkemm iż-żieda tagħhom tista' tkun utli.

L-isem tan-negozju u l-indirizz sħiħ tar-rappreżentant awtorizzat tal-fabbrikant stabbilit fl-UE għandhom jiġu mmarkati wkoll fuq il-makkinarju f'każijiet fejn il-fabbrikant ikun qabbad tali rappreżentant awtorizzat – ara §84 u §85: kummenti dwar l-Artikolu 2 (j).

Jekk ma jkunx prattiku li fl-immarkar jiġi inkluż l-indirizz sħiħ tal-manifattur jew tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu, pereżempju, fil-każ ta' makkinarju żgħir ħafna, din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta fil-forma ta' kodiċi, bil-kundizzjoni li dan il-kodiċi jiġi spjegat u l-indirizz sħiħ jingħata fl-istruzzjonijiet fornuti mal-makkinarju – ara §259: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (b) u fid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità tal-makkinarju – ara §383: kummenti dwar l-Anness II 1 A.

l-isem tal-makkinarju

It-terminu '*l-isem tal-makkinarju'* jirreferi għall-isem komuni tal-kategorija tal-makkinarju li għaliha jappartjeni l-mudell speċifiku tal-makkinarju. (It-terminu għandu tifsira simili għat-termini 'denominazzjoni ġenerika u funzjoni' użati fl-Anness II fir-rigward tad-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità). Kull meta jkun possibbli, għandu jintuża t-terminu użat biex jindika l-kategorija tal-makkinarju kkonċernat fl-istandards armonizzati. L-istess informazzjoni għandha tingħata fid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità – ara §383: kummenti dwar l-Anness II 1 A.

Jekk ma jkunx prattiku li fl-immarkar jiġi inkluż l-isem espliċitu tal-makkinarju, pereżempju, fil-każ ta' makkinarju żgħir ħafna, l-isem jista' jiġi pprovdut fil-forma ta' kodiċi, bil-kundizzjoni li dan il-kodiċi jiġi spjegat u li jingħata l-isem espliċitu fl-istruzzjonijiet fornuti mal-makkinarju – ara §259: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (b) u fid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità tal-makkinarju – ara §383: kummenti dwar l-Anness II 1 A.

L-isem tal-fabbrikazzjoni tal-makkinarju ma għandux jitqies bħala bażi biex jiġi ddeterminat jekk ċerti EHSRs jew proċeduri ta' stima ta' konformità humiex applikabbli jew le, xi ħaġa li għandha tiġi ddeterminata b'mod indipendenti.

il-Marka CE (ara l-Anness III)

Ir-rekwiżiti għall-marka CE huma stipulati fl-Artikolu 16 u fl-Anness III. Skont l-Anness III, il-marka CE għandha titwaħħal fil-viċinanza immedjata tal-isem tal-fabbrikant jew tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu, billi tintuża l-istess teknika - ara §141: kummenti dwar l-Artikolu 16 u §387: kummenti dwar l-Anness III.

l-isem tas-serje jew tat-tip

L-isem tas-serje jew tat-tip huwa l-isem, il-kodiċi jew in-numru mogħti mill-fabbrikant għall-mudell tal-makkinarju kkonċernat li kien soġġett għall-proċedura relevanti ta' stima tal-konformità. L-isem tas-serje jew tat-tip spiss ikun jinkludi trademark.

numru tas-serje, jekk ikun hemm wieħed

Numru tas-serje huwa mezz ta' identifikazzjoni ta' parti individwali tal-makkinarju li tappartjeni għal serje jew tip. Id-Direttiva dwar il-Makkinarju ma titlobx li l-makkinarju jkollu numru tas-serje, iżda meta jkun ġie attribwit numru tas-serje mill-fabbrikant, dan għandu jiġi indikat wara l-isem tas-serje jew tat-tip.

is-sena tal-kostruzzjoni, jiġifieri s-sena li fiha tlesta l-proċess ta' fabbrikazzjoni.

Huwa pprojbit li l-makkinarju jingħata data li seħħet qabel jew data li seħħet wara meta tkun qed titwaħħal il-marka CE.

Is-sena tal-kostruzzjoni hija definita bħala s-sena li fiha jitlesta l-proċess tal-fabbrikazzjoni. Għal makkinarju li jiġi mmuntat fil-bini tal-fabbrikant, il-proċess tal-fabbrikazzjoni jista' jitqies bħala li tlesta, l-aktar tard, meta l-makkinarju jħalli l-bini tal-fabbrikant biex jiġi trasferit lil importatur, distributur jew l-utent. Għal makkinarju li huwa biss immuntat finalment fil-bini tal-utent, il-proċess tal-fabbrikazzjoni jista' jitqies bħala li tlesta meta titlesta l-muntatura tal-makkinarju fuq is-sit u jkun lest biex jitqiegħed għas-servizz. Għal makkinarju fabbrikat mill-utent għall-użu personali

tiegħu, il-proċess tal-fabbrikazzjoni jista' jitqies bħala li tlesta meta l-makkinarju jkun lest biex jitqiegħed għas-servizz – ara §80: kummenti dwar l-Artikolu 2 (i).

Minbarra r-rekwiżiti ġenerali dwar l-immarkar stipulati fis-sezzjoni 1.7.3, rekwiżiti addizzjonali dwar l-immarkar għal makkinarju mobbli huma stipulati fis-sezzjoni 3.6.2; rekwiżiti dwar immarkar għal ktajjen, ħbula u ċineg, aċċessorji tal-irfigħ u makkinarju tal-irfigħ huma stipulati fis-sezzjoni 4.3; rekwiżiti addizzjonali dwar immarkar għal makkinarju għall-irfigħ ta' persuni huma stipulati fis-sezzjoni 6.5.

Għandu jiġi osservat li, fuq makkinarju soġġett għad-Direttiva dwar it-tagħmir għall-użu fuq barra 2000/14/KE, il-marka CE hija akkumpanjata bil-marka tal-livell iggarantit tal-qawwa tal-ħoss – ara §92: kummenti dwar l-Artikolu 3, u §271: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (u).

1.7.3 Immarkar tal-makkinarju (ikompli)

. . .

Barra minn hekk, makkinarju mibni u ddisinnjat għall-użu f'atmosfera li tista' tkun splussiva għandu jiġi immarkat kif jixraq.

. . .

§251 Immarkar tal-konformità għal makkinarju ATEX

It-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.7.3 japplika għal makkinarju li huwa soġġett għad-Direttiva ATEX 94/9/KE[171] minbarra d-Direttiva dwar il-Makkinarju - ara §91: kummenti dwar l-Artikolu 3, u §228: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.7. Il-marka CE tirrappreżenta l-konformità tal-makkinarju mad-Direttivi tal-UE applikabbli li jipprovdu għat-twaħħil tagħha – ara §141: kummenti dwar l-Artikolu 16. Minbarra l-marka CE, id-Direttiva ATEX tipprovdi għal marka speċifika għal protection mill-isplużjonijiet:



Il-marka ATEX hija segwita bis-simbolu tal-grupp u kategorija tat-tagħmir.

1.7.3 Immarkar tal-makkinarju (ikompli)

. . .

Il-makkinarju għandu jkollu wkoll l-informazzjoni sħiħa relevanti dwar it-tip tiegħu u essenzjali għall-użu mingħajr periklu. Din l-informazzjoni hija suġġetta għar-rekwiżit fis-sezzjoni 1.7.1.

. . .

[171] Direttiva 94/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw it-tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu f'atmosferi potenzjalment esplussivi – ĠU *L 100, 19.04.1994, p. 1.*

§252 *Informazzjoni essenzjali għal użu mingħajr periklu*

Ir-raba' paragrafu tas-sezzjoni 1.7.3 jesiġi li l-makkinarju għandu jkollu l-informazzjoni meħtieġa essenzjali għall-użu tiegħu mingħajr periklu. Din l-informazzjoni hija soġġetta għar-rekwiżiti relatati mas-simboli bl-istampi u l-lingwa stipulati fis-sezzjoni 1.7.1. Ir-rekwiżit relatat mal-informazzjoni u l-mezzi ta' informazzjoni stipulat f'1.7.1.1 għandu jittieħed ukoll f'kunsiderazzjoni.

Il-fabbrikant mhuwiex mistenni li jimmarka fuq il-makkinarju l-informazzjoni kollha għal użu mingħajr periklu pprovduta fl-istruzzjonijiet. Madankollu, l-informazzjoni li tikkonċerna l-aspetti essenzjali tal-użu mingħajr periklu għandha tiġi mmarkata fuq il-makkinarju, bħal, pereżempju, id-dimensjonijiet massimi ta' biċċiet li għandhom jinħadmu, id-dimensjonijiet massimi tal-għodod li għandhom jintużaw, l-inklinazzjoni massima li fuqha l-makkinarju jkun stabbli, il-veloċità massima tar-riħ u l-bqija. L-informazzjoni li għandha tiġi mmarkata fuq il-makkinarju normalment tiġi speċifikata fl-istandards armonizzati relevanti.

1.7.3 Immarkar tal-makkinarju (ikompli)

. . .

Fejn parti ta' magna għandha tiġi mqandla b'tagħmir tal-irfigħ waqt l-użu, il-piż tagħha għandu jiġi indikat b'mod li jinqara sewwa, li ma jitħassarx u li mhux ambigwu.

§253 *Immarkar ta' partijiet tal-makkinarju li għandhom jiġu mqandla b'tagħmir tal-irfigħ*

Ir-rekwiżit stipulat fl-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 1.7.3 huma kumplimentari għar-rekwiżiti relatati mad-disinn tal-makkinarju biex jiġi ffaċilitat l-immaniġġjar tiegħu – ara §180: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.5. Huwa japplika għal partijiet tal-makkinarju li għandhom jiġu mqandla matul l-użu, li l-piż, id-daqs jew il-forma tagħhom jimpeduhom milli jiġu mċaqilqa bl-idejn. Ir-rekwiżit għandu jiġi applikat fid-dawl ta' analiżi tal-fażijiet differenti matul il-ħajja tal-makkinarju kkonċernat – ara §173: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (a).

Il-piż għandu jiġi mmarkat fuq dawn il-partijiet sabiex l-utent ikun jista' jimpjega makkinarju tal-irfigħ b'kapaċità ta' rfigħ suffiċjenti. Sabiex tiġi evitata l-ambigwità, il-piż għandu jiġi mmarkat f'kilogrammi f'post li jkun jidher fuq il-parti kkonċernata, preferibbilment fil-viċinanza immedjata tal-aċċessorji għall-makkinarju tal-irfigħ.

1.7.4 Struzzjonijiet

Il-makkinarju kollu għandu jkun akkumpanjat bl-istruzzjonijiet fil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn dan jitqiegħed fis-suq u/jew jitqiegħed fis-servizz.

L-istruzzjonijiet li jkunu mal-makkinarju għandhom ikunu jew "Struzzjonijiet oriġinali" jew "Traduzzjoni tal-istruzzjonijiet oriġinali", f'liema każ it-traduzzjoni għandu jkollha magħha l-istruzzjonijiet oriġinali.

Bħala eċċezzjoni, l-istruzzjonijiet tal-manutenzjoni intiżi għall-użu minn persunal speċjalizzat imqabbad mill-fabbrikant jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jistgħu jingħataw f'lingwa tal-Komunità waħda li tinftiehem mill-persunal speċjalizzat.

L-istruzzjonijiet għandhom ikunu mfassla skont il-prinċipji mniżżla hawn taħt.

§254 Struzzjonijiet

Is-sezzjoni 1.7.4 tittratta wieħed mill-obbligi li għandhom jiġu ssodisfati mill-fabbrikant qabel ma l-makkinarju jitqiegħed fis-suq u/jew jitqiegħed għas-servizz – ara §103: kummenti dwar l-Artikolu 5 (1).

L-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.7.4 jgħid li l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant għandhom jakkumpanjaw il-makkinarju. Dan jinvolvi li l-istruzzjonijiet għandhom jitfasslu qabel ma l-makkinarju jitqiegħed fis-suq u/jew jitqiegħed għas-servizz u għandhom jakkumpanjaw il-makkinarju sakemm jasal għand l-utent. L-importaturi jew distributuri tal-makkinarju għandhom għalhekk jiżguraw li l-istruzzjonijiet jiġu mgħoddija lill-utent – ara §83: kummenti dwar l-Artikolu 2 (i).

Minbarra r-rekwiżiti ġenerali għall-istruzzjonijiet stipulati fis-sezzjonijiet 1.7.4, ir-rekwiżiti supplimentari għall-istruzzjonijiet huma stipulati f'dawn is-sezzjonijiet:

- sezzjonijiet 2.1.2, 2.2.1.1 u 2.2.2.2 - oġġetti tal-ikel makkinarju u makkinarju għal prodotti kożmetiċi jew farmaċewtiċi, makkinarju li jinġarr li jinżamm fl-idejn u li jiġi ggwidat bl-idejn u tagħmir li jista' jinġarr u makkinarju ieħor ta' impatt;
- sezzjonijiet 3.6.3.1 u 3.6.3.2 - makkinarju mobbli u makkinarju b'użu multiplu;
- sezzjonijiet 4.4.1 u 4.4.2- aċċessorji tal-irfigħ u makkinarju tal-irfigħ.

§255 Il-forma tal-istruzzjonijiet

Is-sezzjoni 1.7.4 ma tispeċifikax il-forma tal-istruzzjonijiet. Huwa ġeneralment miftiehem li l-istruzzjonijiet kollha relatati mas-saħħa u s-sigurtà għandhom jiġu pprovduti f'forma stampata, minħabba li ma jistax jiġi preżunt li l-utent għandu aċċess għall-mezzi tal-qari tal-istruzzjonijiet ipprovduti f'forma elettronika jew magħmula disponibbli fuq sit tal-internet. Madankollu, ħafna drabi jkun utli li l-istruzzjonijiet jiġu magħmula disponibbli f'forma elettronika u fuq l-Internet kif ukoll f'forma stampata, billi dan jagħti ċ-ċans lill-utent iniżżel il-fajl elettroniku jekk ikun jixtieq jagħmel dan u biex jirkupra l-istruzzjonijiet jekk ikun tilef il-kopja stampata. Din il-prattika tiffaċilita wkoll l-aġġornament tal-istruzzjonijiet meta jkun meħtieġ.

§256 Il-lingwa tal-istruzzjonijiet

Bħala regola ġenerali, l-istruzzjonijiet kollha relatati mas-saħħa u s-sigurtà għandhom jiġu pprovduti fil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-UE tal-Istat Membru li fih jitqiegħed fis-suq u/jew jitqiegħed għas-servizz – ara §246: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.1.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.7.4 għandu jinftiehem fid-dawl tas-sezzjoni 1.7.4.1. Il-makkinarju għandu jkun akkumpanjat mill-istruzzjonijiet oriġinali, jiġifieri, struzzjonijiet ivverifikati mill-fabbrikant jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu. Jekk l-istruzzjonijiet oriġinali ma jkunux disponibbli fil-lingwa(i) tal-Istat Membru li fih il-makkinarju jitqiegħed fis-suq u/jew jitqiegħed għas-servizz, il-makkinarju għandu jkun akkumpanjat minn traduzzjoni tal-istruzzjonijiet oriġinali flimkien mal-istruzzjonijiet oriġinali. L-għan tar-rekwiżit tal-aħħar huwa li jippermetti lill-utenti jiċċekkjaw l-istruzzjonijiet oriġinali f'każ ta' dubju dwar il-preċiżjoni ta' traduzzjoni.

It-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.7.4 jipprevedi eċċezzjoni għar-rekwiżit ġenerali stipulat fl-ewwel paragrafu relatat mal-lingwa tal-istruzzjonijiet. Huwa japplika għall-istruzzjonijiet tal-manutenzjoni intiżi għall-użu minn persunal speċjalizzat imqabbad mill-fabbrikant jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu. Tali persunal speċjalizzat jista' jkun persunal tal-fabbrikant jew tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew ta' kumpanija li jkollha kuntratt jew ftehim bil-miktub mal-fabbrikant jew mar-rappreżentant awtorizzat tiegħu għall-manutenzjoni tal-makkinarju kkonċernat. L-istruzzjonijiet li huma esklussivament intiżi għal tali persunal speċjalizzat mhux bilfors għandhom jiġu pprovduti fil-lingwa(i) tal-pajjiż tal-użu, iżda jistgħu jiġu pprovduti f'lingwa li tinftiehem mill-persunal speċjalizzat.

Din id-deroga ma tapplikax għall-istruzzjonijiet għal operazzjonijiet ta' manutenzjoni li għandhom jitwettqu mill-utent jew mill-persunal tal-manutenzjoni mqabbad mill-utent. Sabiex id-deroga tkun applikabbli, l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant lill-utent għandhom għalhekk jispeċifikaw b'mod ċar liema operazzjonijiet ta' manutenzjoni għandhom jitwettqu biss minn persunal speċjalizzat imqabbad mill-fabbrikant jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

1.7.4.1 Prinċipji ġenerali għall-abbozzar tal-istruzzjonijiet

(a) L-istruzzjonijiet għandhom ikunu abbozzati f'lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Komunità. Il-kliem "Struzzjonijiet oriġinali" għandhom jidhru fil-verżjoni(jiet) tal-lingwa verifikati mill-fabbrikant jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

(b) Fejn ma hemmx "Struzzjonijiet oriġinali" fil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-pajjiż fejn il-makkinarju għandu jintuża, it-traduzzjoni għal dik jew dawk il-lingwa/i għandha tkun provduta mill-fabbrikant jew mir-rappreżentant awtorizat tiegħu jew mill-persuna li daħħal il-makkinarju f'din iż-żona tal-lingwa msemmija. It-traduzzjonijiet għandhom ikollhom il-kliem "Traduzzjoni tal-istruzzjonijiet oriġinali".

. . .

§257 L-abbozzar u t-traduzzjoni tal-istruzzjonijiet

Il-paragrafi (a) u (b) tas-sezzjoni 1.7.4.1 jispjegaw f'aktar dettall kif għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-lingwa stipulati fis-sezzjoni 1.7.4.

Il-paragrafu (a) tas-sezzjoni 1.7.4.1 jispjega li l-istruzzjonijiet oriġinali huma l-verżjonijiet lingwistiċi tal-istruzzjonijiet li kienu vverifikati mill-fabbrikant jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu. Dawn il-verżjonijiet lingwistiċi għandu jkollhom il-kliem *'Struzzjonijiet oriġinali'* (fil-lingwa ta' kull verżjoni). Il-fabbrikant jista' jipprovdi l-*"Istruzzjonijiet Oriġinali"* f'lingwa waħda jew aktar.

Il-paragrafu (b) tas-sezzjoni 1.7.4.1 jittratta s-sitwazzjoni fejn il-makkinarju jitqiegħed fis-suq fi Stat Membru, li għalih il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ma jkunx ipprepara struzzjonijiet oriġinali. Dan jista' jseħħ, pereżempju, jekk importatur, distributur jew utent jieħu l-inizjattiva biex iqiegħed il-makkinarju fis-suq jew fis-servizz fi Stat Membru mhux previst inizjalment mill-fabbrikant. F'każijiet bħal dawn, għandha tiġi pprovduta traduzzjoni tal-istruzzjonijiet fil-lingwa(i) uffiċjali tal-UE tal-Istat Membru kkonċernat mill-fabbrikant jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew inkella mill-persuna li ddaħħal il-makkinarju fiż-żona lingwistika kkonċernata.

F'termini prattiċi, dan ir-rekwiżit jimplika li l-persuna li ddaħħal il-makkinarju fiż-żona lingwistika kkonċernata għandha jew tikseb traduzzjoni mill-fabbrikant jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew, fin-nuqqas ta' dan, tittraduċi l-istruzzjonijiet hija stess jew tara li jiġu tradotti – ara §83: kummenti dwar l-Artikolu 2 (i).

It-traduzzjonijiet għandu jkollhom il-kliem *'Traduzzjoni tal-istruzzjonijiet oriġinali'* (fil-lingwa ta' kull verżjoni) u għandhom ikunu akkumpanjati mill-istruzzjonijiet oriġinali – ara §254: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.

1.7.4.1 Prinċipji ġenerali għall-abbozzar tal-istruzzjonijiet (ikompli)

. . .

(c) Il-kontenut tal-istruzzjonijiet ma għandux ikopri biss l-użu intiż tal-makkinarju iżda wkoll jagħti każ ta' kwalunkwe użu ħażin tiegħu li jista' jiġi previst b'mod raġonevoli.

. . .

§258 Prevenzjoni ta' użu ħażin li jista' jiġi previst

Il-paragrafu (c) tas-sezzjoni 1.7.4.1 jenfasizza li l-istruzzjonijiet huma wieħed mill-mezzi għall-prevenzjoni tal-użu ħażin tal-makkinarju. Dan jimplika li fl-abbozzar tal-istruzzjonijiet fuq kull wieħed mill-aspetti elenkati fis-sezzjoni 1.7.4.2, il-fabbrikanti għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni l-għarfien dwar kif il-makkinarju x'aktarx li jintuża ħażin, fid-dawl tal-esperjenza tal-użu fil-passat ta' makkinarju simili, l-investigazzjonijiet tal-inċidenti u l-għarfien dwar l-imġiba tal-bniedem li tista' tkun prevista faċilment – ara §172: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.1 (i), u §175: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (c).

1.7.4.1 Prinċipji ġenerali għall-abbozzar tal-istruzzjonijiet (ikompli)

. . .

(d) Fil-każ tal-makkinarju intiż għall-użu minn operaturi mhux professjonali, it-tqegħid tal-kliem u l-firxa tal-pożizzjoni tal-istruzzjonijiet tal-użu għandhom jagħtu kont tal-livell tal-edukazzjoni u l-moħħ ġenerali li jista' jkun mistenni b'mod raġonevoli minn dawn l-operaturi.

§259 Struzzjonijiet għal utenti mhux professjonali

Il-paragrafu (d) tas-sezzjoni 1.7.4.1 jagħmel distinzjoni bejn il-makkinarju intiż għal operaturi mhux professjonali u makkinarju intiż għal użu professjonali. It-tqegħid tal-kliem u l-firxa tal-pożizzjoni tal-istruzzjonijiet għandhom jiġu adattati għall-pubbliku li lilu jiġu indirizzati. L-istruzzjonijiet għal utenti mhux professjonali għandhom jinkitbu u jiġu ppreżentati fil-lingwa li tista' tinftiehem mill-persuni komuni, billi tiġi evitata t-terminoloġija teknika speċjalista. Dan ir-rekwiżit huwa relevanti wkoll għal makkinarju li jista' jintuża kemm minn operaturi professjonali kif ukoll minn operaturi mhux professjonali.

Meta l-makkinarju intiż għal użu mill-konsumatur jiġi fornut b'ċerti elementi żmuntati għal skopijiet ta' trasport u ppakkjar, għandha tingħata attenzjoni partikolari sabiex jiġi żgurat li l-istruzzjonijiet tal-immuntar ikunu kompleti u espliċiti u jkunu jinkludu dijagrammi, tpinġijiet jew ritratti ċari, preċiżi u mhux ambigwi – ara §264: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (i).

L-istandards tat-tip C għal kategoriji partikolari ta' makkinarju jispeċifikaw il-kontenut tal-istruzzjonijiet, iżda ġeneralment ma jipprovdu ebda gwida dwar l-abbozzar u l-firxa tal-pożizzjoni. Gwida ġenerali dwar l-abbozzar tal-istruzzjonijiet hija mogħtija fl-istandard EN ISO 12100-2.[172] Għalkemm mhijiex standard armonizzat skont id-Direttiva dwar il-Makkinarju, il-gwida mogħtija fl-istandard EN 62079[173] dwar l-abbozzar u l-firxa tal-pożizzjoni tal-istruzzjonijiet tista' tkun utli wkoll għall-istruzzjonijiet tal-makkinarju.

1.7.4.2 Kontenut tal-istruzzjonijiet

Kull manwal tal-istruzzjonijiet għandu jkun fih, fejn ikun applikabbli, tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

a) l-isem tan-negozju u l-indirizz sħiħ tal-fabbrikant u, fejn jixraq, tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu;

b) id-disinn tal-makkinarju kif immarkat fuq il-makkinarju innifsu, għajr għan-numru tas-serje (ara sezzjoni 1.7.3);

. . .

§260 Kontenut tal-istruzzjonijiet – dettalji tal-fabbrikant u tal-makkinarju

Is-sezzjoni 1.7.4.2 tiġbor fil-qosor l-aspetti ewlenin li għandhom jiġu koperti fl-istruzzjonijiet tal-fabbrikant. L-espressjoni *'tal-inqas'* tindika li l-lista ma għandhiex titqies bħala eżawrjenti. Għalhekk, jekk tkun meħtieġa xi informazzjoni mhux imsemmija fis-sezzjonijiet 1.7.4.2 (a) sa (v) għall-użu mingħajr periklu tal-makkinarju, din għandha tiġi inkluża fl-istruzzjonijiet. L-espressjoni *'fejn applikabbli'* tfisser li l-aspetti msemmija fis-sezzjonijiet 1.7.4.2 (a) sa (v) jeħtieġ li jkunu koperti fl-istruzzjonijiet biss jekk ikunu relevanti għall-makkinarju kkonċernat.

[172] EN ISO 12100-2:2003+A1:2009 - *Sigurtà ta' makkinarju - Kunċetti bażiċi, Prinċipji ġenerali għad-disinn* – Parti 2: *Prinċipji tekniċi* (ISO 12100-2:2003) - ara l-klawsola 6.

[173] EN 62079:2001 – *Tħejjija ta' struzzjonijiet – Strutturar, kontenut u preżentazzjoni*.

Id-dettalji msemmija fis-sezzjoni 1.7.4.2 huma l-istess bħad-dettalji li għandhom jiġu mmarkati fuq il-makkinarju – ara §250: kummenti dwar 1.7.3. Madankollu, fl-istruzzjonijiet, l-isem tal-makkinarju għandu jinkiteb sħiħ fil-lingwa tal-istruzzjonijiet. In-numru tas-serje mhuwiex meħtieġ, minħabba li l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant normalment ikopru mudell jew tip tal-makkinarju minflok prodott individwali.

Meta mudell tal-makkinarju jkollu diversi varjanti, għandu jkun ċar għall-utent liema partijiet speċifiċi tal-istruzzjonijiet japplikaw għal kull varjant. Bl-istess mod, jekk l-istruzzjonijiet ikopru aktar minn mudell jew tip wieħed, pereżempju, jekk ikopru diversi mudelli jew tipi ta' makkinarju li jappartjenu għall-istess serje, għandu jkun ċar għall-utent liema partijiet speċifiċi tal-istruzzjonijiet japplikaw għal kull mudell jew tip.

1.7.4.2 Kontenut tal-istruzzjonijiet (ikompli)

. . .

c) id-dikjarazzjoni ta' konformità (KE), jew dokument li jniżżel il-kontenuti tad-dikjarazzjoni ta' konformità (KE), li turi l-partikolaritajiet tal-makkinarju, mhux neċessarjament tinkludi n-numru tas-serje u l-firma;

. . .

§261 Inklużjoni tad-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità fl-istruzzjonijiet

Is-sezzjoni 1.7.4.2 (c) tikkonċerna l-inklużjoni tad-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità fl-istruzzjonijiet. Bħall-istruzzjonijiet, id-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità għandha takkumpanja l-makkinarju – ara §103: kummenti dwar l-Artikolu 5 (1). Sabiex jissodisfa dan l-obbligu, il-fabbrikant jista' jagħżel bejn iż-żewġ alternattivi li ġejjin:

- tiġi inkluża d-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità ffirmata fil-manwal tal-istruzzjonijiet. Dan huwa xieraq fil-każ ta' prodotti jew makkinarju ta' darba prodotti f'numri żgħar;
- jiġi inkluż dokument li jistabbilixxi l-kontenut tad-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità (mhux neċessarjament tinkludi n-numru tas-serje u l-firma) fil-manwal tal-istruzzjonijiet, f'liema każ id-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità ffirmata nnifisha għandha tiġi pprovduta separatament – ara §382: kummenti dwar l-Anness II 1 A.

1.7.4.2 Kontenut tal-istruzzjonijiet (ikompli)

. . .

d) deskrizzjoni ġenerali tal-makkinarju;

e) t-tpinġijiet, id-dijagrammi, id-deskrizzjonijiet u l-ispjegazzjonijiet neċessarji għall-użu, il-manutenzjoni u t-tiswija tal-makkinarju u għall-ikkontrollar tat-tħaddim tajjeb tiegħu;

f) id-deskrizzjoni tal-post(ijiet) tax-xogħol li x'aktarx ikunu okkupati mill-operaturi;

. . .

§262 Deskrizzjonijiet, tpinġijiet, dijagrammi u spjegazzjonijiet

Id-deskrizzjoni ġenerali tal-makkinarju msemmija fis-sezzjoni 1.7.4.2 (d) għandha l-għan li tagħti ċ-ċans lill-utent jidentifika l-partijiet ewlenin tal-makkinarju u l-funzjonijiet tagħhom.

Is-sezzjoni 1.7.4.2 (e) tittratta l-informazzjoni u l-ispjegazzjonijiet meħtieġa għall-użu, il-manutenzjoni u t-tiswija mingħajr periklu tal-makkinarju u għall-iċċekkjar tat-tħaddim korrett tiegħu. (Rekwiżiti aktar dettaljati dwar il-kontenut tal-istruzzjonijiet relatati ma' dawn l-aspetti huma stipulati fis-sezzjonijiet li ġejjin). Tpinġijiet, dijagrammi, graffs u tabelli ċari u sempliċi normalment ikunu preferibbli għal spjegazzjonijiet miktuba fit-tul. Iżda l-ispjegazzjonijiet miktuba meħtieġa għandhom jitpoġġew ħdejn l-illustrazzjonijiet li għalihom jirreferu.

Is-sezzjoni 1.7.4.2 (f) tittratta l-postijiet tax-xogħol previsti għall-operaturi. L-aspetti li għandhom jiġu koperti jinkludu, pereżempju:

- fejn jinsabu l-postijiet tax-xogħol,
- l-aġġustament ta' sedili, mezzi għas-serħan tas-saqajn jew partijiet oħrajn tal-makkinarju sabiex tiġi żgurata pożizzjoni tajba u jitnaqqsu l-vibrazzjonijiet trasmessi lill-operatur – ara §183: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.8;
- il-firxa tal-pożizzjoni u l-identifikazzjoni tal-mezzi ta' kontroll u l-funzjonijiet tagħhom – ara §185: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.2;
- l-arranġamenti differenti ta' tħaddim u kontroll u l-miżuri protettivi u prekawzjonijiet relatati ma' kull arranġament – ara §204: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.5;
- l-użu tal-mezzi ta' lqugħ u apparat protettiv imwaħħla mal-makkinarju;
- l-użu ta' tagħmir imwaħħal biex irażżan jew jevakwa sustanzi perikoluži jew biex jinżammu kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin.

1.7.4.2 Kontenut tal-istruzzjonijiet (ikompli)

. . .

g) id-deskrizzjoni tal-użu intiż tal-makkinarju;

h) it-twissijiet dwar il-metodi li fih il-makkinarju ma jistax jintuża li l-esperjenza wriet li jistgħu jiġru

. . .

§263 Użu intiż u użu ħażin li jista' jiġi previst

Id-deskrizzjoni tal-użu intiż tal-makkinarju msemmija fis-sezzjoni 1.7.4.2 (g) għandha tinkludi indikazzjoni preċiża tal-għanijiet li għalihom huwa intiż il-makkinarju. Id-deskrizzjoni tal-użu intiż tal-makkinarju għandha tispeċifika l-limiti fuq il-kundizzjonijiet tal-użu kkunsidrati fl-istima tar-riskju tal-fabbrikant u fid-disinn u l-kostruzzjoni il-makkinarju – ara §171: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.1 (h).

Id-deskrizzjoni tal-użu intiż tal-makkinarju għandha tkopri l-arranġamenti kollha ta' tħaddim u l-fażijiet ta' użu differenti tal-makkinarju u tispeċifika l-valuri mingħajr periklu għall-parametri li fuqhom jiddependi l-użu mingħajr periklu tal-makkinarju. Tali parametri jistgħu jinkludu, pereżempju:

- it-tagħbija massima għal makkinarju tal-irfigħ;
- l-inklinazzjoni massima li fuqha l-makkinarju mobbli jkun jista' jintuża mingħajr telf ta' stabbiltà;

- il-veloċità massima tar-riħ li fiha l-makkinarju jkun jista' jintuża mingħajr periklu fuq barra;
- id-dimensjonijiet massimi tal-biċċiet li għandhom jinħadmu;
- il-veloċità massima għall-għodda li ddur fejn il-ksur minħabba l-veloċità eċċessiva jkun ta' periklu;
- it-tip ta' materjali li jistgħu jiġu pproċessati mingħajr periklu mill-makkinarju.

Is-sezzjoni 1.7.4.2 (h) tesiġi li l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant jipprovdu twissijiet kontra l-użu ħażin previst b'mod raġonevoli tal-makkinarju – ara §172: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.1 (i), u §175: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (c). Sabiex jiġi evitat dan l-użu ħażin, huwa utli li jiġu indikati mal-utent ir-raġunijiet tas-soltu għal tali użu ħażin u li jiġu spjegati l-konsegwenzi possibbli. It-twissijiet kontra l-użu ħażin previst b'mod raġonevoli tal-makkinarju għandhom jikkunsidraw il-feedback mill-utenti u l-informazzjoni dwar aċċidenti jew inċidenti li jinvolvu makkinarju simili.

1.7.4.2 Kontenut tal-istruzzjonijiet (ikompli)

. . .

i) l-istruzzjonijiet dwar il-muntatura, l-istallazzjoni u l-konnessjoni, inklużi t-tpinġijiet, id-dijagrammi u l-mezzi tal-qbid u d-disinn taċ-"chassis" jew l-installazzjoni li fuqha l-makkinarju għandu jkun immuntat;

j) l-istruzzjonijiet dwar l-istallazzjoni u l-muntatura għat-tnaqqis tal-ħoss jew il-vibrazzjoni;

. . .

§264 Muntatura, installazzjoni u konnessjoni

Is-sezzjoni 1.7.4.2 (i) tkopri l-operazzjonijiet li għandhom jitwettqu minn jew f'isem l-utent qabel ma l-makkinarju jitqiegħed għas-servizz.

L-istruzzjonijiet dwar il-muntatura huma meħtieġa għal makkinarju li ma jiġix fornut lill-utent lest biex jintuża, pereżempju, fejn elementi tal-makkinarju jkunu ġew żarmati għal skopijiet ta' trasport jew ippakkjar. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-istruzzjonijiet dwar il-muntatura fejn il-muntatura għandha titwettaq minn utenti mhux professjonali – ara §258: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.1 (c).

L-istruzzjonijiet dwar il-muntatura għal tagħmir interkambjabbli għandhom jispeċifikaw it-tip jew tipi ta' makkinarju bażiku li miegħu t-tagħmir ikun jista' jintuża mingħajr periklu u jinkludu l-istruzzjonijiet meħtieġa għall-muntatura mingħajr periklu tat-tagħmir interkambjabbli mal-makkinarju bażiku mill-utent – ara §41: kummenti dwar l-Artikolu 2 (b).

Fil-każ ta' makkinarju fornut mingħajr sistema li tagħti bidu għal azzjoni, l-istruzzjonijiet għandhom jindikaw l-ispeċifikazzjonijiet kollha meħtieġa għas-sistema li tagħti bidu għal azzjoni li għandha titwaħħal bħat-tip, is-saħħa u l-mezzi ta' konnessjoni, u jinkludu struzzjonijiet preċiżi tat-tgħammir għas-sistema li tagħti bidu għal azzjoni – ara §35: kumment dwar l-ewwel inċiż tal-Artikolu 2 (a).

L-istruzzjonijiet dwar l-installazzjoni huma meħtieġa għal makkinarju li għandu jiġi installat fuq u/jew imwaħħal ma' reffieda, strutturi jew bini partikolari, fuq pedamenti jew fuq l-art, sabiex jiġu żgurati l-użu u l-istabbiltà tiegħu mingħajr periklu. L-

istruzzjonijiet għandhom jispeċifikaw id-dimensjonijiet meħtieġa u l-karatteristiċi ta' felħan tat-tagħbija tar-reffieda u l-mezzi li għandhom jintużaw biex il-makkinarju jitwaħħal mar-reffieda tiegħu. Għal makkinarju intiż biex jiġi installat fuq mezzi tat-trasport, l-istruzzjonijiet għandhom jispeċifikaw il-vetturi jew karrijiet li fuqhom il-makkinarju jista' jiġi installat mingħajr periklu, jew b'referenza għall-karatteristiċi tekniċi tagħhom jew, fejn ikun meħtieġ, b'referenza għal mudelli speċifiċi ta' vettura – ara §37: kummenti dwar it-tielet inċiż tal-Artikolu 2 (a).

L-istruzzjonijiet tal-konnessjoni għandhom jiddeskrivu l-miżuri li għandhom jintużaw biex jiżguraw il-konnessjoni mingħajr periklu tal-makkinarju ma' provvisti tal-enerġija, provvisti ta' fluwidi u l-bqija. Il-karatteristiċi relevanti tal-provvisti, bħal, pereżempju, il-vultaġġ, l-enerġija, il-pressjoni jew it-temperatura, għandhom jiġu speċifikati. Għandha tiġi speċifikata wkoll il-konnessjoni mingħajr periklu tal-makkinarju mal-mezzi tal-evakwazzjoni ta' sustanzi perikoluż, meta dawn il-mezzi ma jkunux parti integrali mill-makkinarju.

Il-paragrafu 1.7.4.2 (j) jirreferi għal aspett speċifiku tal-installazzjoni u struzzjonijiet dwar il-muntatura relatati mat-tnaqqis tal-istorbju jew l-emissjonijiet ta' vibrazzjoni.

Fir-rigward tal-istorbju, l-istruzzjonijiet għandhom jispeċifikaw, fejn xieraq, il-muntatura u l-installazzjoni korretti tat-tagħmir fornut mill-fabbrikant tal-makkinarju sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-istorbju.

Fir-rigward tal-vibrazzjonijiet, l-istruzzjonijiet jistgħu jinkludu, pereżempju, speċifikazzjonijiet għal pedamenti b'karatteristiċi ta' damping adegwati.

1.7.4.2 Kontenut tal-istruzzjonijiet (ikompli)

. . .

k) l-istruzzjonijiet għat-tqegħid fis-servizz u l-użu tal-makkinarju u, jekk ikun neċessarju, l-istruzzjonijiet għat-taħriġ tal-operaturi;

. . .

§265 Tqegħid għas-servizz u użu

Is-sezzjoni 1.7.4.2 (k) tirreferi l-ewwel għal struzzjonijiet relatati mat-tqegħid għas-servizz tal-makkinarju – ara §86: kummenti dwar l-Artikolu 2 (k).

L-istruzzjonijiet għat-tqegħid għas-servizz għandhom jindikaw l-aġġustamenti, il-kontrolli, l-ispezzjonijiet jew it-testijiet funzjonali kollha meħtieġa li għandhom jitwettqu wara li l-makkinarju jkun ġie mmuntat u installat u qabel ma jitqiegħed għas-servizz. Għandhom jiġu deskritti kwalunkwe proċeduri partikolari li jiġu segwiti. L-istess informazzjoni għandha tiġi pprovduta għat-tqegħid tal-makkinarju lura fis-servizz, pereżempju, wara trasferiment lejn sit ġdid jew wara tiswijiet maġġuri.

It-tieni aspett tal-istruzzjonijiet imsemmija fis-sezzjoni 1.7.4.2 (k) huwa relatat mal-użu tal-makkinarju. L-istruzzjonijiet għandhom jittrattaw il-fażijiet differenti tal-użu tal-makkinarju. L-istruzzjonijiet għandhom ikopru, kif xieraq:

- it-tħaddim normali, l-issettjar u l-aġġustament tal-makkinarju;
- l-użu korrett tal-mezzi ta' kontroll, il-mezzi ta' lqugħ u l-apparat protettiv;
- l-użu ta' għodod jew tagħmir speċjali pprovduti mal-makkinarju – ara §117: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (e);

- l-għażla u l-użu mingħajr periklu tal-arranġamenti kollha ta' tħaddim jew ta' kontroll – ara §204: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.5;
- il-prekawzjonijiet partikolari li għandhom jittieħdu f'kundizzjonijiet ta' użu speċifiċi.

§266 Taħriġ tal-operaturi

It-tielet aspett imsemmi fis-sezzjoni 1.7.4.2 (k) huwa t-taħriġ tal-operaturi. Il-fabbrikant tal-makkinarju għandu jindika jekk hemmx bżonn ta' taħriġ speċifiku sabiex il-makkinarju jintuża mingħajr periklu. Normalment, dan ikun xieraq biss fil-każ ta' makkinarju intiż għal użu professjonali.

Il-fabbrikant mhuwiex mistenni li jipprovdi programm ta' taħriġ sħiħ jew manwal ta' taħriġ fl-istruzzjonijiet. Madankollu, l-istruzzjonijiet jistgħu jindikaw aspetti importanti li għandhom jiġu koperti mit-taħriġ tal-operaturi sabiex dawk li jħaddmu jiġu megħjuna jissodisfaw l-obbligi tagħhom biex jipprovdu taħriġ adegwat lill-operaturi. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, għal ċerti kategoriji ta' makkinarju, it-taħriġ tal-operaturi u l-programmi ta' taħriġ jistgħu jkunu soġġetti għal regolamenti nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 2009/104/KE – ara §140: kummenti dwar l-Artikolu 15.

Minbarra l-informazzjoni bażika dwar it-taħriġ fl-istruzzjonijiet, ċerti fabbrikanti tal-makkinarju joffru wkoll servizzi ta' taħriġ tal-operaturi lill-utenti, madankollu, dawn is-servizzi jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

1.7.4.2 Kontenut tal-istruzzjonijiet (ikompli)

. . .

l) l-informazzjoni dwar ir-riskji li jifdal u li jibqgħu minkejja l-miżuri inerenti tad-disinn mhux perikoluż, li miżuri protettivi adottati ta' salvagwardjar u kumplimentari;

m) l-istruzzjonijiet dwar il-miżuri protettivi li għandhom jittieħdu mill-utent, inkluż fejn jixraq, it-tagħmir protettiv personali li għandu jkun provdut;

. . .

§267 Informazzjoni dwar riskji residwi

Is-sezzjonijiet 1.7.4.2 (l) u (m) jittrattaw aspett importanti tat-tielet pass tal-prinċipji tal-integrazzjoni tas-sigurtà – ara §174: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (b). Skont is-sezzjoni 1.7.4.2 (l), l-istruzzjonijiet għandhom jinkludu dikjarazzjonijiet ċari relatati ma' kwalunkwe riskji li ma tnaqqsux biżżejjed permezz ta' miżuri ta' disinn siguri b'mod inerenti jew permezz ta' miżuri protettivi tekniċi integrati.

L-għan ta' din l-informazzjoni huwa li tippermetti lill-utent jieħu l-miżuri protettivi meħtieġa msemmija fis-sezzjoni 1.7.4.2 (m). Il-miżuri li għandhom jiġu speċifikati fl-istruzzjonijiet jistgħu jinkludu, pereżempju:

- l-użu ta' skrins jew mezzi ta' lqugħ addizzjonali fil-post tax-xogħol;
- l-organizzazzjoni ta' sistemi ta' xogħol mingħajr periklu;
- ir-restrizzjoni ta' ċerti kompiti għal operaturi mħarrġa u awtorizzati;
- il-provvista u l-użu ta' TPP xieraq.

Għandu jiġi osservat li l-għażla, il-provvista u l-użu tat-TPP jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' dawk li jħaddmu u huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 89/656/KEE.[174] Madankollu, l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant tal-makkinarju jistgħu jindikaw it-tip tat-TPP li għandu jintuża biex jipproteġi kontra r-riskji residwi li jirriżultaw mill-makkinarju. B'mod partikolari, jekk il-makkinarju jkun mgħammar b'mezzi ta' ankoraġġ għat-twaħħil tat-TPP kontra waqgħat mill-għoli, għandu jiġi speċifikat it-TPP kompatibbli – ara §237: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.15, u §374: kummenti dwar is-sezzjoni 6.3.2.

1.7.4.2 Kontenut tal-istruzzjonijiet (ikompli)

. . .

n) il-karatteristiċi essenzjali tal-għodod li jistgħu jitwaħħlu mal-makkinarju;

. . .

§268 Il-karatteristiċi essenzjali tal-għodod

Is-sezzjoni 1.7.4.2 (n) tittratta l-istruzzjonijiet relatati mal-għodod li mhumiex imwaħħla b'mod permanenti mal-makkinarju u li jistgħu jitbiddlu mill-utent. Dawn l-għodod ma jitqisux bħala parti mill-makkinarju – ara §41: kummenti dwar l-Artikolu 2 (b) – madankollu, l-użu mingħajr periklu tal-makkinarju spiss ikun jiddependi fuq it-tgħammir u l-użu ta' għodod xierqa. Għalhekk, l-istruzzjonijiet għandhom jispeċifikaw il-karatteristiċi tal-għodod li fuqhom jiddependi l-użu mingħajr periklu. Dan huwa partikolarment importanti għall-għodod li jiċċaqilqu jew li jduru malajr, sabiex jiġu evitati r-riskji minħabba l-ksur u t-tfigħ 'il barra ta' biċċiet ta' għodod jew minħabba t-tfigħ 'il barra tal-għodod infushom – ara §207 u §208: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.3.2 u 1.3.3.

Il-karatteristiċi essenzjali li għandhom jiġu speċifikati jistgħu jinkludu, pereżempju:

- id-dimensjonijiet massimi jew minimi u l-piż tal-għodod;
- il-materjali u l-muntaturi kostitwenti tal-għodod;
- il-forma meħtieġa jew karatteristiċi essenzjali oħrajn tad-disinn tal-għodod;
- il-kompatibbiltà tal-għodod mad-detenturi tal-għodda fuq il-makkinarju.

1.7.4.2 Kontenut tal-istruzzjonijiet (ikompli)

. . .

o) il-kondizzjonijiet li fihom il-makkinarju jilħaq ir-rekwiżit ta' stabbilità matul l-użu, it-trasportazzjoni, il-muntatura, il-ħatt meta ma jkunx fis-servizz, l-ittestjar jew ksur li jista' jiġi previst;

. . .

[174] Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għall-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (it-tielet Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) - *ĠU L 393, 30.12.1989, p. 18.*

§269 Kundizzjonijiet ta' stabbiltà

Is-sezzjoni 1.7.4.2 (o) hija marbuta mar-rekwiżiti stipulati fis-sezzjonijiet 1.3.1, 2.2.1, 3.4.1, 3.4.3, 4.1.2.1, 4.2.2, 5.1 u 6.1.2 relatati mal-istabbiltà. Meta d-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju jiżguraw l-istabbiltà tal-makkinarju taħt ċerti kundizzjonijiet definiti, dawn għandhom jiġu speċifikati fl-istruzzjonijiet.

B'mod partikolari, meta l-istabbiltà tkun tiddependi fuq l-osservanza ta' ċerti limiti fuq il-kundizzjonijiet tal-użu tal-makkinarju bħal, pereżempju, l-inklinazzjoni massima, il-veloċità massima tar-riħ, il-medda massima jew il-pożizzjoni ta' ċerti elementi tal-makkinarju, dawn il-limiti għandhom jiġu speċifikati u għandhom jingħataw l-ispjegazzjonijiet meħtieġa dwar l-użu tal-mezzi protettivi u ta' twissija korrispondenti mwaħħla mal-makkinarju u dwar kif jistgħu jiġu evitati sitwazzjonijiet perikoluż i.

L-istruzzjonijiet għandhom jispjegaw ukoll kif għandha tiġi żgurata l-istabbiltà tal-makkinarju jew tal-partijiet tiegħu matul fażijiet oħrajn tal-ħajja tal-makkinarju – ara §173: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (a). Meta jkunu meħtieġa miżuri partikolari biex tiġi żgurata l-istabbiltà matul dawn il-fażijiet, għandhom jiġu speċifikati wkoll il-miżuri li għandhom jittieħdu u l-mezzi li għandhom jintużaw.

1.7.4.2 Kontenut tal-istruzzjonijiet (ikompli)

. . .

p) l-istruzzjonijiet bil-ħsieb li jkun żgurat li l-operazzjonijiet tat-trasport, tat-tqandil u tal-ħażna jistgħu jsiru mingħajr periklu, minħabba l-piż tal-makkinarju u tad-diversi partijiet tiegħu meta dawn huma trasportati b'mod regolari separatament;

. . .

§270 Trasport, immaniġġjar u ħażna

Is-sezzjoni 1.7.4.2 (p) hija marbuta mar-rekwiżiti relatati mal-immaniġġjar tal-makkinarju u l-partijiet tiegħu – ara §180: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.5.

L-istruzzjonijiet għat-trasport, l-immaniġġjar u l-ħażna mingħajr periklu tal-makkinarju u tal-partijiet li għandhom jiġu ttrasportati separatament għandhom jinkludu, kif xieraq:

- struzzjonijiet għall-immaniġġjar manwali mingħajr periklu tal-makkinarju jew ta' partijiet li għandhom jiġu mċaqilqa bl-idejn;
- struzzjonijiet dwar l-użu ta' punti ta' tqabbid għal makkinarju tal-irfigħ, il-piż tal-makkinarju u tal-partijiet li għandhom jiġu ttrasportati;
- struzzjonijiet dwar kif tista' tiġi żgurata l-istabbiltà matul it-trasport u l-ħażna, inkluż l-użu ta' kwalunkwe tagħmir speċjali pprovdut għal dak il-għan;
- deskrizzjoni tal-arranġamenti speċjali għall-immaniġġjar ta' *għodod jew partijiet perikoluż i.*

1.7.4.2 Kontenut tal-istruzzjonijiet (ikompli)

. . .

q) il-metodu tat-tħaddim li għandu jiġi segwit f'każ ta' inċident jew ksur; jekk x'aktarx ikun hemm żblokk, il-metodu tat-tħaddim li għandu jkun segwit sabiex it-tagħmir jista' jiġi żblukkat b'mod mhux perikoluż;

. . .

§271 Proċeduri ta' emerġenza u metodi għall-iżblukkar

Is-sezzjoni 1.7.4.2 (q) tesiġi li l-fabbrikant tal-makkinarju jantiċipa l-funzjonament ħażin potenzjali tal-makkinarju u jispeċifika l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti f'każijiet ta' emerġenza. Il-miżuri li għandhom jiġu speċifikati, jinkludu, pereżempju, il-metodi li għandhom jintużaw biex jiġu salvati persuni feruti, biex tissejjaħ l-għajnuna jew biex jiġu salvati persuni li jinqabdu fil-makkinarju – ara §236: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.14.

L-istruzzjonijiet għandhom jiddeskrivu wkoll il-metodu li għandu jiġi segwit f'każ ta' imblukkaġġ tal-Partijiet li jiċċaqilqu u jispjegaw l-użu ta' kwalunkwe apparat protettiv speċjali jew għodod ipprovduti għal dak il-għan – ara §212: kummenti dwar is-sezzjoni 1.3.7.

1.7.4.2 Kontenut tal-istruzzjonijiet (ikompli)

. . .

r) id-deskrizzjoni tal-operazzjonijiet tal-aġġustament u l-manutenzjoni li għandhom isiru mill-utent u l-miżuri ta' manutenzjoni preventivi li għandhom ikunu osservati;

s) l-istruzzjonijiet maħsuba sabiex l-aġġustament u l-manutenzjoni jkunu jistgħu jsiru bla periklu, inkluż il-miżuri protettivi li għandhom jittieħdu matul dawn l-operazzjonijiet;

t) l-ispeċifikazzjonijiet tal-partijiet ta' rikambju li għandhom jintużaw, meta dawn jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà tal-operaturi;

. . .

§272 Aġġustament, manutenzjoni u partijiet ta' rikambju

Is-sezzjoni 1.7.4.2 (r) titlob li l-fabbrikant jiddeskrivi l-operazzjonijiet ta' aġġustament u manutenzjoni li għandhom jitwettqu mill-utent.

B'mod partikolari, l-istruzzjonijiet għandhom jispeċifikaw l-operazzjonijiet ta' aġġustament u manutenzjoni li għandhom jitwettqu u jindikaw il-frekwenza tagħhom. L-istruzzjonijiet għandhom jelenkaw l-elementi jew il-partijiet tal-makkinarju li għandhom jiġu ċċekkjati regolarment sabiex jiġu osservati l-użu eċċessiv, il-perjodiċità ta' dawn il-kontrolli (f'termini tat-tul tal-użu jew in-numru ta' ċikli), in-natura tal-ispezzjonijiet jew it-testijiet meħtieġa u t-tagħmir li għandu jintuża. Għandhom jingħataw kriterji għat-tiswija jew it-tibdil ta' partijiet mikula bl-użu – ara §207: kummenti dwar is-sezzjoni 1.3.2.

Is-sezzjoni 1.7.4.2 (s) hija marbuta mar-rekwiżiti stipulati fis-sezzjonijiet 1.6.1 sa 1.6.5 relatati mal-manutenzjoni. L-istruzzjonijiet għandhom jispeċifikaw il-metodi u l-proċeduri neċessarji li għandhom jiġu segwiti sabiex jiġi żgurat li l-operazzjonijiet ta' aġġustament u manutenzjoni jkunu jistgħu jitwettqu mingħajr periklu. Il-miżuri

protettivi u l-prekawzjonijiet xierqa li għandhom jittieħdu matul l-operazzjonijiet ta' manutenzjoni għandhom jiġu indikati. L-istruzzjonijiet għandhom jinkludu, kif xieraq:

- informazzjoni dwar l-iżolament ta' sorsi tal-enerġija, l-illokkjar tal-iżolatur, id-dissipazzjoni ta' enerġiji residwi u l-verifikazzjoni tal-istat mingħajr periklu tal-makkinarju – ara §241: kummenti dwar is-sezzjoni 1.6.3;
- miżuri biex tiġi żgurata s-sigurtà għall-operazzjonijiet ta' manutenzjoni li għandhom jitwettqu waqt li l-makkinarju jkun qiegħed jaħdem;
- il-metodi li għandhom jintużaw għat-tneħħija jew it-tibdil mingħajr periklu tal-komponenti - ara §239: kummenti dwar is-sezzjoni 1.6.1;
- il-prekawzjonijiet li jridu jittieħdu waqt it-tindif tal-partijiet ta' ġewwa li jkun fihom sustanzi perikoluż – ara §243: kummenti dwar is-sezzjoni 1.6.5;
- il-mezzi ta' aċċess li jridu jintużaw għal tiswijiet eċċezzjonali – ara §240: kummenti dwar is-sezzjoni 1.6.2.

Is-sezzjoni 1.7.4.2 (t) tirreferi għall-informazzjoni dwar il-partijiet ta' rikambju. B'mod ġenerali, il-provvista tal-partijiet ta' rikambju mhijiex koperta mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Makkinarju u għalhekk hija kwistjoni għal ftehim kuntrattwali bejn il-fabbrikant u l-utent. Madankollu, meta jkun meħtieġ li jinbidlu l-partijiet soġġetti għal xedd u kedd sabiex tiġi protetta s-saħħa u s-sigurtà tal-utenti, l-ispeċifikazzjonijiet tal-partijiet ta' rikambju xierqa għandhom jingħataw fl-istruzzjonijiet. Eżempji ta' tali partijiet ta' rikambju jinkludu:

- mezzi ta' lqugħ għal mezzi ta' trasmissjoni mekkanika li jistgħu jinqalgħu – ara §319: kummenti dwar is-sezzjoni 3.4.7;
- mezzi ta' lqugħ flessibbli soġġetti għal xedd u kedd – ara §216: kummenti dwar is-sezzjoni 1.4.1;
- filters għal sistemi li jipprovdu arja nadifa għall-pożizzjonijiet tat-tħaddim – ara §182: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.7, u §322: kummenti dwar is-sezzjoni 3.5.3;
- komponenti għall-felħan tat-tagħbija fuq makkinarju tal-irfigħ – ara §340 u §341: kummenti dwar is-sezzjonijiet 4.1.2.4 u 4.1.2.5;
- mezzi ta' lqugħ u s-sistemi tal-iffissar tagħhom li jintużaw għaż-żamma ta' oġġetti jew partijiet tal-makkinarju li jintefgħu 'l barra – ara §216: kummenti dwar is-sezzjoni 1.4.1.

1.7.4.2 Kontenut tal-istruzzjonijiet (ikompli)

. . .

u) l-informazzjoni li ġejja dwar l-emissjonijiet tal-ħoss fl-ajru:

- *il-livell tal-pressjoni tal-ħoss tal-emissjoni A-weighted fil-postijiet tax-xogħol, fejn dan jaqbeż is-seba'0 dB(a); fejn dan il-livell ma jaqbiżx is-seba'0 dB(a), dan il-fatt għandu jiġi indikat,*
- *l-ogħla valur tal-emissjoni tal-pressjoni tal-ħoss instantanju C-weighted fil-postijiet tax-xogħol, fejn din taqbeż it-63 Pa (130 dB f'relazzjoni ma' 20 μPa),*
- *il-livell tal-qawwa tal-ħoss A-weighted emess mill-makkinarju, fejn il-livell tal-pressjoni tal-ħoss emess A-weighted fil-postijiet tax-xogħol jaqbeż it-tmien0 dB(a).*

Dawn il-valuri għandhom ikunu jew dawk attwalment imkejla għal dan il-makkinarju jew dawk stabbiliti fuq il-bażi tal-kejl li jittieħed minn makkinarju teknikament komparabbli li huwa rappreżentattiv tal-makkinarju li għandu jkun magħmul.

Fil-każ ta' makkinarju kbir ħafna, minflok il-livell tal-qawwa tal-ħoss A-weighted, jistgħu jiġu indikati l-livelli tal-pressjoni tal-ħoss tal-emissjoni A-weighted f'postijiet speċifikati madwar il-makkinarju.

Fejn ma jkunux applikati l-istandards armonizzati, il-livelli tal-ħoss għandhom jiġu mkejla bl-użu tal-metodu l-iktar xieraq għall-makkinarju. Kull meta l-valuri tal-emissjoni tal-ħoss ikunu murija l-inċertezzi madwar dawn il-valuri għandhom ikunu speċifikati. Għandha tingħata deskrizzjoni tal-kondizzjonijiet tal-ħidma tal-makkinarju matul il-kejl u l-metodi li jkunu ġew użati għall-kejl.

Fejn il-post(ijiet) tax-xogħol mhumiex jew ma jistgħux jiġu definiti, il-livelli tal-pressjoni tal-ħoss A-weighted għandhom jiġu mkejla f'distanza ta' metru mill-wiċċ tal-makkinarju u f'għoli ta' 1.6 metru mill-art jew mill-pjattaforma tal-aċċess. Il-pożizzjoni u l-valur tal-pressjoni massima tal-ħoss għandhom jiġu indikati.

Fejn Direttivi Komunitarji speċifiċi jistabbilixxu rekwiżiti oħra għall-kejl tal-livelli tal-pressjoni tal-ħoss jew livelli tal-qawwa tal-ħoss, dawk id-Direttivi għandhom ikunu applikati u d-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' din is-Is-sezzjoni ma għandhomx japplikaw;

. . .

§273 Id-dikjarazzjoni dwar l-emissjoni ta' storbju

Is-sezzjoni 1.7.4.2 (u) tistabbilixxi l-informazzjoni dwar l-emissjoni ta' storbju fl-arja li għandha tiġi ddikjarata f'dik li bħalissa tissejjaħ id-dikjarazzjoni dwar l-emissjoni ta' storbju. Din id-dikjarazzjoni għandha żewġ għanijiet prinċipali:

- li tassisti lill-utenti fl-għażla ta' makkinarju b'emissjoni ta' storbju mnaqqsa;
- li tipprovdi informazzjoni utli għall-istima tar-riskju li trid titwettaq mill-impjegatur skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw l-Artikolu 4 tad-

Direttiva 2003/10/KE dwar l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu mill-storbju.[175]

F'dan ir-rigward, irid jiġi mfakkar li d-dikjarazzjoni tal-fabbrikant dwar l-emissjoni ta' storbju tipprovdi biss informazzjoni dwar il-kontribut tal-makkinarju nnifsu għall-istorbju fil-post tax-xogħol. Il-livell tal-espożizzjoni tal-ħaddiema ma jistax jiġi kkalkulat sempliċement mid-dikjarazzjoni tal-fabbrikant tal-makkinarju dwar l-emissjoni ta' storbju, billi l-espożizzjoni tal-operaturi hija influwenzata wkoll minn fatturi oħra – ara §229: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.8.

L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fid-dikjarazzjoni dwar l-emissjoni ta' storbju tinkludi tliet kwantitajiet differenti ta' emissjoni ta' storbju:

a) Il-livell tal-pressjoni tal-ħoss tal-emissjoni A-weighted, L_{pA}, prodott mill-makkinarju fil-post tax-xogħol tiegħu. Din hija l-medja tal-livell tal-pressjoni tal-ħoss A-weighted fuq żmien speċifiku, rappreżentattiv ta' ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-makkinarju. Billi huwa valur ta' emissjoni, huwa jeskludi kontribuzzjonijiet mill-ambjent tal-makkinarju bħalma huma r-riflessi tal-istorbju mill-ħitan jew l-storbju minn sorsi oħra fuq il-post tax-xogħol.

   Din il-kwantità trid tiġi determinata permezz ta' kejl għall-makkinarju bl-użu ta' kodiċi tat-test xieraq, sew jekk il-makkinarju jitqies bħala storbjuż kif ukoll jekk le. Jekk il-valur imkejjel ma jaqbiżx is-seba'0 dB(a), l-istruzzjonijiet iridu jiddikjaraw dan. Jekk il-valur imkejjel jaqbeż is-seba'0 dB(a), il-valur imkejjel irid jiġi ddikjarat fl-istruzzjonijiet.

b) L-ogħla valur tal-pressjoni tal-ħoss istantanju C-weighted, magħruf ukoll bħala l-ogħla livell tal-pressjoni tal-ħoss C-weighted, L_{pCpeak}. Dan huwa l-valur massimu milħuq mill-pressjoni tal-ħoss C-weighted fuq perjodu speċifiku rappreżentattiv ta' ċiklu tal-ħajja komplet tal-magna.

   Dan il-valur huwa rilevanti għal makkinarju li jarmi storbju impulsiv ħafna. Huwa jrid jiġi indikat fl-istruzzjonijiet biss jekk il-valur imkejjel jaqbeż it-63 Pa (130 dB meta mqabbel ma' 20 µPa).

c) Il-livell tal-qawwa tal-ħoss A-weighted, L_{WA}. Din il-kwantità tirrappreżenta l-enerġija tal-ħoss fl-arja rradjata mill-magna fl-ispazju u għalhekk tikkaratterizza l-magna bħala sors ta' storbju. Din hija l-iżjed kwantità importanti ta' emissjoni ta' storbju u hija indipendenti mill-ambjent li fih tkun qiegħda l-magna.

   Billi l-kejl tal-L_{WA} jista' jkun biċċa xogħol kumplessa, dan il-valur għandu jiġi mkejjel u ddikjarat fl-istruzzjonijiet biss jekk il-L_{pA} f'xi wieħed mill-postijiet tax-xogħol jaqbeż it-tmien0 dB(a).

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 1.7.4.2 (u) jimplika li, fil-każ ta' produzzjoni ta' serje, l-ittestjar jista' jsir fuq kampjun rappreżentattiv ta' makkinarju teknikament komparabbli. Fil-każ ta' produzzjoni unika, il-fabbrikant irid jistabbilixxi permezz ta' kejl, l-emissjoni ta' storbju għal kull element tal-makkinarju pprovdut.

[175] Direttiva 2003/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Frar 2003 dwar il-ħtiġiet minimi ta' saħħa u sigurtà li jirrigwardaw l-esposizzjoni ta' ħaddiema għal riskji li jirriżultaw minn aġenti fiżiċi (ħoss) (Is-Sbatax-il Direttiva individwali skond it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) – ĠU L 42 15.2.2003, p. 38 – ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 4 (6) (f).

It-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.7.4.2 (u) jittratta l-każ ta' makkinarju kbir ħafna li għalih l-istabbiliment tal-livell tal-qawwa tal-ħoss, L_{WA}, jista' jkun kumpless ħafna. Sabiex jiġi stabbilit jekk kategorija partikolari ta' makkinarju għandhiex titqies bħala kbira ħafna, għandhom jiġu kkunsidrati kemm id-distribuzzjoni kif ukoll id-direttività tas-sorsi ta' ħoss fuq il-makkinarju u l-isforz meħtieġ sabiex jiġi determinat il-livell tal-qawwa tal-ħoss, L_{WA}. Il-kwistjoni jekk kategorija partikolari ta' makkinarju għandhiex titqies bħala kbira ħafna għandha tiġi indikata fil-kodiċi tat-test rilevanti tal-istorbju. Għal makkinarju kbir bħal dan, id-dikjarazzjoni tal-L_{WA} tista' tiġi sostitwita b'dikjarazzjoni tal-pressjoni tal-ħoss tal-emissjoni, L_{pA}, f'postijiet speċifikati madwar il-makkinarju.

Ir-raba' paragrafu tas-sezzjoni 1.7.4.2 (u) tirrigwarda l-metodi li għandhom jintużaw għall-kejl tal-emissjoni ta' storbju. Il-kondizzjonijiet tat-tħaddim għandhom influwenza qawwija fuq l-emissjoni ta' storbju. Il-kejl tal-emissjoni ta' storbju għalhekk għandu jitwettaq f'kundizzjonijiet li jkunu riproduċibbli u rappreżentattivi tal-kundizzjonijiet prevedibbli ta' użu tal-makkinarju. Fejn kodiċi tat-test speċifikat fi standard armonizzat jindika l-kondizzjonijiet tat-tħaddim li fihom irid isir il-kejl, referenza għall-istandard armonizzat hija biżżejjed biex tindika l-kondizzjonijiet tat-tħaddim u l-metodi ta' kejl użati. Meta jintużaw metodi oħra ta' ttestjar, il-kondizzjonijiet tat-tħaddim u l-metodi ta' kejl użati jridu jiġu indikati fid-dikjarazzjoni dwar l-emissjoni ta' storbju.

Ir-raba' paragrafu tas-sezzjoni 1.7.4.2 (u) jitlob ukoll li l-inċertezzi dwar il-valuri mkejla jiġu speċifikati fid-dikjarazzjoni dwar l-emissjoni ta' storbju. L-għarfien tekniku preżenti ma jippermettix li tiġi determinata l-inċertezza assoċjata mal-kejl tal-valuri L_{pCpeak}. Gwida dwar kif tiġi determinata l-inċertezza assoċjata mal-kejl tal-L_{pA} fil-postijiet tax-xogħol u l-L_{WA} għandha tiġi mogħtija fil-kodiċijiet ta' ttestjar rilevanti.

Il-ħames paragrafu tas-sezzjoni 1.7.4.2 (u) jispjega kif għandu jiġi determinat permezz ta' kejl, il-livell ta' pressjoni tal-ħoss tal-emissjoni, L_{pA}, f'postijiet tax-xogħol għal makkinarju fejn l-operaturi ma jokkupawx postijiet tax-xogħol definiti sewwa. Jekk jintuża l-metodu stipulat f'dan il-paragrafu, id-dikjarazzjoni dwar l-emissjoni ta' storbju trid tindika fejn tkejlu l-valuri L_{pA}.

L-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 1.7.4.2 (u) jirreferi għad-Direttiva dwar it-tagħmir għall-użu fuq barra 2000/14/KE.[176] Għall-makkinarju li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, tapplika d-Direttiva dwar it-tagħmir għall-użu fuq barra, flimkien mad-Direttiva dwar il-Makkinarju, fir-rigward tal-emissjonijiet ta' storbju fl-ambjent – ara §92: kummenti dwar l-Artikolu 3.

Id-Direttiva dwar it-tagħmir għall-użu fuq barra titlob li t-tagħmir li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha jkollu mmarkar, li jakkumpanja l-marka CE, li jindika l-livell iggarantit ta' qawwa tal-ħoss (li huwa l-valur tal-livell ta' qawwa tal-ħoss imkejjel skont il-metodu stipulat fl-Anness III tad-Direttiva, flimkien mal-valur tal-inċertezzi minħabba varjazzjoni fil-produzzjoni u l-proċeduri tal-kejl).

L-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 1.7.4.2 (u) ifisser li, għal makkinarju fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar it-tagħmir għall-użu fuq barra, it-tielet valur li għandu jiġi indikat fid-dikjarazzjoni dwar l-emissjoni ta' storbju fl-istruzzjonijiet huwa l-livell

[176] Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewpopew u l-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra – *ĠU L 162, 03/07/2000, p. 1.*

iggarantit ta' qawwa tal-ħoss pjuttost milli l-livell imkejjel tal-qawwa tal-ħoss, L_{WA}. Madankollu, ir-rekwiżiti stipulati fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.7.4.2 (u) fir-rigward tal-livell tal-pressjoni tal-ħoss tal-emissjoni A-weighted, L_{pA}, u l-ogħla livell tal-pressjoni tal-ħoss C-weighted, L_{pCpeak}, jibqgħu applikabbli għal tali makkinarju.

1.7.4.2 Kontenut tal-istruzzjonijiet (ikompli)

. . .

1. *fejn il-makkinarju x'aktarx ser jitfa' radjazzjoni mhux jonizzanti li tista' tikkawża ħsara lill-persuni, b'mod partikolari lill-persuni b'apparat mediku li jiġi impjantat fil-ġisem li huwa attiv jew le, l-informazzjoni dwar ir-radjazzjoni emessa għall-operatur u l-persuni esposti.*

§274 Apparat mediku li jiġi impjantat fil-ġisem

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.7.4.2 (v) jittratta l-każ partikolari ta' riskju residwu minħabba radjazzjoni mhux jonizzanti – ara §232: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.10. Għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar in-natura ta' tali emissjoni ta' radjazzjoni, b'mod partikolari jekk din tkun probabbli li taffettwa l-funzjonament ta' apparat mediku li jiġi impjantat fil-ġisem.

1.7.4.3 Ktieb ta' informazzjoni tal-bejgħ

Kull ktieb ta' informazzjoni tal-bejgħ li tiddeskrivi l-makkinarju ma għandhux jikkontradixxi l-istruzzjonijiet rigward tal-aspetti tas-saħħa u tas-sigurtà. Il-letteratura tal-bejgħ li tiddeskrivi l-karatteristiċi tat-twettieq tax-xogħol mill-makkinarju għandu jkollha l-istess informazzjoni dwar l-emissjonijiet kif hemm fl-istruzzjonijiet.

§275 Kotba ta' informazzjoni tal-bejgħ

Filwaqt li l-istruzzjonijiet ipprovduti mal-makkinarju huma intiżi primarjament sabiex jassiguraw l-użu mingħajr periklu tal-makkinarju, il-kotba ta' informazzjoni tal-bejgħ għandhom funzjoni prinċipalment kummerċjali. Madankollu s-sezzjoni 1.7.4.3 titlob li l-istruzzjonijiet u d-dokumenti kummerċjali relatati mal-makkinarju jkunu konsistenti. Dan huwa partikolarment importanti fir-rigward tal-użu intiż tal-makkinarju msemmi fis-sezzjoni 1.7.4.2 (g), billi l-utenti huma probabbli li jagħżlu makkinarju għall-iskopijiet tagħhom fuq il-bażi tal-kotba ta' informazzjoni tal-bejgħ.

It-tieni sentenza tas-sezzjoni 1.7.4.3 hija intiża biex tgħin lill-utenti jagħżlu makkinarju b'livelli mnaqqsa ta' emissjonijiet ta' storbju, vibrazzjonijiet, radjazzjoni li tagħmel ħsara jew sustanzi perikoluż. B'mod partikolari, il-valuri inklużi fid-dikjarazzjoni dwar l-emissjoni ta' storbju mitluba mis-sezzjoni 1.7.4.2 (u) u l-informazzjoni dwar il-vibrazzjonijiet mitluba mis-sezzjonijiet 2.2.1.1 u 3.6.3.1 iridu jiġu inklużi fid-dokumenti kummerċjali li jagħtu l-karatteristiċi tal-prestazzjoni tal-makkinarju. Bosta fuljetti jew katalgi tal-bejgħ jinkludu sezzjoni jew tabella li tagħti l-karatteristiċi prinċipali tal-prestazzjoni tal-makkinarju, bħas-saħħa, il-veloċità, il-kapaċità, ir-rata ta' produzzjoni u l-bqija, sabiex il-klijenti potenzjali jkunu jistgħu jagħżlu makkinarju adatt għall-ħtiġijiet tagħhom. Din is-sezzjoni hija l-post adatt sabiex tiġi inkluża l-informazzjoni meħtieġa dwar l-emissjonijiet.

2. REKWIŻITI ESSENZJALI SUPPLIMENTARI GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ GĦAL ĊERTI KATEGORIJI TA' MAKKINARJU

Il-makkinarju għall-oġġetti tal-ikel, il-makkinarju għall-prodotti kosmetiċi jew farmaċewtiċi, li jinżammu bl-idejn u/jew igwidati bl-idejn, makkinarju għat-tiswijiet li jista' jingarr u makkinarju ieħor ta' impatt, u makkinarju għax-xogħol fl-injam u materjal b'karatteristiċi fiżiċi simili għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà essenzjali kollha spjegati f'dan il-Kapitolu (ara Prinċipji Ġenerali, il-punt 4).

§276 Rekwiżiti supplimentari għal ċerti kategoriji ta' makkinarju

Il-Parti 2 tal-Anness I tistabbilixxi EHSRs supplimentari għal erba' kategoriji speċifiċi ta' makkinarju. Dawn japplikaw għal tali makkinarju minbarra r-rekwiżiti relevant tal-Parti 1 tal-Anness I u, fejn applikabbli, tal-Partijiet l-oħrajn tal-Anness I – ara §163: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 4.

2.1. IL-MAKKINARJU GĦALL-OĠĠETTI TA' L-IKEL U L-MAKKINARJU GĦALL-PRODOTTI KOSMETIĊI JEW FARMAĊEWTIĊI

2.1.1. Ġenerali

Il-makkinarju intiż għall-użu ma' oġġetti tal-ikel jew ma' prodotti kosmetiċi jew farmaċewtiċi għandu jkun ddisinnjat u mibni b'mod li jevita kwalunkwe riskju ta' infezzjoni, mard jew kontaġju.

Għandhom jiġu osservati dawn ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-materjali f'kuntatt ma', jew li huma maħsuba li jiġu f'kuntatt, mal-oġġetti tal-ikel jew prodotti kosmetiċi jew farmaċewtiċi għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fid-Direttivi relevanti. Il-makkinarju għandu jkun iddisinnjat u mibni b'mod li dawn il-materjali jistgħu jitnaddfu minn qabel kull użu. Fejn dan mhux possibbli, għandhom jintużaw partijiet li jistgħu jintremew;

(b) l-uċuh kollha f'kuntatt mal-oġġetti tal-ikel jew prodotti kosmetiċi jew farmaċewtiċi, minbarra l-uċuh ta' partijiet li jistgħu jintremew, għandhom:

- *jkunu lixxi u mingħajr xfur u lanqas xquq li jistgħu jżommu materjali organiċi. Dan japplika wkoll għal fejn jingħaqdu,*
- *jkunu ddisinnjati u mibnija hekk li jnaqqsu x-xtur, it-truf u l-irkejjen tal-muntaturi għall-minimu,*
- *jitnaddfu u jiġu diżinfettati bla xkiel, fejn ikun hemm bżonn wara li jitneħħew il-partijiet żmuntati; l-uċuh ta' ġewwa għandhu jkollhom kurvi ta' raġġ biżżejjed li jippermettu tindif bir-reqqa;*

(c) għandu jkun possibbli li l-likwidi, gassijiet u ajrusol li joħorġu mill-oġġetti tal-ikel, prodotti farmaċewtiċi jew kosmetiċi kif ukoll il-fluwidi tat-tindif, tad-diżinfettar u tat-tlaħliħ għandhom ikunu jistgħu jitneħħew mill-magna mingħajr xkiel (possibilment

f'pożizzjoni "għat-tindif");

(d) il-makkinarju għandu jkun hekk iddisinnjat u mibni b'mod li jimpedixxi kull sustanzi jew kreaturi ħajjin, b'mod partikolari l-insetti, milli jidħlu, jew kull materjal organiku milli jakkumula f'żoni li ma jistgħux jitnaddfu;

(e) il-makkinarju għandu jkun iddisinnjat u mibni b'mod li l-ebda sustanza anċillari perikoluża għas-saħħa, inkluż il-lubrikanti użati, ma jkunu jistgħu jmissu mall-oġġetti tal-ikel, prodotti kosmetiċi jew farmaċewtiċi. Fejn meħtieġ, il-makkinarju għandu jkun iddisinnjat u mibni hekk li tkun tista' tiġi kontrollata l-konformità kontinwa ma' din il-ħtieġa.

2.1.2. Struzzjonijiet

L-istruzzjonijiet għall-makkinarju għall-oġġetti tal-ikel u l-makkinarju għall-użu mal-prodotti kosmetiċi u farmaċewtiċi għandhom jindikaw il-prodotti rrakkommandati u l-metodi tat-tindif, tad-diżinfettar u tat-tlaħliħ, mhux biss għaż-żoni li jkunu aċċessibbli bla xkiel imma wkoll għaż-żoni fejn l-aċċess ikun impossibbli jew mhux rakkommandat.

§277 Rekwiżiti ta' iġjene għal makkinarju intiż għal użu ma' oġġetti tal-ikel jew ma' prodotti kożmetiċi jew farmaċewtiċi

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 2.1 japplikaw għal makkinarju intiż għal użu ma' oġġetti tal-ikel jew ma' prodotti kożmetiċi jew farmaċewtiċi. Ir-rekwiżiti japplikaw kemm jekk l-oġġetti tal-ikel jew prodotti kkonċernati jkunu għal konsum mill-bniedem kif ukoll mill-annimali. Il-makkinarju kkonċernat jinkludi, pereżempju, makkinarju għall-fabbrikazzjoni, preparazzjoni, tisjir, ipproċessar, tkessiħ, immaniġġjar, ħażna, trasport, kundizzjonament, ippakkjar u distribuzzjoni ta' oġġetti tal-ikel, kożmetiċi u prodotti farmaċewtiċi.

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 2.1.1 (a) sa (e) għandhom l-għan li jevitaw kwalunkwe kontaġju perikoluż tal-oġġetti tal-ikel, prodotti kożmetiċi jew farmaċewtiċi mill-materjali użati sabiex jiffurmaw il-makkinarju, mill-ambjent tal-makkinarju jew mis-sustanzi anċillari użati mal-makkinarju.

Dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu applikati flimkien mal-EHSRs stipulati fis-sezzjoni 1.1.3 relatata ma' materjali u prodotti, is-sezzjoni 1.5.13 relatata mal-emissjonijiet ta' materjali u sustanzi perikolużi, u s-sezzjoni 1.6 relatata mal-manutenzjoni.

Is-sezzjoni 2.1.1 (a) tittratta l-materjali kostitwenti tal-makkinarju li jkunu intiżi biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel, prodotti kożmetiċi jew farmaċewtiċi.

Id-*'Direttivi relevanti'* msemmija fis-sezzjoni 2.1.1 (a) jinkludu:

– Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004[177] materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel;

[177] Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE – ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4. Skont l-Artikolu 26 tar-Regolament, ir-referenzi għad-DIrettivi mħassra għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għar-Regolament (KE) Nru 1935/2004.

- Id-Direttiva 84/500/KEE[178] dwar id-dikjarazzjoni ta' konformità u l-kriterju ta' rendiment tal-metodu analitiku għall-oġġetti taċ-ċeramika intenzjonati li jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel;
- Id-Direttiva 2002/72/KE[179] dwar materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel.

Fejn il-materjali intiżi li jkunu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel inkorporati fil-makkinarju jkunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni miktuba (bħad-Dikjarazzjoni ta' konformità prevista mill-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004), dik id-dikjarazzjoni trid tiġi inkluża fil-fajl tekniku għall-makkinarju skont id-disa' inċiż tal-Anness VII A 1 (a). Jekk dan ma jkunx il-każ, il-fabbrikant tal-makkinarju jrid jiddokumenta l-adegwatezza tal-materjali kkonċernati fil-fajl tekniku għall-makkinarju.

Is-sezzjonijiet 2.1.1 (b) u (c) jitolbu li l-makkinarju jkun iddisinjat u mibni b'mod li jiffaċilita t-tindif sħiħ u komplet u li jippermetti li s-sustanzi li jistgħu jikkontaminaw l-oġġetti tal-ikel, prodotti kożmetiċi jew farmaċewtiċi, bħal, pereżempju, skart, prodotti tat-tindif, diżinfettanti jew prodotti tat-tlaħliħ, jitneħħew jew jiġu mbattla għal kollox. Meta jintużaw pajpijiet jew manek biex iwasslu oġġetti tal-ikel, prodotti kożmetiċi jew farmaċewtiċi, dawn jistgħu jkunu mqabbda permezz ta' kamini ta' vit, bil-kundizzjoni li l-kamini jkunu iżolati mill-fluss tal-prodott, pereżempju, permezz ta' siġilli jew ħoloq xierqa, sabiex ma jkunux f'kuntatt dirett mal-prodott li jkun qed jiġi pproċessat.

Is-sezzjoni 2.1.1 (d) titlob li l-makkinarju jkun iddisinjat u mibni b'mod li jevita kontaminanti mill-ambjent tal-makkinarju bħal trab jew griż, jew kreaturi ħajjin bħal insetti, milli jidħlu f'partijiet tal-makkinarju li ma jistgħux jitnaddfu, u li jevita kwalunkwe materja organika milli takkumula f'dawn il-partijiet.

Is-sezzjoni 2.1.1 (e) titlob li l-makkinarju jkun iddisinjat u mibni b'mod li jimpedixxi s-sustanzi anċillari li jintużaw mal-makkinarju bħal, pereżempju, lubrikanti jew fluwidi idrawliċi, milli jikkontaminaw l-oġġetti tal-ikel, prodotti kożmetiċi jew farmaċewtiċi.

Ir-rekwiżiti stipulat fis-sezzjoni 2.1.2 huma kumplimentari għar-rekwiżiti ġenerali relatati mal-istruzzjonijiet mogħtija fis-sezzjoni 1.7.4.

Is-sezzjoni 2.1.2 titlob li l-fabbrikant tal-makkinarju jispeċifika l-metodi xierqa ta' tindif, fosthom metodi għat-tindif ta' spazji li normalment ma jkunux aċċessibbli jew li l-aċċess għalihom jista' jkun perikoluż. Huwa jrid jispeċifika wkoll il-prodotti li għandhom jintużaw għat-tindif. Il-fabbrikant tal-makkinarju m'għandux jispeċifika ismijiet partikolari ta' prodotti tat-tindif, iżda jrid jispeċifika l-karatteristiċi rilevanti tal-prodotti li jridu jintużaw, b'mod partikolari, fir-rigward tar-reżistenza kimika u mekkanika tal-materjali kostitwenti tal-makkinarju. Jekk ikun meħtieġ, iridu jingħataw twissijiet kontra l-użu ta' prodotti tat-tindif li ma jkunux adattati.

Speċifikazzjonijiet ġenerali għar-rekwiżiti ta' iġjene għal makkinarju huma mogħtija fl-istandard EN ISO 14159.[180] Speċifikazzjonijiet għal rekwiżiti ta' iġjene għal makkinarju li jipproċessa l-ikel huma mogħtija fl-istandard EN 1672-2.[181]

---

[178] Direttiva tal-Kummissjoni 2005/31/KE tad- 29 ta' April 2005 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/500/KEE dwar id-dikjarazzjoni ta' konformità u l-kriterju ta' rendiment tal-metodu analitiku għall-oġġetti taċ-ċeramika intenzjonati li jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel - ĠU L 277, 20.10.1984, p. 12.

[179] Direttiva tal-Kummissjoni 2002/72/KE tas-6 ta' Awissu 2002 dwar materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba sabiex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel – ĠU L 220, 15.8.2002, p. 18.

2.2. MAKKINARJU LI JINĠARR BL-IDEJN LI JINŻAMM FL-IDEJN U/JEW JIĠI GGWIDAT BL-IDEJN

2.2.1. Ġenerali

Il-makkinarju li jinġarr li jinżamm fl-idejn u/jew li jiġi gwidat bl-idejn għandu:

- *skont it-tip tal-makkinarju, għandu jkollu wiċċ ta' rfid ta' daqs biżżejjed u jkollu numru biżżejjed ta' pumi u tweżin ta' daqs xieraq, irranġati b'mod li jiżguraw l-istabbilità tal-makkinarju fil-kondizzjonijiet ta' tħaddim previsti,*
- *għajr fejn ikun teknikament impossibbli, jew fejn ikun hemm mezz ta' kontroll indipendenti, fil-każ ta' manki li ma jistax jitħalla f'sigurtà sħiħa, għandu jkun mgħammar b'mezzi ta' kontrolli manwali ta' startjar u waqfien irranġati hekk li l-operatur ikun jista' jħaddimhom mingħajr ma jħalli l-manku,*
- *ma jippreżentax riskji ta' startjar aċċidentali u/jew tħaddim kontinwu wara li l-operatur ikun ħalla l-manku. Għandhom jittieħdu passi ekwivalenti jekk din il-ħtieġa ma tkunx teknikament possibbli,*
- *iħalli, fejn neċessarju, kontroll viżiv taż-żona ta' periklu u tal-azzjoni tal-għodda mal-materjal li jkun qiegħed jiġi pproċessat.*

Il-pumi tal-makkinarju li jinġarr għandhom ikunu ddisinnjati u mibdnija b'tali mod li jagħmlu l-istartjar u l-waqfien sempliċi.

§278 Rekwiżiti supplimentari għal makkinarju li jinġarr miżmum fl-idejn u/jew iggwidat bl-idejn

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 2.2.1 japplikaw għal makkinarju li jinġarr miżmum fl-idejn u makkinarju li jinġarr iggwidat bl-idejn.

Il-makkinarju li jinġarr miżmum fl-idejn huwa makkinarju li jinġarr mill-operatur waqt l-użu (bi jew mingħajr l-għajnuna ta' armatura).

Il-makkinarju li jinġarr iggwidat bl-idejn huwa makkinarju li jinġarr, li l-piż tiegħu jkun kompletament jew parzjalment sostnut, pereżempju, fuq bank tax-xogħol, fuq il-materjal jew biċċa li tkun qiegħda tinħadem, mal-art jew fuq il-paviment, li l-moviment tiegħu jkun iggwidat b'idejn l-operatur waqt l-użu.

Il-kategoriji ta' makkinarju kkonċernati jinkludu, pereżempju, għodod li jinġarru miżmuma fl-idejn jew għodod li jinġarru ggwidati bl-idejn u li jitħaddmu bid-dawl, makkinarju għall-ġnien u għall-foresti. Il-makkinarju li jinġarr jinkludi makkinarju mħaddem b'mutur elettriku mqabbad mal-mejn jew li jaħdem bil-batteriji, makkinarju li jaħdem b'mod pnewmatiku u makkinarju li jaħdem b'magna ta' kombustjoni interna.

---

[180] EN ISO 14159:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju - Rekwiżiti ta' iġjene għad-disinn ta' makkinarju* (ISO 14159: 2002).

[181] EN 1672-2:2005+A1:2009 - *Magni għall-ipproċessar tal-ikel - Kunċetti bażiċi* - Parti 2: *Rekwiżiti iġjeniċi*.

Ir-rekwiżit stipulat fl-ewwel inċiż tas-sezzjoni 2.2.1 jikkumplimenta r-rekwiżit ġenerali dwar l-istabbiltà stipulati fis-sezzjoni 1.3.1. Ir-rekwiżit għal wiċċ ta' sostenn adegwat japplika, b'mod partikolari, għal makkinarju li jinġarr iggwidat bl-idejn li jkun f'kuntatt ma' bank tax-xogħol, mal-materjal jew il-biċċa li tkun qiegħda tinħadem, mal-art jew il-paviment waqt l-użu.

Fejn id-daqs tiegħu jkun jippermetti, il-makkinarju li jinġarr miżmum fl-idejn u ggwidat bl-idejn irid ikollu mill-anqas żewġ imqabad sabiex tkun tista' tiġi assigurata l-istabbiltà tal-makkinarju waqt l-użu billi l-operatur juża jdejh it-tnejn. L-imqabad għandhom ikunu pożizzjonati u ddisinjati b'mod li jassigura li idejn l-operaturi jinżammu 'l barra miż-żona ta' periklu. Safejn ikun possibbli, il-makkinarju għandu jkun iddisinjat b'mod li jiskoraġġixxi l-użu b'id waħda. Il-pożizzjonar, il-qisien u d-disinn tal-imqabad iridu jqisu l-prinċipji ergonomiċi – ara §181: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.6.

Ir-rekwiżiti stipulati fit-tieni inċiż u fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 2.2.1 huma kumplimentari għar-rekwiżiti ġenerali dwar l-istartjar u t-twaqqif stipulati fis-sezzjonijiet 1.2.3 u 1.2.4.1. B'mod ġenerali, il-makkinarju jrid ikun jista' jiġi startjat u mwaqqaf mingħajr ma jintreħew l-imqabad. Ħafna drabi dawn ir-rekwiżiti jistgħu jiġu ssodisfati, pereżempju, permezz ta' strument ta' kontroll li biex jaħdem irid jingħafas, integrat fl-imqabad.

Ir-rekwiżit stipulat fit-tielet inċiż tas-sezzjoni 2.2.1 jikkumplimenta r-rekwiżit ġenerali stipulat fis-sitt inċiż tas-sezzjoni 1.2.2 dwar mezzi ta' kontroll. Ir-rekwiżit għandu żewġ għanijiet:

- li jimpedixxi l-istartjar aċċidentali tal-makkinarju minħabba kuntatt aċċidentali mal-mezz ta' kontroll tal-istartjar;
- li jassigura li l-makkinarju ma jkomplix jaħem meta jitniżżel jew jekk l-operatur jerħi b'mod aċċidentali l-imqabad.

Sabiex jissodisfa dan ir-rekwiżit, il-mezz ta' kontroll tal-istartjar irid, bħala regola ġenerali, ikun tat-tip li biex jaħdem trid iżżommu magħfus u jkun iddisinjat b'mod li jevita l-għeja bla bżonn waqt l-użu u, jekk ikun hemm bżonn, ikun protett sabiex ma jkunx jista' jiġi attivat b'mod aċċidentali meta l-makkinarju jiġi maqbud, jintrefa', jiċċaqlaq, jew jitniżżel. Fejn ikun għad hemm riskju li l-makkinarju jiġi startjat b'mod aċċidentali, jistgħu jkunu meħtieġa miżuri addizzjonali bħal, pereżempju, it-twaħħil ta' apparat ieħor li jibda jew mezz ta' kontroll tal-istartjar li jkun jeħtieġ żewġ azzjonijiet indipendenti.

Ir-rekwiżit stipulat fl-aħħar inċiż tas-sezzjoni 2.2.1, rigward il-viżibilità taż-żona ta' periklu u tal-azzjoni tal-għodda mal-materjal li jkun qed jiġi pproċessat, għandu l-għan li jassigura li l-operatur ikollu l-mezz biex jassigura kontroll sħiħ fuq it-tħaddim tal-makkinarju.

2.2.1.1. Struzzjonijiet

L-istruzzjonijiet għandhom jagħtu l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-vibrazzjonijiet trasmessi minn makkinarju li jinżamm fl-idejn u li jinġarr u minn makkinarju ggwidat bl-id:

- *il-valur tat-total tal-vibrazzjoni, li għalih is-sistema tal-idejn-dirgħajn (hand-arm) hija suġġetta, jekk dan jaqbeż it-2,5 m/s2. Fejn dan il-valur ma jaqbiżx it-2,5 m/s2, dan għandu jissemma,*
- *l-inċertezza tal-kejl.*

Dawn il-valuri għandhom ikunu jew dawk attwalment imkejla għal dan il-makkinarju jew dawk stabbiliti fuq il-bażi tal-kejl li jittieħed minn makkinarju teknikament komparabbli li huwa rappreżentattiv tal-makkinarju li għandu jkun magħmul.

Fejn ma jkunux applikati standards armonizzati, id-dejta dwar il-vibrazzjoni għandha tiġi mkejla bl-użu tal-kodiċi tal-kejl l-aktar xieraq għall-makkinarju.

Għandhom jingħataw deskrizzjoni tal-kondizzjonijiet tal-ħidma matul il-kejl u l-metodi li jkunu ġew użati għall-kejl, jew ir-referenza għall-istandard armonizzat applikat.

§279 Dikjarazzjoni ta' vibrazzjonijiet trasmessi minn makkinarju li jinġarr li jinżamm fl-idejn u li jiġi ggwidat bl-idejn

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 2.2.1.1 huwa kumplimentari għar-rekwiżiti ġenerali dwar l-istruzzjonijiet mogħtija fis-sezzjoni 1.7.4.

L-ewwel inċiż tal-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 2.2.1.1 jistabbilixxi l-kwantità fiżika fir-rigward tal-vibrazzjonijiet trażmessi minn makkinarju li jinġarr li jinżamm fl-idejn u li jiġi ggwidat bl-idejn għas-sistema tal-idejn-dirgħajn li trid tiġi ddikjarata fl-istruzzjonijiet.

Il-valur imkejjel fuq il-makkinarju jrid jiġi ddikjarat jekk jaqbeż it-2,5 m/s^2. Jekk il-valur imkejjel fuq il-makkinarju ma jaqbiżx dan il-valur, dak il-fatt irid jiġi ddikjarat. Il-vibrazzjonijiet trażmessi mill-makkinarju għalhekk iridu jiġu mkejla mill-fabbrikant tal-makkinarju bl-użu ta' metodu xieraq ta' ttestjar, sakemm ma jkunx ġie stabbilit li, għall-kategorija tal-makkinarju kkonċernata, il-valuri mkejla qatt ma jaqbżu l-limitu ta' hawn fuq – dan jista' jkun iddikjarat fl-istandard tat-tip C għall-kategorija tal-makkinarju kkonċernata.

Id-dikjarazzjoni tal-vibrazzjonijiet trażmessi mill-makkinarju għandha żewġ għanijiet:

- li tgħin lill-utenti jagħżlu makkinarju b'inqas emissjonijiet ta' vibrazzjonijiet;
- li tipprovdi informazzjoni utli għall-istima tar-riskju li trid titwettaq mill-impjegatur skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 2002/44/KE dwar l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu mill-vibrazzjonijiet.[182]

F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li l-livell ta' espożizzjoni tal-ħaddiema għal vibrazzjonijiet ma jistax jiġi kkalkulat sempliċement mid-dikjarazzjoni tal-emissjoni ta'

[182] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/44/KE tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar il-ħtiġijiet minimi tas-saħħa u tas-sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu mill-aġenti fiżiċi (il-vibrazzjoni) (is-sittax-il Direttuva individwali fit-tifsira ta' Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) – ara l-Artikolu 4 (4) (e).

vibrazzjonijiet ipprovduta mill-fabbrikant tal-makkinarju, billi l-espożizzjoni tal-operaturi hija influwenzata wkoll minn fatturi oħra – ara §231: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.9.

It-tieni inċiż tal-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 2.2.1.1 jitlob li tiġi speċifikata l-inċertezza madwar il-valur iddikjarat. Fil-kodiċi ta' ttestjar rilevanti għandha tingħata gwida dwar kif tiġi determinata l-inċertezza assoċjata mal-kejl tal-vibrazzjonijiet trażmessi mill-makkinarju.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 2.2.1.1 jimplika li, fil-każ ta' produzzjoni ta' serje, il-kejl jista' jitwettaq fuq kampjun jew kampjuni rappreżentattivi ta' makkinarju teknikament komparabbli. Fil-każ ta' produzzjoni unika, il-fabbrikant irid ikejjel il-vibrazzjonijiet trażmessi minn kull element tal-makkinarju pprovdut.

It-tielet u l-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 2.2.1.1 jirrigwardaw il-metodi li għandhom jintużaw għall-kejl tal-vibrazzjonijiet. Il-kondizzjonijiet tat-tħaddim għandhom influwenza qawwija fuq il-vibrazzjonijiet trasmessi minn makkinarju. Il-kejl tal-vibrazzjonijiet għalhekk għandu jitwettaq f'kundizzjonijiet rappreżentattivi ta' tħaddim. Fejn il-kodiċi tat-test speċifikat fi standard armonizzat jindika l-kondizzjonijiet tat-tħaddim li fihom irid isir il-kejl, referenza għall-istandard armonizzat hija biżżejjed biex tindika l-kondizzjonijiet tat-tħaddim u l-metodi użati għall-kejl. Meta jintużaw metodi oħra ta' ttestjar, il-kondizzjonijiet tat-tħaddim u l-metodi ta' kejl li jintużaw iridu jiġu indikati fid-Dikjarazzjoni ta' vibrazzjonijiet.

Għandu jiġi osservat li l-valur iddikjarat fl-istruzzjonijiet relatati mal-vibrazzjonijiet iridu jiġu inklużi wkoll fid-dokumenti kummerċjali relatati mal-karatteristiċi tal-prestazzjoni tal-makkinarju – ara §273: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.3.

2.2.2. Tagħmir li jista' jinġarr u makkinarju ieħor ta' impatt

2.2.2.1. Ġenerali

Tagħmir li jista' jinġarr u makkinarju ieħor ta' impatt għandhom ikunu ddisinnjati u mibnija b'tali mod li:

- *l-enerġija hija trasmessa għall-element li jieħu l-impatt mill-komponent intermedjarju li ma jħallix il-mezz,*
- *il-kontroll li jaħdem jevita l-impatt għajr jekk il-makkinarju jkun f'pożizzjoni tajba bi pressjoni adegwati fuq il-materjal tal-bażi,*
- *il-bidu involontarju ma jitħallhiex; fejn ikun neċessarju, sekwenza xierqa tal-azzjonijiet fuq il-mezz li jibda u l-mezz ta' kontroll għandhom jinħtieġu biex jibdew l-impatt,*
- *il-bidu aċċidentali huwa mwaqqaf matul it-tqandil jew f'każ ta' xokk,*
- *l-operazzjonijiet tat-tagħbija u tal-ħatt jistgħu jsiru bla xkiel u bla periklu.*

Fejn ikun neċessarju, għandu jkun possibbli li jitwaħħal il-mezz bi lqugħ għall-iskald u għandu jkun provdut il-mezz ta' lqugħ xieraq mill-fabbrikant tal-makkinarju.

2.2.2.2. Struzzjonijiet

L-istruzzjonijiet għandhom jipprovdu l-informazzjoni neċessarja dwar:

- *l-aċċessorji u t-tagħmir interkambjabbli li jistgħu jintużaw mal-makkinarju,*
- *it-tagħmir adegwat jew elementi li ħadu l-impatt oħra li għandhom jintużaw mal-makkinarju,*
- *fejn ikun jixraq, l-iskratać adattati li għandhom jintużaw.*

§280 Tagħmir li jista' jinġarr u makkinarju ieħor ta' impatt

Is-sezzjoni 2.2.2 tistabbilixxi rekwiżiti supplimentari għal makkinarju li jinġarr intiż biex idaħħal oġġetti li jwaħħlu ħaġa ma' oħra bħal imsiemer, tappini bil-kamin, vajlori jew oġġetti simili f'materjal ta' bażi. Huma japplikaw ukoll għal makkinarju simili ta' impatt intiż għal applikazzjonijiet oħra bħal, pereżempju, makkinarju għall-immarkar iebes ta' materjali permezz ta' ttimbrar jew pistoli bi vleġġa miżmuma għall-isturdament tal-annimali. Ir-rekwiżiti japplikaw għal makkinarju li jaħdem bi skratać esplożivi u għal makkinarju li juża sorsi oħra ta' enerġija bħal makkinarju pnewmatiku, makkinarju li jaħdem bil-molol, makkinarju elettromanjetiku jew makkinarju li jaħdem bil-kombustjoni ta' gass.

L-għan prinċipali tar-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 2.2.2.1 huwa li jiġi evitat ir-riskju ta' korriment serju minħabba l-oġġetti li jwaħħlu ħaġa ma oħra jew ta' elementi oħra li jieħdu l-impatt, jew minħabba skald mill-makkinarju jew mill-materjal ta' bażi, li jolqtu partijiet tal-ġisem tal-operatur jew ta' persuni oħra fil-qrib. Huma jittrattaw ukoll ir-riskji minħabba inċidenti waqt it-tagħbija u l-ħatt.

Ir-rekwiżit stipulat fit-tielet inċiż tas-sezzjoni 2.2.2 1 huwa intiż biex jevita aċċidenti minħabba l-azzjonar mhux f'waqtu ta' impatt. Ġeneralment huwa meħtieġ li jiġi

assigurat li kemm l-istrument li jibda kif ukoll l-istrument ta' kontroll jiġu merħija qabel ma jkun jista' jiġi azzjonat impatt ieħor.

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 2.2.2.2 huma kumplimentari għar-rekwiżiti ġenerali relatati mal-istruzzjonijiet mogħtija fis-sezzjoni 1.7.4.

L-ewwel inċiż tas-sezzjoni 2.2.2.2 huwa rilevanti għal għodod, mezzi ta' salvagwardja bħal mezzi ta' lqugħ kontra l-iskald u għal tagħmir interkambjabbli li jista' jiġi mwaħħal ma' makkinarju għall-iffissar sabiex tiġi modifikata l-funzjoni tiegħu, pereżempju, għall-immarkar iebes ta' materjali.

Id-Direttiva dwar il-Makkinarju ma tapplikax għall-oġġetti li jwaħħlu ħaġa ma' oħra jew elementi oħra li jieħdu l-impatt użati ma' makkinarju għall-iffissar u makkinarju ieħor ta' impatt. Madankollu, it-tieni inċiż tas-sezzjoni 2.2.2.2 jitlob li l-fabbrikant tal-makkinarju jispeċifika l-karatteristiċi rilevanti tal-oġġetti li jwaħħlu ħaġa ma' oħra jew ta' elementi oħra li jieħdu l-impatt li għandhom jintużaw mal-makkinarju sabiex jippermettu lill-utent jagħżel oġġetti li jwaħħlu u elementi oħra li jieħdu l-impatt li jkunu kompatibbli mal-makkinarju u ma jinkisrux fil-kundizzjonijiet speċifikati ta' użu.

It-tielet inċiż tas-sezzjoni 2.2.2.2 japplika għal makkinarju għall-iffissar li jinġarr u makkinarju ieħor ta' impatt li jaħdem permezz ta' skratać esplożivi. Id-Direttiva dwar il-Makkinarju ma tapplikax għall-iskratać li jintużaw ma' tali makkinarju, madankollu l-fabbrikant tal-makkinarju jrid jispeċifika l-karatteristiċi rilevanti tal-iskratać li jistgħu jintużaw mingħajr periklu mal-makkinarju.[183]

Għandu jiġi osservat li l-makkinarju għall-iffissar li jaħdem permezz ta' skratać u li jista' jinġarr u makkinarju ieħor ta' impatt li jaħdem permezz ta' skratać huma inklużi fil-lista stipulata fl-Anness IV (partita 18) ta' kategoriji ta' makkinarju li għalihom għandha tkun applikata waħda mill-proċeduri msemmija fl-Artikolu 12 (3) u (4).

[183] Huwa mistenni li, sal-4 ta' Lulju 2013, skratać splussivi għal makkinarju li jaħdem bl-iskratać għall-iffissar ser ikun soġġett għad-Direttiva 2007/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' Mejju 2007 dwar it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi – ĠU L 154 14.6.2007, p.1.

2.3. MAKKINARJU LI JAĦDEM L-INJAM U MATERJALI B'KARATTERISTIĊI FIŻIĊI SIMILI

Il-makkinarju li jaħdem l-injam u l-makkinarju li jaħdem materjali bil-karatteristiċi fiżiċi simili għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali li ġejjin:

(a) il-makkinarju għandu jiġi ddisinnjat, mibni jew mgħammar b'mod li l-biċċa li tkun qiegħda tiġi maħduma tkun tista' titqiegħed u tiġi ggwidata fis-sigurtà; fejn il-biċċa tinżamm bl-id fuq bank tax-xogħol, dan tal-aħħar għandu jkun stabbli biżżejjed matul ix-xogħol u ma għandux jostakola l-moviment tal-biċċa;

(b) fejn il-makkinarju x'aktarx li jintuża f'kondizzjonijiet li jinvolvu riskju ta' tfigħ tal-biċċiet li qegħdin jinħadmu jew partijiet tagħhom, dan għandu jkun ddisinnjat, mibni jew mgħammar b'mod li jżomm milli jseħħ dan it-tfigħ, jew, jekk dan ma jkunx possibbli, hekk li t-tfigħ ma joħloqx riskji għall-operatur u/jew il-persuni esposti;

(c) il-makkinarju għandu jkun mgħammar b'waqfien awtomatiku li jwaqqaf il-għodda fi żmien qasir biżżejjed jekk ikun hemm riskju ta' kuntatt mal-għodda hija u tieqaf;

(d) fejn il-għodda tkun inkorporata f'magna mhux għal kollox awtomatika, din tal-aħħar għandha tkun ididdisinnjata u mibnija b'mod li telimina jew tnaqqas kull riskju ta' korriment aċċidentali.

§281 Makkinarju li jaħdem l-injam u materjali simili

Ir-rekwiżiti supplimentari stipulati fis-sezzjoni 2.3 japplikaw għal makkinarju li jaħdem l-injam u makkinarju li jista' jintuża wkoll biex jaħdem materjali b'karatteristiċi fiżiċi simili bħal, pereżempju, sufra, għadam, lastku mwebbes, plastik imwebbes, laminati bil-metall jew ċerti metalli rqaq, imwebbsa.

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 2.3 (a) għandhom l-għan li jassiguraw li d-disinn u l-kostruzzjoni tal-mekkaniżmu ta' alimentazzjoni, jew tal-bank tax-xogħol fil-każ ta' makkinarju b'alimentazzjoni manwali, jippermettu li l-biċċa li għandha tinħadem titqiegħed u tiġi ggwidata mingħajr periklu waqt ix-xogħol.

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 2.3 (b) jittratta każ partikolari tal-periklu indirizzat fir-rekwiżit ġenerali relatat mal-oġġetti li jintefgħu 'l barra stipulat fis-sezzjoni 1.3.3. Is-sezzjoni 2.3 (b) titlob li jittieħdu miżuri sabiex jimpedixxu t-tfigħ tal-biċċiet li jkunu qegħdin jinħadmu jew ta' partijiet minnhom. Tali miżuri jinkludu, pereżempju, it-twaħħil ta' skieken li jifirqu fuq bankijiet ta' srieraq ċirkolari. Meta l-perikli tat-tfigħ ma jkunux jistgħu jiġu evitati għal kollox, iridu jittieħdu miżuri ta' salvagwardja sabiex jiġi evitat li l-oġġetti li jintefgħu 'l barra jweġġgħu lill-operaturi jew lil persuni oħra li jkunu esposti. Dan ir-rekwiżit għandu jiġi applikat flimkien mar-rekwiżiti relatati mal-mezzi ta' lqugħ stipulati fis-sezzjoni 1.4.

Is-sezzjoni 2.3 (c) tittratta r-riskju ta' kuntatt mal-għodda hija u tieqaf. Fuq makkinarju b'alimentazzjoni mekkanizzata jew awtomatika, dan ir-riskju jista' jiġi evitat permezz ta' mezz ta' lqugħ li jillokkja, bl-illokkjar ta' dan tal-aħħar jekk ikun meħtieġ – ara §129: kummenti dwar is-sezzjoni 1.4.2.2. Madankollu, f'każijiet fejn l-għodda ma tkunx inaċċessibbli għal kollox waqt ix-xogħol, pereżempju, fejn ikun imwaħħal mezz ta' lqugħ li jillimita l-aċċess skont is-sezzjoni 1.4.2.3, huwa neċessarju li jiġi evitat ħin

eċċessiv għall-magna biex tieqaf, permezz ta' brejk awtomatiku. L-istandards armonizzati jispeċifikaw il-ħin aċċettabbli għall-magna biex tieqaf f'każijiet bħal dawn.

Is-sezzjoni 2.3 (d) titlob li jittieħdu miżuri sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' korriment f'każ ta' kuntatt aċċidentali mal-għodda li tiċċaqlaq fuq makkinarju fejn l-aċċess għaż-żona ta' periklu ma jkunx evitat għal kollox b'mezz ta' lqugħ li jiċċaqlaq li jillokkja. Tali miżuri, jinkludu, pereżempju, it-twaħħil ta' Limited Cutter Projection Tooling (LCPT), blokok tal-qtugħ ċilindriċi (jew ta' 'għamla tonda') jew mezzi simili sabiex jillimitaw il-fond tal-qatgħa.

Għandu jiġi osservat li diversi kategoriji ta' makkinarju għax-xogħol tal-injam huma inklużi fil-lista stipulata fl-Anness IV (punti 1 sa 7) ta' kategoriji ta' makkinarju li għalihom għandha tkun applikata waħda mill-proċeduri msemmija fl-Artikolu 12 (3) u (4).

(§282 sa §290 riżervati)

3. IR-REKWIŻITI ESSENZJALI GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ SUPPLEMENTARI BIEX JIKKUMPENSAW GĦALL-PERIKLI MINĦABBA L-MOBILITÀ TAL-MAKKINARJU

Il-makkinarju li jippreżenta riskji minħabba l-mobilità tiegħu għandu jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali kollha għas-saħħa u s-sigurtà spjegati hawn taħt (ara l-Prinċipji Ġenerali, il-punt 4).

§291 Rekwiżiti supplimentari għal perikli minħabba l-mobilità tal-makkinarju

Il-Parti 3 tal-Anness I tistabbilixxi EHSRs supplementari dwar perikli minħabba l-mobilità tal-makkinarju. Dawn japplikaw għall-makkinarju kkonċernat apparti r-rekwiżiti relevant tal-Parti 1 tal-Anness I u, fejn applikabbli, tal-Partijiet l-oħrajn tal-Anness I – ara §163: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 4.

3.1. ĠENERALI

3.1.1. Definizzjonijiet

(a) 'Makkinarju li jippreżenta perikli minħabba l-mobilità tiegħu' tfisser

makkinarju li t-tħaddim tiegħu jeħtieġ jew moviment waqt ix-xogħol, jew moviment kontinwu jew intermittenti bejn sensiela ta' postijiet fissi tax-xogħol, jew

makkinarju mħaddem mingħajr ma jiġi mressaq, imma li jista' jkun mgħammar b'tali mod li jkun jista' jiġi mressaq mingħajr xkiel minn post għall-ieħor.

. . .

§292 Definizzjoni ta' 'perikli minħabba l-mobilità'

Id-definizzjoni ta' 'makkinarju li jippreżenta perikli minħabba l-mobilità tiegħu' mogħtija fis-sezzjoni 3.1.1 (a) tistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti stipulati fil-parti 3 tal-Anness I. Skont id-definizzjoni, il-makkinarju kkonċernat jinkludi:

- makkinarju li jista' jivvjaġġa waqt li jwettaq il-funzjoni prinċipali tiegħu. Eżempji ta' makkinarju bħal dan huma d-*dumpers*, *compactors*, *lift trucks*, *gantry cranes*, krejnijiet mobbli mmuntati fuq binarju u magni li jaqtgħu l-ħaxix;
- makkinarju li jibqa' wieqaf waqt li jwettaq l-applikazzjoni prinċipali tiegħu iżda li jkun iddisinjat biex jimxi minn post tax-xogħol għal ieħor. Eżempji ta' makkinarju bħal dan huma r-riggijiet għat-tħaffir u l-krejnijiet mobbli, il-krejnijiet li jitgħabbew u l-pjattaformi mobbli għal xogħol ta' rfigħ li jaħdmu waħedhom jew immuntati fuq karru u li jkunu mmuntati fuq stabbilizzaturi waqt l-operazzjonijiet tal-irfigħ;
- makkinarju li jibqa' stazzjonarju waqt l-użu iżda li jkun mgħammar b'mezzi, bħal roti jew linji tal-binarji li jitħaddmu bid-dawl jew tagħmir tal-irmunkar sabiex ikun jista' jivvjaġġa faċilment minn post tax-xogħol għal ieħor.

Mid-definizzjoni jidher ċar li l-perikli minħabba l-mobilità li huma koperti fil-Parti 3 tal-Anness I huma dawk dovuti għall-mobilità tal-makkinarju nnifsu, u mhux dawk

minħabba partijiet li jiċċaqilqu tal-makkinarju li huma indirizzati fis-sezzjonijiet 1.3.7 u 1.3.8.

Il-makkinarju kkonċernat bir-rekwiżiti stipulati fil-parti 3 jinkludi, pereżempju:

- tagħmir mobbli tal-kostruzzjoni bħal gafef,
- makkinarju mobbli għall-kostruzzjoni tat-toroq,
- makkinarju mobbli għall-minjieri taħt l-art,
- makkinarju mobbli jaħdem waħdu u rmunkat għall-biedja, għall-foresti u għall-ġonna,
- makkinarju mobbli għat-trasport u rfigħ ta' merkanzija jew persuni bħal trakkijiet industrijali (inklużi trakkijiet mingħajr xufier), krejnijiet mobbli u pjattaformi mobbli għal xogħol ta' rfigħ,
- makkinarju mmuntat fuq mezzi tat-trasport bħal *loader cranes*, kompressuri u *tippers*,
- vetturi għall-ġbir tal-iskart,
- makkinarju mobbli għat-trasport *off-roa*d ta' merkanzija jew persuni bħal *quads*, *buggies*, muturi *off-road* u karts,
- makkinarju mobbli għal servizz fix-xitwa,
- makkinarju mobbli għas-sostenn tal-inġenji tal-ajru mill-art.

3.1.1. Tifsiriet (ikompli)

. . .

(b) '"Xufier" tfisser operatur responsabbli mill-moviment tal-makkinarju. Ix-xufier jista' jinġarr mill-makkinarju jew jista' jimxi huwa, u jakkumpanja l-makkinarju, jew jista' jkun qiegħed jiggwida l-makkinarju b'kontroll mill-bogħod.

. . .

§293 Definizzjoni ta' 'xufier'

Is-sezzjoni 3.1.1 (b) tiddefinixxi 'xufier' bħala operatur responsabbli mill-moviment ta' magna, fi kliem ieħor, il-persuna li tikkontrolla l-movimenti tal-mixi tal-makkinarju nnifsu. Id-definizzjoni tirreferi għal tliet arranġamenti prinċipali ta' sewqan:

- il-makkinarju mobbli jista' jkollu xufier riekeb fuqu, trasportat mill-makkinarju, li jista' jkun bilqiegħda jew bilwieqfa;
- il-makkinarju mobbli jista' jkun iddisinjat għal kontroll minn min ikun miexi;
- makkinarju mobbli jista' jiġi ggwidat minn distanza permezz ta' kontroll mill-bogħod.

Ċertu makkinarju mobbli jista' jkun iddisinjat ukoll b'żewġ arranġamenti alternattivi jew aktar ta' sewqan. Pereżempju, il-makkinarju mobbli jista' jkun iddisinjat biex jiġi kkontrollat jew minn xufier riekeb fuqu jew permezz ta' kontroll mill-bogħod – ara §204: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.5.

Ir-rekwiżiti stipulati fil-parti 3 jindirizzaw ir-riskji speċifiċi assoċjati mal-arranġamenti differenti ta' sewqan u l-miżuri protettivi neċessarji sabiex jiġu indirizzati.

3.2. POŻIZZJONIJIET TAT-TĦADDIM

3.2.1. Pożizzjoni tas-sewqan

Il-viżibiltà mill-pożizzjoni tas-sewqan għandha tkun tali li x-xufier ikun jista' jħaddem il-makkinarju u l-għodda tiegħu fil-kondizzjonijiet tal-użu maħsub għalih fis-sigurtà kollha għalih innifsu u għall-persuni esposti. Fejn meħtieġ, għandhom jiġu pprovduti mezzi xierqa biex jirrimedjaw ir-riskji minħabba l-viżjoni diretta inadegwata.

Il-makkinarju li fuqu jkun trasportat is-sewwieq għandu jkun hekk iddisinnjat u mibni b'mod li, mill-pożizzjoni tas-sewqan, ma jkun hemm l-ebda riskju li x-xufier jiġi f'kuntatt mhux maħsub minn qabel mar-roti jew mal-linji.

Il-pożizzjoni tas-sewqan ta' xuffiera li jirkbu għandha tkun iddisinnjata u mibnija b'mod li l-kabina tax-xufier tista' tkun mgħammra, sakemm dan ma jżidx ir-riskju u sakemm hemm l-ispazju. Il-kabina għandha tinkorpora post għall-istruzzjonijiet meħtieġa mix-xufier.

§294 Pożizzjoni tas-sewqan

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 3.2.1 huma kumplimentari għar-rekwiżiti ġenerali dwar il-pożizzjonijiet tat-tħaddim u postijiet bilqiegħda stipulati fis-sezzjonijiet 1.1.7 u 1.1.8.

L-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 3.2.1 jittratta l-viżibbiltà mill-pożizzjoni tas-sewqan. Ix-xufier irid ikollu kontroll permanenti tal-movimenti tal-makkinarju.

- Kull fejn ikun possibbli, il-makkinarju jrid ikun iddisinjat u mibni b'mod li x-xufier ikollu viżjoni diretta adegwata tal-ispazju madwar il-makkinarju. B'mod partikolari, ix-xufier irid ikun jista' jara hemmx persuni qrib il-makkinarju li jistgħu jkunu f'riskju minħabba t-tħaddim jew il-moviment tal-makkinarju – ara §195: kummenti dwar il-ħames paragrafu tas-sezzjoni 1.2.2. Mezzi li jistgħu jintużaw biex itejbu l-viżibilità diretta jinkludu, pereżempju, postijiet tax-xufiera jew kabini li jogħlew, imilu jew li jkunu riversibbli jew postijiet alternattivi tax-xufiera.
- Fejn il-viżibilità diretta ma tkunx suffiċjenti, fi kliem ieħor, fejn id-dehra ta' persuna jew ta' ostakolu fiż-żona ta' periklu min-naħa tax-xufier tista' tiġi mgħottija minn partijiet tal-makkinarju jew minn oġġetti jew materjali trasportati mill-makkinarju, b'mod li x-xufier jista' ma jindunax bil-preżenza tagħhom, iridu jitwaħħlu mezzi xierqa sabiex jipprovdu viżjoni indiretta. Mezzi bħal dawn jinkludu mirja xierqa u televiżjoni b'ċirkwit magħluq (CCTV). Id-deċiżjoni li jitwaħħlu mezzi li jipprovdu viżjoni indiretta u l-għażla, id-disinn u l-post ta' dawn il-mezzi, iridu jqisu l-prinċipji ergonomiċi u l-limitazzjonijiet li x-xufier ikun suġġett għalihom fil-kundizzjonijiet prevedibbli ta' użu tal-makkinarju. Il-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati jinkludu, pereżempju, l-użu tal-makkinarju billejl jew f'kundizzjonijiet ta' dawl baxx, l-użu fuq art irregolari, l-użu f'żoni fejn jista' jkun hemm nies mexjin jew makkinarju ieħor jew l-użu li jinvolvi rriversjar ta' spiss u fit-tul – ara §181: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.6.
- Fejn ikun hemm riskju residwu ta' ħbit ma' persuni, il-makkinarju jrid ikun mgħammar b'mezzi li jevitaw tali ħbit bħal, pereżempju, apparat protettiv sensittiv

għall-pressjoni, li jaħdem bir-radar, infra-aħmar jew ultrasoniku, biex jindika l-preżenza ta' persuni u jwaqqaf il-makkinarju jew iwissi lix-xufier qabel ma sseħħ ħabta.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 3.2.1 jirrigwarda makkinarju fejn il-pożizzjoni tas-sewqan tkun qrib ir-roti jew il-linji tal-binarji. Jekk il-pożizzjoni tas-sewqan ma tkunx kompletament magħluqa u jekk ma jkunx hemm distanza adegwata ta' sigurtà bejn il-pożizzjoni tas-sewqan u r-roti jew il-linji tal-binarji, ikun meħtieġ li jitwaħħlu mezzi ta' lqugħ sabiex jiġi evitat il-kuntatt aċċidentali ma' dawn il-partijiet.

It-tielet paragrafu tas-sezzjoni 3.2.1 jitlob li l-makkinarju b'xufier riekeb fuqu jkun iddisinjat u mibni b'mod li tkun tista' titwaħħal kabina tax-xufier, sakemm il-makkinarju ma jkunx żgħir wisq biex titwaħħal kabina jew it-twaħħil ta' kabina jżid ir-riskju jew idgħajjef il-funzjonalità tal-makkinarju. F'każijiet bħal dawn, iridu jiġu kkunsidrati miżuri oħra biex jipproteġu lix-xufiera bħal, pereżempju, sedili b'kanupew ta' protezzjoni jew kontroll mill-bogħod.

Ir-rekwiżit stipulat fit-tielet paragrafu tas-sezzjoni 3.2.1 irid jiġi applikat flimkien mar-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 1.1.7 dwar il-pożizzjonijiet tat-tħaddim u fis-sezzjoni 3.5.3 dwar l-emissjonijiet ta' sustanzi perikoluż - ara §182: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.7 u §322: kummenti dwar is-sezzjoni 3.5.3.

It-tieni sentenza tat-tielet paragrafu tas-sezzjoni 3.2.1 titlob li fil-kabina tax-xufier ikun hemm post għall-istruzzjonijiet meħtieġa mix-xufier. L-istruzzjonijiet ikkonċernati huma dawk relatati mat-tħaddim mingħajr periklu tal-makkinarju u ma' kwalunkwe spezzjoni jew operazzjoni ta' manutenzjoni li trid titwettaq mix-xufier.

3.2.2. Sedili

Fejn hemm ir-riskju li l-operaturi jew il-persuni l-oħra trasportati mill-makkinarju jistgħu jitgħaffġu bejn il-partijiet tal-makkinarju u l-art jekk il-makkinarju jdur jew jinqaleb, b'mod partikolari għall-makkinarju mgħammar bl-istruttura protettiva msemmija fis-sezzjoni 3.4.3 jew 3.4.4, is-sedili tagħhom għandhom ikunu ddisinnjati jew mgħammra b'sistema ta' irbit li jżomm il-persuni fis-sedili tagħhom, mingħajr ma jirrestringu t-tressiq neċessarju għall-operazzjonijiet jew il-moviment relattiv għall-istruttura kkawżati mis-sospensjoni tas-sedili. Dawn is-sistemi ta' irbit m'għandhomx ikunu mgħammra jekk dawn iżidu r-riskju.

§295 Sistema ta' rbit għas-sedili

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 3.2.2 huma kumplimentari għar-rekwiżiti ġenerali dwar postijiet bilqiegħda stipulati fis-sezzjoni 1.1.8.

Is-sezzjoni 3.2.2 tittratta r-riskju ta' tgħaffiġ minħabba t-tfigħ 'l barra tal-operaturi jew ta' persuni oħra trasportati, f'każ li l-makkinarju jdur jew jinqaleb. L-istrutturi protettivi kontra t-tidwir jew il-qlib imsemmija fis-sezzjoni 3.4.3 jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom biss jekk il-persuni kkonċernati jinżammu fi ħdan volum protett. Għal dan il-għan, il-makkinarju jrid ikun jew:

- iddisinjat b'mod li ma jħallix lill-operaturi jintefgħu 'l barra jekk il-makkinarju jdur jew jinqaleb,

- ipprovdut b'sedili ddisinjati biex ma jħallux lill-operaturi jintefgħu 'l barra, jew
- ikun ipprovdut b'sedili mgħammra b'sistema ta' rbit għas-sedili b'punti ta' ankoraġġ adegwati.

Is-sistemi ta' rbit għas-sedili jridu jkunu faċli biex jinfetħu u jingħalqu u jillimitaw il-movimenti neċessarji tal-operatur bl-inqas mod possibbli. Dan huwa partikolarment importanti għal makkinarju bħal, pereżempju, it-trakkijiet industrijali, fejn ix-xufier jista' jkollu bżonn iħalli u jerġa' lura ta' spiss fil-pożizzjoni tas-sewqan.

Fejn is-sigurtà tal-operaturi tkun tiddependi fuq l-għeluq ta' sistema ta' rbit għas-sedili, iridu jingħataw l-istruzzjonijiet neċessarji dwar l-użu tas-sistema ta' rbit – ara §263: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (k).

L-aħħar sentenza tas-sezzjoni 3.2.2 tirrikonoxxi li, f'xi każijiet, m'għandhomx jiġu mwaħħla sistemi ta' rbit minħabba li dawn jistgħu jżidu r-riskju. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, fuq makkinarju żgħir mobbli li ma jkunx mgħammar b'kabina jew bi struttura protettiva jew makkinarju b'xufier riekeb fuqu bilwieqfa. Jista' ma jkunx prattiku wkoll li titwaħħal sistema ta' rbit fuq makkinarju ddisinjat għal irkib attiv li jitlob moviment estensiv mix-xufier waqt l-ivvjaġġar. Ġeneralment mhumiex meħtieġa sistemi ta' rbit fuq makkinarju mgħammar bi struttura protettiva kontra l-oġġetti li jaqgħu biss.

3.2.3. Postijiet għal persuni oħra

Jekk il-kondizzjonijiet tal-użu jipprovdu li persuni oħra għajr ix-xufier jingarru kull tant jew regolarment mill-makkinarju, jew li jaħdmu fuqu, għandhom jiġu pprovduti postijiet xierqa li jgħinuhom jingarru jew li jaħdmu fuqu mingħajr riskju.

Il-paragrafi 2 u 3 tas-sezzjoni 3.2.1 japplikaw ukoll għall-postijiet provduti għall-persuni minbarra x-xufier.

§296 Postijiet għal persuni oħra minbarra x-xufier

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 3.2.3 huma kumplimentari għar-rekwiżiti ġenerali dwar pożizzjonijiet tat-tħaddim u postijiet bilqiegħda stipulati fis-sezzjonijiet 1.1.7 u 1.1.8.

Is-sezzjoni 3.2.3 titlob li jiġu pprovduti postijiet mingħajr periklu għal persuni oħra għajr ix-xufier li jistgħu jingarru kultant jew regolarment mill-makkinarju jew li jaħdmu fuqu. Jiddependi mit-tip ta' makkinarju u l-kompiti tal-persuni kkonċernati, dawn il-postijiet jistgħu jkunu sedili jew postijiet fejn wieħed joqgħod bilwieqfa bħal pjattaformi jew twavel għas-saqajn. Iridu jittieħdu miżuri protettivi partikolari sabiex jindirizzaw riskji bħar-riskju ta' waqgħa mill-makkinarju jew ir-riskju ta' impatti jew tgħaffiġ meta l-postijiet ipprovduti għal persuni għajr ix-xufier jkunu 'l barra mill-ispazju vojt normali tal-makkinarju.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 3.2.3 jgħid li r-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 3.2.1 fir-rigward tar-riskji ta' kuntatt mar-roti jew il-linji tal-binarji u l-forniment ta' kabina japplikaw għall-postijiet ipprovduti għal persuni oħra minbarra x-xufier.

3.3. SISTEMI TA' KONTROLL

Jekk meħtieġ, għandhom jittieħdu passi li jżommu milli jkun hemm użu mhux awtorizzat tal-kontrolli.

. . .

§297 Użu mhux awtorizzat tal-kontrolli

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 3.3 huma kumplimentari għar-rekwiżiti ġenerali dwar is-sigurtà u l-affidabbiltà ta' sistemi ta' kontroll stipulati fis-sezzjoni 1.2.1.

L-ewwel sentenza tas-sezzjoni 3.3 titlob li jittieħdu miżuri biex ikun evitat l-użu mhux awtorizzat tal-kontrolli jekk ikun meħtieġ. Dawn il-miżuri huma neċessarji għal makkinarju li jkun espost għall-użu minn persuni mhux awtorizzati bħal, pereżempju, trakkijiet industrijali, jew makkinarju intiż biex jintuża jew jiġi pparkjat f'żoni pubbliċi.[184] Il-miżuri li jistgħu jittieħdu jinkludu, pereżempju, it-twaħħil ta' serraturi, sistemi ta' aċċess elettroniċi jew sistemi li jeħtieġu li l-operatur iġorr tikketta elettronika sabiex iħaddem il-makkinarju.

3.3. SISTEMI TA' KONTROLL (ikompli)

. . .

F'każ ta' kontroll mill-bogħod, kull unità tal-kontroll għandha tidentifika b'mod ċar il-makkinarju li għandu jkun kontrollat minn dik l-unità.

Is-sistema ta' kontroll mill-bogħod għandha tkun iddisinnjata u mibnija b'tali mod li taffettwa biss:

- *dan il-makkinarju,*
- *dawn il-funzjonijiet.*

Il-makkinarju li jkun kontrollat mill-bogħod għandu jkun iddisinnjat u mibni b'tali mod li jirrispondi biss għas-sinjali mill-unitajiet tal-kontroll intiżi.

§298 Kontrolli mill-bogħod

Ir-rekwiżiti stipulati fit-tieni, it-tielet u l-aħħar paragrafi tas-sezzjoni 3.3 japplikaw għal sistemi ta' kontroll remot għal makkinarju mobbli. Fil-każ tal-makkinarju intiż għal kontroll jew minn xufier riekeb fuqu jew b'mezzi ta' kontroll mill-bogħod, dawn ir-rekwiżiti japplikaw għall-arranġament ta' kontroll mill-bogħod – ara §293: kummenti dwar is-sezzjoni 3.1.1 (b).

Dawn ir-rekwiżiti għas-sistemi ta' kontroll mill-bogħod huma kumplimentari għar-rekwiżit relatat mas-sistemi ta' kontroll mingħajr fil, li hemm stipulat fl-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 1.2.1.

Ir-rekwiżit stipulat fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 3.3 huwa applikazzjoni partikolari tar-rekwiżit ġenerali stipulat fir-raba' paragrafu tas-sezzjoni 1.2.2 dwar indikaturi. Fejn l-unità ta' kontroll ta' sistema ta' kontroll mill-bogħod ma tkunx qiegħda fuq il-

[184] Tali miżuri jistgħu jkunu meħtieġa wkoll minn utenti ta' makkinarju mobbli sabiex jiġi evitat serq, iżda dan l-aspett mhuwiex kopert mid-Direttiva dwar il-Makkinarju.

makkinarju li tikkontrolla, l-operaturi jridu jkunu jafu b'mod ċar liema makkinarju jkun affettwat bl-użu ta' kull unità ta' kontroll.

It-tielet u l-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 3.3 jistabbilixxu rekwiżiti għad-disinn u l-kostruzzjoni tas-sistema ta' kontroll mill-bogħod innifisha.

L-għan tar-rekwiżit stipulat fit-tielet paragrafu tas-sezzjoni 3.3, li s-sistema għandha taffettwa biss il-makkinarju u l-funzjonijiet intiżi, huwa sabiex jiġi evitat li jingħataw ordnijiet mhux intenzjonati lil makkinarju ieħor jew lil funzjonijiet oħra li jistgħu jkunu fil-medda tas-sistema ta' kontroll mill-bogħod.

Ir-rekwiżit stipulat fl-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 3.3 għandu l-għan li jimpedixxi sinjali minn kwalunkwe sors għajr l-unità xierqa ta' kontroll, milli jagħtu bidu għal azzjonijiet mhux intenzjonati tal-makkinarju kkontrollat mill-bogħod.

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 3.3, id-disinn u l-kostruzzjoni tas-sistema ta' kontroll mill-bogħod iridu jiżguraw livell adegwat ta' prestazzjoni – ara §184: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.1.

Rekwiżiti supplimentari għall-kontroll mill-bogħod tal-funzjoni tal-ivvjaġġar huma stipulati fir-raba' paragrafu tas-sezzjoni 3.3.3 u fit-tielet paragrafu tas-sezzjoni 3.6.1.

3.3.1. Mezzi ta' kontroll

Ix-xufier għandu jkun kapaċi jħaddem il-mezzi kollha ta' kontroll meħtieġa biex iħaddem il-makkinarju mill-post tax-xufier, għajr għall-funzjonijiet li jistgħu jitqabbdu jaħdmu mingħajr periklu bl-użu biss tal-mezzi ta' kontroll li jkunu jinsabu l-bogħod mill-post tax-xufier. Dawn il-funzjonijiet jinkludu, b'mod partikolari, dawk li għalihom l-operaturi għajr ix-xufier ikunu responsabbli jew li minħabba fihom ix-xufier ikollu jħalli l-post tiegħu tas-sewqan biex jikkontrollahom fis-sigurtà.

. . .

§299 Post u pożizzjonar tal-mezzi ta' kontroll

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 3.3.1 huma kumplimentari għar-rekwiżiti ġenerali għal mezzi ta' kontroll stipulati fis-sezzjoni 1.2.2.

Ir-rekwiżiti stipulati fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 3.3.1 jirrigwardaw il-post u l-ippożizzjonar tal-mezzi ta' kontroll fil-pożizzjoni tas-sewqan – ara §187: kummenti dwar it-tieni inċiż tas-sezzjoni 1.2.2.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 3.3.1 jirrikonoxxi li jista' jkun hemm bżonn li l-makkinarju mobbli jiġi pprovdut b'pożizzjonijiet ta' kontroll differenti mill-pożizzjoni tas-sewqan sabiex ċerti funzjonijiet jiġu kkontrollati mingħajr periklu. Dan jista' jkun neċessarju, pereżempju, sabiex jiġi żgurat li l-operatur li jkun qiegħed jikkontrolla dawk il-funzjonijiet ikollu viżibilità taż-żoni ta' periklu relatati, pereżempju, fuq krejnijiet mobbli jew krejnijiet li jitgħabbew - ara §195: kummenti dwar il-ħames paragrafu tas-sezzjoni 1.2.2, u §343: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.2.7. F'dak il-każ, huwa important li jiġu kkunsidrati r-rekwiżiti stipulati fit-tmien u l-aħħar paragrafi tas-sezzjoni 1.2.2 dwar kontroll multiplu u pożizzjonijiet tat-tħaddim – ara §197 u §198: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.2.

3.3.1. Mezzi ta' kontroll (ikompli)

. . .

Fejn ikun hemm pedali, dawn għandhom jkunu ddisinnjati, mibnija u mgħammra hekk li jħallu x-xogħol isir mingħajr periklu mix-xufier bl-inqas riskju ta' tħaddim ħażin. Il-wiċċ tagħhom ma għandux ikun jiżloq u għandhom ikunu jitnaddfu faċilment.

. . .

§300 Pedali

Billi l-operaturi ta' makkinarju mobbli li jintrikeb, sikwit ikollhom bżonn idejhom liberi sabiex isuqu u jikkontrollaw funzjonijiet oħra tal-makkinarju, ħafna drabi jintużaw pedali sabiex jikkontrollaw, fost l-oħrajn, il-funzjonijiet tal-aċċellerazzjoni u tal-brejkijiet. Billi l-maġġoranza tal-operaturi tal-makkinarju huma wkoll sewwieqa ta' vetturi tat-triq, huwa importanti li l-pedali għal dawn il-funzjonijiet ikollhom, safejn ikun possibbli, arranġament u mod ta' tħaddim simili għal dawk tal-vetturi tat-triq bil-għan li jitnaqqas ir-riskju ta' tħaddim mhux korrett – ara §190: kummenti dwar is-sitt inċiż tas-sezzjoni 1.2.2, u §193: kummenti dwar it-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.2.2.

Sabiex ikun assigurat tħaddim mingħajr periklu, il-qisien u l-arranġament tal-pedali jridu jikkunsidraw ukoll il-fatt li l-operaturi jista' jkollhom bżonn jilbsu xedd protettiv għas-saqajn bħal, pereżempju, is-stvali kbar li jintlibsu fix-xitwa jew f'imħażen kesħin – ara §176: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (d). Għal raġunijiet simili, il-pedali jrid ikollhom wiċċ li ma jiżloqx u jkunu faċli biex jitnaddfu, waqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet intiżi ta' użu.

3.3.1. Mezzi ta' kontroll (ikompli)

. . .

Fejn ix-xogħol tagħhom jista' jwassal għar-riskji, speċjalment moviment perikoluż, il-kontrolli tal-makkinarju, għajr dawk f'pożizzjonijiet issettjati minn qabel, għandhom jerġgħu lura lejn il-pożizzjoni newtrali tagħhom hekk kif jintelqu mill-operatur.

. . .

§301 Treġġigħ lura għall-pożizzjoni newtrali

Il-mezzi ta' kontroll sabiex jikkontrollaw il-movimenti tal-makkinarju nnifsu u sabiex jikkontrollaw funzjonijiet oħra perikoluży għandhom, bħala regola ġenerali, ikunu tat-tip li jaħdmu biss meta jingħafsu, u jerġgħu lura għall-pożizzjoni newtrali meta jintelqu, sabiex l-operatur ikun jista' jwaqqaf il-moviment jew il-funzjoni perikoluża mill-ewwel meta jkun meħtieġ.

Jistgħu jitwaħħlu mezzi ta' kontroll b'pożizzjonijiet issettjati minn qabel meta jkun meħtieġ li jinżamm parametru, bħal, pereżempju, il-veloċità tal-ivvjaġġar tal-makkinarju, f'valur kostanti għal perjodu fit-tul. Dan jista' jkun neċessarju, pereżempju, fuq ċertu makkinarju agrikolu jew makkinarju għall-kostruzzjoni tat-toroq. F'dak il-każ, il-mezz ta' kontroll għandu jkun iddisinjat b'mod li jkun jista' jitreġġa' lura malajr u faċilment għall-pożizzjoni newtrali f'każ ta' emerġenza.

Il-makkinarju li jaħdem waħdu b'xufier riekeb fuqu mgħammar b'mezz ta' kontroll b'pożizzjonijiet issettjati minn qabel għall-movimenti tal-mixi, irid ikun mgħammar b'mezz li jibda li jikkonforma mar-rekwiżit stipulat fl-ewwel paragrafu tas-

sezzjoni 3.3.2, billi, f'dak il-każ, huwa possibbli li wieħed iħalli l-pożizzjoni tas-sewqan waqt li l-makkinarju jkun miexi – ara §304: kummenti dwar is-sezzjoni 3.3.2.

3.3.1. Mezzi ta' kontroll (ikompli)

. . .

Fil-każ ta' makkinarju bir-roti, is-sistema tal-istering għandha tiġi diddisinnjata u mibnija b'mod li tnaqqas il-forza tal-moviment għall-għarrieda tar-rota tal-istering jew tal-lever tal-istering ikkawżat minn xokkijiet fuq ir-roti tal-gwida.

Kull kontroll li jillokkja d-differenzi għandu jkun hekk iddisinnjat u mqiegħed li jippermetti li d-differential jiġi miftuħ meta l-makkinarju jkun qiegħed jiċċaqlaq.

. . .

§302 Stering

Ir-rekwiżit stipulat fir-raba' paragrafu tas-sezzjoni 3.3.1 għandu l-għan li jimpedixxi r-riskju ta' telf tal-kontroll u korriment minħabba reazzjoni vjolenti tal-apparat tal-istering meta r-roti tal-gwida jaħbtu ma' ostakolu fl-art. Sabiex jintlaħaq dan ir-rekwiżit, is-sistema tal-istering irid ikollha *damping* adegwat bejn ir-roti tal-gwida u l-apparat tal-istering.

Xi makkinarju mobbli jkun mgħammar b'differential li jillokkja sabiex itejjeb il-ġibda u jimpedixxi t-tidwir tar-roti fuq uċuħ rotob, jiżolqu jew irregolari. Il-ħames paragrafu tas-sezzjoni 3.3.1 jitlob li l-kontrolli li jillokkjaw id-differential jippermettu li d-differential jiġi miftuħ meta l-makkinarju jkun qiegħed jiċċaqlaq, sabiex ix-xufier ikun jista' jirkupra l-kapaċità sħiħa tal-istering meta jkun meħtieġ. Fejn ikun xieraq, sabiex jintlaħaq dan ir-rekwiżit, tista' titwaħħal sistema awtomatika li tillokkja d-differential, li tillokkja jew tiftaħ id-differential kif meħtieġ, mingħajr azzjoni min-naħa tax-xufier.

3.3.1. Mezzi ta' kontroll (ikompli)

. . .

Is-sitt subparagrafu tas-Sezzjoni 1.2.2, dwar sinjali tat-twissija akustiċi u/jew viżwali, japplika biss f'każ ta' irriversjar.

§303 Sinjali ta' twissija f'każ ta' irriversjar

L-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 3.3.1 jirreferi għas-sitt paragrafu tas-sezzjoni 1.2.2 li jesiġi li jingħata sinjal ta' twissija akustiku u/jew viżwali qabel l-istartjar tal-makkinarju jekk l-operatur ma jkunx jista' jassigura li ma hemm ħadd fiż-żona ta' periklu jew jekk ma jkunx possibbli li s-sistema ta' kontroll tiġi ddisinjata b'mod li timpedixxi startjar waqt li jkun hemm persuni fiż-żona ta' periklu.

Għall-makkinarju mobbli, sinjal ta' twissija akustiku u/jew viżwali awtomatiku huwa meħtieġ biss fil-każ tal-irriversjar. Billi jista' jkun neċessarju li l-movimenti tal-irriversjar jiġu kkontrollati malajr f'każ ta' emerġenza, l-intervall ta' ħin bejn is-sinjal ta' twissija u l-moviment tal-irriversjar għandu ġeneralment jitnaqqas. Għandu jiġi osservat li s-sinjali awtomatiċi ta' twissija f'każ ta' rriversjar mhumiex alternattiva għall-miżuri sabiex tkun assigurata viżibilità diretta jew indiretta taż-żoni ta' periklu – ara §294: kummenti dwar is-sezzjoni 3.2.1.

Il-mezzi ta' twissija relatati mal-movimenti għandhom ġeneralment jiġu azzjonati mix-xufier – ara §323: kummenti dwar is-sezzjoni 3.6.1.

3.3.2. Startjar/moviment

Il-movimenti tal-mixi ta' makkinarju li jaħdem waħdu b'xufier riekeb fuqu għandhom ikunu possibbli biss jekk ix-xufier ikollu l-kontrolli f'idejh.

. . .

§304 Kontroll tal-movimenti tal-mixi ta' makkinarju minn xufier riekeb fuqu

Ir-rekwiżit stipulat fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 3.3.2 joħroġ mill-fatt li l-moviment tal-mixi mingħajr periklu ta' makkinarju li jaħdem waħdu b'xufier riekeb fuqu, jitlob li x-xufier ikun dejjem fil-kontroll. M'għandux ikun possibbli li jinbdew il-movimenti tal-mixi tal-makkinarju jekk ix-xufier ma jkunx fil-kontrolli u m'għandux ikun possibbli li l-makkinarju jkompli miexi bil-magna mqabbda jekk ix-xufier iħalli l-pożizzjoni tas-sewqan. Fil-każ ta' makkinarju ddisinjat jew għal kontroll minn xufier riekeb fuqu jew permezz ta' kontroll mill-bogħod, dan ir-rekwiżit japplika biss għall-arranġament ta' kontroll mix-xufier riekeb – ara §293: kummenti dwar is-sezzjoni 3.1.1 (b).

Ir-rekwiżit stipulat fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 3.3.2 jista' jitqies bħala ssodisfat jekk:

- il-mezzi ta' kontroll ikunu tat-tip li jinżammu magħfusa, u jerġgħu lura għall-pożizzjoni newtrali meta jintreħew

  o u

- il-mezzi ta' kontroll sabiex jiġu kkontrollati l-movimenti tal-mixi tal-makkinarju ma jkunux faċilment aċċessibbli minn barra l-kabina tax-xufier.

Jekk dawn iż-żewġ kundizzjonijiet ma jiġux issodisfati, iridu jittieħdu miżuri oħra li jimpedixxu l-movimenti tal-mixi jekk ix-xufier ma jkunx fil-kontrolli. Tali miżuri jistgħu jinkludu, pereżempju, it-twaħħil ta' mezz li jibda bħal senser fuq serħ id-dirgħajn li jżomm il-mezzi ta' kontroll, senser tal-pożizzjoni fis-sedil jew swiċċ tas-sedil. Dawn il-mezzi għandhom jiġu magħżula u ddisinjati b'mod li jiġi evitat li jinħolqu riskji oħra u li tiġi evitata l-attivazzjoni bil-vibrazzjonijiet tal-makkinarju jew b'movimenti li jistgħu jkunu previsti tax-xufier waqt is-sewqan. Il-mezzi u l-integrazzjoni tagħhom fis-sistema ta' kontroll irid ikollhom livell adegwat ta' prestazzjoni – ara §184: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.1.

3.3.2. Startjar/moviment (ikompli)

. . .

Fejn, għall-għanijiet ta' tħaddim, il-makkinarju jkun mgħammar b'mezzi li jaqbżu ż-żona normali ta' spazju vojt tiegħu (p.e stabbilizzaturi, driegħ ta' krejn, eċċ.) ix-xufier għandu jiġi pprovdut bil-mezzi biex ikun jista' jikkontrolla bla xkiel, qabel ma jibda jmexxi l-makkinarju, li dawn il-mezzi jkunu fil-pożizzjoni partikolari li tippermetti moviment bla periklu.

Dan japplika wkoll għall-partijiet l-oħra kollha li, biex jippermettu moviment mingħajr periklu, għandhom ikunu f'pożizzjonijiet partikolari, maqfula jekk meħtieġ.

Fejn ma jagħtix lok għar-riskji oħra, il-moviment tal-makkinarju għandu jiddependi fuq l-pożizzjoni bla periklu tal-partijiet imsemmija hawn fuq.

. . .

§305 Mezzi li jaqbżu ż-żona normali ta' spazju vojt

Ir-rekwiżiti stipulati fit-tieni, it-tielet u r-raba' paragrafu tas-sezzjoni 3.3.2 jittrattaw ir-riskju li jista' jinħoloq minn mezzi mwaħħla mal-makkinarju li, għal skopijiet operattivi, ikunu skjerati barra ż-żona normali ta' spazju vojt.

Mezzi bħal dawn jinkludu, pereżempju, stabbilizzaturi jew *outriggers* li jkunu estiżi 'l barra mix-xażi tal-makkinarju mobbli jew tal-vettura li fuqha jkun immuntat il-makkinarju sabiex jassiguraw l-istabbiltà waqt it-tħaddim. Jistgħu jitwaħħlu stabbilizzaturi, pereżempju, għal makkinarju tal-irfigħ bħal krejnijiet li jintrefgħu, krejnijiet mobbli, pjattaformi mobbli għal xogħol ta' rfigħ jew gafef. Il-mezzi kkonċernati jinkludu wkoll, pereżempju, strutturi tal-irfigħ bħal dirgħajn teleskopiċi jew artikolati tal-krejnijiet, dirgħajn u arbli fuq makkinarju tal-irfigħ jew fuq pompi tal-konkrit immuntati fuq trakk u korpi ta' *tipper* immuntati fuq trakk, li jistgħu jiġu estiżi b'mod orizzontali jew vertikali barra ż-żoni normali ta' spazju vojt tal-makkinarju jew tal-vettura li fuqha jkun immuntat il-makkinarju.

Jekk dawn il-mezzi ma jkunux miżmuma f'pożizzjoni mingħajr periklu qabel il-movimenti tal-mixi tal-makkinarju jew tal-vettura li jkun immuntat fuqha, huma jistgħu jolqtu persuni li jkunu mexjin fit-triq, makkinarju ieħor, vetturi, pontijiet, mini, wajers tal-elettriku fil-għoli u l-bqija. Ħbit bħal dan jista' jikkawża aċċidenti severi jew fatali kif ukoll ħsara sostanzjali fil-proprjetà.

Fejn il-mezzi kkonċernati jkunu jistgħu jiċċaqilqu mill-pożizzjoni mingħajr periklu waqt l-ivvjaġġar, pereżempju minħabba forzi ċentrifugali, irid ikun possibbli li dawn jiġu llokkjati fil-pożizzjoni mingħajr periklu.

F'dawn il-każijiet kollha, ix-xufier irid ikun kapaċi jiċċekkja li l-mezzi kkonċernati jkunu f'pożizzjoni ta' vvjaġġar mingħajr periklu, jekk ikun meħtieġ illokkjati f'dik il-pożizzjoni, qabel l-istartjar tal-movimenti tal-mixi. Jekk ma jkunx faċli li tali kontroll isir b'mod viżwali, iridu jiġu pprovduti l-indikaturi jew il-mezzi ta' twissija neċessarji fil-pożizzjoni tas-sewqan.

Għandhom jitwaħħlu sistemi li jillokkjaw ma' xulxin sabiex jimpedixxu l-movimenti tal-mixi tal-makkinarju jew jimpedixxu l-istartjar jekk il-mezzi kkonċernati ma jkunux imqiegħda u, fejn ikun meħtieġ, illokkjati f'pożizzjoni ta' vvjaġġar mingħajr periklu, bil-kundizzjoni li tali mezzi ma joħolqux riskji oħra bħal, pereżempju, riskju ta' waqfien għal għarrieda waqt iċ-ċirkolazzjoni fit-triq.

3.3.2. Startjar/moviment (ikompli)

. . .

Ma għandux ikun possibbli li makkinarju jibda miexi b'mod mhux intenzjonali qabel ma titqabbad il-magna.

§306 Moviment ta' vvjaġġar mhux intenzjonat

Ir-rekwiżit stipulat fl-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 3.3.2 huwa applikazzjoni partikolari tar-rekwiżit ġenerali stipulat fis-sezzjoni 1.2.3 dwar l-istartjar.

Sabiex jiġi evitat il-moviment aċċidentali jew għal għarrieda tal-makkinarju mobbli, huwa neċessarju li l-istartjar tal-magna jew tal-mutur jiġi separat mill-istartjar tal-moviment. Irid ikun possibbli li l-magna tiġi startjata mingħajr startjar tal-moviment tal-makkinarju u m'għandux ikun possibbli li jiġu startjati l-magna jew il-mutur jekk tkun azzjonata t-trażmissjoni.

3.3.3. Funzjoni tal-ivvjaġġar

Mingħajr preġudizzju għar-regolamenti tat-traffiku, il-makkinarju li jaħdem waħdu u l-karrijiet li jiġbed warajh għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-tnaqqis tal-mixi, tal-waqfien, tal-użu tal-brejkijiet u tal-immobilizzazzjoni hekk li jiżguraw is-sigurtà skont il-kondizzjonijiet kollha tax-xogħol, tat-tagħbija, tal-veloċità, tal-art u tal-pendil maħsuba għalihom.

Ix-xufier għandu jkun kapaċi li jnaqqas il-veloċità u li jwaqqaf il-makkinarju li jaħdem waħdu permezz ta' mezz ewlieni. Fejn is-sigurtà hekk teħtieġ fil-każ li l-mezz ewlieni ma jaħdimx, jew fin-nuqqas tal-provvista tal-enerġija meħtieġa biex tħaddem il-mezz ewlieni, għandu jkun provdut mezz ta' emerġenza b'kontrolli indipendenti għal kollox u aċċessibbli fil-pront biex inaqqsu l-mixi u jwaqqfu l-makkinarju.

Fejn is-sigurtà hekk teħtieġ, għandu jkun provdut mezz tal-ipparkjar biex jagħmel makkinarju wieqaf immobbli. Dan il-mezz jista' jiġi kombinat ma' wieħed mill-mezzi li hemm referenza għalihom fit-tieni paragrafu, sakemm dan ikun għal kollox mekkaniku.

. . .

§307 Tnaqqis tal-mixi, twaqqif u immobilizzazzjoni

L-ewwel tliet paragrafi tas-sezzjoni 3.3.3 jittrattaw dwar il-brejkijiet, tnaqqis tal-mixi, twaqqif u immobilizzazzjoni ta' makkinarju mobbli.

L-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 3.3.3 jitlob li l-makkinarju mobbli jkollu sistema tal-brejkijiet li tkun kapaċi tnaqqas il-veloċità u twaqqaf il-makkinarju mingħajr periklu u żżommu wieqaf. Is-sistema tal-brejkijiet trid tkun iddisinjata, mibnija u vverifikata sabiex tassigura li dawn il-funzjonijiet ikunu jistgħu jiġu assigurati fil-kundizzjonijiet kollha intiżi u raġonevolment prevedibbli ta' tagħbija, veloċità, art u pendil. Dan ir-rekwiżit japplika għall-makkinarju li jaħdem waħdu u għall-biċċa l-kbira tal-makkinarju, sakemm tali makkinarju ma tkunx tista' titnaqqaslu l-veloċità u jitwaqqaf permezz tas-sistema tal-brejkijiet tal-makkinarju jew tal-vettura tal-irmunkar.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 3.3.3 jitlob li s-sistema tal-brejkijiet ta' makkinarju mobbli li jaħdem waħdu tinkludi mezz ta' brejkjar tal-emerġenza li jnaqqas il-veloċità u jwaqqaf il-makkinarju mingħajr periklu, jew li jkun jista' jintuża mix-xufier biex jagħmel

dan, f'każ ta' ħsara fil-mezz ewlieni ta' bbrejkjar jew fil-provvista tiegħu tal-enerġija. Dan ir-rekwiżit japplika għall-makkinarju mobbli kollu fejn ikun hemm riskju ta' telf tal-kontroll tal-moviment tal-makkinarju jekk tfalli s-sistema tal-brejkijiet. Dan ir-rekwiżit jista' jiġi ssodisfat pereżempju, permezz ta' brejk tal-idejn imqabbad mekkanikament, brejkijiet applikati permezz ta' molla li jiġu applikati f'każ ta' ħsara fl-enerġija jew sistema doppja ta' brejkijiet li tiżola ċ-ċirkwit bil-ħsara f'każ ta' ħsara fil-forniment tal-enerġija.

It-tielet paragrafu tas-sezzjoni 3.3.3 jitlob li l-makkinarju mobbli jkun mgħammar bi brejk tal-ipparkjar meta jkun hemm riskju li l-makkinarju jiċċaqlaq b'mod aċċidentali minn wieqaf. Il-brejk tal-ipparkjar irid ikun iddisinjat b'mod li l-effikaċja tiegħu ma tonqosx sakemm il-makkinarju jdum ipparkjat. Għal sistemi ta' brejkijiet purament mekkaniċi, il-brejk tal-ipparkjar jista' jiġi kombinat mal-mezzi ta' brejkjar prinċipali jew tal-emerġenza.

§308 Regolamenti għal ċirkolazzjoni fuq it-triq

L-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 3.3.3 jiddikjara li r-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Makkinarju fir-rigward tat-tnaqqis tal-mixi, it-twaqqif u l-immobilizzazzjoni japplikaw *'mingħajr preġudizzju għar-regolamenti tat-traffiku*. Hemm referenza simili għar-regolamenti tat-traffiku fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 3.6.1 dwar il-mezzi ta' twissija u s-sinjali tad-dawl.

Ir-regoli u l-proċeduri li jirregolaw iċ-ċirkolazzjoni ta' makkinarju mobbli f'toroq pubbliċi, mhumiex armonizzati fil-livell ta' UE. Għalhekk, minbarra r-rekwiżiti u l-proċeduri tad-Direttiva dwar il-Makkinarju, il-fabbrikanti li jkunu qegħdin ifittxu l-approvazzjoni ta' makkinarju mobbli għaċ-ċirkolazzjoni fit-triq jista' jkollhom japplikaw regoli u proċeduri fis-seħħ fil-livell nazzjonali. L-aspetti li jistgħu jkunu koperti minn dawn ir-regoli nazzjonali jinkludu, pereżempju:

- il-qisien, il-massa, it-tagħbija fuq il-fus u l-veloċità massimi,
- is-sospensjoni u t-tajers,
- is-sistemi tal-brejkijiet u tal-istering,
- il-viżibilità diretta u indiretta,
- il-mezzi ta' twissija, it-tabelli u s-sinjali, u d-dwal.

3.3.3. Funzjoni tal-ivvjaġġar (ikompli)

. . .

Il-makkinarju mmexxi mill-bogħod (bir-remote control) għandu jkun mgħammar b'mezzi għat-twaqqif awtomatiku u immedjat tat-tħaddim u sabiex jevita operazzjonijiet potenzjalment perikoluż fil-każijiet li ġejjin::

- *jekk ix-xufier jitlef il-kontroll,*
- *jekk jirċievi s-sinjal għall-waqfien,*
- *jekk tinstab ħsara f'parti li tirrigwarda s-sigurtà tas-sistema,*
- *jekk ma jinstabx sinjal ta' validazzjoni fi żmien speċifikat.*

. . .

§309 Twaqqif u kontroll ta' operazzjoni potenzjalment perikoluża permezz ta' kontroll mill-bogħod

Ir-rekwiżiti stipulati fir-raba' paragrafu tas-sezzjoni 3.3.3 huma kumplimentari għar-rekwiżiti ġenerali dwar sistemi ta' kontroll stipulati fis-sezzjoni 1.2.1 u għar-rekwiżiti dwar kontroll mill-bogħod ta' makkinarju mobbli stipulati fis-sezzjoni 3.3 u fit-tielet paragrafu tas-sezzjoni 3.6.1.

Il-mezz ta' kontroll mill-bogħod u s-sistema ta' kontroll tal-makkinarju jridu jkunu ddisinjati sabiex iwaqqfu mingħajr periklu l-makkinarju nnifsu u, fejn ikun meħtieġ, sabiex jimpedixxu kwalunkwe tħaddim perikolu tal-makkinarju, fis-sitwazzjonijiet kollha deskritti fl-erba' inċiżi ta' dan il-paragrafu. Dawn l-objettivi jistgħu jinkisbu b'taħlita ta' mezzi, li jinkludu, pereżempju, mezz ta' kontroll tal-kmand miżmum, mezzi għall-identifikazzjoni u t-twaqqif tal-makkinarju f'każ ta' sitwazzjonijiet perikoluż bħal aċċellerazzjoni, vibrazzjoni jew inklinazzjoni mhux normali, u mezzi ta' bidu li jridu jiġi azzjonati f'intervalli regolari.

Iż-*'żmien speċifikat'* imsemmi fl-aħħar inċiż tar-raba' paragrafu tas-sezzjoni 3.3.3 irid ikun qasir biżżejjed biex jevita li tinħoloq sitwazzjoni perikoluża matul l-intervall ta' ħin ikkonċernat.

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 3.3.3, is-sistema ta' kontroll mill-bogħod irid ikollha livell adegwat ta' prestazzjoni – ara §184: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.1.

3.3.3. Funzjoni tal-ivvjaġġar (ikompli)

. . .

Is-sezzjoni 1.2.4 ma tapplikax għall-funzjoni tal-ivvjaġġar.

.

§310 Twaqqif tal-funzjoni tal-ivvjaġġar

L-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 3.3.3 jipprevedi deroga mir-rekwiżiti ġenerali għall-funzjonijiet ta' twaqqif stipulati fis-sezzjoni 1.2.4. B'mod partikolari, is-sezzjoni 1.2.4.1 teħtieġ li, ladarba l-makkinarju jkun twaqqaf, il-provvista ta' enerġija għat-tagħmir li jazzjona kontrolli trid tinqata'. Dan ma japplikax għall-funzjoni tal-ivvjaġġar ta' makkinarju mobbli li tista' titwaqqaf b'mod newtrali waqt li l-magna tkun għadha għaddejja.

Ir-rekwiżiti applikabbli għat-twaqqif tal-funzjoni tal-ivvjaġġar ta' makkinarju mobbli huma dawk stipulati fl-ewwel tliet paragrafi ta' din is-sezzjoni – ara §307: kummenti dwar l-ewwel tliet paragrafi tas-sezzjoni 3.3.3.

3.3.4. Il-moviment ta' makkinarju kkontrollat minn min ikun miexi

Il-moviment ta' makkinarju li jimxi waħdu kkontrollat minn min ikun miexi għandu jkun possibbli biss permezz ta' azzjoni sostnuta mix-xufier fuq il-mezz tal-kontroll relevanti. B'mod partikolari, ma għandux ikun possibbli li makkinarju jiċċaqlaq waqt li l-magna tkun qiegħda titqabbad.

Is-sistemi ta' kontroll għall-makkinarju kkontrollat minn min ikun miexi għandu jiġi ddisinnjat b'mod li jimminimizza r-riskji li jinħolqu minn ċaqlieq mhux maħsub għalih tal-magna lejn ix-xufier, b'mod partikolari:

- *it-tgħaffiġ,*
- *il-korriment minn għodda li ddur.*

Il-veloċità tal-makkinarju għandha tkun kompatibbli mal-pass tax-xufier huwa u miexi.

Fil-każ ta' makkinarju li fuqu tiġi mwaħħla għodda li ddur, ma għandux ikun possibbli li l-għodda titħaddem meta jkun imdaħħal il-kontroll tal-moviment b'lura, għajr fejn il-moviment tal-makkinarju jirriżulta mil-moviment tal-għodda. Fil-każ ta' dan tal-aħħar, il-velocità tal-moviment b'lura għandu jkun tali li ma jipperikolax lix-xufier.

§311 Il-moviment ta' makkinarju kkontrollat minn min ikun miexi

Is-sezzjoni 3.3.4 tirrigwarda makkinarju mobbli li jaħdem waħdu kkontrollat minn min ikun miexi, jiġifieri, makkinarju b'movimenti tal-mixi li jitħaddmu bid-dawl ikkontrollati minn xufier li jakkumpanja l-makkinarju bil-mixi, li ġeneralment jimxi wara jew quddiem il-makkinarju u jħaddem il-mezzi ta' kontroll u l-apparat tal-istering b'idejh – ara §293: kummenti dwar is-sezzjoni 3.1.1 (b). Il-makkinarju kkontrollat minn min ikun miexi jinkludi t-trakkijiet tal-pallets ikkontrollati minn min ikun miexi, makkinarju għat-tindif tas-superfiċji, *compactors*, *cultivators*, mgħażaq bil-mutur u magni li jaqtgħu l-ħaxix. Is-sezzjoni 3.3.4 ma tirrigwardax makkinarju mħaddem minn min ikun miexi.

Ir-rekwiżiti stipulati fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 3.3.4 huma intiż biex inaqqsu r-riskju ta' movimenti mhux ikkontrollati tal-makkinarju. Il-mezzi ta' kontroll għall-moviment iridu jkunu tat-tip li biex jaħdmu jridu jinżammu magħfusa u r-rilaxx tal-mezz ta' kontroll irid iwaqqaf il-makkinarju mingħajr periklu. Jekk il-makkinarju jkun probabbli li jkompli miexi wara li l-mezz ta' kontroll ikun reġa' lura għall-pożizzjoni newtrali, jista' jkun meħtieġ li għar-rilaxx tal-mezz ta' kontroll jiġi azzjonat brejk. Billi l-operatur ġeneralment irid iżomm l-apparat tal-istering u l-mezz ta' kontroll tal-moviment, bl-istess id, huwa importanti li l-mezz ta' kontroll miżmum ikun iddisinjat u pożizzjonat b'mod li jnaqqas il-limitazzjoni għall-operatur – ara §193: kummenti dwar it-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.2.2.

It-tieni sentenza tal-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 3.3.4 tittratta aspett speċifiku tar-rekwiżit stipulat fl-ewwel sentenza: id-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju jridu jagħmluha impossibbli li jseħħ moviment tal-makkinarju waqt l-istartjar tal-magna.

Ir-rekwiżit stipulat fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 3.3.4 jittratta r-riskju li x-xufier jitgħaffeġ jew jiġi mweġġa' mill-makkinarju nnifsu li jkun miexi, minn partijiet li jiċċaqilqu tal-makkinarju jew b'għodod. Dan ir-riskju huwa partikolarment importanti meta x-xufier jimxi quddiem il-makkinarju jew jekk il-makkinarju jkun jista' jirriversja għal fuq ix-xufier. F'każijiet bħal dawn, jista' jkun neċessarju li jitwaħħal apparat

protettiv li jwaqqaf il-makkinarju jekk dan joqrob lejn jew jiġi f'kuntatt mal-ġisem tax-xufier.

Ir-rekwiżit, stipulat fit-tielet paragrafu tas-sezzjoni 3.3.4, li l-veloċità tal-ivvjaġġar trid tkun kompatibbli mal-pass tax-xufier miexi, għandu l-għan li jassigura li x-xufier ma jitlifx il-kontroll tal-makkinarju waqt li dan ikun miexi.

L-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 3.3.4 jittratta r-riskju ta' korriment għax-xufier li jkun miexi minħabba kuntatt ma' għodda li ddur bħal, pereżempju, ix-xafra ta' *cultivator* jew mgħażqa. Jekk il-funzjoni tal-makkinarju tkun teħtieġ funzjoni ta' rriversjar, l-għodda trid tiġi diżattivata waqt l-irriversjar jew, jekk il-moviment tal-makkinarju jirriżulta mill-moviment tal-għodda, trid tkun prevista veloċità ta' 'sewqan bil-mod' sabiex jitnaqqas ir-riskju.

3.3.5. Ħsara fiċ-ċirkwit tal-kontroll

Ħsara fil-provvista tal-enerġija għall-power-assisted steering, fejn ikun mgħammar, ma għandux jimpedixxi lill-makkinarju milli jiġi mmanuvrat matul iż-żmien meħtieġ biex jitwaqqaf.

§312 Ħsara fil-provvista tal-enerġija għall-istering

Fuq il-makkinarju mobbli jitwaħħal *power-assisted steering* sabiex jitnaqqsu l-isforzi meħtieġa biex jiġi mmanuvrat il-makkinarju, b'mod partikolari fuq makkinarju kbir u għal manuvri fi spazju ristrett. Madankollu, billi x-xufier irid ikun kapaċi jikkontrolla l-moviment tal-makkinarju f'kull ħin, irid ikun possibbli li l-makkinarju jiġi mmanuvrat għall-ħin li jkun hemm bżonn sabiex jitwaqqaf mingħajr periklu f'każ ta' telf tal-provvista tal-enerġija. Jekk ikun possibbli li l-makkinarju jiġi mmanuvrat bl-idejn għal waqfien mingħajr periklu, dan ir-rekwiżit jista' jiġi ssodisfat billi wieħed juża stering manwali f'każ ta' telf tal-provvista tal-enerġija. Inkella, tkun meħtieġa provvista tal-enerġija ta' riserva.

Fuq makkinarju b'sistema ta' power steering dejjem hija meħtieġa provvista tal-enerġija ta' riserva.

3.4. IL-PROTEZZJONI KONTRA L-PERIKLI MEKKANIĊI

3.4.1. Movimenti mhux ikkontrollati

Il-makkinarju għandu jkun hekk iddisinnjat, mibni u fejn xieraq imqiegħed fuq ir-reffieda mobbli tiegħu b'mod li jiżgura li meta jiġi mċaqlaq, l-oxxillazzjonijiet mhux ikkontrollat taċ-ċentru tal-gravità tiegħu ma jaffettwawx l-istabbilità tiegħu jew ma jeżerċitawx tensjoni fuq l-istruttura tiegħu.

§313 Movimenti mhux ikkontrollati

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 3.4.1 huwa kumplimentari għar-rekwiżiti ġenerali dwar l-istabbiltà u r-riskju ta' ksur waqt it-tħaddim stipulati fis-sezzjonijiet 1.3.1 u 1.3.2.

Id-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju mobbli jridu jqisu l-effetti dinamiċi dovuti għall-movimenti tal-makkinarju li jistgħu jaffettwaw l-istabbiltà tiegħu jew ir-reżistenza mekkanika tal-istrutturi tiegħu. Dawn ir-riskji għandhom jiġu kkunsidrati b'mod

partikolari fil-każ ta' makkinarju li jaħdem waħdu jew irmunkat intiż għal ċirkolazzjoni fit-triq, makkinarju intiż biex jiġi mmuntat fuq vetturi tat-triq u makkinarju intiż biex jivvjaġġa b'veloċità għolja.

3.4.2. Partijiet tat-trasmissjoni li jiċċaqilqu

Permezz ta' deroga mis-Sezzjoni 1.3.8.1, fil-każ ta' magni b'kombustjoni interna, il-mezz ta' lqugħ li jitneħħew li ma jħallux aċċess għall-partijiet li jiċċaqilqu tal-kumpartiment tal-magna ma għandhomx għalfejn ikollhom mezzi li jillokjaw ma' xulxin jekk ikollhom jinfetħu jew bl-użu ta' għodda jew b'ċavetta jew b'kontroll li jkun jinsab fil-post tas-sewqan, jekk dan tal-aħħar ikun f'kabina magħluqa għal kollox b'sokor sabiex jimpedixxi aċċess mhux awtorizzat.

§314 Aċċess għall-kumpartiment tal-magna

Is-sezzjoni 3.4.2 tipprevedi eċċezzjoni għar-rekwiżiti ġenerali ta' prevenzjoni tal-aċċess għal partijiet tat-trasmissjoni li jiċċaqilqu stipulati fis-sezzjoni 1.3.8.1. Id-deroga tapplika għal mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiċċaqilqu li jimpedixxu l-aċċess għall-partijiet li jiċċaqilqu fil-kumpartiment tal-magna (kuperċi tal-magna b'funzjoni ta' lqugħ). Dawn il-kuperċi tal-magna m'għandhomx għalfejn ikun mgħammra b'mezzi li jillokkjaw ma' xulxin li jwaqqfu l-magna meta jinfetaħ il-kuperċ. Madankollu jridu jittieħdu miżuri biex jimpedixxu l-aċċess mhux awtorizzat għall-kumpartiment tal-magna:

- il-kuperċ tal-magna jrid ikun iddisinjat b'mod li biex jinfetaħ ikun jeħtieġ l-użu ta' għodda jew ċavetta – ara §218: kummenti dwar is-sezzjoni 1.4.2.1,

jew

- il-kuperċ tal-magna jrid ikun mgħammar b'sokor li jkun jista' jintreħa mill-pożizzjoni tas-sewqan permezz ta' apparat pożizzjonat f'kabina magħluqa għal kollox li hija stess tkun tista' tiġi llokkjata sabiex timpedixxi l-aċċess mhux awtorizzat.

3.4.3. Qlib fil-ġenb u l-quddiem jew wara

Fejn, fil-każ ta' makkinarju li jimxi b'xufier riekeb fuqu, l-operatur(i) jew persuni oħra, ikun hemm ir-riskju ta' qlib fil-ġenb, fuq quddiem jew wara, il-makkinarju għandu jkun mgħammar bi struttura ta' protezzjoni xierqa għajr jekk dan iżid ir-riskji.

Din l-istruttura għandha tkun tali li fil-każ ta' qlib fil-ġenb, fuq quddiem jew wara din tippermetti lill-persuna(i) rekbin fuqu volum adegwat li jillimitawlhom il-liwja.

Sabiex jiġi vverifikat li l-istruttura tikkonforma mal-ħtieġa stabbilita fit-tieni paragrafu, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu, għal kull tip ta' struttura involuta, jagħmel l-eżaminazzjonijiet xierqa jew jordna li jsiru dawn l-eżaminazzjonijiet.

§315 Qlib fil-ġenb u l-quddiem jew wara

Is-sezzjoni 3.4.3 tittratta r-riskju residwu ta' telf tal-istabbiltà tal-makkinarju jekk, minkejja l-miżuri meħuda skont is-sezzjonijiet 1.3.1 u 3.4.1 sabiex tkun assigurata stabbiltà adegwata, ikun hemm riskju residwu minħabba l-qlib fil-ġenb jew 'il quddiem jew lura tal-makkinarju. It-terminu *'qlib fil-ġenb'* jirreferi għal qlib totali li jinvolvi dawra

ta' 180°. It-terminu *'qlib 'l quddiem jew lura'* jirreferi għas-sitwazzjoni fejn il-makkinarju jinqaleb iżda fejn il-forma jew element bħal arblu jew boma jimpeduh milli jdur aktar minn 90°. Il-makkinarju għandu mnejn ikun jista' jinqaleb fil-ġenb jew 'il quddiem jew lura f'direzzjoni laterali jew lonġitudinali jew it-tnejn. Il-qlib fil-ġenb jew il-qlib 'l quddiem jew lura dejjem joħloq riskju li x-xufier jew il-persuni l-oħra trasportati mill-makkinarju jiġu mitfugħa 'l barra jew jitgħaffġu.

L-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 3.4.3 jitlob li l-makkinarju li jkollu tali riskju residwu jkun mgħammar bi struttura protettiva xierqa, jiġifieri struttura protettiva kontra l-qlib fil-ġenb jew struttura protettiva kontra l-qlib 'l quddiem jew lura. Dawn l-istrutturi jridu jkunu ddisinjati sabiex jipproteġu lill-persuni kollha ttrasportati mill-makkinarju li jkunu esposti għar-riskju kkonċernat.

L-istima tar-riskju residwu minħabba qlib fil-ġenb jew 'il quddiem jew lura għandha tikkunsidra l-parametri li ġejjin:

- il-kondizzjonijiet intiżi u li jistgħu jkunu previsti ta' tħaddim tal-makkinarju (bħall-veloċità, l-inklinazzjoni massima u t-terren);
- il-massa, il-qisien u ċ-ċentru tal-gravità tal-makkinarju, il-kundizzjonijiet differenti tat-tagħbija, il-preżenza ta' mezzi ta' livellar;
- il-forma tal-makkinarju u l-pożizzjoni tal-operatur(i).

Il-protezzjoni meħtieġa tista' tiġi assigurata minn partijiet tal-makkinarju nnifsu li jassiguraw il-protezzjoni neċessarja tal-operatur(i) f'każ ta' qlib fil-ġenb jew qlib 'l quddiem jew lura. Meta tkun meħtieġa struttura protettiva speċifika, din tista' tiġi integrata ġewwa kabina.

Għal bosta kategoriji ta' makkinarju mobbli, l-istandards armonizzati jindikaw jekk tkunx meħtieġa struttura protettiva u jispeċifikaw it-tip ta' struttura protettiva li għandha titwaħħal.

L-unika eċċezzjoni għal dan ir-rekwiżit huwa fejn it-twaħħil ta' struttura protettiva jżid ir-riskju relatat mal-qlib fil-ġenb jew 'il quddiem jew lura. Pereżempju, mhuwiex rakkomandabbli li titwaħħal struttura protettiva fuq makkinarju intiż għal irkib attiv li fuqu ma jkunx jista' jintuża mezz ta' rbit għas-sedili – ara §295: kummenti dwar is-sezzjoni 3.2.2.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 3.4.3 jistabbilixxi l-objettiv li għandu jinkiseb mill-istrutturi protettivi kontra l-qlib fil-ġenb u 'l quddiem jew lura. L-istruttura protettiva trid tipprovdi volum adegwat ta' limitazzjoni tad-deflessjoni, fi kliem ieħor, f'każ ta' qlib fil-ġenb jew qlib 'l quddiem jew lura, hija m'għandhiex tiddeforma ruħha b'mod li tiġi f'kuntatt mal-operatur waqt li dan ikun qiegħed fil-pożizzjoni tat-tħaddim. Għandu jiġi osservat li tali strutturi protettiv jistgħu jaqdu l-funzjoni protettiva tagħhom biss jekk il-persuni kkonċernati jkunu marbuta sabiex jibqgħu fis-sedili tagħhom f'każ ta' qlib fil-ġenb jew qlib 'l quddiem jew lura – ara §295: kummenti dwar is-sezzjoni 3.2.2.

It-tielet paragrafu tas-sezzjoni 3.4.3 jitlob li l-istrutturi protettivi kontra l-qlib fil-ġenb u 'l quddiem jew lura jkunu soġġetti għat-testijiet tat-tip neċessarji sabiex jiġi vverifikat li jaqdu r-rwol protettiv tagħhom.

Għandu jiġi osservat li l-istrutturi protettivi kontra l-qlib fil-ġenb u 'l quddiem jew lura li jitqiegħdu fis-suq b'mod indipendenti huma komponenti tas-sigurtà, filwaqt li r-ROPS huma inklużi fil-lista indikattiva ta' komponenti tas-sigurtà stipulati fl-Anness V (partita

14). Dawn ir-ROPS huma inklużi wkoll fil-kategoriji ta' makkinarju elenkati fl-Anness IV (partita 22) soġġetti għall-proċeduri ta' stima tal-konformità msemmija fl-Artikolu 12 (3 u (4).

3.4.4. Oġġetti li jaqgħu

Fejn, fil-każ ta' makkinarju li jimxi waħdu b'xufier riekeb fuqu, operaturi jew persuni oħra, ikun hemm ir-riskju ta' oġġetti jew materjal li jaqgħu, il-makkinarju għandu jkun iddisinnjat u mibni b'mod li jittieħed kont ta' dan ir-riskju u mgħammar, jekk jippermetti d-daqs, bi struttura ta' protezzjoni xierqa.

Din l-istruttura għandha tkun tali li fil-każ ta' qlib ta' oġġetti jew materjal, tiggarantixxi lill-persuna(i) riekba fuqha volum adegwat li jillimita l-liwja.

Sabiex jiġi vverifikat li l-istruttura tikkonforma mal-ħtieġa stabbilita fit-tieni paragrafu, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu, għal kull tip ta' struttura involuta, jagħmel l-eżaminazzjonijiet xierqa jew jordna li jsiru dawn l-eżaminazzjonijiet.

§316 Oġġetti li jaqgħu

Ir-rekwiżit stipulat sezzjoni 3.4.4 jikkumplimenta r-rekwiżit ġenerali dwar riskji minħabba oġġetti li jaqgħu jew li jintefgħu 'l barra stipulat fis-sezzjoni 1.3.3.

Ir-riskju li x-xufier jew persuni oħra trasportati fuq makkinarju mobbli li jaħdem waħdu jweġġgħu b'oġġetti li jaqgħu jista' jkun minħabba oġġetti jew materjali mċaqilqa jew merfugħa mill-makkinarju, pereżempju, minn trakkijiet għall-irfigħ jew gafef. Ir-riskju jista' jkun ukoll minħabba l-ambjent li fih ikun intiż li jaħdem il-makkinarju bħal, pereżempju, twaqqigħ jew foresterija. Fejn ikun hemm riskju ta' oġġetti li jaqgħu fil-kundizzjonijiet intiżi jew prevedibbli ta' użu tal-makkinarju, iridu jittieħdu l-miżuri protettivi, fosthom, fejn id-daqs tal-makkinarju jippermetti, it-twaħħil ta' struttura protettiva xierqa kontra l-oġġetti li jaqgħu. L-istruttura protettiva trid tkun iddisinjata sabiex tipproteġi lill-persuni kollha trasportati mill-makkinarju li jkunu esposti għar-riskju kkonċernat. Id-disinn tal-istruttura protettiva jrid jikkunsidra kemm id-daqs tal-oġġetti potenzjali li jaqgħu (sabiex jiġi evitat li l-oġġetti jgħaddu minn ġol-istruttura) kif ukoll il-ħtieġa ta' viżibbiltà adegwata mill-pożizzjoni tas-sewqan – ara §294: kummenti dwar is-sezzjoni 3.2.1.

L-istandards armonizzati għall-biċċa l-kbira tal-kategoriji ta' makkinarju mobbli jispeċifikaw it-tip ta' struttura protettiva meħtieġa.

Il-kummenti dwar it-tieni u tielet paragrafi tas-sezzjoni 3.4.3 dwar il-protezzjoni kontra qlib fil-ġenb u l-quddiem jew wara japplikaw ukoll għat-tieni u tielet paragrafi tas-sezzjoni 3.4.4.

Għandu jiġi osservat li strutturi protettivi kontra oġġetti li jaqgħu li jitqiegħdu fis-suq b'mod indipendenti huma komponenti tas-sigurtà u huma inklużi fil-lista indikattiva ta' komponenti tas-sigurtà li tinsab fl-Anness V (partita 15). Tali FOPS huja inklużi wkoll fil-kategoriji ta' makkinarju elenkati fl-Anness IV (partita 23) soġġetti għall-proċeduri ta' stima ta' konformità msemmija fl-Artikolu 12 (3 u (4).

3.4.5. Mezzi ta' aċċess

Il-manki u t-turġien għandhom ikunu ddisinnjati, mibnija u rranġati hekk li l-operaturi jużawhom istintivament u ma jużawx il-mezzi ta' kontroll biex jassistu l-aċċess.

§317 Turġien u puġġamani għal aċċess

Is-sezzjoni 3.4.5 tittratta d-disinn, il-kostruzzjoni u l-post tat-turġien u l-puġġamani mwaħħla sabiex jippermettu lix-xufiera u persuni oħra jaslu u jħallu l-pożizzjoni tas-sewqan u pożizzjonijiet oħra tat-tħaddim u punti ta' servicing fuq il-makkinarju – ara §237: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.15, u §240: kummenti dwar is-sezzjoni 1.6.2. Dan ir-rekwiżit għandu jiġi applikat flimkien mar-rekwiżiti ġenerali dwar id-disinn tal-mezzi ta' kontroll – ara §190: kummenti dwar is-sitt inċiż tas-sezzjoni 1.2.2.

Il-mezzi ta' aċċess għal pożizzjonijiet tas-sewqan u pożizzjonijiet oħra tat-tħaddim għandhom ikunu ddisinjati u pożizzjonati wkoll sabiex jimpedixxu li l-operaturi jużaw bħala turġien jew puġġamani, partijiet mhux intiżi għal dak il-għan, bħal, pereżempju, toqbiet fl-istruttura, mezzi ta' lqugħ jew partijiet li jiċċaqilqu.

3.4.6. Mezzi tal-irmunkar

Il-makkinarju kollu użat għall-irmunkar jew sabiex ikun irmunkat għandu jkun mgħammar b'mezzi tal-irmunkar jew tal-iggančjar, ddisinnjati, mibnija u irranġati b'mod li jiżguraw konnessjoni u qtugħ faċli u fiż-żgur u sabiex jevitaw qtugħ inċidentali matul l-użu.

Sakemm it-tagħbija tat-tow bar hekk titlob, dan il-makkinarju għandu jkun mgħammar b'reffieda mat-tagħbija u mal-art.

§318 Tagħmir tal-irmunkar

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 3.4.6 japplikaw għal makkinarju intiż biex jirmonka makkinarju jew tagħmir ieħor. Tali makkinarju tal-irmunkar jinkludi, pereżempju, ċerti trakkijiet industrijali, tagħmir ta' appoġġ għall-inġenji tal-ajru mill-art li jkun intiż biex jirmonka inġenji tal-ajru jew tagħmir ieħor u ċerti gafef. Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 3.4.6 japplikaw ukoll għal makkinarju intiż biex jiġi rmunkat minn makkinarju ieħor, minn vettura jew minn trattur. Tali makkinarju rmunkat jinkludi, pereżempju, gafef intiżi biex jiġu rmunkati, makkinarju agrikolu rmunkat, kompressuri mmuntati fuq karru, pjattaformi mobbli għal xogħol ta' rfigħ u lifts li jitneħħew.

Tagħmir tal-irmunkar bħal tow bars, ganċijiet u ingassi, korpi ta' aggančament, saljaturi tal-immuntar u pjanċi fil-bażi, irid ikun faċli biex jitqabbad u jiġi skonnettjat mingħajr periklu. Huma jridu jkunu ddisinjati u mgħammra sabiex jimpedixxu skonnettjar aċċidentali waqt l-irmunkar, pereżempju, permezz ta' lukkett awtomatiku.

Jekk it-tagħmir tal-irmunkar ikun tqil, irid jiġi pprovdut irfid bħal, pereżempju, sieq ta' sostenn b'superfiċje sabiex iżżomm fuq l-art, u l-użu korrett tar-reffieda jrid jiġi deskritt fl-istruzzjonijiet.

3.4.7. Trasmissjoni ta' enerġija bejn il-makkinarju li jaħdem waħdu (jew it-trattur) u l-makkinarju li qiegħed jirċievi

Mezzi li jistgħu jitneħħew ta' trasmissjoni mekkanika li jgħaqqdu makkinarju li jaħdem waħdu (jew trattur) fil-mezz li twaħħal l-ewwel li jnaqqas il-frizzjoni fil-magna tal-makkinarju li qiegħed jirċievi u mibni b'tali mod li kwalunkwe parti li tiċċaqlaq fl-operazzjoni tkun protetta fit-tul kollu tagħha.

Fuq in-naħa tal-makkinarju li jaħdem waħdu (jew trattur), il-power take-off li miegħu ikun imwaħħal il-mezz li jista' jitneħħa tat-trasmissjoni mekkanika għandu jkun protett jew minn mezz ta' lqugħ imwaħħal u imqabbad mal-makkinarju li jaħdem waħdu (jew trattur) jew minn kwalunkwe mezz ieħor li joffri protezzjoni ekwivalenti.

Dan il-mezz ta' lqugħ għandu jkun wieħed li jista' jinfetaħ għall-aċċess għall-mezz li jista' jitneħħa tat-trasmissjoni. Ġaladarba dan ikun f'postu, għandu jkun hemm biżejjed spazju sabiex ikun evitat li xaft biex idawwar il-mekkaniżmu jagħmel ħsara lill-mezz ta' lqugħ meta l-makkinarju (jew it-trattur) ikun qiegħed jiċċaqlaq.

Fuq in-naħa tal-makkinarju li jirċievi, ix-xaft tad-dħul għandu jkun magħluq f'kisi prottettiv imwaħħal mal-makkinarju.

Jistgħu jitwaħħlu torque limiters jew freewheels mat-trasmissjonijiet tal-għaqda universali man-naħa li tmiss mal-makkinarju misjuq biss. Il-mezzi li jistgħu jinqalgħu għat-trasmissjoni mekkanika għandhom ikunu mmarkati kif jixraq.

Il-makkinarju kollu li jirċievi, fejn l-operazzjoni tiegħu teħtieġ mezz li jitneħħa ta' trasmissjoni mekkanika sabiex jitqabbad mal-makkinarju li jaħdem waħdu (jew trattur) għandu jkollu sistema sabiex jitqabbad mal-mezz li jitneħħa tat-trasmissjoni mekkanika sabiex, meta l-makkinarju ma jkunx iggankjat, il-mezz li jitneħħa tat-trasmissjoni mekkanika u l-mezz ta' lqugħ tiegħu ma ssirilhomx ħsara b'kuntatt mal-art jew ma' parti mill-makkinarju.

Il-partijiet ta' fuq barra tal-mezz ta' lqugħ għandhom ikunu ddisinnjati, mibnija u rranġati b'tali mod li ma jkunux jistgħu jduru mal-mezz tat-trasmissjoni mekkanika li jista' jitneħħa. Il-mezz ta' lqugħ għandu jgħatti t-trasmissjoni sat-truf tal-ħniek ta' ġewwa fil-każ ta' ġonot universali sempliċi u mill-inqas saċ-ċentru tal-ġonta jew il-ġonot ta' barra fil-każ ta' ġonot universali b'angoli wiesgħa.

Jekk il-mezzi ta' aċċess għall-pożizzjonijiet tax-xogħol huma provduti fejn il-mezz tat-trasmissjoni mekkanika li jista' jitneħħa, dawn għandhom ikunu ddisinnjati u mibnija b'tali mod li l-mezz ta' lqugħ tax-xaft ma jkunux jistgħu jintużaw bħala turġien, għajr jekk ikunu ddisinnjati u mibnija għal dak l-iskop.

§319 Apparat għat-trasmissjoni mekkanika li jista' jitneħħa

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 3.4.7 jikkonċernaw id-disinn u l-kostruzzjoni ta' apparat għat-trasmissjoni mekkanika li jista' jitneħħa u l-mezzi ta' lqugħ tagħhom – ara §45: kummenti dwar l-Artikolu 2 (f). L-għan ta' dawn ir-rekwiżiti huwa li jimpedixxu li persuni jinqabdu fix-xaft tat-trasmissjoni li jdur jew fil-partijiet li jqabbdu x-xaft mal-*power take-off* fuq il-makkinarju tal-irmunkar jew it-trattur u mal-makkinarju rmunkat. Dan l-objettiv irid jintlaħaq permezz ta' protezzjoni adegwata tax-xaft tat-trasmissjoni u tal-partijiet ta' tqabbid.

L-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-seba' paragrafu tas-sezzjoni 3.4.7 jistabbilixxu rekwiżiti għall-mezzi ta' lqugħ u l-karatteristiċi tagħhom.

It-tielet, is-sitt u l-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 3.4.7 jitolbu li jittieħdu miżuri sabiex tiġi evitata ħsara fil-mezzi ta' lqugħ għall-*power take-off* u fl-apparat għat-trasmissjoni mekkanika li jista' jitneħħa, kemm waqt l-użu kif ukoll waqt li jkun qiegħed jiġi żganċjat l-apparat għat-trasmissjoni li jista' jitneħħa. L-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 3.4.7 jikkumplimenta r-rekwiżit ġenerali stipulat fis-sezzjoni 1.6.2 fir-rigward tal-aċċess għall-pożizzjonijiet tat-tħaddim u l-punti ta' servicing.

Għandu jiġi osservat li mezzi ta' lqugħ għal mezzi ta' trasmissjoni mekkanika li jistgħu jinqalgħu li jitqiegħdu fis-suq b'mod indipendenti huma komponenti tas-sigurtà u huma inklużi fil-lista indikattiva mogħtija fl-Anness V (partita 1). Apparat għat-trasmissjoni mekkanika li jista' jitneħħa, inkluż il-mezzi ta' lqugħ tagħhom, u mezzi ta' lqugħ għal mezzi ta' trasmissjoni mekkanika li jistgħu jinqalgħu huma inklużi fost il-kategoriji ta' makkinarju elenkati fl-Anness IV (partiti 14 u 15) soġġetti għall-proċeduri ta' stima ta' konformità stipulati fl-Artikolu 12 (3) u (4).

3.5. PROTEZZJONI KONTRA PERIKLI OĦRA

3.5.1. Batteriji

Il-kaxxa tal-batterija għandha tkun ddisinnjata u mibnija b'mod li tevita li l-elettrolit jinbeżaq fuq l-operatur fil-każ ta' qlib fil-ġenb, fuq quddiem jew wara jew biex jevitaw l-akkumulazzjoni ta' gassijiet fil-postijiet okkupati mill-operaturi.

Il-makkinarju għandu jkun hekk ddisinnjat u mibni b'mod li l-batterija tkun tista' tiġi skonnettjata bl-għajnuna ta' mezz aċċessibbli bla xkiel ipprovdut għal dan l-iskop.

§320 Batteriji

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 3.5.1 jirrigwarda t-tip ta' batterija u l-post, id-disinn u l-kostruzzjoni tal-kaxxa tal-batterija fuq makkinarju mobbli. L-użu ta' batteriji ssiġillati jew 'li ma jeħtiġux manutenzjoni' jista' jkun wieħed mill-modi sabiex jitnaqqsu r-riskji kkonċernati.

Ir-rekwiżit stipulat fit-tieni paragrafu fir-rigward tal-iskonnettjar tal-batterija huwa applikazzjoni partikolari tar-rekwiżit ġenerali stipulat fis-sezzjoni 1.6.3 dwar l-iżolament ta' sorsi tal-enerġija. Sabiex jikkonforma ma' dan ir-rekwiżit, il-fabbrikant jista' jwaħħal swiċċ ta' iżolament li jkun faċilment aċċessibbli jew, jekk it-terminali tal-batterija jkunu faċilment aċċessibbli, jassigura li t-terminali tal-batterija jkunu jistgħu jiġu skonnettjati faċilment mingħajr l-użu ta' għodod.

3.5.2. Nirien

Skont ir-riskji antiċipati mill-fabbrikant, il-makkinarju għandu, fejn jippermetti d-daqs tiegħu:

- *jew iħalli li jiġu mgħammra mezzi għat-tifi tan-nar li jkunu aċċessibbli mingħajr xkiel, jew*
- *jiġi provdut b'sistemi għat-tifi tan-nar inkorporat.*

§321 *Mezzi għat-tifi tan-nar u sistemi għat-tifi tan-nar*

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 3.5.2 jikkumplimenta r-rekwiżit ġenerali stipulat fis-sezzjoni 1.5.6 dwar ir-riskju ta' nar.

Il-miżuri protettivi kumplimentari sabiex jiġu llimitati l-effetti ta' nirien fuq makkinarju mobbli għandhom jiġu determinati fid-dawl tal-kundizzjonijiet intiżi ta' użu tal-makkinarju u tal-istima tar-riskju ta' nar, fosthom il-konsegwenzi possibbli tan-nar fuq il-persuni u l-proprjetà. Il-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati jinkludu, pereżempju:

- jekk il-makkinarju jkunx intiż sabiex jintuża f'ambjent fejn il-konsegwenzi ta' nar jistgħu jkunu severi;
- jekk il-makkinarju jkunx intiż għal użu fuq ġewwa jew fi spazji magħluqa;
- jekk il-makkinarju jinkorporax jew ikunx probabbli li jġorr kwantitajiet sinifikanti ta' materjali jew sustanzi kombustibbli jew li jistgħu jieħdu n-nar;
- jekk jistax jiġi kompromess il-ħruġ tal-emerġenza mill-pożizzjoni tas-sewqan jew minn pożizzjonijiet ta' tħaddim, pereżempju, fuq impjant mobbli kbir.

Jekk ikun hemm riskju residwu sinifikanti ta' nar fuq il-makkinarju u fejn id-daqs tiegħu jippermetti, il-makkinarju għandu jkun ipprovdut b'postijiet faċilment aċċessibbli fejn ikunu jistgħu jitpoġġew numru xieraq ta' mezzi għat-tifi tan-nar ta' daqs adegwat. Il-fabbrikant tal-makkinarju mhuwiex mistenni li jipprovdi l-mezzi għat-tifi tan-nar.

F'każijiet fejn il-makkinarju jippreżenta riskju residwu ta' nar u/jew fejn il-konsegwenzi ta' nar fil-kundizzjonijiet intiżi ta' użu jistgħu jkunu severi, u fejn id-daqs tiegħu jippermetti, il-fabbrikant tal-makkinarju jrid iwaħħal sistema integrata għat-tifi tan-nar.

Għandu jiġi osservat li t-twaħħil ta' sistema integrata għat-tifi tan-nar huwa rekwiżit espliċitu għal ċertu makkinarju intiż għal xogħol taħt l-art – ara §366: kummenti dwar is-sezzjoni 5.5.

3.5.3. Emissjonijiet ta' sustanzi perikolużi

It-tieni u t-tielet paragrafi tas-sezzjoni 1.5.13 ma għandhomx japplikaw fejn il-funzjoni ewlenija tal-makkinarju hija t-tbexxix ta' prodotti. Madankollu, l-operatur għandu jkun protett mir-riskju li jkun espost għal dawn l-emissjonijiet perikolużi.

§322 *Protezzjoni tal-operaturi ta' apparat tat-tbexxix kontra riskji minħabba l-esponiment għal sustanzi perikolużi*

L-ewwel sentenza tas-sezzjoni 3.5.3 tindika li r-rekwiżiti stipulati fit-tieni u t-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.5.13, rigward il-konteniment, l-evakwazzjoni, il-preċipitazzjoni, l-iffiltrar jew it-trattament ta' materjali u sustanzi perikolużi emessi mill-makkinarju, ma japplikawx għal makkinarju li l-funzjoni prinċipali tiegħu hija li jbixx prodotti li jistgħu jkunu perikolużi. Makkinarju bħal dan jinkludi, pereżempju, bexxiexa tal-pestiċidi u ċertu makkinarju għat-tindif tal-uċuħ u għall-kostruzzjoni tat-toroq.

Għandu jiġi osservat li l-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 1.5.13, rigward il-prevenzjoni tar-riskji ta' inalazzjoni, inġestjoni, kuntatt mal-ġilda, l-għajnejn u l-membrani mukużi u penetrazzjoni minn ġol-ġilda, ta' materjali u sustanzi perikolużi prodotti mill-makkinarju, japplika għall-makkinarju intiż biex ibixx prodotti.

It-tieni sentenza tas-sezzjoni 3.5.3 tenfasizza li, għall-makkinarju intiż biex ibixx prodotti, l-operatur irid ikun protett kontra r-riskju ta' esponiment għal emissjonijiet perikoluži permezz ta' mezzi xierqa li jistgħu jkunu differenti minn dawk imsemmija fit-tieni u t-tielet paragrafu tas-sezzjoni 1.5.13. Dan ir-rekwiżit irid jiġi applikat flimkien mar-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 1.1.7 dwar il-pożizzjonijiet tat-tħaddim u r-rekwiżiti stipulati fis-sezzjonijiet 3.2.1 u 3.2.3 dwar il-pożizzjoni tas-sewqan u dwar il-pożizzjonijiet għal persuni oħra. Għalhekk, il-makkinarju li jaħdem waħdu b'xufier riekeb fuqu jrid ikun fornut b'kabina tax-xufier iddisinjata u mibnija sabiex tipproteġi kontra r-riskju ta' esponiment għas-sustanzi perikoluži kkonċernati b'mezzi bħal, pereżempju, sistema adegwata ta' filtrazzjoni tal-arja u pressjoni pożittiva – ara §182: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.7, §235: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.13, §294: kummenti dwar is-sezzjoni 3.2.1, u §296: kummenti dwar is-sezzjoni 3.2.3.

3.6. INFORMAZZJONI U INDIKAZZJONIJIET

3.6.1. Tabelli, sinjali u twissijiet

Il-makkinarju għandu jkollu sinjali u/jew jew pjanċi ta' struzzjonijiet dwar l-użu, l-aġġustament u l-manutenzjoni, kull fejn ikun hemm bżonn, biex jiżguraw is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni. Għandhom jiġu magħżula, ddisinnjati u mibnija hekk li jkunu jidhru biċ-ċar u b'mod li ma jitħassrux.

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti tat-traffiku fit-toroq, il-makkinarju bix-xufier riekeb fuqu għandu iġorr it-tagħmir li ġej:

- *mezz ta' twissija bil-ħoss biex jiġbed l-attenzjoni tal-persuni,*
- *sistema ta' sinjali bid-dwal relevanti għall-kondizzjonijiet maħsuba tal-użu; il-ħtieġa tal-aħħar ma tapplikx għal makkinarju maħsub biss biex jaħdem taħt l-art u li ma jkollux enerġija elettrika,*
- *fejn ikun neċessarju, għandu jkun hemm konnessjoni xierqa bejn il-karru u l-makkinarju għat-tħaddim tas-sinjali.*

Il-makkinarju li jitħaddem mill-bogħod li, fil-kondizzjonijiet normali tal-użu, jesponi persuni għar-riskji ta' ħabta jew tagħfiġ għandu jkollu mwaħħal fuqu mezzi xierqa ta' sinjalazzjoni tal-moviment tiegħu jew mezzi ta' protezzjoni għall-persuni kontra dawn ir-riskji. L-istess japplika għall-makkinarju li, waqt l-użu tiegħu, jinvolvi t-tennija kostanti ta' moviment `il quddiem u lura fuq fus wieħed fejn iż-żona fuq in-naħa ta' wara tal-magna ma jkunx jidher direttament għax-xufier.

Il-makkinarju għandu jkun mibni b'mod li l-mezzi ta' twissija u ta' sinjalazzjoni ma jkunux jistgħu jiġu mitfija bi żball. Fejn dan ikun essenzjali għas-sigurtà, mezzi bħal dawn għandhom jiġu pprovduti b'mezzi ta' kontroll biex juru li huma f'kondizzjoni tajba tax-xogħol u li l-operatur għandu jkun jista' jara l-ħsara tagħhom.

Fejn moviment tal-makkinarju jew tal-għodda tiegħu ikun partikolarment perikoluż, għandhom jiġu pprovduti sinjali fuq il-makkinarju biex iwissu kontra l-avvinċinament għall-makkinarju waqt li jkun qed jaħdem; is-sinjali għandhom ikunu jistgħu jinqraw minn distanza biżżejjed biex jiżguraw is-sigurtà tal-persuni li jkunu fil-qrib.

§323 Tabelli, sinjali u twissijiet

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 3.6.1 huma kumplimentari għar-rekwiżiti stipulati fis-sezzjonijiet 1.7.1 sa 1.7.3 dwar informazzjoni u mezzi ta' informazzjoni, mezzi ta' twissija, twissija ta' riskji residwi u l-immarkar ta' informazzjoni essenzjali għal użu mingħajr periklu tal-makkinarju – ara §245 sa §250 u §252: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.7.1 sa 1.7.3.

Ir-rekwiżiti dwar l-forma u l-lingwa tal-informazzjoni u t-twissijiet fuq il-makkinarju stipulati fis-sezzjoni 1.7.1 japplikaw għall-informazzjoni meħtieġa fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 3.6.1. Ir-rekwiżiti dwar mezzi ta' twissija stipulati fis-sezzjoni 1.7.1.2 huma applikabbli għall-mezzi ta' twissija u sinjali viżwali u akustiċi meħtieġa mit-tieni u t-tielet paragrafi tas-sezzjoni 3.6.1.

Ir-referenza għad-*'dispożizzjonijiet tar-regolamenti tat-traffiku'* fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 3.6.1 tirrigwarda r-regoli għaċ-ċirkolazzjoni fit-triq ta' makkinarju mobbli – ara §308: kummenti dwar is-sezzjoni 3.3.3.

It-tielet paragrafu tas-sezzjoni 3.6.1 jittratta r-riskji minħabba ħbit bejn makkinarju mobbli kkontrollat mill-bogħod jew mingħajr xufier, u persuni. Makkinarju bħal dan irid ikun mgħammar b'mezzi xierqa sabiex jissenjalaw il-movimenti tiegħu bħal mezzi akustiċi u/jew viżwali ta' twissija. Fejn ikun meħtieġ, irid jitwaħħal ukoll apparat protettiv sabiex jevita l-ħbit – ara §294: kummenti dwar is-sezzjoni 3.2.1.

Ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 3 tas-sezzjoni 3.6.1 japplikaw ukoll għal makkinarju b'xufier riekeb fuqu intiż biex jagħmel movimenti kostanti 'l quddiem u lura, bħal, pereżempju, ċertu makkinarju għall-kostruzzjoni tat-toroq u loaders, billi x-xufier ta' dan il-makkinarju jista' ma jkunx f'pożizzjoni li jimmonitorja l-ħin kollu ż-żona fuq wara.

3.6.2. Marki

Il-makkinarju kollu għandu jkun immarkat b'mod li jidher, li jista' jinqara u li ma jitħassarx:

- *is-saħħa nominali mfissra f'kilowatts (kW),*
- *il-piż tal-konfigurazzjoni l-aktar komuni f'kilogrammi (kg);*

u, fejn jixraq:

- *il-ġibda massima tad-drawbar li għaliha hemm fil-mezz tal-iggančjar, fi Newtons (N),*
- *il-ġibda massima vertikali li għaliha hemm provdut fil-mezz tal-iggančjar, f'Newtons (N).*

§324 Immarkar ta' makkinarju mobbli

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 3.6.2 għall-immarkar ta' makkinarju mobbli huma kumplimentari għar-rekwiżiti ġenerali għall-immarkar stipulati fis-sezzjoni 1.7.3 – ara §250: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.3. L-immarkar tas-saħħa nominali, il-massa u, fejn ikun xieraq, il-ġibda massima tad-drawbar u t-tagħbija vertikali li għaliha hemm provut fil-mezz tal-iggančjar għandu jitwaħħal bl-użu tal-istess teknika bħal tal-marki l-oħra. Loġikament, l-immarkar tas-saħħa u l-massa għandu jitwaħħal fl-istess post

bħall-marki l-oħra, filwaqt li l-immarkar tal-ġibda massima tad-drawbar u tat-tagħbija vertikali għandu jiġi mmarkat fl-istess post jew qrib il-mezz tal-irmunkar, kif ikun jixraq.

3.6.3. Struzzjonijiet

3.6.3.1. Vibrazzjonijiet

L-istruzzjonijiet għandhom jagħtu l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-vibrazzjonijiet trasmessi mill-makkinarju għas-sistema tal-idejn-dirgħajn jew għall-makkinarju kollu:

- *il-valur totali tal-vibrazzjoni li għalih hija suġġetta s-sistema tal-idejn-dirgħajn, jekk dan jaqbeż it-tieni.5 m/s2. Fejn dan il-valur ma jaqbiżx it-tieni.5 m/s2, dan għandu jissemma,*
- *l-ogħla "root mean square value" tat-total tal-aċċelerazzjoni li għalih huwa suġġett il-ġisem kollu, jekk dan jaqbeż il-0.5 m/s2 . Fejn dan il-valur ma jaqbiżx iż-0.5 m/s2, dan għandu jissemma,*
- *l-inċertezza tal-kejl.*

Dawn il-valuri għandhom ikunu jew dawk attwalment imkejla għal dan il-makkinarju jew dawk stabbiliti fuq il-bażi tal-kejl li jittieħed għall-makkinarju teknikament kumparabbli li huwa rappreżentattiv tal-makkinarju li għandu jkun magħmul.

Fejn ma jkunux applikati l-istandards armonizzati, il-vibrazzjoni għandha tiġi mkejla bl-użu tal-kodiċi ta' kejl l-iktar xieraq għal dan il-makkinarju.

Għandha tingħata deskrizzjoni tal-kondizzjonijiet tal-ħidma matul il-kejl u l-kodiċi ta' kejl li jkunu ġew użati.

§325 Dikjarazzjoni ta' vibrazzjonijiet trasmessi minn makkinarju mobbli

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 3.6.3.1 huwa kumplimentari għar-rekwiżiti ġenerali dwar l-istruzzjonijiet mogħtija fis-sezzjoni 1.7.4. B'mod partikolari, ir-rekwiżiti dwar il-lingwa tal-istruzzjonijiet japplikaw – ara §257: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.7.4.1 (a) u (b).

L-ewwel żewġ inċiżi tal-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 3.6.3.1 jistipulaw il-kwantitajiet fiżiċi fir-rigward tal-vibrazzjonijiet trasmessi minn makkinarju mobbli għas-sistema tal-idejn-dirgħajn u għall-ġisem kollu, li jridu jiġu ddikjarati fl-istruzzjonijiet.

Il-valuri mkejla fuq il-makkinarju jridu jiġu ddikjarati jekk jaqbżu 2.5 m/s^2 għas-sistema tal-idejn-dirgħajn u 0.5 m/s^2 għall-ġisem kollu. Jekk il-valuri mkejla fuq il-makkinarju ma jaqbżux dawn il-valuri, dak il-fatt irid jiġi ddikjarat. Il-vibrazzjonijiet trasmessi mill-makkinarju għalhekk iridu jiġu mkejla mill-fabbrikant tal-makkinarju bl-użu ta' metodu xieraq ta' ttestjar, sakemm ma jkunx ġie stabbilit li, għall-kategorija tal-makkinarju kkonċernata, il-valuri mkejla qatt ma jaqbżu l-limiti ta' hawn fuq – dan jista' jkun iddikjarat fl-istandard tat-tip C għall-kategorija tal-makkinarju kkonċernata.

Id-Dikjarazzjoni tal-vibrazzjonijiet trasmessi mill-makkinarju għandha żewġ għanijiet:

li tgħin lill-utenti jagħżlu makkinarju b'emissjonijiet ta' vibrazzjonijiet imnaqqsa;

li tipprovdi informazzjoni utli għall-istima tar-riskju li jrid iwettaq l-impjegatur skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 2002/44/KE dwar l-esponiment tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu mill-vibrazzjonijiet.[185]

F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li l-livell ta' esponiment tal-ħaddiema għall-vibrazzjonijiet ma jistax jiġi kkalkulat sempliċement mid-dikjarazzjoni tal-fabbrikant tal-makkinarju dwar l-emissjoni ta' vibrazzjonijiet, billi l-esponiment tal-operaturi huwa influwenzat minn fatturi oħra – ara §231: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.9.

It-tielet inċiż tal-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 3.6.3.1 jitlob li jiġu speċifikati l-inċertezzi madwar il-valur iddikjarati. Fil-kodiċi ta' ttestjar rilevanti għandha tingħata gwida dwar kif tiġi determinata l-inċertezza assoċjata mal-kejl tal-vibrazzjonijiet trasmessi mill-makkinarju.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 3.6.3.1 jimplika li, fil-każ ta' produzzjoni ta' serje, il-kejl jista' jsir fuq kampjun rappreżentattiv ta' makkinarju teknikament komparabbli. Fil-każ ta' produzzjoni unika, il-fabbrikant irid ikejjel il-vibrazzjonijiet trasmessi minn kull element tal-makkinarju pprovdut.

It-tielet u l-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 3.6.3.1 tirrigwarda l-metodi li għandhom jintużaw għall-kejl tal-vibrazzjonijiet. Il-kondizzjonijiet tat-tħaddim għandhom influwenza qawwija fuq il-vibrazzjonijiet trasmessi minn makkinarju. Il-kejl tal-vibrazzjonijiet għalhekk għandu jitwettaq f'kondizzjonijiet rappreżentattivi tat-tħaddim. Il-kodiċi tat-testijiet tal-vibrazzjoni għall-makkinarju jispeċifikaw il-kondizzjonijiet tat-tħaddim jew il-medda ta' kondizzjonijiet tat-tħaddim li fihom għandu jsir il-kejl. Meta kodiċi ta' test speċifikat fi standard armonizzat jindika l-kondizzjonijiet tat-tħaddim li fihom irid isir il-kejl, referenza għall-istandard armonizzat tkun biżżejjed biex tindika l-kondizzjonijiet tat-tħaddim u l-metodi ta' kejl li jintużaw. Meta jintużaw metodi oħra ta' ttestjar, il-kondizzjonijiet tat-tħaddim u l-metodi ta' kejl li jintużaw iridu jiġu indikati fid-Dikjarazzjoni tal-vibrazzjonijiet.

Gwida ġenerali dwar l-istabbiliment tal-valur ta' emissjoni ta' vibrazzjonijiet għal makkinarju mobbli hija mogħtija fl-istandard EN 1032.[186]

Għandu jiġi osservat li l-valuri ddikjarati fl-istruzzjonijiet relatati mal-vibrazzjonijiet iridu jiġu inklużi wkoll fid-dokumenti kummerċjali dwar il-karatteristiċi tal-prestazzjoni tal-makkinarju – ara §273: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.3.

[185] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/44/KE tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar il-ħtiġijiet minimi tas-saħħa u tas-sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu mill-aġenti fiżiċi (il-vibrazzjoni) (is-sittax-il Direttuva individwali fit-tifsira ta' Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) – ara l-Artikolu 4 (4) (e).

[186] EN 1032:2003+A1:2008 - *Vibrazzjoni mekkanika — Ittestjar ta' makkinarju li jista' jinġarr li jiddetermina l-valur ta' emissjoni vibrattiva*.

3.6.3.2. Użu multiplu

L-istruzzjonijiet għall-makkinarju li jippermetti numru ta' użijiet skont it-tagħmir użat u l-istruzzjonijiet għat-tagħmir interkambjabbli għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex tgħin sabiex it-tagħmir jitwaħħal mingħajr periklu u l-użu tat-tagħmir interkambjabbli li jistgħu jitwaħħlu.

§326 Struzzjonijiet dwar użu multiplu

Is-sezzjoni 3.6.3.2 tissottolinja li l-istruzzjonijiet għal makkinarju mobbli intiż biex jaqdi funzjonijiet differenti bl-użu ta' tagħmir interkambjabbli jridu jinkludu l-informazzjoni neċessarja għall-muntatura u l-użu mingħajr periklu tal-kombinazzjoni tal-makkinarju bażiku u t-tagħmir interkambjabbli.

Il-fabbrikant tal-makkinarju bażiku jrid:

- jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar l-interface bejn il-makkinarju bażiku u t-tagħmir interkambjabbli

u

- jindika l-karatteristiċi essenzjali tat-tagħmir interkambjabbli kompatibbli jew jispeċifika t-tagħmir interkambjabbli li jista' jiġi mmuntat mingħajr periklu mal-makkinarju.

Dan ir-rekwiżit huwa kumplimentari għar-rekwiżit li l-fabbrikant ta' tagħmir interkambjabbli jispeċifika l-makkinarju bażiku li miegħu t-tagħmir jista' jintuża mingħajr periklu u li jipprovdi l-istruzzjonijiet neċessarji dwar il-muntatura – ara §41: kummenti dwar l-Artikolu 2 (b), u §262: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (i).

4. REKWIŻITI ESSENZJALI SUPPLIMENTARI GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ BIEX JIKKUMPENSAW GĦALL-PERIKLI MINĦABBA OPERAZZJONIJIET TAL-IRFIGĦ

Il-makkinarju li jippreżenta riskji minħabba l-operazzjonijiet tal-irfigħ għandu jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà spjegati hawn taħt f'dan il-kapitolu (ara Prinċipji Ġenerali, punt 4).

§327 Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Parti 4

Il-parti 4 tal-Anness I tistabbilixxi r-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà għal makkinarju li jippreżenta perikli minħabba operazzjonijiet ta' rfigħ. Is-sitwazzjonijiet perikoluži assoċjati ma' operazzjonijiet tal-irfigħ jinkludu, b'mod partikolari, il-waqgħa jew moviment mhux ikkontrollat tat-tagħbija, ħbit mal-makkinarju, il-ġarrier jew it-tagħbija u l-waqgħa jew qlib tal-makkinarju tal-irfigħ.

Ir-rekwiżiti stipulati fil-parti 4 tal-Anness I japplikaw għall-operazzjonijiet kollha ta' rfigħ kif definiti fis-sezzjoni 4.1.1 (a), sew jekk l-operazzjonijiet tal-irfigħ ikunu l-funzjoni prinċipali tal-makkinarju, funzjoni sekondarja tal-makkinarju jew funzjoni ta' parti mill-makkinarju. Fil-parti 4, it-terminu 'makkinarju tal-irfigħ' għalhekk irid jinftiehem bħala li jirreferi għall-makkinarju kollu li jippreżenta perikli minħabba operazzjonijiet tal-irfigħ.

Ir-rekwiżiti stipulati fil-parti 4 jistgħu jkunu applikabbli għal makkinarju fis-sens strett, għal tagħmir interkambjabbli intiż għal operazzjonijiet tal-irfigħ, għal komponenti tas-sigurtà armati biex tiġi żgurata s-sigurtà ta' operazzjonijiet tal-rfigħ, għal aċċessorji tal-irfigħ, ktajjen, ħbula u ċineg għall-irfigħ. Fejn ir-rekwiżiti stipulati fil-parti 4 ikunu jeħtieġu li jsiru testijiet biex tiġi ċċekkjata l-istabbiltà u s-saħħa, it-tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ irid jiġi ttestjat fil-kundizzjonijiet li fihom ikun intiż li jintuża. Għalhekk jista' jkun neċessarju, pereżempju, li jitwettqu tali testijiet fuq it-tagħmir interkambjabbli mmuntat ma' element rappreżentattiv tal-makkinarju bażiku li miegħu jkun intiż li jintuża – ara § 41: kummenti dwar l-Artikolu 2 (b).

Fil-kummenti li ġejjin huwa speċifikat fejn meħtieġ il-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti differenti. Għandu jiġi osservat li kull wieħed mir-rekwiżiti stipulati fil-Parti 4 jista' jiġi applikat għal makkinarju parzjalment komplut li jinvolvi operazzjonijiet tal-irfigħ.

4.1. ĠENERALI

4.1.1. Tifsiriet

(a) "Operazzjoni tal-irfigħ" moviment ta' tagħbijiet ta' unita li jikkonsistu f'merkanzija u/jew persuni li joħolqu l-bżonn, fi kwalunkwe ħin, bidla fil-livell.

. . .

§328 Operazzjonijiet tal-irfigħ

Fid-definizzjoni tat-terminu 'operazzjonijiet tal-irfigħ', l-espressjoni 'tagħbijiet ta' unità' tirreferi għal gruppi ta' persuni jew oġġetti jew kwantitajiet ta' materjal bl-ingrossa li jiġu mċaqalqa bħala oġġetti singoli.

L-espressjoni 'li joħolqu l-bżonn, fi kwalunkwe ħin, bidla fil-livell' timplika li t-terminu 'operazzjonijiet tal-irfigħ' ikopri kull moviment jew sekwenza ta' movimenti ta' tagħbijiet ta' unità li jinkludu rfigħ jew tbaxxija jew it-tnejn. Rfigħ u tbaxxija jinkludu bidliet fil-livell f'direzzjoni wieqfa vertikali kif ukoll f'angolu inklinat.

L-espressjoni 'f'ħin partikolari' tindika li makkinarju intiż biex iċaqlaq oġġetti, likwidi, materjali jew persuni b'mod kontinwu, pereżempju, fuq conveyors, fuq skalaturi jew minn ġo pajpijiet, ma jitqiesx bħala li jwettaq 'operazzjonijiet tal-irfigħ' f'dan is-sens u mhuwiex soġġett għar-rekwiżiti stipulati fil-parti 4.

L-espressjoni 'tagħbijiet ta' unità' ma tkoprix partijiet tal-makkinarju nnifsu. Għaldaqstant operazzjoni li fiha tintrefa' parti minn magna iżda ma tintrefa' l-ebda tagħbija esterna, mhijiex ikkunsidrata bħala operazzjoni tal-irfigħ f'dan is-sens.

Il-moviment normali ta' materjali permezz ta' gafef bħal, pereżempju, skavaturi u loaders, ma jitqisux bħala operazzjonijiet tal-irfigħ, u għalhekk gafef użat biss għal dan il-għan mhuwiex soġġett għall-Parti 4 tal-Anness I. Madankollu, gafef li jkun iddisinjat u mgħammar ukoll biex jerfa' tagħbijiet ta' unità huwa soġġett għar-rekwiżiti tal-Parti 4 tal-Anness I.

4.1.1 Tifsiriet (ikompli)

(b) *"Tagħbija ggwidata" tfisser tagħbija li l-moviment totali tagħha jsir matul gwidi riġidi jew flessibbli, li l-pożizzjoni tagħhom tkun stabbilita b'punti fissi.*

. . .

§329 Tagħbija ggwidata

Id-definizzjoni ta' 'tagħbija ggwidata' tkopri kemm it-tagħbijiet imqiegħda fuq ġarriera li jsegwu binarji ta' gwida, linji tal-binarji jew ħbula u tagħbijiet merfugħa minn makkinarju b'tagħmir li jmexxi l-ġarrier tul trajettorja determinata minn qabel, bħal mekkaniżmu ta' mqass – ara §336: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.2.2, §342 sa §344: kummenti dwar is-sezzjonijiet 4.1.2.6, 4.1.2.7, u 4.1.2.8, u §356: kummenti dwar is-sezzjoni 4.2.3. Għandu jiġi osservat li t-terminu 'tagħbija ggwidata' ma japplikax għal makkinarju, bħal, pereżempju, gantry cranes jew tower cranes immuntati fuq binarju, fejn jiġu ggwidati l-movimenti tal-makkinarju iżda l-movimenti tat-tagħbija ma jsegwux trajettorja determinata minn qabel.

4.1.1 Tifsiriet (ikompli)

(c) *"Koeffiċjent tax-xogħol" tfisser il-proporzjon aritmetiku bejn it-tagħbija garantita mill-fabbrikant jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu sa fejn biċċa tagħmir ikun kapaċi jżommha u t-tagħbija massima tax-xogħol immarkata fuq it-tagħmir.*

. . .

§330 Koeffiċjent tax-xogħol

Il-'koeffiċjent tax-xogħol' huwa kunċett rilevanti għas-saħħa tal-komponenti li jerfgħu t-tagħbija ta' makkinarju tal-irfigħ, ta' aċċessorji tal-irfigħ jew ta' tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ. Billi s-saħħa ta' dawn il-komponenti hija fundamentali għas-sigurtà tal-operazzjonijiet tal-irfigħ, huma għandhom jiġu dimensjonati b'fattur ta' sigurtà,

msemmi fil-parti 4 tal-Anness I bħala 'koeffiċjent tax-xogħol'. Il-koeffiċjent tax-xogħol ta' komponent li jerfa' t-tagħbija huwa l-proporzjon bejn it-tagħbija massima li għalih jista' jiġi soġġett il-komponent mingħajr ma jinkiser (fl-istandards armonizzati rilevanti msejjaħ bħala l-forza minima ta' ksur tal-komponent), u t-tagħbija massima speċifikata tax-xogħol li m'għandhiex tinqabeż waqt l-użu. Għalhekk, pereżempju, komponent b'koeffiċjent tax-xogħol ta' 5, huwa komponent li l-forza minima ta' ksur tiegħu hija 5 darbiet it-tagħbija massima tax-xogħol tiegħu – ara §340 u §341: kummenti dwar is-sezzjonijiet 4.1.2.4 u 4.1.2.5, u §369: kummenti dwar is-sezzjoni 6.1.1.

4.1.1 Tifsiriet (ikompli)

(d) "Koeffiċjent tat-test" tfisser il-proporzjon aritmetiku bejn it-tagħbija użata biex isiru t-testijiet tal-istatika jew id-dinamika fuq il-makkinarju tal-irfigħ jew aċċessorju tal-irfigħ u t-tagħbija tax-xogħol massima markata fuq l-makkinarju tal-irfigħ jew l-aċċessorju tal-irfigħ.

. . .

§331 Koeffiċjent tat-test

Il-'koeffiċjent tat-test' huwa kunċett rilevanti għat-testijiet statiċi u dinamiċi tat-tagħbija żejda li jitwettqu sabiex jiġi ppruvat li l-makkinarju tal-irfigħ, l-aċċessorji tal-irfigħ jew it-tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ se jaħdmu sewwa u mingħajr ħsara waqt l-irfigħ tat-tagħbijiet massimi li għalihom ikunu ddisinjati – ara §339: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.2.3, §350 sa §352: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.3, u §360 u §361: kummenti dwar is-sezzjonijiet 4.4.1 u 4.4.2.

4.1.1 Tifsiriet (ikompli)

(e) "Test statiku" tfisser it-test li matulu l-ewwel jiġu spezzjonati l-makkinarju jew l-aċċessorju tal-irfigħ u soġġetti għall-forza li tikkorrespondi għat-tagħbija massima tax-xogħol immultiplikata bil-koeffiċjent statiku xieraq tat-test u wara jiġu spezzjonati mill-ġdid meta t-tagħbija msemmija ma tibqax merfugħa biex jiġi żgurat li ma tkun ġrat l-ebda ħsara.

. . .

§332 Test statiku

It-test statiku huwa wieħed mill-mezzi użati biex tiġi vverifikata l-integrità tal-makkinarju għall-irfigħ qabel ma jitqiegħed għas-servizz. Testijiet statiċi huma applikati għal makkinarju tal-irfigħ fis-sens strett, għal aċċessorji tal-irfigħ u għal tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ – ara §328: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.1 (a), §339: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.2.3, §350 sa §352: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.3, u §361: kummenti dwar is-sezzjonijiet 4.4.1 u 4.4.2.

4.1.1 Tifsiriet (ikompli)

(f) "Test dinamiku" tfisser it-test li matulu l-makkinarju tal-irfigħ jitħaddem fil-konfigurazzjonijiet possibbli kollha tiegħu bit-tagħbija massima tax-xogħol immultiplikati bil-koeffiċjent tat-test tad-dinamika xieraq filwaqt li titqies l-imġieba dinamika tal-makkinarju tal-irfigħ biex jiġi eżaminat li l-makkinarju jiffunzjona kif jixraq.

. . .

§333 Test dinamiku

It-test dinamiku huwa mezz ieħor użat biex jiġu vverifikati l-integrità u l-iffunzjonar korrett ta' makkinarju tal-irfigħ wara li jkun ġie mmuntat. Testijiet dinamiċi huma applikati għal makkinarju tal-irfigħ fis-sens strett u għal tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ – ara §328: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.1 (a), §339: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.2.3, §352: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.3, u §361: kummenti dwar is-sezzjoni 4.4.2.

4.1.1 Tifsiriet (ikompli)

(g) "Ġarrier" parti mill-makkinarju li fuqu jew fih il-persuni u/jew il-merkanzija huma mserrħa sabiex ikunu mgħollija.

§334 Ġarrier

It-terminu 'ġarrier' huwa terminu ġeneriku li jirreferi għal partijiet tal-makkinarju, bħal, pereżempju, karrozzi, imwejjed, pjattaformi jew siġġijiet li fuqhom jew ġewwa fihom jinżammu tagħbijiet, inklużi merkanzija, persuni jew kemm merkanzija kif ukoll persuni sabiex jintrefgħu – ara §343 sa §348: kummenti dwar is-sezzjonijiet 4.1.2.7 u 4.1.2.8, §359: kummenti dwar is-sezzjoni 4.3.3, u §359 sa §381: kummenti dwar is-sezzjonijiet 6.1, 6.2, 6.3, 6.4, u 6.5.

4.1.2. Protezzjoni kontra l-perikli mekkaniċi

4.1.2.1. Riskji minħabba n-nuqqas ta' stabbilità

Il-makkinarju għandu jkun hekk iddisinnjat u mibni b'mod li l-istabbilità meħtieġa fis-sezzjoni 1.3.1 tinżamm kemm waqt is-servizz u kemm barra minnu, inklużi l-fażijiet kollha tat-trasportazzjoni, il-muntaġġ u l-iżmuntar, matul ħsarat previsti tal-komponent u wkoll matul it-testijiet imwettqa b'mod konformi mal-manwal tal-istruzzjonijiet. Għal dan l-iskop, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom jużaw il-metodi xierqa ta' verifika.

§335 Riskji minħabba nuqqas ta' stabbiltà

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 4.1.2.1 huwa applikabbli għal makkinarju tal-irfigħ fis-sens strett, għal tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ u, fexjn xieraq, għal komponenti tas-sigurtà armati sabiex tiġi żgurata s-sigurtà ta' operazzjonijiet ta' rfigħ.

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 4.1.2.1 jikkumplimenta r-rekwiżit ġenerali stipulat fis-sezzjoni 1.3.1 tal-Anness I, li jgħid li l-makkinarju u l-komponenti u t-tagħmir tiegħu jridu jkunu stabbli biżżejjed sabiex ikun evitat li jinqalbu waqt it-trasport, il-muntatura, l-iżmuntar, u kwalunkwe azzjoni oħra li tinvolvi l-makkinarju. Is-sezzjoni 4.1.2.1 tenfasizza li l-fabbrikant irid jassigura l-istabbiltà tal-makkinarju tal-irfigħ kemm fis-servizz kif ukoll barra mis-servizz, waqt ħsarat li jistgħu jiġu previsti fil-komponenti u waqt it-testijiet statiċi, dinamiċi u funzjonali li għalihom jista' jiġi sottomess. Il-makkinarju jrid ikun iddisinjat biex jibqa' stabbli fil-kundizzjonijiet intiżi ta' użu.

Fl-istruzzjonijiet, il-fabbrikant irid jispeċifika l-kundizzjonijiet li fihom il-makkinarju jissodisfa r-rekwiżiti tal-istabbiltà. Dawn il-kundizzjonijiet jistgħu jinkludu fatturi bħal, pereżempju, il-pendil massimu, il-veloċità massima tar-riħ u r-reżistenza tas-superfiċje li fuqha jintuża l-makkinarju – ara §263: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (g), u §269: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (o). Fejn l-istabbiltà tal-makkinarju tkun tiddependi fuq l-installazzjoni fil-post tal-użu, iridu jingħataw l-istruzzjonijiet neċessarji dwar l-installazzjoni – ara §264: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.7.4.2 (i), u §361: kummenti dwar is-sezzjoni 4.4.2 (a).

Il-miżuri li jridu jittieħdu sabiex tkun żgurata l-istabbiltà tal-makkinarju, skont il-prinċipji tal-integrazzjoni tas-sigurtà stipulati fis-sezzjoni 1.1.2, jirrigwardaw l-ewwel nett l-istabbiltà intrinsika tal-makkinarju. It-tieni, fejn jibqa' riskju ta' telf tal-istabbiltà, irid jitwaħħal l-apparat u t-tagħmir protettiv neċessarju sabiex jimpedixxi li l-makkinarju jinqaleb. F'dan ir-rigward, il-fabbrikant irid jikkunsidra l-użu ħażin li jista' jkun hemm tal-makkinarju li jista' jwassal għal riskju ta' qlib. Il-miżuri protettivi neċessarji jistgħu jinkludu, pereżempju, it-twaħħil ta' stabbilizzaturi, limitaturi tal-veloċità, mezzi ta' kontroll tal-pożizzjoni, mezzi ta' kontroll tat-tagħbija żejda u l-mument u mezzi ta' kontroll tal-inklinazzjoni. It-tielet, għar-riskji residwi li ma jkunux jistgħu jiġu evitati għal kollox b'dawn il-mezzi, iridu jiġu pprovduti l-indikaturi neċessarji bħal, pereżempju, spidometri, inklinometri u anemometri, u jiġu pprovduti l-informazzjoni, it-twissijiet u l-istruzzjonijiet neċessarji sabiex l-operaturi jkunu jistgħu jevitaw sitwazzjonijiet li jistgħu jwasslu għall-qlib tal-makkinarju matul il-fażijiet differenti tal-ħajja tiegħu – ara §263: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (h).

Il-metodi ta' verifika msemmija fl-aħħar sentenza tas-sezzjoni 4.1.2.1 jistgħu jinkludu testijiet tal-istabbiltà, simulazzjonijiet jew it-tnejn. Eżempji ta' testijiet tal-istabbiltà jinkludu testijiet fuq pjan inklinat u testijiet dinamiċi tal-istabbiltà bħal, pereżempju, it-'test tal-kurduna' li jintuża biex jiġu ttestjati pjattaformi mobbli għal xogħol ta' rfigħ. Fil-każ ta' produzzjoni unika, dawn it-testijiet iridu jitwettqu fuq kull magna. Fil-każ tal-produzzjoni ta' serje, dawn huma testijiet tat-tip. Ġeneralment il-metodi xierqa ta' verifika jkunu speċifikati fl-istandards armonizzati rilevanti għal kategoriji ta' makkinarju partikolari.

B'mod ġenerali, m'hemmx obbligu li dawn it-testijiet jew simulazzjonijiet jitwettqu minn korpi ta' ttestjar indipendenti jew ta' parti terza, għalkemm għall-makkinarju tal-irfigħ soġġett għall-eżami tat-tip KE jew proċeduri ta' assikurazzjoni sħiħa tal-kwalità, it-testijiet jistgħu jitwettqu minn Korp notifikat – ara §129 u §130: kummenti dwar l-Artikolu 12, §388: kummenti dwar l-Anness IV partiti 16 u 17, u §406: kummenti dwar l-Anness IX 3.2.

It-testijiet tal-istabbiltà li jsiru biex tiġi vverifikata l-konformità tal-makkinarju mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva dwar il-Makkinarju m'għandhomx jiġu mħawda mat-

testijiet li jistgħu jkunu previsti f'regolamenti nazzjonali relatati mal-ispezzjoni ta' makkinarju tal-irfigħ waqt is-servizz – ara §140: kummenti dwar l-Artikolu 15.

4.1.2.2 Makkinarju li jaħdem fuq binarji ta' gwida u l-linji tal-binarji

Il-makkinarju għandu jiġi pprovdut b'mezzi li jaħdmu fuq il-binarji ta' gwida jew linji li ma jħallux lill-makkinarju jaqbiżhom.

Madankollu, jekk minkejja dawn il-mezzi, jibqa' r-riskju li dan jaqbeż il-binarji jew linji, jew jekk il-binarju jew il-komponent li jimxi ma jaħdimx, għandhom jiġu pprovduti l-istrumenti li ma jħallux lit-tagħmir, il-komponent jew lit-tagħbija milli jaqgħu jew milli jinqaleb il-makkinarju.

§336 Linji tal-binarji u binarji ta' gwida

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 4.1.2.2 japplika għal makkinarju tal-irfigħ intiż biex jimxi fuq binarji jew linji tal-binarji, bħal, pereżempju, makkinarju tal-irfigħ li jaħdem fuq rettikolati tal-ferroviji, gantry cranes, krejnijiet għall-immaniġġjar ta' kontejners, krejnijiet tal-baċiri, ċerti tower cranes u ċerti pjattaformi tax-xogħol imdendlin.

Il-ħruġ mill-binarji jista' jiġi evitat kemm bid-disinn tal-interface bejn il-binarji ta' gwida jew il-linji tal-binarji u l-komponenti li jimxu tal-makkinarju kif ukoll billi l-makkinarju jiġi mgħammar b'apparat protettiv sabiex jimpedixxi l-ħruġ mill-binarji, bħal, pereżempju, mezzi li jwarrbu ostakoli fuq il-binarji mill-mogħdija tal-komponenti li jimxu tal-makkinarju.

Ir-rekwiżit stipulat fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 4.1.2.2 japplika fejn ikun hemm riskju li l-makkinarju jinqaleb jew jaqa' mis-sostenn tiegħu f'każ ta' ħruġ mill-binarji jew ta' ħsara f'komponent li jimxi. Iridu jkunu mwaħħla mezzi biex jevitaw li dan iseħħ. Eżempji ta' mezzi biex jevitaw dan ir-riskju jinkludu, pereżempju, limitaturi mekkaniċi li jimpedixxu pjattaforma tax-xogħol imdendla mmuntata fuq binarju milli taqa' mis-sostenn tagħha f'każ li l-komponent li jimxi joħroġ mill-binarju.

Jekk il-binarji li fuqhom irid jiġi installat il-makkinarju tal-irfigħ ma jkunux ipprovduti mill-fabbrikant tal-makkinarju, l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant għall-installazzjoni jridu jispeċifikaw il-karatteristiċi tal-binarji u tal-linji tal-binarji u l-pedamenti li fuqhom il-makkinarju jista' jiġi installat mingħajr periklu – ara §361: kummenti dwar is-sezzjoni 4.4.2 (a). Il-makkinarju intiż għal tħaddim fuq rettikolati eżistenti tal-ferroviji jrid ikun iddisinjat b'mod li jqis il-karatteristiċi tal-binarji u tal-linji tal-binarji tar-rettikolati li fuqhom ikun intiż li jintuża – ara §264: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (i).

4.1.2.3 Saħħa mekkanika

Il-makkinarju, l-aċċessorji ta' rfigħ u l-komponenti tagħhom għandhom ikunu kapaċi jifilħu l-pressjonijiet li jkunu soġġetti għalihom, kemm fl-użu, u fejn applikabbli, `il barra minnu, skont il-kondizzjonijiet tal-istallazzjoni u tax-xogħol li għalihom hemm provduti u fil-konfigurazzjonijiet kollha relevanti, b'qies xieraq, fejn japplika, għall-effetti tal-fatturi atmosferiċi u tas-saħħa eżerċitata minn persuni. Din il-ħtieġa għandha tiġi sodisfatta wkoll waqt it-trasportazzjoni, il-muntaġġ u l-iżmuntar.

Il-makkinarju u l-aċċessorji ta' rfigħ għandhom jkunu ddisinnjati u mibnija b'mod li jimpedixxu waqfien mix-xogħol minħabba kedd jew xedd, filwaqt li jitqies l-użu maħsub għalihom.

Il-materjali użati għandhom jiġu magħżula fuq il-bażi tal-ambjenti tax-xogħol intiżi, b'rigward partikolari għall-korrużjoni, grif, impatti, temperaturi estremi, għejja, fraġilità u l-età.

. . .

§337 Saħħa mekkanika

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 4.1.2.3 japplika għal makkinarju tal-irfigħ fis-sens strett, għal tagħmir interkambjabbli intiż għall-irfigħ, għal aċċessorji tal-irfigħ u, fejn xieraq, għal komponenti tas-sigurtà armati biex tiġi żgurata s-sigurtà ta' operazzjonijiet ta' rfigħ. Makkinarju bħal dan huwa, minħabba l-funzjoni tiegħu, soġġett għal pressjonijiet mekkaniċi ripetuti, kedd u xedd li jistgħu jwasslu għal ħsarat li jwasslu fil-waqgħa tat-tagħbija jew fil-qlib jew waqgħa tal-makkinarju tal-irfigħ. Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 4.1.2.3 jikkumplimenta r-rekwiżit ġenerali dwar ir-riskju ta' ksur waqt it-tħaddim – ara §207: kummenti dwar is-sezzjoni 1.3.2 tal-Anness I.

L-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 4.1.2.3 jitlob li d-disinjatur jassigura s-saħħa tal-komponenti u l-muntaturi tal-makkinarju, billi jikkunsidra l-kundizzjonijiet intiżi ta' użu matul il-fażijiet kollha tal-ħajja tiegħu. Jekk fid-disinn jiġu kkunsidrati ċerti restrizzjonijiet fuq il-kundizzjonijiet tal-użu, bħal, pereżempju, il-veloċità massima tar-riħ, it-temperatura massima jew minima jew l-inklinazzjoni massima, iridu jittieħdu miżuri, skont il-prinċipji tal-integrazzjoni tas-sigurtà stipulati fis-sezzjoni 1.1.2, sabiex jiġi żgurat li l-makkinarju jintuża biss fil-limiti preskritti.

It-tieni paragrafu ta' din is-sezzjoni jitlob li d-disinjatur jikkunsidra l-kedd u x-xedd. Billi l-kedd u x-xedd jiddependu fuq id-dewmien u l-intensità tal-użu tal-makkinarju, il-kalkoli jridu jkunu bbażati fuq suppożizzjonijiet relatati mal-ħajja tal-makkinarju, bħal, pereżempju, in-numru ta' sigħat ta' ħidma jew ta' ċikli operattivi. Għandu jiġi osservat li s-suppożizzjonijiet użati għad-disinn tal-makkinarju jridu jkunu konsistenti mal-istruzzjonijiet mogħtija mill-fabbrikant dwar it-tip u l-frekwenza tal-ispezzjonijiet u l-manutenzjoni preventiva tal-makkinarju u dwar il-kriterji għall-bdil tal-partijiet soġġetti għall-kedd – ara §207: kummenti dwar is-sezzjoni 1.3.2, u §272: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (r) tal-Anness I.

4.1.2.3 Saħħa mekkanika (ikompli)

Il-makkinarju u l-aċċessorji ta' rfigħ għandhom jkunu ddisinnjati u mibnija b'mod li jifilħu tagħbija żejda waqt it-testijiet statiċi mingħajr deformazzjoni permanenti jew difett evidenti. Il-kalkoli tas-saħħa għandhom iqisu l-valuri tal-koeffiċjent tat-test statiku magħżul biex jiggaratixxi livell adegwat ta' sigurtà. Dak il-koeffiċjient ikollu, bħala regola ġenerali, il-valuri li ġejjin:

(a) makkinarju mħaddem bl-idejn u aċċessorji tal-irfigħ: 1.5;

(b) makkinarju ieħor: 1.25.

. . .

§338 Saħħa mekkanika – test statiku koeffiċjenti

Ir-raba' paragrafu tas-sezzjoni 4.1.2.3 huwa applikabbli għal makkinarju tal-irfigħ, aċċessorji tal-irfigħ u tagħmir interkambjabbli għal operazzjonijiet tal-irfigħ li jiġu sottomessi għal test statiku tat-tagħbija żejda – ara §331 u §332: kummenti dwar is-sezzjonijiet 4.1.1 (d) u (e), u §350 sa §352: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.3.

Id-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju, fosthom il-kalkoli tas-saħħa u l-istabbiltà, iridu jqisu l-koeffiċjent tat-test li jintuża għat-test statiku tat-tagħbija żejda li għalih ikun se jiġi sottomess il-makkinarju. L-għan ta' dan ir-rekwiżit huwa li jassigura li l-makkinarju ma jsofrix ħsara waqt l-irfigħ tat-tagħbija massima tax-xogħol tiegħu u li jipprovdi marġinu ta' sigurtà waqt l-użu.

Il-koeffiċjent tat-test statiku japplika għal testijiet imwettqa fuq makkinarju komplut lest għall-użu. M'għandux jiġi mħawwad mal-koeffiċjent tax-xogħol li japplika għad-dimensjonar ta' komponenti tal-makkinarju li jerfgħu t-tagħbija – ara §330 u §331: kummenti dwar is-sezzjonijiet 4.1.1 (c) u (d).

Is-sezzjoni 4.1.2.3 tispeċifika li l-koeffiċjenti tat-testijiet statiċi li jintużaw iridu jassiguraw livell adegwat ta' sigurtà. Għalhekk, l-għażla ta' koeffiċjent tat-test trid tkun ibbażata fuq l-istima tar-riskju li jipprovdi l-fabbrikant. Is-sezzjoni 4.1.2.3 tindika wkoll l-koeffiċjenti tat-test li jridu jintużaw "bħala regola ġenerali". Il-koeffiċjenti tat-test speċifikati fis-sezzjoni 4.1.2.3 jistgħu ma jkunux adattati għal kategoriji partikolari ta' makkinarju tal-irfigħ jew aċċessorji tal-irfigħ. Il-koeffiċjenti tat-test speċifikati fis-sezzjoni 4.1.2.3 għandhom jiġu applikati sakemm ma jkunux speċifikati koeffiċjenti tat-test aktar xierqa fl-istandard armonizzat rilevanti jew ikunu ġustifikati kif għandu jkun fil-fajl tekniku tal-fabbrikant. L-applikazzjoni ta' standard armonizzat rilevanti li jispeċifika tali koeffiċjent alternattiv tat-test tagħti preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 4.1.2.3 – ara §110: kummenti dwar l-Artikolu 7 (2).

Bħala regola ġenerali, għal makkinarju tal-irfigħ u tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ, it-testijiet statiċi msemmija fis-sezzjoni 4.1.2.3 huma testijiet tal-unità – ara §350 sa 352: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.3.

B'mod ġenerali, m'hemmx obbligu li dawn it-testijiet jitwettqu minn korpi ta' ttestjar indipendenti jew ta' partijiet terzi, għalkemm għal makkinarju tal-irfigħ soġġett għall-eżami tat-tip KE jew proċeduri ta' assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa, it-testijiet jistgħu jitwettqu minn Korp notifikat – ara §129 u §130: kummenti dwar l-Artikolu 12 (3) u (4), §388: kummenti dwar l-Anness IV partiti 16 u 17, u §398: kummenti dwar l-Anness IX 3.2.

It-testijiet statiċi tat-tagħbija żejda li jsiru biex tiġi vverifikata l-konformità tal-makkinarju mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva dwar il-Makkinarju m'għandhomx jiġu mħawda mat-testijiet li jistgħu jkunu previsti f'regolamenti nazzjonali relatati mal-ispezzjoni ta' makkinarju tal-irfigħ waqt is-servizz – ara §140: kummenti dwar l-Artikolu 15.

4.1.2.3 Saħħa mekkanika (ikompli)

Il-makkinarju għandu jiġi ddisinnjat u mibni b'mod li jiflaħ, mingħajr ħsara, it-testijiet dinamiċi mwettqa billi tintuża t-tagħbija massima tax-xogħol immultiplikata bil-koeffiċjent tat-test dinamiku. Dan il-koeffiċjent tat-test dinamiku huwa magħżul biex jiggarantixxi livell adegwat ta' sigurtà: il-koeffiċjent, bħala regola ġenerali, huwa ugwali għal 1.1. Bħala regola ġenerali, it-testijiet għandhom isiru bil-veloċitajiet nominali stabbiliti. Jekk iċ-ċirkwit tal-kontroll tal-makkinarju jippermetti numru ta' moviment simultanju, it-testijiet għandhom jitwettqu fl-inqas kondizzjonijiet favorevoli, bħala regola ġenerali, billi jingħaqad flimkien il-moviment involut.

§339 Saħħa mekkanika – test dinamiku koeffiċjenti

L-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 4.1.2.3 huwa applikabbli għal makkinarju tal-irfigħ u tagħmir interkambjabbli għall-operazzjonijiet tal-irfigħ li jiġi sottomess għal test dinamiku. Mhuwiex applikabbli għal aċċessorji tal-irfigħ – ara §331 u §333: kummenti dwar is-sezzjonijiet 4.1.1 (d) u (f), u §350 sa §352: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.3.

Id-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju, fosthom kemm il-kalkoli tas-saħħa kif ukoll tal-istabbiltà, iridu jqisu l-koeffiċjent tat-test li jintuża għat-test dinamiku li għalih ikun se jiġi sottomess il-makkinarju. L-għan ta' dan ir-rekwiżit huwa li jassigura li l-makkinarju jaħdem sewwa u ma jsofrix ħsara waqt l-użu.

Is-sezzjoni 4.1.2.3 tispeċifika li l-koeffiċjent tat-test li jintuża għat-test dinamiku jrid jassigura livell adegwat ta' sigurtà. Għalhekk, l-għażla ta' koeffiċjent tat-test trid tkun ibbażata fuq l-istima tar-riskju li jipprovdi l-fabbrikant. Is-sezzjoni 4.1.2.3 tindika wkoll il-koeffiċjent tat-test li jrid jintuża "bħala regola ġenerali". Il-koeffiċjent tat-test speċifikat fis-sezzjoni 4.1.2.3 jista' ma jkunx adattat għal kategoriji partikolari ta' makkinarju tal-irfigħ jew aċċessorji tal-irfigħ. Il-koeffiċjent tat-test speċifikat fis-sezzjoni 4.1.2.3 għandu jiġi applikat sakemm ma jkunx speċifikat koeffiċjent tat-test iżjed xieraq fl-istandard armonizzat rilevanti jew ikun ġustifikat kif għandu jkun fil-fajl tekniku tal-fabbrikant. L-applikazzjoni ta' standard armonizzat relevant li jispeċifika tali koeffiċjent tat-test alternattiv toħloq preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 4.1.2.3 – ara §110: kummenti dwar l-Artikolu 7 (2).

Bħala regola ġenerali, fir-rigward tal-makkinarju tal-irfigħ fis-sens strett u tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ, it-testijiet dinamiċi msemmija fis-sezzjoni 4.1.2.3 huma testijiet tal-unità – ara §350 sa §352: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.3.

B'mod ġenerali, m'hemm ebda obbligu biex dawn it-testijiet isiru minn korpi indipendenti jew terzi li jagħmlu t-testijiet, għalkemm għal makkinarju tal-irfigħ soġġetti għall-Eżami tat-tip KE jew proċeduri ta' assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa, jistgħu jsiru testijiet minn korp notifikat – ara §129 u §130: kummenti dwar l-Artikolu 12 (3) u (4), §388: kummenti dwar l-Anness IV partiti 16 u 17, u §398: kummenti dwar l-Anness IX 3.2.

It-testijiet dinamiċi li jsiru biex tiġi vverifikata l-konformità tal-makkinarju mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva dwar il-Makkinarju m'għandhomx jiġu mħawda ma' testijiet li jistgħu jkunu previsti f'regolamenti nazzjonali relatati mal-ispezzjoni ta' makkinarju tal-irfigħ waqt is-servizz – ara §140: kummenti dwar l-Artikolu 15.

4.1.2.4 It-taljoli, iċ-ċilindri, ir-roti, il-ħbula u l-ktajjen

It-taljoli, iċ-ċilindri u r-roti għandu jkollhom dijametru li jaqbel mad-daqs tal-ħbula jew tal-ktajjen li jistgħu jiġu mgħammra bihom.

It-taljoli, iċ-ċilindri u r-roti għandhom ikunu ddisinnjati, mibnija u installati b'mod li l-ħbula jew il-ktajjen li jistgħu jiġu mgħammra bihom jistgħu jinħallu mingħajr ma jinqalgħu.

Il-ħbula użati direttament biex jerfgħu jew biex jirfdu t-tagħbija ma għandux ikun fihom ċumbar għajr fit-truf tagħhom. Iċ-ċumbar huwa, madankollu, itollerat fi stallazzjonijiet maħsuba fid-disinn tagħhom biex jiġu mibdula regolarment skont il-ħtieġa tal-użu tagħhom.

Il-ħbula sħaħ u t-truf tagħhom għandu jkollhom koeffiċjent tax-xogħol magħżul b'mod li jiggarantixxi livell adegwat ta' sigurtà. Bħala regola ġenerali dan il-koeffiċjent ikun ugwali għal 5.

Il-ktajjen ta' rfigħ għandu jkollhom koeffiċjent tax-xogħol magħżul b'mod li jiggarantixxi livell adegwat ta' sigurtà. Bħala regola ġenerali, dan il-koeffiċjent ikun ugwali għal 4.

Sabiex jivverifika li jkun ġie miksub koeffiċjent adegwat tax-xogħol, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu, għal kull tip ta' katina jew ħabel użati direttament biex jerfgħu tagħbija, u għat-tul tal-ħbula, jagħmlu t-testijiet xierqa jew jordnaw li jsiru dawn t-testijiet.

§340 Taljoli, ċilindri, roti, ħbula u ktajjen

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 4.1.2.4 tal-Anness I huma applikabbli għal taljoli, ċilindri, roti, ħbula u ktajjen inkorporati f'makkinarju tal-irfigħ jew f'tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ. Il-komponenti tal-aċċessorji tal-irfigħ huma soġġetti għar-rekwiżiti speċifiċi stipulati fis-sezzjoni 4.1.2.5 li ġejja.

Ir-rekwiżiti stipulati fl-ewwel u t-tieni paragrafu tas-sezzjoni 4.1.2.4 rigward il-kompatibilità tat-taljoli, roti u ċilindri mal-ħbula jew il-ktajjen li magħhom iridu jintużaw huma intiżi:

- biex jiżguraw li l-ħbula jew il-ktajjen ma jkunux soġġetti għal kedd eċċessiv minħabba liwi madwar it-taljoli, ċilindri jew roti;
- biex jiżguraw li l-ħbula jew il-ktajjen ma jinqalgħux minn mat-taljoli, roti jew ċilindri li magħhom ikunu mdawra.

Il-proporzjonijiet dimensjonali u l-kompatibilità tat-taljoli, ċilindri u roti minn naħa waħda u l-ktajjen u ħbula min-naħa l-oħra ġeneralment ikunu speċifikati fl-istandards armonizzati rilevanti.

Skont it-tielet paragrafu tas-sezzjoni 4.1.2.4, bħala regola ġenerali, iċ-ċumbar ta' ħbula li jerfgħu t-tagħbija, ħlief fit-truf tagħhom, huwa pprojbit. Madankollu, it-tieni

sentenza ta' dan il-paragrafu tirrikonoxxi li ċ-ċumbar jista' jkun meħtieġ fuq ċerti kategoriji ta' makkinarju, bħal, pereżempju, funikulari għal merkanzija biss jew *yarders* mobbli għall-qtugħ u t-trasport ta' siġar għall-injam, li jużaw ħbula twal iddisinjati biex jiġu mmodifikati b'mod regolari skont il-ħtiġijiet tal-użu jew għal tiswija awtorizzata.

Is-sezzjoni 4.1.2.4 tispeċifika li l-koeffiċjenti ta' ħidma għall-ħbula u l-ktajjen iridu jassiguraw livell adegwat ta' sigurtà. Għalhekk, id-dimensjonament tal-ħbula u l-ktajjen irid ikun ibbażat fuq stima tar-riskju mwettqa mill-fabbrikant tal-makkinarju tal-irfigħ jew tal-aċċessorju tal-irfigħ. Is-sezzjoni 4.1.2.4 tindika wkoll il-koeffiċjent tax-xogħol li għandu jiġi kkunsidrat għad-dimensjonament tal-ħbula u l-ktajjen "bħala regola ġenerali". Il-koeffiċjenti tax-xogħol stipulati fis-sezzjoni 4.1.2.4 jistgħu ma jkunux adattati għal komponenti partikolari jew għal kategoriji partikolari ta' makkinarju tal-irfigħ. Għandhom jiġu applikati l-koeffiċjenti tax-xogħol stipulati fis-sezzjoni 4.1.2.4 sakemm ma jkunux speċifikati koeffiċjenti tax-xogħol iżjed adattati fl-istandard armonizzat rilevanti jew ikunu ġustifikati kif għandu jkun fil-fajl tekniku tal-fabbrikant għall-makkinarju tal-irfigħ jew l-aċċessorju tal-irfigħ – ara §392: kummenti dwar l-Anness VII A 1 (a). L-applikazzjoni ta' standard armonizzat rilevanti li jispeċifika tali koeffiċjent alternattiv tax-xogħol tagħti preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 4.1.2.4 – ara §110: kummenti dwar l-Artikolu 7 (2).

L-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 4.1.2.4 jitlob li jsiru testijiet biex jiġi vverifikat li l-ktajjen jew il-ħbula użati direttament għall-irfigħ tat-tagħbija u t-truf tagħhom ikollhom koeffiċjent adegwat tax-xogħol. Sabiex jiġi applikat koeffiċjent tax-xogħol, huwa neċessarju li wieħed ikun jaf il-forza minima ta' ksur tal-katina jew tal-ħabel ikkonċernat – ara §330: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.1 (c).

Għal ktajjen u ħbula għal skopijiet ta' rfigħ, it-testijiet meħtieġa biex tiġi stabbilita l-forza minima ta' ksur tal-katina jew tal-ħabel innifishom, ġeneralment isiru mill-fabbrikant tal-katina jew tal-ħabel u jkunu speċifikati fiċ-ċertifikat rilevanti – ara §357: kummenti dwar is-sezzjoni 4.3.1 tal-Anness I.

Madankollu, jekk il-fabbrikant tal-makkinarju tal-irfigħ, l-aċċessorju tal-irfigħ jew it-tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ jimmanifattura l-ktajjen jew il-ħbula jew it-truf tagħhom huwa stess, huwa jrid iwettaq it-testijiet neċessarji jew iqabbad lil xi ħadd ieħor biex iwettaqhom. Ir-riżultati tat-testijiet iridu jiġu inklużi fil-fajl tekniku tal-fabbrikant għall-makkinarju – ara §392: kummenti dwar l-Anness VII A 1 (a).

It-testijiet imsemmija fis-sezzjoni 4.1.2.4 huma testijiet tat-tip intiżi biex jivverifikaw b'mod sperimentali l-kalkoli tal-fabbrikant dwar is-saħħa. B'mod ġenerali, ma hemm l-ebda obbligu li dawn it-testijiet isiru minn korpi ta' ttestjar indipendenti jew ta' parti terza, għalkemm għall-makkinarju tal-irfigħ soġġett għall-eżami tat-tip KE jew proċeduri ta' assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa, it-testijiet jistgħu jitwettqu minn Korp notifikat – ara §129 u §130: kummenti dwar l-Artikolu 12 (3) u (4), u kummenti dwar l-Anness IX. Dawn it-testijiet m'għandhomx jiġu mħawda ma' testijiet li jistgħu jkunu previsti f'regolamenti nazzjonali dwar l-ispezzjoni ta' makkinarju tal-irfigħ jew aċċessorji tal-irfigħ li jkunu fis-servizz – ara §140: kummenti dwar l-Artikolu 15.

4.1.2.5 Aċċessorji tal-irfigħ u l-komponenti tagħhom

L-aċċessorji tal-irfigħ u l-komponenti tagħhom għandhom ikunu mdaqqsa b'rigward xieraq għall-proċessi ta' strapazz u tat-tqaddim, għal numru ta' ċikli tax-xogħol konsistenti mat-tul tal-ħajja tagħhom kif ikun speċifikat fil-kondizzjonijiet tax-xogħol għal applikazzjoni mogħtija.

Barra minn hekk:

(a) il-koeffiċjent tax-xogħol għall-kombinazzjoni tal-ħabel tal-metall/tarf tal-ħabel tal-metall għandu jiġi magħżul b'mod li jiggarantixxi livell adegwat ta' sigurtà; bħala regola ġenerali dan il-koeffiċjent huwa ugwali għal 5. Il-ħbula ma għandux ikun fihom ċumbar jew ħoloq għajr fi truf hom

(b) fejn jiġu użati ktajjen b'ħoloq iwweldjati, għandhom jkunu tat-tip ta' b'ħolqa qasira. Il-koeffiċjent tax-xogħol għall-ktajjen ta' kull tip għandu jiġi magħżul b'mod li jiggarantixxi livell adegwat ta' sigurtà; bħala regola ġenerali dan il-koeffiċjent huwa ugwali għal 4 ;

(c) il-koeffiċjent tax-xogħol għall-ħbula tat-tessut jew bragi huwa dipendenti fuq il-materjal, il-metodu tal-fabbrikazzjoni, id-daqs u l-użu. Dan il-koeffiċjent għandu jiġi magħżul b'mod li jiggarantixxi livell adegwat ta' sigurtà; bħal regola ġenerali, huwa ugwali għal 7, sakemm iżda li l-materjali użati juru li huma ta' kwalità tajba ħafna u li l-metodu tal-fabbrikazzjoni huwa xieraq għall-użu maħsub tagħhom. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-koeffiċjent jiġi, bħala regola ġenerali, stabbilit f'livell ogħla sabiex jiżgura livell ekwivalenti ta' sigurtà. Ħbula tat-tessut u bragi ma għandux ikollhom għoqiedi, tagħqid jew ċumbar għajr fit-truf, minbarra fil-każ ta' braga mingħajr truf ;

(d) il-komponenti tal-metall kollha li jagħmlu, jew jiġu użati ma' braga għandu jkollhom koeffiċjent tax-xogħol b'mod li jiggarantixxi livell adegwat ta' sigurtà; bħala regola ġenerali dan il-koeffiċjent huwa ugwali għal 4;

(e) il-kapaċità massima tax-xogħol ta' braga b'ħafna truf tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-koeffiċjent tas-sigurtà tal-iktar tarf dgħajjef, fuq in-numru ta' truf u fuq fattur ta' tnaqqis li jiddependi fuq il-konfigurazzjoni tal-braga;

(f) sabiex jivverifika li jkun ġie miksub koeffiċjent adegwat tax-xogħol, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandu, għal kull tip ta' komponent li hemm referenza għalih f'(a), (b), (c) u (d), jagħmel it-testijiet xierqa jew jordna li jsiru dawn t-testijiet.

§341 Aċċessorji tal-irfigħ u l-komponenti tagħhom

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 4.1.2.5 japplikaw għal aċċessorji tal-irfigħ u l-komponenti tagħhom – ara §43: kummenti dwar l-Artikolu 2 (d). 'Komponenti' fil-kuntest tas-sezzjoni 4.1.2.5 tirreferi għal oġġetti li għandhom jiġu integrati fl-aċċessorji tal-irfigħ u li huma relevanti għas-sigurtà tagħhom.

Ir-rekwiżit stipulat fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 4.1.2.5 huwa kumplimentari għar-rekwiżiti stipulati fl-ewwel tliet paragrafi tas-sezzjoni 4.1.2.3 u r-rekwiżiti ġenerali dwar

ir-riskju ta' ksur waqt it-tħaddim stipulati fis-sezzjoni 1.3.2. Għandu jiġi osservat li s-suppożizzjonijiet użati fid-disinn tal-aċċessorji tal-irfigħ u l-komponenti tagħhom fir-rigward tal-kundizzjonijiet tagħhom ta' użu u l-ħajja li tista' tiġi prevista tagħhom, iridu jkunu konsistenti mal-istruzzjonijiet mogħtija mill-fabbrikant għall-ispezzjoni u l-manutenzjoni tagħhom u mal-kriterji għall-bdil tagħhom – ara §207: kummenti dwar is-sezzjoni 1.3.2 u §272: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (r).

Is-sezzjoni 4.1.2.5 tispeċifika li l-koeffiċjenti tax-xogħol għall-komponenti tal-aċċessorji tal-irfigħ iridu jassiguraw livell adegwat ta' sigurtà. Għalhekk id-dimensjonament ta' tali komponenti jrid ikun ibbażat fuq l-istima tar-riskju mwettqa mill-fabbrikant tal-aċċessorju tal-irfigħ. Il-paragrafi (a) sa (d) tas-sezzjoni 4.1.2.5 jindikaw il-koeffiċjenti tax-xogħol li għandhom jiġu kkunsidrati għad-dimensjonament ta' komponenti tal-aċċessorji tal-irfigħ "bħala regola ġenerali". Il-koeffiċjenti tax-xogħol stipulati fis-sezzjoni 4.1.2.5 jistgħu ma jkunux adattati għal komponenti partikolari jew għal kategoriji partikolari ta' aċċessorji tal-irfigħ. Għandhom jiġu applikati l-koeffiċjenti tax-xogħol stipulati fis-sezzjoni 4.1.2.5 sakemm ma jkunux speċifikati koeffiċjenti iżjed xierqa fl-istandard armonizzat rilevanti jew ikunu ġustifikati kif għandu jkun fil-fajl tekniku tal-fabbrikant. L-applikazzjoni ta' standard armonizzat rilevanti li jispeċifika tali koeffiċjent alternattiv tax-xogħol tagħti preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 4.1.2.5 – ara §110: kummenti dwar l-Artikolu 7 (2).

Il-paragrafu (f) tas-sezzjoni 4.1.2.5 jitlob li għandhom jitwettqu testijiet sabiex jiġi vverifikat li l-komponenti ta' aċċessorji tal-irfigħ msemmija fil-paragrafi (a) sa (d) ikunu ġew iddisinjati u mibnija b'koeffiċjent adegwat tax-xogħol. Sabiex jiġi applikat koeffiċjent tax-xogħol, huwa neċessarju li wieħed ikun jaf il-forza minima ta' ksur tal-komponent ikkonċernat – ara §330: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.1 (c).

Għall-ktajjen, ħbula jew ċineg, it-testijiet meħtieġa sabiex tiġi stabbilita l-forza minima ta' ksur tal-katina, tal-ħabel jew taċ-ċineg infushom, normalment isiru mill-fabbrikant tal-katina, ħabel jew ċineg u jkunu speċifikati fiċ-ċertifikat rilevanti – ara §357: kummenti dwar is-sezzjoni 4.3.1 tal-Anness I. Għal komponenti oħra, it-testijiet neċessarji jistgħu jitwettqu jew mill-fabbrikant tal-komponent jew mill-fabbrikant tal-aċċessorju tal-irfigħ.

Jekk xi komponent ta' aċċessorju tal-irfigħ jiġi ffabbrikat bħala element uniku jew f'serje żgħira, jista' ma jkunx prattiku li jitwettqu testijiet li jirrendu l-komponent mhux użabbli. F'dak il-każ, il-fabbrikant tal-aċċessorju tal-irfigħ irid jivverifika b'mezzi oħra adegwati, bħal kalkoli tad-disinn, li l-komponent użat sabiex isir l-aċċessorju tal-irfigħ ikollu koeffiċjent adegwat tax-xogħol.

It-testijiet imsemmija fis-sezzjoni 4.1.2.5 (f) huma testijiet tat-tip. M'hemmx obbligu biex it-testijiet jitwettqu minn korp ta' ttestjar indipendenti jew ta' parti terza. Dawn it-testijiet m'għandhomx jiġu mħawda ma' testijiet li jistgħu jkunu previsti f'regolamenti nazzjonali dwar l-ispezzjoni ta' makkinarju tal-irfigħ waqt is-servizz – ara §140: kummenti dwar l-Artikolu 15.

Il-kalkoli rilevanti u r-rapporti li jagħtu l-eżitu tat-testijiet imsemmija fis-sezzjoni 4.1.2.5 (f) iridu jiġu inklużi fil-fajl tekniku tal-fabbrikant għall-aċċessorju tal-irfigħ - ara §392: kummenti dwar l-Anness VII A 1 (a).

4.1.2.6 Kontroll ta' movimenti

Il-mezz biex jiġi kontrollat il-moviment għandu jaħdem b'tali mod li l-makkinarju li fuqu jkunu nstallati jinżamm protett.

(a) il-makkinarju għandu jkun hekk iddisinnjat jew mgħammar b'mezzi b'mod li jżommu l-amplitudni taċ-ċaqlieq tal-komponenti tiegħu fil-limiti speċifikati. Fejn xieraq, il-ħidma ta' mezz bħal dan għandha tiġi preċeduta minn twissija.

(b) Fejn numru ta' magni fissi jew immuntati fuq binarju jistgħu jiġu mmanuvrati flimkien fl-istess waqt u fl-istess post, bir-riskju li jaħbtu, dawn il-magni għandhom jkunu ddisinnjati u mibnija b'mod li jkun possibbli li fuqhom jitwaħħlu sistemi li jgħinu biex jevitaw dawn ir-riskji.

(c) Makkinarju għandhom ikunu ddisinnjati u mibnija b'mod li t-tagħbijiet ma jkunux jistgħu jiżżerżqu b'mod perikoluż jew jaqgħu mingħajr ilqugħ jew b'mod mhux mistenni, saħansitra fil-każ ta' waqfien totali jew parzjali tal-provvista tal-enerġija jew meta l-operatur jieqaf milli jħaddem il-magna.

(d) Ma għandux ikun possibbli, f'kondizzjonijiet normali tax-xogħol, li t-tagħbija titbaxxa bil-brejk tal-frizzjoni biss, għajr fil-każ tal-makkinarju li l-funzjoni tiegħu teħtieġ li jitħaddem b'dan il-mod.

(e) Il-mezzi tas-stivar għandhom ikunu hekk iddisinnjati u mibnija b'mod li t-twaqqigħ bi żball tat-tagħbijiet jiġi evitat.

§342 Kontroll tal-movimenti

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 4.1.2.6 japplikaw għal makkinarju tal-irfigħ fis-sens strett, għal tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ u, fejn xieraq, għal komponenti tas-sigurtà armati biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-operazzjonijiet tal-irfigħ. Jistgħu japplikaw ukoll għal aċċessorji tal-irfigħ b'partijiet ikkontrollati li jiċċaqilqu.

Ir-rekwiżit stipulat fl-ewwel sentenza tas-sezzjoni 4.1.2.6 huwa rekwiżit ġenerali għall-mezzi kollha li jikkontrollaw movimenti tal-makkinarju jew tat-tagħbija.

Il-paragrafu (a) tas-sezzjoni 4.1.2.6 jirrigwarda l-limiti fuq l-amplitudni tal-movimenti, fejn dan ikun meħtieġ biex jassigura tħaddim mingħajr periklu. F'xi każijiet, dan ir-rekwiżit jista' jiġi ssodisfat mid-disinn tas-sistemi ta' *drive* u kontroll. F'każijiet oħra, jista' jkun meħtieġ ukoll it-twaħħil ta' mezzi ta' limitazzjoni fuq l-elementi suġġetti għal moviment, bħal, pereżempju, waqfiet mekkaniċi, swiċċijiet tal-limitu jew inġizzi biex jiġi ssodisfat dan ir-rekwiżit.

Il-paragrafu (b) tas-sezzjoni 4.1.2.6 jittratta r-riskju ta' ħabta bejn magni fissi jew immuntati fuq binarju. Ir-riskju ta' ħabta jista' jeżisti meta jintużaw diversi magni fl-istess żona operattiva, bħal, pereżempju, meta jkunu installati żewġ *tower cranes* jew aktar fuq sit wieħed tal-kostruzzjoni jew meta jkunu installati żewġ *gantry cranes* jew aktar fl-istess bini Għal makkinarju tal-irfigħ intiż biex jintuża f'sitwazzjonijiet fejn jista' jkun hemm dan ir-riskju, il-fabbrikant irid jassigura li mal-makkinarju jkunu jistgħu jitwaħħlu l-mezzi neċessarji kontra l-ħabtiet, u jipprovdi l-istruzzjonijiet neċessarji għat-twaħħil.

Il-paragrafu (c) tas-sezzjoni 4.1.2.6 jittratta r-riskju ta' movimenti mhux ikkontrollati tat-tagħbija. Movimenti bħal dawn jistgħu jinkludu l-moviment 'il fuq jew 'l isfel tat-tagħbija

taħt l-effett tal-piż tagħha stess jew ta' kontrapiż. Il-miżuri biex jiġi ssodisfat dan ir-rekwiżit jinkludu, pereżempju, it-twaħħil ta' brejkijiet li japplikaw fin-nuqqas ta' enerġija, valvi ta' kontroll fuq ċilindri idrawliċi u tagħmir tas-sigurtà fuq lifts u krejnijiet iggwidati fuq binarju.

Ir-rekwiżit ma jeskludix kull żerżiq tat-tagħbija meta moviment żgħir tat-tagħbija ma joħloqx riskju. L-istandards armonizzati jistgħu jispeċifikaw l-amplitudni jew il-veloċità massima tal-moviment li jkunu aċċettabbli. Għal ċerti tipi ta' makkinarju tal-irfigħ, bħal, pereżempju, lifts għall-manutenzjoni ta' vetturi, fejn ma huwa aċċettabbli l-ebda moviment tat-tagħbija mill-pożizzjoni mgħollija tagħha, jista' jkun meħtieġ li jitwaħħlu mezzi li jillokkjaw sabiex jiġi osservat dan ir-rekwiżit.

Il-paragrafu (d) tas-sezzjoni 4.1.2.6 jistabbilixxi rekwiżit għat-tbaxxija tat-tagħbija li huwa applikabbli għall-biċċa l-kbira tal-makkinarju tal-irfigħ, billi brejk tal-frizzjoni ġeneralment ma jipprovdix mezz affidabbli ta' kontroll tal-moviment tat-tbaxxija.

Il-paragrafu (e) tas-sezzjoni 4.1.2.6 japplika għad-disinn ta' mezzi ta' stivar tat-tagħbija, kemm jekk ikunu parti minn makkinarju tal-irfigħ jew parti minn aċċessorju tal-irfigħ. L-iżjed mezz komuni li jintuża biex jiġi ssodisfat dan ir-rekwiżit huwa l-molla tas-sigurtà mqabbda ma' ganċ. Għal tipi oħra ta' mezzi ta' stivar tat-tagħbija, il-miżuri neċessarji sabiex jiġi ssodisfat dan ir-rekwiżit jinkludu, pereżempju, it-twaħħil ta' vakwu ta' riserva ma' lifters li jaħdmu bil-vakwu jew it-twaħħil ta' batterija ta' riserva ma' kalamiti elettriċi għall-irfigħ.

4.1.2.7 Moviment ta' tagħbijiet matul it-tqandil

Il-post tas-sewqan tal-makkinarju għandu jkun jinsab hekk li jiżgura l-aktar dehra wiesgħa possibbli tat-trajjettorji tal-partijiet li jiċċaqilqu, sabiex tiġi evitata l-possibbilità ta' ħbit ma' persuni jew tagħmir jew makkinarju ieħor li jista' jkun qiegħed jimmanuvra fl-istess waqt u li x'aktarx jikkaġuna riskju.

Il-makkinarju b'tagħbijiet iggwidati fissi f'post wieħed għandu jiġi ddisinnjat u mibni b'mod li jimpedixxi lil persuni esposti milli jintlaqtu mit-tagħbija jew mill-kontro-piżijiet, jekk ikun hemm.

§343 Prevenzjoni tar-riskji ta' ħbit

L-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 4.1.2.7 japplika għal makkinarju tal-irfigħ jew tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ, li l-operazzjonijiet tiegħu jkunu taħt il-kontroll kostanti tal-operatur. F'dak il-każ, il-post u d-disinn tal-pożizzjoni tat-tħaddim iridu jipprovdu lill-operatur l-aħjar viżibilità possibbli tal-movimenti tat-tagħbija. F'ċerti każijiet, sabiex jiġi ssodisfat dan ir-rekwiżit, il-pożizzjoni tat-tħaddim trid tkun tista' tiċċaqlaq hija stess. F'każijiet oħra, jista' jiġi pprovdut kontroll mill-bogħod li jippermetti lill-operatur jikkontrolla l-movimenti tat-tagħbija minn pożizzjoni fejn huwa jkollu viżibilità adegwata. Fil-każ ta' makkinarju mobbli tal-irfigħ, ir-rekwiżit stipulat fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 4.1.2.7 huwa kumplimentari għar-rekwiżit stipulat fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 3.2.1 tal-Anness I.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 4.1.2.7 japplika għal makkinarju tal-irfigħ b'tagħbija ggwidata, għal tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ b'tagħbija ggwidata u, fejn xieraq, għal komponenti tas-sigurtà armati biex tiġi żgurata s-sigurtà ta' tali operazzjonijiet ta' rfigħ – ara §329: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.1 (b). Fil-każ ta' makkinarju bħal dan,

il-movimenti tal-ġarrier, it-tagħbija u l-kontrapiżijiet, jekk ikun hemm, ġeneralment ma jkunux taħt il-kontroll kostanti tal-operatur. Il-miżuri li jridu jittieħdu sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' korriment ta' persuni minħabba kuntatt mal-ġarrier, it-tagħbija jew il-kontrapiż, jiddependu fuq l-istima tar-riskju. F'xi każijiet, pereżempju fil-każ ta' vjaġġar b'veloċità għolja, it-trajettorja tal-ġarrier, tat-tagħbija jew tal-kontrapiż waqt tħaddim normali trid tkun kompletament inaċċessibbli, jew permezz tal-post jew permezz ta' protezzjoni. F'każijiet oħra, pereżempju fil-każ ta' veloċità baxxa, jista' jkun possibbli li r-riskju ta' korriment jiġi evitat bit-twaħħil ta' apparat protettiv għall-ġarrier – ara §347: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.2.8.3 tal-Anness I.

4.1.2.8 Makkinarju li jservi żbarki fissi

§344 Makkinarju li jservi żbarki fissi

Is-sezzjoni 4.1.2.8 tapplika għal varjetà ta' mezzi ta' rfigħ li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Lifts 95/16/KE kif emendata, jew għax ma jikkorrispondux mad-definizzjoni ta' lift mogħtija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar il-Lifts, jew għax huma eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Lifts mill-Artikolu 1 (3) tagħha – ara §151: kummenti dwar l-Artikolu 24.

Il-makkinarju li jservi żbarki fissi huwa makkinarju intiż biex iċaqlaq merkanzija, persuni jew kemm merkanzija kif ukoll persuni bejn livelli jew sulari determinati minn qabel, ta' bini, kostruzzjoni jew struttura. Il-makkinarju li jservi żbarki fissi jinkludi, pereżempju, lifts għall-merkanzija biss, għodod tal-irfigħ fis-siti tal-kostruzzjoni għal merkanzija u persuni, lifts imqabbda ma' makkinarju bħal, pereżempju, *tower cranes* jew ġeneraturi tar-riħ, għal aċċess għal postijiet tax-xogħol, lifts tad-djar, pjattaformi għall-irfigħ ta' persuni b'mobilità mnaqqsa u lifts tat-taraġ.

Il-makkinarju li jservi żbarki fissi għandu jiġi distint minn makkinarju intiż biex jipprovdi aċċess għal pożizzjonijiet fil-għoli fejn l-aċċess lejn u mill-ġarrier huwa previst biss f'livell wieħed (ġeneralment il-livell terran), bħal, pereżempju, it-tixbit ma' arbli jew pjattaformi tax-xogħol imdendla, li għalihom ma japplikawx ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 4.1.2.8.

Il-makkinarju li jkollu ż-żewġ funzjonijiet ta' hawn fuq, fi kliem ieħor, makkinarju li jservi żbarki fissi u li jista' jintuża wkoll, pereżempju, bħala pjattaforma tax-xogħol għal aċċess għal pożizzjonijiet fiż-żona tal-ivvjaġġar tiegħu, huwa soġġett għar-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 4.1.2.8 għall-perikli assoċjati mal-funzjoni li jservi żbarki fissi.

4.1.2.8.1 Movimenti tal-ġarrier

Il-movimenti tal-ġarrier tal-makkinarju li jservi żbarki fissi għandhom ikunu gwidati b'mod riġidu lejn u fl-iżbarki. Sistemi li jaħdmu fil-forma ta' tqassis jitqiesu ukoll bħala gwidi riġidi.

§345 Movimenti tal-ġarrier

L-għan tar-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 4.1.2.8.1 huwa li jassigura li l-ġarrier tal-makkinarju li jservi żbarki fissi jiġi ggwidat mingħajr periklu lejn l-iżbarki, billi jevita

kwalunkwe riskju ta' ħbit mal-istrutturi u l-mezzi fl-iżbarki, u jilħaq pożizzjoni li tippermetti t-trasferiment mingħajr periklu, ta' merkanzija, persuni jew persuni u merkanzija bejn il-ġarrier u l-iżbarki – ara §329: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.1 (b).

4.1.2.8.2 Aċċess għall-ġarrier

Fejn il-persuni għandhom aċċess għall-ġarrier, il-makkinarju għandu jkun ddisinnjat u mibni b'mod li jiżgura li l-ġarrier jibqa' wieqaf matul l-aċċess, b'mod partikolari waqt li jkun qiegħed jitgħabba jew jinħatt.

Il-makkinarju għandu jkun ddisinnjat u mibni b'mod li jiżgura li d-differenza fil-livell bejn il-ġarrier u l-iżbark li qiegħed ikun servut ma joħolqux riskju ta' ritmu mgħaġġel.

§346 Aċċess għall-ġarrier

Ir-rekwiżit stipulat fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 4.1.2.8.2 jittratta r-riskji dovuti għal moviment aċċidentali tal-ġarrier waqt it-tagħbija jew il-ħatt jew waqt li persuni jkunu deħlin jew ħerġin mill-ġarrier fl-iżbarki. Sabiex jiġi ssodisfat dan ir-rekwiżit, il-mekkaniżmu tal-irfigħ u s-sistema ta' kontroll iridu jkunu ddisinjati sabiex il-ġarrier jibqa' fl-iżbark waqt li jkun aċċessibbli.

L-applikazzjoni tar-rekwiżit stipulat fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 4.1.2.8.2 ma teskludix il-movimenti ta' livellar tal-ġarrier, bil-kundizzjoni li tali movimenti ta' livellar jitlestew sal-ħin li l-persuni jkunu jistgħu jkollhom aċċess għall-ġarrier. Barra minn hekk, jekk il-livell tal-ġarrier ikun jista' jinbidel waqt li jkun qiegħed jitgħabba jew jinħatt, jista' jkun meħtieġ ukoll livellar mill-ġdid tal-movimenti tal-ġarrier.

Ir-rekwiżit stipulat fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 4.1.2.8.2 jikkumplimenta r-rekwiżit ġenerali stipulat fis-sezzjoni 1.5.15 tal-Anness I. Il-makkinarju li jservi żbarki fissi b'ġarrier aċċessibbli għall-persuni jrid ikollu livell adegwat ta' preċiżjoni tat-twaqqif sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' tgerbib meta l-persuni jkunu deħlin jew ħerġin mill-ġarrier. Ir-rekwiżit huwa applikabbli sew jekk l-aċċess għall-ġarrier ikun previst għat-trasport ta' persuni jew għall-iskop biss ta' tagħbija tal-merkanzija.

4.1.2.8.3 Riskji due to kuntatt mal-ġarrier li jkun miexi

Fejn ikun neċessarju sabiex jintlaħaq ir-rekwiżit imniżżel fit-tieni paragrafu ta' sezzjoni 4.1.2.7, iż-żona tal-ivvjaġġar għandha ssir inaċċessibbli matul tħaddim normali.

Meta, matul l-ispezzjoni jew il-manutenzjoni, hemm riskju li persuni li jkunu taħt jew fuq il-ġarrier jistgħu jitgħaffġu bejn il-ġarrier u l-partijiet fissi, għandu jkun provdut spazju liberu biżżejjed jew permezz ta' rifuġji fiżiċi jew permezz ta' mezzi mekkaniċi li jibblokkaw il-moviment tal-ġarrier.

§347 Kuntatt mal-ġarrier li jkun miexi

Ir-rekwiżit stipulat fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 4.1.2.8.3 huwa applikabbli għal makkinarju tal-irfigħ li jservi żbarki fissi fis-sens strett u, fejn xieraq, għal komponenti

tas-sigurtà armati biex tiġi żgurata s-sigurtà ta' operazzjonijiet ta' rfigħ li jservu żbarki fissi. Hija kumplimentari għar-rekwiżit stipulat fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 4.1.2.7.

Ir-rekwiżit stipulat fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 4.1.2.8.3 jimplika li, għall-makkinarju li jservi żbarki fissi, ir-regola ġenerali hija li ż-żona tal-ivvjaġġar ma tridx tkun aċċessibbli għall-persuni waqt ħidma normali, jew permezz tal-post jew permezz ta' lqugħ. Eċċezzjonijiet għal din ir-regola ġenerali huma possibbli għal makkinarju fejn iż-żona tal-ivvjaġġar ma tkunx tista' ssir inaċċessibbli, bħal, pereżempju, lifts tat-taraġ jew pjattaformi ta' rfigħ għal persuni b'mobilità mnaqqsa. F'każijiet bħal dawn, ir-riskju ta' kuntatt mal-persuni jrid jiġi evitat b'mezzi oħra. Ġeneralment huwa neċessarju li jintużaw taħlita ta' mezzi bħal, pereżempju, veloċità baxxa, kontrolli magħfusa u apparat protettiv sensittiv għall-pressjoni.

Min-naħa l-oħra, l-aċċess għaż-żona tal-ivvjaġġar jista' jkun meħtieġ għal skopijiet ta' spezzjoni u manutenzjoni. Ir-rekwiżit stipulat fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 4.1.2.8.3 jittratta r-riskju li persuna li tidħol fiż-żona tal-ivvjaġġar għal skopijiet ta' spezzjoni jew manutenzjoni tiġi mgħaffġa bejn il-ġarrier u l-limiti taż-żona tal-ivvjaġġar jew l-ostakoli li jkun hemm fuq jew taħt il-ġarrier, f'każ ta' moviment aċċidentali tal-ġarrier. Dan ir-riskju jista' fil-fatt ikun evitat billi jiġi assigurat li jkun hemm spazju liberu suffiċjenti disponibbli dejjem fuq u taħt il-ġarrier fl-ogħla u fl-iżjed pożizzjonijiet baxxi tiegħu sabiex il-persuni li jaħdmu hemm ikunu jistgħu jevitaw li jitgħaffġu. Jekk ma jkunx hemm spazju suffiċjenti sabiex jiġi pprovdut dan l-ispazju liberu permanenti, iridu jiġu pprovduti mezzi mekkaniċi sabiex jimblukkaw il-ġarrier f'pożizzjoni mingħajr periklu. Irid ikun possibbli li tali apparat protettiv jintuża minn pożizzjoni mingħajr periklu.

4.1.2.8.4 Riskji dovut mit-tagħbija li taqa' mill-ġarrier

Fejn hemm riskju dovut mit-tagħbija li taqa' mill-ġarrier, il-makkinarju għandu jkun ddisinnjat u mibni b'mod li jevita dan ir-riskju.

§348 Tagħbijiet li jaqgħu mill-ġarrier

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 4.1.2.8.4 huwa mfisser f'termini ġenerali u l-applikazzjoni prattika tiegħu tiddependi fuq l-istima tar-riskju li taqa' t-tagħbija. Il-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati jinkludu, pereżempju, l-għoli safejn tintrefa' t-tagħbija, il-veloċità tal-ivvjaġġar, id-daqs, l-għamla u l-piż tat-tagħbija li l-makkinarju jkun intiż biex iġorr, il-preżenza possibbli ta' persuni taħt il-ġarrier u d-disinn tal-ġarrier innifsu. Il-mod normali li għandu jiġi applikat dan ir-rekwiżit huwa li l-ġarrier ikun mgħammar b'barriera fiżika li ma tħallix it-tagħbija taqa'.

4.1.2.8.5 Żbarki

Ir-riskji minħabba kuntatt tal-persuni fi żbarki bil-ġarrier li jkun miexi jew partijiet oħra li jiċċaqilqu għandhom ikunu evitati.

Fejn hemm riskju dovut għall-persuni li jaqgħu fiż-żona tal-ivvjaġġar meta l-ġarrier ma jkunx fl-iżbarki, għandhom jitwaħħlu lqugħ sabiex ikun evitat dan ir-riskju. Dawn il-mezz ta' lqugħ ma għandhomx jinfetħu fid-direzzjoni taż-żona tal-ivvjaġġar. Għandhom ikunu mgħammra b'mezz li jillokkjaw ma' xulxin kontrollati mill-pożizzjoni tal-ġarrier li tevita:

— *movimenti perikoluż tal-ġarrier sakemm il-mezz ta' lqugħ ikun magħluq u llokkjat,*

— *ftuħ perikoluż tal-mezz ta' lqugħ sakemm il-ġarrier jkun waqaf fl-iżbarki korrispondenti.*

§349 Sigurtà fl-iżbarki

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 4.1.2.8.5 jittratta r-riskji għall-persuni fuq l-iżbarki. Dan huwa applikabbli għal makkinarju tal-irfigħ li jservi żbarki fissi fis-sens strett u, fejn xieraq, għal komponenti tas-sigurtà mwaħħla sabiex jassiguraw is-sigurtà ta' dawn l-operazzjonijiet tal-irfigħ. Qed jiġu kkunsidrati żewġ riskji: riskji minħabba kuntatt mal-ġarrier li jkun miexi jew ma' partijiet li jiċċaqilqu tal-magna (bħal, pereżempju, ir-riskju li wieħed jintlaqat, jew jitgħaffeġ mill-ġarrier jew li jinqabad mill-partijiet li jiċċaqilqu) u r-riskju li persuna fl-iżbark taqa' minn għoli għal ġoż-żona tal-ivvjaġġar meta l-ġarrier ma jkunx fl-iżbark. Ħafna drabi, jista' jintuża l-istess mezz biex jipproteġi kontra ż-żewġ riskji.

Il-fabbrikant ta' lift tat-taraġ irid jieħu miżuri biex inaqqas ir-riskju li wieħed jaqa' t-taraġ meta jirkeb jew jinżel minn fuq il-lift, iżda huwa mhuwiex mistenni li jwaħħal mezz ta' lqugħ biex jevita r-riskju li wieħed jaqa' t-taraġ mill-żbarki, billi dan ir-riskju jeżisti irrispettivament minn jekk ikunx installat lift tat-taraġ.

Il-mezzi ta' lqugħ li jillokkjaw ma' xulxin imsemmija fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 4.1.2.8.5 jistgħu jkunu bibien tal-iżbark li jimpedixxu kull aċċess għaż-żona tal-ivvjaġġar fin-nuqqas tal-ġarrier jew barrieri li ma jħallux persuni jaslu fiż-żona tal-ivvjaġġar. L-ispeċifikazzjonijiet għal mezzi ta' lqugħ bħal dawn huma inklużi fl-istandards armonizzati għal kategoriji speċifiċi ta' makkinarju. L-istandards armonizzati dwar id-distanzi tas-sigurtà,[187] dwar id-disinn ta' mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiċċaqalqu[188], dwar mezzi li jillokkjaw ma' xulxin għall-mezzi ta' lqugħ[189] u dwar mezzi

[187] EN ISO 13857:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju — Distanzi għas-sigurtà biex jipprevjenu li żoni perikoluż ma jintlaħqux minn partijiet tan-naħa ta' fuq u t'isfel tal-ġisem* (ISO 13857:2008).

[188] EN 953:1997+A1:2009 - *Sigurtà ta' makkinarju — Mezzi ta' lqugħ — Rekwiżiti ġenerali għad-disinn u l-kostruzzjoni ta' mezzi ta' lqugħ fissi u li jistgħu jiċċaqalqu.*

[189] EN 1088:1995+A2:2008 - *Sigurtà ta' makkinarju — Mezzi li jillokkjaw ma' xulxin assoċjati ma' mezzi ta' lqugħ — Prinċipji għad-disinn u għażla*.

biex jiġu evitati l-waqgħat minn pjattaformi jew passaġġi ta' aċċess għall-makkinarju[190] jistgħu jkunu rilevanti wkoll għad-disinn ta' mezzi ta' lqugħ fuq l-iżbarki.

Għandu jiġi osservat li mezzi sabiex jiġu llokkjati l-bibien għal makkinarju ddisinjat għall-irfigħ ta' persuni bejn żbarki fissi huma inklużi fil-lista ta' komponenti tas-sigurtà mogħtija fl-Anness V – ara §389: kummenti Anness V partita 17.

4.1.3 L-adegwatezza għall-fini tal-użu maħsub

Meta l-makkinarju jew l-aċċessorji tal-irfigħ jinħareġ fis-suq jew jiġi mħaddem għall-ewwel darba, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jiżgura, billi jieħu l-miżuri xierqa jew jordna li jittieħdu dawn, li l-makkinarju jew l-aċċessorji ta' rfigħ li jkunu lesti biex jintużaw – sewwa jekk imħaddma bl-idejn u sewwa jekk imħaddma bil-magni – ikunu jistgħu jwettqu l-funzjonijiet tagħhom mingħajr periklu.

It-testijiet statiċi u dinamiċi msemmija fis-sezzjoni 4.1.2.3 għandhom isiru fuq il-makkinarju tal-irfigħ lesti sabiex jitpoġġew fis-servizz .

Fejn il-makkinarju ma jistax jiġi mmuntat fuq il-fond tal-fabbrikant, jew fuq il-fond tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu, għandhom jittieħdu l-miżuri xierqa fuq il-post fejn jintuża. Inkella, il-miżuri jistgħu jittieħdu jew fuq il-fond tal-fabbrikant jew fuq il-post fejn jintuża.

§350 Kontroll tal-adegwatezza għall-fini tal-użu maħsub

Ir-rekwiżit stipulat l-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 4.1.3 japplika għal makkinarju tal-irfigħ fis-sens strett, għal tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ u għal aċċessorji tal-irfigħ.

L-għan ta' dan ir-rekwiżit huwa li jassigura l-integrità u l-funzjonament korrett (msemmija bħala 'adegwatezza għall-fini tal-użu maħsub') tal-makkinarju tal-irfigħ, it-tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ jew l-aċċessorji tal-irfigħ kollha li jitqiegħdu fis-suq u jitqiegħdu għas-servizz. L-għan tal-miżuri mitluba fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 4.1.3 mhuwiex li jiġi vverifikat id-disinn tal-makkinarju iżda li tiġi ċċekkjata l-integrità tal-kostruzzjoni u tal-muntatura tal-makkinarju u l-funzjonament korrett tal-kontrolli u tal-apparat protettiv.

Ir-rekwiżit ifisser li l-fabbrikant irid jassigura li jsiru t-testijiet u l-ispezzjonijiet funzjonali kollha qabel ma l-makkinarju jitqiegħed l-ewwel darba għas-servizz mill-utent. M'hemmx obbligu li t-testijiet jitwettqu minn korp ta' ttestjar indipendenti jew ta' parti terza. Huma jistgħu jitwettqu mill-fabbrikant innifsu jew jiġu fdati f'idejn persuna jew korp kompetenti li jaġixxu f'ismu.

Il-miżuri neċessarji sabiex tiġi ċċekkjata l-adegwatezza għall-fini tal-użu maħsub tal-makkinarju, li jitwettqu minn jew f'isem il-fabbrikant wara li jiġi mmuntat l-makkinarju u qabel ma l-makkinarju jitqiegħed l-ewwel darba għas-servizz, m'għandhomx jiġu mħawda mat-testijiet li jistgħu jkunu previsti f'regolamenti nazzjonali relatati mal-ispezzjoni ta' makkinarju tal-irfigħ waqt is-servizz – ara §140: kummenti dwar l-Artikolu 15.

[190] EN ISO 14122-2:2001 - *Sigurtà ta' makkinarju — Mezzi permanenti għal aċċess għal makkinarju — Parti 2: Pjattaformi u mogħdijiet tax-xogħol* (ISO 14122-2:2001).

§351 Testijiet statiċi u dinamiċi

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 4.1.3 jispeċifika li, għall-makkinarju kollu tal-irfigħ fis-sens strett jew it-tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ, il-'miżuri' mitluba fl-ewwel paragrafu jinkludu t-testijiet statiċi u dinamiċi tat-tagħbija żejda msemmija fis-sezzjoni 4.1.2.3. Bħala regola ġenerali, it-testijiet statiċi u dinamiċi huma testijiet tal-unità li għandhom jitwettqu fuq kull magna wara li tiġi mmuntata u qabel ma titqiegħed l-ewwel darba għas-servizz. Dan huwa partikolarment importanti meta jintuża welding manwali fil-proċess tal-produzzjoni, billi l-ittestjar dinamiku u statiku bit-tagħbija żejda meħtieġa jikkontribwixxi għas-solliev tal-pressjonijiet fl-iwweldjar.

Għal xi kategoriji ta' makkinarju prodotti f'serje, fejn il-metodi tal-produzzjoni li jintużaw u l-applikazzjoni ta' sistema dokumentata sewwa ta' kontroll tal-kwalità jagħmluha possibbli li jiġi ggarantit li kull magna prodotta jkollha karatteristiċi identiċi meta mmuntata kompletament, it-testijiet statiċi jew dinamiċi fuq kampjuni adegwati tal-makkinarju jistgħu jitqiesu bħala li jissodisfaw ir-rekwiżit stipulat fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 4.1.3.

Il-kundizzjonijiet għat-twettiq tat-testijiet statiċi u dinamiċi ġeneralment ikunu speċifikati fl-istandards armonizzati għall-kategorija tal-makkinarju kkonċernata. Ir-rapporti tat-testijiet rilevanti jridu jiġu inklużi fl-istruzzjonijiet li jakkumpanjaw il-makkinarju – ara §361: kummenti dwar is-sezzjoni 4.4.2 (d). Xi standards armonizzati jipproponu formati mudell għal dawn ir-rapporti ta' testijiet.

§352 Kontroll tal-adegwatezza għall-fini tal-użu maħsub fil-post tal-użu

Billi l-miżuri meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-adegwatezza għall-fini tal-użu maħsub, li huma mitluba mill-ewwel u t-tieni paragrafu tas-sezzjoni 4.1.3, iridu jitwettqu wara li l-makkinarju jkun ġie mmuntat, it-tielet paragrafu tas-sezzjoni 4.1.3 jispeċifika li, għal makkinarju tal-irfigħ li ma jkunx jista' jiġi mmuntat fil-bini tal-fabbrikant iżda li jista' jiġi mmuntat biss fil-post tal-użu, bħal, pereżempju, gantry cranes kbar, it-testijiet u l-ispezzjonijiet neċessarji jridu jitwettqu fil-post tal-użu. Għal makkinarju ieħor tal-irfigħ li jista' jiġi mmuntat fil-bini tal-fabbrikant, il-fabbrikant jista' jagħżel jekk it-testijiet u l-ispezzjonijiet neċessarji jsirux fil-bini tiegħu jew fil-post tal-użu.

4.2 REKWIŻITI GĦALL-MAKKINARJU BI KWALUNKWE SORS TA' ENERĠIJA OĦRA ĦLIEF L-ISFORZ MANWALI

4.2.1 Kontroll tal-movimenti

Il-mezzi ta' kontroll tal-kmand miżmum għandhom jintużaw biex jikkontrollaw il-movimenti tal-makkinarju jew tal-mezz tiegħu. Madankollu, għal movimenti parzjali jew kompluti fejn ma hemmx riskju li t-tagħbija u l-makkinarju jaħbtu, dawn il-mezzi jistgħu jitbiddlu bil-mezzi ta' kontroll li jawtorizzaw waqfiet awtomatiċi f'pożizzjonijiet magħżula minn qabel mingħajr mal-operatur ma jżomm il-mezz ta' kontroll tal-kmand miżmum.

§353 Kontroll tal-movimenti tal-makkinarju u tat-tagħbija

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 4.2.1 japplika għal makkinarju tal-irfigħ fis-sens strett, għal tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ u għal aċċessorji tal-irfigħ b'partijiet ikkontrollati li jiċċaqilqu. L-użu ta' mezz ta' kontroll tal-kmand miżmum huwa intiż li

jiżgura li l-movimenti tal-makkinarju u tat-tagħbija jinżammu taħt il-kontroll kostanti tal-operatur. L-eċċezzjoni għal din ir-regola ġenerali stipulata fit-tieni sentenza tas-sezzjoni 4.2.1 tapplika għal movimenti tal-makkinarju fejn ma jkunx hemm riskju li t-tagħbija jew il-makkinarju jaħbtu ma' persuni, ostakoli jew makkinarju ieħor. L-eċċezzjoni tapplika, pereżempju, għall-kontroll tal-movimenti ta' tagħbija ggwidata fejn iż-żona tal-ivvjaġġar tkun inaċċessibbli għal kollox waqt tħaddim normali – ara §343: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.2.7 tal-Anness I.

4.2.2 Tagħbija ggwidata

Il-makkinarju b'tagħbija massima ta' xogħol ta' mhux inqas minn 1000 kilogramm jew mument ta' qlib ta' mhux inqas minn 40000 Nm għandu jiġi mgħammar b'mezz li jwissi lix-xufier u li jimpedixxi l-movimenti perikoluż tat-tagħbija f'okkażjonijiet fejn:

— *il-makkinarju jitgħabba żżejjed, jew bħala riżultat li jinqabeż it-tagħbija massima ta' xogħol jew il-mument ta' xogħol massimu minħabba eċċess tal-piż, jew*

— *il-mument ta' qlib jinqabeż.*

§354 Prevenzjoni ta' tagħbija żejda jew qlib

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 4.2.2 japplika għal makkinarju tal-irfigħ fis-sens strett u tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ b'tagħbija massima tax-xogħol ta' mhux inqas minn 1000 kg jew mument ta' qlib ta' mhux inqas minn 40 000 Nm u għal komponenti tas-sigurtà mwaħħla ma' tali makkinarju għall-prevenzjoni ta' tagħbija żejda jew qlib.

L-għan tar-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 4.2.2 huwa li ma jħallix il-makkinarju jintuża, b'mod intenzjonali jew aċċidentali, biex jerfa' tagħbijiet li jaqbżu t-tagħbija massima tax-xogħol speċifikata mill-fabbrikant jew b'mod illi jinqabeż il-mument ta' qlib. It-tagħbija żejda tal-makkinarju tista' twassal għal ħsara immedjata fil-komponenti li jerfgħu t-tagħbija jew għall-waqgħa jew qlib tal-makkinarju. It-tagħbija żejda eċċessiva tal-makkinarju tista' tikkawża wkoll kedd eċċessiv tal-komponenti li jerfgħu t-tagħbija, li jwassal għal ħsara wara ċertu żmien.

Is-sezzjoni 4.2.2 tikkunsidra l-fatt li jekk, fil-kundizzjonijiet prevedibbli ta' użu, l-operatur jista' ma jevalwax sewwa l-piż tat-tagħbija li għandha tintrefa', huwa jista' jipprova jerfa' tagħbija li tkun tqila wisq jew jerfa' t-tagħbija għal pożizzjoni li twassal għal telf tal-istabbiltà. Dan ir-rekwiżit għalhekk għandu l-għan li jimpedixxi tali użu ħażin previst tal-makkinarju – ara §173: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (a).

L-għażla tal-apparat protettiv tiddependi fuq il-kategorija u l-karatteristiċi tal-makkinarju kkonċernat. Għall-maġġoranza tal-kategoriji ta' makkinarju tal-irfigħ, il-mezzi li jridu jitwaħħlu jkunu speċifikati fl-istandards armonizzati rilevanti. B'mod ġenerali, il-mezzi ta' kontroll tat-tagħbija u tal-mument iridu jkunu kapaċi jkejlu jew jikkalkulaw parametri rilevanti bħal, pereżempju, il-piż tat-tagħbija, il-pożizzjoni tat-tagħbija u l-mument ta' qlib maħluq mit-tagħbija. Il-mezzi jittrasmettu twissija lill-operatur qabel ma jintlaħqu t-tagħbija massima tax-xogħol jew il-mument ta' qlib, sabiex huwa jkun jista' jieħu azjoni biex jevita t-tagħbija żejda tal-makkinarju jew iċ-ċaqliq tat-tagħbija għal pożizzjoni li twassal għal qlib. L-apparat protettiv irid ikun integrat fis-sistema ta' kontroll sabiex jimpedixxi movimenti perikoluż tal-makkinarju

jew tat-tagħbija jekk jinqabżu t-tagħbija massima tax-xogħol jew il-mument ta' qlib. Jistgħu jiġu permessi movimenti mhux perikoluži tal-makkinarju.

Jista' jkun meħtieġ li jiġi pprovdut mezz li jiġi qabel mezz ta' kontroll tat-tagħbija jew tal-mument, pereżempju, sabiex isiru testijiet tat-tagħbija żejda jew sabiex it-tagħbija tinġieb lura f'pożizzjoni mingħajr periklu. F'dak il-każ, iridu jittieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jimpedixxu l-użu ħażin tal-faċilità ta' *override*, pereżempju, permezz ta' selettur tal-modalità – ara §204: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.5 – jew billi l-kontroll tal-*override* jiġi pożizzjonat fejn ma jintlaħaqx mill-pożizzjoni normali tat-tħaddim. Għal makkinarju intiż biex jintuża mis-servizzi tal-emerġenza, jista' jkun meħtieġ ukoll li operaturi mħarrġa jitħallew jaqbżu mezz ta' kontroll tat-tagħbija jew tal-mument, pereżempju, sabiex jindirizzaw periklu ta' nar jew splużjoni.

Mhuwiex meħtieġ kontroll tat-tagħbija jekk dan ma jikkontribwix għas-sigurtà tal-makkinarju. Pereżempju, għal makkinarju mgħammar b'mezz ta' stivar tat-tagħbija, bħal kuċċara tal-fundaturi, li jagħmilha impossibbli li tintrefa' tagħbija akbar mit-tagħbija massima tax-xogħol tal-makkinarju, ir-rekwiżit għat-tagħbija ggwidata jista' ma jkunx applikabbli.

§355 Tagħbija ggwidata fuq trakkijiet tal-irfigħ industrijali

Fi stqarrija inkluża fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 1991, ġie rikonoxxut li, ir-rekwiżit relatat mat-tagħbija ggwidata jista' jkun problematiku għat-trakkijiet tal-irfigħ industrijali:

> *"Il-Kunsill u l-Kummissjoni sabu li, fl-aħħar teknoloġija preżenti, ċertu makkinarju, fosthom it-trakkijiet industrijali, jistgħu ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit fl-intier tiegħu. Kwalunkwe problema fl-applikazzjoni ta' dan il-punt għandha tiġi sottomessa lill-Kumitat tal-Makkinarju għal eżami."*

Il-Kumitat tal-Makkinarju mwaqqaf skont l-Artikolu 6 (2) tad-Direttiva 98/37/KE indika li d-dikjarazzjoni ta' hawn fuq relatata mat-'trakkijiet industrijali' ma kinitx tapplika għal trakkijiet tal-irfigħ b'laħqa varjabbli b'boma teleskopika (telehandlers) iżda biss għal trakkijiet tal-irfigħ industrijali b'arblu, billi ma kien hemm l-ebda diffikultà teknika biex it-trakkijiet b'laħqa varjabbli jitwaħħlulhom mezzi li ma jippermettux li jinqabeż il-mument ta' qlib b'riżultat tat-tagħbija li tkun qiegħda tintrefa'.[191]

L-istqarrija mill-Kunsill u l-Kummissjoni tal-14 ta' Ġunju 1991 tibqa' valida għat-trakkijiet tal-irfigħ industrijali b'arblu fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 4.2.2 tal-Anness I għad-Direttiva 2006/42/KE. Madankollu, huwa mistenni li tiġi żviluppata l-aħħar teknoloġija sabiex tersaq lejn ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 4.2.2. Dan l-iżvilupp se jkun rifless fir-reviżjoni tal-istandards armonizzati rilevanti.

4.2.3 Stallazzjoni ggwidata bil-ħbula

Il-ġarriera tal-ħbula, it-tratturi jew il-ġarriera tat-tratturi li jaħdmu b' kontro-pożijiet jew b'mezz li jippermettilhom kontroll permanenti fuq it-tensjoni.

[191] Laqgħa tal-Kumitat tal-Makkinarju tad-9 ta' Frar 2005.

§356 Ħbula ta' gwida

Dan ir-rekwiżit japplika għal makkinarju tal-irfigħ b'ġarrier imdendel minn ħbula tal-ġarrier u miġbud bi ħbula tal-ġbid, bħal, pereżempju, funikulari għat-trasport tal-merkanzija. Japplika wkoll għal makkinarju b'ġarrier mdendel mill-ħbula tal-ġbid, bħal, pereżempju, lifts għall-merkanzija biss jew għodod tal-irfigħ fis-siti tal-kostruzzjoni. Iż-żamma ta' tensjoni adegwata f'dawn il-ħbula hija neċessarja biex jiġu żviluppati l-forzi meħtieġa ta' frizzjoni, sabiex jiġi żgurat li l-ħbula jitkebbu sewwa madwar iċ-ċilindri, it-taljoli jew id-dawwara tagħhom u sabiex ma joħorġux mill-gwidi tagħhom.

4.3 INFORMAZZJONI U MMARKAR

4.3.1 Ktajjen, ħbula u ċineg

Kull tul ta' katina, ħabel jew benniena biċ-ċineg ta' rfigħ li ma jagħmlux parti mill-muntaġġ għandhom iġorru marka jew, fejn dan ikun impossibbli, pjanċa jew ċirku li ma jistgħux jitneħħew, bl-isem u l-indirizz tal-fabbrikant jew tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu u r-referenza ta' identifikazzjoni taċ-ċertifikat relevanti.

Iċ-ċertifikat imsemmi hawn fuq għandu jagħti tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant, jew tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu;

(b) id-deskrizzjoni tal-katina jew tal-ħabel li tinkludi:

- *id-daqs nominali tagħhom,*
- *il-kostruzzjoni tiegħu,*
- *il-materjal li jkunu magħmulin minnu, u*
- *kull trattament speċjali metallurġiku applikat fuq il-materjal;*

(c) il-metodu ta' ttestjar użat;

(d) it-tagħbija massima li l-katina jew il-ħabel għandhom jiġu soġġetti għaliha waqt ix-xogħol. Firxa ta' valuri tista' tingħata fuq il-bażi tal-applikazzjonijiet intiża.

§357 Informazzjoni u marki għal ktajjen, ħbula u ċineg

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 4.3.1 japplikaw għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 (1) (e) u ddefiniti fl-Artikolu 2 (e) – ara §44: kummenti dwar l-Artikolu 2 (e).

Il-marki mitluba mis-sezzjoni 4.3.1 huma kumplimentari għar-rekwiżiti tal-immarkar stipulati fis-sezzjoni 1.7.3 – ara §250: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.3.

Dawn ir-rekwiżiti tal-immarkar huma applikabbli għall-prodotti mqiegħda fis-suq mill-fabbrikant tal-katina, ħabel jew ċineg. L-immarkar jista' jitwaħħal mal-irkiekel, ċilindri, rombli, koljaturi jew qatet ta' katina, ħabel jew ċineg. Il-pjanċa jew ċirku li fuqhom jitwaħħal l-immarkar ma jridux ikunu jistgħu jitneħħew, fi kliem ieħor, ma jridux ikunu jistgħu jitneħħew b'mod aċċidentali matul il-ħażna u t-trasport. Huwa rakkomandabbli li l-marka CE titwaħħal fl-istess post – ara §141: kummenti dwar l-Artikolu 16 (2), u §387: kummenti dwar l-Anness III.

Ir-rekwiżiti tal-immarkar ma japplikawx għal tulijiet ta' katina, ħabel jew ċineg maqtugħa mill-prodotti mqiegħda fis-suq mill-fabbrikant tal-katina, ħabel jew ċineg għal inkorporazzjoni f'makkinarju tal-irfigħ jew aċċessorji tal-irfigħ. Għalhekk, it-tulijiet

tal-ktajjen, ħbula jew ċineg li jiġu inkorporati f'makkinarju tal-irfigħ jew aċċessorji tal-irfigħ mhumiex mistennija li jkollhom dawn il-marki.

Madankollu, id-distributuri ta' ktajjen, ħbula u ċineg iridu jassiguraw li d-Dikjarazzjoni tal-KE rilevanti tal-Konformità, ir-referenza taċ-ċertifikat li jispeċifika l-karatteristiċi tal-katina, ħabel jew ċineg kif ukoll l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant jiġu mgħoddija mat-tulijiet maqtugħa ta' katina, ħabel jew ċineg forniti lil fabbrikanti ta' makkinarju tal-irfigħ jew aċċessorji tal-irfigħ jew lill-utenti - ara §44: kummenti dwar l-Artikolu 2 (e).

L-informazzjoni inkluża fiċ-ċertifikat u fid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità tal-katina, ħabel jew ċineg trid tiġi rreġistrata fil-fajl tekniku tal-fabbrikant għall-makkinarju tal-irfigħ jew l-aċċessorji tal-irfigħ li fih jiġu inkorporati l-katina, ħabel jew ċineg – ara §392: kummenti dwar l-Anness VII A 1 (a).

Iċ-ċertifikat msemmi fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 4.3.1 għandu jagħti l-karatteristiċi tekniċi tal-ħabel, katina jew ċineg. L-istandards armonizzati rilevanti jipprovdu formati mudell għal dan iċ-ċertifikat.

Il-metodu ta' ttestjar imsemmi fis-sezzjoni 4.3.1 (c) huwa t-test użat għat-test tal-kampjun li huwa meħtieġ biex tiġi stabbilita l-forza minima ta' ksur tal-katina, ħabel jew ċineg – ara §340 u §341: kummenti dwar is-sezzjonijiet 4.1.2.4 u 4.1.2.5. Meta jintuża l-metodu xieraq ta' ttestjar stipulat fi standard armonizzat, huwa biżżejjed li tiġi speċifikata r-referenza tal-istandard.

L-informazzjoni mitluba mis-sezzjoni 4.3.1 (d) għandha tippermetti lill-fabbrikant ta' makkinarju tal-irfigħ jew ta' aċċessorju tal-irfigħ li jagħżel katina, ħabel jew ċineg b'koeffiċjent adegwat tax-xogħol, billi jikkunsidra l-użu intiż tal-makkinarju tal-irfigħ jew tal-aċċessorju tal-irfigħ u t-tagħbija massima li għaliha se jkunu soġġetti l-katina, ħabel jew ċineg waqt l-użu. Il-fabbrikant tal-katina, ħabel jew ċineg għalhekk irid jindika l-forza minima ta' ksur tal-katina, ħabel jew ċineg.

Għalkemm is-sezzjoni 4.3.1 ma tispeċifikax li ċ-ċertifikat msemmi fit-tieni paragrafu jrid jakkumpanja l-prodott, l-informazzjoni inkluża fiċ-ċertifikat trid tkun disponibbli għall-fabbrikant jew l-utent ta' makkinarju tal-irfigħ jew ta' aċċessorji tal-irfigħ sabiex dan ikun jista' jagħżel ħbula, ktajjen jew ċineg li jkunu adatti għall-użu intiż u li jkollhom il-koeffiċjent tax-xogħol u l-karatteristiċi tekniċi meħtieġa – ara §337 sa §341: kummenti dwar is-sezzjonijiet 4.1.2.3, 4.1.2.4 u 4.1.2.5.

Għalhekk huwa rakkomandabbli li d-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità, l-informazzjoni msemmija fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 4.3.1 u l-istruzzjonijiet għall-katina, ħabel jew ċineg jiġu inklużi f'dokument wieħed.

4.3.2 Aċċessorji tal-irfigħ

L-aċċessorji kollha ta' rfigħ għandhom juru d-dettalji li ġejjin:

- *l-identifikazzjoni tal-materjal fejn din l-informazzjoni hija bżonnjuża għall-użu mhux perikoluż,*
- *the tagħbija massima tax-xogħol.*

Fil-każ tal-aċċessorji li fuqu l-immarkar huwa fiżikament impossibbli, il-dettalji li hemm referenza għalihom fl-ewwel paragrafu għandhom jiġu murija fuq pjanċa jew b'xi mezz ieħor ugwali u mwaħħla fis-sod mal-aċċessorju.

Id-dettalji għandhom ikun jistgħu jinqraw u jkunu jinsabu f'post fejn ma jkunux jistgħu jisparixxu b'riżultat tal-użu jew jippreġudikaw is-saħħa tal-aċċessorju.

§358 Immarkar ta' aċċessorji tal-irfigħ

Ir-rekwiżiti tal-immarkar set out fis-sezzjoni 4.3.2 japplikaw għal aċċessorji tal-irfigħ – ara §43: kummenti dwar l-Artikolu 2 (d). Dawn ir-rekwiżiti huma kumplimentari għar-rekwiżiti dwar l-immarkar tal-makkinarju stipulati fis-sezzjoni 1.7.3.

Jekk aċċessorju tal-irfigħ ikun iffabbrikat minn komponenti mmuntati flimkien b'mod permanenti, il-muntatura trid tkun immarkata bħala aċċessorju wieħed tal-irfigħ. Jekk jitqiegħdu fis-suq komponenti għal bragi jew aċċessorji oħra tal-irfigħ li jistgħu jintużaw ukoll bħala aċċessorji tal-irfigħ separati, dawn il-komponenti għandhom ikollhom il-marki mitluba mis-sezzjoni 4.3.2. Min-naħa l-oħra, komponenti li ma jistgħux jintużaw bħala aċċessorji tal-irfigħ separati m'għandux ikollhom dawk il-marki.

L-istandards armonizzati għal komponenti tal-azzar għall-bragi jispeċifikaw sistema ta' kodiċi għall-immarkar. Jekk tali komponenti jkunu jistgħu jintużaw bħala aċċessorji tal-irfigħ separati, l-immarkar kodifikat jista' jitqies li jikkonforma mar-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 4.3.2 bil-kundizzjoni li t-tifsira tal-kodiċi tkun magħmula espliċita fl-istruzzjonijiet tal-fabbrikanti – ara §360: kummenti dwar is-sezzjoni 4.4.1 tal-Anness I.

Il-marka CE għandha titwaħħal fl-istess post bħall-marki mitluba mis-sezzjonijiet 1.7.3 u 4.3.2 – ara §387: kummenti dwar l-Anness III.

4.3.3 Makkinarju tal-irfigħ

It-tagħbija massima tax-xogħol għandha tkun immarkata b'mod li jidher fuq il-makkinarju. Dan l-immarkar għandu jkun jista' jinqara, ma jitħassarx u f'forma mhux bil-kodiċi.

Fejn it-tagħbija tax-xogħol massima tiddependi fuq il-konfigurazzjoni tal-makkinarju, kull pożizzjoni tat-tħaddim għandu jkollha plakka tat-tagħbija li turi, preferibilment f'forma dijagramattika jew permezz ta' tabelli, it-tagħbija tax-xogħol permessa għal kull konfigurazzjoni.

Il-makkinarju intiż għall-irfigħ tal-merkanzija biss, mgħammar b'ġarrier li jippermetti aċċess għall-persuni, għandu jkollu twissija ċara u li ma titħassarx li tipprojbixxi l-irfigħ tal-persuni. Din it-twissija għandha tkun viżibli f'kull post fejn l-aċċess huwa possibbli.

§359 Immarkar ta' makkinarju tal-irfigħ

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 4.3.3 japplikaw għal makkinarju tal-irfigħ fis-sens strett u għal tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ. Huma kumplimentari għar-rekwiżitidwar l-immarkar tal-makkinarju stipulati fis-sezzjoni 1.7.3.

Is-sezzjoni 4.3.3 tispeċifika li t-tagħbija massima tax-xogħol trid tiġi mmarkata 'b'mod prominenti'. Dan huwa rekwiżit aktar b'saħħtu minn dak applikabbli għal marki oħra fis-sezzjoni 1.7.3, li jridu jkunu biss 'viżibbli'. Dan jimplika li t-tagħbija massima tax-xogħol trid tkun immarkata fuq il-makkinarju b'mod li l-operaturi jkunu jistgħu jarawha mingħajr tbatija. It-tagħbija massima tax-xogħol għandha tkun immarkata f'kilogrammi.

Min-naħa l-oħra, il-pjanċa tat-tagħbija msemmija fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 4.3.3, li tindika t-tagħbija massima tax-xogħol għal kull waħda mill-pożizzjonijiet tat-tħaddim tal-makkinarju, trid tkun tidher mill-pożizzjonijiet tat-tħaddim rilevanti.
It-tielet paragrafu tas-sezzjoni 4.3.3 jittratta riskju li jista' jiġi previst ta' użu ħażin ta' ċertu makkinarju intiż biss għall-irfigħ ta' merkanzija – ara §175: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 (c). Makkinarju b'ġarrier li jkun kbir biżżejjed biex jippermetti aċċess għal persuni, bħal, pereżempju, liftijiet għall-merkanzija, irid ikollu twissija xierqa għall-persuni li jistgħu jitħajru jivvjaġġaw fil-ġarrier. Din it-twissija hija soġġetta għar-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 1.7.1 tal-Anness I dwar informazzjoni u twissijiet fuq makkinarju.

4.4 STRUZZJONIJIET

4.4.1 Aċċessorji tal-irfigħ

Kull aċċessorju ta' rfigħ li ma jistax jitneħħa kummerċjalment minn lott ta' aċċessorji ta' rfigħ għandu jkollu miegħu manwal tal-istruzzjonijiet li jiddikjara għallinqas id-dettalji li ġejjin:

(a) l-użu intiż;

(b) il-limiti tal-użu (b'mod partikolari għall-aċċessorji tal-irfigħ bħal ikkutunar magnetiċi jew vakwi li ma jistgħux jikkonformaw ma' 4.1.2.6(e));

(c) l-istruzzjonijiet għall-imuntar, l-użu u l-manutenzjoni;

(d) il-koeffiċjent tat-test statiku użat.

§360 Struzzjonijiet għall-aċċessorji tal-irfigħ

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 4.4.1 japplika għal aċċessorji tal-irfigħ, inklużi bragi u komponenti tal-bragi li jistgħu jintużaw bħala aċċessorji separati tal-irfigħ – ara §43: kummenti dwar l-Artikolu 2 (d).

L-istruzzjonijiet għall-aċċessorji tal-irfigħ jistgħu jiġu inklużi f'dokument kummerċjali bħal, pereżempju, katalgu, iżda l-fabbrikant irid jassigura li kopja tad-dokument tiġi fornita ma' kull aċċessorju tal-irfigħ jew lott ta' aċċessorji.

L-inċiż (b) jirrigwarda aċċessorji bħal, pereżempju, lifters manjetiċi jew pnewmatiċi, li għalihom mhux dejjem ikun jista' jiġi ssodisfat b'mod sħiħ ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 4.1.2.6 (e). Il-fabbrikant irid jispeċifika dawn il-każijiet u jinforma lill-utent li l-

mezzi kkonċernati għaż-żamma tat-tagħbija m'għandhomx jintużaw 'il fuq minn żoni fejn jistgħu jkunu preżenti persuni.

4.4.2 Makkinarju tal-irfigħ

Il-makkinarju tal-irfigħ għandu jkollu miegħu l-istruzzjonijiet bl-informazzjoni dwar:

(a) il-karatteristiċi tekniċi tal-makkinarju, u b'mod partikolari:

- *it-tagħbija tax-xogħol massima u, fejn jixraq, kopja tal-pjanċa tat-tagħbija jew tal-indiċi tat-tagħbija spjegat fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 4.3.3,*
- *reazzjonijiet tar-reffieda jew ankri u, fejn jixraq, il-karatteristiċi tal–linji tal-mogħdija,*
- *fejn ikun jixraq, id-definizzjoni u l-mezz tal-istallazzjoni tas-saborra;*

(b) il-kontenut tar-reġistru tax-xogħol, jekk dan tal-aħħar ma jiġix fornut mal-makkinarju;

(c) parir dwar l-użu, b'mod partikolari biex jikkumpensaw għan-nuqqas ta' dehra diretta tat-tagħbija mill-operatur;

(d) fejn ikun jixraq, rapport tat-test bid-dettalji tat-testijiet statiċi u dinamiċi li jkunu saru minn u għall-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu;

(e) għall-makkinarju li mhux muntat fuq il-fond tal-fabbrikant fil-forma li fiha għandu jintuża, l-istruzzjonijiet neċessarji għat-twettiq tal-miżuri msemmija fis-sezzjoni 4.1.3 qabel ma jitqiegħed għall-ewwel darba għas-servizz.

§361 Struzzjonijiet għal makkinarju tal-irfigħ

Ir-rekwiżit stipulat fil-paragrafu 4.4.2 japplika għal makkinarju tal-irfigħ fis-sens strett u għal tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ.

L-ewwel inċiż tal-paragrafu (a) tas-sezzjoni 4.4.2 jerġa' jsostni l-importanza li l-utent u l-operatur jiġu infurmati dwar il-limiti tat-tagħbija tal-makkinarju.

It-tieni u t-tielet inċiż tal-paragrafu (a) tas-sezzjoni 4.4.2 jirrigwardaw l-installazzjoni ta' makkinarju tal-irfigħ sabiex tiġi assigurata l-istabbiltà tiegħu. Dawn ir-rekwiżiti huma kumplimentari għar-rekwiżiti ġenerali relatati mal-istruzzjonijiet għall-installazzjoni u l-istabbiltà stipulati fis-sezzjonijiet 1.7.4.2 (i) u (o) tal-Anness I.

Il-paragrafu (b) tas-sezzjoni 4.4.2 jirreferi għar-reġistru tax-xogħol. Il-fabbrikant mhuwiex obbligat li jipprovdi tali reġistru tax-xogħol. Madankollu, il-forniment ta' reġistru tax-xogħol li fuqu jiġu indikati l-operazzjonijiet preventivi ta' manutenzjoni mwettqa mill-utent u l-frekwenza tagħhom, jista' jiġi rrakkomandat bħala mod prattiku ta' kif jiġu pprovduti l-istruzzjonijiet dwar il-manutenzjoni li huma mitluba mis-sezzjoni 1.7.4.2 (r) tal-Anness I.

Anki jekk il-fabbrikant tal-makkinarju tal-irfigħ ma jipprovdix reġistru tax-xogħol, il-paragrafu (b) tas-sezzjoni 4.4.2 jesiġi li huwa jipprovdi parir dwar il-kontenut tiegħu. L-istandards armonizzati jistgħu jispeċifikaw forma standardizzata għall-kontenut tar-reġistru tax-xogħol għal kategoriji partikolari ta' makkinarju, li jiffaċilita l-użu tiegħu mill-utenti u mill-persunal ta' spezzjoni u manutenzjoni.

Il-paragrafu (c) tas-sezzjoni 4.4.2 jirrikonoxxi li minkejja l-miżuri meħuda mill-fabbrikant sabiex jikkonforma mar-rekwiżit stipulat fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 4.1.2.7, l-operatur xorta waħda jista' jkollu viżibilità inadegwata tat-tagħbija f'ċerti kondizzjonijiet ta' tħaddim, pereżempju, minħabba ostakoli fiż-żona tax-xogħol. Il-fabbrikant għalhekk irid jipprovdi gwida lill-utent dwar il-miżuri li jistgħu jittieħdu sabiex jiġi kkumpensat tali nuqqas ta' viżibilità.

Il-paragrafi (d) u (e) tas-sezzjoni 4.4.2 jirreferu għall-miżuri li għandhom jittieħdu mill-fabbrikant sabiex jiċċekkja l-adegwatezza għall-fini tal-użu maħsub tal-makkinarju tal-irfigħ skont is-sezzjoni 4.1.3 tal-Anness I.

Il-paragrafu (d) jirreferi għat-testijiet statiċi u dinamiċi msemmija fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 4.1.3. Ir-rapporti tat-testijiet rilevanti jridu jiġu inklużi fl-istruzzjonijiet. Dan jagħti prova lill-utent li t-testijiet neċessarji jkunu twettqu minn jew f'isem il-fabbrikant.

Il-paragrafu (e) huwa rilevanti meta l-makkinarju ma jiġix immuntat fil-bini tal-fabbrikant u għalhekk l-adegwatezza għall-fini tal-użu maħsub tiegħu trid tiġi ċċekkjata minn jew f'isem il-fabbrikant fil-post tal-użu – ara l-kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.3. F'dak il-każ, l-istruzzjonijiet għat-teħid tal-miżuri neċessarji jridu jiġu inklużi fl-istruzzjonijiet tal-fabbrikant sabiex il-miżuri neċessarji jkunu jistgħu jittieħdu fil-post tal-użu. Għandu jiġi osservat li dan ir-rekwiżit ma jimplikax li l-obbligu tal-fabbrikant li jassigura li l-adegwatezza għall-fini tal-użu maħsub tal-makkinarju tiġi ċċekkjata qabel ma l-makkinarju jitqiegħed l-ewwel darba għas-servizz jista' jiġi trasferit lill-utent.

5. REKWIŻITI ESSENZJALI SUPPLIMENTARI GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ GĦALL-MAKKINARJU INTIŻ GĦAX-XOGĦOL TAĦT L-ART

Il-makkinarju intiż għax-xogħol taħt l-art għandu jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà spjegati f'dan il-kapitolu (ara Prinċipji Ġenerali, punt 4).

§362 Rekwiżiti supplimentari għal makkinarju intiż għal xogħol taħt l-art

Il-Parti 5 tal-Anness I tistabbilixxi l-EHSRs supplimentari għal makkinarju intiż għal xogħol taħt l-art. Dawn japplikaw għall-makkinarju kkonċernat apparti roncerned minbarra r-rekwiżiti relevanti tal-Parti 1 tal-Anness I u, fejn applikabbli, tal-Partijiet l-oħrajn tal-Anness I – ara §163: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 4.

L-applikazzjoni ristretta tat-terminu *'xogħol taħt l-art'* ġiet indikata fil-minuti tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 1991 meta dawn ir-rekwiżiti ddaħħlu l-ewwel darba fid-Direttiva dwar il-Makkinarju:

> *"Huwa mifhum li x-xogħol imwettaq f'parkeġġi taħt l-art, ċentri ta' ħwienet taħt l-art, kantini, ħammiela tal-faqqiegħ u postijiet simili, mhuwiex ikkunsidrat bħala xogħol taħt l-art."*

Għalhekk, l-EHSRs stipulati fil-parti 5 jirrigwardaw makkinarju intiż għal użu f'minjieri u barrieri taħt l-art, u mhux f'bini li jinsab taħt il-livell tat-triq.

Għandu jiġi osservat li ċerti kategoriji ta' makkinarju għal xogħol taħt l-art huma inklużi fil-lista li hemm fl-Anness IV (punti 12.1 u 12.2) ta' kategoriji ta' makkinarju li għalihom tapplika xi waħda mill-proċeduri ta' stima tal-konformità msemmija fl-Artikolu 12 (3) u (4).

5.1. RISKJI MINĦABBA N-NUQQAS TA' STABBILTÀ

Ir-reffieda bil-magna għas-soqfa għandhom ikunu ddisinnjati u mibnija b'mod li jżommu direzzjoni mogħtija meta jiċċaqilqu u ma jiżolqux qabel ma jiġu taħt tagħbija jew matulha u wara li titneħħa t-tagħbija. Għandhom ikunu mgħammra b'ankoraġġi għall-pjanċi ta' fuq tar-reffieda idrawliċi individwali.

5.2. MOVIMENT

Ir-reffieda bil-magna tas-soqfa għandhom jippermettu l-moviment bla xkiel ta' persuni.

§363 Reffieda bil-magna għas-soqfa

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjonijiet 5.1 u 5.2 jirrigwardaw reffieda tas-soqfa mħaddmin bil-fluwidu (idrawliku) li jintużaw biex iżommu s-saqaf tal-wiċċ tal-minjiera. Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 5.1 huma kumplimentari għar-rekwiżit ġenerali dwar l-istabbiltà stipulat fis-sezzjoni 1.3.1.

Speċifikazzjonijiet għar-reffieda bil-magna għas-soqfa huma mogħtija fis-serje ta' standards EN 1804.

5.3. MEZZI TAL-KONTROLL

Il-kontrolli tal-aċċeleratur u tal-brejkijiet għaċ-ċaqlieq tal-makkinarju li jimxi fuq il-binarji għandhom jkunu manwali. Madankollu, mezzi li jagħtu kapaċità jistgħu jitħaddmu bis-sieq.

Il-mezz tal-kontroll tar-reffieda tas-soqfa bil-magna għandhom ikunu ddisinnjati u mqiegħda b'mod li, waqt xogħol ta' spostament, l-operaturi jkunu protetti b'reffieda f'posthom. Il-mezz tal-kontroll għandhom jkunu protetti kontra kull rilaxx aċċidentali.

§364 Mezzi ta' kontroll

Ir-rekwiżiti stipulati fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 5.3 jirrigwardaw mezzi ta' kontroll għal makkinarju li jimxi fuq il-binarji għal użu f'minjieri taħt l-art. Dawn huma kumplimentari għar-rekwiżiti ġenerali relatati mal-mezzi ta' kontroll stipulati fis-sezzjoni 1.2.2 u r-rekwiżiti relatati mal-mezzi ta' kontroll fuq makkinarju mobbli stipulati fis-sezzjoni 3.3.1.

Ir-rekwiżiti stipulati fit-tieni paragrafu jirrigwardaw id-disinn u l-pożizzjonar ta' mezzi ta' kontroll għar-reffieda tas-soqfa bil-magna.

5.4. IL-WAQFIEN

Il-makkinarju li jaħdem waħdu u jimxi fuq il-binarji biex jintuża għal xogħol taħt l-art għandu jkun mgħammar b'kontroll li jaħdem fuq iċ-ċirkwit li jikkontrolla l-moviment tal-makkinarju hekk li l-moviment jieqaf jekk is-sewwieq ma jkollux aktar kontroll tal-moviment.

§365 Kontroll tal-movimenti tal-mixi ta' makkinarju

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 5.4 huwa kumplimentari għar-rekwiżit relatat mal-kontroll tal-movimenti tal-mixi ta' makkinarju li hemm stipulat fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 3.3.2.

Għall-makkinarju li jaħdem waħdu u li jimxi fuq il-binarji biex jintuża f'minjieri u barrieri taħt l-art, irid jitwaħħal mezz ta' bidu mhux biss sabiex jassigura li x-xufier ikun fil-pożizzjoni tas-sewqan iżda wkoll sabiex jassigura li huwa jew hija jibqgħu fil-kontroll tal-moviment tal-mixi.

5.5. NIRIEN

It-tieni inċiż tas-sezzjoni 3.5.2 huwa mandatorju rigward il-makkinarju li jkun fih partijiet li jieħdu n-nar fil-pront.

Is-sistema tal-brejkijiet tal-makkinarju maħsuba biex tintuża għal xogħol taħt l-art għandha tkun ididdisinnjata u mibnija b'mod li ma tipproduċix xrar jew tikkawża nirien.

Il-makkinarju biex jintuża fuq xogħol taħt l-art għandu jiġi mgħammar b'magni tal-kombustjoni interna li jużaw karburanti bi pressa ta' vaporizzazzjoni baxxa u li jeskludu kull xrara ta' oriġini elettrika.

§366 Ir-riskju ta' nar fuq makkinarju għal xogħol taħt l-art

Ir-rekwiżit stipulat fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 5.5 huwa kumplimentari għar-rekwiżiti relatati mal-mezzi tat-tifi tan-nar stipulati fis-sezzjoni 3.5.2. Billi l-konsegwenzi ta' nar waqt xogħol taħt l-art dejjem huma probabbli li jkunu severi, it-twaħħil ta' sistema integrata għat-tifi tan-nar huwa rekwiżit espliċitu għal makkinarju intiż għal xogħol taħt l-art li jkun fih partijiet li jieħdu n-nar fil-pront.

Ir-rekwiżiti stipulati fit-tieni u t-tielet paragrafu tas-sezzjoni 5.5 huma kumplimentari għar-rekwiżit ġenerali dwar ir-riskju ta' nar stipulat fis-sezzjoni 1.5.6. Huma għandhom l-għan li jimpedixxu li s-sistema tal-brejkijiet jew il-magna mwaħħla fuq makkinarju intiż għal użu f'minjieri taħt l-art jieħdu n-nar jew ixerrdu n-nar.

Għandu jiġi osservat li l-magni ta' kombustjoni interna għal użu f'ambjenti potenzjalment esplożivi huma soġġetti għad-Direttiva ATEX 94/9/KE – ara §91: kummenti dwar l-Artikolu 3, u §228: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.7.

5.6. EMISSJONIJIET TAL-EGŻOST

L-egżost li joħorġu mill-magni ta' kombustjoni interna ma għandhomx jintremew `il fuq.

§367 Emissjonijiet tal-egżost

Ir-raġuni għar-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 5.6 fir-rigward tal-ħruġ ta' emissjonijiet tal-egżost minn magni ta' kombustjoni interna mwaħħla fuq makkinarju intiż għal xogħol taħt l-art hija biex jiġi evitat li s-saqaf tal-minjiera jew tal-barriera jkun espost għal pressjonijiet termiċi.

6. IR-REKWIŻITI ESSENZJALI GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ GĦALL-MAKKINARJU LI JIPPREŻENTA RISKJI PARTIKOLARI MINĦABBA L-IRFIGĦ TA' PERSUNI

Il-makkinarju li jippreżenta riskji minħabba l-irfigħ ta' persuni għandu jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà spjegati f'dan il-kapitolu (ara Prinċipji Ġenerali, punt 4).

§368 Kamp ta' applikazzjoni tal-Parti 6

Il-Parti 6 tal-Anness I tistipula r-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà għal makkinarju li jippreżenta perikli minħabba l-irfigħ ta' persuni. Is-sitwazzjonijiet perikolużi partikolari assoċjati mal-irfigħ ta' persuni jinkludu, b'mod partikolari, il-waqgħa jew il-moviment mhux ikkontrollat tal-ġarrier, il-waqgħa ta' persuni mill-ġarrier, il-ħbit bejn il-ġarrier jew il-persuni fil-ġarrier jew fuqu ma' ostakli fl-ambjent tal-makkinarju u l-kollass jew il-qlib fuq ġenb tal-makkinarju tal-irfigħ.

Ir-riskji rrelatati mal-irfigħ ta' persuni ġeneralment huma ogħla mir-riskji rrelatati mal-irfigħ ta' merkanzija fir-rigward tas-severità akbar tad-danni potenzjali minħabba ħsara li twassal għal aċċidenti, espożizzjoni akbar għall-perikli, minħabba li l-persuni li jkunu qed jintrefgħu mill-makkinarju huma kontinwament esposti għal perikli bħal, pereżempju, il-waqgħa tal-ġarrier, u possibbiltà mnaqqsa li jkunu evitati l-perikli jew il-konsegwenzi tagħhom.

Ir-rekwiżiti stipulati fil-parti 6 japplikaw għall-makkinarju kollu li jwettaq operazzjonijiet li jinvolvu l-irfigħ ta' persuni, kemm jekk l-irfigħ ta' persuni huwa l-funzjoni ewlenija tal-makkinarju, il-funzjoni sekondarja tal-makkinarju jew il-funzjoni ta' parti mill-makkinarju.

It-terminu 'rfigħ' ikopri kwalunkwe moviment jew sekwenza ta' movimenti li jinkludu l-irfigħ jew it-tniżżil jew it-tnejn. L-irfigħ u t-tniżżil jinkludu bidliet fil-livell f'direzzjoni vertikali wieqfa kif ukoll f'angolu inklinat – ara §328: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.1 (a).

Ir-rekwiżiti stipulati fil-Parti 6 ma japplikawx għall-perikli minħabba l-moviment ta' persuni b'mod kontinwu, pereżempju, fuq makkinarju bħal skalaturi u passaġġi mekkaniċi fejn jimxu n-nies – ara §328:kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.1 (a). Ir-rekwiżiti stipulati fil-parti 6 huma applikabbli għal makkinarju fis-sens strett, għal tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ ta' persuni, għal komponenti tas-sigurtà mwaħħla biex jiżguraw is-sigurtà tal-operazzjonijiet li jinvolvu l-irfigħ ta' persuni, għal aċċessorji tal-irfigħ jew għal ktajjen, ħbula u ċineg għall-irfigħ ta' persuni.

Għandu jiġi osservat li kwalunkwe rekwiżit stipulat fil-Parti 6 jista' jkun applikat għal makkinarju parzjalment komplut li jinvolvi l-irfigħ ta' persuni.

6.1 ĠENERALI

6.1.1 Saħħa mekkanika

Il-ġarrier, inkluz kull bokkaport għandu jkun ddisinnjat u mibni b'mod li joffri l-ispazju u s-saħħa li tikkorrispondi man-numru massimu tal-persuni li jitħallew fuq il-ġarrier u t-tagħbija massima tax-xogħol.

Il-koeffiċjenti tax-xogħol għall-komponenti stabbiliti fis-sezzjonijiet 4.1.2.4 u 4.1.2.5 mhumiex adegwati għall-makkinarju intiż għall-irfigħ tal-persuni u għandhom, bħala regola ġenerali, ikunu irduppjat. Il-makkinarju intiż għall-irfigħ tal-persuni jew persuni u merkanzija għandu jkun mgħammar b'sistema ta' sospensjoni ta' rfid jew kollu użat għall-karru ddisinnjat u mibni b'mod li jiżgura livell adegwat tas-sigurtà u jevita r-riskju li l-ġarrier jaqa'.

Jekk jintużaw ħbula jew ktajjen biex jissospendu l-ġarrier, bħala regola ġenerali, ikunu jinħtieġu tal-inqas żewġ ħbula indipendenti jew ktajjen, kull wieħed bl-ankoraġġ tiegħu stess.

§369 Saħħa mekkanika

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 6.1.1 huma kumplimentari għar-rekwiżiti ġenerali stipulati fis-sezzjoni 1.3.2 dwar ir-riskju ta' tifrid matul operazzjoni u għar-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 4.1.2.3 dwar is-saħħa mekkanika biex jikkumpensaw għall-perikli minħabba l-operazzjonijiet tal-irfigħ.

L-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 6.1.1 jirrikjedi li d-disinn u l-kostruzzjoni tal-ġarrier iqisu kemm it-tagħbija massima tax-xogħol li se tinġarr kif ukoll in-numru massimu ta' persuni li jitħallew jitilgħu fuq il-ġarrier. It-tagħbija massima tax-xogħol hija kkalkulata billi jitqies kemm in-numru massimu ta' persuni intiż li se jintrefa' mill-makkinarju u l-piż tagħhom kif ukoll il-piż tal-oġġetti jew materjali, bħal, pereżempju, it-tagħmir jew l-għodod tax-xogħol, li l-makkinarju huwa intiż li jerfa'. L-ispazju pprovdut għall-persuni jrid ikun adegwat biex huma jkunu jistgħu jinġarru b'mod komdu u mingħajr periklu u, fil-każ ta' pjattaformi tax-xogħol, biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom mingħajr periklu. F'ċerti każijiet, l-ispazju pprovdut jista' jkun limitat biex ikun evitat piż żejjed fuq il-ġarrier.

Ir-rekwiżit stipulat fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 6.1.1 iqis il-fatt li, meta jintrefgħu l-persuni, il-waqgħa jew il-moviment mhux ikkontrollat tal-ġarrier jew tat-tagħbija kważi dejjem jirriżulta f'aċċident serju jew fatali. Konsegwentement, meta tkun ikkalkulata s-saħħa ta' komponenti li jġorru tagħbija għandu jintuża koeffiċjent tax-xogħol aktar strett minn dak użat għal makkinarju għall-irfigħ tal-merkanzija biss – ara §330: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.1 (c).

It-tielet paragrafu tas-sezzjoni 6.1.1 jistipula rekwiżit speċifiku għall-makkinarju b'ġarrier imdendel. L-objettiv ta' dan ir-rekwiżit huwa l-prevenzjoni tar-riskju ta' waqgħa jew moviment 'il fuq mhux ikkontrollat tal-ġarrier f'każ ta' qtugħ ta' ħabel jew kejbil tas-sospensjoni. Ir-regola ġenerali għal tali makkinarju hija li jintużaw żewġ ħbula jew ktajjen separati, jew aktar, tas-sospensjoni, kull wieħed bl-ankraġġ tiegħu.

Devjazzjonijiet minn din ir-regola ġenerali huma possibbli fil-każ li ma jkunx prattiku li jkunu pprovduti żewġ ħbula tas-sospensjoni, sakemm jista' jinkiseb għall-inqas livell

ekwivalenti ta' sigurtà. Eżempju ta' tali devjazzjoni huwa li jintuża ħabel tas-sospensjoni f'kombinazzjoni ma' ħabel tas-sigurtà u apparat tas-sigurtà li jiskatta awtomatikament fil-każ ta' veloċità żejda tal-ġarrier. Kwalunkwe tali devjazzjoni għandha tkun iġġustifikata mill-istima tar-riskju u bbażata fuq l-aħħar teknoloġija. Soluzzjonijiet tekniċi jistgħu jingħataw fl-istandards armonizzati relevanti – ara §162: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 3.

6.1.2 Kontroll tat-tagħbija għall-makkinarju bi kwalunkwe sors ta' enerġija oħra ħlief is-saħħa umana

Ir-rekwiżiti fis-sezzjoni 4.2.2. japplikaw tkun xi tkun it-tagħbija massima tax-xogħol u l-moment tal-qlib, sakemm il-fabbrikant ikun jista' juri li ma jeżisti l-ebda riskju ta' tagħbija żejda u/jew qlib.

§370 Tagħbija ggwidata

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 6.1.2 huwa kumplimentari għar-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 4.2.2 dwar il-kontroll tat-tagħbija. Il-makkinarju intiż għall-irfigħ ta' persuni jrid ikun armat bl-apparat li jevita tagħbija żejda u qlib irrekwiżit mis-sezzjoni 4.2.2, inkluż makkinarju b'tagħbija massima tax-xogħol ta' inqas minn 1000 kg jew b'moment tal-qlib ta' inqas minn 40 000 Nm.

Għandu jkun osservat li mezzi ta' kontroll tat-tagħbija ma jistgħux jevitaw ċerti riskji dovuti għal tagħbija żejda bħal, pereżempju, tagħbija żejda ta' pjattaforma tax-xogħol waqt xogħol fil-għoli. Madankollu, tali mezzi jistgħu jevitaw ġarrier b'tagħbija żejda milli jiġi mgħolli mill-pożizzjoni ta' aċċess tiegħu u jistgħu jipprovdu twissija lill-operatur u jevitaw movimenti perikoluži jekk il-ġarrier ikollu tagħbija żejda. L-ispeċifikazzjonijiet għal tagħbija ggwidata huma mogħtija fl-istandards armonizzati għal kategoriji partikolari tal-makkinarju għall-irfigħ ta' persuni.

Is-sezzjoni 6.1.2 tippermetti derogi għar-rekwiżit ta' tagħbija ggwidata meta l-fabbrikant jista' juri li ma hemm l-ebda riskju ta' tagħbija żejda jew qlib. Dan jista' jkun il-każ jekk l-istima tar-riskju turi li dawn il-perikli mhumiex preżenti jew li tnaqqsu biżżejjed permezz ta' mezzi oħra. Deroga tista' tkun aċċettabbli, pereżempju, fuq makkinarju fejn id-daqs tal-ġarrier jipprovdi biss spazju limitat u meta kien ikkalkulat li l-ġarrier u l-istrutturi tal-irfigħ jifilħu għal kwalunkwe tagħbija żejda possibbli skont id-daqs limitat tal-ġarrier. Il-kondizzjonijiet għal tali derogi huma mogħtija fl-istandards armonizzati għal kategoriji partikolari tal-makkinarju kkonċernat.

6.2 MEZZI TA' KONTROLL

Fejn ir-rekwiżiti tas-sigurtà ma jimponux soluzzjonijiet oħra, il-karru għandu, bħala regola ġenerali, jkun ddisinnjat u mibni b'mod li l-persuni fil-karru jkollhom mezz li jikkontrollaw il-moviment `il fuq u `l isfel u, jekk xieraq, moviment ieħor tal-ġarrier.

Fit-tħaddim, dawk il-mezzi ta' kontrolli għandhom jiġu qabel kull mezz ieħor li jikkontrolla l-istess moviment, għajr il-mezz ta' waqfien ta' emerġenza.

Il-mezzi ta' kontroll għal dawn il-moviment għandhom ikunu tat-tip tal-kmand miżmum salv fejn il-ġarrier huwa kompletament magħluq.

§371 Mezzi ta' kontroll

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 6.2 huma kumplimentari għar-rekwiżiti ġenerali stipulati fis-sezzjoni 1.2.2 dwar mezzi ta' kontroll u għar-rekwiżiti stipulati fis-sezzjonijiet 4.1.2.6 u 4.2.1 dwar kontroll tal-movimenti biex jikkumpensaw għall-perikli minħabba l-operazzjonijiet tal-irfigħ. Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 3.3.1 dwar mezzi ta' kontroll huma applikabbli wkoll għal makkinarju għall-irfigħ ta' persuni li jippreżenta perikli minħabba l-mobilità tiegħu.

Ir-rekwiżit stipulat fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 6.2 iqis il-fatt li, b'mod ġenerali, il-persuna li tkun qed tintrefa' fil-ġarrier jew fuqu għandha l-aħjar apprezzament tal-perikli li tista' tkun esposta għalihom minħabba, pereżempju, l-ostakli fl-ambjent tal-makkinarju. Għaldaqstant, huwa essenzjali li huwa jkun jista' jikkontrolla l-movimenti tal-ġarrier. Eċċezzjonijiet għal din ir-regola ġenerali jintlaqgħu, pereżempju, meta l-persuna, jew persuni, li tkun qed tintrefa' hija protetta minn kwalunkwe perikli dovuti għall-moviment tal-ġarrier b'mezzi oħra bħal, pereżempju, ġarrier magħluq b'mod sħiħ, jew jekk il-kontroll ta' ċerti movimenti minn barra l-ġarrier huwa meħtieġ biex jitnaqqsu r-riskji.

Ir-rekwiżit stipulat fit-tieni paragrafu tas-sezzjoni 6.2 ifisser li l-mezzi ta' kontroll fil-ġarrier għal moviment 'l fuq u 'l isfel irid ikollu prijorità fuq il-mezzi ta' kontroll waqt l-iżbarki jew f'postijiet oħra għal moviment 'l fuq u 'l isfel u kwalunkwe moviment ieħor tal-ġarrier.

Skont it-tielet paragrafu tas-sezzjoni 6.2, il-mezzi ta' kontroll tal-kmand miżmum huma meħtieġa għall-movimenti kollha tal-ġarrier, kemm meta l-mezzi ta' kontroll jinsabu fil-ġarrier u anki meta mhumiex, sakemm il-ġarrier huwa magħluq b'mod sħiħ. Ġarrieri magħluqa b'mod sħiħ huma ġarrieri b'ħitan twal b'mod sħiħ, inklużi l-qigħan u s-soqfa mgħammra (bl-eċċezzjoni tal-aperturi tal-ventilazzjoni) u bibien twal b'mod sħiħ.

L-użu ta' mezz ta' kontroll tal-kmand miżmum iġiegħel lill-operatur li joqgħod attent għall-movimenti li qed jikkontrolla u jħaffef waqfien immedjat fil-każ li sseħħ sitwazzjoni perikoluża. Skont is-sezzjoni 1.2.2, huwa partikolarment importanti li jkun żgurat li l-mezzi ta' kontroll tal-kmand miżmum għal makkinarju għall-irfigħ ta' persuni jkunu llokalizzati u ddisinnjati biex ikun evitat li jkunu bblokkati fil-pożizzjoni 'attiva' jekk il-ġarrier jagħmel kuntatt ma' ostaklu.

6.3 RISKJI TAL-PERSUNI FIL-ĠARRIER JEW FUQU

6.3.1 Riskji minħabba l-movimenti tal-ġarrier

Il-makkinarju għall-irfigħ tal-persuni għandu jkun ddisinnjat, mibni u mgħammar b'tali mod li l-aċċelerazzjoni u diċelerazzjoni tal-ġarrier ma jnisslux periklu għall-persuni.

§372 Moviment tal-ġarrier

Aċċelerazzjoni jew diċelerazzjoni eċċessiva tal-ġarrier tista' tikkawża lill-persuni li qed jintrefgħu li jitilfu l-bilanċ tagħhom, li jkorru minħabba kuntatt ma' partijiet tal-ġarrier jew saħansitra li jintremew 'l barra mill-ġarrier. Il-persuni jistgħu anki jkorru meta jkunu skattati l-mezzi ta' sigurtà. Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 6.3.1 jirrikjedi li valuri ta' aċċellarazzjoni pożittiva u negattiva jkunu llimitati permezz tad-disinn u l-

kostruzzjoni tas-sistemi tat-tidwir, it-trasmissjoni u l-brejkijiet u tal-mezzi ta' sigurtà. Fil-każ tal-makkinarju li mhuwiex iddisinnjat biex jiċċaqlaq waqt li hemm persuni fil-ġarrier jew fuqu, ir-rekwiżit japplika biss għall-movimenti tal-ġarrier. Fil-każ tal-makkinarju li mhuwiex iddisinnjat biex jiċċaqlaq waqt li hemm persuni fil-ġarrier jew fuqu, ir-rekwiżit japplika biss għall-movimenti tal-ġarrier.

6.3.2 Ir-riskji li l-persuni jaqgħu mill-ġarrier

Il-ġarrier m'għandux jinklina hekk li joħloq riskju lill-okkupanti li jaqgħu, inkluż meta l-makkinarju jew il-ġarrier jkunu miexja.

. . .

§373 Inklinazzjoni tal-ġarrier

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 6.3.2 huma kumplimentari għar-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.5.15 dwar ir-riskju ta' żliq, tgerbib jew li wieħed jaqa'.

L-inklinar tal-ġarrier jista' jseħħ bħala riżultat tal-pożizzjoni jew tal-moviment tal-makkinarju tal-irfigħ innifsu jew bħala riżultat tal-movimenti tal-ġarrier fuq is-sistema ta' sospensjoni jew l-istruttura ta' appoġġ tiegħu. Eżempji ta' sitwazzjonijiet perikoluż li jinvolvu l-inklinar jinkludu, pereżempju, żbilanċ fl-operazzjoni tal-irfigħ fuq pjattaformi tax-xogħol sospiżi b'aktar minn għodda tal-irfigħ waħda, jew l-inklinazzjoni eċċessiva ta' pjattaforma mobbli għal xogħol fil-għoli minħabba movimenti tal-istruttura ta' appoġġ jew minħabba nixxijat interni fis-sistemi idrawliċi.

L-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 6.3.2 ma jeskludix kwalunkwe inklinazzjoni tal-ġarrier, imma jirrikjedi li l-makkinarju jkun iddisinnjat u kkostruwit b'mod li jillimita l-inklinazzjoni għal valuri li ma joħolqux riskju li persuni jaqgħu ġo, fuq jew minn ġarrier. Il-valuri aċċettati jiddependu fuq l-istima tar-riskju tal-fabbrikant. Il-valuri huma indikati fl-istandards armonizzati relevanti.

Meta inklinazzjoni eċċessiva ma tistax tkun evitata permezz ta' miżuri ta' disinn sikur b'mod inerenti, jista' jkun meħtieġ li jitwaħħlu mezzi għall-identifikazzjoni u l-korrezzjoni awtomatika ta' inklinazzjoni eċċessiva jew, fin-nuqqas ta' dawn, għat-twaqqif tal-moviment tal-ġarrier u għat-twissija tal-operatur sabiex ikun jista' jwettaq l-azzjoni korrettiva meħtieġa qabel tinħoloq sitwazzjoni perikoluża.

6.3.2 Ir-riskji li l-persuni jaqgħu mill-ġarrier (ikompli)

. . .

Fejn il-karru huwa ddisinnjat bħala post tax-xogħol, għandha ssir dispożizzjoni sabiex tiżgura stabbilità u tevita movimenti perikolużi.

Jekk il-miżuri msemmija fis-sezzjoni 1.5.15 mhumiex adegwati, il-karri għandhom ikunu mgħammra b'numru suffiċjenti ta' punti ta' ankoraġġ adattat għan-numru ta' persuni li jitħallew fuq il-ġarrier. Il-postijiet tal-ankoraġġ għandhom ikunu b'saħħithom biżejjed għall-użu ta' mezz protettiv personali kontra waqgħat mill-għoli.

. . .

§374 Użu tal-ġarrier bħala post tax-xogħol

Jekk il-ġarrier huwa intiż li jintuża bħala post tax-xogħol, it-tieni paragrafu tas-sezzjoni 6.3.2 jirrikjedi li l-ġarrier innifsu, is-sistema ta' sospensjoni jew l-istruttura ta' appoġġ tiegħu u s-sistemi ta' sewqan u kkontrollar tal-movimenti tal-ġarrier ikunu ddisinnjati u kkostruwiti biex ix-xogħol imsemmi ikun jista' jitwettaq mingħajr periklu mill-operaturi bilwieqfa jew bilqiegħda fil-ġarrier jew fuqu. Għaldaqstant, għandhom jitqiesu l-fatturi bħal, pereżempju, it-tip ta' xogħol li għalih il-makkinarju huwa intiż li jintuża, il-pożizzjonijiet irrelatati tal-operaturi, il-forzi li jistgħu jseħħu fuq il-ġarrier matul ix-xogħol, inklużi l-forzi tar-riħ u forzi manwali, u t-tip ta' tagħmir jew għodod li jistgħu jintużaw biex jitwettaq ix-xogħol. L-istruzzjonijiet tal-fabbrikant iridu jispeċifikaw il-limiti tal-forzi li jistgħu jseħħu b'mod sikur fuq il-ġarrier.

Minħabba li l-konsegwenzi potenzjali ta' persuna, jew persuni, li taqa' mill-ġarrier huma tant serji, jekk hemm saħansitra l-iċken riskju residwu li dan iseħħ, it-tielet paragrafu tas-sezzjoni 6.3.2 jirrikjedi lill-fabbrikant tal-makkinarju li jipprovdi lill-ġarrier bil-punt jew punti ta' ankraġġ meħtieġa biex l-operatur, jew operaturi, ikun jista' jqabbad it-tagħmir protettiv personali (TPP) meħtieġ biex ikunu evitati l-waqgħat. Għandu jiġi osservat li l-provvediment ta' punt ta' ankraġġ għat-tqabbid tat-TPP huwa miżura protettiva kumplimentari u fl-ebda każ mhu sostitut għal mezzi integrati ta' protezzjoni kontra l-waqgħat mill-ġarrier.

It-TPP xieraq ġeneralment huwa sistema ta' limitazzjoni tax-xogħol li żżomm lill-operatur fuq il-post tax-xogħol u jevita li l-operatur jaqa' mill-ġarrier. Il-kalkulazzjonijiet tal-fabbrikant rigward is-saħħa u l-istabbiltà jridu jqisu l-forzi li jistgħu jinħolqu mill-użu tat-TPP. Informazzjoni u twissijiet xierqa jridu jkunu pprovduti fil-ġarrier – ara §245 u §249: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.7.1 u 1.7.2. L-istruzzjonijiet tal-fabbrikant iridu jinformaw ukoll lill-utenti dwar ir-riskju residwu ta' waqgħa mill-ġarrier u jispeċifikaw it-tip ta' tagħmir protettiv personali li jrid ikun ipprovdut u użat (pereżempju sistema ta' limitazzjoni tax-xogħol b'ħabel ta' tul adattat għall-wiċċ tal-post tax-xogħol). B'mod partikolari, l-istruzzjonijiet iridu jwissu kontra l-użu ta' sistema ta' twaqqif ta' waqgħa jekk il-punt tal-ankraġġ ma kienx iddisinnjat għal tali sistema u jekk il-waqgħa tal-operatur mill-ġarrier tista' tikkawża t-telf tal-istabbiltà tal-magna – ara §267: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.7.4.2 (l) u (m).

6.3.2 Ir-riskji li l-persuni jaqgħu mill-ġarrier (ikompli)

. . .

Kull bokkaport fil-qiegħ jew fis-saqaf jew bibien tal-ġenb għandhom ikunu ddisinnjati u mibnija b'mod li jevita li jinfetħu għall-għarrieda u għandhom jifthu fid-direzzjoni li jwarrbu kull riskju ta' waqgħa, jekk jinfetħu għall-għarrieda.

§375 Bibien fuq il-ġarrier

Ir-rekwiżit stipulat fir-raba' paragrafu tas-sezzjoni 6.3.2 irid inaqqas ir-riskju li persuni jaqgħu mill-ġarrier mill-ftuħ meħtieġ għal skopijiet ta' aċċess, ħruġ jew ħrib. Ftuħ għal għarrieda jrid ikun evitat permezz tad-disinn tal-bibien u l-bokkaporti nfushom u permezz tal-post u d-disinn tal-mezzi użati biex jinfetħu. Pereżempju, il-manki tal-bibien iridu jkunu lokalizzati u ddisinnjati biex ikun evitat ftuħ għal għarrieda minħabba kuntatt ma' partijiet tal-ġisem. Trid tingħata attenzjoni wkoll biex ikun żgurat li l-bibien u l-bokkaporti ma jkunx faċli li jiġu bblokkati fil-pożizzjoni miftuħa.

Sabiex jitwettaq ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 6.3.2, il-bibien tal-ġenb iridu, bħala regola ġenerali, ikunu ddisinnjati sabiex jinfetħu lejn l-intern tal-ġarrier – m'għandhomx jinfetħu b'moviment 'l barra jew taħt l-effett tal-piż tagħhom stess. Il-bokkaporti fil-qiegħ jew fis-saqaf tal-ġarrier ġenerlament għandhom jinfetħu 'l fuq. Madankollu, jistgħu jkunu meħtieġa eċċezzjonijiet għal dawn ir-regoli ġenerali, pereżempju, fuq pjattaformi użati mill-pumpieri li jrażżnu n-nar, minħabba li jistgħu jirrestrinġu l-moviment u b'hekk inaqqsu l-possibbiltà li jkunu salvati l-ħajjiet tal-persuni.

Ir-rekwiżit stipulat fir-raba' paragrafu tas-sezzjoni 6.3.2 mhuwiex relevanti għall-bibien jew gradi użati għall-aċċess u għat-tagħbija u l-ħatt fi żbarki fuq il-makkinarju li jservi żbarki fissi. Madankollu, tali bibien irid ikollhom imwaħħla mezzi li jillokkjaw ma' xulxin u li jillokkjaw il-mezzi ta' lqugħ – ara §378: kummenti dwar is-sezzjoni 6.4.1.

6.3.3 Riskji minħabba merkanzija li taqa' fuq il-ġarrier

Fejn hemm ir-riskju li merkanzija taqa' fuq il-ġarrier u toħloq perikli lill-persuni, il-ġarrier għandu jkun mgħammar b'saqaf protettiv.

§376 Saqaf protettiv

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 6.3.3 japplika għal makkinarju intiż li jintuża f'sitwazzjonijiet fejn hemm riskju minħabba oġġetti li jaqgħu bħal, pereżempju, ġebel jew terrapien. F'dak il-każ, is-saqaf protettiv, il-ġarrier u l-makkinarju nnifsu jrid ikollhom saħħa mekkanika u stabbiltà biżżejjed biex jirreżistu l-forzi li jistgħu jkunu eżerċitati minn tali oġġetti li jaqgħu.

Madankollu, jekk l-użu intiż tal-makkinarju ma jagħmilhiex prattikabbli li l-ġarrier ikun mgħammar b'saqaf protettiv, bħal, pereżempju, għal pjattaformi tax-xogħol intiżi biex jipprovdu aċċess għal postijiet li jkunu lokalizzati 'l fuq mill-ġarrier, l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant iridu jinkludu twissijiet kontra l-użu tal-makkinarju f'sitwazzjonijiet fejn hemm riskju minħabba oġġetti li jaqgħu – ara §263: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.7.4.2 (g) u (h).

6.4. MAKKINARJU LI JSERVI ŻBARKI FISSI

§377 Makkinarju għall-irfigħ ta' persuni li jservi żbarki fissi

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 6.4 huma kumplimentari għar-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 4.1.2.8 fuq makkinarju tal-irfigħ li jservi żbarki fissi.

Ir-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 6.4 japplikaw għal makkinarju bħal, pereżempju, l-għodod tal-irfigħ fis-siti tal-kostruzzjoni għal persuni jew persuni u merkanzija, lifts marbuta ma' makkinarju bħal, pereżempju, krejnijiet tat-tip tawer jew ġeneraturi tar-riħ, għal aċċess għall-postijiet tax-xogħol, lifts tad-djar, pjattaformi tal-irfigħ u lifts tat-taraġ intiżi għal persuni b'mobilità mnaqqsa.

6.4.1 Riskji tal-persuni fil-ġarrier jew fuqu

Il-ġarrier għandu jkun iddisinnjat u mibni b'mod li jevita riskji dovuti minn kuntatt bejn il-persuni u/jew l-merkanzija fi jew fuq il-ġarrier bi kwalunkwe elementi fissi jew li jiċċaqilqu. Fejn ikun neċessarju sabiex jissodisfa din il-ħtieġa, il-ġarrier nniffsu għandu jkun kompletament magħluq b'bibien imwaħħla u mezz li jsakkar li jevita moviment perikoluż tal-ġarrier għajr li l-bibien ikunu magħluqa. Il-bibien għandhom jibqgħu magħluqa jekk il-ġarrier jieqaf bejn żbarki fejn hemm riskju ta' waqgħa mill-ġarrier.

Il-makkinarju għandu jkun iddisinnjat, mibni u mgħammar b'mezzi b'mod li jkun jista' jiġi evitat moviment il-fuq u l-isfel mhux kontrollat tal-ġarrier. Dawn il-mezzi għandhom ikunu kapaċi jwaqqfu l-ġarrier bit-tagħbija massima tax-xogħol u f'veloċita massima li tista' tiġi prevista. L-azzjoni tat-twaqqif ma għandhiex toħloq deċelerazzjoni perikoluża għall-okkupanti, ikunu xi jkunu l-kondizzjonijiet tat-tagħbija.

§378 Riskju għall-persuni fil-ġarrier jew fuqu

L-ewwel sentenza tas-sezzjoni 6.4.1 tfisser li, fil-każijiet kollha, iridu jitwettqu l-miżuri protettivi meħtieġa biex ikunu evitati r-riskji dovuti għal kuntatt bejn il-persuni u/jew l-oġġetti fil-ġarrier jew fuqu ma' kwalunkwe element fiss jew jiċċaqlaq. It-tieni sentenza tas-sezzjoni 6.4.1 tirreferi għal każijiet fejn l-għeluq sħiħ tal-ġarrier (jew karozza) huwa meħtieġ biex jinkiseb dak l-objettiv. Għeluq sħiħ huwa meħtieġ, pereżempju, fil-każ tal-makkinarju b'ġarrier li jiċċaqlaq b'mod rapidu, bħal, pereżempju, ċerti għodod tal-irfigħ fis-siti tal-kostruzzjoni. Għat-tali makkinarju, il-bibien irid ikollhom imwaħħlin mezzi li jillokkjaw ma' xulxin li jevitaw movimenti tal-ġarrier sakemm il-bibien ikunu magħluqin. Meta hemm riskju ta' qlib mill-ġarrier jekk jieqaf bejn l-iżbarki, il-mezzi li jillokkjaw ma' xulxin iridu jkunu assoċjati ma' mezzi li jillokkjaw il-mezzi ta' lqugħ sabiex ikun evitat il-ftuħ tal-bibien sakemm il-ġarrier jilħaq l-iżbark.

Madankollu, id-Direttiva dwar il-Makkinarju tapplika wkoll għal-lifts b'veloċità ta' mhux aktar minn 0.15 m/s – ara §151: kummenti dwar l-Artikolu 24. Għal tali lifts b'veloċità baxxa, jista' jkun possibbli li jitnaqqsu biżżejjed ir-riskji dovuti għal kuntatt bejn il-persuni u/jew oġġetti fil-ġarrier jew fuqu ma' elementi fissi jew li jiċċaqalqu permezz ta' kombinazzjoni ta' mezzi oħra bħal, pereżempju, mezz ta' kontroll tal-kmand miżmum biex jikkontrolla l-movimenti tal-ġarrier u l-għeluq parzjali tal-ġarrier.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 6.4.1 jittratta r-riskju ta' movimenti li mhumiex ikkontrollati tal-ġarrier, kemm moviment 'l isfel minħabba l-piż tal-ġarrier u t-tagħbija jew moviment 'l fuq minħabba l-kontrapiż. Fejn ikun meħtieġ, biex ikunu evitati dawn ir-riskji, il-lift irid ikun mgħammar b'mezzi li jidentifikaw tali movimenti mhux ikkontrollati u li jwaqqfu l-ġarrier b'mod sikur jekk tali movimenti jkunu identifikati.

6.4.2 Kontrolli fl-iżbarki

Il-kontrolli, minbarra dawk għall-użu f'emerġenza, f'iżbarki m'għandhomx jibdew moviment tal-ġarrier meta:

- *il-mezzi ta' kontroll fil-ġarrier jkunu qed jitħaddmu,*
- *il-ġarrier mhuwiex fi żbark.*

§379 Kontrolli fl-iżbarki

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 6.4.2 għandu l-għan li jiżgura li, meta persuna fil-ġarrier jew fuqu tkun bdiet moviment tal-ġarrier, persuna oħra fl-iżbark m'għandux ikun jista' jieħu kontroll tal-moviment tal-ġarrier bl-użu tal-kontroll "li jsejjaħ" sakemm il-persuna fuq il-ġarrier tkun laħqet l-iżbark intiż. Dan ifisser li l-kontroll li jsejjaħ ma jistax jieħu kontroll meta l-mezz ta' kontroll tal-kmand miżmum ikun ġie rrilaxxat bejn żewġ żbarki jew meta jkun skatta apparat tas-sigurtà.

Min-naħa l-oħra, jridu jkunu pprovduti l-mezzi sabiex fil-każ ta' emerġenza, il-ġarrier jinġieb mingħajr periklu sa żbark.

6.4.3 Aċċess għall-ġarrier

L-mezzi ta' lqugħ fi żbark u fuq il-ġarrier għandhom ikunu ddisinnjati u mibnija b'mod li jiżguraw traskorriment bla periklu għal u mill-ġarrier, filwaqt li jittieħed kont tal-limitu li jista' jiġi previst tal-merkanzija u l-persuni li għandhom jintrefgħu.

§380 Aċċess għall-ġarrier

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 6.4.3 huwa kumplimentari għar-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 1.5.15 dwar ir-riskji ta' żliq, tgerbib u li wieħed jaqa' u r-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 4.1.2.8.2 dwar aċċess għall-ġarrier għal makkinarju tal-irfigħ li jservi żbarki fissi. Il-mezzi ta' lqugħ jew il-bibien fuq il-ġarrier u fl-iżbarki jridu jkunu ddisinnjati billi tittieħed kunsiderazzjoni tal-użu intiż tal-makkinarju bħal, pereżempju, l-użu minn persuni li jkunu qed iġorru jew jimmaniġġjaw merkanzija, l-użu mit-tfal, l-użu minn persuni b'mobilità mnaqqsa jew l-utenti tas-siġġijiet tar-roti.

Kwalunkwe vojt bejn il-ġarrier u l-iżbark irid jitnaqqas, jimtela jew jingħalaq b'ilqugħ suffiċjentement biex ikunu evitati riskji għal persuni li jkunu deħlin u ħerġin mill-ġarrier.

6.5 MARKI

Il-ġarrier għandu jkollu l-informazzjoni sabiex jiżgura sigurtà inkluż:

— *in-numru tal-persuni li jitħallew fuq il-ġarrier,*

— *it-tagħbija massima tax-xogħol.*

§381 Marki fuq il-ġarrier

Ir-rekwiżit stipulat fis-sezzjoni 6.5 huma kumplimentari għar-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 1.2.2 dwar l-identifikazzjoni ta' mezzi ta' kontroll, fis-sezzjoni 1.7.1.1 dwar informazzjoni u mezzi ta' informazzjoni, fis-sezzjoni 1.7.3 dwar immarkar tal-makkinarju u l-ewwel żewġ paragrafi tas-sezzjoni 4.3.3 dwar informazzjoni u marki fuq makkinarju tal-irfigħ.

Is-sezzjoni 6.5 tirreferi għal informazzjoni li trid tkun disponibbli b'mod faċli u b'mod permanenti għall-persuna jew persuni fil-ġarrier jew fuq il-ġarrier tal-makkinarju sabiex ikun żgurat l-użu mingħajr periklu tal-makkinarju.

It-tagħbija massima tax-xogħol trid tkun immarkata fil-ġarrier (kif ukoll fuq il-makkinarju kif irrekwiżit mis-sezzjoni 4.3.3). In-numru ta' persuni li jistgħu jkunu fil-ġarrier jew fuqu jrid ukoll ikun immarkat fil-ġarrier.

Informazzjoni meħtieġa oħra li trid tkun immarkata fil-ġarrier tista' tinkludi l-azzjoni li trid titwettaq f'emerġenza u l-użu korrett ta' tagħmir tal-komunikazzjoni ta' emerġenza.

ANNESS II

Dikjarazzjonijiet

1. KONTENUT

A. ID-DIKJARAZZJONI TAL-KE TAL-KONFORMITÀ TAL-MAKKINARJU

Din id-dikjarazzjoni u t-traduzzjonijiet tagħha għandhom ikunu preparati taħt l-istess kondizzjonijiet tal-istruzzjonijiet (ara Anness I, sezzjoni 1.7.4.1(a) u (b)), u għandhom ikunu ttajpjati jew inkelli miktuba b'ittri kbar.

Din id-dikjarazzjoni tirrigwarda esklusivament lill-makkinarju fl-istat li fih jitqiegħed fis-suq, u teskludi l-komponenti li jiżdiedu u/jew tħaddim li jsir sussegwentament mill-utent finali.

. . .

§382 Id-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità tal-makkinarju

L-Anness II 1 A jirrigwarda d-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità li trid issir mill-fabbrikant tal-makkinarju jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu fl-UE u li trid takkumpanja l-makkinarju sakemm jasal għand l-utent – ara §103: kummenti dwar l-Artikolu 5 (1), u §109: kummenti dwar l-Artikolu 7 (1). Id-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità hija dikjarazzjoni legali mill-fabbrikant jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu li tiċċertifika li l-makkinarju kkonċernat jikkonforma mad-dispożizzjonijiet relevanti kollha tad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

Ir-rekwiżit stipulat fl-ewwel paragrafu tal-Anness II 1 A, li d-Dikjarazzjoni u t-traduzzjonijiet tagħha jridu jitfasslu bl-istess mod bħall-istruzzjonijiet, ifisser li d-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità trid tkun abbozzata b'lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-UE. Fejn ma teżistix Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità oriġinali bil-lingwa(i) uffiċjali tal-pajjiż fejn se jintuża l-makkinarju, trid tkun ipprovduta traduzzjoni f'dik il-lingwa jew f'dawk il-lingwi mill-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew mill-persuna li ddaħħal il-makkinarju fiż-żona tal-lingwa msemmija. It-traduzzjonijiet irid ikollhom il-kelma *"Traduzzjoni"* – ara §246: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.1, §255: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4, u §257: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.7.4.1 (a) u (b) tal-Anness I.

Id-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità trid tkun ittajpjata (stampata) jew miktuba bl-idejn b'ittri kbar. Din trid tkun inkluża fil-manwal tal-istruzzjonijiet jew ipprovduta separatament, u f'dan il-każ fil-manwal tal-istruzzjonijiet irid ikun inkluż dokument li jispjega l-kontenut tad-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità – ara §149: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4.2 (c) tal-Anness I.

It-tieni paragrafu tal-Anness II 1 A jenfasizza li d-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità tirrelata biss mal-makkinarju kif kien iddisinnjat, mibni u mqiegħed fis-suq mill-fabbrikant. Jekk il-fabbrikant jawtorizza operatur ekonomiku ieħor, bħal importatur jew distributur, biex jimmodifika l-makkinarju qabel dan ikun fornut lill-utent finali, il-fabbrikant jibqa' legalment responsabbli għall-makkinarju kif fornut. Madankollu, il-fabbrikant mhuwiex legalment responsabbli għal xi żidiet jew modifiki magħmula fil-makkinarju mingħajr l-awtorizzazzjoni tiegħu minn operaturi ekonomiċi oħra jew

mill-utent finali. Dan irid jitqies meta l-makkinarju li jkun qed jintuża jiġi eżaminat mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq – ara §94: kummenti dwar l-Artikolu 4 (1).

Anness II 1 A (ikompli)

. . .

Id-Dikjarazzjoni tal-KE tal-konformità għandu jkollha dawn id-dettalji li ġejjin:

1. *l-isem u l-indirizz sħiħ tal-fabbrikant u, fejn jixraq, tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu;*
2. *l-isem u l-indirizz tal-persuna awtorizzata li tagħmel il-fajl tekniku, li għandu jkun stabbilit fil-Komunità;*
3. *id-deskrizzjoni u l-identifikazzjoni tal-makkinarju inkluż denominazzjoni ġenerika, funzjoni, mudell, tip, numru tas-serje, u l-isem kummerċjali;*
4. *sentenza li tiddikjara espressament li l-makkinarju jaderixxi mad-dispożizzjonijiet relevanti kollha ta' din id-Direttiva u fejn jixraq, sentenza simili li tiddikkjara l-konformità ma' Direttivi Komunitarji oħra u/jew mad-dispożizzjonijiet relevanti li magħhom jikkonforma l-makkinarju. Dawn ir-riferenzi għandhom ikunu dawk għat-testi tad-Direttivi ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;*
5. *fejn jixraq, l-isem, l-indirizz u n-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat li jwettaq l-eżami tat-tip KE msemmija fl-Anness IX u n-numru taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE;*
6. *fejn jixraq, l-isem, l-indirizz u n-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat li approva s-sistema sħiħa ta' assikurazzjoni tal-kwalità previsti mill-Anness X;*
7. *fejn jixraq, referenza għall-istandards armonizzati użati, previsti mill-Artikolu 7(2);*
8. *fejn ikun jixraq, ir-riferenzi għal standards tekniċi u speċifikazzjonijiet oħra użati;*
9. *il-post u d-data tad-dikjarazzjoni;*
10. *l-identità u l-firma tal-persuna li għandha s-setgħa li tipprepara d-dikjarazzjoni għan-nom tal-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.*

. . .

§383 Il-kontenut tad-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità

Il-kummenti li ġejjin jirreferu għall-paragrafi nnumerati fl-Anness II 1 A:

1. L-isem tan-negozju tal-fabbrikant u l-indirizz sħiħ tiegħu jridu jkunu l-istess bħal dawk immarkati fuq il-makkinarju – ara §250: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.3 tal-Anness I. Meta l-fabbrikant ikun għażel li jaħtar rappreżentant awtorizzat fl-UE biex iwettaq l-obbligi kollha tiegħu, jew parti minnhom, kif stipulati fl-Artikolu 5 – ara §84 u §85: kummenti dwar l-Artikolu 2 (j) – il-partikolaritajiet tar-rappreżentant awtorizzat iridu jkunu indikati wkoll fid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità.

2. Il-persuna awtorizzata li tagħmel il-fajl tekniku hija persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-UE li tkun ġiet fdata mill-fabbrikant bil-kompitu tal-muntaġġ u li jagħmel disponibbli l-elementi relevanti tal-fajl tekniku bi tweġiba għal talba rraġunata kif jixraq mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta’ wieħed mill-Istati

Membri – ara §98: kummenti dwar Artikoli 4 (3) u (4), u §393: kummenti dwar l-Anness VII A 2 u 3.

Il-persuna awtorizzata li tagħmel il-fajl tekniku mhijiex, bħala tali, responsabbli għad-disinn, il-konstruzzjoni jew l-istima tal-konformità tal-makkinarju, għat-tfassil tad-dokumenti inklużi fil-fajl teklniku, għat-twaħħil tal-marka CE jew għat-tfassil u l-iffirmar tad-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità.

Il-fabbrikanti tal-makkinarju kollha jridu jindikaw l-isem u l-indirizz tal-persuna awtorizzata biex tagħmel il-fajl tekniku.

Għall-fabbrikanti stabbiliti fl-UE, il-persuna awtorizzata biex tagħmel il-fajl tekniku tista' jkun il-fabbrikant nnifsu, ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, il-persuna tal-kuntatt fil-persunal tal-fabbrikant (li tista' tkun l-istess persuna li tiffirma d-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità) jew persuna fiżika jew ġuridika oħra stabbilita fl-UE li lilha l-fabbrikant jafda dan il-kompitu.

Għall-fabbrikanti stabbiliti barra l-UE, il-persuna awtorizzata biex tagħmel il-fajl tekniku tista' tkun kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-UE li hija fdata bil-kompitu tal-muntaġġ u li jagħmel disponibbli l-fajl tekniku bi tweġiba għal talba rraġunata kif jixraq. Jekk fabbrikant stabbilit barra l-UE ikun għażel li jaħtar rappreżentant awtorizzat fl-UE biex iwettaq l-obbligi kollha tiegħu, jew parti minnhom, kif stipulati fl-Artikolu 5 – ara §84 u §85: kummenti dwar l-Artikolu 2 (j) – ir-rappreżentant awtorizzat fl-UE jista' jkun ukoll il-persuna awtorizzata li tagħmel il-fajl tekniku.

3. Il-partikolaritajiet irrekwiżiti għad-deskrizzjoni u l-identifikazzjoni tal-makkinarju huma essenzjalment l-istess bħal dawk li jridu jkunu mmarkati fuq il-makkinarju – ara §250: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.3 tal-Anness I. Madankollu, fid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità d-dettalji tal-makkinarju jridu jingħataw b'mod sħiħ. L-għan ta' din l-informazzjoni huwa li l-utent u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikunu jistgħu jidentifikaw mingħajr ambigwità l-makkinarju kopert mid-Dikjarazzjoni.

   Bħala regola ġenerali, in-numru tas-serje tal-makkinarju kopert mid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità għandu jkun indikat. Fil-każ tal-makkinarju prodott f'serje kbar, huwa possibbli li titfassal Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità waħda li tkopri firxa ta' numri serjali jew lottijiet, u f'dan il-każ il-firxa koperta mid-Dikjarazzjoni trid tkun speċifikata u trid tinħareġ Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità ġdida għal kull firxa ġdida ta' numri serjali jew lottijiet. Fi kwalunkwe każ, l-identifikazzjoni meħtieġa trid tkun ipprovduta biex tkun żgurata l-konnessjoni bejn kull oġġett ta' makkinarju u d-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità li tapplika għalih.

4. Is-sentenza li tiddikjara li l-makkinarju jissodisfa d-dispożizzjonijiet relevanti kollha tad-Direttiva dwar il-Makkinarju hija l-element ewlieni tad-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità. F'din is-sentenza, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jiċċertifika li l-makkinarju kkonċernat huwa konformi mal-EHSRs applikabbli kollha tal-Anness I tad-Direttiva dwar il-Makkinarju u li twettqet il-proċedura adattata tal-istima tal-konformità.

   Meta l-makkinarju kkonċernat huwa soġġett għal leġiżlazzjoni oħra tal-UE minbarra d-Direttiva dwar il-Makkinarju, trid tkun iddikjarata wkoll il-konformità mad-Direttivi jew ir-Regolamenti l-oħra kkonċernati – ara §91 u §92: kummenti

dwar l-Artikolu 3. Il-fabbrikant jista' jħejji Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità waħda għal dawn id-Direttivi jew Regolamenti l-oħra, sakemm id-Dikjarazzjoni jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa minn kull Direttiva. Dan jista' ma jkunx possibbli fil-każijiet kollha minħabba li ċerti Direttivi jispeċifikaw format partikolari għad-Dikjarazzjoni tal-Konformità – ara §89: kummenti dwar l-Artikolu 3.

5. Għall-makkinarju li jinsab f'waħda mill-kategoriji elenkati fl-Anness IV, meta l-fabbrikant ikun għażel li jsegwi l-proċedura ta' eżami tat-tip KE, iridu jkunu indikati l-partikolaritajiet tal-Korp notifikat li wettaq l-eżami tat-tip KE u n-numru taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE – ara §129 u §130: kummenti dwar l-Artikoli 12 (3) u (4). L-isem, l-indirizz u n-numru ta' identifikazzjoni b'erba' ċifri tal-Korp notifikat li se jkun indikat jistgħu jkunu kkontrollati fil-bażi tad-dejta NANDO – ara §133: kummenti dwar l-Artikolu 14.

6. Għal makkinarju li jinsab f'waħda mill-kategoriji elenkati fl-Anness IV, meta l-fabbrikant ikun għażel li jsegwi l-proċedura tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa, iridu jkunu indikati l-partikolaritajiet tal-Korp notifikat li approva s-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa tal-fabbrikant - ara §129 u §130: kummenti dwar l-Artikoli 12 (3) u (4). L-isem, l-indirizz u n-numru ta' identifikazzjoni b'erba' ċifri tal-Korp notifikat li se jkun indikat jistgħu jkunu kkontrollati fil-bażi tad-dejta NANDO – ara §133: kummenti dwar l-Artikolu 14.

7. Sabiex jibbenefikaw mill-preżunzjoni ta' konformità mogħtija mill-applikazzjoni ta' standards armonizzati, il-fabbrikanti jridu jindikaw ir-referenzi tal-istandard(s) armonizzat(i) applikat(i) fid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità – ara §110 u §111: kummenti dwar l-Artikoli 7 (2), u §114: kummenti dwar l-Artikolu 7 (3). Madankollu, huwa mfakkar li l-applikazzjoni ta' standards armonizzati tibqa' volontarja – ara §110: kummenti dwar l-Artikolu 7 (2).

   Fil-każ tal-makkinarju li jinsab f'waħda mill-kategoriji elenkati fl-Anness IV meta l-fabbrikant ikun segwa l-proċedura għall-istima ta' konformità b'kontrolli interni fuq il-fabbrikazzjoni tal-makkinarju skont l-Anness VIII, il-fabbrikant irid jindika r-referenza(i) tal-istandard(s) armonizzat(i) applikat(i) fid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità, minħabba li l-applikazzjoni tal-istandards armonizzati li jkopru l-EHSRs kollha applikabbli għall-makkinarju hija kondizzjoni għall-użu ta' dik il-proċedura ta' stima tal-konformità – ara §129: kummenti dwar l-Artikolu 12 (3).

   Meta r-referenza ta' standard armonizzat hija indikata fid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq huma intitolati li jqisu li l-fabbrikant applika l-ispeċifikazzjonijiet tal-istandard b'mod sħiħ. Jekk il-fabbrikant m'applikax l-ispeċifikazzjonijiet kollha ta' standard armonizzat, xorta jista' jindika r-referenza tal-istandard fid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità, imma, f'dak il-każ, irid jindika liema speċifikazzjonijiet tal-istandard huwa applika jew m'applikax.

8. Meta ma jkunux intużaw l-istandards armonizzati, il-fabbrikant jista' jindika r-referenzi ta' dokumenti tekniċi oħra użati fid-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju. Għandu jkun imfakkar li l-applikazzjoni ta' tali dokumenti ma tagħtix preżunzjoni ta' konformità – ara §162: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 3 tal-Anness I.

9. L-indikazzjoni tal-post u d-data tad-Dikjarazzjoni huma rekwiżiti konswetudinarji għal dokument legali ffirmat. Il-post li jrid ikun indikat ġeneralment huwa l-belt fejn huwa mwaqqaf il-bini tal-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu. Minħabba li d-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità trid issir qabel ma l-makkinarju jiġi mqiegħed fis-suq jew jidħol fis-servizz – ara §103: kummenti dwar l-Artikolu 5 (1) – id-data indikata fid-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità trid tkun mhux aktar tard mit-tqegħid fis-suq tal-makkinarju, jew fil-każ tal-makkinarju għal-użu tal-fabbrikant stess, mhux aktar tard mid-dħul fis-servizz tal-makkinarju.

10. L-identità tal-persuna maħtura mill-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu biex jagħmel id-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità trid tkun indikata qrib il-firma tiegħu jew tagħha. L-identità tal-persuna hija mifhuma li tinkludi ismu jew isimha u l-pożizzjoni tiegħu jew tagħha.

    Id-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità tista' tkun iffirmata mid-Direttur Maniġerjali tal-Kumpanija kkonċernata jew minn rappreżentant ieħor tal-Kumpanija li lilu tkun ġiet iddelegata din ir-responsabbiltà. Id-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità għandha tkun iffirmata u miżmuma mill-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu – ara §386: kummenti dwar l-Anness II 2. Il-firma tista' tkun irriprodotta fuq il-kopji tad-Dikjarazzjoni tal-Konformità li jakkumpanjaw il-makkinarju.

ANNESS II

1. KONTENUT (ikompli)

. . .

B. DIKJARAZZJONI GĦALL-INKORPORAZZJONI TAL-MAKKINARJU PARZJALMENT KOMPLUT

Din id-dikjarazzjoni u t-traduzzjonijiet tagħha għandhom ikunu preparati taħt l-istess kondizzjonijiet tal-istruzzjonijiet (ara Anness 1, sezzjoni 1.7.4.1 (a) u (b)), u għandhom ikunu ttajpjati jew inkelli miktuba b'ittri kbar.

. . .

§384 Id-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni ta' makkinarju parzjalment komplut

L-Anness II 1 B jikkonċerna d-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni li trid titlesta mill-fabbrikant ta' makkinarju parzjalment komplut jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu fl-UE u li trid takkumpanja l-makkinarju parzjalment komplut sakemm jasal għand il-fabbrikant tal-makkinarju finali li fih se jkun inkorporat - ara §104: kummenti dwar l-Artikolu 5 (2), u §131: kummenti dwar l-Artikolu 13. Id-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni għandha mbagħad tifforma parti mill-fajl tekniku għall-makkinarju finali – ara §392: kummenti dwar l-Anness VII A 1 (a).

Id-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni hija dikjarazzjoni legali mill-fabbrikant tal-makkinarju parzjalment komplut jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu bl-iskopijiet ewlenin li ġejjin:

– li tinforma lill-fabbrikant tal-makkinarju finali liema mill-EHSRs applikabbli tal-Anness I għall-Makkinarju kienu applikati u ssodisfatti u, fejn xieraq, tiddikjara l-konformità tal-makkinarju parzjalment komplut mad-dispożizzjonijiet ta' leġiżlazzjoni oħra applikabbli tal-UE;

– li tittrasmetti, bi tweġiba għal talba rraġunata kif jixraq mill-awtoritajiet nazzjonali, informazzjoni relevanti dwar il-makkinarju parzjalment komplut;

– li tindika li l-makkinarju parzjalment komplut ma jistax jiġi mqiegħed fis-servizz sakemm il-makkinarju finali li fih se jkun inkorporat ikun ġie ddikjarat f'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti tad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

Il-kummenti rrelatati għall-ewwel paragrafu tal-Anness II 1 A japplikaw ukoll għall-ewwel paragrafu tal-Anness II 1 B.

Anness II 1 B (ikompli)

. . .

Id-dikjarazzjoni tal-inkorporazzjoni għandu jkollha dawn id-dettalji li ġejjin:

1. *l-isem u l-indirizz sħiħ tal-fabbrikant tal-makkinarju parzjalment komplut u, fejn jixraq, tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu;*
2. *l-isem u l-indirizz tal-persuna awtorizzata li tiġbor id-dokumentazzjoni teknika relevanti, li għandha tkun stabbilita fil-Komunità;*
3. *deskrizzjoni u identifikazzjoni tal-makkinarju parzjalment komplut li tinkludi d-denominazzjoni ġenerika, il-funzjoni, il-mudell, it-tip, in-numru tas-serje, u l-isem kummerċjali;*
4. *sentenza li tiddikjara liema rekwiżiti essenzjali ta' din id-Direttiva huma applikati u sodisfatti u li d-dokumentazzjoni teknika relevanti hija miġbura skont il-parti B tal-Anness VII, u, fejn jixraq, sentenza li tiddikjara l-konformità tal-makkinarju parzjalment komplut mad-Direttivi Komunitarji l-oħra relevanti. Dawn ir-riferenzi għandhom ikunu dawk tat-testi ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;*
5. *garanzija li se tiġi trasmessa, b'risposta għal talba raġunata mill-awtoritajiet nazzjonali, informazzjoni relevanti dwar il-makkinarju parzjalment komplut. Din għandha tinkludi l-metodu tat-trasmissjoni u għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tal-fabbrikant tal-makkinarju parzjalment komplut;*
6. *prospett li l-makkinarju parzjalment komplut ma għandux jitqiegħed fis-servizz sakemm il-makkinarju finali li fih ġie inkorporat ġie dikjarat konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, fejn jixraq ;*
7. *il-post u d-data tad-dikjarazzjoni;*
8. *l-identità u l-firma tal-persuna li għandha s-setgħa li tipprepara d-dikjarazzjoni għan-nom tal-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.*

. . .

§385 Il-kontenut tad-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni

Il-kummenti li ġejjin jirreferu għall-paragrafi nnumerati fl-Anness II 1 B:

1. Il-kummenti dwar il-paragrafu 1 tal-Anness II 1 A japplikaw.

2. Fir-rigward tal-persuna awtorizzata li tagħmel id-dokumentazzjoni teknika, il-kummenti dwar il-paragrafu 2 tal-Anness II 1 A rigward il-persuna awtorizzata li tagħmel il-fajl tekniku japplikaw.

3. Il-kummenti dwar il-paragrafu 3 tal-Anness II 1 A japplikaw.

4. Id-Direttiva dwar il-Makkinarju ma tiddeterminax liema mill-EHSRs applikabbli jridu jkunu applikati u ssodisfatti mill-fabbrikant ta' makkinarju parzjalment komplut. Il-konsiderazzjonijiet li ġejjin jistgħu jitqiesu meta jkun deċiż jekk jiġux applikati u ssodisfatti ċerti EHSRs:

   - jista' ma jkunx possibbli għall-fabbrikant tal-makkinarju parzjalment komplut li jistima b'mod sħiħ ċerti riskji li jiddependu fuq il-mod li l-makkinarju parzjalment komplut huwa inkorporat fil-makkinarju finali;
   - il-fabbrikant tal-makkinarju parzjalment komplut jista' jaqbel mal-fabbrikant tal-makkinarju finali dwar it-'tqassim tal-kompiti' li permezz tiegħu l-applikazzjoni u t-twettiq ta' ċerti EHSRs jitħallew għall-fabbrikant tal-makkinarju finali.

   Fis-sentenza meħtieġa mill-paragrafu 4 tal-Anness II 1 B, il-fabbrikant ta' makkinarju parzjalment komplut irid jindika b'mod preċiż fid-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni liema mill-EHSRs applikabbli kienu applikati u ssodisfatti. Jekk EHSR partikolari tkun ġiet issodisfatta għal ċerti partijiet jew elementi tal-makkinarju parzjalment komplut u mhux għal oħrajn, dan għandu jkun indikat. L-istruzzjonijiet dwar il-Muntatura għall-makkinarju parzjalment komplut iridu jindikaw il-ħtieġa li jkunu ttrattati l-EHSRs mhux issodisfatti jew issodisfatti b'mod parzjali biss – ara §390: kummenti dwar l-Anness VI. Il-fabbrikant tal-makkinarju parzjalment komplut irid jiddikjara wkoll li huwa ssodisfa d-Dokumentazzjoni teknika relevanti li turi kif dawk l-EHSRs kienu ġew applikati – ara §394: kummenti dwar l-Anness VII B.

   Meta l-makkinarju parzjalment komplut (jew parti minnu) huwa soġġett għal leġiżlazzjoni oħra tal-UE minbarra d-Direttiva dwar il-Makkinarju, il-konformità mad-Direttivi jew ir-Regolamenti l-oħra kkonċernati trid tkun iddikjarata wkoll – ara §91 u §92: kummenti dwar l-Artikolu 3. Meta dawk id-Direttivi jew ir-Regolamenti jipprevedu Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità, trid issir Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità skont dawn it-testi għall-makkinarju parzjalment komplut. Tali Dikjarazzjonijiet ta' Konformità jridu jkunu inklużi fil-fajl tekniku għall-makkinarju finali – ara §392: kummenti dwar l-Anness VII A 1 (a).

5. Il-garanzija meħtieġa mill-paragrafu 5 tal-Anness II 1 B tikkonċerna l-obbligu tal-fabbrikant ta' makkinarju parzjalment komplut biex jippreżenta kull informazzjoni relevanti għas-saħħa u s-sigurtà u, b'mod partikolari, id-dokumentazzjoni teknika relevanti, bi tweġiba għal talba rraġunata kif jixraq mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' wieħed mill-Istati Membri – ara §394: kummenti dwar l-Anness VII B.

   Minħabba li d-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni tal-makkinarju parzjalment komplut trid tifforma parti mill-fajl tekniku għall-makkinarju finali – ara §392:

kummenti dwar l-Anness VII A 1 (a) – il-fabbrikant tal-makkinarju finali b'hekk għandu fil-pussess tiegħu garanzija mill-fornitur tiegħu li se jittrasmetti d-dokumentazzjoni teknika relevanti għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq bi tweġiba għal talba rraġunata kif jixraq.

Id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tal-fabbrikant tal-makkinarju parzjalment komplut huma protetti mill-fatt li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq huma obbligati jittrattaw bħala konfidenzjali l-informazzjoni miksuba fit-twettiq tal-kompiti tagħhom – ara §143: kummenti dwar l-Artikolu 18 (1).

6. Id-dikjarazzjoni meħtieġa mill-paragrafu 6 tikkunsidra l-fatt li makkinarju parzjalment komplut ma jistax jitqies bħala mingħajr periklu sakemm:
   - ikunu ssodisfatti kwalunkwe EHSRs, applikabbli għall-makkinarju parzjalment komplut, mhux issodisfatti mill-fabbrikant tal-makkinarju parzjalment komplut;
   - ikunu ġew stmati, u l-miżuri protettivi meħtieġa jkunu twettqu biex jiġu ttrattati, kwalunkwe riskji maħluqa mill-inkorporazzjoni tal-makkinarju parzjalment komplut fil-makkinarju finali.
7. Il-kummenti dwar paragrafu 9 tal-Anness II 1 A japplikaw.
8. Il-kummenti dwar paragrafu 10 tal-Anness II 1 A japplikaw.

Anness II (ikompli)

. . .

2. KUSTODJA

Il-fabbrikant tal-makkinarju jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jżomm d-Dikjarazzjoni tal-KE ta' konformità oriġinali għall-perjodu ta' għaxar snin mill-aħħar data tal-fabbrikazzjoni tal-makkinarju.

Il-fabbrikant tal-makkinarju parzjalment komplut jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jżomm id-dikjarazzjoni oriġinali tal-inkorporazzjoni għall-perjodu ta' mill-inqas għaxar snin mill-aħħar data tal-fabbrikazzjoni tal-makkinarju parzjalment komplut.


§386 Kustodja tad-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità u tad-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni

Il-perjodu ta' kustodja ta' għaxar snin mill-aħħar data tal-fabbrikazzjoni stipulat fl-Anness II 2 għad-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità u d-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni jagħmilha possibbli li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jivverifikaw dawn id-dokumenti jekk ikun meħtieġ – ara §98: kummenti dwar l-Artikolu 4 (3) u (4).

ANNESS III

Marka CE

Il-marka CE tal-konformità għandha tikkonsisti fl-inizjali "CE" li tieħu l-għamla li ġejja:



Jekk il-marka "CE" tiġi mċekkna jew imkabbra, il-proporzjonijiet mogħtija fid-disinn ta' hawn fuq għandhom jiġu rispettati.

Il-komponenti varji tal-marka "CE" għandhom jkollhom b'mod sostanzjali l-istess dimensjoni vertikali, li ma tistax tkun inqas minn 5 mm. Din id-dimensjoni minima tista' tiġi mwarrba fuq makkinarju ta' skala żgħira.

Il-marka CE għandha tkun imwaħħla fil-viċinanza immedjata tal-isem tal-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, billi tintuża l-istess teknika.

Fejn il-proċedura tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa msemmija fl-Artikolu 12(3)(c) u 12(4)(b) tkun ġiet applikata, il-marka CE għandu jkollu warajha n-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat.

§387 Il-forma tal-marka CE

Id-dispożizzjonijiet irrelatati mal-marka CE stipulati fl-Artikolu 16 japplikaw flimkien mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) 765/2008 – ara §141: kummenti dwar l-Artikolu 16. L-Anness III jistipula l-forma grafika mandatorja tal-marka CE. Il-marka CE tikkonsisti biss fl-ittri “CE” bil-forma grafika murija fid-dijagramma – il-grilja u l-linji bit-tikek huma inklużi biss fid-dijagramma bħala għajnuna għad-definizzjoni tal-forma tal-ittri u m’għandhomx ikunu rriprodotti fil-marka CE.

Ir-raba’ paragrafu tal-Anness III li jirrelata mal-post u t-teknika tal-marka CE jrid ikun applikat flimkien mar-rekwiżiti ġenerali dwar l-immarkar tal-makkinarju – ara §250: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.3 tal-Anness I.

L-aħħar paragrafu tal-Anness III japplika biss għal makkinarju li jinsab f’waħda mill-kategoriji elenkati fl-Anness IV li għalih kienet applikata l-proċedura ta’ assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa – ara §129, §130 u §132: kummenti dwar l-Artikolu 12 (3) u (4). F’dak il-każ, il-marka CE trid tkun segwita min-numru ta’ identifikazzjoni b’erba’ ċifri tal-Korp notifikat li kien approva s-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa tal-fabbrikant – ara §133: kummenti dwar l-Artikolu 14. Għal tali makkinarju, il-marka CE u n-numru ta’ identifikazzjoni tal-Korp notifikat jistgħu jitwaħħlu biss wara li l-fabbrikant

ikun ġie nnotifikat bl-approvazzjoni tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa mill-Korp notifikat – ara §404: kummenti dwar is-sezzjoni 2.3 tal-Anness X. Dawn il-marki ma jistgħux jitwaħħlu aktar jekk l-approvazzjoni tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa tkun ġiet sospiża jew irtirata mill-Korp notifikat - ara §406: kummenti dwar is-sezzjoni 3 tal-Anness X.

In-numru ta' identifikazzjoni tal-Korp notifikat ma jridx ikun immarkat fuq makkinarju li għalih tkun ġiet segwita l-proċedura tal-eżami tat-tip KE.

ANNESS IV

Kategoriji tal-makkinarju li għalihom għandha tkun applikata waħda mill-proċeduri msemmija fl-Artikoli 12 (3) u (4)

1. *Srieraq ċirkolari (b'xafra waħda jew b'ħafna) għax-xogħol tal-injam u ta' materjali b'karatteristiċi fiżiċi simili jew għat-tħaddim mal-laħam u materjal b'karatteristiċi fiżiċi simili, tat-tip li ġejjin:*

   1.1. *Makkinarju tas-serrar bi xfafar fissi matul il-qtugħ, li jkollhom sodda fissa jew appoġġ bit-tmigħ manwali tal-biċċa li għandha tinħadem jew bi tmigħ tal-enerġija, li jista' jiġi żmuntat;*

   1.2. *Makkinarju tas-serrar bi xfafar fissi matul il-qtugħ, li jkollhom bank tas-serrar jew karozza li jirreċiproka, operat b'mod manwali;*

   1.3 *Magni tas-serrar bi xfafar fissi matul il-qtugħ, li jkollhom mezz għat-tmigħ mekkaniku mibni fihom tal-biċċa li għandha tinħadem, b'tagħbija u/jew ħatt bl-idejn;*

   1.4. *Magni tas-serrar bi xfafar li jistgħu jinqalgħu matul il-qtugħ, li jkollhom moviment mekkaniku tax-xafra, b'tagħbija u/jew ħatt bl-idejn.*

2. *Magni taċ-ċanar li jaħdmu l-injam mitmugħ bl-idejn għax-xogħol tal-injam.*

3. *Ħaxxiena għal dressing fuq naħa waħda li jkollhom mezz tat-tmigħ mekkaniku mibni ġewwa fihom, u/jew jinħatt bl-idejn għall-ħdim tal-injam.*

4. *Band-saws li jitgħabbew jew jinħattu bl-idejn, fix-xogħol tal-injam u materjali b'karatteristiċi fiżiċi simili jew għat-tħaddim mal-laħam b'karatteristiċi fiżiċi simili, tat-tipi li ġejjin:*

   4.1. *Magni tas-serrar b'xafra jew xfafar fissi matul il-qtugħ, li jkollhom sodda fissa jew ta' moviment li tirreċiproka jew irfid għall-biċċa tax-xogħol;*

   4.2. *Makkinarju tas-serrar b'xafra jew xfafar muntati fuq il-karozza b'ċaqliq li jirreċiproka.*

5. *Makkinarju kombinat tat-tipi prevista mill-punti 1 sa 4 u fil-punt 7 għax-xogħol bl-injam u materjal b'karatteristiċi fiżiċi simili.*

6. *Makkinarju tal-minċotti mitmugħa bl-idejn b'numru ta' postijiet fejn tinżamm il-għodda għax-xogħol tal-injam.*

7. *Il-makkinarju li jagħmel il-forom bil-magħżel vertikali li jiġu mitmugħa bl-idejn għax-xogħol tal-injam u materjal b'karatteristiċi fiżiċi simili.*

8. *Lupi li jinġarru għax-xogħol tal-injam.*

9. *Preses, inklużi brejkijiet bil-pressa, għax-xogħol mingħajr sħana tal-metalli, fejn ix-xogħol jitgħabba u/jew jinħatt bl-idejn, li l-partijiet tax-xogħol mobbli tagħhom jista' jkollhom medda li taqbeż is-sitt mm u veloċità li taqbeż it-tielet0 mm/s.*

10. *Makkinarju li jagħti l-forma lill-plastik bl-injezzjoni jew bil-kompressjoni fejn ix-xogħol jitgħabba jew jinħatt bl-idejn.*

11. *Makkinarju li jagħti l-forma lil-lastiku bl-injezzjoni jew bil-kompressjoni fejn ix-*

xogħol jitgħabba jew jinħatt bl-idejn.

12. *Makkinarju li jaħdem taħt l-art tat-tipi li ġejjin:*
    - *12.1. lokomottivi u vannijiet-brejk;*
    - *12.2. reffieda tas-soqfa mħaddmin bil-fluwidu (idrawliku).*
13. *Trakkijiet mgħobbija b'mod manwali għall-ġbir tal-iskart domestiku li jinkorporaw mekkaniżmu bil-kompressjoni.*
14. *Mezzi li jistgħu jinqalgħu għat-trasmissjoni mekkanika inkluż il-mezzi ta' lqugħ.*
15. *Mezzi ta' lqugħ għal mezzi li jistgħu jinqalgħu għat-trasmissjoni mekkanika.*
16. *Lifts biex jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fuq il-vetturi.*
17. *Mezz għall-irfigħ tal-persuni jew ta' persuni u merkanzija li jinvolvu r-riskju ta' uqigħ minn għoli vertikali ta' iktar minn tliet metri.*
18. *Tagħmir li jaħdem permezz ta' skratać li jinġarr u makkinarju ieħor ta' impatt.*
19. *Mezzi protettivi ddisinnjati biex jindikaw il-presenza ta' persuni.*
20. *Mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiċċaqilqu, li jillokkjaw ma' xulxin u li jitħaddmu bid-dawl, li għandhom jintużaw bħala salvagwardja fil-makkinarju previst mill-punti 9, 10 u 11.*
21. *Unitajiet tal-loġika li jiżguraw il-funzjonijiet tas-sigurtà.*
22. *Strutturi protettivi għal kontra l-qlib (ROPS).*
23. *Strutturi ta' protezzjoni li jimpedixxu l-merkanzija milli taqa' (FOPS).*

§388 Kategoriji ta' makkinarju li jistgħu jkunu soġġetti għal waħda mill-proċeduri ta' stima ta' konformità li tinvolvi Korp notifikat

L-Anness IV jistipula l-lista tal-kategoriji tal-makkinarju li jistgħu jkunu soġġetti għal waħda miż-żewġ proċeduri ta' stima tal-konformità li tinvolvi Korp notifikat: Eżami tat-tip KE jew Assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa. Dawn il-kategoriji jinkludu l-makkinarju fis-sens wiesa' – ara §33: kummenti dwar l-Artikolu 2. Il-makkinarju li jinsab f'waħda mill-kategoriji elenkati fl-Anness IV jista' jkun soġġett ukoll għall-proċedura ta' stima tal-konformità b'kontrolli interni meta jkun iffabbrikat skont l-istandards armonizzati li jkopru l-EHSRs kollha applikabbli – ara §129 u §130: kummenti dwar l-Artikolu 12 (3) u (4).

Il-lista stipulata fl-Anness IV hija definittiva, fi kliem ieħor, il-makkinarju biss li jinsab fil-kategoriji elenkati huwa soġġett għall-proċeduri ta' stima tal-konformità stipulati fl-Artikolu 12 (3) u (4). Il-makkinarju li jinsab f'kategoriji mhux elenkati fl-Anness IV, anki jekk huwa simili jew jippreżenta perikli simili għall-kategoriji elenkati, huwa soġġett biss għall-proċedura ta' stima tal-konformità b'kontrolli interni – ara §128: kummenti dwar l-Artikolu 12 (2).

Partiti 1 sa 8

Il-partita 1 tkopri biss is-srieraq ċirkolari għal xogħol bl-injam u materjali analogi jew għal xogħol bil-laħam jew materjali analogi li jinsabu fil-kategoriji msemmija fil-partiti 1.1 sa 1.4.

Għandu jiġi osservat ukoll li mhux is-srieraq ċirkolari għax-xogħol tal-injam kollha huma kkonċernati; pereżempju, makkinarju tas-serrar b'xafra mċaqalqa bl-idejn matul il-qtugħ (bħal xi srieraq tal-ingletti) mhumiex imsemmija fl-Anness IV.

Il-materjali analogi għall-injam jinkludu, pereżempju, iċ-ċipbord, il-fajberbord, il-plajwud (kif ukoll dawn il-materjali meta jkunu miksija bil-plastik jew illaminati b'liegi ħfief), is-sufra, l-għadam, il-lastiku rigidu jew il-plastik. Min-naħa l-oħra, il-ġebla, il-konkrit u materjali simili li jirrikjedu għodda tal-qtugħ tat-tip li joborxu ma jitqiesux bħala materjali analogi għall-injam.

Il-materjali analogi għal-laħam jinkludu l-ħut u ikel iffriżat jew iffriżat ħafna.

Il-partiti 1.3, 1.4, 3 u 4 jirreferu għal tagħbija u/jew ħatt bl-idejn. Tagħbija u/jew ħatt bl-idejn iseħħu meta l-operatur iqiegħed biċċiet li għandhom jinħadmu direttament fil-mezz għat-tmigħ jew fil-mezz ta' appoġġ għall-biċċiet li għandhom jinħadmu u jneħħihom direttament minn dak il-mezz, b'mod li huwa possibbli għall-operatur li jkollu kuntatt dirett mal-biċċa li għandha tinħadem waqt li tinsab f'kuntatt mal-għodda. Makkinarju ma jitqiesx li għandu tagħbija jew ħatt bl-idejn jekk ikun mgħammar b'mezz ta' tmigħ jew mezz għat-tagħbija u l-ħatt tal-biċċiet li għandhom jinħadmu (bħal, pereżempju, ġarrier) b'mod li l-għodod ma jintlaħqux mill-utent waqt li qed jintuża l-mezz u l-makkinarju ma jistax ikun operat mingħajr il-mezz.

Il-partiti 1.1, 2, 6 u 7 jirreferu għal makkinarju bi tmigħ bl-idejn. Tmigħ bl-idejn iseħħ meta l-biċċa li għandha tinħadem jew l-għodda hija mċaqalqa bl-idejn meta jkun qed jinħadem ix-xogħol b'mod li huwa possibbli għall-operatur li jiġi f'kuntatt mal-għodda. L-istess japplika għall-makkinarju b'bank jew ġarriera ta' serrieq li jirreċiproka mħaddem bl-idejn imsemmi fil-partita 1.2.

Il-makkinarju kkombinat għax-xogħol tal-injam imsemmi fil-partita 5 huwa makkinarju ddisinnjat biex iwettaq kwalunkwe kombinazzjoni tal-funzjonijiet imsemmija fil-partiti 1 sa 4 u 7, bit-tneħħija bl-idejn tal-biċċa li tinħadem bejn kull operazzjoni - ara §210: kummenti dwar is-sezzjoni 1.3.5 tal-Anness I. Il-makkinarju kkombinat biss li jwettaq il-funzjonijiet imsemmija fil-partiti 1 sa 4 u 7 huwa soġġett għal partita 5 tal-Anness IV, madankollu, tali makkinarju jista' jwettaq ukoll funzjonijiet oħra addizzjonali. Minħabba li l-miżuri protettivi meħtieġa ta' spiss ikunu komuni għal diversi funzjonijiet ikkombinati, jew għalihom kollha, l-Eżami tat-tip KE jew l-istima tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa għal tali makkinarju kkombinat għax-xogħol tal-injam għandu dejjem jikkonċerna l-makkinarju kollu.

Il-magni li jagħmlu l-forom bil-magħżel vertikali imsemmija fil-partita 7 għandhom magħżel li jgħaddi minn ġol-mejda u mutur għat-trasmissjoni tal-forza li jinsab taħt il-mejda. Makkinarju ta' ruting b'magħżel li jinsab għal kollox 'l fuq mill-mejda mhuwiex kopert mill-partita 7.

Partita 9

Il-preses għal xogħol mingħajr sħana tal-metalli msemmija fil-partita 9 huma preses li l-użu intiż jew prevedibbli tagħhom jinkludi l-possibbiltà li l-operatur iqiegħed jew ineħħi l-biċċiet li għandhom jinħadmu bejn l-għodod b'idejh mingħajr l-użu ta' mezzi għall-immaniġġjar anċillari integrat. It-terminu 'xogħol mingħajr sħana' jirreferi għall-iffurmar tal-metall mingħajr tisħin, ġeneralment f'temperatura normali. It-terminu 'metall' jirreferi għal materjal f'forma ta' folja, irrumblata jew maħduma fil-forġa.

Il-partita 9 tapplika biss għall-preses b'partijiet tax-xogħol li jiċċaqalqu li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin:

- ivvjaġġar ta' aktar minn 6 mm, u
- veloċità tal-għeluq ta' aktar minn 30 mm/s.

Meta tkun qed tiġi stabbilita l-veloċità tal-għeluq ta' preses mekkaniċi, l-ogħla veloċità instantanja milħuqa mis-slajd (ġeneralment, madwar in-nofs tal-vjaġġ tagħha) għandha tkun ikkunsidrata.

Il-partita 9 ma tkoprix tipi oħra ta' makkinarju għal xogħol mingħajr sħana tal-metalli bħal, pereżempju:

- preses tas-sintering,
- qrieweż tat-tip alligatur jew giljottina,
- magni tal-irrivitjar, tal-istejpling jew tal-ħjata,
- preses tal-muntatura,
- magni tat-tgħawwiġ,
- preses tal-iddrittar,
- preses tat-tip turret punch,
- preses ta' estrużjoni,
- preses ta' drop forging jew ta' drop stamping,
- preses ta' blow forging,
- preses iżostatiċi.

Partiti 10 u 11

Il-makkinarju li jagħti l-forma liIl-plastik u l-lastiku msemmi fil-partiti 10 u 11 huwa makkinarju ddisinnjat għal xogħol bil-polimeri, bħat-termoplastiks u t-termosets, jew gomma, permezz ta' injezzjoni jew kompressjoni. It-tagħbija u l-ħatt jirreferu biss għat-tqegħid u t-tneħħija ta' materjal jew partijiet ġo u 'l barra mill-forma. It-tagħbija u l-ħatt ma jitqiesux bħala bl-idejn jekk:

- il-makkinarju huwa ddisinnjat biex jopera biss b'tagħmir robotiku jew manipulatur,

  jew

- il-makkinarju huwa mgħammar b'mezzi ta' tagħbija u ħatt b'mod li mhuwiex possibbli li l-makkinarju jkun operat mingħajr dawn il-mezzi.

Fil-każijiet l-oħra kollha, it-tagħbija u l-ħatt jitqiesu bħala bl-idejn.

Partita 12

Il-lokomottivi għal xogħol taħt l-art imsemmija fil-partita 12.1 huma vetturi li jaħdmu waħedhom bid-dawl u jivvjaġġaw fuq trekk b'linja waħda jew tnejn li jinsabu 'l fuq minn jew taħt il-vettura għall-użu fil-minjieri jew xogħol ieħor taħt l-art, iddisinnjati għall-ġarr jew it-trasport ta' persuni, materjali jew minerali. Vannijietbrejk huma vetturi tal-ferroviji għal xogħol taħt l-art mgħammra bi brejk li jista' jiġi applikat mill-operatur.

Reffieda għas-soqfa li jaħdmu bl-idrawliku msemmija fil-partita 12.2 ġeneralment huma reffieda li javvanzaw waħedhom użati biex jirfdu s-saqaf fil-wiċċ tal-minjiera. Dawn jinkludu:

- unità ta' rfid taħt kontroll fil-qrib;
- diversi unitajiet ta' rfid taħt kontroll bħala grupp;
- sistemi sħaħ tal-wiċċ tal-minjiera taħt kontroll ċentrali.

Magni tat-tħaffir mhumiex koperti mill-partita 12.

Partita 13

Spjegazzjoni tat-terminu 'tagħbija bl-idejn' fir-rigward ta' trakkijiet mgħobbija bl-idejn għall-ġbir tal-iskart tad-djar li jinkorporaw mekkaniżmu ta' kompressjoni msemmija fil-partita 13 hija mogħtija f'dokument ta' gwida speċifiku. Id-dokument juri wkoll eżempji tal-makkinarju fi ħdan il-kamp tal-applikazzjoni tal-partita 13 u l-makkinarju li huwa 'l barra mill-kamp tal-applikazzjoni tal-partita 13.[192]

B'mod ġenerali, il-vettura nnifisha hija eskluża mill-kamp tal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju, għaldaqstant, il-makkinarju msemmi fil-partita 13 huwa t-tagħmir tal-ġbir u l-kompressjoni tal-iskart immuntat fuq ix-xażi – ara §37: kummenti dwar it-tielet inċiż tal-Artikolu 2 (a), u §54: kummenti dwar l-Artikolu 1 (2) (e).

Partiti 14 u 15

L-apparat għat-trasmissjoni mekkanika li jista' jitneħħa msemmi fil-partita 14, komunement magħruf bħala "xafts tal-power take-off (PTO)", huma komponenti li jistgħu jitneħħew għat-trasmissjoni tad-dawl bejn makkinarju li jaħdem waħdu jew trattur u makkinarju li jirċievi bħal makkinarju agrikolu ttowjat – ara § 45: kummenti dwar l-Artikolu 2 (f). Apparat għat-trasmissjoni mekkanika li jista' jitneħħa irid dejjem jiġi mqiegħed fis-suq flimkien ma' mezz ta' lqugħ adattat. Il-mezzi ta' lqugħ għall-mezzi ta' trasmissjoni mekkanika li jistgħu jinqalgħu jistgħu jitqegħdu wkoll fis-suq indipendentement bħala komponenti tas-sigurtà – tali mezzi ta' lqugħ huma koperti mill-partita 15.

Partita 16

Il-lifts għal xogħol ta' manutenzjoni fuq il-vetturi msemmija fil-partita 16 huma lifts stazzjonarji, mobbli jew li jistgħu jiġu mċaqalqa ddisinnjati biex jgħollu vetturi sħaħ 'l fuq mill-art għall-iskop ta' kontroll u xogħol fuq jew taħt il-vetturi waqt li jkunu f'pożizzjoni mgħollija. Lifts bi strowk qasira għal xogħol ta' manutenzjoni fuq il-vetturi mhux intiżi għal xogħol taħt il-vetturi mhumiex koperti mill-Partita 16.

Dawn jinkludu makkinarju intiż għall-manutenzjoni tal-vetturi bħal, pereżempju, karozzi, muturi, snowmobiles, trakkijiet, karozzi tal-linja, trammijiet, vetturi tal-ferroviji, u trakkijiet industrijali. Dawn jinkludu wkoll il-muntaturi ta' mezzi tal-irfigħ li

192 http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/mechanical/files/machinery/classification_of_rcvs_december_2009_en.pdf

jaħdmu f'sistema sinkronizzata għall-irfigħ ta' ajruplani sħaħ għall-iskopijiet ta' spezzjoni jew manutenzjoni.

Il-partita 16 ma tkoprix:

- jacks li mhumiex iddisinnjati biex jgħollu vettura sħiħa 'l fuq mill-art,
- lifts intiżi għall-ipparkjar tal-vetturi,
- lifts inkorporati fil-linji ta' muntatura tal-vetturi.

Partita 17

Il-mezzi għall-irfigħ ta' persuni jew persuni u merkanzija msemmija fil-partita 17 jinkludu dawn li ġejjin:

a) makkinarju li l-funzjoni ewlenija tiegħu hija l-irfigħ ta' persuni jew persuni u merkanzija bħal, pereżempju:

   - pjattaformi mobbli, li jixxabtu mal-arbli jew sospiżi għal xogħol fil-għoli;
   - għodod tal-irfigħ fis-siti tal-kostruzzjoni għall-persuni jew persuni u merkanzija;
   - mezzi tal-irfigħ, għal aċċess għall-postijiet tax-xogħol, intiżi biex ikunu kkonettjati ma' makkinarju bħal krejnijiet jew ġeneraturi tar-riħ;
   - makkinarju li jservi żbarki fissi soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju bħal lifts tad-djar u pjattformi tal-irfigħ intiżi għal persuni b'mobilità mnaqqsa – ara §151: kummenti dwar l-Artikolu 24;

b) mezzi għall-irfigħ ta' persuni jew persuni u merkanzija mwaħħla ma' makkinarju li l-funzjoni ewlenija tiegħu mhijiex l-irfigħ ta' persuni. Tali mezzi jinkludu, pereżempju, pożizzjonijiet għal xogħol fil-għoli għat-tħaddim, is-sewqan jew il-kontroll fuq trakkijiet industrijali, fuq tagħmir ta' ħażna u rkupru dipendenti fuq il-ferroviji, fuq krejnijiet jew fuq gafef.

   Għal tali mezzi, l-eżami tat-tip KE jew l-istima tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa jikkonċernaw il-konformità tal-mezzi għall-irfigħ ta' persuni u mhux tal-funzjonijiet l-oħra tal-makkinarju;

c) il-makkinarju tal-irfigħ b'funzjonijiet ewlenin li mhumiex l-irfigħ ta' persuni bil-pożizzjonijiet ta' kontroll fuqhom bħal, pereżempju, tagħmir tal-appoġġ mill-art għall-inġenji tal-ajru, il-pontijiet tal-inġenji tal-ajru għall-imbark tal-passiġġieri, pontijiet għal aċċess għall-vapuri u oqfsa tat-tlugħ għat-twaqqif tal-krejnijiet tat-tip tawer;

d) tagħmir interkambjabbli għall-irfigħ ta' persuni bħal pjattaformi tax-xogħol li jkunu mmuntati, pereżempju, b'trakkijiet bil-lift ta' twassil varjabbli, krejnijiet tat-tagħbija jew krejnijiet mobbli. L-istima ta' konformità trid tiżgura li l-muntatura tat-tagħmir interkambjabbli u t-tipi kollha ta' makkinarju bażiku li bihom hija intiża li tkun immuntata tikkonforma mal-EHSRs relevanti kollha – ara §41: kummenti dwar l-Artikolu 2 (b).

   Tali tagħmir interkambjabbli jrid ikun distint mit-tagħmir li mhuwiex immuntat b'makkinarju tal-irfigħ imma użat eċċezzjonalment għall-irfigħ ta' persuni

permezz ta' makkinarju ddisinnjat għall-irfigħ ta' merkanzija (skont is-sezzjoni 3.1.2 tal-Anness II għad-Direttiva 2009/104/KE) li mhuwiex soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju – ara §10: kummenti dwar il-Premessa 7. Din id-distinzjoni hija spjegata f'dokument ta' gwida speċifiku.[193]

Il-mezzi msemmija hawn fuq huma koperti mill-partita 17 meta jinvolvu periklu ta' waqgħat minn għoli vertikali ta' aktar minn tliet metri. L-għoli vertikali għandu jinftiehem bħala d-distanza vertikali bejn il-wiċċ tal-ġarrier li fuqu huma appoġġjati persuni jew persuni u merkanzija sabiex jintrefgħu – ara §334: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.1 (g) tal-Anness I - u l-livell safejn jistgħu jaqgħu il-persuni jew il-ġarrier innifsu. Dak il-livell ġeneralment huwa l-livell tal-art jew il-livell tal-wiċċ fejn huwa intiż li jkun installat jew użat il-makkinarju, imma jista' jkun livell ta' sular jew art aktar baxx jekk il-makkinarju huwa intiż mill-fabbrikant li jkun installat qrib ħofra.

Partita 18

Il-makkinarju li jinġarr għall-iffissar li jaħdem permezz ta' skratać imsemmi fil-partita 18 huwa makkinarju li jinġarr imħaddem minn skratać splussivi intiżi biex jisparaw mezzi tal-irbit bħal imsiemer, stadds bil-kamin, vajlori jew oġġetti simili f'materjal bażi. Il-partita 18 tkopri wkoll makkinarju tal-impatt li jaħdem permezz ta' skratać intiż għal applikazzjonijiet oħra bħal, pereżempju, makkinarju għall-immarkar iebes ta' materjali permezz tal-imprinting jew pistoli captive bolt biex l-annimali jintilfu minn sensihom.

Il-partita 18 ma tkoprix il-makkinarju li jinġarr għat-twaħħil jew ta' impatt ieħor li juża sorsi oħra ta' enerġija, bħal makkinarju pnewmatiku, bil-molla, elettromanjetiku jew imħaddem minn skratać tal-gass.

Partita 19

Il-partita 19 tkopri komponenti tas-sigurtà li jidentifikaw il-preżenza ta' persuni jew partijiet ta' persuni u li jiġġeneraw sinjal adattat lis-sistema ta' kontroll biex jitnaqqsu r-riskji għall-persuni identifikati. Is-sinjal jista' jkun iġġenerat meta persuna jew parti minn persuna taqbeż limitu ddeterminat minn qabel (skattar), jew meta persuna tkun identifikata f'żona ddeterminata minn qabel (identifikar ta' preżenza permezz ta' sinjal), jew it-tnejn. Tali apparat protettiv jinkludi, pereżempju:

- apparat protettiv sensittiv għall-pressjoni bħal, pereżempju, tapiti, art, xfarijiet, pajpijiet, bampers, pjanċi u wajers sensittivi għall-pressjoni;
- apparat optoelettroniku protettiv attiv bħal, pereżempju, purtieri tad-dawl, ħeds li jiskannjaw, raġġi tad-dawl u apparat bil-laser;
- apparat protettiv ibbażat fuq ir-radar, l-infrared, l-ultrasoniku u l-kameras.

193 http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/mechanical/files/machinery/interchangeable_equipment_lifting_persons_-_lifting_goods_dec_2009_en.pdf

Il-partita 19 ma tkoprix mezzi ta' viżjoni indiretta bħal mirja jew televiżjoni f'ċirkwit magħluq (CCTV).

Partita 20

Il-partita 20 tkopri mezzi ta' lqugħ mobbli li jaħdmu bid-dawl li jikkorrispondu għad-definizzjoni ta' komponenti tas-sigurtà - ara §42: kummenti dwar l-Artikolu 2 (c) - intiżi biex jitwaħħlu ma' preses għal xogħol mingħajr sħana tal-metall imsemmija fil-partita 9 jew ma' makkinarju li jagħti l-forma lill-plastiks permezz ta' injezzjoni jew kompressjoni jew makkinarju li jagħti l-forma lil-lastiku bit-tagħbija bl-idejn u/jew il-ħatt bl-idejn imsemmija fil-partiti 10 u 11.

Partita 21

L-unitajiet tal-loġika li jiżguraw il-funzjonijiet tas-sigurtà msemmija fil-partita 21 huma komponenti kumplessi li:

- jikkorrispondu mad-definizzjoni ta' komponenti tas-sigurtà – ara §42: kummenti dwar l-Artikolu 2 (c) u
- janalizzaw sinjal wieħed ta' tidħil, jew diversi minnhom, u jiġġeneraw, permezz ta' algoriżmu partikolari, sinjal wieħed, jew aktar, ta' ħruġ u
- huma intiżi biex jaħdmu f'konnessjoni ma', jew bħala parti minn, sistema ta' kontroll tal-makkinarju sabiex titwettaq funzjoni waħda, jew aktar, tas-sigurtà.

Madankollu, is-sistema ta' kontroll bħala ħaġa sħiħa m'għandhiex titqies bħala unità loġika.

Mezzi sempliċi bħal apparat elettromekkaniku li jagħti s-sinjali jew mezzi ta' swiċċing li sempliċiment jittrasformaw sinjal ta' tidħil f'sinjal ta' ħruġ m'għandhomx jitqiesu bħala unitajiet loġiċi.

Unitajiet loġiċi li jiżguraw il-funzjonijiet tas-sigurtà jinkludu, pereżempju:

- l-unitajiet loġiċi għal mezzi ta' kontroll b'żewġ idejn,
- PLCs tas-sigurtà,
- komponenti għall-ipproċessar loġiku ta' sinjali rrelatati mas-sigurtà ta' Sistemi tas-Sigurtà tal-Karozzi tal-Linja.

Partiti 22 u 23

Il-partiti 22 u 23 ikopru strutturi protettivi għal kontra l-qlib (ROPS) u strutturi ta' protezzjoni li jimpedixxu l-merkanzija milli taqa' (FOPS) li jikkorrispondu mad-definizzjoni ta' komponenti tas-sigurtà - ara §42: kummenti dwar l-Artikolu 2 (c).

Ir-ROPS u l-FOPS iffabbrikati minn fabbrikant tal-makkinarju biex jitwaħħlu mal-makkinarju tiegħu stess mhumiex koperti mill-partiti 22 u 23.

L-istess jgħodd għar-ROPS jew il-FOPS intiżi biex jintużaw bħala partijiet ta' rikambju biex jieħdu post ROPS jew FOPS identiċi fornuti mill-fabbrikant tal-makkinarju oriġinali – ara §48: kummenti dwar l-Artikolu 1 (2) (a) – minħabba li mhumiex soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju bħala tali.

Madankollu, ir-ROPS u l-FOPS kollha, kemm jekk imqegħda fis-suq bħala komponenti tas-sigurtà kif ukoll jekk iffabbrikati minn fabbrikant tal-makkinarju għall-makkinarju tiegħu stess, iridu jkunu sottomessi għal testijiet xierqa – ara §315 u §316: kummenti dwar is-sezzjonijiet 3.4.3 u 3.4.4 tal-Anness I - u r-rapporti tat-testijiet korrispondenti jridu jkunu inklużi fil-fajl tekniku għall-makkinarju li miegħu jitwaħħlu – ara §392: kummenti dwar l-Anness VII A 1.

Testijiet xierqa huma meħtieġa wkoll għal qlib 'l quddiem jew lura (TOPS) skont is-sezzjoni 3.4.3 tal-Anness I, imma dawn l-istrutturi mhumiex koperti mill-partita 22 tal-Anness IV u l-proċeduri ta' stima ta' konformità rrelatati.

Għandu jiġi osservat li l-FOPS xi kultant huma msemmija fl-istandards armonizzati b'termini oħra bħal, pereżempju, 'mezzi ta' lqugħ li jkunu fil-għoli' jew 'mezzi ta' lqugħ ta' quddiem'. L-istrutturi kollha intiżi biex jitwaħħlu ma' makkinarju mobbli biex jipproteġu l-operatur minn oġġetti li jaqgħu għandhom jitqiesu bħala FOPS, ikun x'ikun it-terminu użat fl-istandards għall-makkinarju kkonċernat.

ANNESS V

Lista indikattiva tal-komponenti tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 2 (c)

1. *Mezzi ta' lqugħ għal mezzi ta' trasmissjoni mekkanika li jistgħu jinqalgħu.*
2. *Mezzi protettivi ddisinnjati biex tindika l-presenza ta' persuni.*
3. *Mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiċċaqilqu, li jillokkjaw ma' xulxin u li jitħaddmu bid-dawl, li għandhom jintużaw bħala salvagwardja fil-makkinarju previst mill-punti 9, 10 u 11 ta' Anness IV.*
4. *Unitajiet tal-loġika biex jiżguraw il-funzjonijiet tas-sigurtà.*
5. *Il-valves b'mezzi żejda sabiex isib nuqqas intiż għall-kontroll ta' moviment perikoluż fuq il-makkinarju.*
6. *Is-sistemi ta' estrazzjoni għall-emissjonijiet tal-makkinarju.*
7. *Il-mezz ta' lqugħ jew il-mezzi ta' protezzjoni mfassla biex jipproteġu persuni esposti minn partijiet li jiċċaqilqu involuti fil-proċess tal-makkinarju.*
8. *Mezzi ta' monitoraġġ għat-tagħbija u l-kontroll taċ-ċaqliq f'makkinarju tal-irfigħ.*
9. *Sistemi ta' rbit sabiex iżomm il-persuni fuq is-sedili tagħhom.*
10. *Il-mezzi ta' waqfien f'emerġenza.*
11. *Sistemi ta' ħruġ sabiex ikun evitat l-kostruzzjoni ta' charges elettrostatiċi potenzjalment perikolużi.*
12. *Mezzi li jillimitaw l-enerġija u mezzi ta' soljev prevista mis-sezzjonjiet 1.5.7, 3.4.7 u 4.1.2.6 tal-Anness I.*
13. *Is-sistemi u l-mezzi sabiex jitnaqqsu l-emissjoni tal-ħoss u tal-vibrazzjonijiet.*
14. *Struttura protettiva għal kontra l-qlib (ROPS).*
15. *Strutturi ta' protezzjoni li jimpedixxu l-merkanzija milli taqa' (FOPS).*
16. *Il-mezzi ta' kontroll b' żewġ idejn.*
17. *Il-komponenti għall-makkinarju ddisinnjat għall-irfigħ u/jew sabiex ibaxxi persuni bejn żbarki differenti u mdaħħla fil-lista li ġejja:*

    (a) mezzi għat-tiskir ta' bibien tal-iżbark;

    (b) mezzi biex jevitaw li l-unita li ġġorr it-tagħbija milli taqa' jew moviment 'il fuq mhux kontrollat;

    (c) mezzi tal-limitazzjoni ta' veloċità eċċessiva;

    (d) shock absorbers għal akkumulazzjoni tal-enerġija,

    - *mhux lineari, jew*
    - *bit-tnaqqis taċ-ċaqlieq tar-ritorn;*

    (e) shock absorbers għad-dissipazzjoni tal-enerġija;

    (f) mezzi tas-sigurtà mwaħħla ma' jacks ta' ċirkwiti tal-enerġija idrawlika fejn

dawn jintużaw bħala mezzi sabiex jevitaw waqgħat;

(g) mezzi tas-sigurtà elettrika fil-forma ta' swiċċijiet tas-sigurtà li jkun fihom komponenti elettroniċi.

§389 Lista indikattiva ta' komponenti tas-sigurtà

L-Anness V jipprovdi lista ta' eżempji ta' prodotti li jissodisfaw id-definizzjoni ta' 'komponenti tas-sigurtà' - ara §42: kummenti dwar l-Artikolu 2 (c). Għandu jiġi osservat li l-komponenti biss li jitqiegħdu fis-suq b'mod indipendenti huma kkunsidrati bħala komponenti tas-sigurtà. Il-lista mogħtija fl-Anness V hija indikattiva, mhux esklussiva; għaldaqstant, kwalunkwe komponent li jikkonforma mad-definizzjoni stipulata fl-Artikolu 2 (c) għandu jitqies bħala komponent tas-sigurtà soġġett għad-Direttiva dwar il-Makkinarju, anki jekk ma jkunx inkluż fil-lista.

Il-lista indikattiva ta' komponenti tas-sigurtà mogħtija fl-Anness V tista' tkun aġġornata mill-Kummissjoni wara li tikkonsulta l-Kumitat tal-Makkinarju – ara §116: kummenti dwar l-Artikolu 8 (1) (a), u §147: kummenti dwar l-Artikolu 22 (3).

Għandu jiġi osservat li l-komponenti tas-sigurtà li ġejjin, inklużi fil-lista indikattiva mogħtija fl-Anness V, huma inklużi wkoll fost il-kategoriji tal-makkinarju elenkati fl-Anness IV li waħda mill-proċeduri ta' stima ta' konformità msemmija fl-Artikolu 12 (3) u (4) trid tkun applikata għalihom:

Anness V		**Anness IV**
Partita 1	Mezzi ta' lqugħ għal mezzi ta' trasmissjoni mekkanika li jistgħu jinqalgħu	= Partita 15
Partita 2	Mezzi protettivi ddisinnjati biex jindikaw il-preżenza ta' persuni	= Partita 19
Partita 3	Mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiċċaqilqu, li jillokkjaw ma' xulxin u li jitħaddmu bid-dawl, li għandhom jintużaw bħala salvagwardja fil-makkinarju previst mill-punti 9, 10 u 11 ta' Anness IV	= Partita 20
Partita 4	Unitajiet tal-loġika biex jiżguraw il-funzjonijiet tas-sigurtà	= Partita 21
Partita 14	Struttura protettiva għal kontra l-qlib (ROPS)	= Partita 22
Partita 15	Strutturi ta' protezzjoni li jimpedixxu l-merkanzija milli taqa' (FOPS)	= Partita 23

Għal spjegazzjonijiet dwar il-partiti msemmija hawn fuq – ara §388: kummenti dwar l-Anness IV.

Il-kategoriji l-oħrajn ta' komponenti tas-sigurtà elenkati fl-Anness V (u kwalunkwe komponenti tas-sigurtà mhux elenkati fl-Anness V) huma soġġetti għall-proċedura ta' stima tal-konformità b'kontrolli interni fuq il-fabbrikazzjoni – ara §128: kummenti dwar l-Artikolu 12 (2) u §391: kummenti dwar l-Anness VII.

Partita 5

Il-valves imsemmija fil-partita 5 huma komponenti mwaħħla f'sistemi idrawliċi jew pnewmatiċi biex ikunu evitati movimenti perikoluży tal-makkinarju fil-każ ta' ħsara – ara §205: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.6, u §342: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.2.6 (c) tal-Anness I.

Partita 6

Is-sistemi ta' estrazzjoni msemmija fil-partita 6 huma sistemi mwaħħla biex jevakwaw il-materjali u s-sustanzi perikoluży prodotti mill-makkinarju jew mill-materjali pproċessati mill-makkinarju, sabiex ikunu protetti s-saħħa u s-sigurtà ta' persuni esposti – ara §235, kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.13, u §322: kummenti dwar is-sezzjoni 3.5.3 tal-Anness I. Tali sistemi jistgħu jkunu ddisinnjati sabiex jitwaħħlu ma' magni individwali jew biex ikunu installati fl-istess post tax-xogħol sabiex ikunu jistgħu jiġu kkonnettjati diversi magni.

Il-partita 6 ma tkoprix is-sistemi mwaħħla speċifikament bl-iskop ta' ħarsien tal-ambjent.

Partita 7

Il-partita 7 tkopri l-mezzi ta' lqugħ u apparat protettiv iddisinnjat biex jitwaħħal mal-makkinarju biex jipproteġi l-persuni kontra partijiet li jiċċaqilqu involuti fil-proċess – ara §214: kummenti dwar is-sezzjoni 1.3.8.2.

Partita 8

Il-partita 8 tkopri l-mezzi ta' monitoraġġ għall-kontroll tat-tagħbija u l-movimenti li għandhom jitwaħħlu mal-makkinarju tal-irfigħ – ara §342: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.2.6, §354: kummenti dwar is-sezzjoni 4.2.2, u §370: kummenti dwar is-sezzjoni 6.1.2 tal-Anness I.

Il-monitoraġġ tat-tagħbija u tal-moviment fil-makkinarju tal-irfigħ ġeneralment jitwettaq minn sistema li tikkonsisti f'diversi komponenti inklużi Unità ta' Kontroll Elettroniku (ECU), apparat li jagħti s-sinjali, tagħmir idrawliku li jazzjona kontrolli u oħrajn simili.

Il-komponent li huwa essenzjali għall-funzjoni tas-sigurtà huwa l-ECU bis-software adattat inkorporat. Għaldaqstant, l-ECU li tinkorpora sofware adattat titqies bħala komponent tas-sigurtà, kemm jekk hija fornuta separatament kif ukoll jekk tkun parti minn sistema ta' monitoraġġ. Sistema ta' monitoraġġ kompluta wkoll għandha titqies bħala komponent tas-sigurtà.

Partita 9

Il-partita 9 tkopri sistemi ta' rbit biex iżommu l-persuni fuq is-sedili tagħhom intiżi biex jitwaħħlu fuq makkinarju mobbli, pereżempju, meta jkun hemm riskju li l-operaturi jew persuni oħra ttrasportati mill-makkinarju jistgħu jitgħaffġu bejn il-partijiet tal-makkinarju u l-art jekk il-makkinarju jdur jew jinqaleb – ara §295: kummenti dwar is-sezzjoni 3.2.2 tal-Anness I.

Partita 10

Il-partita 10 tkopri l-mezzi ta' kontroll tal-waqfien ta' emerġenza – ara §202: kummenti dwar is-sezzjoni 1.2.4.3 tal-Anness I.

Partita 11

Il-partita 11 tkopri s-sistemi ta' ħruġ ta' ċarġ tal-elettriku sabiex tkun evitata l-kostruzzjoni ta' charges elettrostatiċi potenzjalment perikoluż – ara §223: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.2 tal-Anness I.

Partita 12

Il-partita 12 tkopri l-komponenti tas-sigurtà intiżi biex jitwaħħlu sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti stipulati fis-sezzjonijiet 1.5.7 (*Splużjoni*), 3.4.7 (*Transmissjoni tad-dawl bejn makkinarju li jaħdem waħdu jew trattur u makkinarju li jirċievi*) u 4.1.2.6 (*Kontroll tal-movimenti*) tal-Anness I.

Partita 13

Il-partita 13 tkopri sistemi u mezzi intiżi biex jitwaħħlu ma' makkinarju biex titnaqqas l-emissjoni tal-istorbju u l-vibrazzjonijiet. Is-sistemi u l-mezzi għat-tnaqqis tal-emissjoni tal-istorbju jinkludu l-għeluq akustiku, mafflers u mezzi attivi għat-tnaqqis tal-istorbju – ara §229: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.8 tal-Anness I. Is-sistemi u l-mezzi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-vibrazzjonijiet jinkludu sistemi li jużaw il-molol, id-dampers jew kombinazzjoni tat-tnejn - ara §231: kummenti dwar is-sezzjoni 1.5.9 tal-Anness I.

Partita 16

Il-mezzi ta' kontroll b'żewġ idejn huma tip ta' apparat protettiv – ara §221: kummenti dwar is-sezzjoni 1.4.3 tal-Anness I.

Partita 17

Il-komponenti tas-sigurtà elenkati fil-partita 17 (a) sa (g) huma intiżi biex jitwaħħlu mal-makkinarju għall-irfigħ ta' persuni jew persuni u merkanzija bejn żbarki fissi – ara §344 sa §349: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.2.8, u §377 sa §380: kummenti dwar is-sezzjonijiet 6.4.1 to 6.4.3 tal-Anness I. Il-lista hija identika mal-lista ta' komponenti tas-sigurtà stipulata fl-Anness IV tad-Direttiva dwar il-Lifts 95/16/KE[194]. Dan jirrifletti l-fatt li komponenti tas-sigurtà simili jistgħu jitwaħħlu mal-għodod tal-irfigħ fis-siti tal-kostruzzjoni, mal-lifts li l-veloċità tal-ivvjaġġar tagħhom mhijiex aktar minn 0.15 m/s u lifts oħra eskluži mill-firxa tal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Lifts li huma soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju – ara §151: kummenti dwar l-Artikolu 24.

Għandu jiġi osservat li skont id-Direttiva dwar il-Lifts, il-komponenti tas-sigurtà elenkati fil-partita 17 (a) sa (g) huma soġġetti għal proċedura ta' stima tal-konformità li tinvolvi Korp notifikat. Il-komponenti tas-sigurtà li jġorru l-marka CE u akkumpanjati minn Dikjarazzjoni tal-Konformità skont id-Direttiva dwar il-Lifts

[194] Ara l-Gwida dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Lifts 95/16/KE: http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/mechanical/documents/guidance/lifts/annex4/index_en.htm

jistgħu jintużaw biex jissodisfaw funzjonijiet simili f'makkinarju li jservi żbarki fissi soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju. Min-naħa l-oħra, il-komponenti tas-sigurtà ddisinnjati għal tali makkinarju soġġetti għad-Direttiva dwar il-Makkinarju ma jistgħux jintużaw fil-lifts soġġetti għad-Direttiva dwar il-Lifts sakemm ma jkunux ġew soġġetti għal waħda mill-proċeduri ta' stima tal-konformità previsti minn dik id-Direttiva.

ANNESS VI

Istruzzjonijiet tal-immuntar għall-makkinarju parzjalment komplut

L-istruzzjonijiet tal-muntatura għall-makkinarju parzjalment komplut għandhom ikollhom deskrizzjoni tal-kondizzjonijiet li għandhom jintlaħqu bl-iskop tal-inkorporazzjoni korretta fil-makkinarju finali, sabiex ma jikkompromettux is-saħħa u s-sigurtà.

Għandhom ikunu miktuba f'lingwa uffiċjali tal-Komunità aċċettabbli għall-fabbrikant tal-makkinarju fejn il-makkinarju parzjalment komplut għandu jkun muntat, jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

§390 Struzzjonijiet dwar il-muntatura għal makkinarju parzjalment komplut

Id-dispożizzjonijiet tal-Anness VI japplikaw għal makkinarju parzjalment komplut imsemmi fl-Artikolu 1 (g) u definit fl-Artikolu 2 (g) – ara §46: kummenti dwar l-Artikolu 2 (g).

L-istruzzjonijiet dwar il-muntatura għal makkinarju parzjalment komplut għandhom jitfasslu mill-fabbrikant tal-makkinarju parzjalment komplut jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu u jiġu fornuti lill-fabbrikant tal-makkinarju finali – ara §131: kummenti dwar l-Artikolu 13. L-istruzzjonijiet dwar il-muntatura għandhom imbagħad jifformaw parti mill-fajl tekniku għall-makkinarju finali - ara §392: kummenti dwar l-Anness VII A 1 (a).

L-istruzzjonijiet dwar il-muntatura għandhom jittrattaw l-aspetti kollha relatati mas-sigurtà tal-makkinarju parzjalment komplut u tal-interface bejn il-makkinarju parzjalment komplut u l-makkinarju finali li għandhom jiġu kkunsidrati mill-muntatur meta jinkorpora l-makkinarju parzjalment komplut fil-makkinarju finali.

L-istruzzjonijiet dwar il-muntatura għandhom jindikaw il-ħtieġa li jittieħdu l-miżuri neċessarji biex jiġu indirizzati l-EHSRs applikabbli għall-makkinarju parzjalment komplut li ma jkunux ġew applikati jew issodisfati jew li jkunu ġew issodisfati biss parzjalment mill-fabbrikant tal-makkinarju parzjalment komplut – ara §385: kummenti dwar l-Anness II 1 B.

F'xi każijiet, il-fabbrikant tal-makkinarju parzjalment komplut jista' japplika u jissodisfa l-EHSRs relatati mal-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness I u jiddikjara dan fid-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni tiegħu. Pereżempju, il-fabbrikant ta' magna li għandha tiġi inkorporata f'makkinarju mobbli jista' jipprovdi l-manwal. F'każijiet oħrajn, l-istruzzjonijiet dwar il-muntatura għal makkinarju parzjalment komplut għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa dwar il-makkinarju parzjalment komplut sabiex il-fabbrikant tal-makkinarju finali jkun jista' jabbozza l-partijiet tal-istruzzjonijiet relatati mal-makkinarju parzjalment komplut.

L-istruzzjonijiet dwar il-muntatura jiġu indirizzati lill-fabbrikant tal-makkinarju finali u għalhekk għandhom ikunu jinftiehmu tajjeb minnu. Skont it-tieni paragrafu tal-Anness VI, l-istruzzjonijiet dwar il-muntatura għandhom jinkitbu f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE aċċettabbli għall-fabbrikant tal-makkinarju finali - ara §246: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.1 tal-Anness I.

Dan ifisser li, meta l-fabbrikant tal-makkinarju finali jkun magħruf mal-fabbrikant tal-makkinarju parzjalment komplut, il-lingwa tal-istruzzjonijiet dwar il-muntatura pprovduti mal-makkinarju parzjalment komplut tkun tista' tiġi maqbula bejn iż-żewġ partijiet, pereżempju, fil-kuntratt tal-bejgħ. Meta ma jkunx hemm ftehim bħal dan, l-istruzzjonijiet dwar il-muntatura għandhom jiġu pprovduti fil-lingwa(i) uffiċjali tal-UE tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-fabbrikant tal-makkinarju finali minħabba li ma jistax jiġi preżunt li dak il-fabbrikant jifhem lingwa oħra.

ANNESS VII

A. Fajl tekniku għall-makkinarju

Din il-Parti tiddeskrivi l-proċedura sabiex jinġabar il-fajl tekniku. Il-fajl tekniku għandu juri li l-makkinarju jikkonforma mar-rekwiżiti tad-Direttiva. Għandu jkopri d-disinn, il-fabbrikazzjoni u t-tħaddim tal-makkinarju sal-punt neċessarju għal din l-istima. Il-fajl tekniku għandu jkun miġbur f'waħda jew f'diversi lingwi uffiċjali tal-Komunità, salv għall-istruzzjonijiet għall-makkinarju, li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet speċjali tal-Anness I, is-sezzjoni 1.7.4.1.

. . .

§391 Fajl tekniku għall-makkinarju

L-obbligu li jinġabar fajl tekniku kif deskritt fl-Anness VII A japplika għall-fabbrikant ta' kwalunkwe mill-prodotti elenkati fl-Artikolu 1 (1) (a) sa (f) jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu – ara §103: kummenti dwar l-Artikolu 5 (1).

L-għan tal-fajl tekniku huwa li jippermetti lill-fabbrikanti juru l-konformità tal-makkinarju mal-EHSRs relevanti. Huwa jgħin ukoll lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq jiċċekkjaw il-konformità tal-makkinarju, b'mod partikolari għal aspetti li ma jistgħux jiġu ċċekkjati permezz ta' spezzjoni viżwali. L-ewwel paragrafu tal-Anness VII A jgħid li l-fajl tekniku għandu jkopri d-disinn, il-fabbrikazzjoni u t-tħaddim tal-makkinarju, safejn ikun neċessarju għal din l-istima. Mhuwiex neċessarju li fil-fajl tekniku jiġu inklużi d-dettalji kollha tad-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju li mhumiex speċifiċi għall-makkinarju kkonċernat u dawn jistgħu jiġu ġustifikati fuq il-bażi ta' prassi tal-inġinerija tajba. Madankollu, il-fabbrikant għandu jiżgura li l-fajl tekniku jinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa li turi b'mod ċar li ttieħdu l-miżuri adegwati sabiex jiġu indirizzati r-riskji kollha sinjifikanti assoċjati mal-makkinarju bil-għan li tintlaħaq konformità mal-EHSRs relevanti - ara §98: kummenti dwar l-Artikolu 4.

L-ewwel paragrafu tal-Anness VII A jgħid ukoll li l-fajl tekniku għandu jinġabar f'waħda jew aktar mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità – ara §246: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.1 tal-Anness I.

Il-fabbrikanti stabbiliti fl-UE ġeneralment jiġbru ħafna mill-elementi tal-fajl tekniku fil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru fejn huma stabbiliti, għalkemm tista' tkun ippreferuta lingwa uffiċjali oħra tal-UE. F'dan il-fajl tekniku, il-fabbrikanti jistgħu jinkludu wkoll dokumenti pprovduti minn fornituri ta' komponenti jew sottomuntaturi jew rappoti minn korpi tat-testijiet miktuba f'lingwi uffiċjali oħrajn tal-UE. Dawn id-dokumenti ma għandhomx bżonn jiġu tradotti. Madankollu, id-dokumenti miktuba f'lingwi mhux tal-UE għandhom jiġu tradotti f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE. Il-fabbrikanti stabbiliti barra l-UE għandhom jiġbru l-fajl tekniku f'waħda jew aktar mil-lingwi uffiċjali tal-UE.

Hemm eċċezzjoni waħda għar-regola ġenerali, billi, skont is-seba' inċiż tal-Anness VII A 1, il-fajl tekniku għandu jinkludi kopja tal-istruzzjonijiet li huma soġġetti għal rekwiżiti lingwistiċi speċifiċi – ara §256 u §257: kummenti dwar is-sezzjonijiet 1.7.4 u 1.7.4.1 (a) u (b) tal-Anness I.

ANNESS VII A (ikompli)

. . .

1. *Il-fajl tekniku għandu jkun fih dawn li ġejjin:*

   (a) *fajl ta' kostruzzjoni li jinkludi:*

   – *deskrizzjoni ġenerali tal-makkinarju,*

   – *it-tpinġija ġenerali tal-makkinarju u t-tpinġijiet taċ-ċirkwiti ta' kontroll, kif ukoll id-deskrizzjonijiet u l-ispjegazzjonijiet pertinenti neċessarji għall-ftehim tat-tħaddim tal-makkinarju,*

   – *it-tpinġijiet dettaljati bis-sħiħ, akkompanjati minn kwalunkwe noti ta' kalkolu, ir-riżultati tat-test, iċ-ċertifikati eċċ, meħtieġa sabiex tkun kontrollata l-konformità tal-makkinarju mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà,*

   – *id-dokumentazzjoni dwar l-istima tar-riskju li turi l-proċedura segwita, inkluż:*

   (i) *lista tar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sigurtà li japplikaw għal dan il-makkinarju,*

   (ii) *id-deskrizzjoni tal-miżuri protettivi implimentati sabiex ikunu eliminati r-riskji identifikati jew sabiex inaqqsu r-riskji u, fejn jixraq, l-indikazzjoni tar-riskji li jibqgħu assoċjati mal-makkinarju,*

   – *l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi użati, bl-indikazzjoni tar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà koperti minn dawn l-istandards,*

   – *kwalunkwe rapport tekniku li jagħti r-riżultati tat-testijiet li jkunu saru jew mill-fabbrikant jew mill-korp magħżul mill-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu,*

   – *kopja tal-istruzzjonijiet tal-makkinarju,*

   – *meta jkun jixraq, id-dikjarazzjoni tal-inkorporazzjoni għall-makkinarju parzjalment komplut inkluż u l-istruzzjonijiet tal-immuntar relevanti għal dan il-makkinarju,*

   – *meta jkun jixraq, kopji tad-Dikjarazzjoni tal-KE ta' konformità għall-makkinarju jew prodotti oħra inkorporati fil-makkinarju,*

   – *kopja tad-Dikjarazzjoni tal-KE tal-konformità;*

   (b) *Fil-każ ta' fabbrikar f'serje, il-miżuri interni li għandhom ikunu implimentati sabiex ikun żgurat li l-makkinarju jibqa' konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.*

Il-fabbrikant għandu jwettaq ir-riċerka u t-testijiet neċessarji fuq il-komponenti, tagħmir jew il-makkinarju komplut sabiex jiddetermina jekk permezz tad-disinn jew il-kostruzzjoni tiegħu jistax jiġi muntat u jitqiegħed fis-servizz mingħajr periklu. Ir-rapporti u r-riżultati relevanti għandhom jiddaħħlu fil-fajl tekniku.

. . .

§392 Il-kontenut tal-fajl tekniku

Is-sezzjonijiet 1 (a) u 1 (b) tal-Anness VII A stipulaw il-kontenut tal-fajl tekniku. Is-sezzjoni 1 (a) tikkonċerna d-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju; is-sezzjoni 1 (b) tikkonċerna l-produzzjoni tal-makkinarju.

L-ewwel tliet inċiżi tas-sezzjoni 1 (a) jikkonċernaw id-deskrizzjoni tal-makkinarju li għandha tkun dettaljata biżżejjed biex tippermetti lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq jifhmu t-tħaddim tal-makkinarju u jiċċekkjaw il-konformità tal-makkinarju mal-EHSRs relevanti. Dawn l-inċiżi għandhom jinqraw fid-dawl tat-tielet paragrafu tas-sezzjoni 2 tal-Anness VII A li jillimita l-livell ta' dettall meħtieġ fil-fajl tekniku fir-rigward tas-sottomuntaturi.

Fajl tekniku huwa meħtieġ għal kull mudell jew tip ta' makkinarju. It-termini 'mudell' jew 'tip' jindikaw makkinarju b'disinn, karatteristiċi tekniċi u applikazzjoni partikolari. Tip ta' makkinarju jista' jiġi prodott f'serje jew bħala unità waħda. Tip wieħed ta' makkinarju jista' jkollu varjanti; madankollu, sabiex jitqiesu bħala li jappartjenu għall-istess tip, il-varjanti għandhom ikollhom l-istess disinn, jippreżentaw perikli simili u jkunu jeħtieġu miżuri protettivi simili. Id-deskrizzjoni tal-makkinarju fil-fajl tekniku għandha tispeċifika kull varjant tal-mudell jew tip konċernat.

Ir-raba' inċiż tas-sezzjoni 1 (a) jikkonċerna l-istima tar-riskju mwettqa mill-fabbrikant. L-eżitu tal-istima tar-riskju għandu jiġi ddokumentat sabiex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jiċċekkjaw li l-EHSRs applikabbli ġew identifikati b'mod korrett u li ttieħdu l-miżuri protettivi meħtieġa, b'konformità mal-prinċipji tal-integrazzjoni tas-sigurtà – ara §173 sa §177: kummenti dwar is-sezzjoni 1.1.2 tal-Anness I. L-informazzjoni meħtieġa f'(i) u (ii) tar-raba' inċiż tas-sezzjoni 1 (a) tista' titfassal fil-forma ta' lista ta' kontroll li tindika l-EHSRs li huma applikabbli għall-makkinarju u l-miżuri protettivi korrispondenti. Id-dokumentazzjoni tal-istima tar-riskju hija ffaċilitata mill-applikazzjoni ta' standards armonizzati, għalkemm l-applikazzjoni ta' dawn l-istandards ma teżentax lill-fabbrikant mill-obbligu li jwettaq stima tar-riskju – ara §158 u §159: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 1 tal-Anness I.

Il-ħames inċiż tas-sezzjoni 1 (a) jitlob lill-fabbrikant jiddokumenta l-istandards jew speċifikazzjonijiet tekniċi oħrajn użati, li jindikaw l-EHSRs koperti. Ir-referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tal-istandards armonizzati relevanti tiffaċilita l-wiri tal-konformità tal-makkinarju, minħabba li l-applikazzjoni tagħhom tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mal-EHSRs li jkopru – ara §110: kummenti dwar l-Artikolu 7 (2).

Is-sitt inċiż tas-sezzjoni 1 (a) jikkonċerna rapporti dwar ir-riżultati ta' kwalunkwe testijiet imwettqa minn jew f'isem il-fabbrikant. Il-metodi ta' verifikazzjoni meħtieġa biex jiżguraw il-konformità tal-makkinarju, inklużi l-ispezzjonijiet meħtieġa, it-testijiet tat-tip, it-testijiet tal-kampjuni jew it-testijiet tal-unitajiet, ġeneralment jiġu speċifikati fl-istandards armonizzati relevanti.

Barra minn hekk, huma meħtieġa ċerti testijiet mill-EHSRs tal-Anness I:

- testijiet fuq ROPS, TOPS u FOPS għal makkinarju mobbli – ara §315 u §316: kummenti dwar is-sezzjonijiet 3.4.3 u 3.4.4 tal-Anness I;
- testijiet relatati mas-saħħa mekkanika tal-makkinarju għall-irfigħ – ara §339 sa §341: kummenti dwar is-sezzjonijiet 4.1.2.3, 4.1.2.4 u 4.1.2.5 tal-Anness I;

- testijiet relatati mal-adegwatezza għall-fini tal-użu maħsub ta' makkinarju tal-irfigħ u aċċessorji tal-irfigħ – ara §356: kummenti dwar is-sezzjoni 4.1.3 tal-Anness I.

Is-seba' inċiż tas-sezzjoni 1 (a) jirrigwarda l-istruzzjonijiet għall-makkinarju – ara §254 sa §274: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.4, u, skont kif xieraq §277: kummenti dwar is-sezzjoni 2.1.2, §279: kummenti dwar is-sezzjoni 2.2.1.1, §280: kummenti dwar is-sezzjoni 2.2.2.2, §325: kummenti dwar is-sezzjoni 3.6.3, u §360 u §361: kummenti dwar is-sezzjoni 4.4 tal-Anness I.

It-tmien inċiż tas-sezzjoni 1 (a) jirreferi għad-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni għal kwalunkwe makkinarju parzjalment komplut li jiġi inkorporat – ara §384 u §385: kummenti dwar l-Anness II 1 B - u l-istruzzjonijiet relevanti dwar il-muntatura – ara §390: kummenti dwar l-Anness VI. Dawn id-dokumenti ma għandhomx jakkumpanjaw il-makkinarju finali iżda għandhom jiġu inklużi fil-fajl tekniku għall-makkinarju finali.

Id-disa' inċiż tas-sezzjoni 1 (a) jirreferi għad-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità tal-makkinarju jew prodotti oħrajn inkorporati fil-makkinarju. Il-prodotti li ġejjin jistgħu jkunu kkonċernati:

a) komponenti tas-sigurtà jew ktajjen, ħbula jew ċineg inkorporati fil-makkinarju;

b) tagħmir inkorporat fil-makkinarju soġġett għal Direttiva speċifika li tirrikjedi l-provvista ta' Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità bħal, pereżempju, tagħmir ATEX jew tagħmir ta' pressjoni – ara §91: kummenti dwar l-Artikolu 3;

c) makkinarju komplut li huwa inkorporat f'muntatura tal-makkinarju – ara §38: kummenti dwar ir-raba' inċiż tal-Artikolu 2 (a).

Id-Dikjarazzjoni(jiet) KE tal-konformità għall-prodotti msemmija fuq ma għandhomx bżonn jakkumpanjaw il-makkinarju li fih jiġu inkorporati, iżda għandhom jiġu inklużi fil-fajl tekniku għal dak il-makkinarju.

L-għaxar inċiż tas-sezzjoni 1 (a) jitlob li tiġi inkluża kopja tad-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità tal-makkinarju fil-fajl tekniku għal dak il-makkinarju – ara §382 u §383: kummenti dwar l-Anness II 1 A.

Is-sezzjoni 1 (b) tal-Anness VII A titlob li l-fajl tekniku għall-makkinarju prodott f'serje jiddokumenta l-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jiġi żgurat li l-makkinarju prodott jibqa' f'konformità mal-EHSRs relevanti. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu, pereżempju:

- monitoraġġ ta' provvisti ta' materjali, komponenti u sottosistemi;
- spezzjonijiet u testijiet li għandhom jitwettqu fi stadji varji tal-produzzjoni u fuq prodotti lesti;
- miżuri li jiżguraw li l-ispeċifikazzjonijiet tal-fabbrikant jiġu esegwiti b'mod korrett mis-sottokuntratturi.

Dawn il-miżuri jistgħu jiġu implimentati bl-applikazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni tal-kwalità bħal, pereżempju, sistema skont l-istandard EN ISO 9001.[195]

L-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 1 tal-Anness VII A jitlob lill-fabbrikant iwettaq ir-riċerka u t-testijiet meħtieġa fuq komponenti u tagħmir. Il-metodi ta' verifikazzjoni meħtieġa,

[195] EN ISO 9001:2008 *Sistemi ta' ġestjoni tal-kwalità - Rekwiżiti* (ISO 9001:2008).

inklużi l-ispezzjonijiet, it-testijiet tat-tip, it-testijiet tal-kampjuni jew it-testijiet tal-unitajiet neċessarji, ġeneralment jiġu speċifikati fl-istandards armonizzati relevanti.

Id-dokumenti kollha msemmija fis-sezzjoni 1 tal-Anness VII A għandhom jiġu riveduti u aġġornati regolarment meta jsiru bidliet fid-disinn jew il-fabbrikazzjoni tal-makkinarju kkonċernat.

ANNESS VII A (ikompli)

. . .

2. *Il-fajl tekniku previst mill-punt 1 għandu jkun disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membru tal-inqas għal 10 snin wara d-data tal-iffabbrikar tal-makkinarju jew, fil-każ tal-iffabbrikar ta' serje, tal-aħħar unità fabbrikata.*

   Dan il-fajl tekniku ma għandux il-bżonn li jkun jinsab fit-territorju tal-Komunità, lanqas ma jkun disponibbli b'mod permanenti f'forma materjali. Madankollu, għandu jkun kapaċi li jkun immuntat u jsir disponibbli f'perjodu ta' żmien li jaqbel mal-kumplessità tiegħu mill-persuna nominata fid-Dikjarazzjoni tal-KE ta' konformità.

   Il-fajl tekniku ma għandux għalfejn jinkludi l-pjanijiet dettaljati jew kwalunkwe informazzjoni speċifika fir-rigward tas-sottomuntaturi użati għall-fabbrikazzjoni tal-makkinarju, salv jekk l-għarfien ta' dawn huwa essenzjali għall-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà.

3. *In-nuqqas li jkun ippreżentat il-fajl tekniku bħala tweġiba għal talba debitament raġunata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jista' jikkostitwixxi raġunijiet sabiex tkun ikkontestata l-konformità ta' dan il-makkinarju mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà.*

. . .

§393 Komunikazzjoni tal-fajl tekniku

Is-sezzjoni 2 u 3 tal-Anness VII A tistipula l-kundizzjonijiet li taħthom il-fajl tekniku għandu jsir disponibbli għall-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri – ara §98: kummenti dwar l-Artikolu 4 (3) u (4). L-elementi relevanti tal-fajl tekniku għandhom isiru disponibbli b'reazzjoni għal talba raġunata mill-awtoritajiet kompetenti, kemm jekk tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit il-fabbrikant jew ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 2 jindika li l-fajl tekniku ma għandux bżonn li jkun jinsab fit-territorju tal-UE. Il-fajl tekniku għall-makkinarju fabbrikat barra l-UE jista' għalhekk jibqa' fil-bini tal-fabbrikant.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 2 jindika wkoll li l-fajl tekniku ma għandux bżonn li jkun disponibbli b'mod permanenti f'forma materjali. Għalhekk, it-terminu 'fajl tekniku' jirreferi għal korp ta' informazzjoni li jista' jinħażen fuq karta jew f'forma elettronika f'post wieħed jew f'diversi postijiet. B'mod partikolari, ma hemm ebda ħtieġa li jiġu dduplikati dokumenti li huma komuni għal tipi differenti ta' makkinarju. Madankollu, l-informazzjoni għandha tiġi organizzata, klassifikata u maħżuna b'tali mod li l-fabbrikant ikun jista', mingħajr dewmien, jikkomunika l-elementi relevanti tal-fajl tekniku b'reazzjoni għal talba debitament raġunata indirizzata mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri lill-persuna nominata fid-

Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità għal dak il-għan – ara §383: kummenti dwar l-Anness II 1 A.

It-talbiet għall-komunikazzjoni tal-fajl tekniku jistgħu jsiru għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq u għandhom jindikaw in-natura tad-dubju dwar il-konformità tal-makkinarju kkonċernat u jkunu limitati għall-elementi li huma meħtieġa għall-investigazzjoni – ara §98 u §99: kummenti dwar l-Artikolu 4 (3) u (4).

Il-fajl tekniku jista' jkun fih informazzjoni kummerċjalment sensittiva jew kunfidenzjali. L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq huma marbuta li jirrispettaw il-kunfidenzjalità ta' din l-informazzjoni – ara §143: kummenti dwar l-Artikolu 18. Ma hemm ebda obbligu li l-elementi tal-fajl tekniku jiġu kkomunikati lil ħaddieħor għajr l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Pereżempju, il-fabbrikant mhuwiex obbligat li jikkomunika elementi tal-fajl tekniku lill-klijenti tiegħu.

It-tielet paragrafu tas-sezzjoni 2 tal-Anness VII A jillimita l-livell ta' dettall meħtieġ fil-fajl tekniku fir-rigward tas-sottomuntaturi – ara §392: kummenti dwar is-sezzjoni 1 tal-Anness VII A.

Is-sezzjoni 3 tal-Anness VII A tgħid li *n-nuqqas li jkun ippreżentat il-fajl tekniku bħala tweġiba għal talba debitament raġunata jista' jikkostitwixxi raġunijiet sabiex tkun ikkontestata l-konformità* tal-makkinarju inkwistjoni. In-nuqqas li jkun ippreżentat il-fajl tekniku mhuwiex prova tan-nuqqas ta' konformità tal-makkinarju iżda, jekk il-fabbrikant ma jikkomunikax l-elementi relevanti tal-fajl tekniku, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq huma intitolati li jiddeċiedu x'azzjoni għandha tittieħed fuq il-bażi ta' kwalunkwe evidenza oħra li tkun disponibbli għalihom.

ANNESS VII (ikompli)

. . .

B. Dokumentazzjoni teknika relevanti għall-makkinarju parzjalment komplut

Din il-Parti tiddeskrivi l-proċedura sabiex tingħabar id-dokumentazzjoni teknika relevanti. Id-dokumentazzjoni għandha turi liema rekwiżiti ta' din id-Direttiva li huma applikati u sodisfatti. Għandha tkopri d-disinn, il-fabbrikazzjoni u t-tħaddim tal-makkinarju parzjalment komplut sal-punt neċessarju għal din l-istima dwar il-konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikati tas-saħħa u tas-sigurtà. Id-dokumentazzjoni għandha tkun miġbura f'waħda jew f'diversi lingwi uffiċjali tal-Komunità.

Għandu jkun fiha dawn li ġejjin:

(a) fajl ta' kostruzzjoni li jinkludi:

- *it-tpinġija ġenerali tal-makkinarju parzjalment komplut u t-tpinġijiet taċ-ċirkwiti tal-kontroll,*
- *it-tpinġijiet dettaljati bis-sħiħ, akkompanjati minn kwalunkwe noti ta' kalkolu, ir-riżultati tat-test, iċ-ċertifikati eċċ, meħtieġa sabiex tkun kontrollata l-konformità tal-makkinarju parzjalment komplut mar-rekwiżiti essenzjali applikati tas-saħħa u tas-sigurtà,*
- *id-dokumentazzjoni dwar l-istima tar-riskju li turi l-proċedura segwita, inkluż:*

(i) lista tar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sigurtà applikati u sodisfatti,

(ii) id-deskrizzjoni tal-miżuri protettivi implimentati sabiex ikunu eliminati r-riskji identifikati jew sabiex inaqqsu r-riskji u, fejn jixraq, l-indikazzjoni tar-riskji li jibqgħu,

(iii) l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li ntużaw, bl-indikazzjoni tar-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà koperti minn dawn l-istandards,

(iv) kwalunkwe rapport tekniku li jagħti r-riżultati tat-testijiet li jkunu saru jew mill-fabbrikant jew mill-għaqda magħżula mill-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu,

(v) kopja tal-istruzzjonijiet għall-makkinarju parzjalment komplut;

(b) għall-fabbrikant tas-serje, il-miżuri interni li għandhom ikunu implimentati sabiex ikun żgurat li l-makkinarju parzjalment komplut jibqa' konformi mar-rekwiżiti essenzjali dwar is-saħħa u s-sigurtà applikati.

Il-fabbrikant għandu jwettaq ir-riċerka u t-testijiet neċessarji fuq il-komponenti, tagħmir jew il-makkinarju parzjalment komplut sabiex jiddetermina jekk permezz tad-disinn jew il-kostruzzjoni tiegħu jistax jiġi mmuntat u użat mingħajr periklu. Ir-rapporti u r-riżultati relevanti għandhom jiddaħħlu fil-fajl tekniku.

Id-dokumentazzjoni teknika relevanti għandha tkun disponibbli tal-inqas għal 10 snin wara d-data tal-fabbrikar tal-makkinarju parzjalment komplut jew, fil-każ tal-iffabbrikar ta' serje, tal-aħħar unità fabbrikata, u fuq talba preżentata lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Ma għandux għalfejn ikun jinsab fit-territorju tal-Komunità, lanqas ma għandu jkun disponibbli b'mod permanenti f'forma materjali. Għandu jkun jista' jiġi mmuntat u preżentat lill-awtorità relevanti mill-persuna nominata fid-dikjarazzjoni għall-inkorporazzjoni.

In-nuqqas li tkun preżentata d-dokumentazzjoni teknika relevanti bħala tweġiba għal talba debitament raġunata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jista' jikkostitwixxi raġunijiet sabiex tkun ikontestata l-konformità ta' dan il-makkinarju parzjalment komplut mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà applikati u ċertifikati.

§394 Dokumentazzjoni teknika relevanti għal makkinarju parzjalment komplut

L-obbligu li tingħabar id-dokumentazzjoni teknika relevanti deskritta fl-Anness VII B japplika għall-fabbrikant ta' makkinarju parzjalment komplut imsemmi fl-Artikolu 1 (1) (g) – ara §131: kummenti dwar l-Artikolu 13 (1).

L-għan tad-dokumentazzjoni teknika relevanti huwa li tippermetti lill-fabbrikanti juru l-konformità tal-makkinarju parzjalment komplut mal-EHSRs li jkunu applikaw u ssodisfaw, kif indikat fid-Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni – ara §95: kummenti dwar l-Artikolu 4 (2), u §98: kummenti dwar l-Artikolu 4 (3) u (4). Hija tgħin ukoll lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq jiċċekkjaw il-konformità tal-makkinarju parzjalment komplut ma' dawk l-EHSRs, b'mod partikolari għal aspetti li ma jistgħux jiġu ċċekkjati permezz ta' spezzjoni viżwali. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-dokumentazzjoni teknika relevanti huwa għalhekk limitat għal dawk l-EHSRs li kienu applikati u ssodisfati mill-fabbrikant tal-makkinarju parzjalment komplut u għall-istruzzjonijiet tiegħu dwar il-muntatura – ara §385: kummenti dwar l-Anness II B (4).

Inkella, il-kummenti dwar id-dispożizzjonijiet relatati mal-fajl tekniku għall-makkinarju stipulati fl-Anness VII A huma validi għad-dispożizzjonijiet ekwivalenti relatati mad-dokumentazzjoni teknika relevanti għal makkinarju parzjalment komplut stipulata fl-Anness VII B – ara §391 sa §393: kummenti dwar l-Anness VII A.

ANNESS VIII

Stima tal-konformità permezz ta' kontrolli interni fuq il-fabbrikazzjoni tal-makkinarju

1. *Dan l-Anness jispjega l-proċedura li biha l-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, li jġorr l-obbligi mniżżla fil-punt 2 u 3, jiżgura u jiddikjara li l-makkinarju konċernat jissodisfa r-rekwiżiti relevanti ta' din id-Direttiva.*
2. *Għal kull tip rappreżentattiv ta' dawn is-serje, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom iħejju l-fajl tekniku previst mill-Anness VII, Parti A.*
3. *Il-fabbrikant għandu jieħu l-miżuri neċessarji kollha sabiex il-proċess ta' fabbrikar jiżgura konformità tal-makkinarju fabbrikat mal-fajl tekniku previst mill-Anness VII, Parti A u mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.*

§395 Stima tal-konformità b'kontrolli interni fuq il-fabbrikant tal-makkinarju

L-Anness VIII jiddeskrivi l-proċedura ta' stima tal-konformità li għandha tiġi segwita għall-kategoriji kollha ta' makkinarju mhux elenkati fl-Anness IV – ara §128: kummenti dwar l-Artikolu 12 (2). Din il-proċedura hija wkoll waħda mit-tliet proċeduri ta' stima ta' konformità li jistgħu jintgħażlu għal makkinarju li jappartjeni għall-kategoriji elenkati fl-Anness IV meta l-fabbrikant ikun applika l-istandards armonizzati, li r-referenzi tagħhom huma elenkati fil-ĠUUE li jkopri r-rekwiżiti essenzjali kollha relevanti għas-saħħa u s-sigurtà – ara §129: kummenti dwar l-Artikolu 12 (3).

Is-sezzjoni 2 tal-Anness VIII tfakkar l-obbligu tal-fabbrikant jew tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu li jħejji fajl tekniku skont l-Anness VII A 1 għal kull tip ta' makkinarju – ara §103: kummenti dwar l-Artikolu 5 (1) (b). Il-fajl tekniku għandu jidentifika l-EHSRs applikabbli għall-makkinarju u jiddeskrivi kif dawn ġew issodisfati. It-terminu 'tip ta' rappreżentant' huwa ekwivalenti għat-termini 'tip' jew mudell – ara §392: kummenti dwar l-Anness VII A 1.

Għandu jiġi osservat li fajl tekniku huwa meħtieġ kemm għal makkinarju fabbrikat f'serje u għal makkinarju fabbrikat bħala unità waħda. Jekk isiru xi bidliet fid-disinn tal-makkinarju fabbrikat f'serje, pereżempju meta jiġu inkorporati materjali jew komponenti minn fornituri differenti jew meta jsir titjib fid-disinn, il-konformità tal-aspetti tad-disinn li ġew immodifikati għandha tiġi evalwata mill-ġdid u l-fajl tekniku għandu jiġi aġġornat kif jixraq.

Is-sezzjoni 3 tal-Anness VIII titlob lill-fabbrikant jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-proċess tal-fabbrikazzjoni jiżgura l-konformità tal-makkinarju fabbrikat mal-fajl tekniku u mal-EHSRs applikabbli – ara §392: kummenti dwar l-Anness VII A 1 (b). Dawn huma l-'kontrolli interni fuq il-fabbrikazzjoni' msemmija fit-titolu tal-Anness VIII.

ANNESS IX

L-eżami tat-tip KE

L-eżami tat-tip KE hija l-proċedura li biha l-korp notifikat jaċċerta u jiċċertifika li l-mudell rappreżentattiv tal-makkinarju previst mill-Anness IV (minn issa `l quddiem imsejjaħ "tip") jissodisfa d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

1. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu, għal kull tip, jagħmel il-fajl tekniku previst mill-Anness VII, parti A.

. . .

§396 Eżami tat-tip KE

L-Anness IX jistabbilixxi waħda mill-proċeduri ta' stima ta' konformità li jistgħu jiġu segwiti għal makkinarju li jappartjeni għal waħda mill-kategoriji elenkati fl-Anness IV - ara §129 u §130: kummenti dwar l-Artikolu 12 (3) u (4), u §388: kummenti dwar l-Anness IV.

Meta tintgħażel il-proċedura tal-eżami tat-tip KE, kull mudell jew tip ta' makkinarju li jappartjeni għal waħda mill-kategoriji elenkati fl-Anness IV għandu jiġi eżaminat minn Korp notifikat. Il-Korp notifikat jiċċekkja d-dokumentazzjoni u jwettaq l-ispezzjonijiet u t-testijiet meħtieġa fuq kampjun jew kampjuni tal-makkinarju sabiex jiġi żgurat li l-mudell jew tip jiġi ddisinjat u mibni b'konformità mal-EHSRs applikabbli.

It-termini 'mudell' jew 'tip' jindikaw rappreżentant wieħed jew aktar tal-magni ta' disinn, karatteristiċi tekniċi u applikazzjoni partikolari. Tip ta' makkinarju jista' jiġi prodott f'serje jew bħala unità waħda.

Tip wieħed tal-makkinarju jista' jkollu varjanti; madankollu, sabiex jitqiesu bħala li jappartjenu għall-istess tip, il-varjanti għandu jkollhom l-istess disinn bażiku, jippreżentaw perikli simili u jkollhom miżuri protettivi simili. Hija r-responsabbiltà tal-Korp notifikat li jiġġudika, f'kull każ speċifiku, jekk il-varjanti jistgħux jitqiesu bħala li jappartjenu għall-istess tip jew jekk għandhomx jiġu ttrattati bħala tipi distinti. Il-varjanti ta' tip ta' makkinarju partikolari għandhom jiġu deskritti fil-fajl tekniku u għandha tiġi vvalutata l-konformità tal-varjanti kollha. Iċ-ċertifikat ta' eżami tat-tip KE għandu jidentifika kull varjant tat-tip ta' makkinarju li jkopri – ara §399: kummenti dwar is-sezzjoni 4 tal-Anness IX.

Il-paragrafu 1 tal-Anness IX ifakkar l-obbligu tal-fabbrikant li jħejji fajl tekniku skont l-Anness VII A għal kull tip ta' makkinarju – ara §103: kummenti dwar l-Artikolu 5 (1) (b).

ANNESS IX (ikompli)

. . .

2. *Għal kull tip, l-applikazzjoni għall-eżami tat-tip KE għandha tintbagħat mill-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu lill-korp notifikat tal-għażla tiegħu.*

   L-applikazzjoni għandu jkun fiha:

   – *l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant u, fejn jixraq, tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu,*

   – *id-dikjarazzjoni bil-miktub li l-applikazzjoni ma ngħatatx lill-korp notifikat ieħor,*

   – *il-fajl tekniku.*

Minbarra dan, l-applikant għandu jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-korp notifikat kampjun tat-tip. Il-korp notifikat jista' jsaqsi għal aktar kampjuni jekk il-programm tat-test jitlob dan.

. . .

§397 L-applikazzjoni għal eżami tat-tip KE

Is-sezzjoni 2 tal-Anness IX tistipula l-kontenut tal-applikazzjoni għal eżami tat-tip KE. Tali applikazzjoni tista' ssir lil kwalunkwe Korp notifikat fl-UE li huwa nnotifikat għall-proċedura tal-eżami tat-tip KE u għall-kategorija tal-makkinarju kkonċernat.

L-applikazzjoni tista' tinkiteb fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE aċċettabbli għall-Korp notifikat - ara §399: kummenti dwar is-sezzjoni 8 tal-Anness IX.

L-applikazzjoni tista' ssir mill-fabbrikant innifsu jew tiġi fdata lil rappreżentant awtorizzat – ara §84 u §85: kummenti dwar l-Artikolu 2 (j). L-ewwel inċiż tas-sezzjoni 2 jgħid li l-applikazzjoni għandha tinkludi l-isem u l-indirizz tal-manifattur u, fejn xieraq, tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu – ara §250: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.3 tal-Anness I.

It-tieni inċiż tas-sezzjoni 2 jimplika li l-applikazzjoni għal eżami tat-tip KE tista' tiġi indirizzata biss lil Korp notifikat wieħed. Mhijiex l-intenzjoni ta' din id-dispożizzjoni li timpedixxi lill-fabbrikant milli jikseb diversi kwotazzjonijiet qabel jagħżel Korp notifikat għal eżami tat-tip KE, iżda sempliċiment li timpedih milli jgħaddi minn Korp notifikat wieħed li jkun irrifjuta d-disinn tiegħu għal ieħor, sakemm wieħed minnhom japprova t-tip ikkonċernat.

Ladarba fabbrikant jagħżel Korp notifikat biex iwettaq l-Eżami tat-tip KE għal tip ta' makkinarju partikolari, huwa għandu jiddikjara li huwa ma għamel ebda applikazzjoni lil xi Korp notifikat ieħor għall-istess tip ta' makkinarju, jiġifieri għal makkinarju bl-istess disinn, karatteristiċi tekniċi u applikazzjoni. Madankollu, il-fabbrikant huwa liberu li jagħżel Korp notifikat ieħor għall-Eżami tat-tip KE ta' tip ta' makkinarju differenti.

It-tielet inċiż tas-sezzjoni 2 jesiġi li l-applikazzjoni għal eżami tat-tip KE tinkludi l-fajl tekniku għat-tip tal-makkinarju kkonċernat – ara §392: kummenti dwar l-Anness VII A 1. Il-fajl tekniku jkopri l-makkinarju kollu u mhux biss l-aspetti tal-makkinarju li jippreżentaw ir-riskji li għalihom hija elenkata l-kategorija tal-makkinarju fl-Anness IV.

Għall-għanijiet tal-proċedura tal-eżami tat-tip KE, il-fajl tekniku għandu għalhekk isir disponibbli għall-Korp notifikat fi stadju aktar kmieni li ġeneralment ikun preskritt fl-Artikolu 5 (1) (b) li jitlob li l-fajl tekniku jkun disponibbli qabel ma l-makkinarju jitqiegħed fis-suq jew jitqiegħed għas-servizz – ara §103: kummenti dwar l-Artikolu 5 (1). Il-fajl tekniku jista' jitpoġġa disponibbli f'forma maqbula bejn l-applikant u l-Korp notifikat.

L-aħħar paragrafu tas-sezzjoni 2 jitlob lill-applikant ipoġġi kampjun wieħed jew aktar tat-tip għad-dispożizzjoni tal-Korp notifikat għall-għanijiet ta' spezzjoni, kejl u ttestjar. In-numru ta' kampjuni meħtieġa għandu jkun raġonevoli, u ġustifikat min-natura tal-eżamijiet u t-testijiet imwettqa. Meta jkun hemm bżonn ta' testijiet distruttivi, jistgħu jkunu meħtieġa aktar minn kampjun wieħed. Għal makkinarju kbir, kampjun wieħed ġeneralment ikun biżżejjed. Permezz ta' ftehim, il-kampjun(i) meħtieġa jistgħu jintbagħtu lill-Korp notifikat jew jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Korp notifikat f'post maqbul bejn il-Korp notifikat u l-fabbrikant – ara §398: kummenti dwar is-sezzjoni 3.4 tal-Anness IX.

ANNESS IX (ikompli)

. . .

3. Il-korp notifikat għandu:

3.1. jeżamina l-fajl tekniku, jara li t-tip ġie fabbrikat skont dan u jistabbilixxi liema elementi ġew ddisinnjati skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-istandards msemmija fl-Artikolu 7(2), u dawk l-elementi li għandhom disinn mhux ibbażat fuq id-dispożizzjonijiet relevanti ta' dawk l-istandards;

3.2. iwettaq jew jara li jitwettqu l-ispezzjonijiet xierqa, il-miżuri u t-testijiet sabiex jiżgura jekk is-soluzzjonijiet adottati jissodisfawx ir-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà ta' din id-Direttiva, fejn l-istandards imsemmija fl-Artikolu 7(2) ma ġewx applikati;

3.3. fejn ikunu ntużaw l-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 7(2), iwettaq jew iġiegħel li jitwettqu spezzjonijiet xierqa, il-miżuri u t-testijiet sabiex tivverifika jekk dawk l-istandards ġewx fil-fatt applikati;

3.4. jaqbel mal-applikant dwar il-post fejn għandhom isiru l-kontrolli tat-tip fabbrikat skont il-fajl tekniku eżaminat u l-ispezzjonijiet neċessarji, il-miżuri u t-testijiet.

. . .

§398 Il-kontenut tal-Eżami tat-tip KE

Is-sezzjoni 3 tal-Anness IX tistipula l-objettivi u l-kontenut tal-Eżami tat-tip KE.

Is-sezzjoni 3.1 titlob lill-Korp notifikat biex:

- jeżamina l-fajl tekniku;
- jiċċekkja li t-tip kien fabbrikat b'konformità mal-fajl tekniku;
- jistabbilixxi liema partijiet jew aspetti tal-makkinarju kienu:
  a) iddisinjati b'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti tal-istandards armonizzati;

b) iddisinjati b'konformità ma' speċifikazzjonijiet tekniċi oħrajn.

Dan jippermetti lill-Korp notifikat jivverifika li l-fabbrikant wettaq stima tar-riskju adegwata, li l-EHSRs applikabbli għall-makkinarju ġew identifikati b'mod korrett u li ġew implimentati miżuri protettivi adegwati. L-eżaminazzjoni tal-fajl tekniku tippermetti wkoll lill-Korp notifikat jiddetermina l-ispezzjonijiet, il-miżuri u t-testijiet xierqa li għandhom jitwettqu fuq il-kampjun(i) tal-makkinarju għad-dispożizzjoni tiegħu.

Is-sezzjonijiet 3.2 u 3.3 jagħmlu distinzjoni bejn l-approċċ li għandu jittieħed għal makkinarju ddisinjat skont l-istandards armonizzati u dak għal makkinarju mhux iddisinjat skont dawk l-istandards. L-approċċi stipulati fil-paragrafi 3.2 u 3.3 jistgħu jiġu kkombinati f'każijiet fejn l-istandards armonizzati applikati ma jkunux ikopru l-EHSRs kollha applikabbli għall-makkinarju, fejn l-istandards armonizzati ma jkunux ġew applikati b'mod sħiħ jew fejn ikunu ġew applikati biss għal ċerti partijiet jew aspetti tal-makkinarju.

Skont is-sezzjoni 3.2, fil-każ ta' makkinarju (jew partijiet jew aspetti tal-makkinarju) li għalih ma jkunux ġew applikati l-istandards armonizzati, il-Korp notifikat għandu jistabbilixxi l-ispezzjonijiet, il-miżuri u t-testijiet xierqa biex jivverifika l-konformità tal-makkinarju mal-EHSRs applikabbli. Anki f'każijiet bħal dawn, l-istandards armonizzati jistgħu jipprovdu indikazzjoni importanti tal-aħħar teknoloġija li għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni meta tiġi vverifikata l-konformità mal-EHSRs – ara §161 u §162: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 3 tal-Anness I. Il-metodi ta' verifikazzjoni stipulati fl-istandards armonizzati jistgħu ta' spiss jintużaw jew jiġu adattati għal makkinarju mhux iddisinjat skont dawk l-istandards. Inkella, jistgħu jintużaw il-metodi ta' verifikazzjoni stipulati fi speċifikazzjonijiet tekniċi xierqa oħrajn. Fin-nuqqas ta' dan, il-Korp notifikat għandu jistrieħ fuq l-għarfien u l-esperjenza tal-persunal ta' spezzjoni tiegħu biex juża metodu xieraq ta' verifikazzjoni li jiżgura livell ta' tnaqqis tar-riskju li jkun għall-inqas ekwivalenti għal dak stabbilit fl-istandards armonizzati – ara §408: kummenti dwar is-sezzjoni 4 tal-Anness XI. Gwida xierqa tista' tkun disponibbli wkoll fir-Rakkomandazzjonijiet għall-użu maħruġa mill-koordinazzjoni ta' Korpi Notifikati għal makkinarju (NB-M) – ara §137: kummenti dwar l-Artikolu 14 (7).

Skont is-sezzjoni 3.3, fil-każ ta' makkinarju (jew aspetti tal-makkinarju) li għalihom ikunu ntużaw standards armonizzati, il-Korp notifikat għandu jwettaq l-ispezzjonijiet, il-miżuri u t-testijiet meħtieġa biex jivverifika li r-rekwiżiti tad-disinn u l-kostruzzjoni tal-istandard(s) ġew applikati b'mod korrett.

Bħala regola ġenerali, l-ispezzjonijiet, il-miżuri u t-testijiet meħtieġa biex tiġi vverifikata l-konformità tal-makkinarju għandhom jitwettqu mill-Korp notifikat innifsu – ara §408: kummenti dwar is-sezzjoni 3 tal-Anness XI. Madankollu, il-Korp notifikat jista' jissottokuntratta kontrolli eċċezzjonali bħal, pereżempju, l-ispezzjoni mhux distruttiva tal-iwweldjar. Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-ittestjar, il-Korp notifikat jista' wkoll jieħu f'kunsiderazzjoni r-rapporti dwar l-ispezzjonijiet jew it-testijiet imwettqa minn korpi kompetenti oħrajn jew mill-fabbrikant innifsu. Madankollu, Korp notifikat li jaċċetta rapporti minn sorsi oħrajn jibqa' responsabbli b'mod sħiħ għad-deċiżjoni dwar il-konformità tal-makkinarju soġġetti għall-Eżami tat-tip KE.

Skont is-sezzjoni 3.4, il-Korp notifikat u l-applikant għandhom jaqblu fuq il-post fejn għandu jsir l-eżami tal-makkinarju. Kriterji prattiċi biex jiġi deċiż il-post xieraq jinkludu d-daqs tal-makkinarju u n-natura tal-ispezzjonijiet, il-miżuri u t-testijiet li għandhom jitwettqu. F'xi każijiet, b'mod partikolari għal makkinarju kbir, jista' jkun xieraq għall-

makkinarju b'mod ġenerali li jiġi eżaminat fil-bini tal-fabbrikant, filwaqt li xi komponenti jew sottomuntaturi jinġiebu fil-bini tal-Korp notifikat sabiex jiġu eżaminati. Fil-każ ta' eżami tat-tip KE ta' makkinarju mmuntat fil-bini tal-utent jew ta' makkinarju mibni għal għan speċifiku, ħafna drabi jkun meħtieġ li l-ispezzjoni, il-kejl u l-ittestjar jitwettqu fis-sit tal-installazzjoni.

ANNESS IX (ikompli)

. . .

4. *Jekk it-tip jissodisfa d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, il-korp notifikat għandu joħroġ ċertifikat tal-eżami tat-tip KE lill-applikant. Iċ-ċertifikat għandu jinkludi l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant u r-rappreżentant awtorizzat tiegħu, id-data neċessarja sabiex ikun identifikat it-tip approvat, il-konklużjonijiet tal-eżaminazzjoni u l-kondizzjonijiet li għalihom il-ħruġ tiegħu jista' jkun suġġett.*

   Il-fabbrikant jew il-korp notifikat għandhom iżommu l-kopja ta' dan iċ-ċertifikat, il-fajl tekniku u d-dokumenti relevanti kollha għall-perjodu ta' 15-il sena mid-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

5. *Jekk it-tip ma jissodisfax d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, il-korp notifikat għandu jiċħad li joħroġ ċertifikat tal-eżami tat-tip KE lill-applikant, filwaqt li jagħti r-raġunijiet għal din iċ-ċaħda. Għandu jinforma lill-applikant, il-korpi notifikati l-oħra u lill-Istat Membru li notifikah. Għandha tkun disponibbli l-proċedura tal-appell.*

6. *L-applikant għandu jinforma lill-korp notifikat li jżomm il-fajl tekniku li jirrigwarda ċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE dwar il-modifiki kollha għat-tip approvat. Il-korp notifikat għandu jeżamina dawn il-modifiki u għandu imbagħad jew jikkonferma l-validità taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE jew joħroġ wieħed ġdid jekk il-modifiki x'aktarx jikkompromettu l-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà jew il-kondizzjoniiet tax-xogħol intiżi tat-tip.*

7. *Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-korpi notifikati l-oħra jistgħu, fuq talba, jiksbu kopja taċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip KE. Fuq talba raġunata, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jiksbu kopja tal-fajl tekniku u r-riżultati tal-eżamijiet li jkunu saru mill-korp notifikat.*

8. *Il-fajls u l-korrispondenza li tirreferi għall-proċeduri tal-eżami tat-tip KE għandhom ikunu bil-miktub fil-lingwa(i) uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-korp notifikat ikun stabbilit jew fi kwalunkwe lingwa uffiċjali oħra tal-Komunità li hija aċċettabbli għall-korp notifikat.*

. . .

§399 Iċ-ċertifikat ta' eżami tat-tip KE

Skont is-sezzjoni 4 tal-Anness IX, meta l-eżitu tal-Eżami tat-tip KE jkun pożittiv, il-Korp notifikat joħroġ Ċertifikat ta' eżami tat-tip KE. Iċ-ċertifikat għandu jidentifika b'mod ċar it-tip ta' makkinarju li jkopri. Id-dejta neċessarja għall-identifikazzjoni tat-tip approvat tinkludi l-isem tal-makkinarju u r-referenza tas-serje jew tat-tip kif immarkata fuq il-makkinarju - ara §250: kummenti dwar is-sezzjoni 1.7.3 tal-Anness I. Jekk iċ-ċertifikat ikopri tip b'varjanti, iċ-ċertifikat għandu jidentifika dawn il-varjanti, billi jindika l-karatteristiċi distintivi tagħhom.

Huwa possibbli li jinħareġ ċertifikat ta' eżami tat-tip KE lil fabbrikant wieħed għal tip ta' makkinarju li jkun intiż biex jitqiegħed fis-suq taħt aktar minn referenza jew trademark waħda. F'dak il-każ, ir-referenzi u t-trademarks differenti konċernati għandhom jiġu speċifikati fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE b'indikazzjoni li jkunu jirreferu għall-istess tip ta' makkinarju. Jekk jiġi deċiż li l-makkinarju jitqiegħed fis-suq b'referenza jew trademark differenti wara l-ħruġ taċ-ċertifikat oriġinali tal-eżami tat-tip KE, il-Korp notifikat għandu jiġi informat b'dan u ċ-ċertifikat għandu jiġi rivedut kif jixraq.

Il-fabbrikant u l-Korp notifikat għandhom iżommu kopja taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE, il-fajl tekniku għall-makkinarju u d-dokumenti relatati għal 15-il sena wara l-ħruġ taċ-ċertifikat. Dan isir sabiex il-Kummissjoni, l-Istati Membri jew il-Korpi notifikati l-oħrajn ikunu jistgħu jikkonsultaw id-dokumenti skont is-sezzjoni 7. Dan il-perjodu ta' 15-il sena jerġa' jibda mill-ġdid kull darba li jiġġedded iċ-ċertifikat – ara §400: kummenti dwar is-sezzjoni 9.3 tal-Anness IX. It-tul ta' 15-il sena jiżgura li d-dokumenti konċernati jkunu disponibbli għall-perjodu ta' 10 snin wara l-fabbrikazzjoni tal-aħħar unità ta' serje li matulu l-fabbrikant għandu jżomm il-fajl tekniku għall-makkinarju disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti – ara §393: kummenti dwar l-Anness VII A 2. Minħabba li l-Korp notifikat normalment ma jkunx jaf meta kienet fabbrikata l-aħħar unità tat-tip kopert miċ-ċertifikat u minħabba li ċ-ċertifikat ikun validu għal perjodu ta' ħames snin, il-perjodu taż-żamma għaċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE jkun ħames snin itwal iżda jibda jgħodd mid-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

Skont is-sezzjoni 5 tal-Anness IX, jekk l-eżitu tal-Eżami tat-tip KE jkun negattiv, il-Korp notifikat għandu jinforma lill-applikant dwar ir-rifjut tiegħu li joħroġ ċertifikat ta' eżami tat-tip KE, billi jagħti r-raġunijiet dettaljati u jindika l-proċedura għal appell kontra d-deċiżjoni - ara §135: kummenti dwar l-Artikolu 14 (6). Il-Korpi Notifikati l-oħrajn u l-Istat Membru li nnotifika lill-Korp notifikat konċernat għandhom jiġu informati b'kull rifjut li jinħareġ Ċertifikat ta' eżami tat-tip KE.

Is-sezzjoni 6 tal-Anness IX titlob lill-applikant jinforma lill-Korp notifikat dwar kwalunkwe modifiki li jkollu l-ħsieb li jagħmel fit-tip approvat. Il-Korp notifikat imbagħad għandu jiddeċiedi jekk il-modifika taffettwax jew le l-validità taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE.

Jekk il-modifiki jkunu minuri, il-Korp notifikat jista' joħroġ verżjoni ġdida jew estensjoni taċ-ċertifikat oriġinali. Jekk il-bidliet x'aktarx li jaffettwaw il-konformità tal-makkinarju mal-EHSRs relevanti, jista' jkun hemm bżonn ta' verifiki oħrajn qabel tinħareġ il-verżjoni l-ġdida jew estensjoni taċ-ċertifikat. Il-fajl tekniku miżmum mill-fabbrikant u l-Korp notifikat għandu jiġi aġġornat kif jixraq.

Jekk il-modifika tinvolvi tali bidliet maġġuri li l-konformità tal-makkinarju mal-EHSRs applikabbli tkun teħtieġ stima ġdida, il-Korp notifikat għandu jinforma lill-applikant li ċ-ċertifikat inizjali ma għadux validu għat-tip modifikat. Jekk il-fabbrikant ikollu l-ħsieb li jkompli bil-modifiki, huwa għandu jagħmel applikazzjoni għal eżami tat-tip KE ġdid. B'mod ġenerali, dan l-eżami jista' jkun limitat għall-aspetti tal-makkinarju affettwati mill-modifiki.

Skont is-sezzjoni 7 tal-Anness IX, il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-korpi notifikati l-oħrajn jistgħu, fuq talba, jiksbu mingħand Korp notifikat kopja taċ-ċertifikati li jkun ħareġ. Fuq talba raġunata, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jiksbu kopja tal-fajl tekniku u r-riżultati tal-eżamijiet imwettqa mill-Korp notifikat. Il-Korpi Notifikati għandhom iwieġbu għal dawn it-talbiet kemm jekk jiġu indirizzati mill-awtoritajiet tal-

Istat Membru li nnotifikahom jew mill-awtoritajiet ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri l-oħrajn. It-talbiet għal dawn id-dokumenti jistgħu jsiru għall-għanijiet tas-sorveljanza tas-suq. Tali talbiet għandhom jindikaw in-natura tad-dubju dwar il-konformità tal-makkinarju kkonċernat u jkunu limitati għall-elementi li huma meħtieġa għall-investigazzjoni – ara §98 u §99: kummenti dwar l-Artikolu 4 (3) u (4).

Iċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip KE ma għandhomx bżonn jakkumpanjaw il-makkinarju meta jitqiegħed fis-suq, iżda d-Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità għandha tindika d-dettalji tal-Korp notifikat li wettaq l-eżami tat-tip KE u n-numru taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE – ara §383: kummenti dwar l-Anness II 1 A.

Is-sezzjoni 8 tal-Anness IX tittratta l-lingwa tal-fajls u l-korrispondenza li jirreferu għall-proċedura tal-eżami tat-tip KE għajr il-fajl tekniku – ara §391: kummenti dwar l-Anness VII A. L-għażla tal-lingwa uffiċjali tal-UE għal dan il-għan hija kwistjoni li għandha tiġi maqbula bejn l-applikant u l-Korp notifikat ikkonċernat.

ANNESS IX (ikompli)

. . .

9. Il-validità taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE

9.1. Il-korp notifikat għandu responsabbiltà biex jiżgura li ċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE jibqa' validu. Għandu jinforma lill-fabbrikant bi kwalunkwe tibdiliet maġġuri li jista' jkollhom implikazzjoni fuq il-validità taċ-ċertifikat. Il-korp notifikat għandu jirtira ċ-ċertifikati li ma għadhomx validi.

9.2. . Il-fabbrikant tal-makkinarju in kwistjoni għandu r-responsabbiltà kontinwa li jiżgura li dan il-makkinarju jilħaq l-aħħar teknoloġija korrispondenti.

9.3. Kull ħames snin, il-fabbrikant għandu jitlob mingħand il-korp notifikat ir-reviżjoni tal-validità taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE.

Jekk il-korp notifikat isib li ċ-ċertifikat jibqa' validu, filwaqt li jagħti każ l-aħħar teknoloġija, hu għandu jġedded iċ-ċertifikat għal ħames snin oħra.

Il-fabbrikant u l-korp notifikat għandhom iżommu l-kopja ta' dan iċ-ċertifikat, tal-fajl tekniku u d-dokumenti relevanti kollha għall-perjodu ta' 15-il sena mid-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

9.4 F'każ li l-validità taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE ma tiġġeddidx, il-fabbrikant għandu jieqaf milli jqiegħed il-makkinarju in kwistjoni fis-suq.

§400 Validità u reviżjoni taċ-ċertifikat ta' eżami tat-tip KE

Is-sezzjoni 9 tal-Anness IX tittratta l-validità taċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip KE u r-reviżjoni perjodika tagħhom.

Is-sezzjoni 9.1 tagħmel lill-Korp notifikat responsabbli biex jiżgura li ċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip KE maħruġa minnu jibqgħu validi. Din ir-responsabbiltà tiġi eżerċitata fil-limiti tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Korp notifikat. Il-Korp notifikat għandu jinforma lid-detentur taċ-ċertifikat dwar kwalunkwe bidliet maġġuri fir-rekwiżiti legali jew fl-aħħar teknoloġija, li jkun jaf li jistgħu jaffettwaw il-validità taċ-ċertifikat.

Pereżempju, minħabba li l-Korpi Notifikati għandhom isegwu s-sitwazzjoni tal-istandards relevanti għall-oqsma ta' attività tagħhom – ara §408: kummenti dwar is-

sezzjoni 8 tal-Anness XI – huma għandhom jinformaw lid-detenturi taċ-ċertifikati tagħhom dwar kwalunkwe standards armonizzati ġodda jew riveduti li jirriflettu bidliet sinjifikanti fl-aħħar teknoloġija għall-makkinarju kkonċernat – ara §162: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 3 tal-Anness I.

Il-Korpi Notifikati għandhom jinformaw ukoll lid-detenturi taċ-ċertifikati tagħhom dwar id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni relatati mal-miżuri biex jiġu indirizzati kategoriji ta' makkinarju potenzjalment perikoluż – ara §118: kummenti dwar l-Artikolu 9 – relatati mal-oġġezzjonijiet formali għal standards armonizzati – ara §121: kummenti dwar l-Artikolu 10 - jew relatati mal-proċedura ta' salvagwardja – ara §123: kummenti dwar l-Artikolu 11 – meta dawn id-Deċiżjonijiet ikollhom implikazzjonijiet għall-konformità tal-makkinarju kkonċernat.

Għall-irtirar taċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip KE – ara §135: kummenti dwar l-Artikolu 14 (6).

Is-sezzjoni 9.2 hija kumplimentari għas-sezzjoni 6 – ara §397: kummenti dwar l-Anness IX - u għas-sezzjoni 9.1. Hija tfakkar l-obbligu tal-fabbrikant li jieħu f'kunsiderazzjoni kwalunkwe evoluzzjoni sinjifikanti tal-aħħar teknoloġija li tista' tindika li l-makkinarju soġġett għal ċertifikat ta' eżami tat-tip KE ma jistax jibqa' jitqies bħala li jissodisfa ċerti EHSRs. Dan jista' jkun, pereżempju, meta jsiru disponibbli mezzi ta' protezzjoni ġodda jew aktar effettivi jew meta jiġi ppubblikat standard armonizzat ġdid jew rivedut – ara §161 u §162: kummenti dwar il-Prinċipju Ġenerali 3 tal-Anness I.

Is-sezzjoni 9.3 tistipula l-obbligu għad-detentur ta' ċertifikat ta' eżami tat-tip KE biex jitlob li ssir reviżjoni perjodika tal-validità taċ-ċertifikat kull ħames snin. Dan jimplika li ċ-ċertifikat maħruġ mill-Korp notifikat għandu jindika d-data li fiha titwaqqaf il-validità tiegħu. Il-fabbrikant huwa responsabbli biex jitlob li r-reviżjoni ssir fil-ħin, madankollu huwa utli għall-korpi notifikati li jibagħtu tfakkira lid-detenturi taċ-ċertifikati tagħhom.

Meta jirrevedi ċertifikat ta' eżami tat-tip KE, il-Korp notifikat għandu jeżamina l-fajl tekniku għall-makkinarju fid-dawl ta' kwalunkwe evoluzzjoni sinjifikanti tal-aħħar teknoloġija matul il-perjodu li jkun għadda ta' ħames snin. Fejn ikun meħtieġ għall-istima tiegħu, il-Korp notifikat għandu jwettaq verifiki fuq kampjun tal-makkinarju. Fid-dawl tar-reviżjoni, il-Korp notifikat għandu jieħu deċiżjoni fuq jekk iċ-ċertifikat għandux jiġġedded jew le għal ħames snin oħra.

Iċ-ċertifikat imġedded, il-fajl tekniku aġġornat u d-dokumenti relevanti l-oħrajn kollha huma soġġetti għall-istess rekwiżiti taż-żamma bħaċ-ċertifikat inizjali – ara §399: kummenti dwar is-sezzjoni 4 tal-Anness IX.

Is-sezzjoni 9.4 tgħid li jekk iċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE ma jiġix imġedded, il-fabbrikant għandu jwaqqaf it-tqegħid fis-suq tat-tip ta' makkinarju kkonċernat, minħabba li dan ma jkunx jista' jkompli jitqies bħala konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Makkinarju.

ANNESS X

Assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa

Dan l-Anness jispjega l-istima tal-konformità tal-makkinarju previst mill-Anness IV, iffabbrikat billi tintuża sistema ta' assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa, u jagħti deskrizzjoni tal-proċedura li biha l-korp notifikat jagħmel stima u japprova s-sistema ta' kwalità u jagħmel monitoraġġ tal-applikazzjoni tagħha.

1. Il-fabbrikant għandu jopera sistema ta' kwalità approvata għad-disinn, il-fabbrikazzjoni, l-ispezzjoni finali u t-testijiet, kif speċifikati fil-punt 2, u għandu jkun suġġett għas-sorveljanza prevista mill-punt 3.

. . .

§401 Assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa

L-Anness X jistipula waħda mill-proċeduri ta' stima ta' konformità li jistgħu jiġu segwiti għall-kategoriji ta' makkinarju elenkati fl-Anness IV – ara §129 u §130: kummenti dwar l-Artikolu 12 (3) u (4), u §388: kummenti dwar l-Anness IV. Meta tiġi segwita l-proċedura ta' assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa, il-fabbrikant ma jkunx obbligat li jkollu kull tip ta' makkinarju eżaminat minn Korp notifikat. Minflok, Korp notifikat jivvaluta u jimmonitorja l-applikazzjoni tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa tal-fabbrikant. Is-sistema għandha tiġi stabbilita u mħaddma sabiex tiżgura li l-makkinarju kkonċernat imsemmi fl-Anness IV jiġi ddisinjat u fabbrikat b'konformità mal-EHSRs applikabbli u jkun soġġett għall-ispezzjonijiet u t-testijiet meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-konformità tal-makkinarju tinżamm b'mod kostanti.

Is-sezzjoni 1 tistabbilixxi, f'termini ġenerali, l-obbligu tal-fabbrikant jew tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu li jagħżel li juża l-proċedura stipulata fl-Anness X.

ANNESS X (ikompli)

. . .

2. Is-sistema ta' kwalità

2.1. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jagħti l-applikazzjoni għall-istima tas-sistema tal-kwalità tiegħu lill-korp notifikat tal-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandu jkollha:

- *l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant u, fejn jixraq, tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu,*
- *il-postijiet tad-disinn, il-fabbrikazzjoni, l-ispezzjoni, l-ittestjar u l-ħażna tal-makkinarju,*
- *il-fajl tekniku imfisser fl-Anness VII, il-parti A, għall-mudell wieħed ta' kull kategorija tal-makkinarju previst mill-Anness IV, li huwa għandu l-intenzjoni li jiffabbrika,*
- *id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità,*
- *id-dikjarazzjoni bil-miktub li l-applikazzjoni ma ngħatatx lil korp notifikat ieħor.*

§402 L-applikazzjoni għal stima ta' sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa

Is-sezzjoni 2.1 tal-Anness X tistipula l-kontenut tal-applikazzjoni li għandha ssir mill-fabbrikant jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għall-istima ta' sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa. Tali applikazzjoni tista' ssir lil kwalunkwe Korp notifikat fl-UE li jiġi nnotifikat għall-proċedura ta' assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa u għall-kategorija jew kategoriji ta' makkinarju koperti mis-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa tal-fabbrikant.

Għalkemm l-Anness X ma jinkludi ebda rekwiżit relatat mal-lingwa li għandha tintuża fil-korrispondenza bejn il-fabbrikant u l-Korp notifikat, jista' jiġi preżunt li, għall-proċedura tal-eżami tat-tip KE, tali korrispondenza tista' tinkiteb fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE aċċettabbli għall-Korp notifikat - ara §399 kummenti dwar is-sezzjoni 8 tal-Anness IX.

It-tieni inċiż tas-sezzjoni 2.1 jesiġi li l-applikazzjoni tindika l-postijiet tad-disinn, il-fabbrikazzjoni, l-ispezzjoni, l-ittestjar u l-ħażna tal-makkinarju. L-għan ta' din l-informazzjoni huwa li tippermetti lill-Korp notifikat iwettaq l-ispezzjonijiet fuq il-post imsemmija fis-sezzjonijiet 2.3 u 3.2.

Meta l-fabbrikant jissottokuntratta jew jagħti lil ħaddieħor ix-xogħol kollu jew parti sinjifikanti mix-xogħol tad-disinn, il-fabbrikazzjoni, l-ispezzjoni, l-ittestjar jew il-ħażna tal-makkinarju, l-applikazzjoni għandha tispeċifika l-identità tas-sottokuntratturi kkonċernati u l-postijiet fejn jitwettqu l-kompiti sottokuntrattati. Il-fabbrikant tal-makkinarju huwa responsabbli biex jikseb mis-sottokuntratturi tiegħu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa għall-istima tal-aspetti tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa li japplikaw għall-kompiti sottokuntrattati. Dan ma jikkonċernax ix-xiri ta' komponenti kompleti, komponenti tas-sigurtà jew makkinarju parzjalment komplut,

iżda s-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa għandha tinkludi l-miżuri meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-adegwatezza ta' dawn il-provvisti li jiżguraw il-konformità tal-makkinarju finali.

It-tielet inċiż tas-sezzjoni 2.1 jitlob lill-fabbrikant jinkludi, bħala parti mill-applikazzjoni tiegħu għal stima tas-sistema tal-kwalità sħiħa, fajl tekniku għal mudell wieħed ta' kull kategorija ta' makkinarju kopert mis-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa. It-terminu 'kategorija' jirreferi għat-titolu tal-Anness IV: "Kategoriji ta' makkinarju li għalihom għandha tkun applikata waħda mill-proċeduri msemmija fl-Artikolu 12 (3) u (4)". Għalhekk, kull waħda mit-tieni3 partita tal-Anness IV għandha titqies bħala kategorija tal-makkinarju; f'dan il-kuntest, is-sottokategoriji tal-partiti 1, 4 u 12 tal-Anness IV għandhom jitqiesu bħala kategoriji distinti.

Il-fabbrikant għandu jipprovdi fajl tekniku wieħed għal kull kategorija tal-makkinarju li għandu jiġi fabbrikat. Għalhekk, pereżempju, jekk is-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa tkopri l-fabbrikant ta' lifts biex jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fuq il-vetturi (partita 16 tal-Anness IV) u ta' mezzi għall-irfigħ ta' persuni (partita 17 tal-Anness IV), il-fabbrikant għandu jipprovdi fajl tekniku għal mudell wieħed ta' lift biex jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq vettura u fajl tekniku għal mudell wieħed ta' mezz għall-irfigħ ta' persuni.

Minħabba li l-għan ta' dan ir-rekwiżit huwa li jippermetti lill-Korp notifikat jirrevedi l-fajls tekniċi kkonċernati sabiex tiġi żgurata l-konformità tagħhom mal-EHSRs applikabbli, il-fajl tekniku għandu jkun rappreżentattiv tal-firxa ta' prodotti tal-fabbrikant u juri l-perikli kollha ewlenin assoċjati mal-kategorija ta' makkinarju kkonċernat. Il-Korp notifikat għandu għalhekk jiżgura li l-fajl tekniku pprovdut huwa għal mudell li jirrappreżenta l-aktar makkinarju kumpless f'kull kategorija koperta mis-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa.

Il-fajl tekniku għandu jsir disponibbli għall-Korp notifikat qabel titwettaq l-ispezzjoni fil-bini tal-fabbrikant, minħabba li r-reviżjoni tal-fajl tekniku hija għodda importanti biex tiġi ċċekkjata s-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa.

Bħala regola ġenerali, il-fajl tekniku komplet għandu jiġi kkomunikat lill-Korp notifikat. Għal makkinarju kumpless ħafna, jista' ma jkunx prattiku li l-fajl tekniku komplet jiġi kkomunikat qabel l-ispezzjoni tal-bini tal-fabbrikant. F'każijiet bħal dawn, il-kontenut tad-dokumentazzjoni li għandha tintbagħat qabel il-verifika jista' jitnaqqas, bi qbil mal-Korp notifikat. Madankollu, matul il-verifika, l-elementi kollha tal-fajl tekniku għandhom isiru disponibbli.

Ir-raba' inċiż tas-sezzjoni 2.1 jirreferi għad-dokumentazzjoni dwar is-sistema tal-kwalità meħtieġa mis-sezzjoni 2.2.

L-aħħar inċiż tas-sezzjoni 2.1 jimplika li l-applikazzjoni għall-istima ta' sistema ta' kwalità sħiħa tista' tiġi indirizzata biss lil Korp notifikat wieħed. Mhijiex l-intenzjoni ta' dan ir-rekwiżit li jimpedixxi lill-fabbrikant milli jikseb diversi kwotazzjonijiet qabel jagħżel Korp notifikat għall-istima tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa tiegħu, iżda sempliċiment li jimpedih milli jgħaddi minn Korp notifikat wieħed għal ieħor sakemm wieħed minnhom japprova s-sistema tiegħu.

Ladarba l-fabbrikant jagħżel Korp notifikat biex iwettaq l-istima tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa tiegħu, huwa għandu jiddikjara li ma għamel ebda

applikazzjoni relatata mal-istess sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa lil kwalunkwe Korp notifikat ieħor.

ANNESS X (ikompli)

. . .

2.2. Is-sistema ta' kwalità għandha tiżgura l-konformità tal-makkinarju mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. L-elementi, ir-rekwiżiti u d-dispożizzjonijiet kollha adottati mill-fabbrikant għandhom ikunu dokumentati f'mod sistematiku u ordnat, fil-forma ta' miżuri, tal-proċeduri u tal-istruzzjonijiet bil-miktub. Id-dokumentazzjoni dwar is-sistema tal-kwalità għandha tippermetti l-interpretazzjoni uniformi tal-miżuri tal-proċedura u tal-kwalità, bħall-programmi tal-kwalità, il-pjanijiet, il-manwali u r-reġistri.

Għandu jkollha, b'mod partikolari, deskrizzjoni adegwata ta':

- *l-għanijiet ta' kwalità, l-istruttura tal-organizzazzjoni, u r-responsabbiltajiet u s-setgħat tal-amministrazzjoni fir-rigward tad-disinn u tal-kwalità tal-makkinarju,*
- *l-ispeċifikazzjonijiet tad-disinn tekniku, inkluż l-istandards li għandhom ikunu applikati, u fejn l-istandards imsemmija fl-Artikolu 7(2) ma jkunux applikati bis-sħiħ, il-mezzi li għandhom jintużaw sabiex jiżguraw li dawn jaderixxu mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sigurtà ta' din id-Direttiva,*
- *il-metodi ta' teknika tal-ispezzjoni tad-disinn u tal-verifika tad-disinn, il-proċessi u l-azzjonijiet sistematiċi li għandhom jintużaw meta jkun iddisinnjat il-makkinarju kopert minn din id-Direttiva,*
- *l-iffabbrikar li jikkorrispondi, il-metodi ta' tekniki tal-assigurazzjoni tal-kontroll u tal-kwalità u l-proċessi u l-azzjonijiet sistematiċi li għandhom jintużaw,*
- *l-ispezzjonijiet u t-testijiet li għandhom isiru qabel, matul u wara l-fabbrikazzjoni, u l-frekwenza li biha dawn għandhom jibdew isiru,*
- *ir-reġistri tal-kwalità, bħar-rapporti ta' spezzjonijiet u data tat-test, data tal-kalibrar, u r-rapporti dwar il-kwalifiki tal-persunal konċernat,*
- *il-mezzi tal-monitoraġġ tal-kisba tad-disinn meħtieġ u l-kwalità tal-makkinarju, kif ukoll l-operazzjoni effettiva tas-sistema tal-kwalità.*

. . .

§403 L-objettivi u l-kontenut tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa

Is-sezzjoni 2.2 tal-Anness X tistabbilixxi l-objettivi u tiġbor fil-qosor il-kontenut tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa. L-objettivi bażiċi tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa huma li jiġi żgurat li l-makkinarju kkonċernat ikun iddisinnjat u mibni b'mod konformi mal-EHSRs relevant tad-Direttiva dwar il-Makkinarju u li l-konformità tal-makkinarju ffabbrikat tiġi vverifikata u miżmuma.

L-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 2.2 jeħtieġ li s-sistema ta' kwalità kollha tiġi ddokumentata bis-sħiħ. Is-seba' inċiżi tat-tieni paragrafu tas-sezzjoni 2.2 jiġbru fil-qosor l-elementi ewlenin tad-dokumentazzjoni tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa.

L-ewwel inċiż tat-tieni paragrafu tas-sezzjoni 2.2 jittratta dwar l-objettivi u l-aspetti organizzattivi tas-sistema. L-istruttura organizzattiva u d-definizzjoni ta' responsabbiltajiet maniġerjali jridu jiżguraw li l-objettivi tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa jintlaħqu b'mod effettiv. Meta x-xogħol kollu ta' disinn, fabrikazzjoni, spezzjoni, ittestjar jew ħażna tal-makkinarju, jew partijiet sinjifikanti minnu, jitwettaq minn sottokuntratturi jew jiġi esternalizzat, id-deskrizzjoni tal-aspetti organizzattivi tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa trid tkopri r-relazzjonijiet bejn il-fabbrikant u s-sottokuntratturi tiegħu.

It-tieni inċiż tat-tieni paragrafu tas-sezzjoni 2.2 jirreferi għall-ispeċifikazzjonijiet tad-disinn tekniku użati. Meta jiġu applikati standards armonizzati, ir-referenzi tagħhom jridu jiġu ddokumentati, u għandhom jiġu indikati l-EHSRs li jkopru. Meta ma jiġux applikati standards armonizzati jew ma jiġux applikati bis-sħiħ, għandhom jiġu ddokumentati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi altrnattivi użati biex jiġu ssodisfati l-EHSRs applikabbli għall-makkinarju.

It-tielet inċiż tat-tieni paragrafu tas-sezzjoni 2.2 jirreferi għal spezzjonijiet, tekniki ta' verifika, proċessi u azzjonijiet sistematiċi mwettqa sabiex tiġi żgurata l-konformità tad-disinn tal-makkinarju. Ir-responsabbiltajiet u l-kompetenza tal-persuni inkarigati minn dawn l-azzjonijiet għandhom jiġu ddefiniti u l-azzjonijiet tagħhom għandhom ikunu jistgħu jiġu ntraċċati. L-ispezzjoni u r-reviżjoni tad-disinn għandhom isiru taħt kundizzjonijiet ikkontrollati (bi struzzjonijiet ċari, listi ta' kontroll eċċ.). Hija prattika tajba li l-ispezzjoni u l-verifika tad-disinn isiru minn persuni li ma jkunux involuti direttament fil-proċess tad-disinn innifsu.

Ir-raba' inċiż tat-tieni paragrafu tas-sezzjoni 2.2 jirreferi għall-kontroll tal-kwalità u għal tekniki ta' assigurazzjoni tal-kwalità, proċessi u azzjonijiet sistematiċi li għandhom jitwettqu sabiex jiġi żgurat li l-proċess tal-fabbrikazzjoni jipproduċi makkinarju li jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tad-disinn. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu l-mezzi sabiex jiġi żgurat li l-*komponenti bażiċi, il-komponenti tas-sigurtà jew makkinarju parzjalment komplut akkwistati fi stat komplut mingħand il-forniturijiġu kkontrollati sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-makkinarju finali.*

Il-ħames inċiż tat-tieni paragrafu tas-sezzjoni 2.2 jirreferi għal spezzjonijiet u testijiet li għandhom isiru qabel, matul u wara l-fabbrikazzjoni. Dawn jistgħu jinkludu spezzjonijiet u testijiet li għandhom isiru fuq materjali, komponenti jew submuntaturi qabel jew matul il-produzzjoni, kif ukoll spezzjonijiet u testijiet li għandhom isiru fit-tmiem tal-proċess tal-fabbrikazzjoni fuq makkinarju komplut sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni mal-ispeċifikazzjonijiet tad-disinn. In-natura tal-ispezzjonijiet u tat-testijiet, il-frekwenza tagħhom u l-kriterji ta' aċċettazzjoni jridu jiġu ddokumentati. L-azzjonijiet li għandhom jittieħdu f'każ ta' riżultati negattivi għandhom jiġu ddefiniti.

Meta l-fabbrikant jagħti b'sottokuntratt (jew jesternalizza) ix-xogħol kollu jew partijiet sinjifikanti minnu tad-disinn u/jew fabbrikazzjoni tal-makkinarju kkonċernat, l-objettivi u l-obbligi stipulati fit-tielet, ir-raba' u l-ħames inċiżi tat-tieni paragrafu tas-sezzjoni 2.2

iridu jkopru l-attivitajiet ta' disinn u/jew fabbrikazzjoni mogħtija b'sottokuntratt u l-post minn fejn isiru.

Is-sitt inċiż tat-tieni paragrafu tas-sezzjoni 2.2 jirreferi għar-rekords tal-kwalità. Id-dokumentazzjoni li tipproduċi s-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa trid tiġi kklassifikata u maħżuna sabiex l-informazzjoni tkun disponibbli kemm għall-ħtiġijiet tal-ġestjoni tas-sistema kif ukoll għal skopijiet ta' verifika.

L-aħħar inċiż tat-tieni paragrafu tas-sezzjoni 2.2 jeħtieġ li l-fabbrikant jiddefinizzi l-mezzi li għandhom jintużaw sabiex jiġi ssorveljat dak li tipproduċi s-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa sabiex jiġi żgurat li din tkun imħaddma b'mod effettiv skont id-dokumentazzjoni deskritta fis-sitt inċiżi preċedenti tas-sezzjoni 2.2. Dawn il-mezzi għandhom jiżguraw li jinstabu l-anomaliji, li tittieħed azzjoni adattata ta' rimedju u li, meta jkun meħtieġ, il-kontenut tas-sistema ta' kwalità sħiħa jiġi aġġornat jew imtejjeb.

ANNESS X (ikompli)

. . .

2.3. Il-korp notifikat għandu jagħmel stima tas-sistema ta' kwalità sabiex jiddeċiedi jekk din tissodisfax ir-rekwiżiti tal-punt 2.2.

L-elementi tas-sistema ta' kwalità li jikkonformaw mal-istandard armonizzat relevanti għandhom jitqiesu li jikkonformaw mar-rekwiżiti korrispondenti prevista mill-punt 2.2.

It-tim tal-awdituri għandu jkollhom tal-inqas membru wieħed li għandu l-esperjenza fl-istima tat-teknoloġija tal-makkinarju. Il-proċedura tal-istima għandha tinkludi l-ispezzjoni li għandha ssir fuq il-post tal-fabbrikant. Waqt l-istima t-tim ta' awdituri għandu jirrevedi l-fajls tekniċi imsemmija f' punt 2.1, it-tieni paragrafu, it-tielet inċiż biex jiżguraw il-konformità tagħhom mar-rekwiżiti relevanti tas-saħħa u tas-sigurtà.

Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jkun notifikat b'din id-deċiżjoni. In-notifika għandu jkollha l-konklużjonijiet tal-eżami u d-deċiżjoni tal-istima raġunata. Għandha tkun disponibbli l-proċedura tal-appell.

. . .

§404 Stima tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa

Is-sezzjoni 2.3 tal-Anness X tiġbor fil-qosor il-kompiti tal-Korp notifikat fir-rigward tal-istima tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 2.3 jirreferi għall-"*istandard armonizzat relevanti*". L-istandard armonizzat relevanti għal sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa huwa l-istandard EN ISO 9001.[196] L-applikazzjoni ta' dak l-istandard b'hekk toħloq

[196] EN ISO 9001:2008 *Sistemi ta' maniġment ta' kwalità - Rekwiżiti* (ISO 9001: 2008). Ir-referenza ta' dan l-istandard hija ppubblikata fil-ĠUUE fil-qafas tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-moduli għall-valutazzjoni tal-konformità – ara: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, Regolament (KE) 761/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati) - ĠU C136 16.6.2009, p. 29.

preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Anness X, kemm-il darba s-sistema tal-kwalità sħiħa tiżgura l-konformità tal-prodotti kkonċernati mar-rekwiżiti speċifiċi tad-Direttiva dwar il-Makkinarju (imsemmija fl-istandard bħala *'rekwiżiti statutorji u regolatorji applikabbli għall-prodott'*). Madankollu, l-applikazzjoni tal-istandard EN ISO 9001 u ċ-ċertifikazzjoni kontra dan l-istandard minn korp taċ-ċertifikazzjoni mhumiex obbligatorji.

Il-Korp notifikat li jwettaq l-istima ta' sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa skont l-Anness X ma jistax jibbaża totalment fuq ċertifikazzjoni eżistenti tas-sistema skont EN ISO 9001, iżda huwa f'idejn il-Korp notifikat biex jiddetermina sa liema grad hija meħtieġa stima ulterjuri.

It-tielet u r-raba' paragrafi tas-sezzjoni 2.3 jirreferu għall-verifika tas-sistema tal-kwalità sħiħa. It-tim tal-verifika jrid jinkludi ta' mill-inqas awditur wieħed li jkun espert dwar l-istima tat-teknoloġija tal-kategoriji ta' makkinarju kkonċernati mis-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa. In-numru ta' awdituri meħtieġa jiddependi fuq il-kamp ta' applikazzjoni u l-kumplessità tad-disinn u l-proċess ta' manifattura koperti mis-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa. Pereżempju, jekk is-sistema tkun tkopri diversi kategoriji ta' makkinarju b'teknoloġija jew makkinarju differenti li jinkorporaw sistemi ta' kontroll elettroniċi kumplessi, jista' jkun meħtieġ aktar minn expert tekniku wieħed.

It-tielet paragrafu tas-sezzjoni 2.3 jgħid li l-verifika għandha tinkludi spezzjoni li għandha ssir fuq il-post tal-fabbrikant. Meta d-disinn, il-fabbrikazzjoni, l-ispezzjoni u l-ittestjar tal-makkinarju isiru f'aktar minn sit wieħed, l-ispezzjonijiet neċessarji għandhom isiru minn jew taħt ir-responsabbiltà tal-Korp notifikat fis-siti kollha li jkunu relevanti sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-prodott mal-EHSRs applikabbli, inklużi s-siti ta' sussidjarji tal-fabbrikant jew ta' sottokuntratturi sinjifikanti – ara §395: kummenti dwar is-sezzjoni 2.1 tal-Anness X. F'dan ir-rigward, il-fabbrikanti stabbiliti fi ħdan l-UE u barra mill-UE għandhom jirċievu l-istess trattament.

It-tul ta' żmien tal-verifika għandu jiġi ddeterminat mill-Korp notifikat waqt li jiġu kkunsidrati fatturi bħal, pereżempju, in-numru ta' siti ta' fabbrikazzjoni, il-kumplessità tal-proċess tal-fabbrikazzjoni, l-ammont ta' xogħol mogħti b'sottokuntratt, in-numru, il-varjetà u l-kumplessità tat-tipi ta' makkinarju prodotti u l-volum tal-produzzjoni. Il-gwida mogħtija mill-Forum Internazzjonali tal-Akkreditazzjoni tista' tintuża bħala bażi sabiex jiġi ddeterminat it-tul ta' żmien minimu għall-verifika.[197]

It-tielet sentenza tat-tielet paragrafu tas-sezzjoni 2.3 ukoll tirreferi għar-reviżjoni tal-fajl tekniku (jew fajls tekniċi) sottomess(i) mal-applikazzjoni għal stima tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa skont it-tielet inċiż tas-sezzjoni 2.1.

Ir-reviżjoni tal-kampjun tal-fajl tekniku (jew fajls tekniċi) hija waħda mill-kontrolli li għandhom isiru mill-Korp notifikat sabiex jiġi żgurat li s-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa tal-fabbrikant tkun adegwata. Ir-reviżjoni tal-fajl tekniku (jew fajls tekniċi) li għandha ssir fil-qafas tal-istima ta' sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa hija

[197] *Gwida tal-IAF dwar l-Applikazzjoni tal-Gwida ISO/IEC 62:1996 –Rekwiżiti Ġenerali għal Korpi li Joperaw Valutazzjoni u Ċertifikazzjoni/reġistrazzjoni ta' Sistemi ta' Kwalità*, Ħarġa 3 (IAF GD 2: 2003) – Anness 2: *Ħin tal-Awditur*:
http://elsmar.com/pdf_files/IAF-GD2-2003_Guide_62_Issue_3_Pub.pdf

simili għal dik meħtieġa għal eżami tat-tip KE, iżda mingħajr spezzjoni ddettaljata tal-makkinarju - ara §398: kummenti dwar is-sezzjoni 3.1 tal-Anness IX.

Meta jiġu applikati standards armonizzati għad-disinn tal-makkinarju, il-Korp notifikat għandu jivverifika li ntgħażlu l-istandards adattati, li l-aktar verżjonijiet reċenti huma disponibbli u li l-fabbrikant jissorvelja l-iżvilupp tal-istandards relevanti. Meta jiġu applikati speċifikazzjonijiet oħrajn ta' disinn tekniku, il-Korp notifikat għandu jivverifika li dawn huma ġġustifikati mill-istima tar-riskju u li jissodisfaw l-EHSRs applikabbli, waqt li titqies l-aħħar teknoloġija.

Ir-reviżjoni tal-fajl tekniku tgħin ukoll lill-Korp notifikat sabiex jidentifika l-aspetti l-oħrajn tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa li għandhom jiġu spezzjonati. Matul il-verifika, il-Korp notifikat għandu jikkontrolla li l-fajls tekniċi għal mudelli oħrajn tal-makkinarju huma kkumplilati permezz tal-istess approċċ bħal dak użat għall-kampjun tal-fajl tekniku (jew fajls tekniċi) sottomess(i) mal-applikazzjoni.

Ir-raba' paragrafu tas-sezzjoni 2.3 jirreferi għan-notifika tad-deċiżjoni ta' approvazzjoni ta' sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa. Id-deċiżjoni tal-approvazzjoni li għandha tkun innotifikata lill-applikant wara l-verifika għandha tkun akkumpanjata minn jew tirreferi għal rapport ta' verifika bil-miktub. Id-deċiżjoni tal-approvazzjoni għandha tispeċifika b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni tal-approvazzjoni, waqt li tindika l-kategoriji ta' makkinarju tal-Anness IV koperti u l-indirizzi tas-siti tal-fabbrikazzjoni li ġew spezzjonati. Għandha tissemma kull limitazzjoni partikolari li għaliha tkun soġġetta l-approvazzjoni. Id-deċiżjoni għandha tindika d-data ta' meta nħarġet u d-data tal-iskadenza tagħha.

Jekk il-Korp notifikat jiddeċiedi li ma japprovax is-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa, huwa għandu jinforma lill-applikant dwar id-deċiżjoni tiegħu, waqt li jagħti raġunijiet iddettaljati u jindika l-proċedura biex isir appell kontra d-deċiżjoni - ara §135: kummenti dwar l-Artikolu 14 (6). F'dak il-każ, ir-rapport tal-verifika għandu jkun fih informazzjoni u spjegazzjoni suffiċjenti sabiex il-fabbrikant ikun jista' jidentifika n-nuqqasijiet fis-sistema tiegħu u jieħu l-miżuri korrettivi xierqa qabel ma' jitlob żjara ta' stima oħra.

ANNESS X (ikompli)

. . .

2.4. Il-fabbrikant għandu jagħti l-garanzija li jwettaq l-obbligi li jkunu ġejjin mis-sistema ta' kwalità kif approvata u li jiżgura li din tibqa' xierqa u effettiva.

Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jinforma lill-korp notifikat li jkun approva s-sistema ta' kwalità bi kwalunkwe tibdil ippjanat fiha.

Il-korp notifikat għandu jagħmel stima tal-bidliet proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema ta' assikurazzjoni ta' kwalità modifikata hijiex ser tibqa tissodisfa r-rekwiżiti prevista mill-punt 2.2, jew jekk hemmx bżonn ta' stima mill-ġdid.

Hu għandu jinnotifika lill-fabbrikant bid-deċiżjoni tiegħu. In-notifika għandu jkollha l-konklużjonijiet tal-eżami u d-deċiżjoni tal-istima raġunata.

. . .

§405 *Implimentazzjoni u modifikazzjoni tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa*

L-ewwel paragrafu tas-sezzjoni 2.4 tal-Anness X jenfasizza l-obbligu tal-fabbrikant biex jimplimenta s-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa approvata, biex jissorvelja l-implimentazzjoni tagħha u biex jaġġorna u jtejjeb is-sistema kif meħtieġ.

It-tieni paragrafu tas-sezzjoni 2.4 jeħtieġ li l-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jinforma lill-Korp notifikat dwar kwalunkwe bidla ppjanata għas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa. Peress li l-iskop tas-sistema huwa li jiġi żgurat li l-fabbrikant ikun jista' jiddisinnja u jimmanifattura mudelli ta' makkinarju ġodda mingħajr ma jirrikorri għan Korp notifikat kull darba, il-Korp notifikat m'għandux għalfejn jiġi infurmat dwar bidliet għad-disinn tal-makkinarju koperti mis-sistema jew l-introduzzjoni ta' mudelli ġodda, kemm-il darba dawk il-bidliet ma jkunux jinvolvu modifiki għas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa nfisha. Bidliet li dwarhom għandu jiġi infurmat il-Korp notifikat jinkludu, pereżempju:

- iż-żieda ta' faċilitajiet jew siti ġodda ta' fabbrikazzjoni;
- l-għoti b'sottokuntrattar jew esternalizzazzjoni ta' attivitajiet ta' fabbrikazzjoni jew it-teħid lura ta' attivitajiet ta' fabbrikazzjoni li preċedentement kienu ngħataw b'sottokuntratt jew ġew esternalizzati;
- estensjonijiet tas-sistema biex jiġu koperti kategoriji ġodda ta' makkinarju tal-Anness IV;
- estensjonijiet tas-sistema biex ikopru makkinarju li jappartjeni għall-istess kategorija tal-Anness IV iżda bl-użu ta' teknoloġija differenti;
- l-introduzzjoni ta' tekniki ġodda ta' fabbrikazzjoni;
- bidliet għall-metodi tal-kontroll tal-kwalità;
- organizzazzjoni mill-ġdid tal-ġestjoni tal-kwalità.

Skont it-tielet paragrafu tas-sezzjoni 2.4, hija r-responsabbiltà tal-Korp notifikat biex jiddetermina jekk humiex meħtieġa verifiki u biex jevalwa l-adegwatezza tal-partijiet jew aspetti tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa li għandhom jiġu mmodifikati.

Wara li jkunu saru l-verifiki meħtieġa b'mod konformi mar-raba' paragrafu tas-sezzjoni 2.4, id-deċiżjoni tal-Korp notifikat għandha tiġi nnotifikata lill-applikant taħt l-istess kundizzjonijiet bħad-deċiżjoni inizjali, waqt li għandha tiġi indikata, fejn xieraq, il-proċedura għal appell kontra d-deċiżjoni – ara §404: kummenti dwar is-sezzjoni 2.3 tal-Anness X.

ANNESS X (ikompli)

. . .

3. Is-sorveljanza taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat

3.1. L-iskop tas-sorveljanza huwa li jkun żgurat li l-fabbrikant iwettaq kif jixraq l-obbligi tiegħu li ġejjin mis-sistema ta' kwalità approvata.

3.2. Il-fabbrikant għandu, għall-iskopijiet tal-ispezzjoni, jagħti lill-korp notifikat aċċess għall-postijiet tad-disinn, tal-fabbrikazzjoni, tal-ispezzjoni, tal-ittestjar u tal-ħażna, u għandu jagħtih l-informazzjoni kollha neċessarja, bħal:

— id-dokumentazzjoni dwar is-sistema ta' kwalità,

— ir-reġistri tal-kwalità msemmija f'dik il-parti tas-sistema ta' kwalità dwar id-disinn, bħar-riżultati tal-analiżi, il-kalkolazzjonijiet, testijiet, eċċ.,

— ir-reġistri tal-kwalità msemmija f'dik il-parti tas-sistema ta' kwalità dwar il-fabbrikazzjoni, bħar-rapporti ta' spezzjonijiet u data tat-test, data tal-kalibrar, rapporti dwar il-kwalifiki tal-persunal konċernat, eċċ.

3.3. Il-korp notifikat għandu jagħmel verifiki perjodiċi sabiex jiżgura li l-fabbrikant qiegħed iżomm u japplika s-sistema ta' kwalità; għandu jagħti lill-fabbrikant rapport tal-verifika. Il-frekwenza tal-verifiki perjodiċi għandha tkun tali li stima sħiħa mill-ġdid issir kull tliet snin.

3.4. Minbarra dan, il-korp notifikat jista' jżur lill-fabbrikant mingħajr avviż minn qabel. Il-bżonn ta' dawn iż-żjarat addizzjonali u l-frekwenza tagħhom għandhom ikunu deċiżi fuq il-bażi tas-sistema ta' monitoroġġ taż-żjarat mmexxija mill-korp notifikat. B'mod partikolari, għandu jittieħed kont tal-fatturi li ġejjin fis-sistema tal-monitoraġġ taż-żjarat:

- *ir-riżultati taż-żjarat tas-sorveljanza ta' qabel,*
- *il-bżonn ta' miżuri ta' rimedju tal-monitoraġġ,*
- *fejn ikun jixraq, kondizzjonijiet speċjali li jkunu mal-approvazzjoni tas-sistema,*
- *modifiki sinifikanti fl-organizzazzjoni tal-proċess tal-fabbrikazzjoni, il-miżuri jew it-tekniki.*

Fl-okkazzjoni ta' dawn iż-żjarat, il-korp notifikat jista', jekk ikun hemm il-bżonn, jagħmel testijiet jew iġiegħel li jsiru testijiet sabiex jikkontrolla l-funzjoni kif suppost tas-sistema tal-kwalità. Dan għandu jagħti lill-fabbrikant ir-rapport tal-viżta u, jekk ikun sar test, ir-rapport tat-test.

§406 Sorveljanza tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa

Is-sezzjoni 3 tal-Anness X tittratta dwar is-sorveljanza tal-implimentazzjoni kontinwa ta' sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa approvata taħt ir-responsabbiltà tal-Korp notifikat li jkun ħareġ id-deċiżjoni inizjali tal-approvazzjoni.

Din is-sorveljanza ssir permezz tal-verifiki perjodiċi msemmija fis-sezzjoni 3.3 u ż-żjarat mhux imħabbra msemmija fis-sezzjoni 3.4.

Għall-finijiet ta' dawn il-verifiki u żjarat, is-sezzjoni 3.2 teħtieġ li l-fabbrikant jippermetti aċċess lill-Korp notifikat għas-siti kollha relevanti ta' disinn u fabbrikazzjoni u għad-dokumentazzjoni relevanti.

It-tul ta' żmien u l-frekwenza tal-verifiki perjodiċi msemmija fis-sezzjoni 3.3 għandhom jiġu ddeterminati mill-Korp notifikat, waqt li jitqiesu fatturi bħal, pereżempju, in-numru ta' siti ta' fabbrikazzjoni, il-kumplessità tal-proċess tal-fabbrikazzjoni, l-ammont ta' xogħol mogħti b'sottokuntratt, in-numru, il-varjetà u l-kumplessità tat-tipi ta' makkinarju prodotti u l-volum tal-produzzjoni. Skont ir-Rakkomandazzjoni għall-Użu CNB/M/13.021 ta' NB-M – ara §137: kummenti dwar l-Artikolu 14 (7) – il-perjodu bejn il-verifiki m'għandux ikun itwal minn 12-il xahar. Il-Korp notifikat għandu jqis ukoll l-esperjenza minn verifiki preċedenti meta jiddetermina l-frekwenza tal-verifiki perjodiċi. Jekk ċerti verifiki perjodiċi jkunu llimitati għal partijiet tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa, il-Korp notifikat għandu jiżgura li l-elementi kollha tas-sistema jiġu evalwati mill-ġdid ta' mill-inqas kull tliet snin.

Wara verifika perjodika, il-Korp notifikat għandu jikkomunika lill-fabbrikant rapport ta' verifika u jinfurmah dwar jekk l-approvazzjoni tas-sistema tiegħu tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa hijiex imġedda, taħt l-istess kundizzjonijiet bħad-deċiżjoni inizjali, waqt li jindika, fejn xieraq, il-proċedura għal appell kontra d-deċiżjoni – ara §404: kummenti dwar is-sezzjoni 2.3 tal-Anness X.

Is-sezzjoni 3.4 tindika wħud mir-raġunijiet li jistgħu joħolqu l-ħtieġa għal żjarat mhux imħabbra. Il-ħtieġa għal dawn iż-żjarat u l-frekwenza tagħhom huma kwistjoni li għandha tiġi ddeterminata mill-Korp notifikat. Ilment immotivat kif suppost indirizzat lill-Korp notifikat mill-Kummissjoni, minn Stat Membru, minn fabbrikant, minn Korp notifikat ieħor jew minn kwalunkwe parti interessata oħra huwa wieħed mill-fatturi li jista' jagħti lok għal żjara mhux mistennija. Fattur ieħor jista' jkun li l-Korp notifikat ikun sar jaf dwar modifiki fl-organizzazzjoni, fil-proċess tal-fabbrikazzjoni, fil-miżuri jew tekniki tal-fabbrikant. Tali żjara tista' tkun meħtieġa wkoll jekk awtorità ta' sorveljanza tas-suq tiskopri n-nuqqas ta' konformità tal-makkinarju koperti mis-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa jew jekk tali makkinarju jkun soġġett għal Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-proċedura ta' salvagwardja. Skont Rakkomandazzjoni tal-NB-M, il-ftehim kuntrattwali bejn il-Korp notifikat u l-fabbrikant għandu jipprevedi l-possibbiltà ta' tali żjarat.

Il-Korp notifikat jista' jwettaq testijiet (jew iqabbad lil ħaddieħor biex jagħmilhom) fuq il-prodott meta jkun neċessarju li jiġi vverifikat li s-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa qed taħdem sew. Dawk it-testijiet ġeneralment għandhom ikunu llimitati għal każijiet fejn ikun hemm dubju raġonevoli dwar l-effettività tas-sistema.

Wara żjara mhux imħabbra, għandhom jintbagħtu rapport taż-żjara u, fejn xieraq, rapport tat-test, lill-fabbrikant taħt l-istess kundizzjonijiet bħar-rapporti tal-verifika.

Jekk, matul verifika perjodika jew żjara mhux imħabbra, il-Korp notifikat jidentifika jew:

- nuqqas ta' konformità tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa mar-rekwiżiti stipulati fis-sezzjoni 2.2 tal-Anness X, jew
- nuqqas ta' konformità tal-makkinarju ffabbrikat taħt is-sistema,

il-Korp notifikat għandu jissospendi l-approvazzjoni tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa u jeħtieġ li l-fabbrikant jirrisolvi n-nuqqasijiet ta' konformità fi żmien

speċifikat. Jekk in-nuqqasijiet ta' konformità ma jiġux ikkoreġuti b'mod xieraq jew fiż-żmien speċifikat, il-Korp notifikat għandu jirtira l-approvazzjoni tiegħu tas-sistema tal-kwalità – ara §135: kummenti dwar l-Artikolu 14 (6).

It-tqegħid fis-suq ta' makkinarju tal-Anness IV soġġett għall-proċedura ta' assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa għandu jieqaf jekk l-approvazzjoni tas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa tal-fabbrikant tiġi sospiża jew irtirata mill-Korp notifikat.

ANNESS X (ikompli)

. . .

4. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jżomm disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali, għall-perjodu ta' għaxar snin mill-aħħar data tal-fabbrikazzjoni:

– *id-dokumentazzjoni prevista mill-punt 2.1,*

– *id-deċiżjonijiet u r-rapporti tal-korp notifikat previsti mill-punt 2.4, it-tielet u r-raba' subparagrafu, u mill-punti 3.3 u 3.4.*

§407 Kustodja tad-dokumentazzjoni, deċiżjonijiet u rapporti relatati mas-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa

Is-sezzjoni 4 tal-Anness X teħtieġ li l-fabbrikant li jkollu sistema approvata tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jżommu d-dokumentazzjoni, id-deċiżjonijiet u r-rapporti relatati mas-sistema disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin mill-aħħar data tal-fabbrikazzjoni. Din hija d-data meta tkun tlestiet il-fabbrikazzjoni tal-aħħar unità ta' makkinarju tal-Anness IV koperta mis-sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa. Dawn id-dokumenti jistgħu jkunu meħtieġa matul is-sorveljanza tas-suq – ara §99: kummenti dwar l-Artikolu 4 (3) u (4).

Dan l-obbligu jikkumplimenta l-obbligu ġenerali tal-fabbrikant fir-rigward taż-żamma tal-fajl tekniku għal kull tip ta' makkinarju ffabbrikat – ara §393: kummenti dwar l-Anness VII A 2.

ANNESS XI

Kriterji minimi li għandu jittieħed kont tagħhom mill-Istati Membri għan-notifika tal-korpi

1. *Il-korp, id-direttur tiegħu, u l-persunal responsabbli sabiex jitwettqu t-testijiet tal-verifika ma għandhomx ikunu d-disinnjatur, il-fabbrikant, il-fornitur jew min jinstalla l-magni li huma jispezzjonaw, lanqas ir-rappreżentant awtorizzat ta' kwalunkwe wieħed minn dawn il-partijiet. Dawn ma għandhomx jinvolvu rwieħhom, la direttament u lanqas bħala r-rappreżentanti awtorizzati fid-disinn, il-kostruzzjoni, il-bejgħ jew iż-żamma tal-magni. Dan ma jipprekludix il-possibbiltà ta' skambju ta' informazzjoni teknika bejn il-fabbrikant u l-korp.*

2. *Il-korp u l-persunal tiegħu għandhom jagħmlu t-testijiet tal-verifika bl-ogħla grad ta' integrità professjonali u kompetenza teknika u għandhom ikunu liberi mill-pressjonijiet u t-tħajjir kollha, b'mod partikolari dak finanzjarju, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati tal-ispezzjoni, speċjalment mill-persuni jew il-gruppi ta' persuni b'interess fir-riżultat tal-verifiki.*

3. *Għal kull kategorija ta' makkinarju li dwaru jkun notifikat, il-korp għandu jkollu l-persunal bl-għerf tekniku u l-esperjenza suffiċjenti u xierqa biex jagħmel l-istima ta' konformità. Għandu jkollu l-mezzi neċessarji biex ilesti x-xogħol tekniku u amministrattiv marbut mal-implimentazzjoni tal-kontrolli f'manjiera li tixraq; għandu jkollu aċċess ukoll għat-tagħmir neċessarju għall-kontrolli eċċezzjonali.*

4. *Il-persunal responsabbli mill-ispezzjoni għandu jkollu:*

   – *taħriġ vokazzjonali u tekniku tajjeb,*

   – *għarfien sodisfaċenti tar-rekwiżiti tat-testijiet li jagħmel u l-esperjenza adegwata għal tali testijiet,*

   – *il-kapaċità li jħejji ċ-ċertifikati, ir-reġistri u r-rapporti meħtieġa biex jawtentika t-twettiq tat-testijiet.*

5. *Għandha tkun garantita l-imparzjalità tal-persunal tal-ispezzjoni. Ir-rimunerazzjoni ma għandhiex tiddependi fuq in-numru tat-testijiet li jsiru jew fuq ir-riżultati ta' dawn it-testijiet.*

6. *Il-korp għandu jkun assigurat għar-responsabbiltà salv jekk ir-responsabbiltà tiegħu tittieħed mill-Istat skont il-liġi nazzjonali, jew jekk l-Istat Membru nnifsu jkun direttament responsabbli għal dawk it-testijiet.*

7. *Il-persunal tal-korp għandu jkun marbut li josserva s-sigriet professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba fit-twettiq ta' xogħolu (salv fir-rigward tal-awtoritajiet amministrattivi kompetenti tal-Istat Membru li fih isiru l-attivitajiet tiegħu) taħt din id-Direttiva jew kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li jagħtuha effett.*

8. *Il-korpi notifikati għandhom jipparteċipaw f'attivitajiet ta' koordinazzjoni. Huma għandhom jieħdu sehem ukoll b'mod dirett jew ikunu rappreżentati fi*

standardizzazzjoni, jew jiżguraw l-għarfien tagħhom tas-sitwazzjoni fir-rigward tal-istandards relevanti.

9. *L-Istati Membri jistgħu jieħdu l-miżuri neċessarji kollha li huma jqisu neċessarji sabiex jiżguraw li, f'każ li jieqfu l-attivitajiet tal-korp notifikat, il-fajl tal-klijenti tiegħu jintbagħtu lil korp ieħor jew li jsiru disponibbli għall-Istati Membri li nnotifikawh.*

§408 Kriterji minimi għall-istima ta' Korpi Notifikati

Il-Korpi Notifikati li għandhom iwettqu l-proċedura ta' stima ta' konformità tal-eżami tat-tip KE stabbilita fl-Anness IX u l-proċedura ta' assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa stabbilita fl-Anness X għal makkinarju li jappartjeni għall-kategoriji elenkati fl-Anness IV għandhom jiġu evalwati, maħtura u nnotifikati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri – ara §133: kummenti dwar l-Artikolu 14 (1) sa (5).

L-Anness XI jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri meta jevalwaw Korpi Notifikati kandidati qabel il-ħatra tagħhom skont l-Artikolu 14 (1) u meta jkunu qed jissorveljaw l-attività tagħhom skont l-Artikolu 14 (2). Dawn huma kriterji minimi - fi kliem ieħor, l-Istati Membri huma intitolati li jistipulaw rekwiżiti ulterjuri għall-korpi li jaħtru, kemm-il darba d-disa' kriterji stipulati fl-Anness XI ikunu ssodisfati.

L-istima u monitoraġġ tal-Korpi Notifikati jistgħu jsiru permezz ta' akkreditazzjoni bbażata fuq l-istandards armonizzati relevanti – ara §134: kummenti dwar l-Artikolu 14 (2), (3) u (5).

Is-sezzjoni 1 tal-Anness XI tistabbilixxi l-kriterju ta' indipendenza tal-korp, tad-direttur tiegħu u tal-persunal. Il-Korpi Notifikati għal makkinarju huma korpi terzi ta' stima ta' konformità li għandhom ikunu indipendenti mil-lat organizzattiv u ekonomiku mill-Partijiet involuti fid-disinn, il-fabbrikazzjoni, il-forniment, il-kummerċjalizzazzjoni, l-installazzjoni jew il-manutenzjoni tal-makkinarju.

Is-sezzjonijiet 2 u 5 jittrattaw dwar l-integrità professjonali, il-kompetenza teknika u l-imparzjalità tal-korp u tal-persunal tiegħu.

Is-sezzjonijiet 3 u 4 jeħtieġu li l-korp ikollu personal bl-għarfien, taħriġ u esperjenza meħtieġa biex iwettaq l-aspetti tekniċi u amministrattivi tal-istima tal-konformità. L-istima ta' dawn l-aspetti għandha tikkunsidra kemm il-kategorija jew kategoriji ta' makkinarju tal-Anness IV kif ukoll il-proċedura(i) li għalihom il-korp jixtieq li jiġi nnotifikat.

Is-sezzjoni 3 teħtieġ ukoll li l-korp ikollu l-mezzi meħtieġa biex iwettaq il-kompiti tekniċi u amministrattivi involuti fil-proċedura ta' stima tal-konformità li għalihom ikun jixtieq li jiġi nnotifikat u li jkollu aċċess għat-tagħmir meħtieġ għall-kontrolli eċċezzjonali. B'hekk, bħala regola ġenerali, il-Korp notifikat irid ikollu hu stess il-faċilitajiet u t-tagħmir meħtieġa biex iwettaq l-ispezzjonijiet, il-kejl u t-testijiet meħtieġa mill-proċedura ta' stima tal-konformità inkwistjoni. Madankollu, kontrolli eċċezzjonali jistgħu jsiru minn sottokuntratturi – ara §398: kummenti dwar is-sezzjoni 3.1 tal-Anness IX.

Is-sezzjoni 6 teħtieġ li l-korp ikollu assikurazzjoni għar-responsabbiltà sakemm l-Istat ma jkunx jassumi r-responsabbiltà għalih.

Is-sezzjoni 7 teħtieġ li l-persunal tal-Korp notifikat ikun marbut li josserva s-segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kunfidenzjali miksuba matul attività ta' stima tal-konformità. Din ma taffettwax l-obbligi tal-Korp notifikat biex jipprovdi informazzjoni lill-awtorità notifikanti, peress li l-awtoritajiet tal-Istati Membri nfushom huma marbuta li jirrispettaw il-kunfidenzjalità ta' tali informazzjoni - ara §143: kummenti dwar l-Artikolu 18.

Is-sezzjoni 8 teħtieġ li l-Korpi Notifikati jipparteċipaw f'attivitajiet ta' koordinazzjoni. Dan il-kriterju jista' jiġi ssodisfat jekk il-Korp notifikat jieħu sehem direttament fil-ħidma tal-Koordinazzjoni Ewropea ta' Korpi Notifikati għal makkinarju, NB-M, jew jieħu sehem fi struttura ta' koordinazzjoni f'livell nazzjonali li huwa rappreżentat f'NB-M – ara §137: kummenti dwar l-Artikolu 14 (7).

Is-sezzjoni 8 teħtieġ ukoll li l-Korpi Notifikati jieħdu sehem direttament jew ikunu rappreżentati fl-istandardizzazzjoni Ewropea, jew li jagħmlu ċert li jkunu jafu s-sitwazzjoni fir-rigward tal-istandards relevanti. Il-parteċipazzjoni ta' Korpi Notifikati fl-iżvilupp ta' standards għall-kategoriji ta' makkinarju li għalihom jiġu nnotifikati hija importanti sabiex jiġi żgurat li l-istandards jikkunsidraw l-esperjenza tal-ispezzjoni u l-ittestjar tal-makkinarju kkonċernat. Huwa importanti wkoll għall-Korpi Notifikati li mhux biss ikollhom għarfien adegwat tal-istandards armonizzati ppubblikati iżda wkoll li jsegwu l-iżvilupp ta' standards ġodda u rriveduti. Għal dan il-għan, jistgħu jkunu involuti direttament fl-istandardizzazzjoni f'livell Ewropew jew, ta' mill-inqas, ikunu affiljati mal-grupp(i) nazzjonali tal-istandardizzazzjoni li jsegwu l-iżvilupp tal-istandards relevanti għall-attività tagħhom – ara §112: kummenti dwar l-Artikolu 7 (2).

L-għan tas-sezzjoni 9 huwa li tiżgura li, f'każ ta' waqfien tal-attivitajiet ta' Korp notifikat, jew minħabba li l-korp ma jibqax jeżisti jew inkella għaliex tiġi rtirata n-notifikazzjoni tiegħu, isiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex jiġi żgurat li d-dokumenti relevant xorta waħda jkunu jistgħu jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq jekk ikun meħtieġ – ara §399: kummenti dwar l-Anness IX 7, u §407: kummenti dwar l-Anness X 4. Dan jista' jinkiseb jew permezz tat-trasferiment tad-dokumenti lil Korp notifikat ieħor, bi ftehim mal-fabbrikant ikkonċernat, jew inkella billi d-dokumenti jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-awtorità notifikanti.+++

INDIĊI

Suġġett	*Direttiva 2006/42/KE*	Gwida
A		
Aċċess		
- għall-pożizzjonijiet tat-tħaddim u l-punti ta' servicing	*Anness I – Sezzjoni 1.6.2*	§240
- mezzi ta' aċċess (mobilità)	*Anness I – Sezzjoni 3.4.5*	§317
- għall-ġarrier (rfigħ ta' persuni)	*Anness I – Sezzjoni 6.4.3*	§380
Aċċessorji	*Anness I – Sezzjoni 1.1.2 (e)*	§177
Aċċessorji tal-irfigħ (definizzjoni)	*Artikolu 1 (1) (d) u Artikolu 2 (d)*	§43
- aċċessorji u komponenti tal-irfigħ	*Anness I – Sezzjoni 4.1.2.5*	§341
- immarkar	*Anness I – Sezzjoni 4.3.2*	§358
- struzzjonijiet	*Anness I – Sezzjoni 4.4.1*	§360
Adegwatezza għall-fini tal-użu maħsub (rfigħ)	*Anness I – Sezzjoni 4.1.3*	§350 sa §352
Affidabbiltà ta' sistemi ta' kontroll	*Anness I – Sezzjoni 1.2.1*	§184
Aġġustament		
- operatur	*Anness I – Sezzjoni 1.1.1 (d)*	§167
- struzzjonijiet	*Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (r) u (s)*	§272
Akkreditazzjoni ta' Korpi Notifikati	*Artikolu 14 (2), (3) u (5)*	§134
Ambjent perikoluż (pożizzjoni tat-tħaddim)	*Anness I – Sezzjoni 1.1.8*	§182
Apparat għat-trasmissjoni mekkanika li jista' jitneħħa	*Artikolu 1 (1) (f) u Artikolu 2 (f)*	§45
(definizzjoni)	*Anness I – Sezzjoni 3.4.7*	§319
- rekwiżiti	*Anness IV – Partiti 14 u 15*	§388
- proċeduri ta' stima ta' konformità	*Anness V – Partita 1*	§389
- mezzi ta' lqugħ		
Apparat mediku li jiġi impjantat fil-ġisem (struzzjonijiet)	*Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (v)*	§274
Apparat protettiv (definizzjoni)	*Anness I – Sezzjoni 1.1.1 (g)*	§170
- rekwiżiti	*Anness I – Sezzjoni 1.4.3*	§221
- biex tiġi indikata l-preżenza ta' persuni	*Anness IV – Partita 19*	§388
	Anness V – Partita 2	§389
- komponenti tas-sigurtà	*Anness V – Partita 7*	§389
Apparat protettiv elettro-sensittivi	*Anness I – Sezzjoni 1.4.3*	§221
Apparat protettiv sensittiv għall-pressjoni	*Anness I – Sezzjoni 1.4.3*	§221
Applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju	*Artikolu 26 (1)*	§153
Applikazzjoni tar-rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà	*Anness I – Prinċipju Ġenerali 2*	§160
Armi (esklużjoni)	*Premessa 6*	§9
	Artikolu 1 (2) (d)	§51
Armi tan-nar (esklużjoni)	*Premessa 6*	§9
	Artikolu 1 (2) (d)	§51
B		
Band-saws	*Anness IV – Partita 4*	§388
Bastimenti li jbaħħru (esklużjoni)	*Artikolu 1 (2) (f)*	§58
Batteriji	*Anness I – Sezzjoni 3.5.1*	§320
Bejgħ ta' makkinarju (tqegħid fis-suq)	*Artikolu 2 (h)*	§74
Binarji ta' gwida u linji tal-binarji	*Anness I – Sezzjoni 4.1.2.2*	§336
Brejk ta' emerġenza (mobilità)	*Anness I – Sezzjoni 3.3.3*	§307
Brejkijiet (mobilità))	*Anness I – Sezzjoni 3.3.3*	§307
C		

CEN (organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni)	***Artikolu 7 (2)***	**§112**
Cenelec (organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni)	***Artikolu 7 (2)***	**§112**

Ċ

Ċilindri (rfigħ)	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.4***	**§340**
Ċineg (definizzjoni)	***Artikolu 1 (1) (e) u Artikolu 2 (e)***	**§44**
- aċċessorji u komponenti tal-irfigħ	***Anness I – Sezzjonijiet 4.1.2.5***	**§341**
- informazzjoni u marki	***Anness I – Sezzjoni 4.3.1***	**§357**
Ċirkolazzjoni fuq it-triq ta' makkinarju mobbli	***Anness I – Sezzjoni 3.3.3***	**§308**
- tabelli, sinjali u twissijiet	***Anness I – Sezzjoni 3.6.1***	**§323**

D

Dawl	***Anness I – Sezzjoni 1.1.4***	**§179**
Deċiżjonijiet (sistema tal-assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa)	***Anness X 2.3***	**§404**
Deskrizzjoni tal-makkinarju (struzzjonijiet)	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (d) sa (f)***	**§262**
Dikjarazzjoni tal-KE tal-Konformità		
- obbligu	***Artikolu 5 (1) (e)***	**§103**
- struzzjonijiet	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (c)***	**§261**
- kontenut	***Anness II 1 A***	**§382 u §383**
- żamma	***Anness II 2***	**§386**
Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni għal makkinarju parzjalment komplut	***Artikolu 13***	**§131**
	Anness II 1 B	**§385**
- żamma	***Anness II 2***	**§386**
Dimostrazzjonijiet, fieri tal-kummerċ u esibizzjonijiet	***Artikolu 6 (3)***	**§108**
Direttiva ATEX (94/9/KE)	***Artikolu 3***	**§91**
- riskju ta' splużjoni	***Anness I – Sezzjoni 1.5.7***	**§228**
- immarkar tal-konformità	***Anness I – Sezzjoni 1.7.3***	**§251**
Direttiva dwar Apparat ta' Pressjoni (97/23/KE)	***Artikolu 3***	**§91**
Direttiva dwar id-disinn ekoloġiku (2005/32/KE)	***Artikolu 3***	**§92**
Direttiva dwar il-Funikular (2000/9/KE)	***Artikolu 3***	**§90**
Direttiva dwar il-Ġugarelli (2009/48/KE)	***Artikolu 3***	**§90**
Direttiva dwar il-Lifts (95/16/KE)	***Artikolu 3***	**§90**
- emenda	***Premessa 27***	**§28**
	Artikolu 24	**§151**
Direttiva dwar il-makkinarju mobbli mhux tat-triq (97/68/KE)	***Artikolu 3***	**§92**
Direttiva dwar il-Prodotti tal-Kostruzzjoni (89/106/KEE)	***Artikolu 3***	**§92**
Direttiva dwar it-tagħmir għall-użu fuq barra (2000/14/KE)	***Artikolu 3***	**§92**
Direttiva dwar it-Tagħmir tar-Radju u Tagħmir Terminali ta' Telekomunikazzjonijiet (1999/5/KE)	***Artikolu 3***	**§92**
Direttiva dwar Mezzi Mediċi (93/42/KE)	***Artikolu 3***	**§90**
Direttiva dwar Reċipjenti taħt Pressjoni (2009/105/KE)	***Artikolu 3***	**§91**
Direttiva dwar Tagħmir tal-Gass (90/396/KEE)	***Artikolu 3***	**§91**
Direttiva dwar Vultaġġ Baxx (2006/95/KE) (esklużjoni)	***Artikolu 1 (2) (k)***	**§63 sa §69**
	Anness I – Sezzjoni 1.5.1	**§222**
- għanijiet ta' sigurtà		
Disinn mhux perikoluż b'mod interenti	***Anness I – Sezzjoni 1.1.2 (b)***	**§174**
Distributuri		**§83**

Dokumentazzjoni teknika relevant għal makkinarju parzjalment komplut	*Artikolu 13* *Anness VII B*	§131 §394

E

Elettriku statiku *- sistemi ta' ħruġ ta' ċarġ tal-elettriku (komponenti tas-sigurtà)*	*Anness I – Sezzjoni 1.5.2* *Anness V – Partita 11*	§223 §389
Elettrodomestiċi għal użu domestiku (esklużjoni)	*Artikolu 1 (2) (k) – l-ewwel inċiż*	§64
Emenda tad-Direttiva dwar il-Lifts	*Premessa 27* *Artikolu 24*	§28 §151
Emissjoni (storbju) *- tnaqqis tal-emissjonijiet* *- dejta komparattiva dwar l-emissjonijiet* *- dikjarazzjoni* *- Direttiva dwar it-tagħmir għall-użu fuq barra (2000/14/KE)*	 *Anness I – Sezzjoni 1.5.8* *Anness I – Sezzjoni 1.5.8* *Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (u)* *Artikolu 3* *Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (u)*	 §229 §230 §273 §92 §273
Emissjoni (vibrazzjonijiet) *- tnaqqis tal-emissjonijiet* *- postijiet bilqiegħda* *- installazzjoni u muntatura* *- dikjarazzjoni għal makkinarju li jinġarr* *- dikjarazzjoni għal makkinarju mobbli*	 *Anness I – Sezzjoni 1.5.9* *Anness I – Sezzjoni 1.1.8* *Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (j)* *Anness I – Sezzjoni 2.2.1.1* *Anness I – Sezzjoni 3.6.3.1*	 §231 §183 §264 §279 §325
Emissjonijiet (kotba ta' informazzjoni tal-bejgħ)	*Anness I – Sezzjoni 1.7.4.3*	§275
Emissjonijiet (materjali u sustanzi perikoluż) *- makkinarju tat-tbexxix*	*Anness I – Sezzjoni 1.5.13* *Anness I – Sezzjoni 3.5.3*	§235 §322
Emissjonijiet (radjazzjoni)	*Anness I – Sezzjoni 1.5.10*	§232
Emissjonijiet tal-egżost (xogħol taħt l-art)	*Anness I – Sezzjoni 5.6*	§367
Enerġija idrawlika	*Anness I – Sezzjoni 1.5.3*	§224
Enerġija pnewmatika	*Anness I – Sezzjoni 1.5.3*	§224
Esibizzjonijiet, fieri tal-kummerċ u dimostrazzjonijiet	*Premessa 17* *Artikolu 6 (3)*	§19 §108
Esklużjonijiet (kamp ta' applikazzjoni)	*Artikolu 1 (2)*	§48 sa §70
EUROPA (Sit elettroniku tal-Kummissjoni Ewropea)	*Artikolu 21*	§146

F

Fabbrikant (definizzjoni) *- fabbrikant tal-makkinarju* *- fabbrikant ta' makkinarju parzjalment komplut*	*Artikolu 2 (i)* *Artikolu 5 (1)* *Artikolu 5 (2)*	§78 sa §82 §103 §104
Fajl tekniku *- obbligu tal-fabbrikant* *- persuna awtorizzata li tagħmel* *- proċedura biex jinġabar* *- kontenut* *- komunikazzjoni*	*Premessa 24* *Artikolu 5 (1) (b)* *Anness II 1 A (2)* *Anness VII A* *Anness VII A 1* *Anness VII A 2 u 3*	§25 §103 §383 §391 §392 §393
Fieri tal-kummerċ, esibizzjonijiet u dimostrazzjonijiet	*Premessa 17* *Artikolu 6 (3)*	§19 §108
Fluwidi użati *- fluwidi taħt pressa qawwija*	*Anness I – Sezzjoni 1.1.3* *Anness I – Sezzjoni 1.3.2*	§178 §207

Ġ

Ġarrier (definizzjoni) *- movimenti*	*Anness I – Sezzjoni 4.1.1 (g)* *Anness I – Sezzjoni 4.1.2.8.1*	§334 §345

- aċċess	*Anness I – Sezzjoni 4.1.2.8.2*	§346
	Anness I – Sezzjoni 6.4.3	§380
- kuntatt	*Anness I – Sezzjoni 4.1.2.8.3*	§347
- tagħbija li taqa'	*Anness I – Sezzjoni 4.1.2.8.4*	§348
- għal merkanzija biss	*Anness I – Sezzjoni 4.3.3*	§359
- irfigħ ta' persuni	*Anness I – Sezzjoni 6.1.1*	§369
- kontroll ta' movimenti	*Anness I – Sezzjoni 6.2*	§371
- aċċelerazzjoni u diċelerazzjoni	*Anness I – Sezzjoni 6.3.1*	§372
- inklinazzjoni , persuni jaqgħu	*Anness I – Sezzjoni 6.3.2*	§373 u §374
- bokkaporti u bibien tal-ġenb	*Anness I – Sezzjoni 6.3.2*	§375
- saqaf protettiv	*Anness I – Sezzjoni 6.3.3*	§376
- kuntatt ma' elementi fissi jew li jiċċaqalqu	*Anness I – Sezzjoni 6.4.1*	§378
	Anness I – Sezzjoni 6.4.1	§378
- movimenti li mhumiex kontrollati	*Anness I – Sezzjoni 6.5*	§381
- marki (rfigħ ta' persuni)		

GĦ

Għażla tal-arranġament	*Anness I – Sezzjoni 1.2.5*	§204
Għodod		
- tagħmir mhux interkambjabbli	*Artikolu 2 (b)*	§41
- riskju ta' ksur waqt it-tħaddim	*Anness I – Sezzjonijiet 1.3.2 u 1.3.3*	§207 u §208
- struzzjonijiet fuq għodod li jridu jiġu mwaħħla	*Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (n)*	§268
Għodod tal-irfigħ fis-siti tal-kostruzzjoni	*Premessa 5*	§8

G

Grupp ADCO (sorveljanza tas-suq)	*Artikolu 19 (2)*	§144
Gruppi Vertikali ta' Korpi Notifikati (VGs)	*Artikolu 14 (7)*	§137

Ħ

Ħaxxiena	*Anness IV – Partita 3*	§388
Ħbula, ktajjen u ċineg għall-irfigħ (definizzjoni)	*Artikolu 1 (1) (e) u Artikolu 2 (e)*	§44
- makkinarju tal-irfigħ	*Anness I – Sezzjoni 4.1.2.4*	§340
- aċċessorji u komponenti tal-irfigħ	*Anness I – Sezzjoni 4.1.2.5*	§341
- informazzjoni u marki	*Anness I – Sezzjoni 4.3.1*	§357
- rfigħ ta' persuni	*Anness I – Sezzjoni 6.1.1*	§369
Ħruġ ta' emerġenza (minn pożizzjonijiet tat-tħaddim)	*Anness I – Sezzjoni 1.1.7*	§182

I

Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju	*Artikolu 22*	§148
Immarkar tal-makkinarju	*Anness I – Sezzjoni 1.7.3*	§250
- makkinarju mobbli	*Anness I – Sezzjoni 3.6.2*	§324
- ktajjen, ħbula u ċineg	*Anness I – Sezzjoni 4.3.1*	§357
- aċċessorji tal-irfigħ	*Anness I – Sezzjoni 4.3.2*	§358
- makkinarju tal-irfigħ	*Anness I – Sezzjoni 4.3.3*	§359
- ġarrier (rfigħ ta' persuni)	*Anness I – Sezzjoni 6.5*	§381
Imsieħba soċjali (parteċipazzjoni fl-istandardizzazzjoni)	*Artikolu 7 (4)*	§115
Indikaturi u mezzi ta' wiri (mezzi ta' kontroll)	*Anness I – Sezzjoni 1.2.2*	§194
Indikazzjoni tal-preżenza ta' persuni (komponenti tas-sigurtà)	*Anness IV – Partita 19*	§388
	Anness V – Partita 2	§389
Indirizz tal-manifattur		
- immarkar	*Anness I*	§250
- struzzjonijiet	*Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (a)*	§260

Informazzjoni	***Artikolu 5 (c)***	**§103**
	Anness I – Sezzjoni 1.1.2 (b)	**§174**
	Anness I – Sezzjoni 1.7	**§244 sa**
- informazzjoni u twissijiet fuq il-makkinarju	***Anness I – Sezzjoni 1.7.1***	**§279**
- informazzjoni u mezzi ta' informazzjoni	***Anness I – Sezzjoni 1.7.1.1***	**§245 u §246**
- mezzi ta' twissija	***Anness I – Sezzjoni 1.7.1.2***	**§247**
- informazzjoni essenzjali għal użu mingħajr periklu	***Anness I – Sezzjoni 1.7.3***	**§248** **§252**
Informazzjoni dwar id-Direttiva dwar il-Makkinarju	***Artikolu 21***	**§146**
Inkapaċitazzjoni (fażi tal-ħajja tal-makkinarju)	***Anness I – Sezzjoni 1.1.2 (a)***	**§173**
Installazzjoni u użu tal-makkinarju	***Artikolu 15***	**§139 u §140**
Intervent tal-operatur (manutenzjoni)	***Anness I – Sezzjoni 1.6.4***	**§242**
Irkanti (tqegħid fis-suq)	***Artikolu 2 (h)***	**§75**
Irtirar taċ-ċertifikati jew deċiżjonijiet maħruġa minn		
Korpi Notifikati	***Artikolu 14 (6)***	**§135**
- Ċertifikat ta' eżami tat-tip KE	***Anness IX 9***	**§400**
- Approvazzjoni ta' sistema ta' assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa	***Anness X 3***	**§406**
Irtirar tan-notifika ta' Korp notifikat	***Artikolu 14 (8)***	**§138**
Issettjar tal-arranġament (għażla)	***Anness I – Sezzjoni 1.2.5***	**§204**
Istituzzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-Direttiva dwar il-Makkinarju		**§149**

K

Kabina	***Anness I – Sezzjoni 1.1.8***	**§182**
- post tax-xufier (mobilità)	***Anness I – Sezzjoni 3.2.1***	**§294**
Kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Makkinarju	***Artikolu 1 (1) u Artikolu 2***	**§32 sa §46**
Kiri ta' makkinarju (tqegħid fis-suq)	***Artikolu 2 (h)***	**§74**
Klassifikazzjoni ta' standards armonizzati	***Artikolu 7 (2)***	**§111**
Klawsola ta' salvagwardja	***Artikolu 11***	**§122**
- proċedura	***Artikolu 11 (2) u (3)***	**§123**
- nuqqasijiet fl-istandards armonizzati	***Artikolu 11 (4)***	**§124**
- eżitu	***Artikolu 11 (6)***	**§126**
Koeffiċjent tat-test (definizzjoni)	***Anness I – Sezzjoni 4.1.1 (d)***	**§331**
- testijiet statiċi	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.3***	**§338**
- testijiet dinamiċi	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.3***	**§339**
Koeffiċjent tax-xogħol (definizzjoni)	***Anness I – Sezzjoni 4.1.1 (c)***	**§330**
- ħbula u ktajjen	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.4***	**§340**
- aċċessorji u komponenti tal-irfigħ	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.5***	**§341**
- rfigħ ta' persuni	***Anness I – Sezzjoni 6.1.1***	**§369**
Komponenti tas-sigurtà (definizzjoni)	***Artikolu 1 (1) (c) u Artikolu 2 (c)***	**§42**
- lista indikattiva	***Anness V***	**§389**
- partijiet ta' rikambju li jissostitwixxu komponenti identiċi (esklużjoni)	***Artikolu 1 (2) (a)***	**§48**
- aġġornament ta' lista indikattiva	***Artikolu 8 (1) (a)***	**§116**
- biex jindikaw il-preżenza ta' persuni	***Anness IV – Partita 19***	**§388**
- għal makkinarju li jservi żbarki fissi	***Anness V – Partita 17***	**§389**
Kondizzjonijiet tat-tħaddim (varjazzjoni)	***Anness I – Sezzjoni 1.3.6***	**§211**
Konnessjoni		
- ma' sorsi ta' enerġija	***Artikolu 2 (a)***	**§36**
- żbalji fit-tgħammir	***Anness I – Sezzjoni 1.5.4***	**§225**
- struzzjonijiet	***Anness I – Sezzjoni 1.7.2.4 (i)***	**§264**
- tagħmir tal-irmunkar	***Anness I – Sezzjoni 3.4.6***	**§318**

Kontroll tal-movimenti (rfigħ)	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.6***	**§342**
Kontroll tat-twaqqif normali	***Anness I – Sezzjoni 1.2.4.1***	**§200**
Kontroll tat-twaqqif operattiv	***Anness I – Sezzjoni 1.2.4.2***	**§201**
Kontrolli fl-iżbarki (rfigħ ta' persuni)	***Anness I – Sezzjoni 6.4.2***	**§379**
Kontrolli interni fuq il-fabbrikazzjoni	***Artikolu 12 (2) u (3)***	**§128 u § 129**
(stima ta' konformità)	***Anness VIII***	**§395**
Kontrolli mill-bogħod	***Anness I – Sezzjoni 3.3***	**§298**
- kontroll mill-bogħod ta' makkinarju mobbli	***Anness I – Sezzjoni 3.3.3***	**§309**
Kontrolli ta' waqfien ta' emerġenza	***Anness I – Sezzjoni 1.2.4.3***	**§202**
- komponenti tas-sigurtà	***Anness V – Partita 10***	**§389**
Koordinazzjoni ta' Korpi Notifikati (NB-M)	***Artikolu 14 (7)***	**§137**
	Anness XI	**§408**
Koperazzjoni bejn Stati Membri		
- Makkinarju tal-Grupp ADCO	***Artikolu 19 (2)***	**§144**
Korpi Notifikati	***Artikolu 14 (1) sa (5)***	**§133 u §134**
- Koordinazzjoni ta' Korpi Notifikati (NB-M)	***Artikolu 14 (7)***	**§127**
	Anness XI	**§408**
- kriterji minimi għan-notifika		
Kriterji għall-istima ta' Korpi Notifikati	***Anness XI***	**§408**
Kriterji minimi għall-istima ta' Korpi Notifikati	***Anness XI***	**§408**
Ksur waqt it-tħaddim	***Anness I – Sezzjoni 1.3.2***	**§207**
Ktajjen, ħbula u ċineg (definizzjoni)	***Artikolu 1 (1) (e) u Artikolu 2 (e)***	**§44**
- makkinarju tal-irfigħ	***Anness I – Sezzjonijiet 4.1.2.4***	**§340**
- aċċessorji u komponenti tal-irfigħ	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.5***	**§341**
- informazzjoni u marki	***Anness I – Sezzjoni 4.3.1***	**§357**
- rfigħ ta' persuni	***Anness I – Sezzjoni 6.1.1***	**§369**
Kumitat Orizzontali ta' Korpi Notifikati	***Artikolu 14 (7)***	**§137**
Kumitat tal-Makkinarju	***Premessa 30***	**§31**
	Artikolu 22	**§147**
Kumitati Tekniċi (CEN u Cenelec)	***Artikolu 7 (2)***	**§112**
Kumpatibbiltà elettromanjetika	***Artikolu 3***	**§92**
- Direttiva (2004/108/KE)	***Anness I – Sezzjoni 1.2.1***	**§184**
- immunità	***Anness I – Sezzjoni 1.5.11***	**§233**
Kunfidenzjalità	***Artikolu 18***	**§143**
Kwotazzjonijiet	***Kwotazzjonijiet***	**§1**

L

L-aħħar teknoloġija	***Premessa 14***	**§16**
	Anness I – Prinċipju Ġenerali 3	**§161 u §162**
L-għażla tal-arranġamenti tal-kontroll jew tat-tħaddim	***Anness I – Sezzjoni 1.2.5***	**§204**
Lifts biex jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fuq il-vetturi	***Anness IV – Partita 16***	**§388**
Lingwa		
- informazzjoni bil-miktub jew verbali (twissijiet)	***Anness I – Sezzjoni 1.7.1***	**§245 u §246** **§256**
- struzzjonijiet	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4***	**§390**
- struzzjonijiet dwar il-muntatura għal makkinarju parzjalment komplut	***Anness VI***	**§391**
- fajl tekniku	***Anness VII A***	**§399**
- korrispondenza ma' Korp notifikat	***Anness IX 8***	
Lingwi uffiċjali tal-Komunità (UE)	***Anness I – Sezzjoni 1.7.1***	**§246**
Lingwi uffiċjali tal-UE	***Anness I – Sezzjoni 1.7.1***	**§246**
Linji tal-binarji u binarji ta' gwida	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.2***	**§336**
Linji tal-binarji u roti (mobilità))	***Anness I – Sezzjoni 3.2.1***	**§294**

L-isem tal-makkinarju		
- immarkar	***Anness I – Sezzjoni 1.7.3***	**§250**
- struzzjonijiet	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (b)***	**§260**
Lokomottivi u vannijiet-brejk (xogħol taħt l-art)	***Anness IV – Partita 12.1***	**§388**
Lupi (li jinġarru)	***Anness IV – Partita 8***	**§388**

M

Magni mmuntati fuq binarju (rfigħ)	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.6 (b)***	**§342**
Magni taċ-ċanar (mitmugħ bl-idejn)	***Anness IV – Partita 2***	**§388**
Makkinarju	***Artikolu 1 (1) (a)***	
- sens wiesa'	***Artikolu 2 – l-ewwel sentenza***	**§33**
- definizzjoni	***Artikolu 2 (a)***	**§34 sa §40**
- makkinarju ġdid u użat		**§72**
- għal skopijiet nukleari (esklużjoni)	***Artikolu 1 (2) (c)***	**§50**
- għal skopijiet militari jew tal-pulizija (esklużjoni)	***Artikolu 1 (2) (g)***	**§59**
	Artikolu 1 (2) (h)	**§60**
- għal skopijiet ta' riċerka (esklużjoni)	***Artikolu 1 (2) (j)***	**§62**
- li jċaqlaq artisti (esklużjoni)	***Premessa 15***	**§17**
- għal użu mill-konsumatur	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.1 (d)***	**§259**
	Anness I – Sezzjoni 4.1.2.8	**§344 sa**
- li jservi żbarki fissi	***Anness I – Sezzjoni 6.4***	**§349**
	Anness I – Parti 5	**§377 sa**
- intiż għal xogħol taħt l-art	***Anness IV – Partita 12***	**§380**
		§362 sa
		§367
		§388
Makkinarju għax-xogħol tal-injam	***Anness I – Sezzjoni 2.3***	**§281**
	Anness IV – Partiti 1 sa 8	**§388**
Makkinarju kombinat	***Anness I – Sezzjoni 1.3.5***	**§210**
- makkinarju għax-xogħol tal-injam	***Anness IV – Partita 5***	**§388**
Makkinarju li jagħmel il-forom bil-magħżel vertikali (mitmugħ bl-idejn)	***Anness IV – Partita 7***	**§388**
Makkinarju li jagħti l-forma lil-lastiku	***Anness IV – Partita 11***	**§388**
Makkinarju li jagħti l-forma lill-plastik	***Anness IV – Partita 10***	**§388**
Makkinarju li jaħdem bl-iskratać għall-iffissar u makkinarju ieħor ta' impatt (li jinġarr)	***Premessa 6***	**§9**
	Anness IV – Partita 18	**§388**
- perjodu tranżitorju	***Artikolu 27***	**§154**
Makkinarju li jinġarr li jinżamm fl-idejn jew li jiġi ggwidat bl-idejn	***Anness I – Sezzjoni 2.2***	**§278**
	Anness I – Sezzjoni 2.2.1.1	**§279**
- dikjarazzjoni ta' vibrazzjonijiet		
Makkinarju li jinġarr u li jaħdem bl-iskratać għall-iffissar u makkinarju ieħor ta' impatt	***Premessa 6***	**§9**
	Anness IV – Partita 18	**§388**
- perjodu tranżitorju	***Artikolu 27***	**§154**
Makkinarju mhux konformi	***Artikolu 4***	**§100 u §101**
Makkinarju mobbli kkontrollaw minn min ikun miexi	***Anness I – Sezzjoni 3.3.4***	**§311**
Makkinarju parzjalment komplut	***Premessa 16***	**§18**
- definizzjoni	***Artikolu 1 (1) (g) u Artikolu 2 (g)***	**§46**
- tqegħid fis-suq	***Artikolu 2 (h)***	**§77**
- proċedura	***Artikolu 13***	**§131**
- Dikjarazzjoni tal-Inkorporazzjoni	***Anness II 1 B***	**§385**
- struzzjonijiet dwar il-muntatura	***Anness VI***	**§390**
- dokumentazzjoni teknika relevanti	***Anness VII B***	**§394**
Makkinarju tal-Anness IV	***Premessa 20***	**§22**
- proċeduri ta' stima ta' konformità	***Artikolu 12 (3) u (4)***	**§129 u §130**
- lista ta' kategoriji	***Anness IV***	**§388**

Makkinarju tal-kożmetiċi	***Anness I – Sezzjoni 2.1***	**§277**
Makkinarju tal-minċotti (mitmugħ bl-idejn)	***Anness IV – Partita 6***	**§388**
Makkinarju tal-uffiċċju (esklużjoni)	***Artikolu 1 (2) (k) – ir-raba' inċiż***	**§67**
Makkinarju second-hand	***Artikolu 2 (h)***	**§72**
Makkinarju użat	***Artikolu 2 (h)***	**§72**
Manutenzjoni		
- għażla tal-arranġament	***Anness I – Sezzjoni 1.2.5***	**§204**
- manutenzjoni tal-makkinarju	***Anness I – Sezzjoni 1.6.1***	**§239**
- aċċess	***Anness I – Sezzjoni 1.6.2***	**§240**
- iżolament ta' sorsi tal-enerġija	***Anness I – Sezzjoni 1.6.3***	**§241**
- intervent tal-operatur	***Anness I – Sezzjoni 1.6.4***	**§242**
- tindif ta' partijiet ta' ġewwa	***Anness I – Sezzjoni 1.6.5***	**§243**
- struzzjonijiet	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (r) u (s)***	**§272**
Marka CE	***Premessi 21 u 22***	**§23**
- obbligu	***Artikolu 5 (1) (f)***	**§103**
- Direttivi oħrajn	***Artikolu 5 (4)***	**§106**
- preżunzjoni ta' konformità	***Artikolu 7 (1)***	**§109**
- marka CE fuq prodotti mhux konformi	***Artikolu 11 (5)***	**§125**
- twaħħil	***Artikolu 16***	**§141**
	Anness I – Sezzjoni 1.7.3	**§250**
- forma	***Anness III***	**§387**
- nuqqas ta' konformità tal-marka	***Artikolu 17***	**§142**
Massa		
- struzzjonijiet għat-tqandil	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (p)***	**§270**
- immarkar ta' makkinarju mobbli	***Anness I – Sezzjoni 3.6.2***	**§324**
Materjali		
- materjali u prodotti użati	***Anness I – Sezzjoni 1.1.3***	**§178**
- għal kuntatt ma' oġġetti tal-ikel	***Artikolu 3***	**§91**
	Anness I – Sezzjoni 2.1.1 (a)	**§277**
- durabilità tal-materjali	***Anness I – Sezzjoni 1.3.2***	**§207**
- emissjoni ta' materjali perikoluż	***Anness I – Sezzjoni 1.5.13***	**§235**
- rfigħ	***Anness I – Sezzjoni 1.4.2.3***	**§337**
Materjali u sustanzi perikoluż		
- Restrizzjoni tal-użu ta' Sustanzi Perikoluż (2002/95/KE)	***Artikolu 3***	**§92**
- użati jew maħluqa mill-makkinarju	***Anness I – Sezzjoni 1.1.3***	**§178**
- emissjonijiet	***Anness I – Sezzjoni 1.5.13***	**§235**
- kotba ta' informazzjoni tal-bejgħ	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.3***	**§275**
- makkinarju tat-tbexxix	***Anness I – Sezzjoni 3.5.3***	**§322**
Mezz ta' kontroll tal-kmand miżmum		
- makkinarju mobbli	***Anness I – Sezzjoni 3.3.1***	**§353**
- movimenti ta' rfigħ	***Anness I – Sezzjoni 4.2.1***	**§301**
- irfigħ ta' persuni	***Anness I – Sezzjoni 6.2***	**371**
Mezz ta' lqugħ (definizzjoni)	***Anness I – Sezzjoni 1.1.1 (f)***	**§169**
- mezzi ta' lqugħ u apparat protettiv	***Anness I – Sezzjoni 1.4.1***	**§216**
- mezzi ta' lqugħ	***Anness I – Sezzjoni 1.4.2***	**§217**
- mezzi ta' lqugħ fissi	***Anness I – Sezzjoni 1.4.2.1***	**§218**
- mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiġu mċaqalqa u li jillokkjaw ma' xulxin	***Anness I – Sezzjoni 1.4.2.2***	**§219** **§219**
- mezz ta' lqugħ li jillokkja	***Anness I – Sezzjoni 1.4.2.2***	**§220**
- mezzi ta' lqugħ aġġustabbli	***Anness I – Sezzjoni 1.4.2.3***	**§319**
- mezzi ta' lqugħ għal mezzi li jistgħu jinqalgħu għat-trasmissjoni mekkanika	***Anness I – Sezzjoni 3.4.7*** ***Anness IV – Partita 15***	**§388** **§389**
- komponenti tas-sigurtà	***Anness V – Partita 7***	
Mezzi għall-irfigħ ta' persuni	***Anness IV – Partita 17***	**§388**
Mezzi ta' aċċess (mobilità)	***Anness I – Sezzjoni 3.4.5***	**§317**

Mezzi ta' kontroll	***Anness I – Sezzjoni 1.2.2***	**§185 sa**
- identifikazzjoni		**§198**
- pożizzjonar		**§186**
- moviment		**§187**
- post		**§188**
- operazzjoni involontarja		**§189**
- saħħa		**§190**
- biex jitwettqu azzjonijiet differenti		**§191**
- prinċipji ergonomiċi		**§192**
- indikaturi u mezzi ta' wiri		**§193**
- makkinarju mobbli	***Anness I – Sezzjoni 3.3.1***	**§194**
- movimenti ta' rfigħ	***Anness I – Sezzjoni 4.2.1***	**§299 u §300**
- xogħol taħt l-art	***Anness I – Sezzjoni 5.3***	**§353**
- irfigħ ta' persuni	***Anness I – Sezzjoni 6.2***	**§364**
		§371
Mezzi ta' kontroll b'żewġ idejn	***Anness I – Sezzjoni 1.4.3***	**§221**
- komponenti tas-sigurtà	***Anness V – Partita 16***	**§389**
Mezzi ta' lqugħ aġġustabbli li jirrestriġu l-aċċess	***Anness I – Sezzjoni 1.4.2.3***	**§220**
Mezzi ta' lqugħ fissi	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.1***	**§218**
Mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiċċaqalqu (li jillokkjaw ma' xulxin)	***Anness I – Sezzjoni 1.4.2.2***	**§219**
	Anness IV – Partita 20	**§388**
- li jitħaddmu bid-dawl, għal preses	***Anness V – Partita 3***	**§389**
Mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiċċaqilqu u li jitħaddmu bid-dawl għal preses	***Anness IV – Partita 20***	**§388**
	Anness V – Partita 3	**§389**
Mezzi ta' lqugħ li jistgħu jiġu mċaqalqa u li jillokkjaw ma' xulxin	***Anness I – Sezzjoni 1.4.2.2***	**§219**
	Anness IV – Partita 20	**§388**
- mezzi ta' lqugħ li jitħaddmu bid-dawl għal ċerti preses	***Anness V – Partita 3***	**§389**
Mezzi ta' wiri (mezzi ta' kontroll)	***Anness I – Sezzjoni 1.2.2***	**§194**
Mezzi tat-trasport (esklużjoni)	***Artikolu 1 (2) (e)***	**§53 sa §57**
Miżura biex jiġu indirizzati gruppi ta' makkinarju perikoluż	***Premessa 13***	**§15**
	Artikolu 8 (1) (b)	**§116**
	Artikolu 9	**§118**
Miżuri protettivi	***Anness I – Sezzjoni 1.1.2 (b)***	**§174**
Mobilità tal-makkinarju (definizzjoni)	***Anness I – Sezzjoni 3.1.1 (a)***	**§292**
- rekwiżiti	***Anness I – Parti 3***	**§291 sa**
		§326
Monitoraġġ tal-Korpi Notifikati	***Artikolu 14 (2)***	**§134**
Motivazzjoni tad-deċiżjonijiet	***Artikolu 20***	**§145**
Moviment liberu ta' makkinarju u makkinarju parzjalment komplut	***Artikolu 6***	**§107**
Movimenti mhux ikkontrollati	***Anness I – Sezzjoni 1.3.9***	**§215**
- makkinarju mobbli	***Anness I – Sezzjoni 3.4.1***	**§313**
Movimenti tal-mixi (mobilità)	***Anness I – Sezzjoni 3.3.2***	**§304**
Muntatura (fażi tal-ħajja tal-makkinarju)	***Anness I – Sezzjoni 1.1.2 (a)***	**§173**
Muntaturi ta' makkinarju (definizzjoni)	***Artikolu 2 (a)***	**§38 u §39**
- tqegħid fis-suq	***Artikolu 2 (h)***	**§76**
- kontrolli tat-twaqqif	***Anness I – Sezzjoni 1.2.4.4***	**§203**
Muturi elettriċi (esklużjoni)	***Artikolu 1 (2) (k) – is-sitt inċiż***	**§69**

N

NANDO (lista ta' Korpi Notifikati)	***Artikolu 14***	**§133**
Nar	***Anness I – Sezzjoni 1.5.6***	**§227**
- mezzi għat-tifi tan-nar (mobilità)	***Anness I – Sezzjoni 3.5.2***	**§321**
- makkinarju għal xogħol taħt l-art	***Anness I – Sezzjoni 5.5***	**§366**
NB-M (Koordinazzjoni ta' Korpi Notifikati)	***Artikolu 14 (7)***	**§137**
Numru tas-serje (immarkar tal-makkinarju)	***Anness I – Sezzjoni 1.7.3***	**§250**

Nuqqas ta' konformità tal-marka	***Artikolu 17***	**§142**

O

Oġġetti li jaqgħu	***Anness I – Sezzjoni 1.3.3***	**§208**
- makkinarju mobbli	***Anness I – Sezzjoni 3.4.4***	**§316**
- makkinarju għall-irfigħ ta' persuni	***Anness I – Sezzjoni 6.3.3***	**§376**
- strutturi ta' protezzjoni li jimpedixxu l-merkanzija milli taqa' (FOPS)	***Anness IV – Partita 23*** ***Anness V – Partita 15***	**§388** **§389**
Oġġetti li jintefgħu 'l barra	***Anness I – Sezzjoni 1.3.3***	**§208**
- tfigħ tal-biċċiet li qegħdin jinħadmu (xogħol tal-injam)	***Anness I – Sezzjoni 2.3 (b)***	**§281**
Oġġetti tal-ikel makkinarju	***Anness I – Sezzjoni 2.1***	**§277**
Oġġezzjoni formali għal standard armonizzat	***Premessa 11***	**§13**
- proċedura	***Artikolu 10***	**§119 u §120**
- eżitu		**§121**
Operatur (definizzjoni)	***Anness I – Sezzjoni 1.1.1 (d)***	**§167**
- taħriġ	***Artikolu 15***	**§140**
- indikazzjoni ta' taħriġ neċessarju	***Anness I – Sezzjoni 1.1.2***	**§174**
- struzzjonijiet għat-taħriġ	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (k)***	**§266**
Operaturi mhux professjonali (struzzjonijiet)	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.1 (d)***	**§259**
Operazzjonijiet tal-irfigħ (definizzjoni)	***Anness I – Sezzjoni 4.1.1 (a)***	**§328**
- rekwiżiti	***Anness I – Parti 4***	**§327 sa §364**
Organizzazzjonijiet tal-Istandardizzazzjoni Ewropej (ESOs)	***Artikolu 7 (2)***	**§112**

P

Partijiet li jiċċaqalqu	***Anness I – Sezzjoni 1.3.7***	**§212**
- għażla ta' protezzjoni	***Anness I – Sezzjoni 1.3.8***	**§213**
- partijiet tat-trasmissjoni	***Anness I – Sezzjoni 1.3.8.1***	**§213**
- partijiet involuti fil-proċess	***Anness I – Sezzjoni 1.3.8.2***	**§214**
- struzzjonijiet għall-iżblukkar	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (q)***	**§271**
- roti u linji (mobilità)	***Anness I – Sezzjoni 3.2.1***	**§294**
Partijiet ta' rikambju (struzzjonijiet)	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (t)***	**§272**
Partijiet tal-Anness I	***Anness I – Prinċipju Ġenerali 4***	**§163**
Partijiet tat-trasmissjoni	***Anness I – Sezzjoni 1.3.8.1***	**§213**
- magna (mobilità)	***Anness I – Sezzjoni 3.4.2***	**§314**
Pedali (mobilità)	***Anness I – Sezzjoni 3.3.1***	**§300**
Penali	***Premessa 26*** ***Artikolu 23***	**§27** **§150**
Perikli mekkaniċi	***Anness I – Sezzjoni 1.3***	**§206 sa §215**
Periklu (definizzjoni)	***Anness I – Sezzjoni 1.1.1 (a)***	**§164**
- perikli minħabba l-mobilità	***Anness I – Sezzjoni 3.1.1 (a)***	**§292**
Perjodu tranżitorju (makkinarju għall-iffissar li jaħdem permezz ta' skratać u li jista' jinġarr, kif ukoll makkinarju ieħor ta' impatt)	***Artikolu 27***	**§154**
Persuna esposta (definizzjoni)	***Anness I – Sezzjoni 1.1.1 I***	**§166**
Post tax-xufier (mobilità)	***Anness I – Sezzjoni 3.2.1***	**§294**
Postijiet bilqiegħda	***Anness I – Sezzjoni 1.1.8***	**§183**
- makkinarju mobbli	***Anness I – Sezzjoni 3.2.2***	**§295**
Power-assisted stering(mobilità)	***Anness I – Sezzjoni 3.3.5***	**§312**
Pożizzjoni tat-tħaddim	***Anness I – Sezzjoni 1.1.7***	**§182**
- pożizzjonijiet tat-tħaddim multipli	***Anness I – Sezzjoni 1.2.2***	**§198**
- aċċess	***Anness I – Sezzjoni 1.6.2***	**§240**

Pożizzjonijiet ta' kontroll		
- viżibbiltà minn pożizzjonijiet ta' kontroll	***Anness I – Sezzjoni 1.2.2***	**§195**
- post tal-pożizzjonijiet ta' kontroll		**§196**
- pożizzjonijiet multipli ta' kontroll		**§197**
Preċiżjoni tat-twaqqif (makkinarju li jservi żbarki fissi)	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.8.2***	**§346**
Premessi	***Premessi***	**§3 sa §31**
Preses għax-xogħol mingħajr sħana tal-metalli	***Anness IV – Partita 9***	**§388**
Preżunzjoni ta' konformità		
- marka CE	***Artikolu 7 (1)***	**§109**
- standards armonizzati	***Artikolu 7 (2)***	**§110 u §111**
Prinċipji ergonomiċi	***Anness I – Sezzjoni 1.1.6***	**§181**
- mezzi ta' kontroll	***Anness I – Sezzjoni 1.2.2***	**§193**
Prinċipji Ġenerali	***Anness I – Prinċipji Ġenerali***	**§157 sa 163**
Prinċipji tal-integrazzjoni tas-sigurtà	***Anness I – Sezzjoni 1.1.2***	**§173 sa 177**
Proċedura għal makkinarju parzjalment komplut	***Artikolu 13***	**§131** **§132**
Proċedura regolatorja bi skrutinju	***Artikolu 8 (1)*** ***Artikolu 9 (3)***	**§116** **§118**
Proċedura ta' assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa (stima ta' konformità) *- applikazzjoni* *- objettivi u kontenut* *- stima* *- implimentazzjoni u modifikazzjoni* *- sorveljanza* *- żamma ta' dokumentazzjoni*	***Artikolu 12 (3) (c)*** ***Artikolu 12 (4) (b)*** ***Anness X 1*** ***Anness X 2.1*** ***Anness X 2.2*** ***Anness X 2.3*** ***Anness X 2.4*** ***Anness X 3*** ***Anness X 4***	**§129** **§130** **§401** **§402** **§403** **§404** **§405** **§406** **§407**
Proċedura ta' konsulenza (Kumitat tal-Makkinarju)	***Artikolu 8 (2)***	**§117**
Proċedura tal-eżami tat-tip KE (stima ta' konformità) *- applikazzjoni* *- kontenut* *- ċertifikat* *- validità u reviżjoni ta' ċertifikat*	***Artikolu 12 (3) (b)*** ***Artikolu 12 (4) (a)*** ***Anness IX 1*** ***Anness IX 2*** ***Anness IX 3*** ***Anness IX 4 to 8*** ***Anness IX 9***	**§129** **§130** **§396** **§397** **§398** **§399** **§400**
Proċeduri għal stima ta' konformità tal-makkinarju	***Artikolu 12***	**§127 sa §129** **§132**
Proċess (partijiet li jiċċaqalqu)	***Anness I – Sezzjoni 1.3.8.2***	**§214**
Prodotti eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni	***Artikolu 1 (2)***	**§48 sa §70**
Prodotti soġġetti għad-Direttiva (kamp ta' applikazzjoni)	***Artikolu 1 (1) u Artikolu 2***	**§32 sa §46**
Prodotti tal-elettriku u elettroniċi (esklużjoni)	***Artikolu 1 (2) (k)***	**§63**
Prodotti użati	***Anness I – Sezzjoni 1.1.3***	**§178**
Provvista tal-enerġija (telf)	***Anness I – Sezzjoni 1.2.6***	**§205**
- rfigħ	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.6 (c)***	**§342**
Pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet	***Artikolu 18 (3)***	**§143**
Puġġamani (żliq, tgerbib u wqigħ)	***Anness I – Sezzjoni 1.5.15***	**§237**
- mezzi ta' aċċess għal makkinarju mobbli	***Anness I – Sezzjoni 3.4.5***	**§317**
Punti ta' servicing (aċċess)	***Anness I – Sezzjoni 1.6.2***	**§240**

Q

Qlib 'il quddiem jew lura u qlib fil-ġenb (ROPS u TOPS)	***Anness I – Sezzjoni 3.4.3***	**§315**
Qlib fil-ġenb u l-quddiem jew wara	***Anness I – Sezzjoni 3.4.3***	**§315**
- Strutturi protettivi għal kontra l-qlib (ROPS)	***Anness IV – Partita 22***	**§388**
	Anness V – Partita 14	**§389**

R

Radjazzjoni	***Anness I – Sezzjoni 1.5.10***	**§232**
- apparat mediku li jiġi impjantat fil-ġisem	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (v)***	**§274**
- kotba ta' informazzjoni tal-bejgħ	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.3***	**§275**
Radjazzjoni bil-laser	***Anness I – Sezzjoni 1.5.12***	**§234**
Radjazzjoni elettromanjetika	***Anness I – Sezzjoni 1.5.10***	**§232**
Radjazzjoni esterna	***Anness I – Sezzjoni 1.5.11***	**§233**
Radjazzjoni jonizzanti	***Anness I – Sezzjoni 1.5.10***	**§232**
Radjazzjoni ottika	***Anness I – Sezzjoni 1.5.10***	**§232**
Rakkomandazzjonijiet għall-użu (RfUs)	***Artikolu 14 (7)***	**§137**
Rappreżentant awtorizzat	***Artikolu 2 (j)***	**§84 u §85**
Reffieda bil-magna għas-soqfa (xogħol taħt l-art)	***Anness I – Sezzjoni 5.1 u 5.2***	**§363**
	Anness IV – Partita 12.2	**§388**
Reffieda tas-soqfa mħaddmin bil-fluwidu (idrawliku)	***Anness IV – Partita 12.2***	**§388**
Regolamenti nazzjonali dwar l-installazzjoni u l-użu ta' makkinarju	***Artikolu 15***	**§139 u §140**
Rekwiżiti essenzjali għas-saħħa u s-sigurtà	***Artikolu 5 (1) (a)***	**§103**
	Anness I	**§157 sa §381**
Rekwiżiti ta' iġjene	***Anness I – Sezzjoni 2.1***	**§277**
Rettikolati tal-ferroviji (esklużjoni)	***Artikolu 1 (2) (e)***	**§57**
Rfigħ ta' persuni	***Premessa 7***	**§10**
- rekwiżiti	***Anness I – Parti 6***	**§368 sa**
- mezzi għall-irfigħ ta' persuni	***Anness IV – Partita 17***	**§381 §388**
Rimedji legali	***Premessa 25***	**§26**
	Artikolu 20	**§145**
Rimi (fażi tal-ħajja tal-makkinarju)	***Anness I – Sezzjoni 1.1.2 (a)***	**§173**
Riskji elettriċi	***Anness I – Sezzjoni 1.5.1***	**§222**
- batteriji	***Anness I – Sezzjoni 3.5.1***	**§320**
Riskji residwi	***Anness I – Sezzjoni 1.1.2 (b)***	**§174**
- twissijiet	***Anness I – Sezzjoni 1.7.2***	**§249**
- struzzjonijiet	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (l)***	**§267**
Riskju (definizzjoni)	***Anness I – Sezzjoni 1.1.1 (e)***	**§168**
Riskju ta' qbid	***Anness I – Sezzjoni 1.5.14***	**§236**
Roti (irfigħ)	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.4***	**§340**
Roti u linji (mobilità)	***Anness I – Sezzjoni 3.2.1***	**§294**

S

Saħħa (immarkar ta' makkinarju mobbli)	***Anness I – Sezzjoni 3.6.2***	**§324**
Saħħa mekkanika (irfigħ)	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.3***	**§337 sa**
- rfigħ ta' persuni	***Anness I – Sezzjoni 6.1.1***	**§339 §369**
Saħħa nominali (immarkar ta' makkinarju mobbli)	***Anness I – Sezzjoni 3.6.2***	**§324**
Saħħa u sigurtà	***Premessa 3***	**§6**
- ta' persuni	***Artikolu 4 (1)***	**§93**
- rekwiżiti essenzjali (EHSRs)	***Anness I***	**§157 sa**
- ta' ħaddiema	***Artikolu 15***	**§381 §140**

Sajjetti	***Anness I – Sezzjoni 1.5.16***	**§238**
Sena tal-kostruzzjoni (immarkar tal-makkinarju)	***Anness I – Sezzjoni 1.7.3***	**§250**
Serje jew tip (immarkar tal-makkinarju)	***Anness I – Sezzjoni 1.7.3***	**§250**
Simboli bl-istampi (informazzjoni u twissijiet)	***Anness I – Sezzjoni 1.7.1***	**§245**
Sinjali akustiċi u viżwali (mezzi ta' twissija)	***Anness I – Sezzjoni 1.7.1.2***	**§248**
- irriversjar (mobilità)	***Anness I – Sezzjoni 3.3.1***	**§303**
Sinjali viżwali u akustiċi (mezzi ta' twissija)	***Anness I – Sezzjoni 1.7.1.2***	**§248**
- irriversjar (mobilità)	***Anness I – Sezzjoni 3.3.1***	**§303**
Sistemi ta' estrazzjoni (komponenti tas-sigurtà)	***Anness V – Partita 6***	**§389**
Sistemi ta' kontroll	***Anness I – Sezzjoni 1.2***	**§184 sa**
- sigurtà u affidabbiltà	***Anness I – Sezzjoni 1.2.1***	**§205**
- startjar	***Anness I – Sezzjoni 1.2.3***	**§184**
- twaqqif	***Anness I – Sezzjoni 1.2.4***	**§199**
- użu mhux awtorizzat (mobilità)	***Anness I – Sezzjoni 3.3***	**§200 sa**
- kontrolli mill-bogħod (mobilità)	***Anness I – Sezzjoni 3.3***	**§203**
		§297
		§298
Sistemi ta' rbit (mobilità)	***Anness I – Sezzjoni 3.2.2***	**§295**
- komponenti tas-sigurtà	***Anness V – Partita 9***	**§389**
Skopijiet militari jew tal-pulizija (esklużjoni)	***Artikolu 1 (2) (g)***	**§59**
Sorveljanza tas-suq	***Premessi 9 u 10***	**§12**
	Artikolu 4	**§93 sa §102**
- tal-makkinarju		**§94**
- ta' makkinarju parzjalment komplut		**§95**
- awtoritajiet		**§96**
- sistema		**§97**
- koperazzjoni bejn awtoritajiet	***Artikolu 19 (2)***	**§144**
Spezzjoni tal-makkinarju waqt li jkun qed jintuża	***Artikolu 15***	**§140**
Splużjoni	***Anness I – 1.5.7***	**§228**
Srieraq ċirkolari	***Anness IV - Partita 1***	**§388**
Stabbilizzaturi (moviment ta' makkinarju mobbli)	***Anness I – Sezzjoni 3.3.2***	**§305**
Stabbiltà	***Anness I – Sezzjoni 1.3.1***	**§206**
- struzzjonijiet dwar l-installazzjoni	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (i)***	**§264**
- kundizzjonijiet ta' stabbiltà	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (o)***	**§269**
- makkinarju li jinġarr	***Anness I – Sezzjoni 2.2.1***	**§278**
- makkinarju għax-xogħol tal-injam	***Anness I – Sezzjoni 2.3 (a)***	**§281**
- makkinarju mobbli	***Anness I – Sezzjoni 3.4.1***	**§313**
- makkinarju tal-irfigħ	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.1***	**§335**
- reffieda bil-magna għas-soqfa	***Anness I – Sezzjoni 5.1***	**§363**
- makkinarju għall-irfigħ ta' persuni	***Anness I – Sezzjoni 6.1.2***	**§370**
Standard (definizzjoni ta' standard armonizzat)	***Artikolu 2 (l)***	**§87**
- l-Approċċ il-Ġdid	***Premessa 18***	**§20**
- oġġezzjoni formali	***Premessa 11***	**§13**
	Artikolu 10	**§119 sa**
		§121
Standard armonizzat	***Premessa 18***	**§20**
- definizzjoni	***Artikolu 2 (l)***	**§87**
- preżunzjoni ta' konformità	***Artikolu 7 (2)***	**§110**
- klassifikazzjoni		**§111**
- żvilupp		**§112**
- identifikazzjoni		**§113**
- pubblikazzjoni fil-ĠUUE	***Artikolu 7 (3)***	**§114**
- parteċipazzjoni tal-imsieħba soċjali	***Artikolu 7 (4)***	**§115**
- oġġezzjoni formali	***Premessa 11***	**§13**
	Artikolu 10	**§119 sa**
- nuqqasijiet fl-istandards armonizzati	***Artikolu 11 (4)***	**§121**
- stima ta' konformità tal-makkinarju	***Anness IV Artikolu 12 (3)***	**§124**

- standards u l-aħħar teknoloġija	*Anness I – Prinċipju Ġenerali 3*	§129 §162
Standards tat-tip A	*Artikolu 7 (2)*	§111
Standards tat-tip B	*Artikolu 7 (2)*	§111
Startjar	*Anness I – Sezzjoni 1.2.3*	§199
- makkinarju mobbli b'xufier riekeb fuqu	*Anness I – Sezzjoni 3.3.2*	§304
- moviment mhux intenzjonali waqt li tiġi startjata l-magna	*Anness I – Sezzjoni 3.3.2*	§306
Stering (mobilità)		
- mezzi ta' kontroll	*Anness I – Sezzjoni 3.3.1*	§302
- power-assisted steering	*Anness I – Sezzjoni 3.3.5*	§312
Stima ta' konformità	*Premessa 19*	§21
- obbligu	*Artikolu 5 (1) (d)*	§103
- mezzi biex tiġi żgurata l-konformità	*Artikolu 5 (3)*	§105
- proċeduri	*Artikolu 12*	§127 sa
- permezz ta' kontrolli interni fuq il-fabbrikazzjoni	*Anness VIII* *Anness IX*	§130 §395
- eżami tat-tip KE	*Anness X*	§396 sa
- assikurazzjoni tal-kwalità sħiħa		§400 §401 sa §407
Stima ta' konformità b'kontrolli interni fuq il-fabbrikazzjoni tal-makkinarju	*Artikolu 12 (2) u (3)* *Anness VIII*	§128 u § 129 §395
Stima ta' Korpi Notifikati	*Artikolu 14 (3) u (5)*	§134
- kriterji minimi għan-notifika	*Anness XI*	§408
Stima tar-riskju	*Premessa 23* *Anness I – Prinċipju Ġenerali 1*	§24 §158 u §159
Storbju		
- tnaqqis tal-emissjonijiet	*Anness I – Sezzjoni 1.5.8*	§229
- dejta komparattiva dwar l-emissjonijiet	*Anness I – Sezzjoni 1.5.8*	§230
- dikjarazzjoni (struzzjonijiet)	*Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (u)*	§273
- Direttiva dwar it-tagħmir għall-użu fuq barra (2000/14/KE)	*Artikolu 3*	§92 §273
- installazzjoni u struzzjonijiet dwar il-muntatura	*Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (u)* *Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (j)*	§264 §275
- kotba ta' informazzjoni tal-bejgħ	*Anness I – Sezzjoni 1.7.4.3*	§389
- mezzi u sistemi ta' tnaqqis	*Anness V – Partita 13*	
Struzzjonijiet	*Artikolu 5 (c)*	§103
- lingwa	*Anness I – Sezzjoni 1.7.4*	§254 sa
- abbozzar u traduzzjoni	*Anness I – Sezzjoni 1.7.4.1 (a) u (b)*	§274
- użu ħażin li jista' jiġi previst	*Anness I – Sezzjoni 1.7.4.1 (c)*	§256 u §257
- operaturi mhux professjonali	*Anness I – Sezzjoni 1.7.4.1 (d)*	§258
- makkinarju ta' oġġetti tal-ikel, kożmetiċi u farmaċewtiċi	*Anness I – Sezzjoni 2.1.2*	§259
- makkinarju miżmum fl-idejn u li jista' jinġarr u makkinarju li jkun iggwidat bl-idejn (vibrazzjonijiet)	*Anness I – Sezzjoni 2.2.1.1*	§277 §279
- makkinarju għat-tiswijiet li jista' jinġarr u makkinarju ieħor ta' impatt	*Anness I – Sezzjoni 2.2.2.2*	§280
- makkinarju mobbli (vibrazzjonijiet)	*Anness I – Sezzjoni 3.6.3.1*	§325
- aċċessorji tal-irfigħ	*Anness I – Sezzjoni 4.4.1*	§360
- makkinarju tal-irfigħ	*Anness I – Sezzjoni 4.4.2*	§361
Struzzjonijiet dwar il-muntatura		
- għal makkinarju parzjalment komplut	*Artikolu 13* *Anness VI*	§131 §390
- għal makkinarju	*Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (i) u (j)*	§264
- kundizzjonijiet ta' stabbiltà	*Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (o)*	§269
Struzzjonijiet dwar l-installazzjoni	*Anness I – Sezzjoni 1.7.2.4 (i) u (j)*	§264

T

Tabelli, sinjali u twissijiet (mobilità)	***Anness I – Sezzjoni 3.6.1***	**§323**
Tagħbija (irfigħ)		
- mezzi għall-waqgħa, tniżżil u żamma	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.6***	**§342**
Tagħbija ggwidata (definizzjoni)	***Anness I – Sezzjoni 4.1.1 (b)***	**§329**
- ħbula ta' gwida	***Anness I – Sezzjoni 4.2.3***	**§356**
Tagħbija ggwidata(rfigħ)	***Anness I – Sezzjoni 4.2.2***	**§354**
- rfigħ ta' persuni	***Anness I – Sezzjoni 6.1.2***	**§370**
- mezzi (komponenti tas-sigurtà)	***Anness V – Partita 8***	**§389**
Tagħbija massima tax-xogħol		
- immarkar ta' aċċessorji tal-irfigħ	***Anness I – Sezzjoni 4.3.2***	**§358**
- immarkar ta' makkinarju tal-irfigħ	***Anness I – Sezzjoni 4.3.3***	**§359**
- struzzjonijiet għal makkinarju tal-irfigħ	***Anness I – Sezzjoni 4.4.2***	**§364**
- marki fil-ġarrier (irfigħ ta' persuni)	***Anness I – Sezzjoni 6.5***	**§381**
Tagħmir dijanjostiku għall-kxif tal-ħsara	***Anness I – Sezzjoni 1.6.1***	**§239**
Tagħmir għal postijiet ta' divertiment u fejn isiru l-fieri (esklużjoni)	***Artikolu 1 (2)***	**§49**
Tagħmir għal użu f'postijiet fejn isiru fieri u/jew postijiet ta' divertiment (esklużjoni)	***Artikolu 1 (2)***	**§49**
Tagħmir interkambjabbli (definizzjoni)	***Artikolu 1 (1) (b) u Artikolu 2 (b)***	**§41**
- struzzjonijiet (mobilità)	***Anness I – Sezzjoni 3.6.3.2***	**§326**
- intiż għal operazzjonijiet tal-irfigħ	***Anness I – Parti 4***	**§327**
Tagħmir li jiddistribwixxi l-elettriku ta' vultaġġ baxx u tagħmir ta' kontroll (esklużjoni)	***Artikolu 1 (2) (k) – il-ħames inċiż***	**§68**
Tagħmir li jiddistribwixxi l-elettriku u tagħmir ta' kontroll (esklużjoni)	***Artikolu 1 (2) (k) – il-ħames inċiż***	**§68**
- vultaġġ baxx	***Artikolu 1 (2) (l)***	**§70**
- vultaġġ qawwi		
Tagħmir li jista' jinġarr u makkinarju ieħor ta' impatt	***Anness I – Sezzjoni 2.2.2***	**§280**
Tagħmir protettiv personali (TPP)		
- Direttiva 89/686/KE	***Artikolu 3***	**§90**
- forniment ta' TPP	***Anness I – Sezzjoni 1.1.2 (b)***	**§174**
- restrizzjonijiet minħabba l-użu ta' TPP	***Anness I – Sezzjoni 1.1.2 (d)***	**§176**
- struzzjonijiet dwar il-forniment ta' TPP	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (m)***	**§267**
- punti ta' ankoraġġ fil-ġarrier	***Anness I – Sezzjoni 6.3.2***	**§374**
Tagħmir tal-awdjo u tal-vidjo (esklużjoni)	***Artikolu 1 (2) (k) – it-tieni inċiż***	**§65**
Tagħmir tal-elettriku b'vultaġġ qawwi(esklużjoni)	***Artikolu 1 (2) (l)***	**§70**
- tagħmir b'vultaġġ qawwi għal makkinarju	***Anness I – Sezzjoni 1.5.1***	**§222**
Tagħmir tal-irmunkar	***Anness I – Sezzjoni 3.4.6***	**§318**
- immarkar ta' mezz tal-iggančjar	***Anness I – Sezzjoni 3.6.3***	**§324**
Tagħmir tal-vidjo u tal-awdjo (esklużjoni)	***Artikolu 1 (2) (k) – it-tieni inċiż***	**§65**
Tagħmir tat-teknoloġija tal-informatika (esklużjoni)	***Artikolu 1 (2) (k) – it-tielet inċiż***	**§66**
Tagħmir tax-xogħol (użu ta')	***Artikolu 15***	**§140**
Tagħmir u aċċessorji speċjali	***Anness I – Sezzjoni 1.1.2 (e)***	**§177**
Tagħmir użat fil-minjieri (esklużjoni)	***Artikolu 1 (2) (i)***	**§61**
Taħriġ	***Artikolu 15***	**§140**
- indikazzjoni ta' taħriġ neċessarju	***Anness I – Sezzjoni 1.1.2***	**§174**
- struzzjonijiet għat-taħriġ	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (k)***	**§266**
Taljoli (irfigħ)	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.4***	**§340**
Telf tal-provvista tal-enerġija	***Anness I – Sezzjoni 1.2.6***	**§205**
Temperaturi estremi	***Anness I – Sezzjoni 1.5.5***	**§226**

Test dinamiku		
- definizzjoni	***Anness I – Sezzjoni 4.1.1 (f)***	**§333**
- koeffiċjenti	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.3***	**§339**
- adegwatezza għall-fini tal-użu maħsub	***Anness I – Sezzjoni 4.1.3***	**§351**
Test statiku (definizzjoni)	***Anness I – Sezzjoni 4.1.1 (e)***	**§332**
- koeffiċjenti	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.3***	**§338**
- adegwatezza għall-fini tal-użu maħsub	***Anness I – Sezzjoni 4.1.3***	**§351**
Tgerbib (żliq u wqigħ)	***Anness I – Sezzjoni 1.5.15***	**§237**
- ġarrier tal-makkinarju li jservi żbarki fissi	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.8.2***	**§346**
Tħassir tad-Direttiva 98/37/KE	***Artikolu 25***	**§152**
Tifsiriet	***Premessa 4***	**§7**
	Artikolu 2	**§33 sa §87**
	Anness I – Sezzjoni 1.1.1	**§164 sa**
	Anness I – Sezzjoni 3.1.1	**§172**
	Anness I – Sezzjoni 4.1.1	**§292 u §293**
		§328 sa
		§324
Tindif		
- partijiet ta' ġewwa	***Anness I – Sezzjoni 1.6.5***	**§243**
- makkinarju tal-oġġetti tal-ikel, kożmetiċi u farmaċewtiċi	***Anness I – Sezzjoni 2.1***	**§277**
Tnaqqis tar-riskju	***Anness I – Sezzjoni 1.1.2 (b)***	**§174**
Tqandil tal-makkinarju jew partijiet tal-makkinarju	***Anness I – Sezzjoni 1.1.5***	**§180**
- immarkar tal-massa	***Anness I – Sezzjoni 1.7.3***	**§253**
Tqegħid fis-suq (definizzjoni)	***Artikolu 2 (h)***	**§71 sa §77**
- tal-makkinarju	***Artikolu 5 (1)***	**§103**
- ta' makkinarju parzjalment komplut	***Artikolu 5 (2)***	**§104**
Tqegħid għas-servizz (definizzjoni)	***Artikolu 2 (k)***	**§86**
- struzzjonijiet	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (k)***	**§265**
Traduzzjoni (struzzjonijiet)	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.1***	**§257**
Transformers – vultaġġ qawwi (esklużjoni)	***Artikolu 1 (2) (l)***	**§70**
Trasport		
- fażi tal-ħajja tal-makkinarju	***Anness I – Sezzjoni 1.1.2 (a)***	**§173**
- kundizzjonijiet ta' stabbiltà	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (o)***	**§269**
- struzzjonijiet għal trasport mingħajr periklu	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (p)***	**§270**
Traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali	***Artikolu 26***	**§153**
Tratturi (esklużjoni)	***Premessa 8***	**§11**
	Artikolu 1 (2) (e)	**§53**
Tratturi għall-biedja u għall-foresti (esklużjoni)	***Premessa 8***	**§11**
	Artikolu 1 (2) (e)	**§53**
Truf jew angoli li jaqtgħu	***Anness I – Sezzjoni 1.3.4***	**§209**
Turġien (mezzi ta' aċċess għal makkinarju mobbli)	***Anness I – Sezzjoni 3.4.5***	**§317**
Twaqqif	***Anness I – Sezzjoni 1.2.4***	**§200 sa**
- waqfa normali	***Anness I – Sezzjoni 1.2.4.1***	**§203**
- waqfien mit-tħaddim	***Anness I – Sezzjoni 1.2.4.2***	**§200**
- waqfien ta' emerġenza	***Anness I – Sezzjoni 1.2.4.3***	**§201**
- muntaturi ta' makkinarju	***Anness I – Sezzjoni 1.2.4.4***	**§202**
- ħin sakemm jieqaf (xogħol tal-injam)	***Anness I – Sezzjoni 2.3 (c)***	**§203**
- makkinarju mobbli	***Anness I – Sezzjoni 3.3.3***	**§281**
- makkinarju għal xogħol taħt l-art	***Anness I – Sezzjoni 5.4***	**§307**
		§365

Twissijiet		
- fuq il-makkinarju	***Anness I – Sezzjoni 1.7.1***	**§245 u §246**
- mezzi ta' twissija	***Anness I – Sezzjoni 1.7.1.2***	**§248**
- twissija ta' riskji residwi	***Anness I – Sezzjoni 1.7.2***	**§249**
- irriversjar (mobilità)	***Anness I – Sezzjoni 3.3.1***	**§303**
- twissijiet, tabelli u sinjali (mobilità)	***Anness I – Sezzjoni 3.6.1***	**§323**

U

Uċuħ ħorox	***Anness I – Sezzjoni 1.3.4***	**§209**
Unitajiet mobbli 'il barra mix-xtut (esklużjoni)	***Artikolu 1 (1) (f)***	**§58**
Unitajiet tal-loġika li jiżguraw il-funzjonijiet tas-sigurtà	***Anness IV – Partita 21***	**§388**
	Anness V – Partita 4	**§399**
Uqigħ, żliq u tgerbib	***Anness I – Sezzjoni 1.5.15***	**§237**
Utent		
- miżuri protettivi li għandhom jittieħdu minn	***Anness I – Sezzjoni 1.1.2 (b)***	**§174**
- struzzjonijiet	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (m)***	**§267**
- operazzjonijiet ta' manutenzjoni li għandhom jitwettqu minn	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (r)***	**§272**
Użu ħażin previst b'mod raġonevoli (definizzjoni)	***Anness I – Sezzjoni 1.1.1 (i)***	**§172**
- teħid f'kunsiderazzjoni	***Anness I – Sezzjoni 1.1.2 (a)***	**§173**
- prevenzjoni	***Anness I – Sezzjoni 1.1.2 (c)***	**§175**
- twissijiet fi struzzjonijiet	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (h)***	**§263**
Użu intiż tal-makkinarju (definizzjoni)	***Anness I – Sezzjoni 1.1.1 (h)***	**§171**
- struzzjonijiet	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (g)***	**§263**
Użu mhux awtorizzat tal-kontrolli	***Anness I – Sezzjoni 3.3***	**§297**
Użu mill-konsumatur	***Premessa 15***	**§17**
- struzzjonijiet	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.1 (d)***	**§259**
Użu multiplu (struzzjonijiet, mobilità mobbli)	***Anness I – Sezzjoni 3.6.3.2***	**§326**
Użu tal-makkinarju	***Premessa 12***	**§14**
- regolamenti nazzjonali	***Artikolu 15***	**§139 u §140**
- struzzjonijiet	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (k)***	**§265**

V

Valvi (komponenti tas-sigurtà)	***Anness V – Partita 5***	**§389**
Vetturi motorizzati (esklużjoni)		
- vetturi tat-triq b'4 roti	***Artikolu 1 (2) (e) – it-tieni inċiż***	**§54**
- vetturi tat-triq b'2 roti u bi 3 roti	***Artikolu 1 (2) (e) – it-tielet inċiż***	**§55**
- vetturi intiżi għall-kompetizzjoni	***Artikolu 1 (2) (e) – ir-raba' inċiż***	**§56**
Vetturi għall-ġbir tal-iskart (RCVs)	***Anness IV – Partita 13***	**§388**
Vetturi tat-triq (esklużjoni)		
- vetturi tat-triq b'4 roti	***Artikolu 1 (2) (e) – it-tieni inċiż***	**§54**
- vetturi tat-triq b'2 roti u bi 3 roti	***Artikolu 1 (2) (e) – it-tielet inċiż***	**§55**
Vibrazzjonijiet		
- tnaqqis ta' emissjonijiet	***Anness I – Sezzjoni 1.5.9***	**§231**
- postijiet bilqiegħda	***Anness I – Sezzjoni 1.1.8***	**§183**
- installazzjoni u muntatura	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (j)***	**§264**
- dikjarazzjoni għal makkinarju li jinġarr	***Anness I – Sezzjoni 2.2.1.1***	**§279**
- dikjarazzjoni għal makkinarju mobbli	***Anness I – Sezzjoni 3.6.3.1***	**§325**
- muntatura u struzzjonijiet dwar l-installazzjoni	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (j)***	**§264**
	Anness I – Sezzjoni 1.7.4.3	**§275**
- kotba ta' informazzjoni tal-bejgħ	***Anness V – Partita 13***	**§389**
- mezzi u sistemi ta' tnaqqis		
Viżibbiltà ta' żoni ta' periklu		
- minn pożizzjonijiet ta' kontroll	***Anness I – Sezzjoni 1.2.2***	**§195**
- mill-post tax-xufier (mobilità)	***Anness I – Sezzjoni 3.2.1***	**§294**

W

Waqa' tat-tagħbija (rfigħ)	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.6 (c)***	**§342**
- mill-ġarrier	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.8.4***	**§348**

X

Xogħol taħt l-art (makkinarju intiż għal)	***Anness I – Parti 5***	**§362 sa 367**
Xufier ta' makkinarju mobbli (definizzjoni)	***Anness I – Sezzjoni 3.1.1 (b)***	**§293**

Ż

Żbalji fit-tgħammir	***Anness I – Sezzjoni 1.5.4***	**§225**
Żbalji fit-tgħammir	***Anness I – Sezzjoni 1.5.4***	**§225**
Żbarki	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.8.5***	**§349**
- kontrolli fl-iżbarki (rfigħ ta' persuni)	***Anness I – Sezzjoni 6.4.2***	**§379**
Żbarki fissi (makkinarju li jservi)	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.8***	**§344 sa 349**
- rfigħ ta' persuni	***Anness I – Sezzjoni 6.4***	**§377**
Żliq, tgerbib u wqigħ	***Anness I – Sezzjoni 1.5.15***	**§237**
- ġarrier li jservi żbarki fissi	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.8.2***	**§346**
Żmuntar		
- fażi tal-ħajja tal-makkinarju	***Anness I – Sezzjoni 1.1.2 (a)***	**§173**
- kundizzjonijiet ta' stabbiltà	***Anness I – Sezzjoni 1.7.4.2 (o)***	**§269**
Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)	***Artikolu 6***	**§107**
Żona ta' periklu (definizzjoni)	***Anness I – Sezzjoni 1.1.1 (b)***	**§165**
- tqegħid ta' punti ta' manutenzjoni fuq barra	***Anness I – Sezzjoni 1.6.1***	**§239**
Żona tal-ivjaġġar (makkinarju li jservi żbarki fissi)	***Anness I – Sezzjoni 4.1.2.8.3***	**§347**